



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

22 ta' Settembru 2017

Werrej

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2015–2016

Dati tas-seduti: 7–10 ta' Settembru 2015

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippublikati fil-ĠU C 387, 20.10.2016.

TESTI ADOTTATI

Dati tas-seduti: 16–17 ta' Settembru 2015

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippublikati fil-ĠU C 397, 27.10.2016.

TESTI ADOTTATI 1

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

Il-Parlament Ewropew

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

2017/C 316/01	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2013-2014) (2014/2254(INI))	2
2017/C 316/02	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar proċeduri u prattiki rigward is-seduti ta' smiġh tal-Kummissarji, tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-proċess tal-2014 (2015/2040(INI))	37
2017/C 316/03	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar "Id-drittijiet tal-bniedem u t-teknoloġija: l-impatt ta' sistemi ta' intrużjoni u sorveljanza fuq id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi" (2014/2232(INI))	40
2017/C 316/04	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea: Lejn kontrolli bbażati fuq il-prestazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (2014/2234(INI))	51

2017/C 316/05	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar in-negozji tal-familja fl-Ewropa (2014/2210(INI))	57
2017/C 316/06	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar Nisfruttaw il-potenzjal ta' riċerka u innovazzjoni fl-ekonomija blu biex jinħolqu t-kabbir u l-impjiegi (2014/2240(INI))	64
2017/C 316/07	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija fost iż-żgħażaġħ permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ (2015/2006(INI))	76
2017/C 316/08	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 lejn approċċ integrat għall-wirt kulturali għall-Ewropa (2014/2149(INI))	88
2017/C 316/09	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar is-segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Right2Water" (2014/2239(INI))	99

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

2017/C 316/10	Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll miftiehem bejn l-UE u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn iż-żewġ partijiet (11667/2012 – C8-0278/2014 – 2012/0134(NLE) – 2015/2119(INI))	114
2017/C 316/11	Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde (15848/2014 – C8-0003/2015 – 2014/0329(NLE) – 2015/2100(INI))	118
2017/C 316/12	Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 li fih mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (06040/2015 – C8-0077/2015 – 2015/0029(NLE) – 2015/2067(INI))	120
2017/C 316/13	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar id-dimensjoni urbana tal-politiki tal-UE (2014/2213(INI))	124
2017/C 316/14	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar "Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi: il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni" (2014/2245(INI)) . . .	132
2017/C 316/15	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar ir-Rapport dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tas-Sena Ewropea 2012 għat-Tixjijh Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2014/2255(INI))	145
2017/C 316/16	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-White Paper dwar it-Trasport tal-2011: it-teħid tal-kont u t-triq 'il quddiem lejn mobbiltà sostenibbli (2015/2005(INI))	155
2017/C 316/17	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar il-karrieri tan-nisa fix-Xjenza u l-Università u s-soqfa tal-ħġieġ li jiltaqgħu magħhom (2014/2251(INI))	173
2017/C 316/18	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-għoti ta' setgħa lill-bniet permezz tal-edukazzjoni fl-Unjoni Ewropea (2014/2250(INI))	182
2017/C 316/19	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar iż-ŻEE-Svizzera: Ostakoli fir-rigward tal-implimentazzjoni sħiħa tas-suq intern (2015/2061(INI))	192

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

2017/C 316/20	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar ir-Russja, b'mod partikolari l-każijiet ta' Eston Kohver, Oleg Sentsov u Olexandr Kolchenko (2015/2838(RSP))	198
2017/C 316/21	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar (2015/2839(RSP))	202
2017/C 316/22	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar l-Ażerbajġan (2015/2840(RSP))	207
2017/C 316/23	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar il-migrazzjoni u r-rifuġjati fl-Ewropa (2015/2833(RSP))	212
2017/C 316/24	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar ir-rwol tal-UE fil-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani (2015/2685(RSP))	217
2017/C 316/25	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar is-sitwazzjoni fil-Belarużsja (2015/2834(RSP))	221
2017/C 316/26	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar l-Intraprenditorja Soċjali u l-Innovazzjoni Soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad (2014/2236(INI))	224
2017/C 316/27	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar il-ħolqien ta' suq tax-xogħol kompetittiv tal-UE għas-seklu 21: it-tlaqqiġ tal-ħiliet u l-kwalifiki mad-domanda u l-opportunitajiet ta' impjieg, bħala mod kif nirkupraw mill-kriżi (2014/2235(INI))	233
2017/C 316/28	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar it-30 u l-31 rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-Dritt tal-UE (2012-2013) (2014/2253(INI))	246

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

2017/C 316/29	Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 2015 dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2016 (2015/2729(RSP))	254
---------------	---	-----

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Parlament Ewropew

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

2017/C 316/30	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Janusz Korwin-Mikke (2015/2102(IMM))	270
---------------	--	-----

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

2017/C 316/31	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar il-mistoqsijiet għal tweġibiet bil-miktub (Interpretazzjoni tal-Artikolu 130 (3) tar-Regoli ta' Proċedura) ((2015/2152(REG)))	272
2017/C 316/32	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar is-sospensjoni u għeluq ta' seduta (interpretazzjoni tar-Regolament 191 tar-Regoli ta' Proċedura) ((2015/2153(REG)))	273
2017/C 316/33	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar id-denominazzjoni ta' delegazzjoni interparlamentari (2015/2842(RSO))	274

III Atti preparatorji

IL-PARLAMENT EWROPEW

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- 2017/C 316/34 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-politika soċjali (06732/2015 – C8-0079/2015 – 2014/0259(NLE)) 275
- 2017/C 316/35 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 515/97 tal-Kunsill dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (08257/3/2015 – C8-0159/2015 – 2013/0410(COD)) 276
- 2017/C 316/36 P8_TA(2015)0284
Kummerċ tal-prodotti mill-foki ***I
Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1007/2009 dwar il-kummerċ tal-prodotti mill-foki (COM(2015)0045 – C8-0037/2015 – 2015/0028(COD))
P8_TC1-COD(2015)0028
Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Settembru 2015 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2015/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1007/2009 dwar il-kummerċ tal-prodotti mill-foki u li jirrevoka r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 737/2010 277
- 2017/C 316/37 P8_TA(2015)0285
Ikklonar ta' annimali miżmuma u riprodotti għal skopijiet ta' biedja ***I
Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ikklonjar ta' annimali tal-ispeċi bovina, porċina, ovina, kaprina u ekwina miżmuma u riprodotti għal skopijiet ta' biedja (COM(2013)0892 – C7-0002/2014 – 2013/0433(COD))
P8_TC1-COD(2013)0433
Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Settembru 2015 bil-ħsieb li tadotta ~~il-Direttiva~~ r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ikklonjar ta' annimali ~~tal-ispeċi bovina, porċina, ovina, kaprina u ekwina~~ miżmuma u riprodotti għal skopijiet ta' biedja [Em. 1. L-ewwel parti ta' din l-emenda, jiġifieri l-bidla minn Direttiva għal Regolament, tapplika għat-test kollu.] 278

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- 2017/C 316/38 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll miftiehem bejn l-UE u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau li jistabbilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet (11667/2012 – C8-0278/2014 – 2012/0134(NLE)) 287

2017/C 316/39	Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jistabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde (15848/2014 – C8-0003/2015 – 2014/0329(NLE))	288
2017/C 316/40	Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll li jistabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Madagaskar u l-Komunità Ewropea (15225/2014 – C8-0002/2015 – 2014/0319(NLE))	289
2017/C 316/41	Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (06040/2015 – C8-0077/2015 – 2015/0029(NLE))	290
2017/C 316/42	Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li jawtorizza lir-Renju tal-Belġju u r-Repubblika tal-Polonja rispettivament biex jirratifikaw, u lir-Repubblika tal-Awstrija biex taderixxi mal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar il-Kuntratt tat-Trasport ta' Merkanzija permezz ta' Passaġġi fuq l-Ilma Interni (CMNI) (08223/2015 – C8-0173/2015 – 2014/0345(NLE))	291
2017/C 316/43	Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (COM(2015)0286 – C8-0156/2015 – 2015/0125(NLE))	292
Il-Ħamis 17 ta' Settembru 2015		
2017/C 316/44	Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2015 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja, tal-Greċja u tal-Ungerija (COM(2015)0451 – C8-0271/2015 – 2015/0209(NLE))	314

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tielet qari

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2015–2016

Dati tas-seduti: 7–10 ta' Settembru 2015

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 387, 20.10.2016.

TESTI ADOTTATI

Dati tas-seduti: 16–17 ta' Settembru 2015

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 397, 27.10.2016.

TESTI ADOTTATI

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RIŻOLUZZJONIJIET

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2015)0286

Sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE (2013-2014)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2013-2014) (2014/2254(INI))

(2017/C 316/01)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-preambolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari t-tieni inċiż u mir-raba' sas-seba' inċiż tiegħu,
- wara li kkunsidra, fost l-oħrajn, l-Artikolu 2, it-tieni inċiż tal-Artikolu 3(3) u l-Artikoli 6, 7 u 9 tat-TUE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-paragrafu 7 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2000 (minn hawn 'l isfel imsejħa "il-Karta"), li ġiet ipproklamata fit-12 ta' Diċembru 2007 fi Strasburgu u li daħlet fis-seħħ mat-Trattat ta' Lisbona f'Diċembru 2009,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-1948,
- wara li kkunsidra t-trattati tan-NU dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-ġurisprudenza tal-korpi tat-trattati tan-NU,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, li ġiet adottata fi New York fit-13 ta' Diċembru 2006 u ratifikata mill-UE nhar it-23 ta' Diċembru 2010,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, adottata fi New York fl-20 ta' Novembru 1989,
- wara li kkunsidra l-Kummenti Ġenerali tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal: Nru 7 (2005) dwar l-implimentazzjoni tad-drittijiet tat-tfal fl-ewwel snin tat-tfulija, Nru 9 (2006) dwar id-drittijiet tat-tfal b'diżabilità, Nru 10 (2007) dwar id-drittijiet tat-tfal fil-ġustizzja tal-minorenni, Nru 12 (2009) dwar id-dritt tat-tfal li jiġu mismugħa, Nru 13 (2011) dwar id-dritt tat-tfal għall-ħelsien minn kull forma ta' vjolenza u Nru 14 (2013) dwar id-dritt tat-tfal li l-aħjar interessi tagħhom jittieħdu bħala kunsiderazzjoni ewlenija,

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, ir-risoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Frar 2014 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa ⁽¹⁾ u tas-6 ta' Frar 2014 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn l-eliminazzjoni tal-mutilazzjoni ġenitali femminili" ⁽²⁾, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza fuq in-nisa u t-fajliet, inkluża l-mutilazzjoni ġenitali femminili,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB), il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-konvenzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet, ir-risoluzzjonijiet u r-rapporti tal-Assemblea Parlamentari, tal-Kumitat tal-Ministri, tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa,
- wara li kkunsidra r-rapport ta' Cephys Lumina, Espert Indipendenti tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, dwar l-effetti tad-dejn barrani u obbligi finanzjarji internazzjonali oħra relatati tal-Istati fuq it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha, b'mod partikolari d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali (Addendum, Mission to Greece, UN A/HRC/25/50/Add.1),
- wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti, ippubblikat f'April 2013, bl-isem "Management of the external borders of the European Union and its impact on the human rights of migrants" (Il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tas-26 ta' Ġunju 2014 li titlob li jitwaqqaf grupp ta' ħidma intergovernattiv indefinit bil-għan li jiffassal "strument internazzjonali ġuridikament vinkolanti dwar il-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħrajn fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem".
- wara li kkunsidra l-linji gwida strateġiċi għall-istabbiliment ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja adottati mill-Kunsill Ewropew fis-27 ta' Ġunju 2014,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul),
- wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea, li ġiet riveduta fl-1996, u l-ġurisprudenza tal-Kumitat Ewropew tad-Drittijiet Soċjali,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali u l-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji tal-Kunsill tal-Ewropa,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini razzjali jew etnika ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-pakkett ta' direttivi dwar id-Drittijiet tad-Difiża Proċedurali fl-UE ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forum u espressionijiet ta' razzizzmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali ⁽⁶⁾,

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0126.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0105.

⁽³⁾ ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

⁽⁴⁾ ĠU C 378, 24.12.2013, p. 1.

⁽⁵⁾ Id-Direttiva 2010/64/UE tal-20 ta' Ottubru 2010, id-Direttiva 2012/13/UE tat-22 ta' Mejju 2012 u d-Direttiva 2013/48/UE tat-22 ta' Ottubru 2013

⁽⁶⁾ ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija u l-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanjah, adottati mill-Kunsill fil-25 ta' Ġunju 2012,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar l-iżgurar tar-rispett għall-istat tad-dritt, adottati fis-16 ta' Diċembru 2014,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar "public aċċess to European Parliament, Council and Commission documents" (l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni) ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (COM(2008)0229),
- wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet u l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u l-każistika tal-qrati kostituzzjonali nazzjonali, li għalihom il-Karta hija wieħed mid-dokumenti ta' riferiment tagħhom fl-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali,
- wara li kkunsidra l-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea l-ġdida ppreżentati mill-President Juncker lill-Parlament Ewropew fil-15 ta' Lulju 2014,
- wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Dejta Ġenerali) (COM(2012)0011),
- wara li kkunsidra l-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' prevenzjoni, investigazzjoni, sejbien jew prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u l-moviment liberu ta' dik id-dejta (COM(2012)0010),
- wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012 – 2016 (COM(2012)0286), b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament tal-iżvilupp ta' linji gwida dwar is-sistemi ta' protezzjoni tat-tfal u dwar l-iskambju tal-aħjar prattiki,

⁽¹⁾ ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.

⁽³⁾ ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.

⁽⁴⁾ ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

⁽⁶⁾ ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2013/112/UE tal-20 ta' Frar 2013 bit-titolu "L-investment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ" ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Linji Gwida għall-promozzjoni u l-protezzjoni tat-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI), adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fl-24 ta' Ġunju 2013,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazżjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma fl-2020 (COM(2011)0173) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Ġunju 2011,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Passi 'l quddiem fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazżjonali għall-integrazzjoni tar-Rom" (COM(2013)0454),
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni (COM(2014)0038) maħruġ mill-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra l-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2013 dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Istrateġiji Nazżjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2014 dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE kontra l-omofobija u d-diskriminazzjoni abbażi ta' orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Persuni Mingħajr Dar ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tas-Senat tal-Istati Uniti dwar il-programmi ta' detenzjoni u interrogazzjoni tas-CIA,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fl-UE ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar id-drittijiet fundamentali u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-aħħar waħda, jiġifieri dik tas-27 ta' Frar 2014 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2012) ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-migrazzjoni, b'mod partikolari dik l-aktar riċenti datata s-17 ta' Diċembru 2014 dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-ħtieġa ta' approċċ olistiku tal-UE għall-migrazzjoni ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2005 dwar il-ħarsien tal-minoranzi u politiki kontra d-diskriminazzjoni f'Ewropa akbar ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Novembru 2014 dwar il-25 anniversarju tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal ⁽⁹⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 59, 2.3.2013, p. 5.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0594.

⁽³⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0062.

⁽⁴⁾ ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 101.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0387.

⁽⁶⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0173.

⁽⁷⁾ Testi adottati, P8_TA(2014)0105.

⁽⁸⁾ ĠU C 124 E, 25.5.2006, p. 405.

⁽⁹⁾ Testi adottati, P8_TA(2014)0070.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2013 dwar il-programm ta' sorveljanza tan-National Security Agency (NSA) tal-Istati Uniti tal-Amerika, korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt tagħhom fuq il-privatezza taċ-ċittadini tal-UE ⁽¹⁾, li fiha ta istruzzjonijiet lill-Kumitat tiegħu għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern biex iwettaq inkjesta fid-dettall dwar din il-kwistjoni, u wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014 dwar il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE u dwar il-kooperazzjoni transatlantika fil-Ġustizzja u l-Intern ⁽²⁾;
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Frar 2015 dwar ir-rapport tas-Senat tal-Istati Uniti dwar l-użu tat-tortura mis-CIA ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-lingwi Ewropej fil-periklu ta' estinzjoni u d-diversità lingwistika fl-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2014 dwar it-tiftix ta' opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibilità mat-Trattati tal-Ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar tad-data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu tal-11 ta' Settembru 2012 ⁽⁶⁾ u tal-10 ta' Ottubru 2013 ⁽⁷⁾ dwar l-allegat trasport u detenzjoni illegali ta' prigionieri f'pajjiżi Ewropej mis-CIA;
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu dwar iċ-ċentru ta' detenzjoni tal-Bajja ta' Guantanamo;
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2013 dwar il-Karta tal-UE: Regoli komuni għal-libertà tal-midja fl-UE kollha ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni 2/2013 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rigward l-abbozz ta' ftehim dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-8 ta' April 2014 fil-kawżi konġunti C-293/12 u C/594/12 (Digital Rights Ireland u Seitlinger u Oħrajn), li annullat id-Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar iż-żamma ta' data ġenerata jew proċessata b'konnessjoni mal-provvista ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' komunikazzjoni elettronika jew ta' netwerks ta' komunikazzjoni pubblika u li temenda d-Direttiva 2002/58/KE,
- wara li kkunsidra s-seduta ta' smiġh ta' Frans Timmermans quddiem il-Parlament fis-7 ta' Ottubru 2014 u d-dehra tiegħu waqt is-seduta tal-Parlament tal-11 ta' Frar 2015,
- wara li kkunsidra s-seduta ta' smiġh ta' Dimitris Avramopoulos quddiem il-Parlament fit-30 ta' Settembru 2014,
- wara li kkunsidra l-konferenza annwali tal-10 ta' Novembru 2014 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar it-tema "Id-Drittijiet Fundamentali u l-Migrazzjoni lejn l-UE" u b'mod partikolari l-focus paper tal-FRA "Legal entry channels to the EU for persons in need of international protection: a toolbox" (Possibiltajiet ta' dħul legali lejn l-UE għall-persuni fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali: sett ta' għodod),
- wara li kkunsidra l-attivitatijiet, ir-rapporti annwali u l-istudji tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) u tal-FRA, u l-istħarriġiet fuq skala kbira tal-FRA dwar id-diskriminazzjoni u r-reati ta' mibegħda kontra l-Lhud fl-Istati Membri tal-UE, dwar il-vjolenza fuq in-nisa fl-UE u l-esperjenzi ta' diskriminazzjoni, vjolenza u fastidju fuq persuni LGBT;

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0322.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0230.

⁽³⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0031.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0350.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P8_TA(2014)0058.

⁽⁶⁾ ĠU C 353 E, 3.12.2013, p. 1

⁽⁷⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0418.

⁽⁸⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0203.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra l-kontribuzzjonijiet tal-NGOs li qed jipparteċipaw fil-Pjattaforma tad-Drittijiet Fundamentali tal-FRA (FRA Fundamental Rights Platform)
 - wara li kkunsidra r-rapporti u r-riċerka li saru minn organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) dwar it-tema tad-drittijiet tal-bniedem u r-riċerka mitluba f'dak il-qasam mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, b'mod partikolari l-istudju li sar mid-Dipartiment Tematiku C dwar l-impatt tal-kriżi fuq id-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri kollha tal-UE,
 - wara li kkunsidra l-istudji tiegħu dwar l-impatt tal-kriżi fuq id-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri,
 - wara li kkunsidra l-Prinċipji relatati mal-Istatus tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (il-“Prinċipji ta' Pariġi”), annessi mar-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU 48/134,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-qagħda tad-drittijiet fundamentali: standards u prattiki fl-Ungerija (skont ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Frar 2012)⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (COM(2010)0573) u l-Gwida Operattiva fir-rigward tal-kunsiderazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali fil-valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni (SEC(2011)0567),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas ġdid tal-UE biex jissaħħaħ l-Istat tad-Dritt (COM(2014)0158) u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2014 bit-titolu “L-iżgurar tar-rispett għall-Istat tad-Dritt”,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE fl-2013 (COM(2014)0224) u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal meħmuża miegħu,
 - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni tal-2013 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE – ċittadini tal-UE: id-drittijiet tiegħek, il-futur tiegħek (COM(2013)0269),
 - wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-UE għall-Istrateġiji ta' Integrazzjoni Nazzjonali tar-Rom (COM(2014)0209), tal-Kummissjoni, u r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0230/2015),
- A. billi l-integrazzjoni Ewropea seħħet parzjalment sabiex jiġi evitat li jiġu riprodotti l-konsegwenzi drammatiki tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-persekuzzjoni u r-ripressjoni min-naħa tar-reġim Nazista, kif ukoll sabiex jiġi evitati kwalunkwe rigressjoni jew rinversament tad-demokrazija u l-istat tad-dritt permezz tal-promozzjoni, ir-rispett u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;
- B. billi r-rispett u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertajiet fundamentali, tad-demokrazija u tal-valuri u l-prinċipji minquxa fit-trattati tal-UE u fl-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem (id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, eċċ.) huma obbligati li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom, u jeħtieġ ikunu ċentrali għall-integrazzjoni Ewropea;

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0315.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- C. billi dawk id-drittijiet għandhom jiġu ggarantiti għal kull persuna li tgħix fit-territorju tal-UE, inkluż b'rispons għall-abbuż u atti ta' vjolenza mill-awtoritajiet fi kwalunkwe livell;
- D. billi, skont l-Artikolu 2 tat-TUE, l-UE hija msejsa fuq ir-rispett tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-persuni li jappartienu lil minoranzi, il-valuri kondiviżi mill-Istati Membri kollha u li għandhom jiġu rispettati kemm mill-UE, kif ukoll mill-Istati Membri individwali, fil-politiki kollha tagħhom, kemm fil-livell intern kif ukoll fil-livell estern; billi skont l-Artikolu 17 tat-TUE, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-applikazzjoni tat-Trattati;
- E. billi, skont l-Artikolu 6 tat-TUE, l-UE għandha r-responsabilità li tappoġġa u tinforza d-drittijiet fundamentali fi kwalunkwe azzjoni li tiegħu, irrispettivament mis-setgħat tagħha fil-qasam ikkonċernat; billi l-Istati Membri wkoll huma mħeġġa jagħmlu dan;
- F. billi r-reviżjoni tat-Trattati tal-UE hija neċessarja sabiex jiġu msaħħa l-protezzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;
- G. billi skont il-preambolu tat-TUE, l-Istati Membri kkonfermaw ir-rabta tagħhom mad-drittijiet soċjali kif definiti fil-Karta Soċjali Ewropea; billi l-Artikolu 151 tat-TFUE jinkludi wkoll referenza espliċita għad-drittijiet soċjali fundamentali bħalma huma dawk stipulati fil-Karta Soċjali Ewropea;
- H. billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ġiet integrata kompletament fit-Trattati meta daħal fis-seħħ tat-Trattati ta' Lisbona, u għaldaqstant issa hija ġuridikament vinkolanti għall-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi l-oħra tal-UE u għall-Istati Membri fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE; billi jeħtieġ li tiġi żviluppata, imrawma u msaħħa kultura tad-drittijiet fundamentali ġenwina fl-istituzzjonijiet tal-UE, iżda wkoll fl-Istati Membri, partikolarment meta dawn japplikaw id-dritt tal-UE internament u fir-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE;
- I. billi l-Artikoli 2 u 3 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jirrikonoxxu d-dritt għall-ħajja u d-dritt għall-integrità tal-persuna;
- J. billi l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxi kull sura ta' trattament inuman jew degradanti;
- K. billi l-importanza tad-drittijiet soċjali fundamentali hi rikonoxxuta fl-Artikoli 8, 9, 10, 19 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-istess kif inhi fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE, u b'hekk hu enfasizzat il-fatt li dawk id-drittijiet, u partikolarment id-drittijiet tat-trejdunji, id-dritt tal-istrajkjar, id-dritt tal-assoċjazzjoni u d-dritt tal-għaqda, għandhom jingħataw l-istess salvagwardji bħad-drittijiet fundamentali l-oħra rikonoxxuti mill-Karta;
- L. billi l-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jobbliga lill-Unjoni "tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika", u l-Artikolu 21 jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa u/jew l-appartenenza għal minoranza nazzjonali;
- M. billi l-Artikolu 33 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jggarantixxi l-protezzjoni tal-familja fl-isfera ġuridika, f'dik ekonomika u f'dik soċjali;
- N. billi l-Artikoli 37 u 38 tal-Karta jirrikonoxxu d-dritt għal livell għoli ta' ħarsien ambjentali intrinsikament marbut mal-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- O. billi l-Istati Membri ma jstgħux inaqqsu l-livell tal-garanziji offruti mill-kostituzzjoni tagħhom fir-rigward ta' ċerti drittijiet bil-pretest li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jew strumenti oħra tad-dritt tal-UE jipprevedu livell ta' protezzjoni inferjuri;
- P. billi huwa rikonoxxut li l-awtoritajiet nazzjonali (l-awtoritajiet ġudizzjarji, il-korpi tal-infurzar tal-liġi u l-amministrazzjonijiet) huma atturi ewlenin dfil-għoti ta' effett konkret lid-drittijiet u l-libertajiet stipulati fil-Karta;
- Q. billi l-ħolqien ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja kif deskritt fit-Titolu V tat-TFUE jirrikjedi li l-UE u kull Stat Membru jirrispettaw għalkollox id-drittijiet fundamentali;
- R. billi l-persuni li huma ċittadini jew residenti jitpoġġew fiċ-ċentru tal-attenzjoni fl-UE u billi d-drittijiet personali, ċivili, politiċi, ekonomiċi u soċjali rikonoxxuti mill-Karta mhux biss għandhom il-għan li jħarsu liċ-ċittadini u r-residenti Ewropej minn kwalunkwe indħil, abbuż jew vjolenza, iżda huma wkoll prekundizzjonijiet biex jiġi żgurat l-iżvilupp personali sħiħ u seren tagħhom;
- S. billi, l-istat tad-dritt huwa s-sinsla tad-demokrazija liberali Ewropea, u huwa wieħed mill-prinċipji ta' bażi tal-UE li joriġinaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni tal-Istati Membri kollha;
- T. billi l-mod li bih jiġi implimentat l-istat tad-dritt fil-livell nazzjonali għandu rwol ewlieni fl-iżgurar tal-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri u l-ordinament ġuridiku tagħhom, u b'hekk huwa ta' importanza vitali biex jinħoloq spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, kif deskritt fit-Titolu V tat-TFUE;
- U. billi r-rispett tal-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u huwa ta' importanza partikolari fi ħdan l-UE minħabba li huwa wkoll prerekwiżit għar-rispett tad-drittijiet u l-obbligi kollha li jtnisslu mit-Trattati u mid-dritt internazzjonali;
- V. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha huma involuti fi proċess globali miexi lejn objettivi ġodda ta' żvilupp sostenibbli li taħtom id-drittijiet tal-bniedem huma universali, indiviżibbli u inaljenabbli;
- W. billi l-implimentazzjoni ta' dawn il-valuri u prinċipji jeħtieġ tkun imsejsa wkoll fuq monitoraġġ effettiv tar-rispett tad-drittijiet fundamentali garantiti fil-Karta, pereżempju meta jkunu qed jiġu mfassla proposti leġiżlattivi;
- X. billi l-UE għaddejja minn perjodu ta' kriżi ekonomika u finanzjarja serja, li l-impatt tagħha, flimkien ma' ċerti miżuri, fosthom tnaqqis drastiku fil-baġit, implimentati biex jiġi indirizzat f'xi Stati Membri, qed jolqot negattivament il-kundizzjonijiet tal-għajxien taċ-ċittadini tal-UE – fejn qed naraw żieda fil-qgħad, il-faqar, l-inugwaljanzi u l-kundizzjonijiet prekarji tax-xogħol, waqt li qed jiġi limitat l-aċċess għas-sewrvizzi u l-kwalità tagħhom – u għaldaqstant il-benessri taċ-ċittadini;
- Y. billi kważi terz tal-petizzjonijiet li jirċievi l-Parlament huma relatati ma' allegat ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija fil-Karta, u jinvolvu kwistjonijiet bħaċ-ċittadinanza, l-erba' libertajiet, l-impjeg, iċ-ċirkostanzi ekonomiċi, il-ħarsien ambjentali u tal-konsumaturi, is-sistemi tal-ġustizzja, id-drittijiet tal-vot u l-parteċipazzjoni demokratika, it-trasparenza fit-teħid tad-deċizzjonijiet, id-diżabilità, id-drittijiet tat-tfal, l-aċċess għall-edukazzjoni u d-drittijiet tal-lingwa; billi wħud minn dawk il-petizzjonijiet iqajmu mistoqsijiet relatati ma' kwistjonijiet tas-saħħa u tal-aċċess għall-kura tas-saħħa u għas-servizzi tas-saħħa, iżda wkoll kwistjonijiet relatati mad-dritt għax-xogħol bħala konsegwenza diretta tal-kriżi ekonomika; billi l-petizzjonijiet is-soltu huma l-aktar indikaturi bikrija tas-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- Z. billi l-UE topera abbażi tal-preżunzjoni u l-fiduċja reċiproka li l-Istati Membri tal-UE jikkonformaw mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, kif minqusa fil-KEDB u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp ta' spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u l-prinċipju tar-rikonossiment reċiproku;
- AA. billi sitwazzjoni ta' qgħad, faqar jew marġinalizzazzjoni soċjali għandha konsegwenzi kbar fuq l-aċċess u l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali u t'fisser li nies f'pożizzjonijiet vulnerabbli bħal dawn għandhom ikomplu jkollhom aċċess għas-servizzi bażiċi, partikolarment is-servizzi soċjali u s-servizzi finanzjarji;
- AB. billi, wara l-attakki terroristiċi riċenti fit-territorju tal-UE, ċerti politiki u miżuri ta' kontra t-terroriżmu aktarx li jikkomprometti d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali fl-UE; billi huwa essenzjali li jiġi żgurat li jinżamm bilanċ bejn is-salvagwardja tal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali u t-tisħiħ tas-sigurtà; billi l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom l-obbligu li jipproteġu liċ-ċittadini Ewropej, filwaqt li jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom fit-tfassil u t-tħaddim tal-politiki ta' sigurtà; billi l-ħtieġa u l-proporzjonalità jeħtieġ li jkunu l-prinċipji prevalenti f'dan il-qasam, sabiex iżommu lill-azzjonijiet tal-politika milli jiksru l-libertajiet ċivili;
- AC. billi eluf ta' ħajjiet qed jintilfu fuq il-Baħar Mediterran, sitwazzjoni bla preċedent, u dan jitfa' fuq l-UE responsabbiltà enormi li tieħu azzjoni biex issalva l-ħajjiet, twaqqaf it-traffikanti tal-bnedmin, tipprovi possibiltajiet ta' passaġġ legali għall-migranti u tgħin u tipproteġi lill-persuni li qed ifittxu asil u lir-rifuġjati;
- AD. billi fl-2014 mietu jew għebu kważi 3 500 migrant waqt li kienu qed jippruvaw jidħlu fit-territorju Ewropew, b'mod li l-għadd totali ta' persuni mejta u li għebu tul dawn l-aħħar 20 sena tela' għal kważi 30 000; billi skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni, ir-rota migratorja lejn l-Ewropa saret l-aktar rota perikoluża fid-dinja għall-migranti;
- AE. billi kull sena jsiru madwar elf applikazzjoni għall-asil marbuta direttament mal-mutilazzjoni ġenitali;
- AF. billi d-dritt għall-asil huwa garantit mill-Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Rifuġjati (Konvenzjoni ta' Ġinevra) tal-1951 kif ukoll mill-Protokoll tal-31 ta' Jannar 1967;
- AG. billi l-manifestazzjonijiet ta' nazzjonaliżmu estrem, raziżmu, ksenofobija u intolleranza għandhom ma għebux mill-komunitajiet tagħna; billi għall-kuntrarju, speċjalment wara l-attakki terroristiċi riċenti jidher li qed jiżdiedu f'ħafna Stati Membri, u jolqtu kemm lill-minoranzi tradizzjonali kif ukoll lill-komunitajiet minoritarji nazzjonali ġodda;
- AH. billi skont l-Artikolu 49 tat-TUE, kwalunkwe Stat Ewropew li jirrispetta l-valuri msemmija fl-Artikolu 2 u jimpenja ruħu sabiex jippromwovihom jista' japplika sabiex isir membru tal-Unjoni; billi l-konformità mal-Kriterji ta' Kopenhagen hija prekondizzjoni essenzjali għall-adeżjoni mal-UE; billi l-obbligi tal-pajjiżi kandidati skont il-kriterji ta' Kopenhagen mhumiex biss rekwiżiti bażiċi ta' qabel l-adeżjoni, iżda jridu jkomplu japplikaw wara li dawn il-pajjiżi jingħaqdu mal-UE, skont l-Artikolu 2 tat-TUE; billi fid-dawl ta' dan, l-Istati Membri kollha għandhom jiġu vvalutati fuq bażi kontinwa sabiex tiġi vverifikata l-konformità kontinwa tagħhom mal-valuri bażiċi tal-UE tar-rispett għad-drittijiet fundamentali, l-istituzzjonijiet demokratiċi u l-istat tad-dritt; billi, barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi introdott mekkaniżmu gradwat u korrettiv sabiex jimtela l-vojt ta' bejn id-djalogu politiku u "l-għażla nukleari" tal-Artikolu 7 tat-TUE u sabiex tiġi indirizzata "d-dilemma ta' Kopenhagen" fi ħdan it-Trattati attwali.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- AI. billi, peress li ma hemm l-ebda punt ta' riferiment ċar u komuni, it-tqajjim ta' mistoqsijiet dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tal-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali fi ħdan Stat Membru dan il-fatt huwa kontinwament ikkontestat fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet politiċi u istituzzjonali; billi f'kollużjoni mal-istituzzjonijiet tal-UE, minħabba li ma hemmx proċeduri vinkolanti, l-għadd ta' każijiet fejn hemm inerzja permanenti u fejn it-Trattati u l-valuri Ewropej ma jiġux osservati huwa kbir wisq;
- AJ. billi d-dritt għal petizzjoni stabbilixxa rabta soda bejn iċ-ċittadini tal-UE u l-Parlament Ewropew; billi l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej introduċiet rabta diretta ġdida bejn iċ-ċittadini tal-UE u l-istituzzjonijiet tal-UE u tista' ttejjeb l-iżvilupp tad-drittijiet fundamentali u dawk taċ-ċittadini; billi d-drittijiet taċ-ċittadini jinkludu d-dritt għal petizzjoni bħala strument biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tagħhom stess, kif stabbilit fl-Artikolu 44 tal-Karta u l-Artikolu 227 tat-TFUE;
- AK. billi n-nisa għadhom qed jiffaċċjaw bosta suriet ta' diskriminazzjoni fl-UE u sikwit huma vittmi ta' vjolenza u abbuż, partikolarment dawk ta' natura sesswali;
- AL. billi l-vjolenza kontra n-nisa hija l-aktar ksur mifruq tad-drittijiet fundamentali fl-UE u fid-dinja, li jolqot l-istrati kollha tas-soċjetà, indipendentement mill-età, il-livell ta' edukazzjoni, id-dħul, il-pożizzjoni soċjali u l-pajjiż tal-orijġini jew residenza, u jirrappreżenta ostaklu ewlieni għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
- AM. billi, skont is-sejbiet ta' stħarriġ li wettqet l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali fl-2014, il-parti l-kbira tan-nisa li jisfaw vittmi tal-vjolenza ma jagħmlux rapport lill-pulizija dwar dak li jkun ġara;
- AN. billi s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR) huma msejsa fuq drittijiet bażiċi tal-bniedem u huma elementi essenzjali tad-dinjità tal-bniedem ⁽¹⁾; billi l-projbizzjoni ta' abort biex tissalva haġja tikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem;
- AO. billi t-traffikar u l-isfruttament sesswali tan-nisa u tat-tfal huma ksur ċar tad-drittijiet tal-bniedem, tad-dinjità tal-bniedem u tal-prinċipji fundamentali tad-dritt u tad-demokrazija; billi llum il-ġurnata n-nisa huma aktar vulnerabbli għal dan it-tip ta' riskji minħabba ż-żieda fl-inċertezza ekonomika u r-riskju ogħla ta' qgħad u ta' faqar;
- AP. billi l-vjolenza kontra n-nisa bħala forma ta' diskriminazzjoni msejsa fuq il-ġeneru mhix inkluża espliċitament fid-dritt Ewropew, u hi preżenti biss fi tliet ordinamenti ġuridiċi nazzjonali (Spanja, l-Isvezja u l-Ġermanja), bir-riżultat li mhix meġjusa bħala kwistjoni ta' ugwaljanza sostantiva; billi l-Istati Membri jadottaw approċċ ad hoc għad-definizzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza sessista, b'definizzjonijiet li jvarjaw ħafna fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u dan ifisser li d-data ma tistax titqabbel;
- AQ. billi l-Istati Membri m'għandhomx immunità mill-pjaga tal-mutilazzjoni ġenitali, li hu rappurtat li sfaw vittma tagħha mal- 500 000 persuna fl-UE, waqt li 180 000 oħra jinsabu f'riskju li jisfaw vittmi tagħha;
- AR. billi fl-UE u l-Istati Membri għadhom iseħħu għadd kbir ta' każijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali, kif jixhdu, pereżempju, is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u kif jissemma fir-rapporti mill-Kummissjoni Ewropea, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA), l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, il-Kunsill tal-Ewropa u n-NU, bħall-ksur tad-dritt tal-libertà tal-għaqda u tal-espressjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-diskriminazzjoni istituzzjonali kontra persuni LGBTI permezz tal-projbizzjoni taż-żwiġijiet u leġiżlazzjonijiet kontra l-propoganda, u l-livelli għolja li għad fadal ta' diskriminazzjoni u delitti ta' mibegħda mmotivati mir-razziżmu, il-ksenofobija, l-intolleranza reliġjuża, jew il-preġudizzju kontra d-diżabilità, l-orjentazzjoni

⁽¹⁾ Programm ta' Azzjoni tal-ICPD § 7.2 u 7.3.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

sesswali jew l-identità tal-ġeneru ta' persuna; billi r-reazzjonijiet tal-Kummissjoni, tal-Kunsill u tal-Istati Membri mhumiex tal-livell meħtieġ, meta wieħed iqis il-gravità ta' dawn il-każijiet ta' ksur rikorrenti;

- AS. billi s-soċjetajiet li fihom id-drittijiet fundamentali jiġu implimentati bis-sħiħ u ssalvagwardjati għandhom aktar ċansijiet li jiżviluppaw ekonomija dinamika u kompetittiva;
- AT. billi r-Rom, l-akbar minoranza etnika fl-Ewropa, għadhom qed ikunu vittmi ta' diskriminazzjoni severa, attacchi razzisti, diskors ta' mibegħda, faqar u esklużjoni;
- AU. billi l-azzjoni esterna Ewropea hija bbażata fuq l-istess prinċipji li huma sottostanti għat-twaqqif u l-iżvilupp tal-UE, jiġifieri d-demokrazija, is-solidarjetà, id-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet fundamentali kollha; billi fil-politiki esterni tal-UE ġew żviluppati linji gwida speċifiċi tad-drittijiet tal-bniedem, iżda dan ma kienx il-każ fir-rigward tal-politiki interni tagħha, u dan jista' jwassal għal allegazzjonijiet ta' standards doppji; billi huwa essenzjali li l-promozzjoni mill-Unjoni tad-drittijiet fundamentali fil-qafas tal-azzjoni esterna tagħha għandu jkollha bħala korollari politika interna robusta u sistematika ta' monitoraġġ tar-rispett ta' dawn id-drittijiet fi ħdan l-UE nnifisha;
- AV. billi d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data personali għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta' skop, dak ta' neċessità u dak ta' proporzjonalità, anke fil-kuntest tan-negozjati u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, kif ġie enfasizzat bis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea tas-6 ta' April 2014 li invalidat id-Direttiva 2006/24/KE u bl-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data;
- AW. billi d-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u għall-protezzjoni tad-data personali huma mnaqqxa fil-Karta u għaldaqstant huma komponent integrali tad-dritt primarju tal-UE;
- AX. billi t-teknoloġiji ġodda jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali kif preskritt fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta;
- AY. billi l-aċċess tal-massa għall-internet kompli jiftaħ jerġa' aktar opportunitajiet għat-tweqqif ta' azzjonijiet dannużi kontra l-integrità fiżika u morali tan-nisa, permezz, pereżempju, tas-solleċitazzjoni online;
- AZ. billi l-evoluzzjoni rapida tad-dinja diġitali (inkluż iż-żieda fl-użu tal-Internet, tal-applikazzjonijiet u tan-netwerks soċjali) toħloq il-ħtieġa ta' żieda fil-protezzjoni tad-data personali u tal-ħajja privata sabiex tiġi ggarantita l-kunfidenzjalità u l-protezzjoni tagħhom;
- BA. billi l-libertajiet fundamentali, id-drittijiet tal-bniedem u l-opportunitajiet indaqs jeħtieġ jiġu żgurati għaċ-ċittadini kollha tal-UE, inklużi l-persuni li jappartienu għall-minoranzi nazzjonali u lingwistiċi;
- BB. billi fl-Ewropa, skont id-WHO, mill-inqas 850 tifel u tifla ta' inqas minn 15-il sena jmutu kull sena b'riżultat ta' maltrattament;
- BC. billi skont stħarriġ tal-FRA dwar id-diskriminazzjoni u d-delitti ta' mibegħda kontra persuni LGBTI, apparti d-diskriminazzjoni u l-vjolenza li tagħhom huma vittmi, kważi nofs il-persuni LGBTI kollha li wiegħbu għall-istħarriġ "kienu jqisu li l-lingwaġġ offensiv dwar persuni LGBTI min-naħa tal-politikanti kien mifruż ħafna fil-pajjiż ta' residenza tagħhom";
- BD. billi l-persuni LGBTI huma vittmi ta' diskriminazzjoni istituzzjonali jew minħabba l-projbizzjoni tal-unjonijiet ċivili jew minħabba l-eżistenza ta' liġijiet li jipprojbixxu d-dikjarazzjoni tal-orjentazzjoni sesswali;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- BE. billi l-persuni b'diżabilità iħabbtu wiċċhom ma' ħafna forum differenti ta' diskriminazzjoni li jżommuhom milli jeżerċitaw għalkollox id-drittijiet fundamentali tagħhom;
- BF. billi għal persuni b'diżabbiltà r-rata tal-faqar hi 70 % ogħla mill-medja, minn banda minħabba aċċess limitat għall-impjiegi;
- BG. billi s-sekulariżmu u n-newtralità joffru l-garanziji l-aktar effettivi ta' nuqqas ta' diskriminazzjoni lejn il-komunitajiet reliġjużi differenti li jiffurmaw parti minn kwalunkwe stat partikolari;
- BH. billi l-libertà tal-istampa u l-libertà tal-operat għall-gruppi tas-soċjetà ċivili bħalma huma l-NGOs huma ċentrali għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; billi din il-libertà għet serjament mhedda permezz tal-adozzjoni ta' liġijiet jew interventi diretti mill-awtoritajiet f'għadd ta' Stati Membri;
- BI. billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tgħid li l-anzjani għandhom id-dritt "li jgħixu ħajja dinjituża u indipendenti u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali";
- BJ. billi, minkejja li huwa minnu li l-pieni proporzjonati għad-delitti mwettqa huma deterrent għall-ksur tad-drittijiet fundamentali, l-għan ewlieni xorta waħda jeħtieġ li jibqa' l-prevenzjoni (permezz ta' miżuri edukattivi u kulturali), aktar milli li jittieħdu miżuri wara li jkun seħħ il-fatt;
- BK. billi l-effikaċja ta' istituzzjonijiet speċjalizzati bħalma huma l-istituzzjonijiet nazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem jew korpi tal-ugwaljanza hija importanti biex iċ-ċittadini jiġu megħjuna jinfurzaw aħjar id-drittijiet fundamentali tagħhom sal-punt li l-Istati Membri japplikaw il-liġi tal-UE;
- BL. billi d-dritt li dak li jkun jivvota u li joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet lokali u tal-Parlament Ewropew fl-Istat Membru ta' residenza huwa rikonoxxut fl-Artikoli 39 u 40 tal-Karta; billi l-eżerċitar tad-dritt għall-mobilità m'għandux jostakola dan id-dritt;
- BM. billi kienet dgħajfa r-reazzjoni tal-Kummissjoni u l-Istati Membri għar-revelazzjonijiet ta' Edward Snowden dwar operazzjonijiet massivi ta' spjunaġġ bl-użu tal-internet u networks tat-telekomunikazzjonijiet bħala parti mill-programm PRISM tal-NSA li jimmiraw ukoll fuq pajjiżi Ewropej, u billi jinsab imhassab għall-fatt li dawn naqsu li jinfurzaw miżuri biex jipproteġu liċ-ċittadini Ewropej jew liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jgħixu fl-Ewropa;
1. Iqis li huwa fundamentali li jiġi ggarantit ir-rispett sħiħ tal-valuri komuni Ewropej stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-TUE, kemm fil-leġislazzjoni Ewropea kif ukoll fil-leġislazzjoni nazzjonali, fil-politiki pubbliċi u l-implimentazzjoni tagħhom, filwaqt li jiġi rispettata għalkollox il-prinċipju tas-sussidjarjetà;
 2. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-leġislazzjoni kollha tal-UE, inklużi l-programmi ta' aġġustament ekonomiku u finanzjarju, tiġi implimentata skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Karta Soċjali Ewropea (Artikolu 151 tat-TFUE);
 3. Jinnota li l-Artikolu 6 tat-TUE jirrikjedi li l-Unjoni taderixxi għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali; jieħu nota tal-Opinjoni 2/2013 tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jistabbilixxu l-istrumenti meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-imsemmi obbligu – minqax fit-Trattati – jitwettaq mingħajr dewmien żejjed; iqis li dan jeħtieġ li jsir fuq il-bażi ta' trasparenza sħiħa, peress li se jipprovidi mekkaniżmu addizzjonali biex jiżjed ir-rispett ġenwin u biex tiġi infurzata l-protezzjoni tal-individwi kontra l-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom, inkluż id-dritt għal rimedju effettiv, u biex l-istituzzjonijiet Ewropej ikunu aktar responsabbli għall-azzjonijiet jew nuqqasijiet tagħhom fir-rigward tad-drittijiet fundamentali;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

4. Jilqa' l-ħatra tal-ewwel Viċi President tal-Kummissjoni b'setgħat relatati mar-rispett għall-istat tad-dritt u l-Karta, u jieħu nota tal-impenn tiegħu li jinforza kif jixraq il-qafas eżistenti; jistenna li jara strateġija interna dwar id-drittijiet fundamentali li tiġi adottata fil-ġejjieni qrib, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet l-oħra u b'konsultazzjoni ma' firxa wiesgħa ta' rappreżentanza tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħra; iqis li l-istrateġija għandha tkun imsejsa fuq l-Artikoli 2, 6 u 7 tat-TUE, u għandha tkun konsistenti mal-prinċipji u l-oġettivi inkorporati fl-Artikoli 8 u 10 tat-TFUE; jiddeplora n-nuqqas ta' rieda politika li jiġi invokat l-Artikolu 7 tat-TUE kontra l-Istati Membri responsabbli għal ksur tad-drittijiet fundamentali biex jippenalizzahom u jopera bħala deterrent;
5. Jissottolinja l-ħtieġa li jsir użu sħiħ mill-mekkaniżmi eżistenti biex jiġi żgurat li d-drittijiet fundamentali u l-valuri tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jiġu rispettati, protetti u promossi; jenfasizza li f'dan ir-rigward l-istrumenti kollha li hemm dispożizzjonijiet għalihom attwalment fit-Trattati jeħtieġ li jiġu applikati u implimentati b'mod urġenti;
6. Jenfasizza li għandu jsir użu sħiħ mill-mekkaniżmi eżistenti, billi jiġu varati valutazzjonijiet u investigazzjonijiet oġġettivi u jinbdew proċedimenti ta' ksur jekk każ ikollu raġunijiet sodi;
7. Jenfasizza l-ħtieġa li possiblament isiru bidliet fit-trattati bil-għan li jkompli jissaħħaħ il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fit-Trattati tal-UE;
8. Jieħu nota tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar qafas ġdid tal-UE għat-tisħiħ tal-istat tad-dritt, li jirrappreżenta l-ewwel tentattiv biex jimtlew il-lakuni attwali fir-rigward tal-prevenzjoni u r-risoluzzjoni tal-każijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri; jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati regolarment dwar il-progress li jsir f'kull stadju; iqis, madankollu, li l-qafas propost jista' ma jkunx deterrent suffiċjenti jew effettiv meta niġu għall-prevenzjoni u r-risoluzzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri, għax il-Kummissjoni ippreżentat dan il-Qafas fis-sura ta' komunikazzjoni mhux vinkolanti li ma tispeċifikax meta għandu jiġi attivat il-qafas;
9. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta u ttejjeb aktar dan il-mekkaniżmu bil-għan li:
 - (a) tinkludih fl-istrateġija interna dwar id-drittijiet fundamentali, minħabba li l-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri tagħha;
 - (b) tagħmel użu aħjar mill-għarfien espert tal-Kunsill tal-Ewropa u tistabbilixxi kanal ta' kooperazzjoni formali rigward kwistjonijiet relatati mal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;
 - (c) tiddefinixxi b'termini ċari l-kriterji ta' applikazzjoni tiegħu u tiżgura li l-implimentazzjoni proattiva u trasparenti tiegħu jirnexxilha tipprevjeni milli jseħħ ksur tad-drittijiet fundamentali; b'mod partikolari, tiddefinixxi l-kriterji għal "riskju ċar ta' ksur" u "ksur serju u persistenti", li jibnu inter alia fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem; tikkunsidra li tistabbilixxi dawn il-kriterji b'tali mod li kull ksur jista' awtomatikament jiskatta l-applikazzjoni tal-qafas;
 - (d) tagħti bidu għal proċeduri ta' ksur li jstgħu jwasslu wkoll għal sanzjonijiet finanzjarji skont l-Artikolu 260 tat-TFUE, fil-każ li l-FRA tidentifika ksur sistemiku jew sinifikanti tal-Artikolu 2 tat-TUE;
 - (e) tiżgura l-iskattar awtomatiku tal-proċedura skont l-Artikolu 7 tat-TUE, f'każ li l-proċess bi tliet stadji previst mill-qafas ma jirnexxilux jirriżolvi l-kwistjoni, filwaqt li tispeċifika liema drittijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-Trattati għall-Istat Membru konċernat minbarra d-drittijiet tal-vot fil-Kunsill, jstgħu jiġu sospiżi, sabiex tikkunsidra l-possibbiltà li jiġu imposti aktar sanzjonijiet li jiżguraw il-funzjonament effikaċi tal-qafas b'konformità mad-dritt Ewropew u d-drittijiet fundamentali;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- (f) tistipula li l-proposti legiŝlattivi, il-politiki u l-azzjonijiet kollha tal-UE, inklużi dawk tal-qasam ekonomiku u tar-relazzjonijiet esterni u l-miżuri kollha ffinanzjati mill-UE, għandhom jikkonformaw mal-Karta u ssirihom valutazzjoni ex ante u ex post tal-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali, kif ukoll li tinkludi pjan ta' azzjoni proattiv li jiżgura l-applikazzjoni effiċjenti tal-istandards eżistenti u jidentifika l-oqsma fejn ir-riformi huma meħtieġa; f'dan ir-rigward, jemmen li l-għarfien espert indipendenti estern tal-FRA għandu jintuża bis-sħiħ mill-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament waqt il-leġiferazzjoni u l-iżvilupp tal-politiki;
- (g) tiżviluppa, b'kooperazzjoni mal-FRA u l-korpi nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem fl-Istati Membri, kif ukoll bil-kontribut mill-usa' rappreżentanza tas-soċjetà ċivili, bażi tad-data li tiġbor u tippubblika d-data u r-rapporti kollha disponibbli dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-UE u fl-Istati Membri individwali;

10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-istrateġija interna msemmija hawn fuq tkun akkumpanjata minn mekkaniżmu ġdid ċar u dettaljat, ibbażat fuq id-dritt internazzjonali u Ewropew u jħaddan il-valuri kollha protetti permezz tal-Artikolu 2 tat-TUE, sabiex tiġi żgurata koerenza mal-Qafas Strateġiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija li diġà huwa applikat fir-relazzjonijiet esterni tal-UE u jagħmel lill-istituzzjonijiet Ewropej u l-Istati Membri responsabbli għall-azzjonijiet u għan-nuqqasijiet tagħhom fir-rigward tad-drittijiet fundamentali; jemmen li dan il-mekkaniżmu għandu jippermetti l-monitoraġġ tal-osservanza tal-Istati Membri kollha tal-UE fir-rigward tad-drittijiet fundamentali u jiddisponi għal djalogu sistematiku u istituzzjonalizzat u f'każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri; jemmen li biex tagħmel użu sħiħ mid-dispożizzjonijiet tat-Trattati, il-Kummissjoni għandha:

- (a) tistabbilixxi tabella ta' valutazzjoni fuq il-baży ta' indikaturi komuni u oġġettivi li permezz tagħhom se jitkejlu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; dawn l-indikaturi għandhom jirriflettu l-kriterji politiċi ta' Kopenhagen li jirregolaw l-ađeżjoni u l-valuri u d-drittijiet preskritti fl-Artikolu 2 tat-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u għandhom jiġu mfassla abbaży tal-istandards eżistenti; f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li twessa' l-ambitu tat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE biex tkopri l-valutazzjoni perijodika għal kull stat għalih tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt;
- (b) tiżgura monitoraġġ kostanti, ibbażat fuq it-tabella ta' valutazzjoni stabbilita u sistema ta' valutazzjoni annwali tal-pajjiż, li għandhom jiġu żviluppati b'kooperazzjoni mal-Kunsill u l-Parlament, tar-rispett għall-istat tad-dritt u s-sitwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea u li jkunu bbażati fuq data pprovduta mill-FRA, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni ta' Venezia tiegħu, u l-NGOs;
- (c) tipproponi, f'dan ir-rigward, li ssir reviżjoni tar-Regolament tal-FRA sabiex il-FRA tingħata setgħat usa' u aktar riżorsi umani u finanzjarji, sabiex tkun tista' timmonitorja s-sitwazzjoni fl-Istati Membri u tippubblika rapport annwali ta' monitoraġġ li jkun jinkludi valutazzjoni dettaljata tal-prestazzjoni ta' kull Stat Membru;
- (d) toħroġ twissija formali jekk, abbaży tat-tabella ta' valutazzjoni stabbilita u r-rapport annwali ta' monitoraġġ imsemmi hawn fuq, l-indikaturi juru li l-Istati Membri qed jiksru l-istat tad-dritt jew id-drittijiet fundamentali; din it-twissija formali għandha b'mod sistematiku tkun akkumpanjata mill-varar ta' djalogu istituzzjonalizzat li jinvolvi – flimkien mal-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat – lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u lill-Parlament tal-Istat Membru kkonċernat;
- (e) tikkontribwixxi lejn it-titjib tal-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, il-Kunsill tal-Ewropa, in-Nazzjonijiet Uniti u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; tintensifika l-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, inkluż bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali;

11. Jilqa' l-fatt li l-Kunsill se jorganizza dibattiti dwar l-istat tad-dritt; iqis, madankollu, li tali dibattiti mħumiex l-aktar mod effettiv biex jiġi riżolt kwalunkwe nuqqas ta' rispett għall-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jiddispijaċih dwar il-fatt li l-Parlament la huwa infurmat u lanqas ma huwa involut fl-organizzazzjoni ta' dawn id-dibatti; jistieden lill-Kunsill jibbaża d-dibattiti tiegħu fuq ir-riżultati tar-rapporti annwali u speċifiċi tal-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew, is-soċjetà ċivili, il-Kunsill tal-Ewropa u l-Kummissjoni ta' Venezia tiegħu u partijiet oħra involuti, kemm dawk istituzzjonali u kemm dawk li mħumiex;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestigaw kwalunkwe allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali garantiti mill-Karta, u li jwettqu segwitu ta' dawn l-allegazzjonijiet jekk jirriżulta li huma veri; ihegġegħ b'mod partikolari lill-Kummissjoni tagħti bidu għal proċedura ta' ksur f'każ li xi Stat Membru ikun issuspettat li aġixxa bi ksur ta' dawk id-drittijiet;
13. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti aktar prijorità lill-preparazzjoni għall-adeżjoni tal-Unjoni mal-Karta Soċjali Ewropea, iffirmata f'Turin fit-18 ta' Ottubru 1961 u riveduta fi Strasburgu fit-3 ta' Mejju 1996;
14. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu u jsaħħu l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem skont il-"Prinċipji ta' Pariġi" biex jiżguraw il-promozzjoni u l-protezzjoni indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell nazzjonali;
15. Jitlob li jkun hemm garanzija ta' koordinazzjoni u koerenza aqwa bejn l-attivitajiet tal-Parlament, il-Kunsill tal-Ewropa, il-FRA u l-EIGE;
16. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda allarmanti fil-ġhadd ta' każijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali fi ħdan l-Unjoni Ewropea, partikolarment fl-oqsma tal-immigrazzjoni u l-asil, id-diskriminazzjoni u l-intolleranza – partikolarment lejn ċerti komunitajiet – kif ukoll fl-ġhadd ta' każijiet ta' attacchi imwettqa u l-pressjoni li qed tiġi eżerċitata fuq l-NGOs li jiddefendu d-drittijiet ta' dawn il-gruppi u komunitajiet; jinnota n-nuqqas ta' rieda tal-Istati Membri li jiżguraw ir-rispett ta' dawn il-libertajiet u drittijiet fundamentali, partikolarment fir-rigward tar-Rom, in-nisa, il-komunità LGBTI, l-applikanti għall-asil, l-immigranti u gruppi vulnerabbli oħra;
17. Jistieden lill-Kunsill isib bażi komuni dwar il-kontenut preċiż tal-prinċipji u l-istandards li joriġinaw mill-istat tad-dritt li jvarjaw fil-livell nazzjonali, u jikkunsidra d-definizzjoni eżistenti tal-istat tad-dritt tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja bħala punt ta' tluq għad-dibattitu, inklużi: il-legalità, li timplika proċess trasparenti, obligat li jagħti rendikont u demokratiku għall-promulgazzjoni tal-liġijiet; iċ-ċertezza ġuridika; il-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi; il-qrati indipendenti u imparzjali; rieżami ġudizzjarju effettiv inkluż ir-rispett għad-drittijiet fundamentali; u l-ugwaljanza quddiem il-ġustizzja;
18. Ifakkar li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u li l-miżuri ta' sigurtà m'għandhomx jikkompromettuhom, skont l-Artikolu 52 tal-Karta; ifakkar ukoll li skont l-Artikolu 6 tal-Karta kull persuna għandha d-dritt għal-libertà u s-sigurtà tal-persuna;
19. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jiżguraw li d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali – kif stabbiliti, b'mod partikolari, fit-Trattati, fil-Karta u fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem – jiġu integrati mill-bidu nett fil-politiki u l-miżuri ta' sigurtà interna, kif issuġġerit fid-dokument ta' fokus tal-FRA "Embedding fundamental rights in the security aġenda" (L-integrazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-aġenda tas-sigurtà); ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri jintegraw miżuri ta' inklużjoni soċjali u ta' nondiskriminazzjoni fl-istrateġiji tas-sigurtà interna tal-ġejjieni;
20. Jistieden lill-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-FRA, issaħħaħ il-miżuri u l-programmi ta' sensibilizzazzjoni, ta' edukazzjoni u ta' taħriġ fir-rigward tad-drittijiet fundamentali; dawn il-programmi għandhom jimmiraw li jistabbilixxu l-koeżjoni u l-fiduċja bejn is-sħab soċjali kollha u jinvolvu l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet nazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-uffiċċji nazzjonali tal-ugwaljanza u ta' kontra-diskriminazzjoni;
21. Jenfasizza li r-rwol tal-Kummissjoni bħala l-għassiesa tat-Trattati mhux limitat għall-iżgurar li l-leġiżlazzjoni tiġi trasposta mill-Istati Membri, iżda jestendi wkoll għall-applikazzjoni sħiħa u korretta tal-liġijiet, b'mod partikolari bil-għan li jiġu mħarsa d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini; jiddispjaċih għall-limitazzjoni effettiva tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta minħabba interpretazzjoni eċċessivament restrittiva tal-Artikolu 51 tagħha, li jinqara bħala li qed iwaqqafha milli

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

tkopri l-infurzar tal-liġi tal-UE; huwa tal-fehma li dan l-approċċ għandu jiġi rivedut biex jissodisfa l-aspettattivi taċ-ċittadini tal-UE fir-rigward tad-drittijiet fundamentali tagħhom; ifakkar li l-aspettattivi taċ-ċittadini jmorru lil hinn mill-interpretazzjoni stretta tal-Karta u li l-oġettiv għandu jkun li dawn id-drittijiet isiru effettivi kemm jista' jkun; jiddispijaci, għallhekk, li l-Kummissjoni tinwoka n-nuqqas ta' kompetenza f'bosta tweġibiet għall-petizzjonijiet li jilmentaw minn ksur possibbli tad-drittijiet fundamentali; f'dan l-ambitu, jitlob li jinholq mekkaniżmu għall-monitoraġġ, il-valutazzjoni sistematika u l-ħruġ ta' rakkomandazzjonijiet, biex titrawwem osservanza globali tal-valuri fundamentali fl-Istati Membri;

22. Ifakkar fl-importanza kruċjali tat-traspożizzjoni u tal-implimentazzjoni f'waqthom u korretti tad-dritt tal-UE, speċjalment meta dan jolqot jew jiżviluppa d-drittijiet fundamentali;

Il-Libertà u s-Sigurtà

Il-libertà tal-espressjoni u l-midja

23. Ifakkar li l-libertà tal-espressjoni, tal-informazzjoni u tal-midja hi fundamentali biex jiġu żgurati d-demokrazija u l-istat tad-dritt; jikkundanna b'qawwa l-vjolenza, il-persjoni u t-treddidiet kontra l-ġurnalisti u l-midja, fosthom dawk marbuta mad-divulgazzjoni tal-għejun tagħhom u informazzjoni dwar każi ta' ksur tad-drittijiet fundamentali mwettaq mill-gvernijiet u mill-istati; jistieden lill-Istati Membri joqogħdu lura milli japplikaw miżuri biex jimpedixxu dawk il-libertajiet; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex teżamina mill-ġdid u temenda d-direttiva dwar is-servizzi tal-midja awdjoviżivi skont kif indikat mill-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tat- 22 ta' Mejju 2013;

24. Jenfasizza li l-midja pubbliċi, indipendenti, ħielsa, imħallta u pluralisti, flimkien mal-ġurnalisti, kemm online kif ukoll offline, huma element fundamentali tad-demokrazija; jemmen li s-sjieda u l-ġestjoni tal-midja m'għandhomx ikunu kkonċentrati; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li t-trasparenza tas-sjieda tal-midja hija kruċjali għall-monitoraġġ ta' investimenti li jistgħu jinfluwenzaw l-informazzjoni mogħtija; jitlob li jiġu żviluppati regoli ekonomiċi adegwati u ġusti, sabiex jiġi ggarantit ukoll il-pluraliżmu tal-midja online; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta' azzjoni biex tiżgura li l-midja kollha tkun tirrispetta standards minimi ta' indipendenza u kwalità;

25. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-miżuri dejjem aktar repressivi meħuda f'xi Stati Membri kontra l-movimenti soċjali u d-dimostrazzjonijiet, il-libertà tal-għaqda u l-libertà tal-kelma, partikolarment fir-rigward tal-użu sproporzjonat tal-forza kontra dimostranti paċifiċi, u l-għadd żgħir ta' investigazzjonijiet tal-pulizija u tal-qrati f'dan il-qasam; jistieden lill-Istati Membri jipproteġu l-libertà tal-għaqda u ma jadottawx miżuri li jqajmu dubji jew saħansitra jikkriminalizzaw l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, bħalma huma d-dritt għall-ipprotestar u għall-istrajkar jew id-dritt tal-għaqda u dak ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-espressjoni; jesprimi tħassib kbir dwar il-liġijiet nazzjonali f'għadd ta' Stati Membri li jolqtu lid-drittijiet fundamentali fl-ispażji pubbliċi u li jillimitaw id-dritt ta' għaqda; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tindirizza l-interferenzi serji mad-drittijiet fundamentali kkawżati mil-liġijiet nazzjonali li jistabilixxu restrizzjonijiet fl-ispażji pubbliċi għal raġunijiet ta' sigurtà;

26. Jinnota li l-każijiet ta' terroriżmu wasslu lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jintensifikaw il-miżuri ta' kontra t-terroriżmu u ta' kontra r-radikalizzazzjoni; iħeġġeġ lill-UE u lill-awtoritajiet nazzjonali jadottaw miżuri bħal dawn b'rispett sħiħ tal-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għal difiża legali, il-preżunzjoni tal-innoċenza, id-dritt għal proċess ġust, u d-dritt għar-rispett tal-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali; jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jivvalutaw bi trasparenza sħiħa kwalunkwe abbozz jew proposta għal strumenti regolatorji u leġiżlattivi antiterroristiċi mil-lat tal-konformità tagħhom mal-Artikolu 2 tat-TUE u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

27. Jirrikonoxxi li n-natura mifruxa taċ-ċiberkriminalità u ċ-ċiberterroriżmu transnazzjonali toħloq sfidi u tħassib serji dwar il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-ambjent tal-internet; iqis li huwa essenzjali li l-UE tiżviluppa għarfien espert avanzat fil-qasam taċ-ċibersigurtà sabiex tiżgura konformità aqwa fiċ-ċiberspazju mal-Artikoli 7 u 8 tal-Karta;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

28. Jilqa' r-rapport mis-Senat tal-Istati Uniti dwar il-programmi ta' detenzjoni u ta' interrogazzjoni tas-CIA; ihegġegħ lill-Istati Membri biex ma jittollerawx it-tortura jew forom oħra ta' trattament inuman u degradanti fit-territorju tagħhom; itenni l-istediniet tiegħu lill-Istati Membri biex jiżguraw l-obbligu ta' rendikont għall-ksur tad-drittijiet fundamentali fil-kuntest tat-trasportazzjoni u d-detenzjoni illegali ta' priġunieri f'pajjiżi Ewropej mis-CIA; ihegġegħ lill-Istati Membri jwettqu investigazzjonijiet miftuħa u trasparenti biex tinstab il-verità dwar l-użu tat-territorju u tal-ispazju tal-ajru tagħhom u biex joffru kooperazzjoni sħiħa mal-inkjesta tal-Parlament Ewropew dwar il-kwistjoni, li riċentement reġgħet infetħet, u s-segwitu tagħha; jitlob għall-protezzjoni ta' dawk li jiżvelaw ksur bħal dan, bħalma huma l-ġurnalisti u l-informaturi;

29. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar rapporti ripetuti dwar l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-UE, u tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data b'mod partikolari, li seħħ mill-attivitajiet tas-servizzi tal-intelligence tal-Istati Membri u ta' pajjiżi terzi li jippermettu ż-żamma tad-data tal-komunikazzjonijiet elettroniċi taċ-ċittadini Ewropej u l-aċċess għaliha; jikkundanna bil-qawwa l-attivitajiet ta' sorveljanza tal-massa li ġew skopert li ilhom jitwettqu mill-2013, u jiddeplora l-fatt li dawn qed ikomplu jitwettqu; jitlob għal kjarifika ta' dawn l-attivitajiet u b'mod partikolari dwar l-involvement attwali ta' għadd ta' Stati Membri; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu għalkollox ir-rekwiżiti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament kif stabbiliti fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014 dwar il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE u dwar il-kooperazzjoni transatlantika fil-Ġustizzja u l-Intern; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-attivitajiet tas-servizzi ta' intelligence tagħhom ikunu jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u jkunu soġġetti għall-iskrutinju parlamentari u ġudizzjarju;

30. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali mill-Istati Membri li tippermetti sorveljanza komprensiva, u jtnni l-ħtieġa li jkun hemm strumenti ta' sigurtà li jkollhom mira speċifika, ikunu strettament meħtieġa u proporzjonati fsoċjetà demokratika; itenni t-talba tiegħu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jadottaw sistema ta' protezzjoni tal-informaturi;

31. Jinsab imħasseb li ċ-ċittadini mhumiex konxji għalkollox mid-drittijiet tagħhom għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza u mill-mezzi ta' rimedju ġuridiku disponibbli għalihom; jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data biex jiddefendu dawn id-drittijiet u jieħdu ħsieb is-sensibilizzazzjoni dwarhom; iqis li huwa essenzjali li l-pubbliku, b'mod partikolari t-ftal, isir familjari mal-importanza tal-protezzjoni tad-data personali fiċ-ċiberspazju, u l-perikli li hu espost għalihom; jistieden lill-Istati Membri jvaraw kampanji ta' sensibilizzazzjoni fl-iskejjel; jenfasizza li fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi u ż-żieda fl-attakki ċibernetiċi, hemm bżonn li tingħata attenzjoni speċjali lill-protezzjoni tad-data personali, b'fokus qawwi fuq is-sigurtà tal-ipproċessar u l-ħżin; għalkemm id-dritt li wieħed jintesa mhuwiex assolut u se jeħtieġ li jiġi bbalanċjat b'paragun ma' drittijiet fundamentali oħra, jeħtieġ li l-individwi jingħataw id-dritt li d-data personali tagħhom fuq l-internet tiġi rettifikata; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar id-diffikultà li għandhom il-parti l-kbira tal-utenti tal-internet biex jiżguraw li d-drittijiet tagħhom jiġu rispettati fl-isfera diġitali; jistieden lill-Kunsill jagħmel progress rapidu fuq il-pakkett tal-protezzjoni tad-data, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data fl-UE kollha;

32. Ifakkar li l-Istati Membri jeħtieġ jiżguraw li s-servizzi tal-intelligence tagħhom joperaw b'mod leċitu u f'konformità sħiħa mat-Trattati u mal-Karta; jistieden f'dan ir-rigward lill-Istati Membri jiżguraw li l-liġi nazzjonali tkun tippermetti biss il-ġbir u l-analiżi ta' data personali (inkluża l-hekk imsejħa metadata) bil-kunsens tal-persuna kkonċernata jew wara ordni tal-qorti mogħtija fuq il-bażi ta' suspett raġonevoli li l-persuna tkun involuta f'attività kriminali;

33. Jenfasizza li l-ġbir u l-ipproċessar illegali tad-data għandhom jiġu penalizzati bl-istess mod bħall-ksur tal-kunfidenzjalità tradizzjonali tal-korrispondenza; jinsisti li l-ħolqien ta' "backdoors" jew kwalunkwe teknika oħra biex idgħajfu jew jevadu l-miżuri ta' sigurtà jew biex jisfruttaw nuqqasijiet eżistenti għandu jkun ipprojbit b'mod strett;

34. Jiddeplora l-pressjoni li qed titqiegħed fuq l-intrapriżi privati minn korpi kemm pubbliċi kif ukoll privati sabiex jingħataw aċċess għad-data tal-utenti tal-Internet, jikkontrollaw il-kontenut fuq l-Internet jew jifgħu fil-periklu l-prinċipju tan-newtralità tal-Internet;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

35. Jenfasizza li s-salvagwardja tad-drittijiet fundamentali fis-soċjetà tal-informatika ta' llum hija kwistjoni ewlenija għall-UE, għax l-użu dejjem jikber tat-teknoloġiji tal-informatika u tal-komunikazzjoni (ICT) joħloq theddidiet ġodda kontra d-drittijiet fundamentali fiċ-ċiberspazju, li l-protezzjoni tagħhom jeħtieġ tissaħħaħ billi jiġi żgurat li dawn ikunu promossi u protetti online bl-istess mod u sal-istess livell bħal fid-dinja offline;
36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja b'mod intensiv l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE f'dan il-qasam u jqis li l-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali fil-prattika permezz ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi biex jiġi żgurat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-vittmi;
37. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri juru l-akbar viġilanza rigward l-impatt li ċertu teknoloġiji ġodda, bħal pereżempju d-drones, jista' jkollhom fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali;
38. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-edukazzjoni fil-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u ż-żieda fl-intolleranza u l-estremiżmu fost iż-żgħażaġh;
39. Jiddeplora l-atti ta' diskriminazzjoni, jekk mhux brutalità, imwettqa mill-forzi tal-pulizija f'xi Stati Membri kontra gruppi ta' minoranzi bħall-migranti, ir-Rom, persuni LGBTI, jew persuni b'diżabilità; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestigaw u jikkastigaw tali azzjonijiet; jemmen li l-forzi tal-pulizija għandhom isiru aktar konxji tad-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra dawn il-minoranzi, u jiġu mħarrġa sabiex jindirizzawhom; jistieden lill-Istati Membri jirbħu lura l-fiduċja li l-minoranzi għandu jkollhom fil-pulizija u jhegġgħom jirrapportaw l-abbużi; jistieden ukoll lill-awtoritajiet fl-Istati Membri jiġġieldu t-tfassil ta' profili etniċi diskriminatorji mwettaq minn uħud mill-forzi tal-pulizija;

Il-libertà tar-reliġjon u tal-kuxjenza

40. Jirreferi għall-Artikolu 10 tal-Karta, li jiproteġi l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, inkluża l-libertà ta' kull persuna li tiprattika r-reliġjon tal-għażla tagħha u li tiddel ir-reliġjon jew it-twelmin; iqis li dan ikopri wkoll il-libertà ta' dawk li ma jemmnux; jikkundanna kull xorta ta' diskriminazzjoni u intolleranza u jitlob għal projbizzjoni ta' kull xorta ta' diskriminazzjoni għal dawn ir-raġunijiet; jiddeplora, f'dan ir-rigward, l-episodji riċenti ta' diskriminazzjoni u vjolenza anti-Semitika u anti-Iżlamika; jistieden lill-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet reġjonali, biex jiproteġu permezz tal-għodod kollha disponibbli, il-libertà tar-reliġjon jew twemmin u biex jippromwovu t-tolleranza u d-djalogu interkulturali permezz ta' tfassil effettiv tal-politiki, filwaqt li jsaħħu l-politiki kontra d-diskriminazzjoni fejn meħtieġ; ifakkar fl-importanza ta' stat sekulari newtrali fil-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni kontra kwalunkwe komunità reliġjuża, atea jew anjostika u biex jiġi ggarantit trattament ugwali ta' kull reliġjon u twemmin; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-applikazzjoni tal-liġijiet dwar id-dagħa u l-insulti reliġjużi fl-Unjoni Ewropea, li jistgħu jolqtu serjament il-libertà tal-espressjoni, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jabolixxuhom; jikkundanna bil-qawwa l-attakki kontra postijiet ta' qima, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex ma jippermettux li tali reati ma jiġux ikkastigati;
41. Iħeġġeġ ir-rispett tal-libertà tar-reliġjon u tat-twelmin fil-parti okkupata ta' Ċipru, fejn aktar minn 500 monument reliġjuż u kulturali jinsabu f'qagħda ta' kollass;
42. Jinsab allarmat minħabba ż-żieda fl-anti-Semitiżmu fl-Ewropa u minħabba l-isforzi dejjem iktar mifruxa biex l-Olokawst jiġi miċħud jew biex titnaqqas l-importanza tiegħu; jinsab imħasseb serjament minħabba li ħafna membri tal-Komunità Lhudija qed jipplanaw li jtilqu mill-Ewropa minħabba d-deterjorament tal-klima ta' anti-Semitiżmu u diskriminazzjoni u vjolenza kontriħom;
43. Jesprimi tħassib kbir minħabba ż-żieda fid-dimostrazzjonijiet anti-Iżlamiċi, attakki fuq moskej u t-tendenza mifruxa li l-Iżlam jiġi assoċjat mal-fanatiżmu reliġjuż ta' minoranza żgħira; jiddeplora d-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra l-komunità Musulmana; jistieden lill-Istati Membri jikkundannaw tali atti b'mod sistematiku u japplikaw tolleranza żero f'dan ir-rigward;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015*L-ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni*

44. Jiddeplora bil-qawwa l-fatt li l-Kunsill għadu ma adottax il-proposta għal direttiva tal-2008 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali; jilqa' l-prijoritizzazzjoni ta' din id-Direttiva mill-Kummissjoni Ewropea; itenni t-talba tiegħu lill-Kunsill sabiex jadotta l-proposta mill-aktar fis possibbli;

45. Jinnota li l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni u t-tolleranza huma fost il-valuri fundaturi tal-Unjoni, skont l-Artikolu 2 tat-TUE; iqis li huma biss il-politiki mfassla biex jippromwovu kemm l-ugwaljanza formali u kemm dik sostantiva u biex jiġġieldu l-forom kollha ta' preġudizzju u diskriminazzjoni li jistgħu jippromwovu soċjetà koeżiva billi jkissru s-suriet kollha ta' preġudizzju li jagħmlu ħsara lill-integrazzjoni soċjali; jiddeplora l-fatt li anke llum il-ġurnata fl-UE għad hemm każijiet ta' diskriminazzjoni, emarġinazzjoni u anke vjolenza u abbuż ibbażati, b'mod partikolari, fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew twemmin personali, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal xi minoranza nazzjonali, il-proprietà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali;

46. Iqis li l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu lid-diskriminazzjoni u jipproteġu d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika, u jippromwovu miżuri biex isaħħu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, id-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni anzjani, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, id-drittijiet tal-persuni LGBTI u persuni li jappartjenu lill-minoranzi nazzjonali; ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri jinkludu d-diskriminazzjoni multipla fi ħdan il-politiki tal-ugwaljanza;

47. Jikkundanna s-suriet kollha ta' vjolenza u ta' diskriminazzjoni mwettqa fit-territorju tal-Unjoni Ewropea u jinsab imħasseb minħabba ż-żieda fil-għadd tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw impenj politiki speċifiċi biex jiġġieldu kontra kull sura ta' razzizzmu, inklużi l-antisemitizzmu, l-islamofobija, l-afrofobija u l-antigitaniżmu;

48. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jirrikonoxxu l-ħtieġa ta' data dwar l-ugwaljanza li tkun affidabbli u komparabbli biex titkejjel id-diskriminazzjoni, diżaggregata skont ir-raġunijiet tad-diskriminazzjoni, sabiex it-tfassil tal-politika jkun wieħed infurmat, tiġi valutata l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE ta' kontra d-diskriminazzjoni, u jkun hemm infurzar aħjar tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi standards konsistenti ta' ġbir tad-data dwar l-ugwaljanza, ibbażati fuq l-awtoidentifikazzjoni, l-istandards tal-UE għall-protezzjoni tad-data u l-konsultazzjoni tal-komunitajiet rilevanti; jistieden lill-Istati Membri jiġbru data dwar ir-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni;

49. Ihegġegħ lill-UE tadotta direttiva li tikkundanna d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru u li tfittex li tiġġieldu lill-preġudizzji u l-lichés dwar in-nisa u l-irġiel fl-edukazzjoni u l-midja;

Il-promozzjoni tal-minoranzi

50. Jitlob għal konsistenza akbar min-naħa tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-protezzjoni tal-minoranzi; jemmen bil-qawwa li l-Istati Membri kollha, kif ukoll il-pajjiżi kandidati, għandhom ikunu marbuta bl-istess prinċipji u kriterji sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni ta' standards doppji; jitlob, għalhekk, għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu effettiv biex jissorvelja u jiżgura r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-minoranzi tat-tipi kollha kemm fil-pajjiżi kandidati kif ukoll fl-Istati Membri tal-UE;

51. Jenfasizza li l-Unjoni Ewropea għandha tkun żona li fiha jipprevali r-rispett għad-diversità etnika, kulturali u lingwistika; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżviluppaw sistema ta' protezzjoni komprensiva tal-UE għall-minoranzi nazzjonali, etniċi u lingwistiċi sabiex jiġi żgurat it-trattament ugwali tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-istandards legali internazzjonali rilevanti u l-prattiki tajba eżistenti, u jistieden lill-Istati Membri jiżguraw ugwaljanza effettiva ta' dawn il-minoranzi, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet ta' lingwa, edukazzjoni u kultura; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri li għandhom m'għamlux dan biex jirratifikaw u jimplimentaw b'mod effettiv il-Konvenzjoni Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali; ifakkar ukoll fil-ħtieġa li jiġu implimentati l-prinċipji żviluppati fil-qafas tal-OSKE;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

52. Jikkundanna kull forma ta' diskriminazzjoni għal raġunijiet tal-użu ta' lingwa u jistieden lil daww l-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw u jimplimentaw b'mod effettiv il-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji; ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu kull azzjoni meħtieġa biex jiġi indirizzat b'mod determinat kwalunkwe ostakolu amministrattiv jew leġiżlattiv sproporzjonat li jista' jxekkel id-diversità lingwistika fil-livell Ewropew jew nazzjonali;

53. Jenfasizza li l-prinċipji tad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza quddiem il-liġi u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi ta' kwalunkwe raġuni huma l-pedamenti tal-istat tad-dritt; jistieden lill-Istati Membri jadottaw qafas leġiżlattiv nazzjonali biex jindirizzaw il-forom kollha ta' diskriminazzjoni u jggarantixxu implimentazzjoni effettiva tal-qafas legali eżistenti tal-UE;

Is-sitwazzjoni tal-persuni Rom

54. Jiddeplora t-tendenza dejjem tiżdied lejn sentimenti kontra r-Rom fl-Unjoni Ewropea u jesprimi t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni tar-Rom fl-Unjoni Ewropea u l-bosta każijiet ta' persekuzzjoni, vjolenza, stigmatizzazzjoni, diskriminazzjoni u tkeċċijiet illegali, li jmorru kontra d-drittijiet fundamentali u d-dritt tal-Unjoni Ewropea; ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli tiegħu azzjoni kontra daww l-Istati Membri li jippermettu d-diskriminazzjoni u s-segregazzjoni istituzzjonalizzati; jistieden għal darba oħra lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod effettiv strateġiji sabiex irawmu inklużjoni reali, biex isegwu azzjoni msaħħa u rilevanti għall-promozzjoni tal-integrazzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, l-educazzjoni, l-impjeg, l-abitazzjoni u l-kura tas-saħħa, u għall-ġlieda kontra l-vjolenza, lid-diskors ta' mibegħda u d-diskriminazzjoni kontra r-Rom, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri tad-9 ta' Diċembru 2013;

55. Jenfasizza l-importanza li jiġu implimentati kif suppost l-istrateġiji nazzjonali tal-integrazzjoni tar-Rom permezz tal-iżvilupp ta' politiki integrati li jinvolvu l-awtoritajiet lokali, il-korpi mhux governattivi u l-komunitajiet tar-Rom fi djalogu li jibqa' għaddej kontinwament; jistieden lill-Kummissjoni tipprovi għal monitoraġġ u koordinazzjoni aħjar tal-implimentazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jikkooperaw mar-rappreżentanti tal-popolazzjoni Rom fil-ġestjoni, li monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' proġetti li jolqtu lill-komunitajiet tagħhom, bl-użu ta' fondi disponibbli, inklużi fondi tal-UE, filwaqt li jiġi srorveljat b'mod strett ir-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-persuni Rom, inkluża l-libertà ta' moviment, skont id-Direttiva 2004/38/KE dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri;

56. Jiddeplora d-diskriminazzjoni eżistenti kontra l-persuni Rom fis-sistemi edukattivi nazzjonali u fis-suq tax-xogħol; jenfasizza l-vulnerabilità miżjuda tan-nisa u tat-tfal Rom b'mod partikolari għall-vjolazzjonijiet multipli u simultanji tad-drittijiet fundamentali tagħhom; itenni l-importanza li jiġi protett u promoss l-aċċess indaqs għad-drittijiet kollha għat-tfal Rom;

57. Ihegġegħ lill-Istati Membri jadottaw il-bidliet leġiżlattivi meħtieġa fir-rigward tal-isterilizzazzjoni u jagħtu kumpens finanzjarju lill-vittmi tal-isterilizzazzjonijiet furzati mwettqa fuq nisa Rom u fuq nisa b'diżabilità mentali, b'konformità mal-ġurisprudenza tal-QEDB;

Il-vjolenza kontra n-nisa u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel

58. Ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri jiġġieldu kontra u jġibu quddiem il-ġustizzja kull forma ta' vjolenza u diskriminazzjoni kontra n-nisa; jistieden lill-Istati Membri b'mod partikolari biex jittrattaw b'mod effettiv l-effetti tal-vjolenza domestika u l-isfruttament sesswali fil-forom kollha tiegħu, inkluż dak tar-rrfugjati u tat-tfal migranti, u ż-żwieġ bikri jew furzati;

59. Jesprimi tħassib dwar il-firxa u s-suriet tal-vjolenza kontra n-nisa fl-UE, kif iddokumentati permezz ta' stharrigħ fl-UE kollha tal-FRA, li wera li waħda minn kull tliet nisa esperjenzaw vjolenza fiżika u/jew sesswali sa mill-età ta' 15-il sena, u li huwa smat li madwar 3,7 miljun mara fl-UE jesperjenzaw vjolenza sesswali fuq perjodu ta' sena; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirvedu l-leġiżlazzjoni eżistenti u jżommu l-kwistjoni ta' vjolenza kontra n-nisa fost il-prijoritajiet fl-aġenda, peress li l-vjolenza sessista m'għandhiex tiġi ttollerata; jistieden lill-Kummissjoni thegġegħ ir-ratifiki nazzjonali u tagħti bidu għall-proċedura ta' adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul mill-aktar fis possibbli; jinnota li l-adeżjoni immedjata tal-Istati Membri kollha mal-Konvenzjoni ta' Istanbul għandha twassal għall-iżvilupp ta' politika integrata u għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa, inkluż il-fastidju sesswali kemm online kif ukoll offline;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

60. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu netwerks ta' ċentri li jipprovdu appoġġ u kenn għan-nisa li jkunu vittmi tat-traffikar u l-prostituzzjoni, li jiżguraw li dawn jirċievu appoġġ psikoloġiku, mediku, soċjali u legali u inkoraġġiment biex isibu impjieg stabbli u l-intitolamenti li jakkumpanjawh;

61. Jinsab imħasseb serjament dwar il-persistenza tal-prattiki tal-mutilazzjonijiet ġenitali, li jikkostitwixxu forma ta' vjolenza gravi kontra n-nisa u l-bniet u ksur inaċċettabbli tad-dritt tagħhom għall-integrità fiżika; ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri jeżerċitaw l-akbar viġilanza u jiġġieldu kontra dawn il-prattiki fit-territorju tagħhom sabiex dawn jintemmu malajr kemm jista' jkun; jistieden b'mod partikolari lill-Istati Membri jadottaw approċċ strett u dissważiv billi jħarrġu lill-persuni li jaħdmu mal-migranti u jressqu quddiem il-qradi u jikkastigaw b'mod effettiv u sistematiku lil min iwettaq il-mutilazzjoni ġenitali, li m'għandu jkun hemm ebda tolleranza lejha; jinsisti li dan għandu jkun akkumpanjat minn informazzjoni u kampanji ta' tqajjim tal-kuxjenza mmirati lejn il-gruppi kkonċernati; jilqa' l-fatt li l-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-asil tikkunsidra l-vittmi tal-mutilazzjonijiet ġenitali bħala persuni vulnerabbli u tinkludi l-mutilazzjonijiet ġenitali fost il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-għoti tal-asil;

62. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-kontinwità tal-ġbir tad-data dwar il-prevalenza u n-natura tal-vjolenza kontra n-nisa bħala bażi għal politiki robusti maħsuba biex jipprevjenu l-vjolenza u jaqdu l-ħtiġijiet tal-vittmi, inkluż l-ivvalutar tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-Vittmi (2012/29/UE) u l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni kontra l-fastidju sesswali; iqis li l-ġbir tad-data għandu jkompli jinbena fuq l-ewwel stħarriġ madwar l-UE kollha li twettaq mill-FRA, u għandu jkun ibbażat fuq il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea (inkluż l-Eurostat), il-FRA u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE); itenni t-talba lill-Kummissjoni li saret fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2014 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa biex tippreżenta proposta għal att li jistabbilixxi miżuri għall-promozzjoni u l-appoġġ għall-azzjoni tal-Istati Membri fil-qasam tal-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inkluża l-mutilazzjoni ġenitali femminili; u jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-2016 bħala sena tal-ġlieda lill-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet;

63. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri biex jiġġieldu u jressqu quddiem il-ġustizzja kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi inizzjattiva leġiżlattiva biex tipprojbixxi l-vjolenza kontra n-nisa fl-UE;

64. Jistieden lill-Kummissjoni tqajjem kuxjenza dwar il-ħtieġa li titrawwem kultura ta' rispett u tolleranza bil-għan li tintemm kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri jiggarantixxu l-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali li jirrigwardaw ir-rispett u s-salvagwardja tad-drittijiet u s-saħħa sesswali u riproduttiva tan-nisa; jinsisti fuq ir-rwol tal-Unjoni fis-sensibilizzazzjoni u l-promozzjoni tal-aħjar Prattiki fuq din il-kwistjoni, peress li s-saħħa hija dritt fundamentali tal-bniedem essenzjali għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-bniedem l-oħra.

65. Jinsab allarmat dwar il-fatt li n-nisa mhumieq rappreżentati biżżejjed fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, fil-kumpaniji u fil-bordijiet tad-diretturi tagħhom, fix-xjenza u fl-isfera politika, kemm fil-livell nazzjonali u kemm f'dak internazzjonali (kumpaniji kbar, elezzjonijiet nazzjonali u Ewropej) u, b'mod partikolari, fil-livell lokali; jappella sabiex in-nisa jiġu appoġġjati fl-iżvilupp professjonali tagħhom u fl-isforzi tagħhom biex jilħqu karigi eżekuttivi, u jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jagħtu aktar attenzjoni lill-fatt li 17,8 % biss tal-membri tal-bordijiet tal-ikbar kumpaniji kkwotati fil-Borża fl-UE huma nisa;

66. Jitlob għall-iżblokk tad-direttiva dwar il-liv tal-maternità fil-Kunsill, billi din il-leġiżlazzjoni se tippermetti ugwaljanza reali u konkreta bejn is-sessi, kif ukoll twassal għal armonizzazzjoni fil-livell tal-UE;

67. Jirrimarka li aktar minn nofs l-istudenti postgradwati kollha huma nisa, u li din id-data mhijiex riflessa fis-suq tax-xogħol, b'mod speċjali f'pożizzjonijiet għolja ta' teħid ta' deċiżjonijiet; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jieħdu kull pass meħtieġ biex jiżguraw parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol u jgħinu lin-nisa jidħlu f'karigi ta' livell għoli, u speċjalment jilħqu ftehim malajr kemm jista' jkun dwar proposta għal direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

fost id-diretturi mhux eżekuttivi tal-kumpaniji elenkati fil-boroż u miżuri relatati; jiddeplora l-fatt li fl-UE – meta t-tnejn jagħmlu xogħol ugwali – l-introjt tan-nisa għadu, bħala medja, 16 % inqas minn tal-irġiel; jistieden lill-UE għalhekk tkompli l-ħidma tagħha fl-iżgurar tal-ugwaljanza fis-salarji bejn in-nisa u l-irġiel skont l-Artikolu 157 tat-TFUE, fil-pensjonijiet u fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż f'pożizzjonijiet ta' maniġment superjuri; iqis li din l-azzjoni għandha tgħin biex issir il-ġlieda lill-faqar u biex jiġi żgurat li l-Ewropa qed tagħmel użu sħiħ mit-talenti kollu disponibbli; jiddeplora l-fatt li r-rata tal-qgħad tan-nisa għadu ogħla b'mod sinifikanti minn dak tal-irġiel, u jenfasizza li l-indipendenza finanzjarja tan-nisa għanduha tkun komponent tal-ġlieda kontra l-faqar;

68. Jistieden lill-Kummissjoni żżid il-monitoraġġ tar-rispett tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi fil-leġislazzjoni Ewropea; jistieden lill-Istati Membri jwettqu analiżi simili tal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom;

69. Jirrikonoxxi l-fatt li s-saħħa u d-drittijiet sesswali u riproduttivi (SDSR) huma drittijiet fundamentali u huma element essenzjali tad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-awtodeterminazzjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tinkludi l-SDSR, bħala drittijiet bażiċi tal-bniedem, fl-Istrateġija tal-UE dwar is-Saħħa li jmiss tagħha sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-politika interna u esterna tal-UE dwar id-drittijiet fundamentali kif mitlub mill-Parlament fl-10 ta' Marzu 2015;

70. Jirrikonoxxi l-fatt li ċ-ċaħda ta' abort li jsalva ħajja huwa ksur serju tad-drittijiet fundamentali;

71. Jistieden lill-Istati Membri, f'kollegament mal-Kummissjoni, jirrikonoxxu d-dritt tal-aċċess għall-kontraċettivi sikuri u moderni u l-edukazzjoni dwar is-sesswalità fl-iskejjel; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tikkomplementa l-politiki nazzjonali sabiex ittejjeb is-saħħa pubblika, filwaqt li żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bis-sħiħ;

Id-drittijiet tat-tfal

72. Jikkundanna bil-qawwa kwalunkwe forma ta' vjolenza kontra t-tfal u t-trattament ħażin tagħhom; jistieden lill-Istati Membri, bħala Stati Partijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, biex jieħdu miżuri adegwati sabiex it-tfal jitħarsu mill-forom kollha ta' vjolenza fiżika u psikoloġika, inklużi l-abbuż fiżiku u sesswali, iż-żwiġijiet furzati, it-tħaddim tat-tfal u l-isfruttament sesswali;

73. Jikkundanna bil-qawwa l-isfruttament sesswali tat-tfal, b'mod partikolari l-fenomenu dejjem jikber tal-pedopornografija fuq l-internet; iħeġġeġ lill-Unjoni u lill-Istati Membri jingħaqdu fl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu lil dawn il-vjolazzjonijiet serji tad-drittijiet tat-tfal u biex iqisu kif dovut ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2015 dwar l-abbuż sesswali tat-tfal online ⁽¹⁾; itenni t-talba tiegħu biex dawk l-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan jittrasponu d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija; jistieden, barra minn hekk, lill-Unjoni u lil dawk l-Istati Membri li għadhom m'għamlux dan biex jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Protezzjoni tat-Tfal kontra l-Isfruttament Sesswali u l-Abbuż Sesswali;

74. Jistieden lill-Istati Membri jimplementaw id-Direttiva 2011/93/UE dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u jsaħħu l-abilità ġuridika, il-kompetenzi tekniċi u r-riżorsi finanzjarji tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex iżidu l-koperazzjoni, inkluża dik mal-Europol, bil-għan li jinvestigaw u jżarmaw in-netwerks ta' trasgressuri sesswali kontra t-tfal b'mod aktar effikaċi, filwaqt illi jipprijoritizzaw id-drittijiet u s-sikurezza tat-tfal involuti;

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0070.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

75. Jenfasizza r-rwol tal-professjonisti li jaħdmu mat-tfal, bħalma huma l-għalliema, il-ħaddiema fil-qasam taż-żgħażaġh u l-pedjatriċi, fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' sinjali ta' vjolenza fiżika u psikoloġika kontra t-tfal, inkluż il-bullying fuq l-internet; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li professjonisti bħal dawn jiġu sensibilizzati, u jirċievu t-taħriġ, għal dan l-għan; barra minn hekk, jistieden lill-Istati Membri jstabbilixxu hotlines fejn it-tfal jistgħu jirrappurtaw kwalunkwe att ta' trattament ħażin, vjolenza sesswali, intimidazzjoni jew fastidju li titwettag kontribom;

76. Huwa tal-fehma li d-data personali tat-tfal li tinsab online għandha tiġi protetta kif dovut u li t-tfal jeħtieġ li jiġu informati, b'mezzi li jirrispettaw il-fatt li huma tfal, dwar ir-riskji u l-konsegwenzi li jeżistu meta jużaw id-data personali tagħhom online; jistieden lill-Istati Membri jvaraw kampanji ta' sensibilizzazzjoni fl-iskejjel; jisħaq fuq il-fatt li t-fassil online ta' profili tat-tfal għandu jiġi pprojbit;

77. Jikkundanna kull forma ta' diskriminazzjoni kontra t-tfal u jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu azzjoni magħquda biex tinqered għalkollox id-diskriminazzjoni kontra t-tfal; b'mod partikolari, jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni espliċitament iqisu lit-tfal bħala prijorità meta jkunu qed jipprogramaw u jimplimentaw il-politiki reġjonali u ta' koeżjoni;

78. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess effettiv għall-ġustizzja għat-tfal kollha, kemm jekk bħala persuni suspettati, awturi ta' reat, vittmi jew partijiet involuti fi proċedimenti; jafferma kemm hu importanti li jissaħħu s-salvagwardji proċedurali għat-tfal fi proċedimenti kriminali, b'mod partikolari fil-kuntest tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar direttiva dwar salvagwardji speċjali għal tfal issuspettati u akkużati fi proċedimenti kriminali;

79. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda fin-numru ta' każijiet ta' ħtif internazzjonali mill-ġenituri; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tar-rwol tal-Medjatur tal-Parlament Ewropew għall-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal mill-Ġenituri; jenfasizza l-importanza ta' approċċ tal-UE komuni għas-sejbien tat-tfal li jisfaw nieqsa fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni tal-pulizija u l-ġudikatura f'każijiet transfruntieri li jinvolvu t-tfal nieqsa u jiżviluppaw hotlines għat-tiftix tat-tfal nieqsa;

80. Ifakkar li l-aħjar interessi tat-tfal kif imsemmi fl-Artikolu 24 tal-Karta għandhom dejjem ikunu l-kunsiderazzjoni primarja f'kull politika u miżura adottata fir-rigward tat-tfal; ifakkar li d-dritt għall-edukazzjoni tid-disponi għalih il-Karta u li l-edukazzjoni hija essenzjali, mhux biss għall-benesseri tat-tfal u l-iżvilupp personali tagħhom iżda wkoll għall-futur tas-soċjetà; iqis l-edukazzjoni tat-tfal minn familji bi dħul baxx bħala prekondizzjoni essenzjali li tippermetti lit-tfal biex jaħarbu mill-faqar; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, jipromwovu edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd;

81. Jisħaq li l-interessi u d-drittijiet tat-tfal taċ-ċittadini tal-UE għandhom jiġu protetti kif xieraq, mhux biss fi ħdan l-Unjoni iżda wkoll lil hinn mill-fruntieri tagħha, u konsegwentement jitlob għal kooperazzjoni msaħħa mal-istituzzjonijiet responsabbli għall-benesseri tat-tfal fil-pajjiżi Nordiċi mhux membri tal-UE; iqis li s-sħab kollha tal-UE (inklużi l-membri taż-ŻEE) għandhom jirratifikaw il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 fuq il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal;

82. Jirrikonoxxi li l-kriżi finanzjarja u ekonomika kellha impatt negattiv serju fuq ir-realizzazzjoni tad-drittijiet tat-tfal u l-benesseri tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom fl-indirizzar determinat tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal permezz tal-implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "L-investment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ" permezz ta' strateġiji integrati li jappoġġaw l-aċċess għal riżorsi adegwati, li jippermettu aċċess għal servizzi ta' kwalità għall-but ta' kulħadd u li jipromwovu l-parteċipazzjoni tat-tfal fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jaffettwawhom; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri ulterjuri biex tiġi ssorveljata l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni;

83. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi suċċessur ambizzjuż u komprensiv għall-Aġenda tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal fl-2015; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-integrazzjoni effikaċi tad-drittijiet tat-tfal fil-leġiżlazzjoni, politiki u deċiżjonijiet finanzjarji kollha tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta kull sena dwar il-progress li jkun sar fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tat-tfal u l-implimentazzjoni sħiħa tal-acquis tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-mandat u r-riżorsi tal-koordinatur tad-drittijiet tat-tfal jirriflettu b'mod adegwat l-impenn tal-UE favur l-integrar sistematiku u effettiv tad-drittijiet tat-tfal; jistieden lill-Kummissjoni tadotta l-gwida tal-UE dwar is-sistemi integrati ta' protezzjoni tat-tfal li ġiet imħabbra;

84. Jilqa' t-tendenza li hemm lejn id-definizzjoni taż-żwieġ sfurzata bħala reat kriminali fl-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jkunu viġilanti u jipprovdu t-taħriġ u jqajmu l-kuxjenza tal-persunal li jiġi f'kuntatt mat-tfal, bhalmha huma l-għalliema jew il-ħaddiema fil-qasam taż-żgħażaġh, biex jagħtuhom dak li għandhom b'zonn biex jidentifikaw lit-tfal li jkunu jinsabu friskju li jinħatfu u jittieħdu lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom sabiex jiġu miżżewġa b'mod furzat;

Id-drittijiet tal-persuni LGBTI

85. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u vjolenza li jseħħu fit-territorju tal-UE kontra persuni lezjbani, gay, bisesswali, transġeneru u intersesswali, kif meġhuna minn liġijiet u politiki li jillimataw id-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTI; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jadottaw liġijiet u politiki biex jiġġieldu l-omofobija u t-transfobija; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tressaq pjan ta' azzjoni jew strateġija fil-livell tal-UE għall-ugwaljanza għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru, kif intalab ripetutamente mill-Parlament u kif imwiegħed mill-Kummissarju Jourová fil-proċess ta' seduti ta' smiġh tal-Kummissjoni; f'dan ir-rigward, ifakkar fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Frar 2014 dwar il-Pjan Direzzjonali tal-UE kontra l-omofobija u d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru jenfasizza, madankollu, li din il-politika komprensiva għandha tirrispetta l-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea, tal-aġenziji tagħha u tal-Istati Membri tagħha;

86. Iqis li huwa aktar probabbli li d-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTI jkunu salvagwardjati jekk ikollhom aċċess għal istituzzjonijiet ġuridiċi bħal ma huma l-koabitazzjoni, is-sħubija reġistrata jew iż-żwieġ; jilqa' l-fatt li 19-il Stat Membru attwalment joffru dawn l-għażliet, u jistieden lil Stati Membri oħra jikkunsidraw li jagħmlu dan huma wkoll; itenni, barra minn hekk, l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għal regolament ambizzjuż biex jiġi żgurat rikonoxximent reċiproku tad-dokumenti tal-istatus ċivili (inkluż rikonoxximent tas-sess legali, żwiġijiet u sħubijiet irregjstrati) u l-effetti ġuridiċi tagħhom, sabiex jitnaqqsu l-ostakoli ġuridiċi u amministrattivi diskriminatorji għaċ-ċittadini li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu;

87. Jistieden lill-Istati Membri jkunu viġilanti u sodi u jimponu pieni fuq persuni b'karigi pubbliċi li jinsultaw jew jistigmatizzaw lil persuni LGBTI f'forum pubbliku;

88. Ihegġegħ lill-Istati Membri tal-UE jappoġġaw lit-trejdjunjins u lill-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem fl-isforzi tagħhom biex jadottaw politiki tad-diversità u tan-nondiskriminazzjoni b'enfasi fuq persuni LGBTI;

89. Iqis li l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-proċeduri li jippermettu lill-persuni li jkunu biddlu s-sess biex il-ġeneru ġdid tagħhom jiġi rikonoxxut f'dokumenti uffiċjali; itenni l-kundanna tiegħu ta' kwalunkwe proċedura ta' rikonoxximent ġuridiku li timponi l-isterilizzazzjoni fuq il-persuni transġeneru;

90. Jiddeplora l-fatt li l-persuni transġeneru għadhom meqjusa bħala persuni morda mentalment fil-maġġoranza tal-Istati Membri, u jistieden lil dawn l-Istati Membri jagħmlu rieżami tal-katalgi nazzjonali tas-saħħa mentali, filwaqt li jiżguraw li l-kura medikament neċessarja tibqa' disponibbli għall-persuni transġeneru kollha;

91. Jilqa' l-inizjattiva li wriet il-Kummissjoni li tirsisti favur l-idea li l-identitajiet transġeneru ma jibqgħux jitqiesu bħala patoloġija fir-riżami tal-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Mard (ICD) tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa; jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi ħalli timpedixxi li l-varjanza tal-ġeneri fit-tfulija ssir dijanjosi ġdida tal-ICD;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

92. Jiddispijaċi ħafna li l-kirurġija ta' "normalizzazzjoni" tal-organi ġenitali tat-trabi intersesswali hija mifruxa, minkejja li mhijiex medikament meħtieġa; jilqa', f'dan ir-rigward, l-Att li adotta Malta dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess ta' April 2015, li jipprojbixxi li ssir tali kirurġija fuq it-trabi intersesswali u jsaħħaħ il-prinċipju tal-awtodeterminazzjoni għall-persuni intersesswali, u jistieden lil Stati oħra jsewju l-eżempju ta' Malta;

Id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità

93. Jiddeplora l-forom ta' diskriminazzjoni u esklużjoni li l-persuni b'diżabilità għadhom iġarrbu sal-ġurnata tal-lum; jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jimplementaw l-Istrateġija Ewropea tad-Diżabilità u jimmonitorjaw u japplikaw il-leġiżlazzjoni Ewropea rilevanti; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, terġa' tvara l-inizjattiva leġiżlattiva dwar Att dwar l-Aċċessibilità, fis-sura ta' strument orizzontali li jista' jżid il-protezzjoni mogħtija lill-persuni b'diżabilità u jiżgura l-konsistenza bejn il-politiki kollha tal-UE għal dan il-għan; jistieden ukoll lill-Kummissjoni timmassimizza s-sinerġiji bejn l-istrateġija tal-UE dwar id-diżabilità u d-dispożizzjonijiet tas-CEDAW u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal bil-għan li jiġi żgurat li d-drittijiet rikonoxxuti jkun sostantivament gawduti u effettivament eżerċitati, inkluż permezz tal-armonizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-qafas leġiżlattiv u permezz ta' azzjoni kulturali u politika;

94. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiggwida lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu tal-fondi Ewropej f'konformità mal-obbligi tal-UE skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tan-NU (UNCPRD) u tappoġġja u taħdem mill-qrib mal-NGOs u l-organizzazzjonijiet biex tiżgura l-implimentazzjoni korretta tal-Konvenzjoni; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jtejbu l-aċċess għall-impjegi u t-taħriġ għall-persuni b'diżabilità, inklużi l-persuni b'diżabilità psikosoċjali, u jappoġġaw il-kondizzjonijiet ta' għajxien indipendenti u l-programmi ta' deistituzzjonalizzazzjoni skont l-Artikolu 26 tal-Karta;

95. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi rrispettat id-dritt tal-persuni b'diżabilità għall-parteċipazzjoni politika fl-elezzjonijiet; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tinkludi valutazzjoni tal-kompatibbiltà mal-UNCPRD fir-rappurtar tagħha dwar l-implimentazzjoni tad-Direttivi tal-Kunsill 93/109/KE u 94/80/KE, li jstabbilixxu d-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u fl-elezzjonijiet municijali; jiddispijaċi għall-fatt li għadd kbir ta' persuni b'diżabilità fl-UE li jkun għew imċaħħda mill-kapaċità ġuridika tagħhom huma wkoll imċaħħda mid-dritt tal-vot; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jemendaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom bil-għan li ma jirtirawx sistematikament id-dritt tal-vot mingħand persuni b'diżabilità li jkun għew imċaħħda mill-kapaċità ġuridika tagħhom, iżda pjuttost li jwettqu analiżi ta' kull każ għalih u jipprovdu assistenza lill-persuni b'diżabilità matul il-proċeduri ta' votazzjoni;

96. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Ewropea mar-rekwiżiti tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità tan-NU u tevalwa kwalunkwe proposta futura fid-dawl ta' dik il-Konvenzjoni permezz tal-valutazzjonijiet ta' impatt tagħha;

97. Jikkundanna l-użu ta' forom ta' koerċizzjoni fiżika u farmakoloġika għal diżabilitajiet mentali u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jadottaw politiki ta' integrazzjoni soċjali;

98. Jiddeplora l-fatt li l-persuni b'diżabilità għadhom iħabbtu wiċċhom ma' ostakli fir-rigward tal-aċċess tagħhom għas-suq tal-prodotti u s-servizzi fi ħdan l-Unjoni; iqis li dawn l-ostakli huma ta' natura li jillimitaw il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà u jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet li huma jgawdu, b'mod partikolari, miċ-ċittadinanza Ewropea tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel progress rapidu fil-ħidma dwar l-aċċessibilità fl-Unjoni Ewropea b'tali mod li jkun jista' jiġi adotta att leġiżlattiv mingħajr dewmien;

99. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jinvolvu mill-qrib lill-persuni b'diżabilità, inkluż permezz tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet tagħhom, fil-proċessi ta' teħid ta' deċizzjonijiet fl-oqsma rispettivi ta' kompetenza tagħhom, skont l-Artikolu 4(3) tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità;

100. Jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE jiżguraw li l-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni fil-proċess ta' konsultazzjoni jiġu pubbliċizzati b'mod ċar u wiesa' bl-użu ta' komunikazzjonijiet aċċessibbli, li jkun jista' jingħata input f'formati oħra bħall-Braille jew Easy Read, u li s-seduti ta' smiġh pubbliku u l-laqqgħat li fihom jiġu diskussi l-liġijiet u l-politiki proposti għandhom isiru aċċessibbli;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

101. Jistieden lill-Kummissjoni tarmonizza l-ġbir tad-data dwar id-diżabilità permezz ta' stħarriġ soċjali tal-UE f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 31 tas-CRPD; jenfasizza li tali ġbir ta' data għandu juża metodoloġiji li huma inklużivi fir-rigward tal-persuni kollha b'diżabilità, inklużi dawk b'diżabilitajiet aktar gravi u dawk li jgħixu f'istituzzjonijiet;

Id-diskriminazzjoni minħabba l-età

102. Jiddeplora l-fatt li bosta anzjani jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni u ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom kull jum, b'mod partikolari fl-aċċess għal introjtu adegwat, impjegi, il-kura tas-saħħa u l-prodotti u s-servizzi meħtieġa; ifakkar li l-Artikolu 25 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tipproklama d-drittijiet li għandhom l-anzjani li jgħixu ħajja ta' dinjità u ta' indipendenza u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa Strateġija dwar it-Tibdil Demografiku biex iddaħħal fis-seħħ l-Artikolu 25 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

103. Jesprimi tħassib li l-moħqrija, in-negliġenża u l-abbuż tal-persuni mdaħħla fiż-żmien huma mifruxa ħafna fi ħdan l-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri għall-għlied kontra l-abbuż u l-forom kollha ta' vjolenza kontra l-anzjani u jippromwovu l-indipendenza tagħhom billi jappoġġjaw ir-rinnovazzjoni u l-aċċessibbiltà tad-djar; ifakkar li n-nisa anzjani aktar spiss jgħixu taħt is-soll tal-faqar minħabba d-differenza fil-pagi tal-irġiel u n-nisa u wara minħabba d-differenza fil-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa;

104. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw l-inklużjoni ta' ħaddiema aktar żgħażaġh, b'mod partikolari dawk affettwati mill-kriżi ekonomika, fis-suq tax-xogħol, inkluż permezz tal-organizzazzjoni u l-provvediment ta' taħriġ immirat lejn il-promozzjoni soċjali taż-żgħażaġh;

105. Jitlob li d-dinjità tan-nies tiġi rrispettata fl-aħħar tal-ħajja, b'mod partikolari billi jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet espressi f'testamenti bijoloġiċi jiġu rikonoxxuti u rrispettati;

106. Jesprimi tħassib li t-tnaqqis tal-Istati Membri fl-infiq pubbliku u fil-pensjonijiet qiegħed jikkontribwixxi bil-kbir għall-faqar fix-xjuħija billi jnaqqas id-dħul disponibbli tal-anzjani, u hekk jaggrava l-kundizzjonijiet ta' għajxien tagħhom, joħloq inugwaljanzi fl-affordabilità tas-servizzi u joħloq numru dejjem jikber ta' persuni anzjani bi dħul ftit aktar mis-soll tal-faqar.

Id-delitti ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda

107. Jiddeplora l-każijiet ta' diskors ta' mibegħda u d-delitti ta' mibegħda motivati mir-rażziżmu, mill-ksenofobija, mill-intolleranza reliġjuża, jew minn preġudizzji kontra d-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru ta' persuna, li jseħħu ta' kuljum fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jiproteġu d-drittijiet fundamentali u jippromwovu l-fehim, l-aċċettazzjoni u t-tolleranza bejn il-komunitajiet differenti fit-territorju tagħhom; jitlob lill-UE biex waqt it-tfassil tal-politiki Ewropej kontra d-diskriminazzjoni u fil-qasam tal-ġustizzja, il-għlied kontra d-delitti ta' mibegħda tagħmilha prijorità; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-għlied tagħhom kontra d-delitti ta' mibegħda u l-attitudnijiet u l-imġibiet diskriminatorja billi jiżviluppaw strateġija komprensiva għall-għlied kontra d-delitti ta' mibegħda, il-vjolenza li tirriżulta mill-preġudizzju u d-diskriminazzjoni;

108. Jinsab imħasseb dwar il-preżenza dejjem tikber ta' diskors ta' mibegħda fuq l-internet u jistieden lill-Istati Membri jstabilixxu proċedura sempliċi li tippermettu lill-membri tal-pubbliku jirrapportaw il-preżenza ta' kontenut ta' mibegħda fuq l-internet;

109. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-investigazzjonijiet u l-kundanni b'rabta ma' delitti ta' mibegħda fl-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri adegwati kollha biex iħeġġu r-rappurtar ta' delitti bħal dawn, inkluż billi jiżguraw protezzjoni adegwata, peress li mill-istħarriġ fuq skala kbira tagħha s-sejbiet tal-FRA urew b'mod konsistenti li l-vittmi tal-kriminalità qegħdin isibuha bi tqila biex jippreżentaw rwieħhom u jirrapportaw lill-pulizija;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

110. Jesprimi t-tħassib tiegħu li għadd ta' Stati Membri għadhom ma ttrasponewx b'mod korrett id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2008/913/ĠAI u jistieden lill-Istati Membri jittrasponu u jimplementaw bis-sħiħ l-istandards tal-UE u jiżguraw l-infurzar ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkastiga l-forom kollha ta' delitti ta' mibegħda, tixwix għall-mibegħda u l-fastidju, u li sistematikament jiskattaw il-prosekuzzjoni ta' dawk i-reati kriminali; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja t-traspożizzjoni korretta tad-Deċiżjoni Qafas u tvara proċeduri ta' ksur kontra dawk l-Istati Membri li jonqsu milli jittrasponuha; jitlob, barra minn hekk, li jsir rieżami tad-Deċiżjoni Qafas bil-għan li din tkopri b'mod sħiħ il-forom kollha ta' delitti ta' mibegħda u ta' delitti mwettqa bi preġudizzju jew b'motiv diskriminatorju, u tiddefinixxi b'mod ċar standards konsistenti ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni;

111. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja programmi ta' taħriġ għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji, u għall-aġenzji rilevanti tal-UE, fil-prevenzjoni u l-indirizzar deċiżiv tal-prattiki diskriminatorji u d-delitti ta' mibegħd; jistieden lill-Istati Membri jaġhtu lill-awtoritajiet responsabbli għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni għodda u ħliet prattiċi biex ikunu jistgħu jidentifikaw u jittrattaw offiżi koperti mid-Deċiżjoni Qafas, u biex ikunu jistgħu jinteraġixxu u jikkomunikaw mal-vittmi;

112. Josserva bi tħassib il-preżenza dejjem tikber ta' partiti politiċi li jsejsu l-programmi politiċi tagħhom fuq l-esklużjoni abbażi tal-etniċità, l-orjentazzjoni sesswali u r-reliġjon;

113. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar iż-żieda fit-trivjalizzazzjoni tal-atti u d-diskors razzisti u ksenofobiċi minħabba l-presenza li qed issir dejjem aktar viżibbli fl-isfera pubblika ta' gruppi razzisti u ksenofobiċi, li f'tit minnhom kisbu jew qed ifittxu li jiksbu l-istatus ta' partit politiku;

114. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-qawmien ta' partiti politiċi li qegħdin jużaw il-kriżi ekonomika u soċjali attwali biex jiġġustifikaw il-messaġġ razzist, xenofobiku u anti-l-islamiku tagħhom;

115. Jikkundanna bil-qawwa l-prattiki ta' intimidazzjoni u persekuzzjoni tal-minoranzi, partikolarment ir-Rom u l-migranti, minn gruppi paramilitari, li xi wħud minnhom huma direttament assoċjati ma' partit politiku; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprojbixxu bħala illegali u jissanzjonaw tali prattiki;

Il-persuni mingħajr dar

116. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-numru ta' persuni li tilfu darhom b'riżultat tal-kriżi ekonomika; hu tal-fehma li l-persuni mingħajr dar għandhom jibqgħu jinżammu integrati fi ħdan is-soċjetà, u li għandhom jiġu kkumbattuti l-iżolament u l-emarġinazzjoni tagħhom; għal dak il-għan, jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki ambizzjużi sabiex jgħinu lil dawn il-persuni; jenfasizza li l-persuni mingħajr dar huma persuni vulnerabbli u jtenni l-istedina tiegħu lill-Istati Membri sabiex jastjenu milli jistigmatizzawhom bħala delinkwenti; jistieden lill-Istati Membri jabolixxu kull liġi jew politika li ttipprezentahom bħala tali; jistieden lill-Istati Membri jfasslu strateġiji nazzjonali li jimmiraw li jiġġieldu lill-fenomeni tal-persuni mingħajr dar fit-territorju tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-Istati Membri fil-missjoni tagħhom biex jiġġieldu l-fenomeni ta' persuni mingħajr dar billi jiffaċilitaw l-iskambju tal-aqwa Prattika u l-ġbir ta' data preċiża; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Istati Membri li jirriżulta minħabba l-fatt li persuna ssib ruħha mingħajr saqaf fuq rasha; jenfasizza li d-dritt għall-għajnuna għall-akkomodazzjoni għall-persuni l-aktar fil-bżonn jinsab innaqqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

Id-drittijiet tal-migranti u tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali

117. Jikkundanna l-fatt li għadd kbir ta' persuni li jfittxu l-asil u migranti li qed ifittxu li jidħlu l-Unjoni Ewropea għadhom qed imutu fil-Mediterran, u r-rwol li jwettqu l-kuntrabandisti u t-traffikanti, li jċaħdu lill-migranti mid-drittijiet fundamentali tagħhom; jirrimarka li l-UE u l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri drastiċi u obbligatorji biex jipprevjenu li jseħħu aktar traġedji fuq il-baħar; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jstabilixxu s-solidarjetà u r-rispett għad-drittijiet fundamentali tal-migranti u ta' dawk li qed ifittxu l-asil fil-qalba tal-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni, u b'mod partikolari:

— jenfasizza l-hteġa li d-drittijiet fundamentali jiġu integrati f'kull aspett tal-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni, u li ssir valutazzjoni fil-fond tal-impatt li għandhom fuq id-drittijiet fundamentali tal-migranti l-miżuri u mekkaniżmi kollha li jirrigwardaw il-migrazzjoni, l-asil u l-kontroll tal-fruntieri; b'mod partikolari, jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw id-drittijiet tal-migranti vulnerabbli;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- jissottolinja l-ħtieġa ta' approċċ tal-UE olistiku li jkun isaħħaħ il-koerenza tal-politiki interni u esterni tal-UE; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jpoġġu r-rispett lejn id-drittijiet tal-migranti fiċ-ċentru ta' kull ftehim ta' kooperazzjoni bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi terzi, inklużi l-ftehimiet ta' riammissjoni, is-sħubijiet għall-mobilità u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni teknika.
- ifakkar lill-Istati Membri fl-obbligu internazzjonali tagħhom li jgħinu lin-nies li jinsabu f'diffikultà fuq il-baħar;
- jitlob lill-Istati Membri jemendaw jew jeżaminaw mill-ġdid kwalunkwe leġiżlazzjoni li tippenalizza lin-nies li jassistu lill-migranti li jsibu ruħhom f'diffikultà fuq il-baħar;
- jissottolinja d-dritt fundamentali li persuna titlob l-asil; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jiftħu u jallokaw riżorsi biżżejjed biex jinħolqu possibilitajiet u mezzi sikuri u legali biex il-persuni li jfittxu l-asil jidħlu fl-Unjoni Ewropea, sabiex jitnaqqsu r-riskji inerenti meta jippruvaw jidħlu b'mod illegali u jiġu kkumbattuti n-netwerks tat-traffikar u l-kuntrabandu tal-bnedmin li japprofitaw mill-fatt li jipperikolaw il-ħajja tal-migranti u mill-isfruttament sesswali u tax-xogħol tagħhom;
- jistieden lill-Istati Membri kollha jipparteċipaw fi programmi ta' risistemazzjoni tal-UE, u jinkoraġġixxi l-użu ta' viżi umanitarji;
- iħeġġeġ lill-Istati Membri jiggarantixxu kundizzjonijiet ta' akkoljenza diċenti li jkunu jirrispettaw id-drittijiet fundamentali eżistenti u l-leġiżlazzjoni dwar l-asil, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-persuni vulnerabbli u lit-tnaqqis tar-riskju ta' esklużjoni soċjali ta' dawk li jfittxu l-asil; jistieden lill-Kummissjoni timmoniterja l-implimentazzjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA), u b'mod partikolari tad-Direttiva 2013/32/UE, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari lil dawk li jfittxu l-asil li jkunu jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali;
- jitlob li tiġi stabbilita sistema tal-asil tal-UE effettiva u armonizzata għad-distribuzzjoni ġusta ta' dawk li jfittxu l-asil bejn l-Istati Membri;
- jiddeplora l-inċidenti rrapportati ta' respinġiment vjolenti fil-fruntieri tal-UE; ifakkar lill-Istati Membri fl-obbligu tagħhom li jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement kif rikonoxxut mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra u mill-QEDB u fil-projbizzjoni tat-tkeċċijiet kollettivi skont l-Artikolu 19 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; jistieden lill-Kummissjoni, lill-aġenziji tagħha u lill-Istati Membri jiżguraw ir-rispett għal dawn u għal obbligi oħra internazzjonali u tal-UE;

118. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jadottaw il-leġiżlazzjonijiet meħtieġa sabiex jimplimentaw il-prinċipju ta' solidarjetà kif jissemma fl-Artikolu 80 tat-TFUE;

119. Jikkundanna bil-qawwa l-protezzjoni tas-sigurtà fil-fruntieri tal-UE, li issa xi drabi saħansitra tieħu s-sura ta' kostruzzjoni ta' ħitan u wajer imxewwek, u n-nuqqas ta' mezzi legali għad-dħul fl-Unjoni Ewropea, li b'konsegwenza jwasslu biex bosta applikanti għall-asil u migranti jsibu ruħhom obbligati li jużaw mezzi dejjem iktar perikolużi, sitwazzjoni li tħallihom jafdaw ruħhom fidejn kuntrabandisti u traffikanti tal-bnedmin;

120. Jitlob li jsiru kontrolli fuq il-fruntieri li jkunu sensitivi għad-drittijiet fundamentali, u jenfasizza l-ħtieġa ta' sorveljanza demokratika mill-Parlament fuq l-operazzjonijiet tal-Frontex;

121. Jitlob li jiġu sospiżi l-attivitajiet kollha identifikati bħala li jiksru d-drittijiet fundamentali kif meħtieġ mil-liġi tal-UE jew mill-mandat tal-Frontex;

122. Jenfasizza l-impatt negattiv li għandu r-Regolament ta' Dublin fuq l-aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali fin-nuqqas ta' sistema ta' asil Ewropea komuni ġenwina, partikolarment fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QtĠ u l-QEDB; jikkundanna l-fatt li r-reviżjoni tar-regolament ma wasslitx għas-sospensjoni ta' dan ir-regolament, jew tal-anqas għall-abolizzjoni tar-ritorn lejn l-ewwel pajjiż ta' dħul fl-UE, u n-nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-Kummissjoni u l-Istati Membri fuq alternattiva possibbli bbażata fuq is-solidarjetà bejn l-Istati Membri;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

123. Jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u tal-Membri tal-Familji tagħhom;

124. Jikkundanna r-rikors indiskriminat għad-detenzjoni illegali tal-migranti irregolari, inklużi dawk li jfittxu l-asil, il-minorenni mhux akkumpanjati u l-persuni apolidi; jitlob lill-Istati Membri jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tad-“Direttiva dwar ir-Ritorn”, inkluż ir-rispett lejn id-dritt għad-dinjità u lejn il-prinċipju tal-aħjar interess tat-tfal, u li jirrispettaw id-dritt internazzjonali u dak tal-UE; ifakkar li d-detenzjoni tal-migranti għandha tibqa' miżura tal-aħjar għażla u jħeġġeġ lill-Istati Membri jimplementa miżuri alternattivi; jikkundanna l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni skandalużi li hemm f'xi Stati Membri u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tindirizzahom mingħajr dewmien; itenni l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-migranti irregolari jingħataw id-dritt għal rimedju effettiv f'każ ta' ksur tad-drittijiet tagħhom;

125. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex tingħata l-informazzjoni u tiġi żgurata t-trasparenza rigward id-detenzjoni tal-migranti u l-applikanti għall-asil f'bosta Stati Membri, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 sabiex ikun jinkludi d-data statistika dwar il-funzjonament tas-sistemi u l-installazzjonijiet ta' detenzjoni;

126. Jenfasizza l-importanza ta' kontroll demokratiku ta' kull forma ta' każha tal-libertà skont il-liġijiet dwar l-immigrazzjoni u l-asil; jistieden lill-Membri tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali jżuru regolarment iċ-ċentri ta' akkoljenza u ta' detenzjoni għall-migranti u għal dawk li jfittxu l-asil, u jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiffaċilitaw l-aċċess għal dawn iċ-ċentri għall-NGOs u l-ġurnalisti;

127. Jitlob monitoraġġ aktar mill-qrib tal-funzjonament taċ-ċentri ta' akkoljenza u ta' detenzjoni tal-migranti, tat-trattament li jingħata lill-migranti u tal-proċeduri applikati mill-Istati Membri fil-għoti tal-asil; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-hekk imsejħa “proċeduri ta' espulsjoni ħabta u sabta” u l-inċidenti vjolenti li jseħħu f'diversi żoni “jaħarqu” fin-Nofsinhar tal-Ewropa, li jiġġustifikaw li l-Kummissjoni tvara b'mod urġenti f'dan il-qafas djalogu politiku mal-pajjiżi li jwettqu dawn il-prattiki bil-għan li jiġi rrispettat l-istat tad-dritt.

128. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jstabilixxu miżuri konkreti u l-aħjar Prattiki mmirati biex jippromwov u t-trattament ugwali u l-inklużjoni soċjali sabiex tittejjeb l-integrazzjoni tal-migranti fis-soċjetà; ifakkar f'dan ir-rigward li huwa essenzjali li ssir ġlieda kontra l-isterjotipi negattivi u l-informazzjoni żbaljata dwar il-migranti billi jiġu żviluppati kontronarrattivi, primarjament fl-iskejjel u diretti lejn iż-żgħażaġh, biex jissaħħaħ l-impatt pożittiv tal-migrazzjoni;

129. Jikkunsidra li t-tfal migranti huma partikolarment vulnerabbli, speċjalment meta ma jkunux akkumpanjati; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jimplementaw ir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Settembru 2013 dwar is-sitwazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jimplementaw bis-sħiħ il-pakkett Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) sabiex itejbu l-kundizzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjati fl-UE; jilqa' s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-648/11, li ddikjarat li l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-asil magħmula fiktur minn Stat Membru wieħed minn minorenni mhux akkumpanjat huwa dak l-Istat li fih il-minuri jkun jinsab wara li jkun ippreżenta l-applikazzjoni hemmhekk; ifakkar li minorenni mhux akkumpanjati huma fuq kollox tfal u li hija l-protezzjoni tat-tfal, aktar milli l-politiki tal-immigrazzjoni, li trid tkun il-prinċipju ewlieni għall-Istati Membri u l-UE meta jkunu qed jittrattaw magħhom;

130. Jitlob li ssir valutazzjoni dwar kif jiġu użati l-fondi allokat u użati għall-affarijiet interni, b'mod partikolari l-fondi mogħtija għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil; jistieden lill-UE tieħu azzjoni jekk jirriżulta li l-fondi ntużaw għal attivitajiet li ma jirrispettawx id-drittijiet fundamentali;

131. Jitlob li tingħata assistenza lill-Istati Membri li jinsabu mal-fruntieri esterni tal-Unjoni sabiex tgħinjom jindirizzaw il-lakuni sistematiki fil-kundizzjonijiet tal-akkoljenza u l-proċeduri tal-asil, li ggravaw minħabba ż-żieda fin-numru ta' applikanti għall-asil;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

132. Jistieden lill-Unjoni Ewropea tigarantixxi r-responsabbiltà tal-aġenti tagħha għal kwalunkwe ksur tad-drittijiet fundamentali li jistgħu jitwettqu minnhom; b'mod partikolari, jitlob li jiġi żgurat li tinfetaħ inkjesta, wara li saru allegazzjonijiet li jindikaw li twettaq ksur fil-kuntest tal-operazzjonijiet ikkoordinati mill-Aġenzija Frontex, u li se jiġu adottati miżuri adegwati, ta' natura dixiplinari jew ta' natura oħra, fil-konfront ta' dawk li jirriżultaw li wettqu dan il-ksur; għal dak il-għan jitlob għall-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' rikors intern fi ħdan il-Frontex, kif mitlub mill-Ombudsman Ewropew fil-kuntest tal-inkjesta tiegħu fil-Kawża Nru OI/5/2012/BEH-MHZ u li l-konklużjonijiet tal-inkjesti mwettqa abbażi tal-allegazzjonijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem isiru pubbliċi; jitlob, barra minn hekk, li l-operazzjonijiet tal-Frontex jiġu sospiżi jekk twettaq ksur tad-drittijiet fundamentali waqt tali operazzjonijiet, kif jiddisponi l-Artikolu 3(1) (a) tar-Regolament (UE) Nru 1168/2011;

133. Jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw mingħajr aktar dewmien il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin;

134. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li n-nisa li jkunu vittmi ta' persekuzzjoni sessista ikollhom aċċess ġenwin għall-protezzjoni internazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jsewgu l-linji gwida tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2003/86/KE dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja, inklużi l-ħruġ fil-pront ta' permess ta' residenza validu fih innifsu għall-membri tal-familja li jkunu daħlu għal raġunijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja meta jkun hemm ċirkostanzi partikolarment diffiċli, bħall-vjolenza domestika;

135. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-asil tqis il-vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali bħala persuni vulnerabbli u tinkludi l-mutilazzjoni ġenitali fost il-kriterji li għandhom jitqiesu meta jkun qed jintalab asil; jistieden lill-Istati Membri sabiex iħarrġu lill-professjonisti li huma f'kuntatt mal-migranti biex jidentifikaw in-nisa u l-bniet li huma suxxettibbli li jiġu ssuġġettati għall-mutilazzjoni ġenitali fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom;

136. Jenfasizza li d-dritt għal-libertà ta' moviment u ta' residenza taċ-ċittadini Ewropej u l-familji tagħhom stabbilit fit-Trattati u ggarantiti mid-Direttiva 2004/38/KE dwar il-moviment liberu huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali l-aktar konkreti taċ-ċittadini Ewropej; jikkundanna kwalunkwe tentattiv ta' rieżami ta' dan l-acquis, b'mod partikolari l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli tal-fruntieri ta' Schengen barra l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, u jitlob li kwalunkwe ksur tar-regoli jirriżulta fil-ftuħ ta' proċedimenti legali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ix-xejra li kulma jmur qed tikber tat-tkeċċijiet ta' malajr ta' ċittadini tal-UE mill-Istati Membri ta' residenza tagħhom wara li jkunu tilfu l-impjieġ u l-introjt tagħhom bi ksur tal-qafas eżistenti; iqis li dan imur kontra l-ispirtu tal-moviment liberu;

Is-solidarjetà fil-kriżi ekonomika

137. Jiddeplora l-mod li bih il-kriżi finanzjarja, ekonomika u tad-dejn sovrani, flimkien mar-restrizzjonijiet baġitarji imposti, affettwat b'mod negattiv id-drittijiet ekonomiċi, ċivili, soċjali u kulturali, li ta' spiss jirriżultaw f'żieda fil-qgħad, faqar, u kondizzjonijiet ta' xogħol u ta' għajxien prekarji, kif ukoll f'esklużjoni u iżolament, partikolarment fl-Istati Membri li fihom ġew adottati programmi ta' aġġustament ekonomiku, u jenfasizza li nota riċenti tal-Eurostat tindika li persuna Ewropea minn kull erbġħa issa tinsab fir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali;

138. Jinnota li l-kriżi ekonomika u l-miżuri implimentati biex jindirizzawha affettwaw id-dritt ta' aċċess għall-ħtiġijiet bażiċi bħalma huma l-edukazzjoni, l-abitazzjoni, il-kura tas-saħħa u s-sigurtà soċjali, kif ukoll li kellhom impatt negattiv fuq il-kondizzjoni tas-saħħa ġenerali tal-popolazzjoni f'xi Stati Membri; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi rrispettat id-dritt għall-protezzjoni kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali kif iddikjarat fl-Artikolu 30 tal-Karta Soċjali Ewropea; jistieden lill-Istati Membri kollha jintroduċu miżuri ta' appoġġ, skont il-prattiki nazzjonali, biex jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom kondizzjonijiet ta' għajxien diċenti u biex jiġġieldu lill-esklużjoni soċjali;

139. Jenfasizza li l-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll l-Istati Membri li jimplimentaw riformi strutturali fis-sistemi soċjali u ekonomiċi tagħhom, dejjem huma fl-obbligu li josservaw il-Karta u l-obbligi internazzjonali tagħhom, u huma għalhekk fl-obbligu li jagħtu rendikont għad-deċiżjonijiet meħuda; itenni t-talba tiegħu biex il-programmi ta' aġġustament ekonomiku jiġu allinjati mal-oġettivi tal-Unjoni spjegati fl-Artikolu 151 tat-TFUE, inklużi l-promozzjoni tal-impjieġi u t-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol; itenni l-ħtieġa li jiġi żgurat li jkun hemm sorveljanza demokratika sħiħa permezz tal-involvement effettiv tal-parlamenti fuq il-miżuri meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri b'reazzjoni għall-kriżi;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

140. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jinvestigaw b'mod sensitiv għall-ġeneri, l-impatt li għandhom fuq id-drittijiet fundamentali l-miżuri ta' awsterità, proposti jew implimentati, filwaqt li jqisu l-impatt sproporzjonat tal-miżuri ta' awsterità fuq in-nisa; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu azzjoni rimedjali immedjata fejn il-miżuri ta' awsterità jkunu ħallew impatt negattiv fuq id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali tan-nisa;

141. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jeżaminaw l-impatt fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, inklużi d-drittijiet soċjali u tal-ħaddiema, tal-miżuri proposti jew implimentati biex jittrattaw il-kriżi u jieħdu azzjoni ta' rimedju jekk ikun meħtieġ jekk jirriżulta li hemm sitwazzjonijiet ta' rigressjoni fil-protezzjoni tad-drittijiet jew ta' ksur tad-dritt internazzjonali, inklużi l-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-ILO;

142. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri, meta jkunu qed jadottaw u jimplimentaw miżuri korrettivi u tnaqqis fil-baġit, iwettqu valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali u jiggarantixxu li jkunu għadhom qed isiru disponibbli biżżejjed riżorsi biex jiġi salvagwardjat ir-rispett għad-drittijiet fundamentali u biex jiġu żgurati livelli essenzjali minimi ta' drittijiet ċivili, ekonomiċi, kulturali u soċjali, b'attenzjoni speċjali għall-gruppi l-aktar vulnerabbli u soċjalment żvantaġġjati;

143. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri jirrikonoxxu li l-investment fit-tul fl-inklużjoni soċjali huwa ta' benefiċċju, peress li jindirizza l-kost għoli tad-diskriminazzjoni u l-inugwaljanza; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu investment pubbliku xieraq biex isostnu l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa u jiżguraw li l-aċċess għall-ġustizzja u r-rimedju f'każijiet ta' diskriminazzjoni ma jitqiegħdux f'periklu bit-tnaqqis drastiku tal-finanzjament fil-baġits tal-korpi tal-ugwaljanza; jistieden lill-UE u l-istituzzjonijiet nazzjonali ma jimminawx l-inklużjoni soċjali b'miżuri baġitarji li jaffettwaw il-funzjonament tal-organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità li jaħdmu favur l-ugwaljanza;

144. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tipproponi l-adeżjoni mal-Karta Soċjali Ewropea, bil-għan li ssalvagwardja b'mod effettiv id-drittijiet soċjali taċ-ċittadini Ewropej; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-estensjoni tad-drittijiet soċjali fil-Karta tal-UE għal drittijiet soċjali oħra msemmija fil-Karta Soċjali riveduta tal-Kunsill tal-Ewropa bħal ma huma d-dritt għax-xogħol, id-dritt għal remunerazzjoni ġusta, id-dritt għall-protezzjoni mill-faqar u l-esklużjoni soċjali;

Il-kriminalità u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni

145. Itenni li l-kriminalità tal-korruzzjoni, b'mod partikolari l-kriminalità organizzata, tirrappreżenta ksur serju tad-drittijiet fundamentali u theddida għad-demokrazzja u l-istat tad-dritt; jenfasizza li l-korruzzjoni, billi tiżvija l-fondi pubbliċi mill-għanijiet ta' utilità pubblika li għalihom huma ddestinati, tnaqqas il-livell u l-kwalità tas-servizzi pubbliċi, u b'hekk tagħmel ħsara serja lit-trattament ġust taċ-ċittadini kollha; iħeġġeġ lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej jiżviluppaw strumenti effikaċi għall-prevenzjoni, il-ġlieda u s-sanzjonijiet kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità u jkomplu jimmonitorja b'mod regolari l-użu li jsir tal-fondi pubbliċi, kemm jekk huma Ewropej u kemm jekk nazzjonali; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet jaġevolaw, mill-aktar fis possibbli, it-twaqqif tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ewropew, u b'hekk jipprovdu garanziji adegwati ta' indipendenza u effiċjenza;

146. Jenfasizza li l-korruzzjoni tirrappreżenta ksur serju tad-drittijiet fundamentali; jistieden lill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet jiżviluppaw strumenti effikaċi għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u regolarment jivverifikaw l-użu tal-fondi pubbliċi, kemm jekk huma Ewropej u kemm jekk nazzjonali; jenfasizza li aktar trasparenza u aċċess għad-dokumenti pubbliċi miċ-ċittadini u l-ġurnalisti huwa mod effiċjenti biex tinkixef u tiġi miġġielda l-korruzzjoni;

147. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea tadotta strateġija ta' kontra l-korruzzjoni li tkun ikkumplementata minn strumenti effettivi; jistieden lill-Istati Membri kollha u lill-UE jissieħbu fis-Sħubija ta' Gvern Miftuħ u jiżviluppaw strateġiji konkreti biex jippromwovu t-trasparenza, jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini u jiġġieldu lill-korruzzjoni; jistieden lill-Istati Membri

jagħtu segwitu lir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport dwar il-Ġlieda lill-Korruzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea u lir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar "il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu ⁽¹⁾", u jsaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

148. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jintensifikaw il-ġlieda tagħhom kontra kull tip ta' kriminalità organizzata serja inkluż it-traffikar tal-bnedmin, l-abbuż u l-isfruttament sesswali, it-tortura u x-xogħol sfurzat, b'mod partikolari dawk li jinvolvu n-nisa u t-tfal;

149. Jistieden lill-Kummissjoni tid-disponi għar-reati biex topponi r-reati ambjentali mwettqa minn persuni individwali jew gruppi kriminali organizzati li għandhom impatt fuq id-drittijiet tal-bnedmin – id-dritt għas-saħħa, għall-ħajja u għat-tgawdija ta' ambjent b'saħħtu – kif ukoll fuq l-ekonomija u fuq l-użu tar-riżorsi pubbliċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni teżamina l-implimentazzjoni effettiva fl-UE tad-dritt tal-aċċess għall-ġustizzja fil-kuntest tad-dritt li għandha kull persuna tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri li tgħix f'ambjent li jwassal għas-saħħa u l-benesseri tagħha;

150. Jipproponi l-varar ta' kodiċi Ewropew ta' prevenzjoni tal-korruzzjoni u sistema trasparenti ta' indikaturi rigward il-livelli ta' korruzzjoni fl-Istati Membri u l-progress li jsir fil-qirda tal-korruzzjoni, kif ukoll rapport komparattiv annwali dwar l-istat ta' din il-pjaga fuq livell Ewropew;

151. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jtemmu l-kompetizzjoni fiskali u b'mod effettiv jiġġieldu lill-prattiki ta' tassazzjoni dannużi, u lill-evazzjoni u l-evitar tat-taxxa fl-UE, li jdgħajfu l-kapaċità tal-Istati Membri li jisfruttaw għall-massimu r-riżorsi disponibbli tagħhom sabiex iwettqu bis-sħiħ id-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali;

152. Jikkundanna l-fenomeni li qed jikber tat-traffikar tal-bnedmin, speċjalment għall-isfruttament sesswali, u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jieħdu miżuri, skont id-direttiva tal-UE, biex jiġġieldu lid-domanda għall-isfruttament li qed taggrava t-traffikar fil-forom kollha tiegħu;

Il-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet u istituzzjonijiet oħra ta' detenzjoni

153. Jenfasizza li d-drittijiet fundamentali tal-ħabsin għandhom jiġu ggarantiti mill-awtoritajiet nazzjonali; jiddeplora l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet u f'istituzzjonijiet oħra ta' detenzjoni ta' bosta Stati Membri fosthom il-problemi tal-popolazzjoni eċċessiva fil-ħabsijiet u t-trattament ħażin tal-ħabsin; iqis li hija indispensabbli l-adozzjoni, min-naħa tal-UE, ta' strument li jggarantixxi l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament u Pieni Inumani jew Degradanti (CPT) u tas-sentenzi tal-QEDB;

154. Ifakkar li l-abbuż tal-miżuri ta' kustodja jwassal għall-iffullar fil-ħabsijiet fl-Ewropa kollha, sitwazzjoni li tikser id-drittijiet fundamentali tal-individwi u tikkomprometti l-fiduċja reċiproka meħtieġa biex tinfed il-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Ewropa; jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li l-Istati Membri jonoraw l-impenji li hađu fil-fora internazzjonali u Ewropej li se jagħmlu użu aktar frekwenti ta' miżuri ta' probazzjoni u sanzjonijiet li joffru alternattiva għall-priġunerija, u li se jagħmlu r-reintegrazzjoni soċjali l-għan aħħari ta' perjodu ta' kustodja; jitlob, għalhekk, lill-Istati Membri jadottaw strateġiji biex jipromwovu t-taħriġ u l-impjeg tal-persuni li qed iservu sentenzi ta' ħabs;

155. Itenni r-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni magħmula fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Frar 2014 dwar ir-rieżami tal-Mandat ta' Arrest Ewropew ⁽²⁾, b'mod partikolari fir-rigward tal-introduzzjoni ta' verifika tal-proporzjonalità u l-eċċezzjoni li ttrigwarda d-drittijiet fundamentali fil-Mandat ta' Arrest Ewropew jew miżuri ta' rikonoxximent reċiproku b'mod aktar ġenerali;

156. Jiddispaċiħ li t-tliet deċiżjonijiet qafas li jkopru t-trasferiment ta' priġunieri, il-probazzjoni u sanzjonijiet alternattivi u l-Ordni ta' Superviżjoni Ġudizzjarja, li għandhom potenzjal kbir biex inaqqsu l-iffullar fil-ħabsijiet, ġew implimentati biss minn ftit Stati Membri;

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0444.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0174.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

157. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-impatt tal-politiki ta' detenzjoni u tas-sistemi tal-ġustizzja kriminali fuq it-tfal; jirrimarka li madwar l-UE kollha d-drittijiet tat-tfal huma direttament affettwati fil-każ ta' tfal li jgħixu fil-faċilitajiet ta' detenzjoni mal-ġenituri tagħhom; jenfasizza l-fatt li kull sena huwa stmat li madwar 800 000 tifel u tifla fl-UE jiġu separati minn ġenitur li jkun il-ħabs, ħaġa li tħalli impatt fuq id-drittijiet tat-tfal b'modi multipli;

Il-ġustizzja

158. Jirrimarka li l-iżvilupp ta' spazju Ewropew ta' ġustizzja bbażat fuq ir-rikonoxximent reċiproku u s-salvagwardji ġuridiċi, li b'hekk jarmonizza s-sistemi tal-ġustizzja differenti tal-Istati Membri, b'mod speċjali f'materji kriminali, għandu jibqa' fost il-prijoritajiet għoljin tal-Istituzzjonijiet Ewropej għall-Aġenda tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja għall-2020; iqis li l-applikazzjoni effettiva tal-Karta u tal-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE dwar id-drittijiet fundamentali hija kruċjali għall-fiduċja taċ-ċittadini fil-funzjonament tajjeb tal-ispazju Ewropew ta' ġustizzja;

159. Jirrimarka li d-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja u għal tribunal indipendenti u imparzjali huwa indispensabbli għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, li huma effettivi biss jekk ikunu ġudikabbli, għad-demokrazzja u l-istat tad-dritt; itenni l-importanza li jiġi żgurat li kemm is-sistemi tal-ġustizzja ċivili u kemm dik tal-ġustizzja kriminali huma effiċjenti u li l-indipendenza tal-ġudikatura tkun iggarantita;

160. Jilqa' l-portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika, li hu operat mill-Kummissjoni u jipprovi lill-professjonisti u lill-pubbliku informazzjoni dwar sistemi tal-ġustizzja u huwa għodda Prattika biex jittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja, b'taqsimha separata dwar id-drittijiet fundamentali li tfittex li tinforma liċ-ċittadini dwar għand min għandhom imorru f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom;

161. Jilqa' l-passi li diġà ttieħdu fuq livell Ewropew biex jiġu armonizzati s-salvagwardji tal-Istati Membri fi proċedimenti kriminali u l-benefiċċji tagħhom għaċ-ċittadini; itenni l-importanza tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet proċedurali li tkun konformi mal-ogħla standard ta' protezzjoni mnaqqax fil-Karta, fit-trattati internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u fil-liġi konstituzzjonali tal-Istati Membri;

162. Jiddeplora n-nuqqas ta' aċċess għall-għajjuna legali f'ħafna Stati Membri u l-fatt li dan ixekkel id-dritt ta' aċċess għall-ġustizzja għal dawk li m'għandhomx mezzi finanzjarji biżżejjed; iqis li huwa essenzjali li l-UE tadotta direttiva qawwija u komprensiva dwar l-aċċess għall-għajjuna legali;

163. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri jiddisponu għal miżuri li jappoġġjaw u jiproteġu lill-informaturi li jiddenunzjaw azzjonijiet illegali;

Iċ-ċittadinanza

164. Iqis li iċ-ċittadinanza attiva u parteċipattiva tal-UE għandha tiġi mħeġġa permezz tal-aċċess għal dokumenti u informazzjoni, it-trasparenza, governanza u amministrazzjoni tajba, il-parteċipazzjoni u r-rappreżentanz demokratiċi, bil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet kemm jista' jkun qrib taċ-ċittadini tal-Unjoni; jinsisti fuq il-bżonn li ssir possibbli l-parteċipazzjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili fit-teħid tad-deċiżjonijiet fuq livell Ewropew kif garantit mill-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u jenfasizza l-importanza tal-prinċipji ta' trasparenza u djalogu f'dan ir-rigward; jinnotta li d-dritt taċ-ċittadini li jkollhom aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-istituzzjonijiet pubbliċi jagħti s-setgħa liċ-ċittadini u jippermettilhom jiskrutnizzaw u jivvalutaw lill-awtoritajiet pubbliċi u jżommuhom responsabbli; jiddeplora f'dan il-kuntest l-istaġnar tar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u jteni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u l-Kunsill li jergħu jaqbd u l-ħidmiet tagħhom filwaqt li jqisu l-proposti tal-Parlament;

165. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li mexxew kampanji ta' informazzjoni dwar iċ-ċittadinanza Ewropea u d-drittijiet konnessi magħha; id-drittijiet għall-protezzjoni diplomatika u konsulari, id-dritt ta' petizzjoni u d-dritt li wieħed iressaq ilmenti lill-Ombudsman Ewropew, id-dritt tal-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u d-dritt li dak li jkun jippreżenta inizzjattivi taċ-ċittadini;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

166. Ifaħħar ir-rwol tal-Ombudsman Ewropew għad-determinazzjoni tagħha li tiżgura amministrazzjoni tajba u trasparenza tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE;

167. Jikkundanna l-fatt li aktar minn 15-il miljun ċittadin minn stati terzi u 500 000 persuna apolida fl-Unjoni Ewropea huma vittmi ta' rifjut diskriminatorju li tiġi rikonoxxuta ċ-ċittadinanza tagħhom; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrispettaw id-dritt fundamentali għaċ-ċittadinanza u jistieden partikolarment lill-Istati Membri jirratifikaw, u jattwaw bis-sħiħ, il-Konvenzjoni dwar it-Tnaqqis tal-Apolidija tal-1961 kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea dwar iċ-ċittadinanza tal-1997;

168. Jenfasizza li l-infurmar taċ-ċittadini dwar id-drittijiet fundamentali tagħhom huwa parti integrali mid-dritt għal amministrazzjoni tajba kif spjegat fil-Karta; jitlob lill-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lill-persuni l-aktar fil-bżon, jiżguraw li d-drittijiet tagħhom jiġu spjegati lilhom, jappoġġjawhom u jiżguraw li dawk id-drittijiet jiġu rispettati;

169. Jitlob lill-Kummissjoni tagħmel pass 'il quddiem fl-ikkonsolidar tad-dritt għal amministrazzjoni tajba billi ddawwar il-Kodiċi ta' Mġiba Amministrattiva Tajba tal-UE f'regolament ġuridikament vinkolanti;

170. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw, permezz tal-politiki tagħhom, li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati kif jixraq, iggarantiti, protetti u żviluppati ulterjorment fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jġeddu l-isforzi tagħhom biex jirrikonoxxu d-dritt ta' petizzjoni u d-dritt ta' rikors għand l-Ombudsman bħala mezz biex iċ-ċittadini jiddefendu d-drittijiet tagħhom;

171. Jesprimi t-tħassib tiegħu, fuq il-bażi ta' mijiet ta' petizzjonijiet li jaslu kull sena, dwar in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni proprja fl-Istati Membri, kemm fil-forma u kemm fis-sustanza, tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, bħalma huma d-direttivi dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u l-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika; jitlob lill-Kummissjoni twettaq sorveljanza iktar mill-qrib tas-sustanza ta' proċeduri bħal dawn, b'mod partikolari meta każijiet speċifiċi jkunu s-suġġet tal-petizzjonijiet;

172. Itenni l-importanza tal-Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (ICE), bħala dritt ġdid taċ-ċittadini introdott bit-Trattat ta' Lisbon li jimmira li jżid id-demokrazija parteċipattiva fl-UE; jinnota l-importanza tal-ICE bħala għodda qawwija li tagħti liċ-ċittadini Ewropej dritt demokratiku dirett li jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, b'żieda mad-dritt taċ-ċittadini Ewropej li jressqu petizzjonijiet quddiem il-Parlament Ewropew (PE) u d-dritt tagħhom li jappellaw għand l-Ombudsman Ewropew;

173. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea ssaħħa ir-rwol tal-Inizjattivi taċ-ċittadini Ewropej (ICE) billi tadotta approċċ li jkun jirrispetta liċ-ċittadini biex tindirizza n-nuqqasijiet kollha ta' dan l-istrument fir-reviżjoni li jmiss dalwaqt tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 filwaqt li fl-istess ħin ittejjeb il-kampanji ta' informazzjoni għaċ-ċittadini dwar l-użu tal-ICE u s-setgħa tagħha li tinfluwenza l-proċess tat-tfassil tal-politiki tal-UE;

Il-vittmi tal-kriminalità

174. Iqis li l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità għandha tkun prijorità; jistieden lill-Istati Membri jimplementaw b'mod xieraq, mingħajr dewmien, id-Direttiva tal-UE dwar il-Vittmi (2012/29/UE), sabiex jirrispettaw l-iskadenza għat-traspożizzjoni, iffissata għas-16 ta' Novembru 2015, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw, skont l-Artikolu 28 tagħha, il-ġbir ta' data komparabbli dwar it-traspożizzjoni tagħha, b'mod partikolari dwar kif il-vittmi, inklużi l-vittmi ta' delitti mwettaq b'motiv diskriminatorju, irnexxielhom ikollhom aċċess għad-drittijiet tagħhom; iqis li għad hemm ħafna xi jsir biex jingħata appoġġ lill-vittmi tal-kriminalità, billi jiġu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom u jiġu żgurati sistemi ta' riferiment effettivi u jiġu mħarrġa l-uffiċjali tal-pulizija u l-professjonisti tal-liġi biex tiġi stabbilita relazzjoni ta' fiduċja u kunfidenza mal-vittmi, kif turi r-riċerka tal-FRA dwar l-appoġġ għall-vittmi; jilqa' l-adozzjoni, fl-2013, ta' regolament dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni fi kwistjonijiet ċivili;

175. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE jiżguraw l-ogħla kwalità ta' ġbir ta' data komparabbli dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-Vittmi (2012/29/UE) u dwar kif il-vittmi, inklużi l-vittmi ta' reati mwettaq abbażi ta' preġudizzju u motiv diskriminatorju, irnexxielhom jieħdu d-drittijiet tagħhom, kif meħtieġ mill-Artikolu 28 tad-Direttiva;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

176. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jqisu l-iżviluppi demografiċi u l-bidliet fid-daqs u l-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi meta jkunu qed ifasslu l-politiki tagħhom; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-politiki soċjali u tal-impjiegi tagħhom ma jiddiskriminawx fuq il-bażi tad-daqs u l-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi;

177. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-vakwu ġuridiku fir-rigward tal-aċċess taċ-ċittadini għal rimedju legali meta l-Istati Membri ma jkunux għamlu t-traspożizzjoni, jew ikunu ttardjaw li jagħmlu t-traspożizzjoni, tal-leġiżlazzjoni tal-UE li tikkonċernahom direttament; jenfasizza l-ħtieġa ta' koordinazzjoni tal-azzjonijiet fil-livelli kollha biex jiġu protetti u promossi d-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiġu inklużi l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-NGOs u s-soċjetà ċivili;

178. Jenfasizza l-bżonn li tissaħħaħ it-trasparenza istituzzjonali, ir-responsabilità demokratika u l-ftuħ fl-UE u jhegġegħ lill-istituzzjonijiet kompetenti tal-UE u lill-Istati Membri kollha:

- jintensifikaw l-isforzi tagħhom bil-għan li ssir reviżjoni mill-aktar fis tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ħalli jiġu żgurati trasparenza massima u proċeduri semplifikati għall-aċċess pubbliku għall-informazzjoni u għad-dokumenti; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, terġa' tvara l-inizjattiva leġiżlattiva dwar Att dwar l-Aċċessibilità, fil-forma ta' strument orizzontali li jkun kapaċi jżid il-protezzjoni mogħtija lill-persuni b'diżabilità, u jiżguraw li l-politiki kollha li jaqgħu fil-kompetenza tal-UE jkunu koerenti għal dan il-għan;
- iressqu reviżjoni tar-Regolament dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (Regolament (UE) Nru 211/2011) matul din il-leġiżlatura bil-għan li jittejjeb il-funzjonament tiegħu, jiġu inkorporati emendi biex jitneħħew l-ostakli amministrattivi, organizzattivi u finanzjarji li jista' jkun hemm li minħabba filhom mhux iċ-ċittadini Ewropej kollha jstgħu jeżerċitaw b'mod korrett l-influwenza demokratika tagħhom permezz tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej kif ipprovdut fit-Trattati; ihegġegħ lill-Kummissjoni tinkludi wkoll fil-proposta tagħha d-dispożizzjonijiet neċessarji biex lil ċerti gruppi ta' ċittadini, bħalma huma dawk neqsin mid-dawl jew li jgħixu barra minn pajjiżhom, twaqqafhom milli jiġu miżmuma milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jsostnu l-inizjattivi taċ-ċittadini, peress li tali esklużjoni tillimita l-ugwaljanza u l-involvement fost iċ-ċittadini;
- iressqu reviżjoni tad-Direttiva 93/109/KE dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għal-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini, sabiex tingħata għajna li iċ-ċittadini tal-UE li jgħixu fi Stat li mhuwiex tagħhom biex jipparteċipaw fl-elezzjonijiet Ewropej fil-pajjiż ta' residenza tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jippermettu li iċ-ċittadini kollha tagħhom jivvotaw fl-elezzjonijiet Ewropej, inklużi dawk li jgħixu barra mill-UE, partikolarment permezz ta' kampanja ta' informazzjoni mwettaqqa fi żmien utli;
- jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lill-parti tal-popolazzjoni li kulma jmur qed dejjem tikber li hija mċaħħda totalment mid-dritt tal-vot tagħha fir-rigward tal-elezzjonijiet nazzjonali billi la jstgħu jivvotaw f'pajjiżhom u lanqas fil-pajjiż ta' residenza tagħhom;

o

o o

179. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0287

Proċeduri u prattiki rigward is-Seduti ta' smigħ tal-Kummissarji, tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-proċess tal-2014**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar proċeduri u prattiki rigward is-seduti ta' smigħ tal-Kummissarji, tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-proċess tal-2014 (2015/2040(INI))**

(2017/C 316/02)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 17(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 246 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar il-linji gwida għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-Reviżjoni tal-Ftehim Qafas dwar ir-Relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 dwar l-emenda tal-Artikoli 106 u 192 u l-Anness XVII tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-kodiċi ta' kondotta għall-Kummissarji Ewropej, b'mod partikolari l-Artikoli 1.3 u 1.6 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 52 u 118 u l-Anness XVI għar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0197/2015),

Billi:

- A. is-seduti ta' smigħ tal-Kummissarji nnominati, li ntużaw għall-ewwel darba fl-1994, illum huma prattika stabbilita sew li żżid il-leġittimità demokratika tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tqarreb lil dawn l-istituzzjonijiet lejn iċ-ċittadini Ewropej;
- B. is-seduti ta' smigħ huma indispensabbli sabiex il-Parlament ikun jista' jfassal għidizzju informat fuq il-Kummissjoni meta jorganizza l-vot ta' fiduċja tiegħu li jippermetti lill-Kummissjoni tiegħu l-kariga;
- C. il-proċess ta' seduti ta' smigħ jagħti lill-Parlament u liċ-ċittadini tal-UE l-opportunità li jiskopru u jevalwaw il-personalitajiet, il-kwalifiki, it-tnejjija u l-prijoritajiet tal-kandidati, kif ukoll l-għarfien tagħhom tal-portafoll fdat lilhom;
- D. il-proċess ta' seduti ta' smigħ iżid it-trasparenza u jsaħħaħ il-leġittimità demokratika tal-Kummissjoni b'mod ġenerali;
- E. l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha, inkluż l-impjeg; billi dan ir-rekwiżit għandu jiġi rifless fil-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea; billi, minkejja t-talbiet imtennija minn Jean-Claude Juncker fl-2014, il-gvernijiet pproponew numru ferm akbar ta' kandidati rġiel milli kandidati nisa; billi n-nisa li ġew proposti ġejjin primarjament minn Stati Membri b'popolazzjonijiet iżgħar u, fil-biċċa l-kbira tagħhom, l-Istati Membri l-kbar injoraw dan ir-rekwiżit; billi l-unika soluzzjoni ġusta hija li kull Stat Membru jintalab jipproponi żewġ kandidati, raġel u mara, sabiex il-President innominat ikun jista' jipproponi Kulleġġ ta' kwalità għolja b'numru ugwali ta' rġiel u nisa;

⁽¹⁾ ĠU C 285 E, 22.11.2006, p. 137.⁽²⁾ ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 98.⁽³⁾ ĠU C 51 E, 22.2.2013, p. 152.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- F. il-proċess ta' seduti ta' smiġh, filwaqt li wera l-effikaċja tiegħu, dejjem jista' jittejjeb, b'mod partikolari permezz ta' skambji aktar flessibbli u dinamiċi bejn il-Kummissarju u l-membri tal-Kumitat responsabbli għas-seduta ta' smiġh;
- G. is-seduta ta' smiġh tal-Kummissarju nnominat għall-kariga ta' Viċi President, Frans Timmermans, enfasizzat l-ħtieġa li jiġu adatti l-proċeduri tal-Parlament f'każ li Kummissjonijiet futuri jkollhom status speċjali għal Viċi President wieħed jew aktar;
- H. L-Artikolu 3(3) tat-TUE jiddikjara li l-Unjoni "għandha tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel" u l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jgħid li "l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għandha tiġi żgurata fl-oqsma kollha, inkluż l-impjeg, ix-xogħol u l-paga";
1. Iqis li s-seduti ta' smiġh pubbliċi tal-Kummissarji nnominati jippreżentaw opportunità importanti għall-Parlament Ewropew u għaċ-ċittadini tal-UE biex jivvalutaw il-prijoritajiet ta' kull kandidat u jekk ikunux adatti għar-rwol;
 2. Iqis li jkun utli li tiġi stabbilita data ta' skadenza sa meta l-Istati Membri jridu jipproponu l-kandidati tagħhom, sabiex il-President elett tal-Kummissjoni jkollu biżżejjed żmien biex jalloka l-portafolli skont l-esperjenza ta' xogħol u l-isfond tal-kandidat, u biex il-Parlament ikun jista' jorganizza s-seduti ta' smiġh u jfassal l-evalwazzjonijiet tiegħu, u jitlob lill-President tiegħu biex jidħol f'diskussjoni mal-istituzzjonijiet l-oħra bil-għan li jinkiseb dan l-għan;
 3. Iqis ukoll li kull Stat Membru minn issa 'l quddiem għandu jressaq minn tal-anqas żewġ kandidati – raġel u mara, fuq bażi ta' ugwaljanza – għall-kunsiderazzjoni tal-President elett tal-Kummissjoni; iqis li huwa importanti li l-Unjoni għandha tikkeseb ukoll, fi ħdan l-istituzzjonijiet tagħha stess, l-oġettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi li tkun stabbiliet;
 4. Iqis li l-kontrolli fuq id-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Kummissarji maħtura min-naħa tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali għandhom jittejjbu; iqis li d-dikjarazzjonijiet ta' interessi finanzjarji għandhom jinkludu l-interessi tal-familji, kif previst fl-Artikolu 1.6 tal-kodiċi ta' kondotta għall-Kummissarji; iqis li l-konferma min-naħa tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar l-assenza ta' kwalunkwe kunflitt ta' interess, ibbażata fuq analiżi sostantiva tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji, tikkostitwixxi prekundizzjoni essenzjali biex il-kumitat responsabbli jkun jista' jorganizza s-seduta ta' smiġh;
 5. Ifakkar li huma l-kumitati li huma responsabbli għat-tmexxija tas-seduti ta' smiġh; iqis, madankollu, li meta Viċi President tal-Kummissjoni jkollu responsabbiltajiet li huma primarjament orizzontali, is-seduta ta' smiġh tista', f'każijiet eċċezzjonali, issir f'format differenti, bħal laqgħa tal-Konferenza tal-Presidenti jew laqgħa tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, dejjem jekk din il-laqgħa tkun tippermetti d-djalogi u tinkludi l-kumitati responsabbli rispettivi sabiex tippermettilhom jisimġu l-Kummissarju nnomiat tagħhom;
 6. Iqis li l-kwestjonarju bil-miktub mibgħut qabel kull seduta ta' smiġh għandu jippermetti li jsiru seba' mistoqsijiet minflok ħamsa, iżda li m'għandux ikun hemm bosta sottomistoqsijiet għal kull mistoqsija;
 7. Iqis li jkun aħjar li jkun hemm madwar 25 mistoqsija, iżda li kull interpellant ikun permess jagħti segwitu immedjat, bil-għan li tittejjeb l-effikaċja u n-natura inkwiżitorjali tas-seduti ta' smiġh;
 8. Iqis li l-proċeduri għall-monitoraġġ tat-tweġibiet mogħtija mill-Kummissarji nnominati waqt is-seduti ta' smiġh jistgħu jgħinu biex jittejjeb il-kontroll u tiżdied ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni b'mod ġenerali; jitlob, għaldaqstant, li jsir rieżami perjodiku tal-prijoritajiet imsemmija mill-Kummissarji nnominati wara li jkunu bdew il-mandat tagħhom;
 9. Iqis li l-linji gwida li ġejjin għandhom japplikaw għal-laqgħa ta' evalwazzjoni tal-koordinaturi li ssir wara s-seduti ta' smiġh:

— jekk il-koordinaturi japprovaw b'mod unanimu l-kandidat – ittra ta' approvazzjoni;

— jekk il-koordinaturi jirrifjutaw b'mod unanimu l-kandidat – ittra ta' rifjut;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- jekk il-koordinaturi li jirrappreżentaw maġġoranza ċara japprovaw il-kandidat – ittra li tiddikjara li l-maġġoranza l-kbira tapprova (il-minoranzi jistgħu jitolbu li fl-ittra jingħad li l-grupp tagħhom ma jkkondividix il-fehma tal-maġġoranza);
 - jekk ma jkunx hemm maġġoranza ċara, jew ikun hemm maġġoranza (iżda mhux kunsens) kontra l-kandidat, u jekk il-koordinaturi jqisuħ neċessarju:
 - l-ewwel għandha tintalab informazzjoni addizzjonali permezz ta' aktar mistoqsijiet bil-miktub;
 - jekk xorta waħda jibqgħu mhux sodisfatti, għandha tintalab seduta ta' smigħ oħra ta' siegħa u nofs, bl-approvazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti;
 - jekk ikun għad m'hemmx kunsens jew maġġoranza assoluta fost il-koordinaturi – għandha ssir votazzjoni fil-kumitat;
 - maġġoranza ċara, f'dan il-kuntest, għandha tkun ta' koordinaturi li flimkien jirrappreżentaw minn tal-anqas żewġ terzi tal-membri tal-kumitat;
10. Jinnota li s-seduti ta' smigħ tal-2014 iġġeneraw interess akbar mill-midja u mill-pubbliku minn seduti ta' smigħ preċedenti, u dan, minn naħa, kien minħabba l-evoluzzjoni tal-midja soċjali; jemmen li l-impatt u l-influwenza tal-midja soċjali aktarx li jkomplu jikbru fil-futur; iqis li għandha tiddaħħal fis-seħħ dispożizzjoni dwar l-użu tal-midja soċjali u tan-netwerks sabiex jiġu inklużi b'mod aktar effikaċi ċ-ċittadini tal-UE fil-proċess tas-seduti ta' smigħ;
11. Iqis li:
- fil-websajt tal-Parlament għandu jkun hemm taqsima speċifika fejn, qabel is-seduti ta' smigħ pubbliċi, jiġu ppubblikati s-CVs tal-Kummissarji nnominati u t-tweġibiet għall-mistoqsijiet bil-miktub fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni;
 - fil-websajt tal-Parlament għandu jkun hemm taqsima speċifika u viżibbli fejn l-evalwazzjonijiet jitqiegħdu fi żmien 24 siegħa;
 - ir-regola għandha tinbidel biex tirreferi għal 24 siegħa wara l-evalwazzjoni, peress li xi evalwazzjonijiet jitlestew biss wara proċeduri ulterjuri;
12. Iqis li l-kwistjonijiet orizzontali li jaffettwaw il-kompożizzjoni, l-istruttura u l-metodi ta' ħidma tal-Kummissjoni b'mod ġenerali, u li ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod adegwat minn Kummissarju nnominat partikolari, jaqgħu taħt il-kompetenza tal-President elett tal-Kummissjoni; iqis li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati waqt il-laqgħat bejn il-President elett u l-Konferenza tal-Presidenti (waħda qabel ma jibda l-proċess tas-seduti ta' smigħ, u l-oħra wara li dan ikun intemm);
13. Iqis li l-iskrutinju tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-Kummissarji għandu jibqa' kompetenza tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali; iqis, madankollu, li l-kamp ta' applikazzjoni attwali tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-Kummissarji huwa limitat wisq, u jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi r-regoli tagħha dwar dan mill-aktar fis possibbli; iqis li huwa importanti, għaldaqstant, li l-Kumitat għall-Affarijiet Legali għandu, fix-xhur li ġejjin, jipubblika linji gwida fil-forma ta' rakkomandazzjoni jew rapport ta' inizzjattiva, bil-ħsieb li jiffaċilita r-riforma tal-proċeduri b'rabta mad-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-Kummissarji; iqis li d-dikjarazzjonijiet ta' interessi u tal-interessi finanzjarji tal-Kummissarji għandhom ikopru wkoll il-membri tal-familja li jgħixu magħhom fl-istess unità domestika;
14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0288

Drittijiet tal-bniedem u teknoloġija: l-impatt ta' sistemi ta' intrużjoni u sorveljanza fuq id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar "Id-drittijiet tal-bniedem u t-teknoloġija: l-impatt ta' sistemi ta' intrużjoni u sorveljanza fuq id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi" (2014/2232(INI))

(2017/C 316/03)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, b'mod partikulari l-Artikolu 19 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, adottat mill-Kunsill fil-25 ta' Ġunju 2012 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Linji gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà ta' Espressjoni Online u Offline, adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fit-12 ta' Mejju 2014 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-"Gwida tas-Settur tal-ICT dwar l-Implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem", ippubblikata mill-Kummissjoni f'Ġunju 2013,
- wara li kkunsidra r-rapport mill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) tal-15 ta' Diċembru 2011 bit-titolu "Il-Libertà tal-Espressjoni fuq l-Internet" ⁽³⁾ u r-rapport regolari tar-Rappreżentant Speċjali tal-OSKE dwar il-Libertà tal-Midja għall-Kunsill Permanenti tal-OSKE tas-27 ta' Novembru 2014 ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-Rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali waqt il-ġlieda kontra t-terroriżmu, ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2014 (A/69/397) ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tat-30 ta' Ġunju 2014 bit-titolu "Id-dritt għall-privatezza fl-era diġitali" ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU tas-17 ta' April 2013 dwar id-dritt għal-libertà ta' espressjoni u tal-opinjoni (A/HRC/23/40), li janalizza l-implikazzjonijiet tas-sorveljanza tal-istati fuq il-komunikazzjoni fir-rigward tal-eżerċizzju tad-drittijiet tal-bniedem għall-privatezza u għal-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Legali u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa tas-26 ta' Jannar 2015 dwar "Is-Sorveljanza tal-massa" ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014 dwar il-programm ta' sorveljanza tal-NSA tal-Istati Uniti, il-korpi ta' sorveljanza f'diversi Stati Membri u l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE u dwar il-kooperazzjoni transatlantika fil-Ġustizzja u l-Intern ⁽⁸⁾,

⁽¹⁾ http://eeas.europa.eu/delegations/un_geneva/press_corner/focus/events/2012/20120625_en.htm.

⁽²⁾ http://eeas.europa.eu/delegations/documents/eu_human_rights_guidelines_on_freedom_of_expression_online_and_offline_en.pdf.

⁽³⁾ <http://www.osce.org/fom/80723?download=true>.

⁽⁴⁾ <http://www.osce.org/fom/127656?download=true>.

⁽⁵⁾ <http://daccess-dds-ny.un.org/doc/UNDOC/GEN/N14/545/19/PDF/N1454519.pdf?OpenElement>.

⁽⁶⁾ http://www.ohchr.org/EN/HRBodies/HRC/RegularSessions/Session27/Documents/A-HRC-27-37_en.doc.

⁽⁷⁾ <http://website-pace.net/documents/19838/1085720/20150126-MassSurveillance-EN.pdf/df5aae25-6cfe-450a-92a6-e903af10-b7a2>.

⁽⁸⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0230 (Ara paġna 374 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra r-rapport tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi oħrajn tan-negozju, tal-21 ta' Marzu 2011, bit-titolu "Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem: l-Implimentazzjoni tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti 'Ipproteġi, Irrispetta u Rrimedja'" ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-linji gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali ⁽²⁾ u r-rapport annwali tal-2014 tal-OECD dwar il-linji gwida għall-Intrapriżi Multinazzjonali ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-2013 tal-Korporazzjoni tal-Internet għal Ismijiet u Numri Assenjati ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-12 ta' Frar 2014 bit-titolu "Il-Politika u l-Governanza tal-Internet: Ir-rwol tal-Ewropa fid-definizzjoni tal-futur tal-Governanza tal-Internet" ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni NETmundial tad-Diversi Partijiet Interessati, adottata fl-24 ta' April 2014 ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra s-sommarju tal-President tad-disa' Forum dwar il-Governanza tal-Internet li sar f'Istanbul mit-2 sal-5 ta' Settembru 2014,
- wara li kkunsidra l-miżuri restrittivi fis-seħħ tal-Unjoni Ewropea, li xi wħud minnhom jinkludu embargi fuq tagħmir tat-telekomunikazzjoni, teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs) u għodod ta' monitoraġġ,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 599/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 li jstabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-tranżitu ta' oġġetti b'użu doppju ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-analiżi tas-sistema ta' kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju tas-16 ta' April 2014 ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra d-deċizzjonijiet tad-19-il Laqgħa Plenarja tal-Ftehim ta' Wassenaar dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni għall-Armi Konvenzjonali u l-Prodotti u t-Teknoloġiji b'Użu Doppju li saret fi Vjenna fit-3 u l-4 ta' Diċembru 2013,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-24 ta' April 2014 bit-titolu "L-analiżi tal-politika ta' kontroll tal-esportazzjoni: niżguraw sigurtà u kompetittività f'dinja li qed tinbidel" ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2014 dwar ir-rieżami tal-politika ta' kontroll tal-esportazzjoni,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar l-Istrateġija dwar il-Libertà Diġitali fil-Politika Barranija tal-UE ⁽¹⁰⁾,

⁽¹⁾ http://www.ohchr.org/Documents/Publications/GuidingPrinciplesBusinessHR_EN.pdf?v=1392752313000/_jcr:system/jcr:versionstorage/12/52/13/125213a0-e4bc-4a15-bb96-9930bb8fb6a1/1.3/jcr:frozensnode

⁽²⁾ <http://www.oecd.org/daf/inv/mne/48004323.pdf>

⁽³⁾ <http://www.oecd-ilibrary.org/docserver/download/2014091e.pdf?expires=1423160236&id=id&accname=ocid194994&checksum=D1FC664FBCEA28FC856AE63932715B3C>

⁽⁴⁾ <https://www.icann.org/en/system/files/files/annual-report-2013-en.pdf>

⁽⁵⁾ COM(2014)0072.

⁽⁶⁾ <http://netmundial.br/wp-content/uploads/2014/04/NETmundial-Multistakeholder-Document.pdf>

⁽⁷⁾ ĠU L 173, 12.06.2014, p. 79.

⁽⁸⁾ ĠU L 173, 12.06.2014, p. 82.

⁽⁹⁾ COM(2014)0244.

⁽¹⁰⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0470.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar il-libertà tal-istampa u tal-midja fid-dinja ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu dwar il-każijiet urġenti ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, li jqajmu tħassib fir-rigward tal-libertajiet diġitali,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2015 dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-2015 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Frar 2015 dwar it-tiġdid tal-mandat tal-Forum dwar il-Governanza tal-Internet ⁽³⁾
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2015 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja fl-2013 u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni bil-miktub ta' Edward Snowden lill-Kumitat LIBE f'Marzu 2014 ⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u n-negozjati li għaddejjin dwar l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni,
 - wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0178/2015),
- A. billi l-iżviluppi teknoloġiċi u l-aċċess għall-internet miftuħ għandhom rwol importanti sabiex ikun possibbli u jiġi żgurat it-tweġġ kif ukoll ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ikollhom effett pożittiv billi jwessgħu l-ambitu tal-libertà ta' espressjoni, l-aċċess għall-informazzjoni, id-dritt għall-privatezza u l-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni madwar id-dinja;
- B. billi s-sistemi teknoloġiċi jistgħu jintużaw ħażin bħala għodda għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' ċensura, sorveljanza, aċċess mhux awtorizzat għat-tagħmir, imblukkar, interċettazzjoni, monitoraġġ u lokalizzazzjoni ta' informazzjoni u individwi;
- C. billi dan huwa magħmul minn atturi pubbliċi u privati, inklużi l-gvernijiet u korpi ta' infurzar tal-liġi kif ukoll minn netwerks ta' organizzazzjonijiet kriminali u terroristiċi, biex jiksru d-drittijiet tal-bniedem;
- D. billi l-kuntest li fih l-ICTs huma ddisinjati u jintużaw jiddetermina, fil-biċċa l-kbira, l-impatt li jista' jkollhom bħala forza li tavvanza – jew tikser – id-drittijiet tal-bniedem; billi t-teknoloġija tal-informatika, b'mod speċjali s-softwer, rari tkun b'użu uniku u normalment tkun b'użu doppju f'dak li għandu x'jaqsam mal-potenzjal tagħha li tikser id-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li s-softwar huwa wkoll forma ta' espressjoni;
- E. billi l-ICTs huma strumenti ewlenin li jgħinu lin-nies jorganizzaw movimenti soċjali u protesti f'diversi pajjiżi, b'mod speċjalment f'pajjiżi b'reġimi awtoritarji;

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0274.

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0079.

⁽³⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0033.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0076.

⁽⁵⁾ <http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/201403/20140307ATT80674/20140307ATT80674EN.pdf>.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- F. billi l-valutazzjoni tal-implikazzjonijiet għad-drittijiet tal-bniedem tal-kuntest li fih se jintużaw teknoloġiji hija ddeterminata mill-qawwa tal-oqfsa legali nazzjonali u reġjonali li jirregolaw l-użu tat-teknoloġiji u l-abbiltà tal-istituzzjonijiet politiċi u ġudizzjarji li jissorveljaw tali użu;
- G. billi fil-qasam diġitali, atturi privati għandhom rwol dejjem aktar sinifikanti fl-isferi kollha tal-attivitajiet soċjali, iżda għad m'hemmx fis-seħħ salvagwardji li jwaqqfuhom milli jimponu restrizzjonijiet eċċessivi fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali; billi, minħabba f'hekk, l-atturi privati għandhom rwol aktar attiv fil-valutazzjoni tal-legalità tal-kontenut u fl-iżvilupp ta' sistemi ta' ċibersigurtà u ta' sistemi ta' sorveljanza, li jista' jkollhom impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha;
- H. billi l-internet jirrappreżenta rivoluzzjoni fil-possibiltajiet li joffri għal skambju ta' data, informazzjoni u għarfien ta' kull tip;
- I. billi l-kriptaġġ huwa metodu importanti li jgħin biex tiġi żgurata l-komunikazzjoni u l-persuni li jagħmlu użu minnha;
- J. billi l-governanza tal-internet ibbenefikat minn mudell deċiżjonali li jinkludi diversi partijiet interessati, proċess li jiżgura parteċipazzjoni sinifikanti, inklussiva u responsabbli tal-partijiet interessati kollha, inklużi l-gvernijiet, is-soċjetà ċivili, il-komunitajiet tekniċi u akkademiċi, is-settur privat u l-utenti;
- K. billi l-aġenziji tal-intelliġenza b'mod sistematiku mminaw il-protokollu u l-prodotti kriptografiċi sabiex ikunu jistgħu jinterċettaw il-komunikazzjonijiet u d-data; billi l-Aġenzija tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Istati Uniti (NSA) gābret għadd kbir tal-hekk imsejħa "zero-day exploits" – jiġifieri, vulnerabbiltajiet fis-sigurtà tal-IT li għadhom mhux magħrufa mill-pubbliku jew mill-bejjieġh tal-prodott; billi dawn l-attivitajiet jimminaw l-isforzi globali biex titjib is-sigurtà tal-IT;
- L. billi s-servizzi tal-intelliġenza bbażati fl-UE kienu involuti f'attivitajiet li jagħmlu ħsara lid-drittijiet tal-bniedem;
- M. billi fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rapidi li qegħdin iseħħu, is-sorveljanza u s-salvagwardji ġudizzjarji u demokratiċi huma b'mod ġenerali sottożviluppati;
- N. billi miżuri ta' (ċiber)sigurtà u miżuri kontra t-terroriżmu li jinvolvu l-ICTs, jew il-monitoraġġ tal-internet, jista' jkollhom effett detrimentali sinifikanti fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet individwali tan-nies madwar id-dinja kollha, inklużi ċ-ċittadini tal-UE meta jirresjedu jew jivvjaġġaw barra mill-pajjiż, u b'mod speċjali fin-nuqqas ta' bażi legali bbażata fuq il-prinċipji ta' neċessità, proporzjonalità, u sorveljanza demokratika u ġudizzjarja;
- O. billi l-filtri tal-internet u s-sorveljanza tal-komunikazzjoni jimminaw l-abbiltà tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jieħdu vantaġġ mill-internet u jikkomunikaw informazzjoni sensitiva, u jiksru bosta artikoli tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR) li tiggarrantixxi d-dritt ta' kull persuna għall-privatezza u l-libertà ta' espressjoni;
- P. billi kemm s-sigurtà diġitali kif ukoll il-libertà diġitali huma essenzjali u ma jistgħux jissostitwixxu lil xulxin, iżda għandhom isaħħu lil xulxin;
- Q. billi, fil-qasam tal-libertajiet diġitali, l-Unjoni Ewropea tista' tmexxi bl-eżempju dwar il-libertajiet diġitali biss meta dawn jiġu salvagwardjati fl-UE stess; u billi għalhekk l-adozzjoni tal-pakkett tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data hija kruċjali;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- R. billi l-qofol tal-kwistjoni hija marbuta mal-interessi soċjali estensivi – bħall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali – li m'għandhomx ikunu ddeterminati mis-suq waħdu, u li jeħtieġu regolazzjoni;
- S. billi r-rispett għad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt u s-sorveljanza parlamentari effikaċi ta' servizzi ta' intelligence li jużaw teknoloġija ta' sorveljanza diġitali, huma elementi importanti tal-kooperazzjoni internazzjonali;
- T. billi l-kumpaniji bbażati fl-UE għandhom sehem importanti tas-suq globali tal-ICTs, b'mod partikolari fir-rigward tal-esportazzjoni ta' teknoloġija ta' sorveljanza, traċċar, intrużjoni u monitoraġġ;
- U. billi l-introduzzjoni ta' kontrolli tal-esportazzjoni m'għandhiex tippreġudika r-riċerka leġittima fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-IT, jew l-iżvilupp ta' għodod tas-sigurtà tal-IT fejn ma jkun hemm l-ebda intenzjoni kriminali;
1. Jirrikonoxxi li d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huma universali u għandhom jiġu difiżi globalment f'kull dimensjoni ta' manifestazzjoni tagħhom; jenfasizza li s-sorveljanza ta' komunikazzjonijiet, bħala tali, tinterferixxi mad-drittijiet għall-privatezza u l-espressjoni, jekk titwettaq 'l barra minn qafas legali adegwat;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura l-koerenza bejn l-azzjonijiet esterni tal-UE u l-politiki interni tagħha relatati mal-ICTs;
 3. Jemmen li kompliċità attiva ta' ċerti Stati Membri tal-UE fis-sorveljanza tal-massa ta' ċittadini u l-ispjunaġġ fuq mexxejja politiċi tal-NSA, kif żvelat minn Edward Snowden, ikkawża dannu serju għall-kredibbiltà tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u mminaw il-fiduċja globali dwar il-benefiċċji tal-ICTs;
 4. Ifakkar lill-Istati Membri u lill-aġenziji tal-UE, inklużi l-Europol u l-Eurojust, fl-obbligi tagħhom skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-għanijiet tal-politika esterna tal-UE, li ma jsirx skambju ta' data tal-intelligence li jista' jwassal għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiż terz, u li ma tintużax informazzjoni miksuba b'riżultat ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, bħal fil-każ tas-sorveljanza illegali, barra mill-UE;
 5. Jenfasizza li l-impatt tat-teknoloġiji fuq it-titjib tad-drittijiet tal-bniedem għandu jkun integrat fil-politiki u l-programmi kollha tal-UE, jekk applikabbli, sabiex javvanzaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, u r-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti;
 6. Jappella għall-iżvilupp u t-tixrid attiv ta' teknoloġiji li jgħinu biex jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem u jiffaċilitaw id-drittijiet u l-libertajiet diġitali tan-nies, u li jippromovu l-aħjar prattiċi u oqfsa leġiżlattivi xierqa, fliwaqt li jiggarrantixxu s-sigurtà u l-integrità ta' data personali; iħeġġeġ, b'mod partikolari, lill-UE u l-Istati Membri biex jippromwovu l-użu u l-iżvilupp globali ta' standards miftuħa, u ta' softwer mingħajr ħlas u minn sors miftuħ u ta' teknoloġiji kriptografiċi;
 7. Jistieden lill-UE żżid l-appoġġ tagħha għall-atturi li jaħdmu biex isaħħu l-istandards tas-sigurtà u tal-protezzjoni tal-privatezza fl-ICTs fuq il-livelli kollha, inklużi standards dwar il-hardwer, is-softwer u l-komunikazzjoni, kif ukoll li jiżviluppaw hardwer u softwer fl-oqfsa tal-privatezza fid-disinn;
 8. Jappella biex jiġi stabbilit fond tad-drittijiet tal-bniedem u tat-teknoloġija taħt l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem;
 9. Iħeġġeġ lill-UE nnifisha, u b'mod partikolari lis-SEAE, biex tuża kriptaqgħ fil-komunikazzjoni tagħha mad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex tevita li tpoġġi lid-difensuri f'riskju u tipproteġi minn sorveljanza l-komunikazzjoni tagħha stess mal-barranin;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

10. Jistieden lill-UE tadotta softwer mingħajr ħlas u minn sors miftuħ, u tinkoraġġixxi atturi oħra biex jagħmlu l-istess, peress li softwer bħal dan jipprovdi sigurtà aħjar u rispettt akbar għad-drittijiet tal-bniedem;

11. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza ta' żvilupp ta' ICTs f'żoni affettwati mill-kunflitti sabiex jiġu promossi attivitajiet għall-konsolidazzjoni tal-paċi bil-għan li tiġi pprovduta komunikazzjoni sikura bejn il-partijiet involuti fir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti;

12. Jappella għall-implimentazzjoni ta' kundizzjonijiet, punti ta' riferimenti u proċeduri ta' rapportar sabiex jiġi żgurat li l-appoġġ finanzjarju u tekniku tal-UE għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda fil-pajjiżi terzi ma jintużax b'mod li jikser id-drittijiet tal-bniedem;

13. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Kunsill jinvolvu ruħhom b'mod attiv ma' gvernijiet ta' pajjiżi terzi, u sabiex jappoġġaw, iħarrġu u jabilitaw aktar lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, lill-attivisti tas-soċjetà ċivili u lill-ġurnalisti indipendenti li jużaw l-ICTs fl-attivitajiet tagħhom b'mod sikur, permezz tal-mekkaniżmi ta' appoġġ u l-istrumenti tal-politiki Ewropej eżistenti u jippromovu d-drittijiet fundamentali tal-privatezza, bħall-aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-informazzjoni fuq l-internet, id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data, il-libertà ta' espressjoni, il-libertà ta' għaqda, il-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-istampa u tal-pubblikazzjoni online;

14. Jiġbed l-attenzjoni għall-qagħda mwieġhra tal-informaturi u ta' dawk li jappoġġawhom, inklużi ġurnalisti, wara r-rivelazzjonijiet tagħhom dwar prattiki ta' sorveljanza abbużivi f'pajjiżi terzi; jemmen li individwi bħal dawn għandhom jitqiesu bħala difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, u għaldaqstant, jisthoqqlhom il-protezzjoni tal-UE, kif meħtieġ skont il-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jeżaminaw bir-reqqa l-possibbiltà li l-informaturi jingħataw protezzjoni internazzjonali minn prosekuzzjoni;

15. Jiddeplora l-fatt li miżuri ta' sigurtà, inklużi miżuri kontra t-terroriżmu, qegħdin jintużaw dejjem aktar bħala skuża għall-ksur tad-dritt għall-privatezza u r-ripressjoni tal-attivitajiet leġittimi tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, tal-ġurnalisti u tal-attivisti politiċi; itenni l-fehma qawwija tiegħu li s-sigurtà nazzjonali qatt ma tista' tkun ġustifikazzjoni għal programmi ta' sorveljanza mhux speċifika, sigrieta jew tal-massa; jinsisti li miżuri bħal dawn jiġu segwiti f'konformità stretta mal-istat tad-dritt u mal-istandards tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data;

16. Jistieden lis-SEAE u l-Kummissjoni jippromovu s-sorveljanza demokratika tas-servizzi tas-sigurtà u tal-intelligence fid-djalogu politiku tagħhom ma' pajjiżi terzi, kif ukoll fil-programmi tagħhom ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp; ihegġegħ lill-Kummissjoni tappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-korpi leġiżlattivi f'pajjiżi terzi li għandhom l-għan li jtejbu l-iskrutinju, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-servizzi tas-sigurtà nazzjonali; jappella sabiex impenji speċifiċi dwar dan jiġu inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni futur tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokratizzazzjoni;

17. Ihegġegħ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, jippromovu l-libertajiet diġitali u l-aċċess għall-internet mingħajr restrizzjonijiet f'kull forma ta' kuntatt ma' pajjiżi terzi, inkluż f'negozjati tal-adeżjoni, f'negozjati kummerċjali u fi djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem u kuntatti diplomatiċi;

18. Jirrikonoxxi li l-internet sar spazju pubbliku kif ukoll suq fejn il-fluss ħieles ta' informazzjoni u l-aċċess għall-ICTs huma indispensabbli għalih; jenfasizza, għaldaqstant, li l-libertà diġitali u l-kummerċ ħieles għandhom jiġu promossi u protetti fl-istess ħin;

19. Jappella sabiex fil-ftehimiet kollha ma' pajjiżi terzi, jiddaħħlu klawsoli li jirreferu b'mod espliċitu għall-bżonn ta' promozzjoni, garanzija u rispettt għal-libertajiet diġitali, newtralità tal-internet, aċċess għall-internet mhux ċensurat u mingħajr restrizzjonijiet, id-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

20. Ihegġegħ lill-UE topponi l-kriminalizzazzjoni tal-użu tal-kriptaġġ, l-evitar taċ-ċensura u għodod tal-privatezza mid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, billi tirrifjuta li tillimita l-użu ta' kriptaġġ fi ħdan l-UE u tisfida gvernijiet ta' pajjiżi terzi li jagħmlu akkużi bħal dawn kontra d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem;

21. Ihegġegħ lill-UE topponi l-kriminalizzazzjoni tal-użu tal-kriptaġġ, l-għodod ta' kontra ċ-ċensura u tal-privatezza billi tirrifjuta li tillimita l-użu ta' kriptaġġ fi ħdan l-UE, u tisfida gvernijiet ta' pajjiżi terzi li jikkriminalizzaw dawn l-għodod;

22. Jenfasizza li politika tal-UE dwar l-iżvilupp u d-drittijiet tal-bniedem tesiġi l-integrazzjoni tal-ICTs u t-tnaqis tad-distakk diġitali, billi ttiprovdi infrastrutturi teknoloġiċi bażiċi, tiffaċilita l-aċċess għall-għarfien u l-informazzjoni u tippromovi ħliet diġitali, u billi jiġi promoss l-użu ta' standards miftuħin fid-dokumenti u l-użu ta' softwer bla ħlas u minn sors miftuħ, fejn xieraq, biex jiġu żgurati l-ftuħ u t-trasparenza (b'mod speċjali minn istituzzjonijiet pubbliċi) — inkluża s-salvagwardja tal-protezzjoni tad-data fil-qasam diġitali madwar id-dinja kollha — kif ukoll fehim aħjar tar-riskji u l-benefiċċji potenzjali tal-ICTs;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa t-tneħħija tal-ostakli diġitali għall-persuni b'diżabbiltà; iqis ta' importanza kbira li l-politiki tal-UE fir-rigward tal-iżvilupp u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja għandu jkollhom l-għan li jtaffu l-qasma diġitali għall-persuni b'diżabbiltà u li joffru qafas usa' ta' drittijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-għarfien, il-parteċipazzjoni diġitali, l-inklużjoni fl-opportunitajiet ekonomiċi u soċjali ġodda maħluqa mill-internet;

24. Jissottolinja li l-għbir u t-tixrid diġitali b'mod legali ta' provi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem jistgħu jikkontribwixxu għall-għieda globali kontra l-impunità u t-terroriżmu; iqis li dan il-materjal għandu jkun ammissibbli, f'każijiet ġustifikati kif xieraq skont id-dritt internazzjonali (kriminali), bħala prova fi proċedimenti ġudizzjarji, f'konformità ma' salvagwardji internazzjonali, reġjonali u kostituzzjonali; jirrakkomanda li jinħolqu mekkaniżmi fil-qasam tad-dritt kriminali internazzjonali għall-introduzzjoni ta' proċeduri li permezz tagħhom din id-data tiġi awtentikata u miġbura għall-użu bħala prova fi proċedimenti ġudizzjarji;

25. Jiddeplora l-fatt li xi teknoloġiji u servizzi tal-informazzjoni u komunikazzjoni magħmula fl-UE huma mibjugħa, u jstgħu jintużaw, f'pajjiżi terzi minn individwi privati, negozji u awtoritajiet bi ħsieb speċifiku bi ksur tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' ċensura, sorveljanza tal-massa, imblukkar, interċettazzjoni u monitoraġġ, u ntraċċar u lokalizzazzjoni taċ-ċittadini u l-attivitajiet tagħhom fuq in-networks tat-telefonija (mobbli) u fuq l-internet; jinsab imħasseb dwar il-fatt li xi kumpaniji bbażati fl-UE jstgħu jipprovdu teknoloġiji u servizzi li jstgħu jippermettu ksur tad-drittijiet tal-bniedem bħal dawn;

26. Jinnota li t-theddid għas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea, tal-Istati Membri tagħha u ta' pajjiżi terzi, ta' spiss jiġi minn individwi jew minn gruppi żgħar li jużaw netwerks ta' komunikazzjoni diġitali biex jipplanaw u jwettqu attacchi, u li l-għodod u t-tattiki meħtieġa biex jingħeleb dan it-theddid jeħtieġ li jiġu rieżaminati u aġġornati b'mod kostanti;

27. Iqis li s-sorveljanza tal-massa li mhijiex ġustifikata minn riskju qawwi ta' attacchi u theddid terroristiċi tkun fi ksur tal-prinċipji ta' neċessità u proporzjonalità, u, għaldaqstant, tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-bniedem;

28. Ihegġegħ lill-Istati Membri jippromovu skrutinju demokratiku sħiħ tal-operazzjonijiet tas-servizzi tal-intelligence f'pajjiżi terzi, sabiex jivverifikaw li dawn is-servizzi joperaw b'rispett sħiħ tal-istat tad-dritt, u jżommu responsabbli lis-servizzi u lill-individwi li joperaw b'modi illegali;

29. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, fid-dawl ta' aktar kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (inkluż permezz tal-użu ta' sorveljanza diġitali) jiżguraw skrutinju demokratiku ta' dawn is-servizzi, u l-attivitajiet tagħhom, permezz ta' sorveljanza xierqa interna, eżekuttiva, ġudizzjarja u parlamentari indipendenti;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

30. Jenfasizza li l-prinċipji tar-responsabbiltà soċjali korporattiva u l-kriterji ta' disinn għad-drittijiet tal-bniedem, li huma soluzzjonijiet teknoloġiċi u innovazzjonijiet li jipproteġu d-drittijiet tal-bniedem, għandhom jiġu adottati fil-leġiżlazzjoni tal-UE biex jiżguraw li fornituri tas-servizzi tal-internet (ISPs), żviluppaturi tas-software, produttori tal-hardwer, servizzi/midja tan-netwerks soċjali, portaturi tat-telefowns ċellulari u oħrajn, iqsu d-drittijiet tal-bniedem tal-utenti finali b'mod globali;

31. Ihegġegħ lill-UE tiżgura aktar trasparenza fir-relazzjoni bejn il-portaturi tat-telefowns ċellulari jew l-ISPs u l-gvernijiet, u li tisħaq għaliha fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi, billi tesiġi li l-portaturi u l-ISPs jipubblikaw rapporti annwali dettaljati ta' trasparenza, inklużi rapporti dwar azzjonijiet mitluba mill-awtoritajiet, kif ukoll ir-rabtiet finanzjarji bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-portaturi/l-ISPs;

32. Ifakkar lill-atturi korporattivi fir-responsabbiltà tagħhom li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem fl-operazzjonijiet globali tagħhom irrispettivament minn fejn jinsabu l-utenti tagħhom u indipendentament minn jekk l-istat ospitanti jissodisfax l-obbligi tiegħu stess tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-kumpaniji tal-ICT, l-aktar dawk ibbażati fl-UE, jimplimentaw il-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' politiki ta' diliġenza dovuta u ta' salvagwardji għall-ġestjoni tar-riskju, u l-għoti ta' rimedji effikaċi meta l-attivitajiet tagħhom ikunu kkawżaw jew ikkontribwew għal impatt negattiv fuq id-drittijiet tal-bniedem;

33. Jenfasizza l-bżonn li jiġu implimentati u mmonitorjati b'mod aktar effikaċi regolamenti u sanzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-ICTs, inkluż l-użu ta' mekkaniżmi intiżi biex ikopru kull każ, sabiex jiġi żgurat li l-partijiet kollha, inkluż l-Istati Membri jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni u jitħarsu l-kundizzjonijiet ekwi;

34. Jenfasizza l-fatt li r-rispett għad-drittijiet fundamentali huwa element essenzjali fil-politiki ta' suċċess kontra t-terroriżmu, inkluż l-użu ta' teknoloġiji ta' sorveljanza diġitali;

35. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Ftehim ta' Wassenaar ta' Diċembru 2013 dwar il-kontrolli tal-esportazzjoni fl-oqsma tas-sorveljanza, tal-għodod tal-infurzar tal-liġi u tal-ġbir tal-intelligence u tas-sistemi ta' sorveljanza tan-netwerk; ifakkar fin-natura attwali li għadha inkompleta tar-reġim tal-użu doppju tal-UE, jiġifieri r-regolament dwar l-użu doppju tal-UE, fir-rigward tal-kontroll effikaċi u sistematiku tal-esportazzjoni ta' teknoloġiji tal-ICT dannużi lejn pajjiżi li mhumiex demokratiċi;

36. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, fir-rigward tar-rieżami u t-tiġdid tal-politika ta' użu doppju li jmiss, biex tressaq malajr proposta għal politiki intelliġenti u effikaċi li jillimitaw u jirregolaw l-esportazzjoni kummerċjali ta' servizzi fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-użu tal-hekk imsejħa teknoloġiċi b'użu doppju, li jindirizzaw l-esportazzjoni potenzjalment dannuża ta' prodotti u servizzi tal-ICT lejn pajjiżi terzi, kif maqbul fid-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ta' April 2014; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi salvagwardji effikaċi sabiex jiġi evitat kwalunkwe dannu ta' dawn il-kontrolli tal-esportazzjoni għar-riċerka, inkluża r-riċerka xjentifika u s-sigurtà tal-IT;

37. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tkun tista' tagħti malajr lill-kumpaniji li jkollhom dubju dwar jekk għandhomx japplikaw għal liċenzja tal-esportazzjoni, informazzjoni ċara u aġġornata dwar il-legalità jew l-effetti potenzjalment dannużi ta' transazzjonijiet potenzjali;

38. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposti għal rieżami dwar kif standards tal-UE dwar l-ICTs jistgħu jintużaw biex jipprevjenu l-impatti potenzjalment dannużi tal-esportazzjoni ta' dawn it-teknoloġiji jew servizzi oħra lejn pajjiżi terzi fejn kunċetti bħal "interċettazzjoni legali" ma jistgħux jiġu kkunsidrati ekwivalenti għal dawk tal-Unjoni Ewropea, jew pereżempju, għandhom reputazzjoni ħażina tad-drittijiet tal-bniedem jew fejn l-istat tad-dritt ma jeżistix;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

39. Jafferma mill-ġdid li l-istandards tal-UE, b'mod partikolari l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, għandhom jieħdu preċedenza waqt il-valutazzjonijiet ta' inċidenti li jinvolvu teknoloġiji b'użu doppju li jintużaw b'modi li jistgħu jirrestrinġu d-drittijiet tal-bniedem;
40. Japella għall-iżvilupp ta' politiki li jirregolaw il-bejgħ ta' "zero-day exploits" u vulnerabbiltajiet bil-għan li jiġi evitat li dawn jintużaw għat-twettiq ta' attacki ċibernetiċi, jew għall-aċċess mhux awtorizzat għal tagħmir li jwassal għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem, mingħajr ma dawn ir-regolamenti jkollhom impatt sinifikanti fuq riċerka akkademika u riċerka oħra *bona fide* dwar is-sigurtà;
41. Jiddeplora l-kooperazzjoni attiva ta' ċerti kumpaniji Ewropej, kif ukoll ta' kumpaniji internazzjonali li jinnegozjaw teknoloġiji b'użu doppju b'effetti potenzjalment ta' detriment għad-drittijiet tal-bniedem waqt li joperaw fl-UE, ma' reġimi li l-azzjonijiet tagħhom jiksru d-drittijiet tal-bniedem;
42. Ihegġegħ lill-Kummissjoni teskludi pubblikament kumpaniji li jagħmlu dawn l-attivitajiet minn proċeduri ta' akkwist tal-UE, minn finanzjament għar-riċerka u l-iżvilupp u minn kwalunkwe appoġġ finanzjarju ieħor;
43. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikulari lill-aspetti tad-drittijiet tal-bniedem fil-proċessi ta' akkwist pubbliku għal tagħmir teknoloġiku, b'mod speċjali fil-pajjiżi bi prattiki mhux affidabbli f'dan id-dominju;
44. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Kunsill jiddefendu b'mod attiv l-internet miftuħ, proċeduri deċiżjonali li jinkludu diversi partijiet interessati, in-newtralità tal-internet, il-libertajiet diġitali u s-salvagwardji għall-protezzjoni tad-data f'pajjiżi terzi, permezz ta' fora tal-governanza tal-internet;
45. Jikkundanna d-dgħajfin u l-imminar ta' protokollu u prodotti kriptografiċi, b'mod partikolari mis-servizzi ta' intelligence li jfittxu li jinterċettaw komunikazzjonijiet kriptati;
46. Iwissi kontra l-privatizzazzjoni tal-infurzar tal-liġi permezz ta' kumpaniji tal-internet u l-ISPs;
47. Jappella għal kjarifika dwar in-normi u l-istandards użati minn atturi privati biex jiżviluppaw is-sistemi tagħhom;
48. Ifakkar dwar l-importanza li jiġi vvalutat il-kuntest li fih jintużaw it-teknoloġiji, sabiex jitwettaq apprezzament sħiħ tal-impatt tagħhom fuq id-drittijiet tal-bniedem;
49. Jappella b'mod espliċitu għall-promozzjoni ta' għodod li jippermettu l-użu anonimu u/jew psewdonimu tal-internet, u li jikkuntestaw l-fehma mhux ġusta li tali għodod iservu biss biex jippermettu attivitajiet kriminali, aktar milli jabilitaw attivisti tad-drittijiet tal-bniedem lil hinn u fi ħdan l-UE;
50. Ihegġegħ lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jiżviluppaw politiki intelliġenti u effikaċi li jirregolaw l-esportazzjoni ta' teknoloġiji b'użu doppju, li jindirizzaw l-esportazzjoni potenzjalment dannuża ta' prodotti u servizzi tal-ICT, fil-livell internazzjonali u fi ħdan reġimi għall-kontroll tal-esportazzjoni multilaterali u f'korpi internazzjonali oħra;
51. Jenfasizza li kwalunkwe tibdil regolatorju bil-ħsieb li jżid l-effikaċja tal-kontrolli tal-esportazzjoni ta' trasferimenti ta' teknoloġija intanġibbli m'għandux jimpedixxi riċerka leġittima, jew l-aċċess għal informazzjoni u l-iskambju tagħha, u li kwalunkwe miżura potenzjali, bħall-użu ta' Awtorizzazzjonijiet għall-Esportazzjoni Ġenerali tal-UE għal riċerka b'użu doppju, m'għandhiex ikollha "effett dissważiv" fuq l-individwi u l-SMEs;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

52. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li politiki ta' kontroll tal-esportazzjoni eżistenti u futuri ma jirrestrinġux l-attivitajiet ta' riċerkaturi leġittimi dwar is-sigurtà, u li l-kontrolli tal-esportazzjoni jiġu applikati in *bona fede*, u għal teknoloġiji ddefiniti b'mod ċar biss li huma maħsuba biex jintużaw għas-sorveljanza tal-massa, ċensura, imblukkar, interċettazzjoni, monitoraġġ, u ntraċċar u lokalizzazzjoni taċ-ċittadini u l-attivitajiet tagħhom fuq in-networks tat-telefonija (mobbli);
53. Ifakkar li t-teknoloġiji bbażati fuq ix-xibka, u teknoloġiji mingħajr fili *ad hoc*, joffru potenzjal kbir biex iservu bħala networks supplimentari f'żoni fejn l-internet mhux disponibbli jew huwa imblukkat, u jistgħu jgħinu l-avanz tad-drittijiet tal-bniedem;
54. Jitlob lill-Kummissjoni taħtar grupp indipendenti ta' esperti li jistgħu jwettqu valutazzjoni tal-impatt tad-drittijiet tal-bniedem fuq l-istandards eżistenti tal-UE għall-ICTs, bil-għan li jagħmlu r-rakkomandazzjonijiet għal aġġustamenti li jżidu l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari meta s-sistemi jiġu esportati;
55. Jirrikonoxxi li l-iżvilupp teknoloġiku jgħaliq sfida għas-sistemi legali, li jesiġi li dawn jiġu aġġustati għaċ-ċirkostanzi l-ġodda; jissottolinja l-importanza li daww li jfasslu l-liġi jagħtu aktar attenzjoni lil kwistjonijiet relatati mal-ekonomija diġitali;
56. Jitlob lill-Kummissjoni tinvolvi s-soċjetà ċivili, kif ukoll l-esperti indipendenti, inklużi riċerkaturi dwar is-sigurtà, fil-qasam tal-ICT f'pajjiżi terzi, biex tiżgura għarfien espert aġġornat li għandu jwassal għal tfassil ta' politika li tipprevedi r-riskji futuri;
57. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu evitati konsegwenzi mhux mixtieqa, bħal restrizzjonijiet jew effetti dissważivi fuq ir-riċerka xjentifika u tipi oħra ta' riċerka u żvilupp *bona fede*, fuq l-iskambju u l-aċċess għall-informazzjoni, fuq l-iżvilupp ta' għarfien tas-sigurtà jew fuq l-esportazzjoni ta' teknoloġiji li jkunu fl-interess li jakkwistaw il-ħiliet diġitali meħtieġa u għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;
58. Jemmen li l-kooperazzjoni bejn gvernijiet u atturi privati madwar id-dinja fil-qasam diġitali, inklużi il-Forum tal-Governanza tal-Internet, titlob li jkun hemm kontrolli u bilanċi, u li din il-kooperazzjoni m'għandhiex twassal għal dgħajfin tas-sorveljanza demokratika u ġudizzjarja;
59. Jinnota li approċċ volontarju mhux biżżejjed, iżda hemm bżonn ta' miżuri vinkolanti li jħeġġu lill-kumpaniji jikkunsidraw ir-rekord tad-drittijiet tal-bniedem tal-pajjiż qabel ma jbigħu l-prodotti tagħhom hemmhekk, u jwettqu valutazzjoni tal-impatt dwar x'effett għandhom it-teknoloġiji tagħhom fuq id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-kritiċi tal-gvern.
60. Huwa tal-fehma li l-esportazzjoni ta' oġġetti sensitivi ħafna trid tiġi eżaminata qabel dawn l-oġġetti jħallu l-UE, u li sanzjonijiet huma meħtieġa f'każijiet ta' ksur.
61. Jappella li kull individwu ikun intitolat għall-kriptago, u għal kundizzjonijiet meħtieġa li jippermettu l-ħolqien ta' kriptago; huwa tal-fehma li l-kontroll għandu jkun fidejn l-utent aħħari, li dan għandu bżonn ukoll il-ħiliet biex iwettaq il-kontroll b'mod xieraq.
62. Jappella għal introduzzjoni ta' standards tal-kriptago minn tarf sa tarf bħala neċessarji għas-servizzi tal-komunikazzjoni kollha, sabiex ikun aktar diffiċli li gvernijiet, aġenziji tal-intelligence u korpi ta' sorveljanza jaqraw il-kontenut;
63. Jenfasizza r-responsabbiltà speċjali tas-servizzi tal-intelligence tal-gvern biex jibnu l-fiducia, u jappella sabiex tintemm is-sorveljanza tal-massa; iqis li għandu jiġi indirizzat u jitwaqqaf il-monitoraġġ ta' ċittadini Ewropej mis-servizzi tal-intelligence nazzjonali u barranin;
64. Huwa kuntrarju għall-bejgħ u d-distribuzzjoni tat-teknoloġija ta' sorveljanza Ewropea u l-għodod taċ-ċensura lil soċjetajiet awtoritarji fejn l-istat tad-dritt huwa ineżistenti;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

65. Jappella sabiex l-ambitu għall-protezzjoni internazzjonali tal-informaturi jiġi estiż, u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jressqu liġijiet għall-protezzjoni ta' informaturi;
 66. Jappella jinħatar mibgħut tan-NU għal-libertajiet diġitali u l-protezzjoni tad-data, u sabiex il-portafoll tal-Kummissarju tal-UE għad-Drittijiet tal-Bniedem jiġi estiż, b'tali mod li t-teknoloġija tiġi kkunsidrata wkoll mill-aspett tad-drittijiet tal-bniedem.
 67. Jappella għal miżuri sabiex jiżguraw li l-privatezza tal-attivisti, il-ġurnalisti u ċ-ċittadini tiġi protetta madwar id-dinja kollha u sabiex dawn ikunu jistgħu jikkollegaw f'network online;
 68. Jinsisti li l-aċċess għall-internet għandu jiġi rikonoxxut bħala dritt tal-bniedem, u jappella għal miżuri biex jingħeleb id-distakk diġitali;
 69. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u lis-SEAE.
-

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0289

Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea: lejn kontrolli bbażati fuq il-prestazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea: Lejn kontrolli bbażati fuq il-prestazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (2014/2234(INI))**

(2017/C 316/04)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 1/2012 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ċerti proposti għal regolamenti dwar il-politika agrikola komuni għall-perjodu 2014-2020,
 - wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2004 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-mudell ta' awditu uniku,
 - wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 16/2013 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu "Valutazzjoni ta' awditu uniku (single audit) u d-dipendenza tal-Kummissjoni fuq ix-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fil-Koeżjoni",
 - wara li kkunsidra r-Rapport dwar l-Attività Annwali 2013 tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0240/2015),
- A. billi fuq iż-żewġ ċikli tar-riformi tal-politika agrikola komuni (PAK) ir-regoli saru ħafna aktar diversi u kumplessi;
- B. billi regoli iżjed kumplessi jwasslu għal iżjed żbalji fuq il-post;
- C. billi l-oġettivi tal-PAK għandhom jiġu sodisfatti, filwaqt li jeħtieġ li jiġu żgurati l-fehim u l-fiduċja reċiproċi bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi nazzjonali u reġjonali kollha tal-UE għall-implimentazzjoni effikaċi tal-PAK;
- D. billi riforma tal-PAK iżjed effikaċi u effiċjenti tirrikjedi simplifikazzjoni u inqas burokrazija sabiex tissodisfa l-oġettivi tal-PAK;
- E. billi l-ispejjeż tal-kontrolli u tal-forniment ta' pariri lill-partijiet interessati u lill-bdiewa attwalment huma stmati li jlaħħqu EUR 4 biljun fil-livell tal-Istati Membri, u aktarx li jogħlew, l-istess bħar-rati tal-iżbalji, bl-implimentazzjoni tal-aħħar riforma tal-PAK, partikolarment l-introduzzjoni ta' miżuri tal-"ekoloġizzazzjoni";
- F. billi r-riforma tal-2013 irriżultat f'tibdil sinifikanti fid-data meħtieġa mingħand il-bdiewa li għandha takkumpanja l-applikazzjonijiet u tiġġustifika t-talbiet, b'rekwiżiti ġodda li għandhom ir-riskju li jwasslu għal rata ogħla ta' żbalji fil-fażi inizjali ta' taġħlim u adattament;
- G. billi huwa importanti li l-operaturi ma jitgħabbewx b'ammont sproporzjonat ta' spezzjonijiet;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- H. billi l-objettivi tal-PAK għandhom jiġu ssodisfati, filwaqt li jiġu żgurati l-fehim u l-fiduċja reċiproċi bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi nazzjonali u reġjonali kollha tal-UE għall-implimentazzjoni effikaċi tal-PAK;
- I. billi l-bdiewa huma inċentivati biex jipprovdu servizzi bħall-pajsaġġi, il-bijodiversità tal-artijiet agrikoli u l-istabbiltà tal-klima anki jekk dawn m'għandhomx valur tas-suq;
- J. billi l-ispejjeż tal-kontrolli u l-għoti ta' pariri lill-partijiet interessati u lill-bdiewa jistgħu fil-mument jammontaw għal EUR 4 biljun fil-livell tal-Istati Membri; jenfassizza l-bżonn li jiġu minimizzati l-ispejjeż tal-kontrolli u l-piż burokratiku tagħhom;
- K. billi l-kontrolli abbażi tal-prestazzjoni jistgħu jsiru metodoloġija utli, filwaqt li l-istabbiltà u l-approċċ ta' abilitazzjoni huma meħtieġa min-naħa tal-korpi amministrattivi sabiex jibnu l-fiduċja mal-benefiċjarji finali; ifakkar madankollu li sistema ta' universalità ma tistax tiġi imposta fuq it-tipi u d-daqsijiet diversi tal-azjendi agrikoli fl-UE;
- L. billi miżuri ta' ekoloġizzazzjoni introdotti mill-aħħar riforma tal-politika agrikola komuni jimmiraw li jiksbu s-sostenibbiltà agrikola mtejba permezz tal-effett ta' diversi strumenti:
- kundizzjonalità simplifikata u aktar immirata;
 - il-Pagament Dirett Ekoloġiku u miżuri volontarji li huma ta' benefiċċju għall-ambjent u t-tibdil fil-klima fl-iżvilupp rurali;
- M. billi d-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali ⁽¹⁾ qies li kien meħtieġ li joħroġ 51 riżervazzjoni għal xi aġenziji tal-pagamenti;
1. Jaqbel mal-fehma espressa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri li "l-arranġamenti għall-infiq tal-politika agrikola komuni għall-perjodu 2014-2020 jibqgħu kumplessi" ⁽²⁾; ifakkar madankollu li l-kumplessità tal-PAK hija minħabba d-diversità tal-biedja fl-Ewropa, u li s-simplifikazzjoni jeħtieġ li ma twassalx għaż-żarmar tal-istrumenti li ġew adottati;
 2. Jitlob li l-PAK issir anqas burokratika fir-rigward tat-tnaqqis fir-rata ta' żbalji; u li jiġu implimentati strumenti li jippermettu li ssir distinzjoni bejn l-iżball u l-frodi;
 3. Jitlob li ssir distinzjoni waqt l-evalwazzjoni tar-riżultati tal-kontrolli u fir-rigward tal-impożizzjoni ta' penali, bejn l-ommissjonijiet mhux intenzjonati u l-każijiet ta' frodi, billi l-ommissjonijiet bħala regola ġenerali ma jġibux magħhom danni finanzjarji għall-kontribwent;
 4. Jitlob li l-PAK issir anqas burokratika, u li tkun tista' tiġi implimentata u interpretata b'mod ċar, bil-għan li titnaqqas ir-rata ta' żbalji u li jiġu stabbiliti strumenti li jagħmluha possibbli li ssir distinzjoni bejn żball u frodi, filwaqt li jiġi żgurat li l-bdiewa xorta jkunu għadhom jistgħu jwasslu l-produzzjoni tal-ikel kruċjali li hija fil-qalba tal-politika; jemmaen li l-fatt li jiġu indirizzati l-kumplessità u l-integrazzjoni tal-PAK huwa wieħed mill-elementi ewlenin biex jiġu attirati parteċipanti ġodda fil-qasam tal-agricoltura u wkoll biex huma u l-ħiliet tagħhom jinżammu fih sabiex jiġi żgurat is-suċċess tas-settur agrikolu tal-UE fil-futur; jistenna li jittieħdu miżuri mill-programm ta' regolamentazzjoni aħjar f'dan ir-rigward; jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li testendi l-iskadenza għat-talbiet ta' pagamenti diretti b'xahar u jikkunsidra dan bħala pass lejn it-tnaqqis tar-rata ta' żbalji tal-PAK;
 5. Iħeġġeġ sabiex tingħata gwida iżjed ċara kemm lill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll lill-bdiewa sabiex titnaqqas ir-rata tal-iżbalji;

⁽¹⁾ Rapport Annwali tal-Attività 2013, id-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽²⁾ L-Opinjoni Nru 1/2012 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar ċerti proposti għal regolamenti dwar il-politika agrikola komuni għall-perjodu 2014-2020.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

6. Jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni favur is-simplifikazzjoni tal-PAK b'eżami immedjat tal-miżuri li jistgħu jiġu implimentati malajr, peress li dan ikun ta' benefiċċju għall-bdiewa, għall-aġenziji tal-pagament, għall-istituzzjonijiet tal-UE u għall-kontribwenti tat-taxxa; iħeġġeġ ukoll li fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu, jitressqu proposti għal emendi fl-att leġiżlattiv bażiku sabiex jitqiesu fir-riforma għall-perjodu ta' finanzjament li jmiss;
7. Jibża' li r-rata ta' żball l-aktar probabbli determinata mill-Qorti tal-Awdituri se tiżdied fil-politika agrikola komuni fil-qasam tal-pagamenti diretti matul il-perjodu 2014-2020, b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-qafas li jmiss għall-kundizzjonalità għadu mhux qed jikkorrispondi ma' tnaqqis fil-livell ta' kumplessità mhux meħtieġa ta' din il-politika għall-awtoritajiet amministrattivi jew għall-benefiċjarji;
8. Ifakkar li l-Parlament u l-Qorti tal-Awdituri spiss enfasizzaw il-ħtieġa li jintlaħaq bilanċ tajjeb bejn inqas piż amministrattiv u kontroll finanzjarju effikaċi;
9. Jinnota li l-ispejjeż tal-kontrolli tal-politika agrikola komuni diġà jammontaw għal EUR 4 biljun fis-sena u dawn jikkonċernaw 50 miljun tranżazzjoni b'baġit għal agrikoltura ta' madwar EUR 58 biljun;
10. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qed tagħti prijorità lil eżerċizzju ta' simplifikazzjoni ġdid tal-PAK u li qed tipproponi, l-ewwel nett, li tissimplifika għadd ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni;
11. Jiffavorixxi b'saħħa titjib tal-kwalità u konsistenza ta' spezzjonijiet aktar milli żieda fl-għadd ta' kontrolli fl-agrikoltura mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Awdituri;
12. Jenfasizza wkoll li l-kontrolli huma garanzija li l-flus mill-baġit tal-UE maħsuba għall-finanzjament tal-istrumenti tal-PAK qed jintefqu kif suppost;
13. Ifakkar li l-oġġettiv tal-iskema ta' awditu uniku huwa li tistabbilixxi katina waħda ta' awditjar mingħand il-benefiċjarji finali għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea;
14. Jiddispijaċi għall-fatt li l-iskema ta' awditu uniku għadha mhix effikaċi u li s-sistemi ta' kontroll stabbiliti mill-Istati Membri mhumiex jiffunzjonaw bil-potenzjal sħiħ tagħhom; ifakkar lill-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà tagħhom biex jipprovdu l-ewwel livell ta' kontrolli b'mod effikaċi filwaqt li jimminimizzaw il-piż fuq il-bdiewa, u l-għażliet eżistenti biex tiġi introdotta l-flessibbiltà meta jkunu qed jorganizzaw il-kontrolli;
15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, bħala linja gwida, biex isibu modi biex jottimizzaw u jikkombinaw spezzjonijiet marbuta mal-PAK sabiex benefiċjarji magħżula, kull meta possibbli, ikunu soġġetti għal ċiklu wieħed ta' kontrolli kull sena;
16. Jenfasizza li skont ir-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2013:
 - (a) kieku l-awtoritajiet nazzjonali użaw l-informazzjoni disponibbli għalihom biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu dawk l-iżbalji tal-anqas parzjalment kieku l-iżball l-aktar probabbli fil-qasam tal-pagamenti diretti kien ikun 1,1 % inqas, u għalhekk relattivament qrib il-limitu minimu ta' materjalità ta' 2 % ⁽¹⁾;
 - (b) kieku l-awtoritajiet nazzjonali użaw l-informazzjoni kollha disponibbli għalihom biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-iżbalji, kieku r-rata ta' żball l-aktar probabbli kienet tonqos għal 2 % fl-iżvilupp rurali ⁽²⁾;
17. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni kellha tikkoreġi 'l fuq ir-rati ta' żball kkomunikati minn 42 aġenzija tal-pagamenti minn 68 b'rata ta' żbalji residwi 'l fuq minn 2 %, minkejja l-fatt li kważi l-aġenziji tal-pagamenti kollha għall-pagamenti diretti ġew akkreditati u ċertifikati mill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni u minkejja l-fatt li 79 mit-82 dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni magħmula mill-aġenziji tal-pagamenti rċewew opinjoni mhux kwalifikata mill-korpi ta' ċertifikazzjoni fl-2013;

⁽¹⁾ Ara r-Rapport Annwali tal-QEA 2013, punt 3.8.

⁽²⁾ Ara r-Rapport Annwali tal-QEA 2013, punt 4.8.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

18. Jistenna li l-missjoni ġdida assenjata lil korpi ta' ċertifikazzjoni permezz tar-Regolamenti (UE, Euratom) Nru 966/2012 u (UE) Nru 1306/2013 se ttejjeb l-affidabbiltà tad-data komunikata mill-Istati Membri fir-rigward tal-ġestjoni tagħhom tal-fondi agrikoli tal-UE;
19. Jitlob lill-Kummissjoni temenda l-linji gwida għall-korpi ta' ċertifikazzjoni biex il-kumpilazzjoni tar-rapporti ta' statistika tiġi vverifikata aktar mill-qrib;
20. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tfassal proposti bil-ħsieb li jiġi sanzjonat ir-rappurtar falz jew inkorrett li jsir mill-aġenziji tal-pagamenti, inklużi t-tliet dimensjonijiet li ġejjin, jiġifieri l-istatistika tal-ispezzjonijiet, id-dikjarazzjonijiet mill-aġenziji tal-pagamenti, u x-xogħol imwettaq mill-korpi ta' ċertifikazzjoni; jitlob li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tirtira l-akkreditament tal-aġenziji tal-pagamenti f'każijiet ta' dikjarazzjonijiet foloz gravi;
21. Jistenna li l-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ u b'mod urġenti mill-proċess ta' simplifikazzjoni tal-PAK, speċjalment fir-rigward tal-piż u r-regolamenti kumplessi li jirregolaw il-kundizzjonalità u l-ekoloġizzazzjoni li fl-aħħar mill-aħħar jaffettwaw lill-bdiewa fl-Ewropa kollha;
22. Jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni favur is-simplifikazzjoni tal-PAK bil-kunsiderazzjoni immedjata ta' miżuri li jistgħu jiġu implimentati malajr, peress li dan ikun ta' benefiċċju għall-bdiewa, għall-aġenziji tal-pagament, għall-istituzzjonijiet tal-UE u għall-kontribwenti tat-taxxa; iħeġġeġ ukoll li jitressqu proposti għall-emendi tal-att leġislativ bażiku; jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti konkreti għas-simplifikazzjoni tal-PAK, filwaqt li tqis il-feedback mill-partijiet interessati fis-settur agrikolu;
23. Huwa favur it-tisħiħ u l-implimentazzjoni aktar b'saħħitha tal-verifika unika permezz tal-koordinazzjoni tal-attivitajiet ta' kontroll imwettaq mill-istituzzjonijiet varji, u jitlob li l-piżijiet amministrattivi li jirriżultaw minn verifiki jitħaffew sabiex il-bdiewa ma jiġux soġġetti għal żjarat differenti f'okkażjonijiet separati mill-korpi responsabbli jew għal kontrolli eċċessivi jew multipli mill-Kummissjoni u mill-Qorti tal-Awdituri fl-istess sena, taħt kwalunkwe serje ta' regolamenti jew ir-regolamenti kollha, li b'hekk inaqqas il-piż fuq il-bdiewa billi jitnaqqas l-għadd ta' spezzjonijiet; jitlob sabiex il-kompiti ta' awditjar u l-kontrolli mwettaq minn korpi ta' ċertifikazzjoni u minn korpi oħra tal-Istati Membri jinġabru flimkien; jinnota li l-parir mogħti kemm mill-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll mill-Kummissjoni fil-linji gwida mgħoddija lill-bdiewa għall-implimentazzjoni tal-PAK spiss huwa kontradett mill-kriterji tal-valutazzjoni użati mill-Qorti tal-Awdituri, bir-riżultat ta' multi li huma kemm sproporzjonati kif ukoll sorprendenti;
24. Jiffavorixxi approċċ integrat għall-kontrolli, fejn il-kontrolli kollha neċessarji f'azzjenda agrikola speċifika jitwettqu fl-istess żmien, safejn possibbli, sabiex l-għadd ta' żjarat fuq il-post jinżamm baxx u l-ispiża u l-piż finanzjarji u l-ħin meħtieġ konkomitanti għall-amministrazzjonijiet u l-bdiewa jkunu jistgħu jitnaqqsu u l-proċess ta' kontroll jiġi integrat;
25. Ifakkar lill-Kummissjoni li r-riskju ta' żbalji mhux intenzjonali minħabba regolamentazzjoni kumplessa fl-aħħar mill-aħħar jinġarr mill-benefiċjarju; jappella għal politika raġonevoli, proporzjonali u effikaċi dwar sanzjonijiet biex jappoġġjaw dan l-approċċ, bħal li jiġi evitat l-irduppar ta' sanzjonijiet għall-istess żball kemm taħt l-iskema ta' pagament kif ukoll il-kundizzjonalità;
26. Jemmen li, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla xkiel tal-proġett, il-pagamenti ma għandhomx jiġu interrotti meta jiġu identifikati żbalji żgħar u/jew klerikali;
27. Jitlob li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Qorti tal-Awdituri jkomplu jiżviluppaw strateġiji tal-awditjar ibbażati fuq ir-riskju b'kont meħud tad-data rilevanti kollha, inkluża l-identifikazzjoni minn qabel tal-aħjar/l-agħar prestazzjoni għal kull qasam tal-politika;
28. Jenfasizza li għandhom jiġu żviluppati kriterji sabiex jiddefinixxu liema Stati Membri huma identifikati bħala l-aħjar/l-agħar prestazzjoni;
29. Ifakkar li firxa wiesgħa ta' Stati Membri jistgħu jiġu kkunsidrati bħala "l-agħar fil-prestazzjoni" fir-rigward tal-ġestjoni tal-fondi tal-UE, u dan jiddependi fuq il-qasam tal-politika kkonċernat;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

30. Jinsisti li d-definizzjoni ta' prestazzjoni fir-rigward tal-kontrolli għandha primarjament tinvolvi l-kwalità tal-verifiki u tas-sistemi amministrattivi tal-Istati Membri, jiġifieri l-effiċjenza, il-konsistenza u l-affidabbiltà tal-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' ċertifikazzjoni;
31. Iqis li l-Istati Membri bl-aħjar prestazzjoni f'kull qasam tal-politika għandhom jiġu kkompensati bi tnaqqis fil-kontrolli tal-Unjoni;
32. Jemmen li l-iżvilupp u l-amministrazzjoni ta' kontrolli bbażati fuq il-prestazzjoni ma għandhom, bl-ebda mod, isiru sors ta' żieda fl-inċertezza fir-rigward tas-sikurezza tal-provvista tal-ikel tal-UE;
33. Jitlob l-Istati Membri bl-aħjar prestazzjoni biex jaqsmu l-esperjenza tagħhom ma' Stati Membri li għandhom l-aħjar prestazzjoni;
34. Jitlob li l-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar Prattiki, biex jiġu żgurati l-iżjed kontrolli bla xkiel u l-inqas tfixkil għall-bdiewa;
35. Jinnota li, skont l-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni, "L-Istati Membri għandhom jiżguraw livell minimu ta' verifiki fuq il-post meħtieġa għal ġestjoni effettiva tar-riskji, għandhom iżidu dak il-livell minimu meta jkun meħtieġ. L-Istati Membri jistgħu jnaqqsu dak il-livell minimu meta s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll jiffunzjonaw tajjeb u fejn ir-rati ta' żbalji jibqgħu f'livell aċċettabbli";
36. Jitlob lill-Kummissjoni tiddefinixxi aktar il-livell aċċettabbli msemmi fl-Artikolu 59(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 u biex tibda djalogu mal-Parlament u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri f'dan ir-rigward;
37. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex ikomplu jiżviluppaw inizzjattivi tal-gvern elettroniku li għandhom l-għan li jnaqqsu r-rata ta' żball permezz tal-prevenzjoni ta' żbalji fil-fażi tal-applikazzjoni bħala objettiv fuq perjodu ta' żmien medju u twil; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrispettaw id-data mmirata, kif previst fl-Artikolu 122(3) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, biex jaqilbu għal koeżjoni elettronika f'applikazzjoni għal proġett, ġestjoni u kontroll; jemmen li t-trasparenza sħiħa tad-dejta u l-aċċessibbiltà huma essenzjali biex jiġi evitat u miġġieled kwalunkwe abbuż; jistieden f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni biex tagħmel obbligatorja l-pubblikazzjoni ta' dokumentazzjoni pprovduta mill-benefiċjarji kollha;
38. Jemmen li kopertura totali tal-broadband veloċi ta' żoni rurali, b'livell sinifikanti ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ fl-użu tiegħu, se tkun għodda essenzjali biex il-bdiewa kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-applikazzjoni l-aktar reċenti tal-PAK u s-sistemi ta' talbiet;
39. Jitlob li jsiru iżjed sforzi biex titnaqqas il-kumplessità tas-sistemi ta' applikazzjoni u l-formoli għall-bdiewa, u jiffavorixxi l-użu akbar tat-teknoloġija tal-e-government min-naħa tal-Istati Membri, sabiex fil-mument tal-applikazzjoni jiġu evitati l-iżbalji bil-quddiem, li jitlob aċċess għall-internet bil-broadband għall-benefiċjarji; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni toħloq programm li jgħin fl-edukazzjoni ta' bdiewa aktar anzjani; jenfasisza l-investimenti robusti f'networks tal-broadband f'żoni rurali u jistieden lill-Istati Membri jagħmlu hilitom biex jistinkaw favur id-diġitalizzazzjoni tal-proċess ta' applikazzjoni; ifakkar li l-implimentazzjoni affidabbli tat-teknoloġija tal-e-government tirrikjedi li l-Istati Membri jiżviluppaw, jiffinanzjaw jew jikkofinanzjaw din it-teknoloġija;
40. Jistieden lill-Istati Membri jimplementaw programmi ta' diġitalizzazzjoni fir-rigward tar-relazzjoni bejn azjendi tal-gvern u azjendi agrikoli bil-ħsieb li jinkiseb "fajl uniku tal-farm" b'ġestjoni integrata u simultanja tad-data dwar l-għelejjel; huwa tal-fehma li tali simplifikazzjoni taggrega entrati li bħalissa huma ġestiti b'mod separat (pjanijiet tal-għelejjel, pjanijiet individwali tal-assigurazzjoni u logbooks), hekk kif l-irziezet jagħmlu dikjarazzjoni waħda li mbagħad tinqasam bejn id-dipartimenti tal-gvern, li twassal għal aktar effiċjenza fil-kontrolli minn dawk id-dipartimenti u b'hekk għal riskju inqas ta' żbalji fil-pagamenti u l-integrazzjoni tal-kontrolli fis-sistema;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

41. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-korpi governattivi/reġjonali li qed jindirizzaw l-implimentazzjoni tal-PAK il-ġdida jikkomunikaw u jaħdmu flimkien b'mod effikaċi għall-benefiċċju tal-bdiewa li qed jimplementaw il-politika fuq il-post;
 42. Iqis il-benefiċċji potenzjali fit-tul billi jiżviluppaw u jadottaw soluzzjonijiet industrijali bbażati fuq l-internet kemm tal-biedja u l-kontrolli, speċjalment fir-rigward ta' soluzzjonijiet integrati għal benefiċjarji u l-aġenziji tal-pagamenti, bħala numerużi; jistenna li dan iħalli impatt pożittiv fuq il-konsistenza, l-affidabbiltà u l-kosteffiċjenza tal-kontrolli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tadotta u twettaq proġetti pilota f'dan il-qasam; ifakkar li dan l-approċċ huwa dipendenti fuq l-impenn mill-Istati Membri biex jipprovdur konnessjonijiet broadband rapidi lil żoni rurali madwar l-UE;
 43. Jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mal-partijiet interessati rilevanti kollha, inkluż, iżda mhux limitat għal, il-Qorti tal-Awdituri, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tal-benefiċjarji, fit-tħejija ta' strateġija fit-tul li tindirizza modi mhux relatati mal-politika dwar iż-żamma tal-piż fuq il-benefiċjarji u l-ispetturi milli jkompli jżied wara r-riformi tal-PAK u l-bidliet futuri tal-atti bażiċi;
 44. Jitlob lill-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju ta' kontrollabbiltà diġà fis-seħħ fl-iżvilupp rurali, f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, meta tkun qed tfassal proposta għal att leġiżlattiv dwar l-Erja b'Fokus Ekoloġiku;
 45. Jitlob lill-Kummissjoni tindirizza l-kwistjoni tat-tnaqqis tal-livell minimu ta' kontrolli previsti fl-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 fir-rapport ta' evalwazzjoni previst fl-Artikolu 110 ta' dan l-istess Regolament dwar il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-PAK;
 46. Jitlob lill-Kummissjoni tabbozza Komunikazzjoni dwar il-possibbiltà li tintroduċi sistemi ta' ġestjoni bbażati fuq il-prestazzjoni fl-oqsma kollha tal-PAK, speċjalment fil-parti tal-investment tal-iżvilupp rurali, sabiex tagħti bidu għal dibattitu mal-partijiet interessati kollha bil-ħsieb li tintroduċi dan il-prinċipju fil-leġiżlazzjoni tal-UE;
 47. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.
-

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0290

In-Negozji tal-Familja fl-Ewropa**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar in-negozji tal-familja fl-Ewropa (2014/2210(INI))**

(2017/C 316/05)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni fl-2003 għad-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs),
 - wara li kkunsidra l-“Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020” tal-Kummissjoni (COM(2012)0795),
 - wara li kkunsidra r-Rapport 2009 tal-Grupp ta' Esperti għall-Kummissjoni Ewropea “Ħarsa ġenerali dwar il-kwistjonijiet rilevanti għan-negozji tal-familja: ir-riċerka, il-miżuri ta' politika u l-istudji eżistenti”,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Frar 2013 dwar it-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2014 dwar ir-riindustrijalizzazzjoni tal-Ewropa biex jiġu promossi l-kompetittività u s-sostenibbiltà ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata “Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir”: “Att dwar in-Negozji ż-Żgħar għall-Ewropa” (COM(2008)0394),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali kif ukoll tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0223/2015),
- A. billi skont l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-proprjetà hija mħarsa;
- B. billi b'mod ġenerali n-negozji tal-familja fl-imgħoddi taw kontribut kbir għal żieda fl-ekonomija Ewropea u jaqdu rwol sinifikanti fit-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp soċjali, fit-tnaqqis tal-qgħad, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh, u fl-investment fil-kapital uman; billi l-karattru fuq diversi ġenerazzjonijiet tan-negozji tal-familja jsaħħaħ l-istabbiltà tal-ekonomija; billi n-negozji tal-familja normalment jaqdu rwol essenzjali fl-iżvilupp reġjonali, f'termini ta' impjiegi, it-trażmissjoni tal-għarfien u l-organizzazzjoni reġjonali; billi politiki mmirati lejn in-negozji tal-familja jistgħu jinkoraġġixxu l-intraprenditorija u jqanqlu lill-familji Ewropej jibdedew negozju tal-familja tagħhom;
- C. billi skont l-Ernst and Young Family Business Yearbook tal-2014, 85 % tal-kumpaniji Ewropej kollha huma negozji tal-familja, li jikkostitwixxu 60 % tal-impjiegi fis-settur privat;
- D. billi n-negozji tal-familja jvarjaw fid-daqs, fatt li jesponihom għal diffikultajiet u problemi differenti;

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0036.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0032.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- E. billi filwaqt li l-maġġorparti tan-negozji tal-familja huma SMEs, in-negozji tal-familja jstgħu jkunu żgħar, medji jew kbar, ikkwotati jew mhux ikkwotati; billi dawn ġew imqabbla b'mod wiesa' mal-SMEs, filwaqt li ma ngħatax każ tal-fatt li hemm ukoll korporazzjonijiet multinazzjonali kbar ħafna li huma negozji tal-familja; billi f'xi Stati Membri tal-UE, numru żgħir ta' negozji tal-familja jiġġeneraw proporzjon kbir tal-fatturat totali tan-negozji kollha, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-konservazzjoni ta' impjiegi, anke fi żminijiet ta' kriżi, u għall-ħolqien u t-tkabbir u s-suċċess ekonomiku tal-pajjiż ikkonċernat; billi ħafna negozji tal-familja li m'għadhomx jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' SME, iżda fl-istess ħin huma 'l bogħod milli jkunu korporazzjonijiet kbar, mhumiex eliġibbli għal ċerti opportunitajiet speċifiċi ta' finanzjament jew xi eżenzjonijiet amministrattivi; billi dan inevitabbilment iwassal għal burokrazija żejda, li speċjalment għan-negozji tal-familja b'kapitalizzazzjoni medja hija ta' piż kbir;
- F. billi għadd konsiderevoli ta' negozji tal-familja huma attivi f'aktar minn pajjiż wieħed, li jfisser li l-mudell tan-negozju tal-familja għandu dimensjoni transnazzjonali;
- G. billi t-tassazzjoni diretta u l-liġi tas-suċċessjoni huma kompetenzi tal-Istati Membri, u billi xi Stati Membri adottaw miżuri biex jappoġġaw in-negozji tal-familja u jindirizzaw it-tħassib tagħhom;
- H. billi n-negozji tal-familja huma perċepiti bħala li juru integrità kbira u valuri li jiġġwidaw l-operazzjonijiet tan-negozju tagħhom, u jintroduċu standards għoljin ta' responsabbiltà soċjali korporattiva fir-rigward tal-impjegati tagħhom u tal-ambjent, li joħloq ambjent favorevoli għal bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; billi n-negozji tal-familja normalment jiġġarantixxu t-trażmissjoni tal-għarfien u l-ħiliet u billi f'xi każijiet jiżvolġu rwol importanti fir-rabtiet soċjali;
- I. billi fl-agrikoltura l-azjendi agrikoli tal-familja huma l-aktar mudell tan-negozju komuni u jikkontribwixxu bil-kbir għall-prevenzjoni tad-depopolazzjoni rurali, u f'ħafna każijiet jipprovdu l-unika sors ta' impjiegi fir-reġjuni tal-Ewropa fejn l-iżvilupp għadu lura, partikolarment f'reġjuni anqas industrijalizzati; billi l-azjendi agrikoli tal-familja jstgħu joffru mudell ta' suċċess billi ġeneralment jipprattikaw il-prinċipju ta' ekonomija bi fluss ċirkolari b'sostenibbiltà ambjentali u soċjali, u billi f'dak il-kuntest in-nisa mexxejja mhux biss jikkontribwixxu għal mod ta' ħsieb intraprenditorjali, iżda wkoll għal ħiliet komunikattivi u soċjali speċifiċi;
- J. billi l-ħidma tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar in-negozji tal-familja ilha li ġiet konkluzja aktar minn ħames snin, u minn dak iż-żmien 'l hawn ma tnediet l-ebda inizjattiva Ewropea ġdida oħra fil-livell tal-UE; billi għad hemm nuqqas ta' riċerka u data fil-livell nazzjonali u dak Ewropew biex wieħed ikun jista' jifhem x'inhuma l-ħtiġijiet speċifiċi u l-istrutturi tan-negozji tal-familja;
- K. billi m'hemm l-ebda definizzjoni legalment vinkolanti, konkreta, sempliċi u armonizzata madwar l-Ewropa kollha ta' "negozju tal-familja";
- L. billi minħabba n-nuqqas ta' definizzjoni, mhuwiex possibbli li tinġabar data komparabbli fl-Istati Membri tal-UE sabiex tiġi indikata s-sitwazzjoni speċjali, il-ħtiġijiet u l-kisbiet ekonomiċi tan-negozji tal-familja; billi dan in-nuqqas ta' data affidabbli u komparabbli jista' jfjixkel it-teħid ta' deċiżjonijiet ta' politika u jista' jfisser li l-ħtiġijiet tan-negozji tal-familja mhumiex qed jintlaħqu;
- M. billi n-negozji tal-familja, lil hinn mill-importanza ekonomika tagħhom, għandhom ukoll rwol importanti f'termini soċjali;
- N. billi mhux fit-28 Stat Membru kollha tal-UE jeżistu assoċjazzjonijiet jew strutturi oħra li jirrappreżentaw l-interessi, u li jieħdu ħsieb speċifikament il-ħtiġijiet tan-negozji tal-familja;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- O. billi l-isforzi fil-livell tal-UE għall-istimolu tal-intraprenditorija u n-negozji l-ġodda għandhom jissaħħu u jiġu kkumplimentati b'aktar kunsiderazzjoni biex tiġi ffaċilitata u stimolata l-eżistenza fit-tul tan-negozji tal-familja;
- P. billi l-mudell tan-negozji tal-familja mhuwiex mifrux b'mod uniformi fl-Istati Membri; billi sehem sinifikanti tan-negozji tal-familja fl-Ewropa għandhom dimensjoni transnazzjonali u jwettqu l-attivitàjiet tagħhom fi Stati Membri differenti;
- Q. billi fl-UE n-nisa jaqilgħu medja ta' 16 % anqas fis-siegħa mill-irġiel u hemm nuqqas ta' nisa f'karigi ta' livell għoli u ta' tmexxija, u billi l-prattiki tax-xogħol u s-sistemi tas-salarji applikati għall-irġiel mhumiex l-istess bħal dawk applikati għan-nisa, u dan jagħmilha aktar diffiċli għan-nisa biex ikunu finanzjarjament indipendenti, jipparteċipaw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol u jiksbu bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;
- R. billi spiss in-nisa jwettqu rwol inviżibbli jew ta' rappreżentanza fl-isem biss, u billi l-pożizzjoni ta' impjegjiet jew tas-salarju tagħhom mhijiex rikonossuta b'mod xieraq, b'riperkussjonijiet gravi f'termini ta' kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali, pensjonijiet u benefiċċji soċjali kif ukoll f'termini ta' rikonossiment ta' ħiliethom, kif turi d-data dwar id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u d-differenza fil-pensjonijiet ⁽¹⁾;

L-importanza għall-ekonomija

1. Jenfasizza li n-negozji tal-familja għandhom it-tendenza li juru grad għoli ta' responsabbiltà soċjali fir-rigward tal-persunal tagħhom u jmessu r-riżorsi b'mod attiv u responsabbli, u li ġeneralment jieħdu approċċ fit-tul u sostenibbli lejn il-futur ekonomiku tan-negozju (billi jaġixxu bħala "negozjant ta' ġieħ", sid jew steward responsabbli), u b'hekk jagħtu kontribut importanti kemm lill-komunitajiet lokali tagħhom u kemm lill-kompetittività tal-Ewropa, u jgħolqu u jippreservaw impjegjiet ta' kwalità għolja;
2. Jenfasizza li, minħabba l-istorja tagħhom, in-negozji tal-familja għandhom għeruq sodi f'lokalità partikolari, u b'hekk jgħolqu u jippreservaw ukoll impjegjiet f'żoni rurali u żoni anqas vantaġġati, bir-riżultat li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-proċess ta' popolazzjoni li qed tixxjeh u d-depopolazzjoni li qed jaffettwa ħafna żoni fl-UE; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdur l-infrastruttura kosteffiċjenti neċessarja sabiex tiġi żgurata l-kompetittività, it-tiġdid, it-tkabbir u s-sostenibbiltà ta' tali negozji, b'mod partikolari l-mikroentitajiet u n-negozji ġodda, u biex tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni transsettorjali u transkonfinali, u b'hekk jgħinuhom jikbru u jsiru internazzjonali;
3. Jirrikonossu li n-negozji tal-familja huma l-uniku u l-akbar sors ta' impjegjiet fis-settur privat u li għalhekk dak li huwa ta' benefiċċju għall-kontinwità, it-tiġdid u t-tkabbir fis-settur tan-negozju tal-familja jwassal għall-kontinwità, it-tiġdid u t-tkabbir fl-ekonomija Ewropea;
4. Jinnota li, partikolarment in-negozji tal-familja speċjalizzati ħafna jaqdu rwol importanti bħala fornituri u innovaturi għal negozji akbar, u li minħabba l-approċċ fit-tul u interġenerazzjonali fir-rigward tan-negozju, jipprovdur lill-kumpaniji li jfornu b'sigurtà materjali, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tkabbir ekonomiku;
5. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar il-fatt li l-maġġoranza tan-negozji tal-familja huma SMEs ⁽²⁾ u li għalhekk huwa importanti li jiġi applikat il-prinċipju "aħseb l-ewwel fiż-żgħir" sabiex il-leġiżlazzjoni Ewropea tiġi adattata aħjar għar-realtàjiet u l-ħtiġijiet ta' dawn in-negozji, u sabiex dawn ikunu jistgħu jibbenefikaw minn programmi ta' finanzjament u tnaqqis fil-burokrazija.
6. Jinnota li n-negozji tal-familja jistgħu jaqdu rwol importanti biex iħeġġu lill-minoranzi u lill-gruppi sottorappreżentati jipparteċipaw fl-ekonomiji lokali tagħhom;
7. Jindika li l-livell oġhla ta' fiduċja bejn il-membri tal-familja jagħmel lin-negozji tal-familja flessibbli ħafna u kapaċi jadattaw malajr għall-bidliet fl-ambjent ekosoċjali; fl-istess ħin, l-operat fi swieq niċċa għal perjodi twal jippermetti lin-negozji tal-familja jkunu minn ta' quddiem fl-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ġodda u fl-innovazzjoni;

⁽¹⁾ http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/files/gender_pay_gap/140319_gpg_mt.pdf

⁽²⁾ Rapport finali tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni Ewropea "ĦARSA ĠENERALI LEJN IN-NEGOZJI TAL-FAMILJA-KWISTJONIJET RILEVANTI", Novembru 2009.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

Finanzjament

8. Jinnota li n-negozji tal-familja ħafna drabi jkollhom proporzjon ta' ekwità notevolment ogħla meta mqabbel ma' negozji mhux tal-familja, u li dan il-proporzjon għoli ta' ekwità jissarraf fi stabbiltà ekonomika għal tali negozji u għall-ekonomija kollha kemm hi, filwaqt li jipprovdi ambitu għal aktar investiment fin-negozju, li m'għandux ikompli jiġi ristrett;

9. Jistieden lill-Istati Membri f'dan il-kuntest, jiżguraw li r-regoli nazzjonali dwar it-tassazzjoni fuq il-wirt, id-donazzjonijiet, id-dejn u l-ekwità u t-tassazzjoni korporattiva jkunu ta' appoġġ aktar milli jiddiskriminaw il-finanzjament tal-ekwità, li huwa tant importanti għan-negozji tal-familja; ifakkar li t-tassazzjoni diretta u l-liġi tas-suċċessjoni huma kompetenza tal-Istati Membri; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jeżaminaw il-preġudizzju tad-dejn fi ħdan il-kodiċi tat-taxxa tagħhom billi jivvalutaw l-impatt tiegħu fuq l-istruttura ta' finanzjament tal-kumpaniji u l-livell ta' investiment, u biex jiżguraw trattament ugwali tal-finanzjament tal-ekwità meta mqabbel mal-finanzjament tad-dejn sabiex ma tiġix imfixkla s-suċċessjoni tas-sjeda u l-prospetti fit-tul tan-negozji tal-familja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw kwalunkwe diskriminazzjoni mmexxija mit-taxxa fil-konfront tal-finanzjament tal-ekwità f'kuntest ta' kompetizzjoni ġusta;

10. Jenfasizza li s-sigurtà fit-tul tal-finanzjament korporattiv sar fattur kompetittiv ewlieni; jenfasizza f'dan il-kuntest l-importanza ta' strutturi tas-suq finanzjarju stabbli fil-livell internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li fil-kuntest tar-regolament tas-suq finanzjarju ma toħloqx piżijiet mhux neċessarji għan-negozji;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li mal-benefiċjarji tal-istrumenti eżistenti kollha għall-SMEs u/jew l-imprendituri, b'mod partikolari l-COSME, jiġu inklużi n-negozji tal-familja b'kapitalizzazzjoni medja;

12. Jenfasizza li minħabba l-kriżi finanzjarja u ċ-ċiklu ekonomiku negattiv, ħafna mill-funzjonijiet tan-negozji tal-familja huma sottofinanzjati u huwa importanti li n-negozji tal-familja jkollhom aċċess miftuħ u faċli għal sorsi alternattivi ta' finanzjament;

13. Jinnota f'dan il-kuntest l-importanza li jiġu promossi forom alternattivi ta' self lin-negozji tal-familja, bħalma huma l-unjonijiet tal-kreditu;

L-isfidi

14. Jinnota li 35 % ta' dawk il-kumpaniji li ma jinvestux fis-swieq barranin jagħmlu dan minħabba nuqqas ta' għarfien dwar dawn is-swieq u minħabba nuqqas ta' esperjenza f'dak li jirrigwarda l-internazzjonalizzazzjoni; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu disponibbli partikolarment għan-negozji tal-familja iżgħar, informazzjoni dwar opportunitajiet ta' internazzjonalizzazzjoni permezz tal-portal għall-Internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u l-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni tar-Raggruppamenti (ECCP), biex jiżguraw li dawn ikollhom aċċess għal skambju aħjar tal-esperjenzi u l-aħjar Prattika, inklużi possibbiltajiet ta' internazzjonalizzazzjoni permezz tal-internet; jistieden lill-Istati Membri barra minn hekk jipprovdu servizzi ta' appoġġ għan-negozji li beħsiebhom jinvestu fil-livell internazzjonali, pereżempju billi jipprovduhom b'informazzjoni jew garanziji ta' kreditu għall-esportazzjoni, ineħħu l-ostakoli għall-kummerċ u jippromwovu edukazzjoni speċifika għal kultura intraprenditorjali u tan-negozji tal-familja;

15. Jinnota li ż-żieda fl-internazzjonalizzazzjoni tan-negozji tal-familja tipprovdi aktar opportunitajiet għat-tkabbir ekonomiku u żieda fil-ħolqien tal-impjiegi; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu l-għajjnuna lin-negozji tal-familja iżgħar sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu aħjar mill-infrastruttura diġitali;

16. Jirrikonoxxi li l-ambjent fiskali, ġuridiku u amministrattiv li fih jaħdmu n-negozji tal-familja (u negozji ġestiti mis-sidien) huwa definit mill-effett ikkombinat ta' leġiżlazzjoni korporattiva u d-dritt privat;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

17. Jinnota li 87 % tan-negozji tal-familja huma konvinti li ż-żamma tal-kontroll fuq in-negozju hija waħda mill-fatturi ewlenin għas-suċċess ⁽¹⁾; jinnota li, skont il-“Pjan ta’ Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020” ⁽²⁾ tal-Kummissjoni, it-trasferiment tas-sjeda ta’ negozju kif ukoll it-trasferiment tal-ġestjoni minn ġenerazzjoni għall-oħra huma l-akbar sfidi possibbli għan-negozji tal-familja;

18. Jinnota li n-negozji tal-familja żgħar u ta’ daqs medju għandhom sfida kontinwa bil-ħtieġa għall-innovazzjoni u biex jattiraw il-ħiliet u t-talenti korretti; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu lin-negozji tal-familja iżgħar b’iċċentivi sabiex jieħdu riskji għat-tkabbir u b’iċċentivi biex jimplementaw it-taħriġ tal-persunal u jaċċedu għal għarfien estern;

19. Jistieden lill-Istati Membri jissemplifikaw il-proċeduri amministrattivi u s-sistemi ta’ tassazzjoni, filwaqt li b’mod partikolari jqisu l-isfidi speċifiċi tal-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju u n-negozji tal-familja;

20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni biex jiżviluppaw intraprenditorija diġitali u ħiliet diġitali sabiex in-negozji tal-familja jisiltu vantaġġ sħiħ mit-teknoloġiji diġitali;

21. Jistieden għalhekk lill-Istati Membri jtejbu l-qafas ġuridiku għat-trasferiment tan-negozji tal-familja u joħlqu strumenti finanzjarji speċjali għat-trasferimenti biex b’hekk jiġi evitat in-nuqqas ta’ likwidità, u b’riżultat ta’ dan tiġi żgurata l-eżistenza tan-negozji tal-familja u jiġi evitat il-bejgħ ta’ emerġenza; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipromwovu edukazzjoni speċifika għan-negozji tal-familja fit-trasferimenti ta’ negozji, l-istrutturi ta’ governanza, l-istrateġiji ta’ sjeda u l-istrateġija għall-innovazzjoni, b’mod partikolari f’pajjiżi fejn, għal raġunijiet storiċi, il-kunċett ta’ negozju tal-familja mhuwiex daqstant stabbilit, li tikkontribwixxi għas-suċċess fit-tul tagħhom, speċjalment f’termini ta’ trasferiment ta’ negozju;

22. Jenfasizza l-ħtieġa li n-negozji tal-familja jkollhom rabta diretta ma’ attivitajiet edukattivi li jinfirmawhom b’mod kontinwu dwar il-prattiki tal-ogħla livell fil-qasam tal-ġestjoni tajba tan-negozju; jenfasizza li n-negozji tal-familja jikkontribwixxu b’mod deċiżiv għas-suċċess ta’ riformi fit-taħriġ vokazzjonali u għaż-żieda fl-għadd ta’ apprendistati; jinnota li sistemi ta’ taħriġ vokazzjonali li jiffunzjonaw tajjeb u fit-tul jistgħu jkunu indispensabbli fil-ġlieda kontra n-nuqqas ta’ ħaddiema tas-sengħa u l-qgħad fost iż-żgħażaġh; jindika li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipromwovu skambju tal-aħjar Prattika dwar kif is-sistemi ta’ taħriġ vokazzjonali jistgħu jipprovdu l-aħjar ambjent possibbli għan-negozji tal-familja biex jinvestu f’apprendistati;

23. Jinnota l-ħtieġa li jiġu indirizzati sfidi oħrajn li jħabbtu wiċċhom magħhom in-negozji tal-familja, bħad-diffikultà li jsibu u jżommu forza tax-xogħol tas-sengħa, u l-importanza li tissaħħaħ l-edukazzjoni intraprenditorjali u t-taħriġ fil-ġestjoni li jkun speċifiku għan-negozji tal-familja;

24. Jenfasizza l-importanza ta’ skemi ta’ taħriġ iffinanzjati mill-UE għall-imprendituri tan-negozji ż-żgħar, li jippermettu lis-sidien tan-negozji tal-familja jadattaw il-kumpaniji tagħhom għal ambjent li qed jinbidel b’rata mgħaġġla u xprunat minn żieda fl-integrazzjoni ekonomika globali, l-iskoperta ta’ teknoloġiji ġodda u enfasi fuq ekonomija b’livell baxx ta’ karbonju u aktar ekoloġika;

25. Jinnota li l-promozzjoni tal-intraprenditorija fl-iskejjel u f’ambjenti edukattivi oħra hija ta’ importanza ewlenija biex jiġu żviluppatti mentalitajiet aktar intraprenditorjali; jinnota barra minn hekk li l-edukazzjoni għandha tinkludi kwistjonijiet speċifiċi tan-negozji tal-familja bħas-sjeda, is-suċċessjoni u l-governanza tal-familja, flimkien ma’ informazzjoni aktar ġenerali bħall-importanza tal-innovazzjoni bħala mezz għall-bidla totali tan-negozju;

⁽¹⁾ European Family Business Barometer, Ġunju 2014.

⁽²⁾ COM(2012)0795.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

26. Ihegġegħ lill-Istati Membri jqisu l-ħidma okkażżjonali u inviżibbli formali u informali mwettqa mill-membri tal-familja, inkluż f'negozji tal-familja, u jhegġegħ lill-Istati Membri jipprevedu qafas ġuridiku ċar;

27. Jenfasizza li l-kontribut tan-negozji tal-familja favur l-innovazzjoni jista' jissaħħaħ permezz tal-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom fi sħubijiet u raggruppamenti privati-pubbliċi u billi titrawwem il-kollaborazzjoni tagħhom ma' istituzzjonijiet ta' riċerka;

Il-prospetti futuri

28. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-kuntest ta' regolamentazzjoni aħjar, twestaq analiżi tal-leġiżlazzjoni eżistenti li taffettwa n-negozji tal-familja sabiex jiġu identifikati l-problemi u l-ostakoli għat-tkabbir;

29. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkummissjona studji regolari u ffinanzjati adegwament li janalizzaw l-importanza tas-sjieda għas-suċċess u l-kontinwità ta' negozju u jenfasizzaw l-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw in-negozji tal-familja, u biex tipproponi lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri definizzjoni statistikament vijabbli fl-Ewropa kollha ta' "negozju tal-familja" – żviluppata flimkien mal-Eurostat – b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi differenti fl-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tuża t-task force eżistenti għad-data dwar l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju biex tiġbor biżżejjed data, inkluż dwar in-negozji tal-familja fl-Istati Membri kollha, sabiex tippermetti li jsir paragon tas-sitwazzjoni u b'żonnijiet tan-negozji tal-familja ta' daqsijiet differenti, kif ukoll paragon tan-negozji tal-familja u n-negozji mhux tal-familja, sabiex jiġu promossi l-informazzjoni u l-iskambji ta' eżempji ta' għarfien espert u ta' prassi tajba madwar l-UE, pereżempju billi jiġi stabbilit punt ta' kuntatt għan-negozji tal-familja fil-Kummissjoni u billi tagħmel l-aħjar użu ta' programmi bħal "Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ", u biex ikun hemm assistenza aktar immirata;

30. Jistieden lill-Kummissjoni twestaq valutazzjoni tal-impatt dwar kemm ikun possibbli ssir espansjoni tad-definizzjoni Ewropea tal-SME tal-2003 biex tinkludi, apparti kriterji purament kwantitattivi, kriterji kwalitattivi li jqisu wkoll is-sjieda ta' kumpanija, b'kont meħud tal-interdipendenza bejn is-sjieda, il-kontroll u l-ġestjoni, il-fatt li r-riskju u r-responsabbiltà jiġu ffaċċjati biss mill-familja nnifisha, ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpanija u, b'mod ġenerali, l-individwalità tat-tmexxija ta' negozju, anke fir-rigward tal-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-ġestjoni tal-attivitajiet ta' negozju, u l-konsegwenzi li dan jista' jkollu għan-negozji tal-familja, pereżempju fir-rigward tal-għajnuna mill-istat u l-eliġibbiltà ta' tali negozji;

31. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt regolatorju tagħha, sadattant twestaq studju ta' fattibilità dwar "test għan-negozji tal-familja" (għal politiki dwar, pereżempju, il-proprjetà, l-istrutturi ta' governanza jew il-privatezza) abbażi tat-test tal-SMEs, u biex f'każ li l-istudju jirriżulta li dan huwa fattibbli, tintroduċih kemm jista' jkun malajr sabiex tkun tista' tiddetermina minn qabel l-effett ta' ċerti atti ġuridiċi fuq in-negozji tal-familja, u b'hekk tevita burokrazija bla b'żonn u diffikultajiet iebes għan-negozji tal-familja, b'attenzjoni partikolari fuq l-effett imħallat tad-dritt tal-kumpaniji u d-dritt privat;

32. Josserva li d-differenzi, pereżempju, fil-leġiżlazzjoni fiskali, l-iskemi ta' sussidju jew l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea fil-pajjiżi ġirien jistgħu jikkawżaw problemi fir-reġjun tal-fruntiera għall-impredituri, pereżempju dawk b'negozji tal-familja; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jeżaminaw mill-ġdid il-leġiżlazzjoni nazzjonali proposta u l-metodu propost għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea sabiex jiġi aċċertat l-impatt fuq l-impredituri, bħal dawk b'negozji tal-familja, fir-reġjuni tal-fruntiera;

33. Jistieden lill-Kummissjoni twaqqaf u tiddefinixxi l-ambitu ta' grupp ta' ħidma permanenti intern li jindirizza b'mod speċifiku l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi tan-negozji tal-familja, jirrapporta regolarment lill-Parlament u lill-Istati Membri, jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar Prattiki bejn l-organizzazzjonijiet tan-negozji tal-familja tal-Istati Membri, u jxerred linji gwida u testi standard u soluzzjonijiet għan-negozji tal-familja biex jegħlbu l-problemi speċifiċi tagħhom; jistieden ukoll lill-Kummissjoni toħloq punt uniku ta' servizz għan-negozji li jista' jaġixxi bħala punt ta' kuntatt fil-livell Ewropew għan-negozji tal-familja u l-gruppi ta' interess tan-negozji tal-familja, u biex tgħin fi kwistjonijiet speċifiċi relatati b'mod partikolari mal-leġiżlazzjoni Ewropea u l-aċċess għall-finanzjament tal-UE;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

34. Jenfasizza r-rwol intraprenditorjali tan-nisa fin-negozji tal-familja; jistieden lill-Kummissjoni tniedi studju dwar il-preżenza tan-nisa fin-negozji tal-familja fl-Ewropa u tevalwa l-opportunitajiet offruti min-negozji tal-familja għall-għoti tas-setgħa lin-nisa, l-opportunitajiet indaqs u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jenfasizza l-importanza li jitħares id-dritt tan-nisa għas-suċċessjoni f'negozji tal-familja, fuq l-istess livell bħall-irġiel, billi tiġi promossa kultura ta' drittijiet ugwali għall-irġiel u n-nisa li trawwem l-intraprenditorija tan-nisa fin-negozji tal-familja, inkluż f'pożizzjonijiet ta' tmexxija; jenfasizza wkoll li n-negozji tal-familja għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ġuridiċi relatati mas-sigurtà soċjali, il-kontribuzzjonijiet għall-pensjoni u l-istandards għal kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri;

35. Ifakkar għal darb'oħra lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali u reġjonali fl-importanza li jkun hemm provvista suffiċjenti ta' servizzi ta' kura ta' kwalità għolja u għal but ta' kulħadd għat-tfal, l-anzjani u persuni dipendenti oħrajn, li jkun hemm inċentivi fiskali għall-kumpaniji u kumpens ieħor li jgħin lin-nisa u lill-irġiel li jaħdmu bħala impjegati, għal rashom jew bħala manijers fin-negozji tal-familja biex jibbilanċjaw l-impjenji tagħhom tal-familja u tax-xogħol;

36. Jenfasizza l-bżonn ta' perjodi ta' maternità, paternità u ta' liv tal-ġenituri, distinti u remunerati b'mod xieraq li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-impjegati, ta' dawk li jaħdmu għal rashom u ta' min iħaddem fil-qasam tan-negozju;

37. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw in-Netwerk Ewropew tal-Ambaxxaturi Nisa fl-Imprenditorija u n-Netwerk Ewropew ta' Mentors għall-Imprendituri Nisa sabiex ikabbru l-profil tagħhom;

38. Jinnota li, minħabba li jkunu s-sidien tal-art, l-azjendi agrikoli tal-familja jkunu marbuta ma' lokalità partikolari; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li partikolarment il-burokrazija eċċessiva ma tipperikolax l-eżistenza ta' dawn l-azjendi agrikoli tal-familja; jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rwol importanti li jaqdu n-nisa fl-azjendi agrikoli tal-familja, u jistieden lill-Istati Membri jippromwovu t-taħriġ fil-qasam tan-negozju mmirat b'mod speċifiku għan-nisa bdiewa, sabiex tkompli tissaħħaħ aktar il-parteciġazzjoni tagħhom fl-azjendi agrikoli tal-familja;

39. Jistieden lill-Kummissjoni tistinka sabiex issaħħaħ l-intraprenditorija madwar l-UE, filwaqt li tikkunsidra l-importanza tan-negozji tal-familja fl-ekonomija tal-UE, u toħloq ambjent ta' eċċellenza fin-negozju;

40. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal b'urġenza komunikazzjoni li fiha jiġi analizzat ir-rwol tan-negozji tal-familja jew dan bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kompetittività u t-tkabbir tal-ekonomija tal-UE sal-2020, u tiżviluppa pjan direzzjonali li jelenka l-miżuri li jistgħu jsaħħu l-ambjent ekonomiku u l-iżvilupp tan-negozji tal-familja fl-UE, u tqajjem kuxjenza dwar l-isfidi speċifiċi għan-negozji tal-familja li jridu jiġu indirizzati u ssaħħaħ il-kompetittività, il-prospett ta' internazzjonalizzazzjoni u l-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi tagħhom;

o

o o

41. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0291

Nisfruttaw il-potenzjal ta' Riċerka u Innovazzjoni fl-Ekonomija Blu biex jinħolqu t-Tkabbir u l-Impjiegi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar Nisfruttaw il-potenzjal ta' riċerka u innovazzjoni fl-ekonomija blu biex jinħolqu t-tkabbir u l-impjiegi (2014/2240(INI))

(2017/C 316/06)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2014 bit-titolu "L-innovazzjoni fl-Ekonomija Blu: inwettqu l-potenzjal tal-ibħra u l-oċeani tagħna għall-impjiegi u t-tkabbir" (COM(2014)0254),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Lulju 2014, li tistabbilixxi qafas għal ipplanar tal-ispazju marittimu ⁽¹⁾
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 bit-titolu "Inizjattiva Ewlenija Ewropa 2020 Unjoni tal-Innovazzjoni" (COM(2010)0546),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2007 dwar "Politika marittima integrata għall-Unjoni Ewropea" COM(2007)0575,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Limassol tat-8 ta' Ottubru 2012 dwar Aġenda dwar il-baħar u marittima għat-tkabbir u l-impjiegi,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2012 bit-titolu "It-Tkabbir Blu: opportunitajiet għal tkabbir sostenibbli fis-settur tal-baħar u dak marittimu" (COM(2012)0494),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2013 dwar "Pjan ta' Azzjoni għal Strateġija Marittima fiż-żona tal-Atlantiku. Il-provvediment ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv" (COM(2013)0279),
- wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tad-29 ta' Awwissu 2012 bit-titolu "Għarfien dwar il-Baħar 2020: mill-immappjar ta' qiegħ il-baħar għat-tbassir oċeaniku" (COM(2012)0473),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Lulju 2013 dwar "Tkabbir blu: It-tisħiħ tat-tkabbir sostenibbli fis-setturi tal-baħar, tat-trasport marittimu u tat-turiżmu fl-UE" ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar l-għarfien dwar il-baħar 2020: "L-immappjar ta' qiegħ il-baħar għall-promozzjoni ta' sajd sostenibbli" ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu, tas-27 ta' Frar 2014, dwar Azzjonijiet speċifiċi fil-Politika Komuni tas-Sajd għall-iżvilupp tar-rwol tan-nisa ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE ⁽⁶⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 257, 28.8.2014, p. 135.

⁽²⁾ ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

⁽³⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0300.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0438.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0178.

⁽⁶⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1292/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 294/2008 li jstabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1312/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-Aġenda Strateġika tal-Innovazzjoni tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT): il-kontribuzzjoni tal-EIT għal Ewropa iktar innovattiva ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, mogħtija fil-15 ta' Ottubru 2014, dwar "L-innovazzjoni u l-Ekonomija Blu: inwettqu l-potenzjal tal-ibħra u l-oċeani tagħna għall-impjiegi u t-*tkabbir*" ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni, mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2014 dwar "L-innovazzjoni u l-Ekonomija Blu: inwettqu l-potenzjal tal-ibħra u l-oċeani tagħna għall-impjiegi u t-*tkabbir*" ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2014 dwar "Strateġija Ewropea għal aktar *Tkabbir Ekonomiku u Impjiegi fit-Turiżmu Marittimu u Kostali*" (COM(2014)0086),
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Kompetittività tal-4 ta' Diċembru 2014 bl-isem "It-tisħiħ tat-turiżmu permezz tal-promozzjoni tal-wirt kulturali, naturali u marittimu tal-Ewropa",
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni finali adottata fil-Konferenza tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Rio+20) li saret f'Rio de Janeiro, il-Brażil, mill-20 sat-22 ta' Ġunju 2012,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0214/2015),
- A. billi l-kunċett tal-ekonomija blu jkopri firxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi marbuta mal-ibħra u l-oċeani, li jvarjaw bejn setturi tradizzjonali jew stabbiliti u dawk emerġenti, fosthom is-sajd, l-akkwalkultura, it-trasport tal-merkanzija fuq il-baħar u dak tal-passaġġi fuq l-ilma interni, il-portijiet u l-loġistika, it-turiżmu, in-navigazzjoni rikreattiva u tal-kruċieri, il-bini u t-tiswija tal-bastimenti, xogħlijiet marittimi u protezzjoni tal-kosta, il-prospettar u l-isfruttar tar-riżorsi minerali lil hinn mill-kosta, l-isfruttar tal-enerġija mir-riħ u mill-baħar lil hinn mill-kosta, u l-bijoteknoloġija;
- B. billi l-iżvilupp tal-ekonomija blu għandu jiffoka fuq attivitajiet ekonomiċi sostenibbli li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet attwali u tal-ġejjieni u li jiġġeneraw prosperità għas-soċjetà;
- C. billi l-iżvilupp tal-ekonomija blu jeħtieġ bażi b'saħħitha ta' għarfien xjentifiku, peress li dan huwa l-punt ta' tluq għar-riċerka u l-innovazzjoni, u billi s-setturi xjentifiċi u teknoloġiċi marbuta mal-ekonomija blu huma diversi ferm;
- D. billi l-protezzjoni u s-salvagwardja tal-ambjenti naturali tal-baħar huma fundamentali għaż-żamma, l-appoġġ u l-iżvilupp tal-ekonomija blu u, barra minn hekk, l-ekosistemi vijabbli tal-baħar huma prekundizzjoni għall-isfruttament tar-riżorsi tal-ibħra u l-oċeani; billi l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà għandhom ikunu l-pilastru ewlenin tal-ekonomija blu sabiex jiġu ġġenerati t-*tkabbir* u l-impjiegi;

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 174.

⁽²⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 892.

⁽³⁾ ĠU C 12, 15.1.2015, p. 93.

⁽⁴⁾ ĠU C 19, 21.1.2015, p. 24.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- E. billi jeżisti nuqqas gravi ta' data, informazzjoni u għarfien dwar l-ibħra u l-oċeani, ir-riżorsi u l-bijodiversità tagħhom, u l-mod kif dawn jinteraġixxu mal-attivitajiet tal-bniedem, u l-impatti ambjentali u kumulattivi ta' dawn l-istess attivitajiet – indipendentement minn jekk hux qed iseħħu jew iridux jiġu żviluppati – u billi l-għarfien inadegwat jillimita l-użu sostenibbli tar-riżorsi kkonċernati, huwa ostakolu għall-innovazzjoni u jirrestrinġi l-potenzjal sħiħ tal-ibħra u l-oċeani, fil-kuntest ta' popolazzjoni dinjija li qed tiżdied bir-riżultat li l-ibħra u l-oċeani tagħna se jintużaw dejjem iżjed għall-ikel, l-ispazju, l-enerġija u l-minerali u b'hekk jeħtieġu approċċ aktar sistematiku għall-użu sostenibbli tagħhom;
- F. billi l-ekosistemi tal-baħar huma żoni b'bijodiversità fraġli, sensittivi għall-attivitajiet tal-bniedem, u qed isir dejjem aktar importanti li tinkiseb u tiġi kondiviża informazzjoni preċiża dwar il-post u l-firxa ta' tipi ta' habitat biex jiġu ffaċilitati l-ġestjoni soda, l-iżvilupp u l-protezzjoni ta' żoni sensittivi;
- G. billi l-ostakli għas-suċċess fl-innovazzjoni fl-ekonomija blu ma jinħolqux biss minħabba l-lakuni fl-għarfien xjentifiku, li l-universitajiet, in-negozji u l-istituzzjonijiet ta' riċerka qed jippruvaw jindirizzaw permezz ta' riċerka ta' livell għoli, iżda jinħolqu wkoll bl-ostakli għall-finanzjamenti minn riżorsi kemm pubbliċi kif ukoll privati;
- H. billi l-potenzjal għall-isfruttar tar-riżorsi tal-baħar biex jiġu żviluppati riżorsi tal-enerġija rinnovabbli sostenibbli jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-istrateġija tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE permezz tat-tnaqqis tad-dipendenza tal-Istati Membri fuq sorsi tal-enerġija mhux tal-UE;
- I. billi l-iżvilupp tal-ekonomija blu jista' jagħti spinta kemm lit-tkabbir u l-iżvilupp ekonomiku, kif ukoll lill-ħolqien tal-impjiegi, speċjalment għar-regġuni kostali, ir-regġuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi gżira, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet u d-differenzi speċifiċi u varji ta' kull żona ġeografika;
- J. billi l-investment ikbar fir-riċerka u l-innovazzjoni b'rabta mal-ibħra u l-oċeani jista' jkun għodda utli biex jiġu appoġġjati l-għanijiet ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, filwaqt li jiġu indirizzati l-asimmetriji u d-differenzi li qed jikbru bejn l-Istati Membri, u tissaħħa ukoll il-pożizzjoni globali tal-UE fil-qasam tal-politika marittima u l-ekonomija blu (pereżempju permezz tal-esportazzjoni ta' teknoloġija ambjentali), b'kunsiderazzjoni tal-importanza tal-impriżi żgħar u medji (SMEs) u n-negozji tal-familja għall-innovazzjoni u l-impjiegi;
- K. billi fl-attivitajiet tal-ekonomija blu għandhom jitqiesu livelli adegwati differenti ta' kompetenza, b'mod speċifiku fillivell internazzjonali, Ewropew u tal-Istati Membri; billi l-prijoritajiet settorjali għall-iżvilupp tal-ekonomija blu jistgħu jvarjaw bejn Stat Membru u ieħor, u jiddependu minn naħa fuq ir-rekord tal-iżvilupp rispettiv tas-setturi tradizzjonali jew stabbiliti u, min-naħa l-oħra, fuq ir-riżorsi eżistenti u l-iżvilupp potenzjali tas-setturi emerġenti f'kull Stat Membru;
- L. billi biex jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet ta' innovazzjoni fl-ekonomija blu hemm bżonn ta' forza tax-xogħol tas-sengħa, edukata u mħarrġa b'mod adegwat; billi attwalment jeżisti nuqqas ta' hiliel li għandu jiġi indirizzat;
- M. billi jeħtieġ li jiġi evitat li, bil-pretest li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-ekonomija blu, jiġu applikati forom insostenibbli ta' sfruttament tar-riżorsi u mudelli tat-tkabbir li diġà ntweru li mhumiex sostenibbli għall-ibħra u l-oċeani, u billi l-isfruttament tar-riżorsi tal-ibħra u l-oċeani għandu jsir strettament b'konformità mal-ħtieġa li jiġu żgurati l-ġestjoni u l-konservazzjoni xierqa ta' dawn ir-riżorsi, bla ma jinbidlu l-bilanċi assoċjati mal-ekosistemi tal-baħar, u billi jiġu rrestawrati dawk degradati pereżempju permezz ta' metodi innovattivi biex jiġi indirizzat it-tniġġis tal-baħar, b'mod partikolari l-volumi li qed jikbru ta' skart tal-plastik, plastiglomerati u mikropartiċelli tal-plastik li jiddiżintegraw, u r-riċiklaġġ tal-iskart bla ma jinhlaw ir-riżorsi;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- N. billi bosta għodod ta' ġestjoni ambjentali kostali u tal-baħar qed jiġu appoġġjati bl-immappjar ta' qiegħ il-baħar, inkluż l-ippjanar ta' stħarriġ ta' monitoraġġ bl-identifikazzjoni ta' żoni li x 'aktarx jappoġġjaw habitat partikolari ta' interess, jew bl-għoti ta' informazzjoni bħala għajnuna fil-lokalizzazzjoni u l-ippjanar ta' proġetti lil hinn mix-xtut, bħall-iżvilupp ta' molljiet u marini, xogħlijiet ta' protezzjoni kostali, parkijiet eoliċi fuq il-baħar u reklamazzjoni tal-art, b'mod sostenibbli għall-ambjent;
- O. billi, skont l-Artikolu 190 tat-Trattat ta' Lisbona u d-dikjarazzjoni ta' Rio+20, il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-approċċ abbażi tal-ekosistema għandhom ikunu fil-qalba tal-ġestjoni ta' kwalunkwe attività li jkollha impatt fuq l-ambjent tal-baħar;
- P. billi l-UE ilha tipproduċi sett ta' programmi u linji gwida li jipprovdu qafas għal attivitajiet relatati mal-ekonomija blu u l-innovazzjoni; billi dak il-qafas għandu jiġi ġġudikat skont l-utilità Prattika tiegħu fl-appoġġ tal-isforzi tal-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jiżviluppaw l-ekonomija blu;
- Q. billi l-promozzjoni u l-iżvilupp ta' ekonomija blu ġdida u sostenibbli għandhom ikunu inklużi fil-politika għall-iżvilupp tal-UE, fil-politika barranija u fil-politika tal-Unjoni għall-Mediterran u l-pajjiżi kostali Afrikani tal-Mediterran, l-istati ġżira tal-Afrika tal-Lvant fl-Oċean Indjan, filwaqt li l-istati ġżira li huma partijiet tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) tal-AKP jeħtieġ li jiġu kkunsidrati bħala sħab fl-isforz biex titwaqqaf ekonomija blu sostenibbli;
- R. billi l-komunitajiet kostali u tal-gżejjer u l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma partijiet ikkonċernati indispensabbli fid-dibattitu dwar il-potenzjal tal-ekonomija blu u t-twettiq tiegħu;
- S. billi ż-żoni kostali għandhom karatteristiċi speċifiċi li jagħmluhom distinti u jiddeterminaw l-opportunitajiet tagħhom għall-iżvilupp fit-terminu medju u fit-tul;
- T. billi l-oċeani u l-ibħra Ewropej huma differenti ħafna u jvarjaw mill-profondità tal-Atlantiku lil hinn mill-Irlanda għall-profondità tal-Baħar l-Iswed lil hinn mir-Rumanija u mill-ibħra kesħin fl-Artiku għall-ilmijiet sħan tal-Mediterran;
- U. billi t-turiżmu jikkostitwixxi 5 % tal-PDG tal-UE, 12-il miljun impjeg u 2,2 miljun impriża; billi t-turiżmu kulturali jikkostitwixxi kważi 40 % tat-turiżmu pan-Ewropew; billi t-turiżmu tal-baħar u kostali jikkostitwixxi terz tal-attivitajiet turistiċi kollha fl-Ewropa, u jimpjega 3,2 miljun ħaddiem;
- V. billi bħalissa huwa stmat li bejn 3 % u 5 % tal-PDG tal-UE jiġi mis-settur marittimu ġenerali, li jimpjega madwar 5,6 miljun persuna u li jiġġenera EUR 495 biljun għall-ekonomija Ewropea;
- W. billi huwa stmat li bħalissa n-numru ta' molekuli fil-baħar huwa ħafna oġhla min-numru ta' molekuli fuq l-art, u li dawn jirrappreżentaw potenzjali inkredibbli għar-riċerka fl-oqsma tas-saħħa, tal-kożmetiċi u tal-bijoteknoloġija;
- X. billi l-politika marittima integrata hija importanti bħala lieva b'saħħitha għall-attivitajiet tal-ekonomija blu, fuq kolloxx meta jkun meħtieġ li jiġu indirizzati b'mod integrat l-isfidi kollha li qed jiffaċċjaw l-ibħra Ewropej illum;
- Y. billi fil-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) preċedenti, il-gruppi għall-iżvilupp tas-sajd urew li huma utli ħafna bħala għodda għall-ħolqien tal-impjiegi u l-ġid, il-koeżjoni soċjali u territorjali, kif ukoll fit-teħid tad-deċiżjonijiet u bħala protagonisti attivi fl-iżvilupp tagħhom stess;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

1. Jieħu nota tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "L-Innovazzjoni fl-Ekonomija Blu: inwettqu l-potenzjal tal-ibħra u l-oċeani tagħna għall-impjiegi u t-tkabbir"; jinnota li l-komunikazzjoni għandha ambitu limitat u ma tkoprix is-setturi kollha li jikkostitwixxu l-ekonomija blu; jitlob lill-Kummissjoni tadotta approċċ integrat u iktar komprensiv li jkopri l-isfidi tal-innovazzjoni u l-ħolqien tal-impjiegi fil-firxa varjata kollha ta' setturi interkonnessi;
2. Huwa tal-fehma li l-ekonomija blu għandha tiġi definiti f'termini speċifiċi u inklużivi li jkopru l-attivitajiet settorjali u intersettorjali kollha relatati mal-oċeani, l-ibħra, l-ekosistemi kostali, iż-żoni kostali u interni konnessi, inklużi forom ta' appoġġ dirett u indirett; jiġbed l-attenzjoni għall-importanza trażversali tal-innovazzjoni għal dawn l-attivitajiet kollha, kemm jekk ikunu tradizzjonali u kemm jekk ikunu emerġenti;
3. Jippromwovi l-ħtieġa ta' pjanar strateġiku tal-attivitajiet fl-ekonomija blu, metodi diretti ta' finanzjament, prijoritajiet fil-mira u pjan ta' azzjoni sabiex dan is-settur jingħata spinta sal-2020, inklużi ideat speċifiċi dwar mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u investment fl-infrastruttura;
4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iwettqu analiżi u kwantifikazzjoni tal-firxa tal-attivitajiet ekonomiċi eżistenti tal-ekonomija blu tagħhom u jitlob l-iżvilupp ta' strateġija li għandha ġġib flimkien inizjattivi dwar is-setturi marittimi kollha; jitlob lill-Kummissjoni twestaq ċensiment tal-għadd kbir ta' proġetti li hija ffinanzjat fil-passat li kienu rilevanti għall-ekonomija blu, u tniedi studju komprensiv dwar l-importanza u l-valur tal-ekonomija blu;
5. Jenfasizza li l-ibħra u l-oċeani diġà jinsabu taħt pressjoni antropika konsiderevoli u qed ibatu mill-konsegwenzi marbuta ma' din il-pressjoni (tniġġis, tibdil fl-ambjent u l-klima, sfruttament żejjed tar-riżorsi, sajd żejjed, eċċ.), iżda madankollu l-ibħra u l-oċeani għad għandhom riżervi importanti ta' ekosistemi li mhumiex aċċessibbli u għaldaqstant għadhom intatti; jemmen li l-ekonomija blu għandha għalhekk tqis il-protezzjoni, ir-restawr u ż-żamma tal-ekosistemi, il-bijodiversità, ir-reżiljenza u l-produttività tal-ibħra u l-oċeani, inklużi s-servizzi assoċjati mal-funzjonament tal-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar; jemmen li l-prinċipju ta' prekawzjoni u l-approċċ ekosistemiku għandhom ikunu fil-qalba tal-ekonomija blu;
6. Jenfasizza r-rwol importanti tat-teknoloġiji l-ġodda fil-ġlieda kontra d-degradazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar u jenfasizza r-rabtiet bejn l-ekonomija blu u l-ekonomija ekoloġika, speċjalment fir-rigward ta' metodi innovattivi biex jitnaddfu l-ibħra, inkluż ir-riċiklaġġ tal-plastik ta' ħsara għall-ambjent b'mod kosteffikaċi;
7. Jinnota li fehim aħjar tal-ibħra u l-oċeani, inklużi qiegħ il-baħar u l-ħajja fil-baħar, flimkien ma' valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, se jippermettu li jiġu sfruttati b'mod sostenibbli r-riżorsi tal-baħar, filwaqt li jsaħħu l-bażi xjentifika li fuqha huma msejsa l-politiki marittimi varji tal-UE;
8. Jitlob lill-Kummissjoni biex, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri (wara t-tlestija tal-analiżi xjentifika u ċ-ċensiment imsemmija hawn fuq), tkejjel il-bżonnijiet finanzjarji tal-ekonomija blu (fil-livelli settorjali, reġjonali, nazzjonali u tal-Ewropa) bl-għan li jinkiseb il-potenzjal tagħha ta' tkabbir sostenibbli, żvilupp u ħolqien tal-impjiegi, b'enfasi partikolari fuq ir-reġjuni li huma dipendenti ħafna fuq is-sajd u b'konsiderazzjoni partikolari għan-negozji l-ġodda, l-SMEs u n-negozji tal-familja;
9. Jenfasizza li l-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu jirrikjedi investment ikbar fl-għarfien u r-riċerka; jiddeplora l-impatt fuq terminu ta' żmien qasir u fit-tul li t-tnaqqis fl-investment pubbliku fir-R&Ż qed ikollu fuq il-programmi nazzjonali tar-riċerka; huwa tal-fehma li, sabiex jitjeb il-fehim tal-ambjent tal-baħar u l-potenzjal ekonomiku tiegħu, l-UE u l-Istati Membri għandhom jipprovdu finanzjament sostanzjali, skont arranġamenti li jaħsbu għall-kontinwità u l-prevedibbiltà fuq medda twila taż-żmien, bla ma jipperikolaw il-finanzjament ta' programmi diġà eżistenti u li qed jitwettqu;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġġixxi l-kompilazzjoni ta' data xjentifika perijodika u aġġornata dwar l-istatus tal-popolazzjonijiet tal-baħar fi ħdan l-ilmijiet tal-UE u barra minnhom, b'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra; itenni n-natura multidixxiplinarja tar-riċerka tal-baħar u dik marittima u jenfasizza l-importanza ta' appoġġ għal sforz trażversali li jolqot id-diversi setturi u dixxiplini tar-riċerka tal-baħar u dik marittima;

11. Ihegġegħ sabiex jiġu stipulati objettivi u skadenzi ċari bl-għan li d-data – irrispettivament minn jekk tkun relatata ma' qiegħ il-baħar u l-kolonna tal-ilma jew ir-riżorsi ħajjin – tkun trasparenti, iktar aċċessibbli u kompletament interoperabbli u armonizzata; jitlob li tingħata informazzjoni dwar l-ibħra u l-oċeani lill-pubbliku, bl-għan li titrawwem l-innovazzjoni, filwaqt li jiġi żgurati li l-fondi ma jinħlewx u li l-proġetti ma jkunux iddupplikati; jemmen li l-investment fi proġetti ta' akkwiżizzjoni ta' data jikkontribwixxi wkoll għall-produttività u għal żieda fl-innovazzjoni;

12. Jitlob li r-riżultati tar-riċerka ffinanzjata minn fondi pubbliċi jitqiegħdu fid-dominju pubbliku għal użu mhux kummerċjali (filwaqt li tiġi ssalvagwardjata d-data ta' importanza strateġika għall-Istati Membri), u li dak il-prinċipju jkun applikata b'mod vinkolanti fuq is-sħab li jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka tal-UE; jitlob li jingħata aċċess miftuħ għad-data li tappoġġja r-riżultati ta' tali riċerka; jitlob inizjattiva tal-UE li tinkoraġġixxi lill-kumpaniji privati fis-settur marittimu biex jikkondividu data li ma tkunx ekonomikament sensitiva għal skopijiet ta' riċerka u jhegġegħ lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi pjattaforma ta' informazzjoni tar-riċerka Orizzont 2020 malajr kemm jista' jkun;

13. Jitlob li l-proġett Network Ewropew ta' Osservazzjoni u Data Marittima (EMODnet) jinkludi b'mod espliċitu l-istħarriġ tad-data dwar l-impatti kumulattivi, l-iskart tal-baħar, l-istorbju tal-baħar u interferenti endokrinali li jistgħu jiġu dissolti, fit-taqsimha tiegħu dwar l-impatt tal-bniedem;

14. Jirrifjuta t-tnaqqis fil-baġit tal-programm qafas ta' riċerka Orizzont 2020 propost mill-Kummissjoni;

15. Ihegġegħ lill-Kummissjoni twestaq valutazzjonijiet regolari tal-implimentazzjoni tal-programm Orizzont 2020 fl-oqsma relatati mal-ekonomija blu u tippubblika r-riżultati; jappoġġja t-twaqqif ta' sħubija speċifika għall-industrija marittima skont il-qafas tal-programm Orizzont 2020 u jitlob li tiġi inkluża fil-programm ta' ħidma Orizzont 2020 għall-2016 u l-2017; iqis li għandhom isiru aktar sforzi biex titjeb ir-rabta bejn ir-riċerka u l-industrija fl-iżvilupp tal-prodotti u l-proċessi ġodda, it-tkabbir u l-impjiegi;

16. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali għandhom rwol ewlieni fl-iżvilupp tal-ekonomija blu u jhegġegħ lill-Kummissjoni tappoġġja u tinkoraġġixxi l-forom kollha ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali (sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet f'dan il-qasam), bħall-inizjattivi ta' programmazzjoni konġunta, filwaqt li jiġu involuti wkoll ir-raggruppamenti marittimi, is-settur tas-sajd u l-komunitajiet lokali; jenfasizza r-rwol tal-istrateġiji makroreġjonali bħala mezz biex jiġu indirizzati l-isfidi komuni u jiġu sfruttati l-opportunitajiet konġunti (eż. l-Istrateġija għar-Reġjun Adrijatiku u Joniku) u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jibnu fuq il-proġetti ta' riċerka reġjonali ta' suċċess (eż. BONUS);

17. Jitlob li l-kooperazzjoni u s-sħubiji bejn l-Istati Membri jikkontribwixxu għall-immirar b'mod aktar effettiv tal-finanzjament disponibbli permezz ta' strumenti tal-UE u nazzjonali; jenfasizza li, meta jkunu qed jiġu ffukati l-prijoritajiet, għandhom jitqiesu l-impatt dirett tal-fondi u l-kontribut dirett għall-ekonomija blu;

18. Jenfasizza l-interess tal-Istati Membri li jespandu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran u jstieden lill-Istati Membri jikkunsidraw l-ekonomija blu bħala spazju addizzjonali ta' kooperazzjoni; ihegġegħ forum ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE (eż. l-Unjoni għall-Mediterran, l-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed) u jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-appoġġ għall-iżvilupp ta' ekonomija blu sostenibbli bħala objettiv tal-politika għall-iżvilupp tal-UE;

19. Jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi kundizzjonijiet regolatorji u legali favorevoli għal investment fl-enerġija rinnovabbli fl-ekonomija blu, u biex tippreżenta qafas ċar u stabbli ta' appoġġ għar-riċerka, in-negozji u l-gvernijiet li jippermetti żieda fl-investment fi proġetti innovattivi għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

20. Jenfasizza li l-oċeani u l-ibħra Ewropej huma varjati ħafna u li għalhekk huwa essenzjali li l-Kummissjoni ma tadottax approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd"; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jiġi promoss approċċ integrat għal setturi differenti tal-ekonomija blu, ibbażat fuq prinċipji komuni bħalma huma s-sostenibbiltà, filwaqt li jiġu rikonossuti u rrispettati l-ispeċifitàt u l-ħtiġijiet tar-reġjuni differenti u l-prijoritajiet tal-Istati Membri differenti, u jiġu appoġġjati fl-iżvilupp ta' dawn il-prijoritajiet;

21. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-aġenziji tagħha biex jappoġġjaw lill-Istati Membri fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrategji nazzjonali u reġjonali għall-iżvilupp tal-ekonomija marittima;

22. Jiġbed l-attenzjoni għall-iżvilupp negattiv u d-deterjorament ċar ta' wħud mis-setturi l-iktar tradizzjonali tal-ekonomija blu (bħas-sajd u l-bini u t-tiswija tal-bastimenti), speċjalment f'żoni fejn kellhom rwol ta' attivitajiet ta' ankra awtentiċi, saħħew l-attivitajiet ekonomiċi upstream jew downstream, ħolqu l-impjegi u ppromwovew l-iżvilupp; iqis li kwalunkwe strateġija tal-UE dwar l-ekonomija blu m'għandhiex tinsa dawn l-attivitajiet u r-reġjuni, u għandha tenfasizza l-potenzjal tal-innovazzjoni u tieħu vantaġġ mill-għarfien espert Ewropew fit-treġġigħ lura ta' dan in-nuqqas (eż. modifiki iktar 'il quddiem tal-bastimenti);

23. Jenfasizza l-importanza tar-riċerka tal-baħar u dik marittima u ta' kooperazzjoni aktar b'saħħitha dwar dawn is-setturi fost ir-riċerkaturi, fost l-Istati Membri u fost ir-reġjuni sabiex jingħeleb id-distakk eżistenti bejn l-Istati Membri u l-konċentrazzjoni ġeografika f'ċerti żoni u sabiex tingħata spinta lill-kompetittività taż-żoni kostali u lill-ħolqien ta' impjegi lokali sostenibbli u ta' kwalità;

24. Jemmen li n-nuqqas ta' professjonisti kkwalifikati fid-dixxiplini differenti u fis-setturi differenti ta' attività – fosthom riċerkaturi, inġiniera, tekniċi u ħaddiema – huwa ostaklu kbir li jista' jxekkel it-tweġġiq sħiħ tal-potenzjal tal-ekonomija blu; huwa tal-fehma li dan in-nuqqas huwa marbut sew kemm mad-diżinvolviment u d-diżinvestment li qed jiżiedu min-naħa tal-Istati Membri fl-oqsma tax-xjenza u l-edukazzjoni, kif ukoll man-nuqqas ta' valorizzazzjoni tal-professjonisti eżistenti, speċjalment f'dawk l-Istati Membri li sofrew l-iktar minħabba l-kriżi ekonomika, u għalhekk jitlob li dawn iż-żewġ xejriet jitreġġgħu lura bla dewmien; iħeġġeġ lill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali biex jinvestu f'dimensjoni soċjali ambizzjuża ta' tkabbir blu u litteriżmu marittimu sabiex jiġu promossi t-taħriġ u l-aċċess taż-żgħażaġh għal professjonijiet marittimi; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw kemm l-edukazzjoni għolja kif ukoll il-programmi ta' taħriġ professjonali u kontinwu, u jiżguraw li dawn il-programmi jinkorporaw perspettivi tal-ekonomija blu;

25. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet reġjonali, lill-istituzzjonijiet edukattivi u lill-industrija biex jikkoordinaw, joħolqu sinerġiji u jidentifikaw kwistjonijiet ta' riċerka trażversali fil-qasam tal-ekonomija blu, sabiex jiġu promossi t-taħriġ u l-aċċess taż-żgħażaġh għall-professjonijiet relatati;

26. Iqis li l-iżvilupp xieraq tal-ekonomija blu jeħtieġ id-dinjità tal-professjonijiet assoċjati magħha u l-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità bid-drittijiet, fosthom id-drittijiet ta' saħħa u sikurezza għall-ħaddiema marittimi, u sensibilizzazzjoni dwar dawn id-drittijiet sabiex jiġi żgurat li s-settur jibqa' attraenti; barra minn hekk, iqis li, peress li l-ekonomija blu kienet u għadha tradizzjonalment ddominata sew mill-irġiel, issa huwa opportun li l-UE tirrikonossi li dan huwa ż-żmien ideali biex in-nisa jiġu mħajra jipparteċipaw f'dan il-qasam ekonomiku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinkorporaw il-perspettiva ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-istadji kollha tal-iżvilupp tal-ekonomija blu u jrawmu u jżidu l-parteċipazzjoni effettiva tan-nisa fiha;

27. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tippromwovi d-drittijiet tal-ħaddiema u tigarantixxi kundizzjonijiet ta' xogħol sikuri fis-setturi kollha fi ħdan l-ekonomija blu, kemm jekk diġà stabbiliti u kemm jekk emerġenti;

28. Jitlob lill-Kummissjoni tiġbor u tanalizza data marbuta mal-karrieri marittimi fil-livelli kollha (mil-liġi għall-inġinerija u l-ġestjoni ambjentali, minn strutturi tal-għaddasa għal baħħara u tekniċi marittimi) u biex tuża din id-data ħalli tesplora l-opportunitajiet ta' impjegi fl-livelli differenti – dawk tradizzjonali, dawk emerġenti u dawk kompletament ġodda li jistgħu jinħolqu;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

29. Jistieden lill-Kummissjoni tispeċifika l-fondi Ewropej disponibbli kollha għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-ekonomija blu u tiġborhom taħt pjattaforma unika aċċessibbli għaċ-ċittadini; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tiddeċida finanzjament għall-innovazzjoni u t-tkabbir blu sabiex jiġu ffinanzjati r-riċerka fundamentali, ir-R&Ż, it-taħriġ, il-ħolqien ta' impjiegi, il-ħolqien tan-negozju, l-SMEs, l-intrapriżi soċjali, il-kooperattivi, l-edukazzjoni u l-apprendistati, it-tnaqqis tal-faqar kostali, l-iżvilupp tal-bijoteknoloġija, il-links tat-trasport, l-interkonnnettività tal-enerġija, il-kostruzzjoni u t-tiswija tal-bastimenti, l-aċċess kostali għall-broadband, il-protezzjoni ambjentali u l-bejgħ ta' prodotti, servizzi u proċessi innovattivi;

30. Jemmen li l-investment fl-ekonomija blu għandu jiffoka, fost l-oħrajn, fuq l-"ekoinnovazzjoni" li ma tiddependix fuq riżorsi finiti, l-effiċjenza fir-riżorsi, l-ekonomija ċirkolari, il-konservazzjoni tan-natura, il-protezzjoni kostali u tal-baħar, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, u l-użu sostenibbli tar-riżorsi (filwaqt li jiġi żgurat li r-rati ta' użu ta' dawn ir-riżorsi ma jaqbżux, fuq żmien fit-tul, ir-rati ta' riġenerazzjoni naturali tagħhom); iħeġġeġ lill-Kummissjoni bix tinkorpora dawn il-prinċipji fil-programmi ta' appoġġ attwali u futuri;

31. Jitlob li jiġi stabbilit qafas finanzjarju xieraq sabiex jiġu stimolati l-innovazzjoni, l-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu u l-ħolqien tal-impjiegi, li jgħaqqad, jikkoordina u jiffaċilita l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji disponibbli il-finanzjament strutturali u ta' investment (il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), u l-Fond ta' Koeżjoni), il-programmi qafas ta' riċerka, il-ħolqien possibbli ta' komunità ta' konnoxxenza u innovazzjoni (KKI) futura iffokata fuq l-ekonomija blu, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), eċċ.; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li l-istrumenti jkunu mmirati aħjar għall-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati individwali – l-istituzzjonijiet pubbliċi, l-awtoritajiet lokali, in-negożji, speċjalment l-SMEs, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi, eċċ. – u li l-opportunitajiet eżistenti jiġu ppubbliċizzati b'mod wiesa';

32. Jiddispijaċih profondament dwar id-dewmien fl-ipprogrammar b'rabta mal-FEMS f'ċerti Stati Membri;

33. Iqis li l-investment pubbliku, speċjalment f'xi Stati Membri, għandu rwol deċiżiv fil-promozzjoni tal-iżvilupp u l-isfruttament sħiħ tal-potenzjal tal-ekonomija blu, filwaqt li ma jintnesiex ir-rwol tal-investment privat; jenfasizza li l-investment fl-ekonomija blu jeħtieġ taħlita ta' ffukar ta' proġetti, minn proġetti infrastrutturali kbar għal investimenti differenti fuq skala żgħira fl-SMEs, li jeħtieġu assistenza addizzjonali fl-aċċess għall-finanzjament;

34. Jenfasizza li l-industriji fuq l-art li jappoġġjaw l-ekonomija blu offshore jikkostitwixxu l-konnessjoni ta' importanza vitali biex jiġi żgurat li l-innovazzjoni fil-baħar ittejjeb il-ħajja ta' dawk kollha fl-UE, u jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi aktar appoġġ lil dawn l-industriji fuq l-art;

35. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex jippromwovu strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti, bl-għan li jinħolqu u jiġu sfruttati ktajjen tal-valur relatati mal-attivitajiet multipli u varjati tal-ekonomija blu; iqis li l-iżvilupp ta' "raggruppamenti" jew "superraggruppamenti" jimplika li l-Istati Membri għandu jkollhom rwol attiv fit-trawwim ta' sinerġiji settorjali u transsettorjali; iqis li l-istrateġiji għar-riċerka marittima u l-iżvilupp teknoloġiku jistgħu jiġu introdotti inizjalment bħala strateġiji pilota u, għaldaqstant, iservu ta' eżempju tal-aħjar Prattika għall-ekonomija blu iktar wiesgħa;

36. Iqis li l-implimentazzjoni tal-istrateġiji, il-pjanijiet u l-programmi, kif ukoll ta' leġiżlazzjoni nazzjonali speċifika, tista' tipprovdi qafas politiku u istituzzjonali li jkun aktar favorevoli għall-iżvilupp tal-ekonomija blu fl-Istati Membri differenti; jenfasizza li dawn l-istrateġiji, il-pjanijiet u l-programmi, flimkien ma' leġiżlazzjoni nazzjonali speċifika, għandhom jikkontribwixxu għal interazzjoni armonjuża u sostenibbli bejn l-attivitajiet tal-bniedem u l-ambjent tal-baħar u kostali; jenfasizza l-importanza tal-ippjanar spazjali marittimu għall-iżvilupp sostenibbli u kkoordinat tal-attivitajiet marittimi filwaqt li, b'mod ekwu, jitqiesu l-interessi tas-setturi kkonċernati kollha kif ukoll l-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar u l-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali; ifakkar fid-Direttiva dwar l-Ippjanar Spazjali Marittimu, id-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija tal-Baħar u l-Politika Marittima Integrata fil-livell tal-UE u f'dak tal-baċiri tal-baħar;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

37. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-kumpaniji statali pubbliċi jew b'maġġoranza pubblika f'oqsma bħat-trasport tal-merkanzija fuq il-baħar, il-ġestjoni tal-portijiet, l-industrija tat-trasport fuq il-baħar u x-xogħlijiet marittimi u ta' difiża kostali; jirrifjuta l-viżjoni li għandha t-tendenza tiffoka biss fuq is-settur privat u jemma li t-tisħiħ u l-modernizzazzjoni tas-settur pubbliku jistgħu jkunu forza motriċi importanti għall-promozzjoni tal-ekonomija blu;

38. Jemma li sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu għandu jkun hemm integrazzjoni u koordinazzjoni aħjar tal-isforzi u l-kompetenzi fil-livell tal-UE, b'azzjonijiet ta' koeżjoni u koerenza; jitlob li jinġabru flimkien l-aġenziji rilevanti u l-kompetenzi mxerrda li diġà jeżistu taħt aġenzija eżistenti b'kompetenzi marittimi, bħala mezz biex jissaħħu l-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u l-appoġġ lill-Istati Membri fl-iżvilupp u l-użu sħiħ tal-potenzjal tal-ekonomija blu;

39. Iqis li l-komunitajiet ta' max-xtut u tal-gżejjer għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fil-fażijiet kollha tal-iżvilupp tal-ekonomija blu, u li dan huwa kundizzjoni essenzjali għat-tweqqif tal-potenzjal ta' din l-ekonomija f'termini ta' innovazzjoni, ta' impjegi, ta' prosperità u ta' żvilupp sostenibbli; jirrikonoxxi l-potenzjal u l-ħtieġa ta' soluzzjonijiet innovattivi rigward l-espansjoni tal-bliet fuq il-baħar;

40. Jirrikonoxxi d-diversità u l-partikolarità tal-komunitajiet kostali u tal-gżejjer u jitlob l-adozzjoni ta' miżuri straordinarji sabiex jiġi promoss b'mod effiċjenti l-iżvilupp tal-ekonomija blu f'dawn iż-żoni permezz tat-tneħħija tal-ostakli għall-investment u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet favorevoli għat-tkabbir;

Approċċi bbażati fuq is-settur

41. Jitlob appoġġ iktar attiv għall-modernizzazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd u l-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd, bl-għan li jinħoloq valur miżjud ogħla, ikun hemm enfasi fuq is-sajd fuq skala żgħira, u tiżdied is-selettività tal-irkaptu tas-sajd, minbarra li jiġu pprovduti modi iktar effikaċi għall-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux regolat u mhux rappurtat; ifakkar li l-immappjar u l-klassifikazzjoni tal-habitats tar-riżorsi huma essenzjali għat-twaqqif ta' settur tas-sajd vijabbli, sostenibbli u ġestit tajjeb; huwa tal-fehma li d-data xjentifika dwar is-sajd li tiffirma l-bażi tad-deċizzjonijiet politiċi għandha ssir magħrufa lill-pubbliku fis-sħuħija tagħha;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tiegħu l-miżuri neċessarji biex issaħħa ir-rwol tal-gruppi għall-iżvilupp tas-sajd skont il-PKS il-ġdida, filwaqt li tipprovdihom b'iktar riżorsi sabiex ikunu jstgħu jkomplu u jiżviluppaw ir-rwol tagħhom u jippromwovu din il-kooperazzjoni interterritorjali;

43. Huwa favur il-ħtieġa li jiġu identifikati u promossi l-attrazzjonijiet naturali u kulturali; jenfasizza r-rwol taż-żoni "no-ġo" bħala għajnuna biex iż-żoni verġni jkempaw u iż-żoni ta' qiegħ il-baħar sfruttati żżejjed jirriġeneraw, u b'hekk jikkontribwixxi lejn is-sostenibbiltà futura tal-ibħra tagħna;

44. Hu tal-opinjoni li l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura Ewropea jirrikjedi appoġġ iktar b'saħħtu għar-riċerka xjentifika u l-iżvilupp teknoloġiku b'rabta mat-trobbija ta' speċijiet ġodda, speċjalment speċijiet indiġeni, filwaqt li jiġi żgurat il-forniment sostenibbli tal-ġhalf, jiġu minimizzati l-impatti tal-bijodiversità u jitnaqqas l-impatt tal-użu ta' kimiċi u mediċini, kif ukoll fil-qasam tal-iżvilupp ta' prodotti ġodda jew imtejba b'mod sinifikanti, biex jiġi żgurat li jkun hemm diversifikazzjoni tal-produzzjoni u tal-provvista tal-ikel u biex tittejjeb il-kwalità tagħhom, filwaqt li jiżdied il-livell tas-sikurezza ambjentali; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-għarfien preċiż dwar il-batimetrija u l-kompożizzjoni ta' qiegħ il-baħar huwa essenzjali fl-għażla tas-siti l-iktar adegwati għall-espansjoni tal-industrija tal-akkwakultura lokali, fl-istima tal-kapaċità ta' ġarr tagħhom, u fl-immudellar tat-tniġġis li jirriżulta mill-attivitatiet tal-akkwakultura;

45. Huwa favur l-integrazzjoni tal-kriterji ambjentali u ta' sostenibbiltà usa' fl-istandards ta' produzzjoni u tikkettar, biex il-produtturi responsabbli jiġu ppremjati u biex il-konsumaturi jkunu jstgħu jagħmlu għażliet infurmati aħjar hekk kif dan is-settur jespandi; jitlob regolamentazzjoni xierqa marbuta mal-akkwakultura u miżuri biex itaffu l-alterazzjoni tal-kwalità tal-ilma; jitlob li jingħata appoġġ għat-tranżizzjoni mill-metodi ta' produzzjoni konvenzjonali tal-akkwakultura għall-akkwakultura organika;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

46. Jemmen li, għal raġunijiet relatati mal-konsum tal-enerġija u l-faċilità teknika tal-konverżjoni f'gass likwifikat miż-żejt (LPG), it-trasport tal-merkanzija fuq il-baħar u x-xmajjar, apparagun ta' modi oħrajn ta' trasport tal-merkanzija, qed ikompli jieħ importanza deċiżiva; jitlob li r-riżorsi jiġu kkanalizzati lejn l-appoġġ tal-innovazzjoni f'dan is-settur, bl-għan li tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, ssir diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija primarja u jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' sustanzi noċivi;

47. Itenni l-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata fir-rigward tat-trasport marittimu f'termini ta' titjib tal-effiċjenza u t-tħaffif tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur, u li l-iżvilupp u l-użu tal-gass naturali likwifikat (LNG), bħala fjuwil tranżitorju aktar nadif, għandu jiġi mħeġġeġ għal dan is-settur;

48. Jenfasizza l-importanza strateġika tal-bini u t-tiswija tal-bastimenti u r-rabtiet tagħhom ma' setturi oħrajn – bħall-industrija tal-azzar, it-trasport tal-merkanzija fuq il-baħar, is-sajd u t-turiżmu tal-kruċieri; iqis li l-impenn favur l-innovazzjoni teknoloġika u livell għoli ta' speċjalizzazzjoni, li jistgħu jwasslu għal żieda fil-valur miżjud, jista' joħloq kuntesti inqas esposti għall-kompetittività internazzjonali, peress li jaspira biex tinqaleb it-tendenza ta' tnaqqis fir-ritmu li għaddej minnu s-settur; hu tal-fehma li għandu jingħata appoġġ speċifiku għall-qawmien mill-ġdid u l-modernizzazzjoni tal-industriji Ewropej tal-bini tal-bastimenti u tal-azzar speċjali, fid-diversi forom tagħhom;

49. Jitlob lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid u b'mod sħiħ il-politika tagħha lejn l-industrija Ewropea tal-bini tal-vapuri u japprova bil-qawwa l-għajnuna speċjali maħsuba għall-bidu mill-ġdid u l-modernizzazzjoni tal-bini tal-bastimenti fl-Ewropa;

50. Jemmen li għandu jkun hemm aktar enfasi fuq ir-rwol tal-baħar fit-turiżmu u fuq is-sostenibbiltà tiegħu; jinnota li t-turiżmu marittimu u kostali Ewropew qed iħabbat wiċċu ma' kompetizzjoni minn pajjiżi terzi; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-UE għandha tisfrutta r-rikkezzi kulturali tagħha biex toffri servizzi ta' turiżmu marittimu u kostali sostenibbli u ta' kwalità għolja; iqis li l-patrimonju kulturali u t-turiżmu marittimu u kostali jista' jkollhom rwol distintiv fl-attrazzjoni ta' aktar konsumaturi u negozji bid-diversifikazzjoni tal-offerta turistika; jenfasizza l-kontribut pożittiv tal-patrimonju kulturali, it-turiżmu marittimu u kostali għall-għanijiet tal-Ewropa ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli u ħolqien ta' impjiegi; jitlob aktar appoġġ għall-SMEs, li jikkostitwixxu l-maġġoranza l-kbira tas-settur tal-akkwaturizmu, sabiex jiġi żgurat li l-impjiegi eżistenti u dawk ġodda jkunu sostenibbli, ta' kwalità għolja, u jdumu tul is-sena kollha;

51. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' forom ta' turiżmu sostenibbli mill-perspettiva soċjali, ekonomika u ambjentali li jistgħu jikkostitwixxu sors sinifikanti ta' valur miżjud għaż-żoni marittimi;

52. Jemmen li huwa ta' importanza imperattiva li l-patrimonju kulturali ta' taħt l-ilma jingħata l-importanza dovuta fi ħdan l-ekonomija blu, b'mod partikolari peress li l-patrimonju kulturali ta' taħt l-ilma jista' jgħallem lis-soċjetajiet tal-lum dwar l-esplojtazzjoni tal-passat tal-baħar, dwar ir-reazzjonijiet tal-bnedmin għat-tibdil fil-klima u ż-żieda fil-livell tal-baħar fost oħrajn, u barra dan billi l-patrimonju kulturali ta' taħt l-ilma huwa riżorsa għat-turiżmu;

53. Jenfasizza l-fatt li filwaqt li l-UE għadha mexxejja globali fl-ekonomija blu, il-kompetizzjoni internazzjonali f'dan is-settur hija qawwija u huwa biss ambjent b'kundizzjonijiet ekwi globali li jista' jkompli jiżgura tkabbir sostenibbli u ħolqien ta' impjiegi Ewropej f'dan is-settur kumpless;

54. Huwa tal-fehma li l-istudji dwar id-degradazzjoni tas-sistemi kostali (tniġġis u telf tal-bijodiversità), ir-reżiljenza u r-restawr tal-ekosistema, l-erożjoni kostali, il-mitigazzjoni tal-kawżi tiegħu u xogħlijiet marittimi biex tiġi protetta l-kosta (inklużi soluzzjonijiet b'bażi naturali bħall-Infrastrutturi Ekoloġiċi) huma oqsma kruċjali għall-ekonomija blu li qed isiru aktar importanti fid-dawl tat-tibdil fil-klima; jappella għat-tisħiħ tal-għajnuna tal-UE għal dawn iż-żoni u flessibbiltà għal żoni bi profil kostali distint u b'okkorrenzi ripetuti ta' diżastri minħabba l-erożjoni kostali;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

55. Jinnota li l-enerġija mill-ibħra u l-oċeani għandha potenzjal kbir f'termini tal-użu tar-riżorsi domestiċi, id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija, u l-kontribuzzjoni għall-oġġettivi tal-klima u l-enerġija; jenfasizza li l-enerġija rinnovabbli tal-baħar huma settur industrijali għall-gejġeni u jiġbed l-attenzjoni, f'dan ir-rigward, għall-importanza tal-iżvilupp ta' sorsi innovattivi ta' enerġija nadifa u enerġija "blu", bħall-enerġija mill-fluss tal-marea, l-enerġija mill-mewġ u l-enerġija ożmotika, kif imsemmi fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Jannar 2014 dwar l-enerġija blu; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar bejn l-Istati Membri huma ta' importanza kbira; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi kkunsidrat u jsir iktar studju dwar il-potenzjal tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS);

56. Jenfasizza li l-esplorazzjoni u l-isfruttament tar-riżorsi tal-enerġija tal-ibħra u l-oċeani għandhom iqisu l-ħtiġijiet tat-trasferiment tat-teknoloġiji, partikolarment fir-rigward tat-taħriġ ta' ħaddiema tas-sengħa u bi kwalifiki għoljin, u jissodisfaw ukoll kriterji stretti ta' sostenibilità ambjentali; jinnota l-potenzjal ta' effett multiplikatur ta' dawn l-attivitajiet f'termini ta' impjiegi u tal-attivitajiet relatati, kemm upstream kif ukoll downstream;

57. Jenfasizza r-rwol importanti tat-teknoloġiji l-ġodda, pereżempju fil-ġlieda kontra d-degradazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar, jew fil-ġbir u l-ħżin tal-emissjonijiet tal-karbonju; jitlob lill-Kummissjoni biex tanalizza wkoll kif it-teknoloġija u l-infrastruttura ta' akkumpanjament tagħha għat-trasport tas-CO₂ mingħajr periklu u b'mod kosteffikaċi jistgħu jiġu applikati b'mod ekonomikament vijabbli;

58. Jinnota li l-aħjar l-post għall-ġeneraturi tal-enerġija li jużaw l-enerġija blu, bħall-enerġija mir-riħ, mill-mewġ jew dik solari, il-kurrenti tal-oċeani, l-enerġija ożmotika u l-konverżjoni tal-enerġija termali, tista' tiddependi fuq għadd ta' fatturi, inklużi l-fond tal-ilma, il-kundizzjonijiet ta' qiegħ il-baħar, il-karatteristiċi oċeanografiċi u d-distanza mill-kosta; jemma, għalhekk, li l-armonizzazzjoni tad-data miġbura fil-programmi nazzjonali differenti dwar il-batimetrija, il-karatteristiċi ta' qiegħ il-baħar jew il-profilu vertikali tal-oċeani tista' tgħin fl-għażla tas-sit u l-politiki ta' liċenzjar għal żviluppi fl-enerġija rinnovabbli; jisħaq ukoll li tinħtieġ riċerka ulterjuri f'soluzzjonijiet ta' enerġija tal-baħar sabiex jiġu żviluppati soluzzjonijiet ta' teknoloġija tal-enerġija affordabbli, kosteffikaċi u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;

59. Iqis li l-esplorazzjoni u l-estrazzjoni fil-blata kontinentali jirrikjedu l-involvement kostanti tal-Istat, b'mod partikolari f'termini ta' informazzjoni, identifikazzjoni ta' żoni fejn l-estrazzjoni hija pprojbiti, valutazzjoni tal-impatt ambjentali, analiżi u minimizzazzjoni tar-riskji, u l-eżerċizzju tas-sovranià; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi u taġġorna lista mhux eżawrjenti ta' attivitajiet marittimi (pereżempju l-produzzjoni ta' enerġija lil hinn mix-xtut, l-estrazzjoni fil-baħar miftuħ, l-esplorazzjoni tar-ramel u ż-żrar fil-baħar, eċċ.) li jeħtieġu valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiku minn qabel; jitlob li tingħata attenzjoni fir-rigward tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-minerali bħala għażla alternattiva għall-estrazzjoni fil-baħar miftuħ u l-potenzjal offrut minn dawn l-attivitajiet għall-inkorporazzjoni tal-għarfien xjentifiku u l-iżvilupp u t-trasferiment tat-teknoloġija;

60. Huwa favur involviment ikkoordinat u b'saħħtu tal-UE fl-Awtorità Internazzjonali ta' Qiegħ il-Baħar biex jiġi żgurat qafas regolatorju ambjentali effikaċi u prekawzjonarju għall-prevenzjoni tal-impatti negattivi tal-esplorazzjoni u l-esplorazzjoni tal-estrazzjoni fil-baħar miftuħ, inklużi ż-Żoni ta' Interess Ambjentali Partikolari, kif ukoll l-impatti soċjetali tal-estrazzjoni fil-baħar miftuħ u l-bijoprospettar fuq il-komunitajiet lokali, u biex tiġi ggarantita t-trasparenza sħiħa tad-data;

61. Iqis li l-bijoteknoloġija relatata mal-ibħra u l-oċeani hija settur ferm diversifikat li, b'mod ġenerali, għandu potenzjal enormi f'dak li jirrigwarda l-ħolqien u l-applikazzjoni ta' għarfien ġdid u l-ħolqien ta' prodotti u proċessi ġodda b'valur miżjud għoli (materjali, ikel, komposti farmaċewtiċi ġodda, eċċ.); jiġbed l-attenzjoni għall-ħtiġijiet ta' edukazzjoni u taħriġ relatati ma' dan is-settur, li jirrikjedu responsabilizzazzjoni sħiħa mill-Istati Membri, f'assoċjazzjoni mas-settur privat, kif ukoll kooperazzjoni internazzjonali fuq skala komprensiva simili;

62. Jenfasizza l-importanza tad-djalogu soċjali u jqis li s-sħab soċjali kollha involuti fl-ekonomija blu għandhom ikunu rappreżentati; jenfasizza l-importanza tal-konsultazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati dwar l-iżvilupp tal-ekonomija blu iġenerali, inklużi l-konsultazzjonijiet kemm mas-soċjetà ċivili kif ukoll mal-awtoritajiet reġjonali u lokali;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

63. Jappoġġja bil-qawwi l-inizjattiva tal-Kummissjoni inkluża fil-komunikazzjoni tagħha għall-promozzjoni ta' Alleanza ta' Ħiliet u Ċentru ta' Innovazzjoni tal-Għarfien dwar l-Ekonomija Blu;
64. Jemmen li għandu jitnieda pakkett "Erika IV" għas-sikurezza marittima biex jiġu evitati diżastri marittimi kbar ulterjuri; iqis li dan il-pakkett għandu jirrikonoxxi l-ħsara ekoloġika għall-ilmijiet tal-baħar fil-leġiżlazzjoni Ewropea;
65. Jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tas-soċjetà ċivili dwar l-importanza tal-baħar bħala riżorsa ekonomika, kulturali u soċjali u r-rwol tar-riċerka u d-djalogu fil-kisba ta' sostenibbiltà integrata bejn il-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini;
66. Iqis li l-ibħra u l-kosti huma riżorsi ta' valur li għandhom jiffurmaw wieħed mill-pilastri tal-politika ta' rinaxximent industrijali tal-UE; jinnota li għandhom jittieħdu passi lejn ir-rivitalizzazzjoni tal-industrija blu filwaqt li jiġu appoġġjati l-koeżjoni tal-ekonomija Ewropea u l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari f'dawk ir-reġjuni fejn dan il-potenzjal ġie marġinalizzat b'riżultat tal-proċessi ta' globalizzazzjoni;
67. Huwa tal-fehma li l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp rapidu u sostenibbli tas-settur;

o

o o

68. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri.
-

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0292

Il-promozzjoni tal-intraprenditorija fost iż-żgħażaġħ permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija fost iż-żgħażaġħ permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ (2015/2006(INI))

(2017/C 316/07)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2014 dwar l-intraprenditorija fl-edukazzjoni u t-taħriġ ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE1 tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2014 dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażaġħ għat-trawwim tal-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġħ ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ("ET 2020") ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 bit-titolu "Żgħażaġħ f'Moviment – il-promozzjoni tal-mobbiltà fit-tagħlim taż-żgħażaġħ" ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2009 dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġħ (2010-2018) ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 2006/962/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim ta' matul il-ħajja ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ġunju 2013 intitolata "Naħdmu flimkien għaż-żgħażaġħ tal-Ewropa: Sejħa għal azzjoni fir-rigward tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ" (COM(2013)0447),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Jannar 2013 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni dwar l-Intraprenditorija 2020: Tkebbis mill-ġdid tal-ispirtu tal-intraprendenza fl-Ewropa" (COM(2012)0795),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2012 bit-titolu "Reviżjoni tal-Edukazzjoni: Ninvestu fil-ħiliet għal eżiti soċjoekonomiċi aħjar" (COM(2012)0669),

⁽¹⁾ ĠU C 17, 20.1.2015, p. 2.

⁽²⁾ ĠU C 183, 14.6.2014, p. 18.

⁽³⁾ ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.

⁽⁴⁾ ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU C 199, 7.7.2011, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 bit-titolu "L-Edukazzjoni u t-Taħriġ f'Ewropa intelliġenti, sostenibbli u inklussiva" (COM(2011)0902),
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Jannar 2015 bit-titolu "Edukazzjoni dwar l-Intraprenditorija: Triq għas-suċċess",
 - wara li kkunsidra l-gwida Social Europe tal-Kummissjoni ta' Marzu 2013 dwar "Social Economy and Social Enterprises" (ISBN: 978-92-79-26866-3),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2015 dwar is-segwitu għall-implimentazzjoni tal-Proċess ta' Bolonja ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2012 dwar l-Edukazzjoni, it-Taħriġ u l-Ewropa 2020 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar l-indirizzar tat-tluq bikri mill-iskola ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar it-tagħlim fl-ewwel snin tat-tfulija fl-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar kompetenzi ewlenin għal dinja li qed tinbidel: l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010 ⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-għoti ta' tagħlim tul il-ħajja għat-tagħrif, il-kreattività u l-innovazzjoni – l-implimentazzjoni tal-"Programm ta' ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010" ⁽⁶⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-Opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0239/2015),
- A. billi l-intraprenditorija taż-żgħażaġh teħtieġ li tkun parti importanti integrali tal-istrateġija politika li tappoġġja l-ġenerazzjoni taż-żgħażaġh tal-lum f'termini tal-għanijiet tal-UE għat-tkabbir, l-impjiegi, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali u sabiex tnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE;
- B. billi l-intraprenditorija għandha tintfiehem fit-tifsira usa' tagħha bħala l-abbiltà li wieħed ibiddel l-ideat f'azzjonijiet;
- C. billi fi Frar 2015, 4,85 miljun zaġħżuġh u zaġħżuġha kienu qiegħda fl-UE-28, ċifra li hi għolja inaċċettabbli, u għalkemm il-qgħad fost iż-żgħażaġh qiegħed jonqos – naqas b'494 000 meta mqabbel ma' Frar 2014 – dan qiegħed iseħħ b'pass kajman wisq;
- D. wara li kkunsidra r-rati għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh u li l-fatt li l-konsolidazzjoni fiskali tal-Istati Membri l-aktar milquta mill-kriżi m'għandhomx jitwettqu għad-detriment ta' impjiegi meħuda miż-żgħażaġh; billi, bħala riżultat ta' dan il-qgħad għoli fost iż-żgħażaġh, iż-żgħażaġh qed jesperjenzaw livelli oġhla ta' faqar u esklużjoni soċjali, speċjalment fil-każ ta' dawk li ġejjin minn gruppi żvantaġġati u vulnerabbli; jirrikonoxxi u jilqa' b'sodisfazzjon, madankollu, il-fatt li l-impjenji saru biex iħaffu l-għoti tal-fondi tal-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ lill-Istati Membri, iżda jitlob li jkun hemm impjenji aktar b'saħħithom min-naħa tal-Kummissjoni biex jindirizzaw din il-problema serja;

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0107.

⁽²⁾ ĠU C 353 E, 3.12.2013, p. 56.

⁽³⁾ ĠU C 165 E, 11.6.2013, p. 7.

⁽⁴⁾ ĠU C 377 E, 7.12.2012, p. 89.

⁽⁵⁾ ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 8.

⁽⁶⁾ ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 33.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- E. billi d-differenza bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ u s-suq tax-xogħol hija waħda mill-kawżi tal-qgħad fost iż-żgħażaġh u tal-għadd kbir ta' postijiet vakanti fl-UE u għandha tiġi indirizzata wkoll billi ż-żgħażaġh jingħataw s-setgħa permezz tal-kompetenzi ewlenin, fosthom sens ta' inizjattiva u intraprenditorija, li huma meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jieħdu sehem, b'mod kunfidenti, fl-ekonomija u s-soċjetà tal-lum ibbażati fuq l-għarfien;
- F. billi l-Unjoni Ewropea, permezz tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattivi ewlenin tagħha dwar "Ħiliet ġodda u l-impjiegi", "Aġenda Diġitali għall-Ewropa", "Unjoni ta' Innovazzjoni", u "Żgħażaġħ Attivi", kif ukoll l-appoġġ immirat għal imprendituri nisa u persuni żvantaġġati u b'diżabbiltà, tippromwovi s-sens ta' inizjattiva u intraprenditorija, billi trawwem attitudni intraprenditorjali u l-għarfien relatat, il-ħiliet u l-kompetenzi relatati li jistgħu jagħtu spinta lill-kompetittività u t-tkabbir li jkunu intelliġenti, sostenibbli u inklużivi;
- G. billi l-intraprenditorija hija mutur importanti ta' tkabbir ekonomiku u ta' ħolqien ta' impjiegi peress li toħloq kumpaniji u impjiegi ġodda, tiftaħ swieq ġodda, issaħħaħ il-kompetittività, ittejjeb il-produttività u l-innovazzjoni, issaħħaħ il-kompetittività Ewropea u toħloq il-ġid u għandha għalhekk tkun aċċessibbli b'mod ugwali għal kulħadd;
- H. billi l-intraprenditorija, u b'mod partikolari l-intraprenditorija soċjali huma muturi importanti ta' koeżjoni soċjali u sostenibbiltà li jistgħu jagħtu spinta lill-ekonomija filwaqt li fl-istess ħin jittaffew id-deprevazzjoni, l-esklużjoni soċjali u l-problemi soċjali oħra;
- I. billi l-intraprenditorija u partikolarment l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) huma s-sinsla tal-ekonomija tal-UE u jirrappreżentaw l-aktar sors importanti u primarju ta' impjeg ġdid; billi l-potenzjal intraprenditorjali tan-nisa huwa sors mhux sfruttat biżżejjed tat-tkabbir ekonomiku u tal-impjiegi;
- J. billi l-kulturi li jivvalutaw u jippremjaw il-kompetenzi intraprenditorjali u l-imġiba intraprenditorjali bħall-kreattività, l-innovazzjoni, l-inizjattiva, it-teħid tar-riskju kkalkulat, il-ħsieb indipendenti u l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet, kif ukoll kwalitajiet ta' tmexxija, jippromwovu propensità għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda għall-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali bl-integrazzjoni ta' komponenti ta' għarfien fl-edukazzjoni li jgħaqqdu t-teorija mal-prattika, u b'hekk inaqqsu l-ostakli bejn l-esperjenza tan-negozju u l-edukazzjoni; billi huwa għalhekk ta' importanza kbira li dawn il-kompetenzi personali jiġu integrati fis-sistema edukattiva u jkunu parti mill-ħajja ta' kuljum fil-livelli kollha;
- K. billi f'ċerti Stati Membri l-ftuħ ta' negozji ġodda (ta' kull tip, inkluża l-intraprenditorija soċjali jew negozju għal xi profitt personali) ma jiġux rikonoxxuti biżżejjed jew inklużi bħala karriera, u hemm ftit li xejn appoġġ għal imprendituri aspiranti fi ħdan is-sistema edukattiva;
- L. billi l-imprendituri żgħażaġh jiffaċċjaw bosta sfidi u diffikultajiet, inkluż nuqqas ta' esperjenza, ħiliet xierqa u aċċess għall-finanzi u l-infrastruttura;
- M. billi studji reċenti jissuġġerixxu li l-kompetenzi intraprenditorjali jistgħu jiġi mgħallma u li l-edukazzjoni intraprenditorjali, jekk imfassla tajjeb, implimentata u tkun aċċessibbli għal kulħadd, jista' jkollha impatt pożittiv ħafna fuq il-ħajja tan-nies u l-impjegabbiltà tagħhom, kif ukoll ir-rati għall-bidu u r-rati ta' sopravivenza tal-intrapriżi;
- N. billi sabiex iwasslu għal konklużjonijiet robusti, il-kejl tal-impatt tal-edukazzjoni intraprenditorjali għandu jsir b'approċċ kritiku, kif ukoll ibbażat fuq evidenza soda u li jistrieħ fuq għodod u tekniki statistiċi stabbiliti;
- O. billi l-edukazzjoni intraprenditorjali għandha tinkorpora dimensjoni soċjali inkluż it-tagħlim dwar il-kummerċ ġust, l-intrapriżi soċjali u mudelli ta' negozju alternattivi bħal pereżempju, il-kooperattivi bil-għan li tinkiseb ekonomija soċjali, inklużiva u sostenibbli;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- P. billi attitudni imprenditorjali ttejjeb l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh, toħloq f'dik il-persuna kwalitajiet li huma essenzjali biex jingħelbu d-diffikultajiet kemm fil-ħajja professjonali kif ukoll f'dik privata, u tgħin biex tiġi evitata żieda fil-faqar u l-esklużjoni soċjali; billi aċċess aktar faċli għal mekkaniżmi ta' mikrofinanzjament jista' jgħin biex jintlaħqu dawn l-għanijiet;
- Q. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali b'mod ġenerali huma ta' importanza primordjali fir-rigward tal-iżvilupp personali ta' kull individwu, u għalhekk għandhom ikunu vasti biżżejjed sabiex jiġu stabbiliti l-pedamenti għall-iżvilupp tul il-ħajja u l-approfondiment ta' għarfien u l-akkwiżizzjoni ta' ħiliet trasversali, u prattiki biżżejjed, u b'hekk jippermettu lill-individwi jkollhom karrieri reali u ħajja professjonali u privata ta' valur; billi hemm korrelazzjoni diretta bejn it-taħlita b'suċċess ta' dawn iż-żewġ aspetti tal-edukazzjoni u t-tnaqqis fir-riskju tal-qgħad fost iż-żgħażaġh;
- R. billi l-ispirtu u l-ħiliet tal-intraprenditorija jistgħu jiġu akkwistati, mgħallma u żviluppati minn kull individwu; billi kull tip u livell ta' edukazzjoni jikkorrispondi għal opportunità speċifika għall-bini speċifiku ta' ċerti ħiliet u kapaċitajiet għall-intraprenditorija bħala parti mill-akkwist ġenerali ta' kompetenzi ewlenin;
- S. billi l-ħiliet intraprenditorjali huma marbuta ma' settijiet oħra ta' ħiliet bħall-ħiliet fl-ICT, il-ħiliet ta' soluzzjoni tal-problemi u l-litteriżmu finanzjarju li għandhom jiġu promossi;
- T. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ huma ta' importanza ewlenija f'termini ta' motivazzjoni u ta' possibbiltajiet għaż-żgħażaġh biex jibdeu il-proġetti intraprenditorjali tagħhom stess;
- U. billi l-edukazzjoni, bħala ġid pubbliku, għandha tkun kompletament inklużiva u integrata billi jsir enfasi speċjali fuq l-għoti ta' aċċess ugwali għall-istudenti li ġejjin minn ambjenti soċjoekonomiċi differenti;
- V. billi ż-żgħażaġh ikunu f'qagħda aħjar biex jinvolvu ruħhom f'negozju fuq skala transnazzjonali jekk ikunu jafu lingwi oħrajn;
- W. billi l-gruppi sottorappreżentati u żvantaġġati jeħtieġu attenzjoni speċjali u appoġġ matul l-edukazzjoni tagħhom, anke permezz tal-involvement tal-ġenituri u tal-komunitajiet fil-proċess edukattiv, kif ukoll jeħtieġu għajnuna sabiex jibdeu, imexxu jew ikabbru negozju jew intrapriża;
- X. billi ż-żgħażaġh jibbenefikaw mit-taħriġ u l-edukazzjoni intraprenditorjali kif ukoll mill-esperjenza intraprenditorjali prattika, li jgħinu jiżviluppaw il-ħiliet u t-talent tagħhom filwaqt li jgħinuhom jiżviluppaw il-kunfidenza, u jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' negozji ġodda, l-impjegabbiltà u l-innovazzjoni; billi l-intraprenditorija hi għażla li mhijiex sfruttata biżżejjed għal ħafna żgħażaġh b'diżabbiltà;
- Y. billi l-intrapriżi soċjali u inklużivi jipparteċipaw b'mod attiv fi tkabbir sostenibbli innovattiv, jippromwovu koeżjoni akbar fi ħdan is-soċjetà u l-komunitajiet lokali, u jistgħu joħlqu opportunitajiet ta' impjieg għaż-żgħażaġh, inklużi dawk li huma soċjalment vulnerabbli u dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol;
- Z. billi ma hemmx biżżejjed nies li jsegu l-ideat tagħhom biex jibdeu negozju, u hemm, b'mod sproporzjonat, anke inqas nisa milli rġiel imprendituri (aktar u aktar fil-każ tan-nisa li ġejjin minn gruppi soċjali vulnerabbli u jiffaċċjaw diskriminazzjoni doppja), u, filwaqt li l-impendituri nisa għandhom bħala medja edukazzjoni ogħla minn imprendituri rġiel, iżda huma wkoll aktar attivi f'setturi inqas innovattivi, li qed jikbru inqas malajr, b'kumpaniji iżgħar minn dawk tal-impendituri rġiel; billi jeħtieġ li jiġu promossi b'mod attiv modi biex jingħelbu l-fatturi li jiskoraġġixxu partikolarment lin-nisa milli joħlqu l-intraprenditorija jew li jibbenefikaw aktar minnha ⁽¹⁾;

⁽¹⁾ Rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress fl-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-2013 (SWD(2014)0142), Pubblikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Data Statistika dwar l-Impendituri Nisa fl-Ewropa, Settembru 2014.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- AA. billi f'ċerti Stati Membri kmamar tal-artiġjanat, l-industrija u l-kummerċ joffru programmi mmirati biex jappoġġjaw negozji ġodda;
- AB. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ huma prinċipalment kompetenzi nazzjonali u ċerti Stati Membri għad iridu jiżviluppaw politika trasversali, jew approċċ strateġiku għall-edukazzjoni jew il-kurrikuli intraprenditorjali u l-metodi ta' taġħlim; billi mhux l-għalliema u dawk li jmexxu l-edukazzjoni kollha fl-Ewropa huma mħarrġa biżżejjed fl-edukazzjoni intraprenditorjali, jew permezz ta' żvilupp professjonali kontinwu taġħhom jew permezz ta' taħriġ inizjali, li jista' jkollu impatt fuq il-potenzjal ta' intraprenditorija biex jiġi inkorporat biżżejjed fis-sistemi edukattivi ⁽¹⁾;
- AC. billi l-għalliema għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw ma' imprendituri u jiddefinixxu l-għanijiet ta' taġħlim fi sħubija magħhom u jingħataw appoġġ u riżorsi xierqa sabiex jimplimentaw strateġiji li jiffukaw fuq l-istudent u li jadattaw il-metodi tat-taġħlim taġħhom għall-ħtiġijiet tal-istudenti vulnerabbli taġħhom;
- AD. billi l-attivitajiet ta' taġħlim mhux formali u informali jikkomplementaw u jsaħħu t-taġħlim formali billi joffru tipi diversi ta' esperjenzi ta' taġħlim li jagħtu s-setgħa, u għallhekk għandhom jiġu rikonoxxuti bħala l-aqwa sorsi li permezz taġħhom jinkisbu u jiġu żviluppanti l-kompetenzi tal-intraprenditorija;
- AE. billi t-taġħlim formali u informali jista' jkollu rwol ewlieni fl-iżvilupp u s-sostenn ta' ħilet intraprenditorjali speċjalment fost il-gruppi margjinalizzati;
- AF. billi l-attivitajiet ta' taġħlim mhux formali u informali huma b'mod partikolari rilevanti għaż-żgħażgħ b'inqas opportunitajiet billi jipprovduhom sors addizzjonali ta' taġħlim u triq possibbli lejn l-edukazzjoni u t-taħriġ formali;
- AG. billi t-taġħlim minn imprendituri ta' esperjenza jagħti stampa pożittiva tal-ispirtu intraprenditorjali u jiffaċilita l-pass lejn l-intraprenditorija;
- AH. billi l-intraprenditorija, inkluża l-intraprenditorija soċjali, għandha tiġi integrata fit-taħriġ tal-għalliema u tal-konsulenti tal-karrieri;
- AI. billi s-sistemi edukattivi nazzjonali qegħdin jevolvu b'rati differenti b'reazzjoni għal bidliet fis-suk tax-xogħol;
- AJ. billi l-programm Erasmus+, li beda jopera mill-2014 sal-2020, għandu l-għan li jimmodernizza l-edukazzjoni, it-taħriġ u x-xogħol taż-żgħażgħ madwar l-Ewropa u huwa miftuħ għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażgħ u l-organizzazzjonijiet sportivi fis-setturi kollha tat-taġħlim tul il-ħajja; billi dan se jipprovdi opportunitajiet għal aktar minn 4 miljun Ewropew biex jistudjaw, jitħarrġu, jiksbu esperjenza ta' xogħol u jagħmlu volontarjat barra minn pajjiżhom;
- AK. billi l-intraprenditorija diġà għandha rwol fil-Programm Erasmus+, li huwa wieħed mir-riżultati mistennija tal-azzjonijiet ta' mobbiltà;
- AL. billi huwa importanti li tiġi promossa u titteġġeg il-mobbiltà ta' imprendituri żgħażgħ permezz ta' programmi, bħal pereżempju l-Erasmus għal Imprendituri Żgħażgħ (2009-2015), li jippermetti lill-imprendituri żgħażgħ biex jieħdu sehem fi skambji transkonfinali u biex jitgħallmu minn imprendituri ta' esperjenza li jmexxu negozji żgħar, kif ukoll joħloq opportunitajiet biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fl-intraprenditorija; billi jeħtieġ li jiġu allokati aktar fondi għal programmi bħal dawn sabiex tizzied il-parteċipazzjoni taż-żgħażgħ;

⁽¹⁾ Konklużjonijiet tas-simpożju tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ta' Budapest u Istanbul.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- AM. billi ż-żgħażaġh huma inklinati li jesprimu preferenza li jaħdmu għal rashom u madwar 45 % taż-żgħażaġh bejn il-15 u l-24 sena jgħidu li jippreferu jaħdmu għal rashom ⁽¹⁾;
- AN. billi l-komunità kummerċjali fil-livell lokali, nazzjonali u Ewropew tista' tagħti kontribuzzjonijiet konsiderevoli fil-forma ta' volontarjat ibbażat fuq il-ħiliet, is-sħubijiet mal-istituzzjonijiet edukattivi u l-kollaborazzjoni ma' dawk li jfasslu l-politika;
- AO. billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jagħtu kontributi konsiderevoli (gruppi mhux governattivi bħal trejdnjins, assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem u gruppi soċjali oħra), fosthom il-Junior Achievement – l-inizjattiva Young Enterprise Europe li tippровdi edukazzjoni u taħriġ informali u tul il-ħajja dwar l-intraprenditorija; billi dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom bżonn aktar rikonoxximent, minkejja li ma jistgħux iwasslu għal kwalifika formali ċertifikata; billi dawn il-kontribuzzjonijiet isiru wkoll minn intrapriżi li jipprovdu taħriġ għalihom infushom;

Enfasi fuq il-ħiliet u l-kompetenzi intraprenditorjali

1. Jirrikonoxxi r-rwol tat-tagħlim tul il-ħajja u l-mobbiltà internazzjonali bħala fatturi li jikkostitwixxu miżura ewlenija fir-risponza tal-Ewropa għall-globalizzazzjoni u l-bidla għal ekonomiji msejsa fuq l-għarfien; jinnota, b'mod partikolari, l-importanza tas-"sens ta' inizjattiva u intraprenditorija", kif inklużi fost it-tmien "Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja – Qafas ta' Referenza Ewropew", meqjusa meħtieġa mill-individwi kollha għat-twettiq u l-iżvilupp personali, iċ-ċittadinanza Ewropea attiva u l-parteċipazzjoni, l-inklużjoni soċjali u l-impjiegi;
2. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-ħiliet intraprenditorjali għaż-żgħażaġh permezz ta' azzjoni leġiżlattiva li tiżgura traineeships ta' kwalità li jiffukaw fuq it-tagħlim ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati bħala għodod biex irawmu l-impjegabbiltà, kif propost mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships;
3. Jenfasizza l-ħtieġa ta' definizzjoni wiesgħa u ċara tal-kompetenza ewlenija "sens ta' inizjattiva u intraprenditorija", li tinvolvi t-trawwim ta' attitudni intraprenditorjali kkaratterizzata mill-proattività, il-kreattività, l-innovazzjoni u t-teħid tar-riskju, kif ukoll l-abbiltà tal-ippjanar u l-ġestjoni tal-proġetti sabiex jintlaħqu l-għanijiet, u anki l-idea li l-individwu jkun konxju mill-kuntest tax-xogħol tiegħu/tagħha u li jkun kapaċi jaħtaf l-opportunitajiet li jinħolqu, fir-rigward tal-intraprenditorija kif ukoll l-attività ta' xogħol (f'dan l-aħħar każ imsejjaħ "intraprenditorija"); għandu fiduċja fis-setturi tal-industrija kreattiva u l-intrapriżi relatati mal-kultura, li jistgħu jenfasizzaw l-opportunitajiet tan-negozju, speċjalment għaż-żgħażaġh;
4. Ifakkar li l-industrija kreattiva huma fost l-aktar setturi intraprenditorjali, billi jiżviluppaw ħiliet trasferibbli bħall-ħsieb kreattiv, is-soluzzjoni ta' problemi, ix-xogħol f'tim u l-milja ta' riżorsi;
5. Jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ wiesa' għall-intraprenditorija bħala sett ta' kompetenzi ewlenin trasversali għal skopijiet personali u professjonali;
6. Jenfasizza l-importanza ta' monitoraġġ organizzattiv u ħiliet ta' awditjar; jinkoraġġixxi b'mod partikolari l-iżvilupp ta' awditjar soċjali u ambjentali, bħala għodda ta' monitoraġġ innovattiv;
7. Jinsab konvint li l-ħiliet u l-kompetenzi intraprenditorjali kif ukoll dawk trasversali, transettorjali, speċifiċi għall-impjiegi u l-ħiliet u l-kompetenzi speċifiċi għall-impjiegi għandhom jiġu promossi sabiex jiżiedu r-rati ta' impjiegi indipendenti fost iż-żgħażaġh u biex jipprovdu lill-ġenerazzjoni żaġħżuġha b'opportunità reali biex jibdedw in-negozji tagħhom stess u sabiex jgħinu kemm lilhom infushom kif ukoll lis-soċjetà b'mod ġenerali;

⁽¹⁾ Il-Kummissjoni: Eurobarometer FL354, "L-intraprenditorija fl-UE u lil hinn", 9 ta' Jannar 2013.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

8. Jinsab konvint li l-pass meħtieġ li jmiss huwa li jiġi speċifikat fid-dettall kif il-qafas tal-kompetenzi ewlenin jista' jiġi implimentat aktar b'mod xieraq f'kull livell tal-edukazzjoni għall-kompetenza intraprenditorjali, billi jiġu inklużi l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet intraprenditorjali bħala eżitu ta' tagħlim ta' kull programm ta' apprendistat u edukattiv speċifiku;
9. Jenfasizza li fil-livelli u t-tipi kollha tal-edukazzjoni għandu jiġi pprovdut it-tagħlim ta' ħiliet intraprenditorjali prattiċi u t-trawwim ta' motivazzjoni, is-sens ta' inizjattiva u r-rieda, flimkien ma' sens ta' responsabbiltà soċjali; jemmen li l-moduli f'ambjent dwar il-bażi tal-finanzi, tal-ekonomija u tan-negozju għandhom jiġu integrati fil-kurrikuli tal-iskejjel, u għandhom jiġu akkumpanjati minn konsulenza, tutoring u gwida għall-karriera għall-istudenti, inklużi studenti żvantaġġati, sabiex jappoġġjaw u jiffaċilitaw il-fehim tagħhom tal-proċess intraprenditorjali u jiżviluppaw attitudni intraprenditorjali; jissottolinja r-rwol tat-tagħlim informali u indipendenti, inkluż il-volontarjat, biex iż-żgħażaġh ikollhom spirtu u ħiliet intraprenditorjali;
10. Jitlob lill-Kummissjoni tenfasizza l-importanza u r-rwol ta' forum differenti ta' intraprenditorija soċjali, li spiss huma mezz tajjeb biex iż-żgħażaġh Ewropej jiksbu l-ewwel esperjenza fin-negozju;
11. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppatti pedagoġiji innovattivi li huma aktar parteċipattivi u ffukati fuq l-istudent, bil-għan li titħeġġeġ l-akkwiżizzjoni ta' sett ta' kompetenzi trasversali meħtieġa għall-iżvilupp ta' attitudni intraprenditorjali;
12. Jirrakkomanda li għandha titħeġġeġ l-intraprenditorija bħala parti minn edukazzjoni ogħla u proġetti ta' gradwati, inklużi wkoll mudelli ta' intraprenditorija soċjali;
13. Jirrimarka li l-promozzjoni tal-intraprenditorija permezz tal-edukazzjoni tista' tirnexxi biss b'mod sinifikanti jekk l-aspetti ekonomiċi u soċjali jidhru b'mod bilanċjat fi strateġiji edukattivi;
14. Jenfasizza li l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar jistgħu jirnexxu l-aktar permezz tal-intraprenditorija soċjali, li tista' tagħti spinta lill-impjegji, u bl-istabbiliment ta' attitudni intraprenditorjali li se tkun sostanzjalment ta' benefiċċju għal persuni żvantaġġati;
15. Jenfasizza li t-taħriġ doppju u l-programmi ta' studju sponsorjati mill-kumpaniji wrew li huma essenzjali biex jagħtu l-kompetenzi ewlenin tal-kumpaniji f'dawk l-Istati Membri fejn joperaw programmi bħal dawn;
16. Iħeġġeġ impenn sħiħ u sħubija bejn il-partijiet interessati kollha u b'mod partikolari, l-organizzazzjonijiet intraprenditorjali lokali, in-negozji u l-istituzzjonijiet edukattivi biex jikkondividu l-aħjar prattiki u esperjenzi u biex itejbu l-ħiliet intraprenditorjali taż-żgħażaġh u l-edukazzjoni fl-Istati Membri kollha;
17. Jenfasizza li rabta mill-qrib bejn it-taħriġ tal-kumpaniji u l-edukazzjoni regolari hija mudell ta' suċċess li għandha tissaħħaħ u tiġi promossa madwar l-Ewropa u lil hinn minnha;
18. Jappella biex ikun hemm kollaborazzjoni aktar mill-qrib mas-settur privat u s-sħab soċjali li tinkoraġġixxi kultura ta' teħid ta' riskju, intraprenditorija u innovazzjoni (pereżempju permezz ta' impenji strutturali bħal facilitatiet għall-innovazzjoni u l-iskambju ta' ideat);
19. Jinsab konvint li l-użu b'suċċess tal-abbiltà intraprenditorjali huwa aktar u aktar dipendenti fuq il-koeżistenza tal-midja u l-kompetenza diġitali u li din l-interrelazzjoni għandha tirċievi attenzjoni akbar fl-edukazzjoni u t-taħriġ; jenfasizza l-importanza li iż-żgħażaġh kollha bil-kompetenzi tal-ICT u l-ħiliet intraprenditorjali u trasversali li jippermettullhom jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tad-dinja diġitali sabiex tgħinhom joħlqu forum ġodda ta' żvilupp, jagħtu u jippromwovu l-intraprenditorija, u b'hekk isiru aktar kapaċi jkkompetu għal impjeg, li jaħdmu għal rashom, jitgħallmu jifhmu aħjar l-imġiba tal-impjegaturi prospettivi tagħhom u l-ħtiġijiet, u jikkontribwixxu għall-kapaċità innovattiva u kompetittiva ta' organizzazzjoni ta' min iħaddem;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

20. Jenfasizza li l-kompetenza tal-intraprenditorija għandha tiġi żviluppata u mtejba tul il-ħajja, inkluż permezz tal-esperjenza tax-xogħol u t-tagħlim mhux formali u informali u l-validazzjoni tagħha għandha tissaħħa u tiġi appoġġjata peress li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-karrieri;
21. Jirrikonoxxi li element ewlieni fit-tagħlim tal-intraprenditorija huwa t-tħejjija adegwata tal-għalliema, u b'mod partikolari l-bżonn urġenti għal taħriġ ta' kwalità għolja sabiex tiġi żgurata l-awtentiċità tal-proċess edukattiv;
22. Jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu kontra l-ostakli li jiffaċċjaw l-imprendituri żgħażaġh b'diżabbiltà billi jipprovdu taħriġ għall-fornituri ta' servizzi li r-responsabbiltajiet tagħhom jinkludu appoġġ għall-persuni b'diżabbiltà, u billi jadattaw il-bini li fih jingħata l-appoġġ sabiex jagħmluh aċċessibbli għal dawk li għandhom problemi ta' mobbiltà;
23. Jinnota li l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni sekondarja u terzjarja tippermetti aktar dialogu fost iż-żgħażaġh u thegġegħ l-innovazzjoni;
24. Jenfasizza l-ħtieġa li titjieb il-kultura intraprenditorjali fl-edukazzjoni terzjarja billi jiġi appoġġjat u faċilitat il-ħolqien ta' kumpaniji ġodda miż-żgħażaġh abbażi tar-riċerka akkademika (spin-offs), jitnaqqas il-piż burokratiku involut fil-ħolqien ta' dawn il-kumpaniji, u jinholq qafas regolatorju ċar u ta' appoġġ għall-istudenti imprendituri; iqis, f'dan il-kuntest, li l-iskejjel u l-universitajiet għandhom jagħtu żmien, spazju u rikonoxximent għall-inizjattivi taż-żgħażaġh sabiex dawn jingħataw il-kunfidenza meħtieġa biex jaħdmu fuq proġetti ġodda, li tista' tkun riżorsa utli għall-ħolqien ta' negozji indipendenti; jilqa' l-inizjattivi li jippremjaw liż-żgħażaġh għal impriżi ta' negozju ta' suċċess (pereżempju, premju għall-aqwa kumpanija tas-sena mwaqqfa minn student); jenfasizza wkoll l-importanza ta' kumpaniji li jagħtu ċ-ċans liż-żgħażaġh li jiksbu l-ewwel esperjenza ta' xogħol intern dirett; itenni l-bżonn li jiġu promossi żjarat tal-kumpaniji u skemi ta' apprendistat b'dawn l-għanijiet, b'mod li iż-żgħażaġh jingħataw ħarsa ġenerali mid-dinja tan-negozju;
25. Jenfasizza li l-komunità tan-negozji għandha rwol ewlieni fl-edukazzjoni u t-taħriġ intraprenditorjali billi tipprovdi tagħlim ibbażat fuq esperjenzi li jikkomplementaw l-edukazzjoni teoretika taż-żgħażaġh;
26. Jenfasizza r-rwol kruċjali ta' għadd ta' assoċjazzjonijiet ta' imprendituri żgħażaġh fit-trawwim tal-intraprenditorija fost iż-żgħażaġh, billi joffrulhom l-opportunità li jiżviluppaw proġetti innovattivi u jiksbu esperjenza fin-negozju u jagħtuhom l-għodod u l-kunfidenza meħtieġa sabiex isiru imprendituri;

Ir-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE – koordinazzjoni, metodoloġija u għodod finanzjarji

27. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u f'konformità sħiħa mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, biex jiżviluppaw appoġġ metodoloġiku u għodod sabiex is-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni jsiru disponibbli fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ intraprenditorjali, inkluża l-intraprenditorija soċjali, u biex isegwu approċċ koordinat li jitlob lill-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-Istati Membri biex jikkooperaw aktar mill-qrib ma' kumpaniji sabiex ixerrdu l-fatturi ewlenin meħtieġa biex jitjieb l-ambitu intraprenditorjali; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-ammont ta' appoġġ għal imprendituri żgħażaġh taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej;
28. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni japplikaw perspettiva ta' ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-rigward tal-metodoloġija, il-komunikazzjoni u l-għodod finanzjarji, sabiex jinkoraġġixxu involviment akbar fl-intraprenditorija tal-bniet u n-nisa żgħażaġh;
29. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi u ssaħħa it-traineeships intraprenditorjali u l-programmi ta' skambju, tagħti opportunitajiet liż-żgħażaġh biex jiksbu esperjenza Prattika u tiffaċilita l-iskambju ta' għarfien u esperjenza;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

30. Jistieden lill-Kummissjoni telabora strateġija komprensiva għall-iżvilupp ta' ħiliet trasversali bħall-ħsieb kritiku, is-soluzzjoni tal-problemi, l-inizjattiva, il-kollaborazzjoni, il-kooperazzjoni, l-awtoġestjoni, l-ippjanar, it-tmexxija u l-bini ta' tim, fil-livelli u t-tipi kollha ta' edukazzjoni u taħriġ, b'kont meħud li dawn huma ta' benefiċċju għal firxa wiesgħa ta' professjonijiet u setturi;

31. Jistieden lill-Kummissjoni tiffoka aktar fuq it-titjib tal-iżvilupp u l-valutazzjoni ta' ħiliet trasversali, inkluża l-intraprenditorija u l-kompetenza diġitali, fi ħdan il-programm Erasmus+, filwaqt li jissottolinja li dan il-programm m'għandux ikun unilaterament orjentat lejn il-kunsiderazzjonijiet tal-impjegabbiltà u li aċċess faċli għal attivitajiet intraprenditorjali għandhom jinżammu, b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni mhux formali u informali; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tippromwovi riformi tal-politika tal-edukazzjoni fl-Istati Membri li joħlqu qafas ta' politika koerenti għall-Istati Membri u l-UE f'dan ir-rigward;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-monitoraġġ ta' ħiliet fl-ICT, il-ħiliet għas-soluzzjoni ta' problemi u tal-litteriżmu finanzjarju; jistieden lill-Kummissjoni twettaq riċerka lonġitudinali f'dan il-qasam;

33. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja shubbijiet bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-kumpaniji permezz tal-użu tal-Fond Ewropew ta' Investiment Strateġiku u, b'mod partikolari, il-Fond Soċjali Ewropew, biex tħeġġeġ it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol fil-kumpaniji u trawwem il-kompetenzi intraprenditorjali fil-livell nazzjonali u lokali;

34. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja netwerk Ewropew tal-Edukazzjoni tal-Intraprenditorija, fuq linji bħal dawk tan-Netwerk Ewropew tal-Edukazzjoni tal-Intraprenditorija (EE-HUB), stabbilit f'Mejju 2015 u appoġġjati minn organizzazzjonijiet Ewropej u partijiet interessati oħra fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali, kif ukoll billi l-awtoritajiet edukattivi nazzjonali, li se jiġbru u jiskambjaw l-aħjar prattiki jinqas bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-organizzazzjonijiet edukattivi, istituzzjonijiet ta' taħriġ professjonali, in-negozji, l-awtoritajiet u s-sħab soċjali;

35. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura koordinament koerenti u effikaċi fil-qasam tal-edukazzjoni intraprenditorjali fil-kuntest tal-istrateġija usa' ta' tagħlim tul il-ħajja tal-UE, l-istrateġiji globali tal-UE u l-Pjan tal-Kummissjoni Juncker;

36. Jipproponi li l-Kummissjoni żżomm l-edukazzjoni u t-taħriġ intraprenditorjali bħala wieħed mill-obiettivi tal-programm futur Erasmus+ fil-perjodu finanzjarju li jmiss (wara l-2020) fl-azzjonijiet kollha tiegħu, inkluża l-mobbiltà, filwaqt li jkun fi h l-elementi li ġejjin:

- (i) l-evalwazzjoni bir-reqqa tal-impatt ta' miżuri eżistenti li jippromwovu l-intraprenditorija permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-adattament potenzjali tagħhom, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-impatt fuq gruppi żvantaġġati u sottorappreżentati,
- (ii) il-promozzjoni ta' kontenuti tat-tagħlim u għodod definiti aħjar tal-kurrikulu tal-edukazzjoni formali u mhux formali mmirati lejn l-istudenti kollha – moduli teoretiċi u prattiċi, bħal proġetti intraprenditorjali tal-istudenti,
- (iii) appoġġ għall-kwalifiki inizjali tal-għalliema, l-edukaturi, il-ħaddiema żgħażaġh, il-ħarrieġa u l-mexxejja tal-edukazzjoni, u l-iżvilupp professjonali kontinwu u l-awtorizzazzjoni tagħhom fil-qasam tal-edukazzjoni intraprenditorjali,
- (iv) il-promozzjoni ta' shubbijiet bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-intrapriżi, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u l-fornituri tal-edukazzjoni mhux formali, sabiex jitfasslu korsijiet xierqa u l-istudenti jingħataw l-esperjenza prattika u l-mudelli rekwiżiti,

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- (v) l-iżvilupp ta' ħiliet fl-oqsma tal-proċessi intraprenditorjali, litteriżmu finanzjarju, litteriżmu u ħiliet tal-ICT, il-ħsieb kreattiv, il-kreattività, l-utilità kreattiva, is-soluzzjoni tal-problemi u l-attitudni innovattiva, l-awtostima, il-fiduċja fl-ideat ta' dak li jkun, l-adattabbiltà, l-ispirtu ta' tim, il-ġestjoni ta' proġetti, il-valutazzjoni tar-riskju u t-teħid ta' riskju, kif ukoll ħiliet u għarfien speċifiċi tan-negożju;
- (vi) it-tneħħija tal-ostakli fiżiċi u diġitali kollha li persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw, peress li l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-suq tax-xogħol tista' tkun ta' importanza kbira għall-promozzjoni ta' kultura tan-negożju sostenibbli u koeżiva;
- (vii) l-enfasi fuq it-tagħlim mhux formali u informali bħala ambjent privileġġat fejn jistgħu jinkisbu kompetenzi intraprenditorjali;
37. Jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga u tindirizza l-fatturi li jskoraġġixxu lin-nisa milli jsiru imprendituri, filwaqt li speċifikament tippromwovi l-aċċess għal finanzjament u servizzi ta' appoġġ għal imprendituri nisa żgħażaġh;
38. Jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina u tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri;
39. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi kooperazzjoni aħjar u l-iskambju ta' prattiki tajba bejn l-Istati Membri li diġà integraw l-edukazzjoni intraprenditorjali fil-kurrikulu tagħhom u kisbu progress aħjar fil-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażaġh u dawk l-Istati Membri li għadhom fil-bidu ta' dan il-proċess;
40. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkompila, sal-aħħar tal-2017, "l-aħjar prattika" għat-tixrid tal-abbiltà intraprenditorjali u l-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażaġh fl-Istati Membri, tippreżenta rapport dwar dan lill-Parlament u tqis ir-riżultati ta' din il-ħidma meta tevalwa l-proċeduri ta' finanzjament tagħha stess;
41. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-edukazzjoni intraprenditorjali bħala mezz biex irawmu kompetenzi trasversali għal ġestjoni aħjar tal-ħajja personali u professjonali tal-istudenti;
42. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib il-miżuri konkreti implimentati mill-Istati Membri b'appoġġ għall-intraprenditorija fost iż-żgħażaġh, tiddedika attenzjoni speċjali għall-promozzjoni u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar ir-riżultati u tinkoraġġixxi u tappoġġja lill-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet fl-iskambju ta' prattiki tajbin, il-kondiviżjoni ta' ideat, għarfien u esperjenza, u l-iffurmar ta' shubbijiet strateġiċi transettorjali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw parametri referenzjarji u mudelli, kif ukoll strumenti u proġetti komuni, sabiex jippromwovu l-intraprenditorija fost iż-żgħażaġh;
43. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-ebda miżura li tittieħed mill-Istati Membri ma tostakola l-moviment liberu tal-ħaddiema, sabiex iż-żgħażaġh li għażlu karriera fin-negożju jkunu jistgħu jiżviluppaw l-attività tagħhom fejn jixtiequ fl-Unjoni Ewropea;

Ir-rwol tal-Istati Membri

44. Jistieden lill-Istati Membri, kif ukoll lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, jagħmlu hilitom biex jippromwovu l-iżvilupp ta' taħriġ għat-tnedija u l-ġestjoni ta' negożji ġodda, inklużi l-konsulenza esperta, l-inkubaturi u l-aċċeleraturi tan-negożju, il-proġetti tal-intrapriża soċjali li jaħdmu mal-komunitajiet lokali, u l-ambjenti favorevoli għall-intraprenditorija kollha li se jiffaċilitaw in-negożji ġodda taż-żgħażaġh u jippermettu rkupru malajr f'każ ta' tluq kmieni mill-iskola jew minn fallimenti inizjali, u b'hekk jgħinu biex tinħoloq kultura tan-negożju pożittiv, tiġi evitata perċezzjoni negattiva ta' falliment kummerċjali u jinkoraġġixxu t-tentattiv mill-ġdid, u appartu minn dan tingħata attenzjoni speċjali biex jilhq u liż-żgħażaġh żvantaġġjati;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

45. Ihegġegħ lill-Istati Membri jiżguraw li l-imprendituri żgħażaġh ikollhom aċċess għall-finanzi li jeħtieġu u li dawn jiġu sostnuti f'kull stadju;
46. Jistieden lill-Istati Membri, kif ukoll lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, biex jagħmlu użu mir-riżorsi tal-Fondi Strutturali tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, sabiex jippromwovu l-edukazzjoni intraprenditorjali u t-taħriġ u l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;
47. Jistieden lill-Istati Membri biex, flimkien mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, jużaw ir-riżorsi ta' finanzjament eżistenti kollha fil-livell tal-UE, bħall-Fond Soċjali Ewropew, l-Inizjattiva Ewropea favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ, il-Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), il-Programm Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ u l-programm tal-UE għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (COSME), biex iħeġġu u jappoġġjaw inizjattivi li jfittxu rabtiet aktar effikaċi u mmirati aħjar favur bejn in-negozji u s-settur tal-edukazzjoni;
48. Jistieden lill-Istati Membri jrawmu l-iskambju tal-aħjar Prattika, jinkoraġġixxu sħubiji kemm domestiċi kif ukoll transkonfinali, u jappoġġjaw intrapriżi ġodda u l-ħidma ta' networks rilevanti ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u aġenziji ta' żvilupp;
49. Ihegġegħ lill-Istati Membri jipprovdu metodi innovattivi speċifiċi biex iħarrġu lill-għalliema u l-mentors fl-intraprenditorija sabiex ikunu jistgħu jrawmu u jinkoraġġixxu l-ħiliet intraprenditorjali u biex jikkunsidraw li jinkludu l-intraprenditorija bħala parti mill-kurrikulu edukattiv;
50. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw aktar is-sistemi tagħhom għar-rikonossiment u l-validazzjoni tal-kompetenzi miksuba fit-tagħlim mhux formali u dak informali sabiex l-impenn tagħhom għall-2018 jiġi rispettatt, sabiex jagħtu lill-individwi opportunitajiet ta' riorjentazzjoni u t-tieni ċans, kif ukoll jagħtu spinta lir-rikonossiment tagħhom infushom u aktar tagħlim;
51. Jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-involvement ta' sħab privati fl-edukazzjoni intraprenditorjali, permezz ta' finanzjament jew provvediment ta' taħriġ, bħala aspett tar-responsabbiltà soċjali korporattiva tagħhom;
52. Jistieden lill-Istati Membri jeliminaw il-burokrazija fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' negozju miż-żgħażaġh u biex jikkunsidraw miżuri ta' tnaqqis fiskali, u miżuri biex iħajruhom joħlqu l-ideat tan-negozju tagħhom stess; jenfasizza l-ħtieġa għal sigurtà għal negozji ġodda li jfallu;
53. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati d-diffikultajiet finanzjarji li qed jiffaċċjaw l-impredituri żgħażaġh, jiġi faċilitat l-aċċess tagħhom għall-kreditu u għal għotjiet speċjali, jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi eżistenti, u li jkun hemm ambjent regolatorju u incenċivi fiskali li jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' inizjattivi intraprenditorjali fost iż-żgħażaġh u jagħtu spinta lill-ħolqien tal-impjiegi, sabiex jiġu faċilitati t-tnedija u l-istabbilizzazzjoni tal-proġetti kummerċjali tal-impredituri żgħażaġh;
54. Jistieden lill-Istati Membri jkunu proattivi fit-titjib tal-oqfsa regolatorji u fis-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għan-negozji, b'mod partikolari l-SMEs u l-intrapriżi ta' natura soċjali, u jippromwovu u jissorveljaw il-kwalità tal-prattiki tal-impjegar ta' dawn in-negozji; jirrimarka li l-intrapriżi soċjali u inklużivi joħlqu impjiegi sostenibbli, jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-komunità u jgħinu fil-promozzjoni ta' ambjent sostenibbli u fl-iżgurar ta' reżiljenza soċjali fi żmien ta' kriżi;
55. Jappella biex is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi jkunu aktar proattivi fl-għoti ta' assistenza u konsulenza lin-negozji, u b'mod partikolari lill-impredituri żgħażaġh;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

56. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali joffru lill-istudenti innovattivi aktar boroż ta' studju u skemi ta' mikroreditu, flimkien ma' appoġġ, informazzjoni, konsulenza, assistenza multidixxiplinari u pjattaformi ta' evalwazzjoni bejn il-pari, sabiex ikunu jistgħu jibdew l-impriżi jew il-proġetti tagħhom stess, bħal dawk appoġġjati taħt l-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali tal-EaSI; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess għas-self u l-ħlas lura tiegħu, jipromwovu l-użu tal-finanzjament kollettiv, jiżviluppaw sħubijiet bejn l-ekonomija lokali, in-negozji u l-universitajiet, isaħħu r-rwol tan-negozji fl-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, u jikkonsolidaw l-Entrepreneurial Skills Pass (ESP) f'diversi livelli tal-iskola u l-edukazzjoni universitarja, speċjalment fi sħubija mal-SMEs; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkoraġġixxu t-twaqqif, fi ħdan l-universitajiet ta' inkubaturi tan-negozju ddedikati għall-iżvilupp sostenibbli u għal ferġat ta' studju orjentati lejn il-futur;

57. Jistieden lill-Istati Membri jissimplifikaw il-proċeduri għal ħruġ mhux frodulent u joħolqu ambjent ta' ħruġ favorevoli sabiex jintbagħat messaġġ ċar liż-żgħażaġh li falliment ma jkunx diżastru b'konsegwenzi għall-bqija tal-ħajja;

58. Jistieden lill-Istati Membri jħeġġu liż-żgħażaġh jersqu lejn l-intraprenditorija billi jiffaċilitaw, fi ħdan is-sistema edukattiva, studji bbażati fuq proġetti li jirrigwardaw dixxiplini differenti u li jiġu offriti b'kooperazzjoni ma' kumpaniji;

59. Jistieden lill-Istati Membri jipromwovu l-intraprenditorija bħala għażla professjonali pożittiva fil-konsulenza dwar il-karrieri li tingħata fl-edukazzjoni sekondarja u terzjarja, u jindirizzaw l-istigma negattiva prevalenti li teżisti f'xi Stati Membri fir-rigward tal-intraprenditorija bħala għażla professjonali;

60. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-għarfien dwar l-impjeg indipendenti u l-ħolqien ta' negozju fost iż-żgħażaġh b'diżabbiltà, permezz ta' azzjonijiet bħall-promozzjoni tal-karrieri ta' persuni b'diżabbiltà li diġà huma integrati fis-suq tax-xogħol u l-għoti ta' rikonoxximent pubbliku lil imprendituri b'diżabbiltà;

Passi ulterjuri ta' segwitu

61. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssegwi u tiżviluppa aktar il-ħidma tagħha dwar l-Intraprenditorija 360 (skejjel u ETV) u dwar HEInnovate (edukazzjoni għolja);

62. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi miżuri relatati mal-edukazzjoni intraprenditorjali fl-indikaturi tal-evalwazzjoni tas-Semestru Ewropew li jibda fl-2016;

63. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta rapport ta' evalwazzjoni lill-Parlament sal-aħħar tat-terminu tiegħu dwar il-progress miksub fil-promozzjoni tal-intraprenditorija fost iż-żgħażaġh permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ u kemm inxxielha tilħaq lill-membri tal-gruppi soċjali vulnerabbli;

64. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm koordinazzjoni u kooperazzjoni fuq livell Ewropew fl-evalwazzjoni sistematika tal-programmi u attivitajiet intraprenditorjali sabiex tippermetti l-paragunabbiltà tar-riżultati, pereżempju billi jitqabblu mudelli differenti ta' intraprenditorija taż-żgħażaġh madwar l-Istati Membri u l-karatteristiċi ta' imprendituri żgħażaġh f'termini ta' varjabbli soċjodemografiċi bħall-età, is-sess u l-edukazzjoni;

65. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-kooperazzjoni dwar il-politiki bejn l-UE u tistieden lill-Istati Membri biex jinvolvu ruħhom fi skambji ta' Prattiki tajbin;

o

o o

66. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri u lill-pajjiżi taż-ŻEE, u lill-Kunsill tal-Ewropa.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0293

Lejn approċċ integrat għall-wirt kulturali għall-Ewropa

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 lejn approċċ integrat għall-wirt kulturali għall-Ewropa (2014/2149(INI))

(2017/C 316/08)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Preambolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li jiddikjara li l-firmatarji huma “ispirati mill-wirt kulturali, reliġjuż u umanista tal-Ewropa”, u għal-Artikolu 3(3) TUE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 22 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali adottata mill-UNESCO fl-20 ta' Ottubru 2005,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/60/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar ir-ritorn ta' oġġetti kulturali mneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku ⁽⁶⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 221.

⁽²⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

⁽³⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289.

⁽⁴⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104.

⁽⁵⁾ ĠU L 159, 28.5.2014, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 175, 27.6.2013, p. 1.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjetà (Konvenzjoni ta' Faro) tat-13 ta' Ottubru 2005 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2014 dwar il-wirt kulturali bħala riżorsa strateġika għal Ewropa sostenibbli ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2014 dwar il-governanza parteċipatorja tal-wirt kulturali ⁽³⁾ u dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura għall-perjodu 2015-2018 ⁽⁴⁾ u għas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali msemmija fil-konklużjonijiet,
 - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/711/UE tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar id-diġitizzazzjoni u l-aċċessibbiltà fuq l-internet ta' materjal kulturali u l-konservazzjoni diġitali ⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2014 bit-titolu "Pjan ta' Investiment għall-Ewropa" (COM(2014)0903),
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2014 imsejħa "Lejn approċċ integrat għall-Ewropa lejn il-wirt kulturali" (COM(2014)0477),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ta' Novembru 2014 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Lejn approċċ integrat għall-Ewropa lejn il-wirt kulturali",
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A8-0207/2015),
- A. billi l-kultura u l-wirt kulturali huma riżorsi kondiviżi u huma beni u valuri komuni li ma jistgħux ikunu soġġetti għal użu esklussiv, u l-potenzjal sħiħ tagħhom għall-iżvilupp uman, soċjali u ekonomiku sostenibbli għadu ma għiex rikonnoxxut u sfruttat sew, kemm fil-livell tal-istrateġiji tal-UE kif ukoll l-għanijiet ta' żvilupp ta' wara l-2015 tan-NU;
- B. billi l-impatti differenti tal-kultura fuq is-soċjetajiet għandhom jitqiesu fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
- C. billi l-wirt kulturali huwa naturalment eteroġenu, jirrifletti d-diversità u l-pluraliżmu kulturali u lingwistiku, u jaffettwa l-iżvilupp reġjonali, il-koeżjoni soċjali, l-agrikoltura, l-affarijiet marittimi, l-ambjent, it-turiżmu, l-edukazzjoni, l-aġenda diġitali, ir-relazzjonijiet esterni, il-kooperazzjoni doganali u r-riċerka u l-innovazzjoni;
- D. billi l-promozzjoni tal-kultura, id-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali taġixxi bħala katalista għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri;
- E. billi t-titjib fid-diversità kulturali u lingwistika Ewropea, il-promozzjoni tal-wirt kulturali tal-Ewropa, u t-tiħiħ tal-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi Ewropej huma mmirati biex jipromwovu tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;
- F. billi r-riżorsi tal-wirt huma assi fit-tul li għandhom rwol li jgħolqu valur u jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-ħiliet u tkabbir ekonomiku, permezz tal-promozzjoni tat-turiżmu, kif ukoll jgħolqu impjegji;

⁽¹⁾ Adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fit-13 ta' Ottubru 2005; miftuħa għall-iffirmar tal-Istati Membri f'Faro (il-Portugall) fis-27 ta' Ottubru tal-istess sena; daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2011.

⁽²⁾ ĠU C 183, 14.6.2014, p. 36.

⁽³⁾ ĠU C 463, 23.12.2014, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 463, 23.12.2014, p. 4.

⁽⁵⁾ ĠU L 283, 29.10.2011, p. 39.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- G. billi l-proġetti għall-iżvilupp tal-wirt kulturali sikwit jirrappreżentaw eżempji ta' attivitajiet ekonomiċi innovattivi u sostenibbli li jiżviluppaw il-kapaċitajiet kummerċjali u ta' riċerka tal-impriżi żgħar u medji (SMEs);
- H. billi l-wirt kulturali, kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli, jaqdi rwol sinifikanti fil-ħolqien, iż-żamma u l-promozzjoni tal-kultura u l-valuri Ewropej u nazzjonali, reġjonali, lokali u l-identità individwali, kif ukoll l-identità kontemporanja tan-nies tal-Ewropa;
- I. billi l-politiki għall-manutenzjoni, ir-restawr u l-konservazzjoni, l-aċċessibilità u l-isfruttament tal-wirt kulturali huma primarjament responsabbiltajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali, iżda l-wirt kulturali għandu wkoll dimensjoni Ewropea ċara u huwa indirizzat direttament f'diversi politiki tal-UE, inklużi dawk li jikkonċernaw l-agrikoltura, l-ambjent, u riċerka u l-innovazzjoni;
- J. billi l-Artikolu 167 tat-TFUE jistipula li l-azzjoni tal-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt "tirriżalta l-wirt kulturali komuni";
- K. billi l-Artikolu 167 tat-TFUE jiddikjara li l-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun immirata lejn it-titjib tal-għarfien u t-tixrid tal-kultura u l-istorja tal-popli Ewropej, li tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk jinħtieġ, tappoġġja u tissupplimenta l-azzjoni tagħhom fil-qasam tal-konservazzjoni u s-salvagwardja tal-patrimonju kulturali ta' importanza Ewropea;
- L. billi l-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura adottat mill-Kunsill fil-25 ta' Novembru 2014 jinkludi l-wirt bħala waħda mill-erba' prijoritajiet għall-ħidma tal-UE dwar il-kultura għall-perjodu 2015-2018;
- M. billi n-nuqqas ta' data kulturali disaggregata skont is-sess kif ukoll fil-qasam tal-wirt kulturali huwa fattur li jaħbi d-disparitajiet bejn is-sessi u l-isfidi minn dawk li jfasslu l-politika u jieħdu d-deċiżjonijiet;
- N. billi l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament permezz tal-programmi tal-UE foqasma relatati mal-wirt kulturali – bħall-iżvilupp lokali u reġjonali, il-kooperazzjoni kulturali, ir-riċerka, l-edukazzjoni, l-appoġġ għall-SMEs u s-soċjetà ċivili, u t-turiżmu – hija disponibbli iżda frammentata;
- O. billi l-valur kulturali u turistiku tar-Rotot Kulturali tal-Kunsill tal-Ewropa fil-promozzjoni ta' wirt kulturali Ewropej komuni u l-iżvilupp ta' turiżmu kulturali sostenibbli għandhom jissaħħu;
- P. billi l-Premju tal-Unjoni Ewropea għall-Wirt Kulturali/Premjijiet Europa Nostra jippromwovi l-eċċellenza, jinspira permezz tas-"saħħa tal-eżempju" u jstimula l-iskambju tal-aħjar Prattiki fil-qasam tal-wirt madwar l-Ewropa;
- Q. billi l-Karta ta' Venezja għall-Konservazzjoni u r-Restawr tal-Monumenti u s-Siti, il-Konvenzjoni ta' Granada għall-Protezzjoni tal-Wirt Arkitettoniku tal-Ewropa u l-Konvenzjoni ta' Valletta dwar il-Protezzjoni tal-Wirt Arkeoloġiku jiddefinixxu b'mod ċar standards rikonoxxuti internazzjonalment għar-restawr tal-wirt kulturali u xogħlijiet arkeoloġiċi ⁽¹⁾;

Approċċ integrat

1. Iqis ta' importanza kbira li jintużaw ir-riżorsi disponibbli għall-appoġġ, it-titjib u l-promozzjoni tal-wirt kulturali fuq il-bażi ta' approċċ integrat, filwaqt li jitqiesu l-komponenti kulturali, ekonomiċi, soċjali, storiċi, edukattivi, ambjentali u xjentifiċi;

⁽¹⁾ il-Karta ta' Venezja adottata mill-ICOMOS (il-Kunsill Internazzjonali tal-Monumenti u s-Siti) fl-1965; il-Konvenzjoni ta' Granada adottata mill-Kunsill tal-Ewropa fl-1985; il-Konvenzjoni ta' Valletta adottata mill-Kunsill tal-Ewropa fl-1992.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

2. Jemmen li, fir-rigward tal-wirt kulturali, approċċ integrat huwa meħtieġ jekk wieħed jixtieq jikseb id-djalogu kulturali u l-fehim reċiproku; huwa konvint li approċċ bħal dan jista' jwassal għal koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali msaħħa, filwaqt li jikkontribwixxi wkoll għat-twettiq tal-għanijiet stabbiliti fl-istrategġija Ewropa 2020;
3. Jindirizza, fil-kuntest tal-iżvilupp tal-approċċ integrat il-ġdid lejn il-wirt kulturali, b'mod partikolari r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi li ġejjin lill-Kummissjoni:
 - (a) li tistabbilixxi, f'konformità mal-pjan ta' ħidma attwali tal-Kummissjoni dwar metodi ta' ħidma bejn is-setturi u b'mod flessibbli, approċċ komuni fi ħdan il-Kummissjoni permezz ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-oqsma ta' politika differenti li jittrattaw il-wirt kulturali, u biex tirrapporta lura lill-Parlament dwar ir-riżultati ta' din il-kooperazzjoni aktar mill-qrib;
 - (b) li tikkomunika lill-benefiċjarji potenzjali, b'mod sempliċi u aċċessibbli bħal permezz ta' pjattaforma unika ta' informazzjoni u skambju tal-aħjar prattiki fl-UE, rigward linji ta' finanzjament eżistenti tal-wirt kulturali Ewropew;
 - (c) li taħtar, preferibbilment għall-2018, Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali, b'baġit adegwat u bil-għan, fost affarijiet oħra, ta' tixrid u żieda fl-għarfien u l-edukazzjoni fost il-ġenerazzjonijiet futuri fir-rigward tal-valuri tal-wirt kulturali Ewropew u l-ħarsien tiegħu, u biex tissottometti l-abbozz ta' programm għas-Sena Ewropea lill-Parlament sa mhux aktar tard mill-2016;
 - (d) li tirrikonoxxi, fl-approċċ politiku u trasversali tagħha, il-wirt kulturali bħala mobbli u immobbli, tanġibbli u intanġibbli, u bħala riżorsa li ma tiġġeddidx li l-awtentiċità tagħha għandha tiġi ppreservata;
4. Jitlob li jiġi stabbilit qafas ta' politika għall-ambjent storiku – magħruf bħala l-wirt immobbli – fil-futur qarib, li jinkludi qafas regolatorju għal monumenti, arkeoloġija u pajsaġġi storiċi f'konformità mal-Artikolu 4 tat-TFUE;
5. Jippromwovi l-innovazzjoni kontemporanja kreattiva fl-arkitettura u d-disinn abbażi tar-rispett kemm passati kif ukoll preżenti u fl-istess ħin jiġi żgurat livell għoli ta' kwalità u koerenza;

Finanzjament Ewropew għall-wirt kulturali

6. Jinnota l-impenn tal-Unjoni biex tippreserva u ttejjeb il-wirt kulturali tal-Ewropa permezz ta' diversi programmi (Ewropa Kreattiva, Orizzont 2020, Erasmus+, L-Ewropa għaċ-Ċittadini), finanzjament (il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej) u azzjonijiet bħall-Kapitali Ewropej tal-Kultura, il-Jiem tal-Wirt Ewropej u t-Tikketta tal-Wirt Ewropew; jinkoraġġixxi attivitajiet iktar qawwija min-naħa tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri fil-qasam tal-appoġġ għar-riċerka;
7. Jitlob lill-Kummissjoni biex:
 - (a) tistabbilixxi portal tal-UE wieħed iddedikat għall-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, li jiġbor informazzjoni mill-programmi tal-UE kollha li jiffinanzjaw il-wirt kulturali u huwa strutturat madwar tliet aspetti prinċipali: database ta' oġġetti kulturali tanġibbli u intanġibbli, inklużi eżempji tal-aħjar prattiki fil-preservazzjoni u l-promozzjoni bir-referenzi rilevanti kollha; opportunitajiet ta' finanzjament għall-wirt kulturali, kif ukoll data dwar l-istat tal-wirt kulturali Ewropew u d-data ta' importanza fir-rigward tal-konservazzjoni, bħal pereżempju, id-data dwar il-klima u dettalji ta' restawr ta' proġetti li diġà twettqu; u aħbarijiet u links dwar l-iżviluppi tal-politika, l-azzjonijiet u l-avvenimenti li għandhom x'jaqsmu mal-wirt kulturali;
 - (b) tappoġġja, b'finanzjament apposta, studji, riċerka, azzjonijiet pilota, speċifikament immirati lejn l-analiżi tal-impatti tal-proċessi tal-valorizzazzjoni tal-wirt kulturali, il-ħolqien ta' indikaturi speċifiċi u kuntestwali tal-kontribut tiegħu, dirett u indirett, għall-proċessi tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali, u l-appoġġ dirett tal-innovazzjoni kulturali u soċjali integrata fil-kuntesti lokali li fihom il-wirt kulturali jista' jwassal għall-iżvilupp u jgħin biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- (c) issaħħaħ il-prinċipju ta' finanzjament multiplu li għadu kemm ġie stabbilit, li jippermetti l-użu kumplementari ta' fondi Ewropej differenti fl-istess proġett ta' skala kbira;
- (d) thegħegħ sħubiji pubbliċi-privati;
- (e) tadatta r-reqwiziti taż-żmien tal-ġestjoni tal-proġetti għall-Fondi Strutturali, sabiex takkomoda aħjar ir-reqwiziti speċifiċi tal-proġetti ta' konservazzjoni, restawr u preservazzjoni;
- (f) tikkunsidra mill-ġdid il-punt ta' riferiment ta' EUR 5 miljun fir-rigward tal-proġetti ta' wirt kulturali ppreżentati fil-qafas tal-azzjoni tal-infrastruttura fuq skala żgħira ⁽¹⁾, u għibbu tal-inqas sal-istess livell bħall-proġetti tal-UNESCO, jiġifieri EUR 10 miljun;
8. Jinnota li l-ispirtu tar-reviżjoni tar-Regolament tal-FEŻR u, b'mod partikolari, il-prinċipju tal-finanzjament integrat jista', f'każijiet speċifiċi, jiġi implimentat fil-prattika billi jiġu appoġġjati proġetti fuq skala kbira; jirrikonoxxi, madankollu, il-ħtieġa li jiġu promossi u appoġġjati inizjattivi kulturali fuq skala żgħira, li huma ta' importanza partikolari għall-iżvilupp endoġenu u jistgħu jgħinu biex jiġi kkonservat il-patrimonju kulturali u jithegħgu l-iżvilupp lokali u reġjonali u t-tkabbir soċjoekonomiku b'mod ġenerali;
9. Ithegħegħ lill-Kummissjoni biex fil-linji gwida li jirregolaw il-ġenerazzjoni li jmiss ta' fondi strutturali għall-wirt kulturali, tinkludi sistema ta' kontroll tal-kwalità obligatorja, biex tapplika tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' proġett;
10. Jenfasizza r-rwol tal-Istati Membri fil-iżgurar kemm ta' livell għoli ta' kapaċità u għarfien professjonali tal-ħaddiema kif ukoll ta' struttura tan-negozju li tista' tiżgura l-aħjar Prattika fis-salvagwardja tal-wirt kulturali, anki permezz ta' sistemi kwalitattivi xierqa kif meħtieġ mill-karti internazzjonali;
11. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex, fl-atti delegati, is-sejħiet għall-espressjonijiet ta' interess u l-inizjattivi għall-iżvilupp tar-regolamenti tal-Politika ta' Koeżjoni matul il-perjodu 2014-2020, tiżgura li l-miżuri ta' konservazzjoni tal-patrimonju innovattiv u s-soluzzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika b'impatt baxx għall-bini storiku jiġu ttrattati bħala eleġibbli;
12. Jistieden lill-Istati Membri jistudjaw inċentivi fiskali possibbli fir-rigward tax-xogħol ta' restawr, preservazzjoni u konservazzjoni, bħalma huma t-tnaqqis tal-VAT jew taxxi oħra, peress li l-wirt kulturali Ewropew huwa wkoll ġestit minn korpi privati;
13. Ithegħegħ lill-Kummissjoni biex tieħu kont tal-aħjar Prattiki fil-politiki fiskali fl-Ewropa u tirrakkomanda dawk li huma xierqa lill-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri biex isegwu dawk ir-rakkomandazzjonijiet u jiskambjaw l-aħjar Prattiki bejniethom sabiex jiġi żgurat l-oġhla livell ta' inkoraġġiment għall-appoġġ privat għal proġetti ta' wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli u jimmassimizzaw l-impatti tal-iżvilupp ekonomiku u l-koeżjoni soċjali fuq l-ambjent lokali rilevanti;

Mudelli ta' governanza ġodda

14. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kunsill tal-abbozzar tal-linji gwida għall-mudelli ta' governanza parteċipatorja l-ġodda għall-qasam tal-wirt kulturali, li jivvalorizzaw id-dimensjoni tiegħu ta' riżorsa komuni billi jsaħħu r-rabtiet bejn il-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej;
15. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw l-iżvilupp tal-għodod legali li jippermettu mudelli ta' finanzjament u amministrazzjoni alternattivi, bħall-involvement tal-komunità, il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u s-sħubiji pubbliċi-privati, bil-ħsieb li jimplimentaw azzjonijiet relatati mal-wirt kulturali (konservazzjoni, restawr, preservazzjoni, u promozzjoni);
16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu bidu għal djalogu fl-Ewropa kollha bejn dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha tal-governanza, flimkien mal-industrija kulturali u dik kreattiva, in-netwerks tal-operaturi tat-turiżmu, is-sħubijiet bejn atturi privati u pubbliċi, u l-NGOs;

⁽¹⁾ Ara: L-Artikolu 3(1)(e) tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

17. Ihegġegħ lill-partijiet interessati kollha li jipparteċipaw fil-governanza tal-wirt kulturali biex isibu bilanċ bejn il-konservazzjoni sostenibbli u l-iżvilupp tal-potenzjal ekonomiku u soċjali tal-wirt kulturali;
18. Jenfasizza li l-proġetti tal-patrimonju kulturali tal-FEŻR huma eżempju prattiku ta' governanza fuq diversi livelli u tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u jirrappreżentaw element importanti tal-infiq tal-FEŻR; jisħaq l-importanza ta' proġetti kulturali transkonfinali li jikkontribwixxu għaż-żieda fil-koeżjoni ekonomika u soċjali u jinkoraġġixxu l-inklużjoni; jitlob f'dan il-kuntest li jittieħdu miżuri li jsaħħu u jiżviluppaw l-appoġġ għall-iffinanzjar permezz ta' ftehimiet ta' sħubija pubblika-privata;
19. Jenfasizza l-ħtieġa għal mudelli ta' governanza ġodda biex jinkludu sistema ta' kontroll tal-kwalita fil-forom alternattivi kollha ta' finanzjament u amministrazzjoni ta' wirt kulturali;
20. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex iżidu l-kontrolli fuq l-infiq ta' komponenti relatati mal-wirt kulturali u biex irawmu l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività irregolari oħra li sseħħ f'dan il-qasam;
21. Jipproponi li proposti leġiżlattivi Ewropej għandhom ikunu kkomplementati minn valutazzjoni tal-impatt rigward il-wirt kulturali, u li fejn il-valutazzjoni tiżvela impatt negattiv, il-wirt kulturali għandu jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta leġiżlattiva bħala eċċezzjoni;

Il-potenzjal ekonomiku u strateġiku tal-wirt kulturali

22. Jinnota li l-wirt kulturali jikkontribwixxi għal impjegi, prodotti, servizzi u proċessi innovattivi u jista' jkun sors ta' ideat kreattivi, irawwem l-ekonomija l-ġdida, filwaqt li – permezz ta' ġestjoni xierqa – ikollu impatt relattivament baxx fuq l-ambjent;
23. Jirrikonoxxi li l-wirt kulturali jilgħab rwol importanti f'diversi inizjattivi ewlenin tal-Ewropa 2020, bħall-Aġenda Diġitali, l-Unjoni tal-Innovazzjoni, l-Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-Impjegi u politika industrijali għall-era tal-globalizzazzjoni; jitlob, għalhekk, li jiġi rikonoxxut aktar l-irwol tal-wirt kulturali Ewropew bħala riżorsa strateġika għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, fir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-istrateġija Ewropa 2020;
24. Jinnota li l-qasam tal-wirt kulturali għandu l-kapaċità li joħloq impjegi b'ħiliet għolja; ihegġegħ lill-Istati Membri biex iressqu inizjattivi dwar l-iżvilupp ta' taħriġ għal ġestjoni u konservazzjoni għall-ħaddiema u r-riċerkaturi fil-qasam tal-wirt kulturali; jilqa', b'mod partikolari, il-prospettivi ta' finanzjament fit-tul għal netwerks ta' riċerkaturi, bħal fil-każ ta' ghotjet Marie Skłodowska Curie;
25. Jisħaq fuq l-importanza għat-turiżmu Ewropew tal-wirt kulturali u l-wirt naturali, tanġibbli jew mhux tanġibbli, magħżul mill-UNESCO;
26. Jissottolinja l-possibilità li tingħata attenzjoni aktar qawwija lit-turiżmu kulturali meta jiġu żviluppanti l-istrateġiji makroreġjonali mfassla biex jagħmluh parti aktar integrali mill-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea;
27. Jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri jippromwovu u jakkumpanjaw l-inizjattivi ta' "vvjaġġar ħafif" (ċirkwiti bil-mixi, biż-żwiemel u bir-roti) u b'hekk jifitħu possibbiltajiet ġodda għal turiżmu kulturali u naturali;
28. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jaħdmu mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, sabiex jimmassimizzaw il-valur tal-wirt kulturali fis-soċjetajiet tagħna u l-kontribut tiegħu għall-impjegi u t-tkabbir fl-UE;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

29. Jinnota li t-turiżmu kulturali, li jammonta għal 40 % tat-turiżmu Ewropew, huwa settur ekonomiku importanti f'termini ta' potenzjal għat-ktabbir u l-impjiegi, li l-iżvilupp tagħhom għandu jkun imsaħħaħ aktar permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda; jenfasizza, madankollu, l-importanza li jiġi ppreservat il-wirt kulturali u naturali billi jsawru forom ta' turiżmu sostenibbli, inqas invażivi u li huma ta' valur miżjud oġhla, li fihom is-settur tat-turiżmu huwa integrat fi strateġiji ta' żvilupp lokali;

30. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-istat ta' politiki ta' konservazzjoni, restawr, preservazzjoni u promozzjoni għall-wirt kulturali, li huwa tal-akbar importanza għall-identità Ewropea; jenfasizza li l-finanzjament għas-salvagwardja tal-wirt kulturali tnaqqas drastikament f'ċerti Stati Membri bħala konsegwenza tal-kriżi ekonomika u finanzjarja; għal dan il-għan jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-fondi u inizjattivi adegwati jkunu diretti lejn il-valorizzazzjoni tal-wirt kulturali tal-Ewropa;

31. Jistieden lill-Kummissjoni biex thegġegħ l-eċċellenza, l-innovazzjoni u l-kompetittività tas-setturi kulturali u kreattivi billi tippromwovi x-xogħol ta' artisti, ħallieqa u professjonisti kulturali;

32. Jafferma l-bżonn urġenti biex il-wirt kulturali jingħata l-post ċar tiegħu fil-Pjan ta' Investiment tal-Kummissjoni għall-Ewropa;

33. Jiġbed l-attenzjoni għall-hteġa biex jittejjeb il-qafas metodoloġiku, sabiex ikun hemm statistiċi aħjar dwar il-qasam tal-wirt kulturali; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi sett ta' indikaturi li jistgħu jintużaw għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tal-wirt kulturali u li jkun uniformi għall-Istati Membri kollha; jenfasizza n-neċessità li jinkisbu riżultati ta' riċerka b'mod intensifikat għal diversi aspetti li huma relatati mal-wirt kulturali u li dawn jiġu assoċjati ma' xulxin sabiex tiġi miġġielda l-frammentazzjoni f'dan il-qasam; jinnota f'dan ir-rigward il-potenzjal ta' "big data" għall-kisba ta' aktar għarfien permezz tal-proġetti ta' riċerka; jenfasizza li, sabiex jiġi vvalutat il-valur ekonomiku attwali u potenzjali tal-wirt kulturali, huwa essenzjali li l-istatistika tinġabar b'mod aktar sistematiku;

34. Iqis li l-Kummissjoni għandha tikklassifika l-kumpaniji u l-entitajiet involuti fid-diversi aspetti tal-konservazzjoni tal-partimonju bħala parti minn settur speċifiku, billi jintużaw metodi tradizzjonali b'valur miżjud li jiffaċilitaw il-konservazzjoni ekoloġika u sostenibbli;

35. Jirrikonoxxi l-bżonn urġenti biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh u jenfasizza li l-wirt kulturali huwa qasam b'potenzjal għal aktar impjeg u li jkun aħjar, fejn jista' jissaħħaħ il-pont bejn l-edukazzjoni u l-ħajja tax-xogħol, pereżempju permezz tal-iżvilupp ta' apprendistati ta' kwalità, traineeships u negozji ġodda, fil-qasam tal-SMEs u l-ekonomija soċjali; ihegġegħ lill-Istati Membri f'dan ir-rigward biex jiżviluppaw opportunitajiet ta' finanzjament ġodda u innovattivi li jappoġġjaw il-ġestjoni u l-konservazzjoni tat-taħriġ u l-edukazzjoni u l-mobbiltà tal-ħaddiema u r-riċerkaturi f'dan is-settur;

36. Jissuġġerixxi li mill-Kummissjoni Ewropea jiġu iċċentivati programmi konġunti ta' wirt kulturali u turiżmu b'viżjoni integrali u bażi xjentifika li jservu bħala referenza u mudell tal-prattiki tajbin;

37. Jistieden lill-Istati Membri biex jippjanaw b'mod strateġiku proġetti li għandhom x'jaqsmu mal-wirt kulturali li jistgħu jwasslu għal żvilupp reġjonali u lokali ġenerali, programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali u interreġjonali, il-ħolqien ta' impjiegi ġodda, riġenerazzjoni rurali u urban sostenibbli, u l-preservazzjoni u l-promozzjoni ta' ħiliet tradizzjonali li għandhom x'jaqsmu mar-restawr tal-wirt kulturali;

38. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifasslu s'tħarriġ ekonomiku u statistiku dwar l-impriżi, l-entitajiet ta' ġestjoni u l-attivitajiet speċjalisti professjonali fis-settur tal-konservazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali, kif ukoll il-kontribut speċifiku tagħhom f'termini ta' produzzjoni u ħolqien ta' xogħol;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

39. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jinħolqu, jiġu żviluppatti u mħeġġa opportunitajiet għall-mobilità u l-iskambju tal-esperjenzi ta' dawk li jaħdmu fis-settur tal-wirt kulturali, billi jiġi żgurat li jkun hemm reċiproċità professjonali reali, bi qbil mad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, permezz tal-identifikazzjoni u l-iskambju bejn l-Istati Membri ta' livelli ta' ħiliet minimi (l-abbiltà u l-għarfien), b'mod partikolari għall-pożizzjoni ta' restawratur-kuratur; jistieden f'dan il-kuntest lill-Kummissjoni biex tressaq proposta biex testendi l-programmi xierqa ħalli tiġi inkluża l-mobbiltà tal-manigġers u l-impjegati tal-wirt kulturali (eż manigġers ta' kastelli) bil-ħsieb li jiskambjaw l-esperjenzi u l-aħjar Prattiki;

40. Jistieden lill-Istati Membri biex jenfasizzaw il-valur tal-assi patrimonjali tagħhom billi jippromwovu studji li jiddeterminaw il-valur ekonomiku u kulturali tal-wirt kulturali sabiex jibdlu "l-ispiża" għall-preservazzjoni tiegħu f'"investment" għall-valur tiegħu;

41. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-possibbiltà li l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) jistabbilixxi, skont l-Aġenda Strateġika ta' Innovazzjoni tiegħu li jmiss, Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni (KIC) fil-qasam tal-wirt kulturali u l-industrija kreattiva, u b'hekk jappoġġja direttament viżjoni olistika tar-riċerka u l-innovazzjoni;

42. Itenni l-importanza tal-promozzjoni tal-inklużjoni tal-edukazzjoni tal-arti, il-mużika, it-teatru u ċ-ċinema fil-kurrikuli skolastiċi bħala komponent essenzjali għall-iżvilupp tal-għarfien dwar il-wirt kulturali, il-prattika artistika u espressiva, kif ukoll il-ħiliet orjentati lejn il-kreattività u l-innovazzjoni;

43. Thegġegħ lill-Istati Membri jintroduċu temi transdixiplinari relatati mal-wirt kulturali f'diversi livelli tas-sistema edukattiva;

44. Jenfasizza l-potenzjal sinifikanti eżistenti għall-iżvilupp tal-attività imprenditorjali u ta' approċċ parteċipattiv fis-settur tat-turiżmu, b'mod partikolari għall-SMEs tas-settur turistiku, iżda wkoll għan-negozji l-ġodda, is-settur mingħajr skop ta' qligħ u organizzazzjonijiet oħra li jikkontribwixxu għall-preservazzjoni, il-ħarsien u l-promozzjoni tal-wirt kulturali tal-Ewropa; jisħaq li, minbarra l-assi kulturali, il-kwalità tas-servizz u l-livell għoli tal-ħiliet professjonali, l-eżistenza ta' speċjalisti mħarrġa tajjeb fil-qasam u l-preżenza onlajn huma fatturi ewlenin għas-suċċess u l-kompetittività tas-settur tat-turiżmu Ewropew; jenfasizza li r-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija l-ġodda, speċjalment fil-qasam tat-telekomunikazzjoni, huma essenzjali biex il-wirt kulturali jitressaq aktar qrib tan-nies; iqis ukoll li l-piżijiet mhux meħtieġa fuq l-SMEs għandhom jitneħħew fl-interess tal-kompetittività tagħhom, u li l-leġiżlazzjoni li għandha effetti negattivi fuq l-SMEs fl-industrija tat-turiżmu għandha tiġi riveduta;

L-opportunitajiet u l-isfidi

45. Jenfasizza l-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali, kemm bħala għodda biex nippreżervaw il-passat tagħna kif ukoll bħala sors ta' opportunitajiet ta' riċerka tal-edukazzjoni, ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u inklużjoni soċjali aħjar, aċċess usa' għal nies b'diżabbiltà jew nies li jgħixu f'żoni remoti, u żvilupp ekonomiku sostenibbli; jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni tal-wirt teħtieġ sforzi finanzjarji konsegwenzjali għall-istituzzjonijiet kulturali ta' daqs medju u żgħir jew iżolati, u li finanzjament adegwat huwa importanti biex tiġi żgurata udjenza akbar u tixrid usa' ta' dan il-wirt; jenfasizza li l-opportunitajiet offruti bid-diġitalizzazzjoni u bit-teknoloġija ġodda, li qatt mhux se jissostitwixxu l-aċċess għall-wirt oriġinali jew benefiċċji soċjali assoċjati ta' forom tradizzjonali ta' parteċipazzjoni fil-kultura, m'għandhomx iwasslu għal negliġenza fil-konservazzjoni ta' oġġetti oriġinali jew nuqqas ta' attenzjoni għal forom tradizzjonali tal-promozzjoni tal-kultura, sew jekk matul jew wara d-diġitalizzazzjoni,

46. Jappoġġja l-innovazzjoni diġitali fis-settur tal-arti u tal-patrimonju, u jinnota li l-użu ta' infrastrutturi elettroniki jista' jinvolve udjenzi ġodda u jiżgura aċċess aħjar għall-wirt kulturali diġitali u l-isfruttament tiegħu; jisħaq fuq ir-rilevanza ta' għodod eżistenti bħall-websajt tal-Europeana u jhegġegħ it-titjib tal-kriterji tat-tiftix ta' dak is-sit bil-għan li jkun hemm iktar użu faċli;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

47. Jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb il-livell ta' diġitizzazzjoni, preservazzjoni u disponibbiltà onlajn tal-wirt kulturali, b'mod partikolari l-wirt ċinematografiku Ewropew;
48. Jenfasizza l-importanza li tiġi żviluppata narrattiva demokratika u parteċipattiva reali għall-wirt Ewropew, inkluż dak tal-minoranzi reliġjużi u etniċi; jiġbed l-attenzjoni għall-preżenza ta' siti ta' wirt li jinkorporaw passati differenti u kkontestati, u jenfasizza li l-proċessi ta' rikonċiljazzjoni ma għandhomx iwasslu għal soppresjoni tal-kuxjenza storika tal-komunitajiet; jistieden lill-Istati Membri biex jirriflettu dwar l-etika u l-metodi ta' preżentazzjoni tal-wirt kulturali u jqisu d-diversità tal-interpretazzjonijiet;
49. Jafferma li l-wirt reliġjuż jikkostitwixxi parti intanġibbli mill-wirt kulturali Ewropew; jenfasizza li l-importanza ta' postijiet, prattiki u oġġetti marbuta mal-prattiki reliġjużi ma għandhiex tiġi injorata fid-diskors tal-wirt kulturali Ewropew. Lanqas ma għandha tkun soġġetta għal xi forma ta' trattament diskriminatorju;
50. Iqis li l-wirt storiku reliġjuż, inklużi l-arkitektura u l-mużika għandhom jiġu kkonserwati għall-valur kulturali tagħhom, indipendentement mill-kuntest reliġjuż li nħolqu fih;
51. Jenfasizza l-importanza ta' djalogu interkulturali kemm fi ħdan l-Ewropa u lil hinn minnha, u jemmen li l-Unjoni għandha tippromwovi djalogu bħal dan bħala għodda xierqa kontra r-radikalizzazzjoni indipendentement mill-orijini;
52. Jiġbed l-attenzjoni għall-karatteristiċi speċifiċi tal-minoranzi nazzjonali fl-Istati Membri rigward il-wirt kulturali; jitlob, għaldaqstant, għall-preservazzjoni tal-wirt kulturali tagħhom u għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali;
53. Jenfasizza li diskriminazzjoni kulturali kontra minoranzi reliġjużi u etniċi għandhom jiġu evitati;
54. Jenfasizza l-importanza li jiġu appoġġjati attivitajiet kulturali ta' komunitajiet migranti;
55. Jafferma mill-ġdid il-kontribut importanti tal-wirt kulturali għall-industriji kulturali u kreattivi kif ukoll għall-inklużjoni soċjali permezz tal-kultura;
56. Jenfasizza l-importanza li tittejjeb l-aċċessibilità għal siti ta' wirt kulturali għall-persuni b'diżabilità;
57. Jindika l-importanza tal-preservazzjoni tal-pajsaġġi kulturali u, b'mod partikolari, il-wirt kulturali intanġibbli li jirrappreżenta kultura ħajja u jsaħħaħ lis-snajja' tradizzjonali u jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi dan b'mod aktar wiesa', fil-programmi rispettivi;
58. Jenfasizza l-importanza tal-wirt gastronomiku, li għandu jiġi protett u appoġġat; iqis li r-riżorsi allokatati għal dan il-qasam jistgħu jiġu ottimizzati permezz ta' interazzjoni ma' politiki oħra tal-UE, bħalma huma l-Politika Agrikola Komuni u l-politika dwar il-protezzjoni tal-konsumatur;
59. Josserva li l-wirt u t-turiżmu kulturali huma ta' benefiċċju reċiproku peress li, minn naħa, il-wirt kulturali jiġġenera dħul sostanzjali għall-industrija tat-turiżmu, filwaqt li, min-naħa l-oħra, it-turiżmu huwa tajjeb għall-kultura, peress li jħeġġeġ il-wiri u l-konservazzjoni tal-assi kulturali u jiġġenera d-dħul meħtieġ għall-preservazzjoni tagħhom;
60. Jisħaq li t-turiżmu kulturali għandu rwol importanti fil-preservazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-wirt kulturali tagħna, li jinkludi mhux biss il-wirt fiżiku u l-pajsaġġi, iżda wkoll il-patrimonju intanġibbli, bħall-lingwi u t-tradizzjonijiet reliġjużi u kulinari;
61. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jkomplu jikkooperaw bil-għan li jimplementaw, fuq il-livelli rispettivi kollha, l-azzjonijiet maħsuba għall-promozzjoni tal-wirt kulturali u t-turiżmu kulturali inklużi fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2010 bit-titolu "L-Ewropa, l-ewwel destinazzjoni turistika fid-dinja – qafas politiku għid għat-turiżmu Ewropew" (COM(2010)0352);

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

62. Jenfasizza, fid-dawl tat-tibdiliet profondi demografiċi u fis-soċjetà, is-sinifikat tal-wirt kulturali komuni Ewropew tagħna kif ukoll tas-Sena li hija ppjanata għall-identifikazzjoni taċ-ċittadini mal-Unjoni Ewropea kif ukoll it-tisħiħ tal-ispiritu ta' komunità fi ħdan l-Unjoni;

63. Huwa tal-fehma li l-komprensjoni tal-wirt kulturali komuni fl-Ewropa joffri gwida diretta anke lill-ġenerazzjonijiet futuri u l-possibbiltà għall-formazzjoni ta' identità Ewropea u ta' valuri bħall-kooperazzjoni b'rispett sħiħ lil hinn mill-fruntieri tal-Istat Membru tal-individwu; waqt it-tfassil tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali jirrakkomanda fost l-oħrajn ukoll il-kunsiderazzjoni partikolari tal-ġenerazzjoni żagħżuġha minħabba din ir-raġuni;

64. Jilqa' b'sodisfazzjon is-suċċess kbir tal-Bliet Kapitali Ewropej tal-Kultura; Jappella biex dawn il-bliet jiġu kkollegati bħala parti minn netwerk bil-għan li l-attenzjoni tiġi estiża għal fuq iż-żoni kkonċernati, jiġi previst skambju tal-esperjenza u l-prattika tajba, fosthom bil-ħsieb li jiġu meġhuna kandidati futuri, u biex tiġi ffaċilitata l-organizzazzjoni tal-avvenimenti u ċ-ċirkwiti speċifiċi;

65. Jinkoraġġixxi l-użu tal-wirt kulturali bħala għodda edukattiva biex tittratta kwistjonijiet soċjali sabiex tressaq lin-nies li jgħixu fl-Ewropa aktar qrib xulxin;

66. Jiġbed l-attenzjoni għat-theddid ambjentali li jaffettwa numru importanti ta' siti ta' patrimonju fi ħdan l-UE, u jħeġġeġ li l-konsegwenzi tal-bidla fil-klima u l-persjoni min-naħa tal-bniedem għandhom jitqiesu mill-Istati Membri fl-istrateġiji ta' finanzjament fit-tul tagħhom għall-metodi ta' preservazzjoni u restawr tal-wirt; jirrakkomanda, barra minn hekk, li l-Istati Membri u l-UE għandhom jippromwovu aktar riċerka f'dan il-qasam, inter alia sabiex jinvestigaw l-effetti multipli tal-bidla fil-klima fuq il-wirt kulturali f'fiktur dettall u biex jiżviluppaw kontromiżuri;

67. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jibnu fuq l-inizjattiva "The 7 Most Endangered", mibdija mill-Federazzjoni pan-Ewropea "Europa Nostra" flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investment, billi jidentifikaw eżempji oħra ta' wirt Ewropew li jinsabu fil-periklu, ifasslu pjanijiet ta' azzjoni u jfittxu għejun possibbli ta' finanzjament; josserva li l-iżvilupp ta' din l-inizjattiva hija mod wieħed kif jiġi attirat l-investment privat fit-tisħiħ tal-wirt;

68. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkoordina u tappoġġja aħjar l-isforzi tal-Istati Membri għall-ġlieda kontra s-serq, il-kuntrabandu u t-traffikar illegali tal-assi tal-wirt kulturali ġewwa u barra l-UE; jitlob għar-ritorn ta' oġġetti kulturali illegalment imneħħija mit-territorju ta' Stat Membru;

69. Ifakkar fl-importanza tal-ħarsien u l-konservazzjoni tal-wirt kulturali, mhux biss mill-effetti qerrieda taż-żmien, iżda wkoll mill-ħuliganiżmu u s-sakkeġġi; josserva li bosta siti arkeoloġiċi għandhom fir-riskju li jiġu sakkegġati minn gruppi organizzati ta' kaċċaturi tal-fdalijiet tal-imgħoddi, partikolarment is-siti li jinsabu taħt l-ilma fejn l-aċċess u s-sorveljanza min-naħa tal-awtoritajiet huma diffiċli; Jitlob, f'dan ir-rigward, biex ikun hemm kooperazzjoni aktar effikaċi bejn l-Istati Membri fl-identifikazzjoni u l-irkupru ta' oġġetti kulturali u l-prevenzjoni tat-traffikar illegali ta' tali oġġetti;

70. Jenfasizza r-rwol li għandu l-wirt kulturali fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni permezz tad-djalogu tal-politika u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u l-Kunsill biex jerġgħu jaġhtu l-ħajja lid-diplomazija kulturali; barra minn hekk, jirreferi għall-potenzjal li għandhom proġetti ta' riċerka interdixiplinari fir-rigward tal-preservazzjoni tal-wirt kulturali li jinvolvu l-Istati Membri u l-pajjiżi li mhumiex tal-UE;

71. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, l-UE u l-komunità internazzjonali jimpenjaw irwieħhom għall-prevenzjoni, il-protezzjoni, id-dokumentazzjoni u r-restawr f'każijiet fejn il-wirt kulturali tal-UE jew tal-pajjiżi li mhumiex membri jiġi mhedded u danneġġat intenzjonalment bħala att ta' gwerra u ta' ksur tal-identitajiet kulturali u reliġjużi, inkluż permezz ta' kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-ICCROM, ICBS (Kumitat Internazzjonali tal-Blue Shield), l-awtoritajiet ċivili u militari, l-istituzzjonijiet kulturali u l-assoċjazzjonijiet professjonali;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

72. Jinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' ftehimiet internazzjonali biex jipprevjenu t-traffikar illeċitu tal-patrimonju kulturali; jenfasizza l-ħtieġa għall-UE, flimkien man-NU u l-UNESCO, li tiddefendi l-patrimonju fil-periklu u l-ġlieda kontra s-serq u l-querda ta' oġġetti kulturali f'żoni ta' kunflitt;

73. Jinnota l-potenzjal li joħroġ mill-ġharfien disponibbli fl-UE fir-rigward tal-preservazzjoni ta' artefatti kulturali danneġġati jew meqrudin minħabba t-terroriżmu u l-gwerer;

74. Jappoġġa l-ħolqien ta' prodotti tat-turiżmu kulturali transnazzjonali li jirriflettu l-valuri u l-wirt komuni Ewropej; Jistieden lill-Kummissjoni biex tfittex kooperazzjoni akbar mal-Istati Membri u organizzazzjonijiet oħra li jifformulaw il-politiki dwar il-kultura u t-turiżmu, bħalma huma l-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu tan-Nazzjonijiet Uniti (UNWTO) u l-UNESCO, u biex tkompli tikkofinanzja u tippromwovi netwerks, proġetti reġjonali transfruntieri u, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kunsill tal-Ewropa, ir-Rotot Kulturali Ewropej, li huma l-aqwa eżempju ta' proġetti turistiċi tematiċi pan-Ewropej transnazzjonali;

o

o o

75. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0294

Segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej 'Right2Water'**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar is-segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Right2Water" (2014/2239(INI))**

(2017/C 316/09)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb"),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma ⁽²⁾ (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma"),
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2012 intitolata "Blueprint għas-Salvagwardja tar-Riżorsi tal-Ilma tal-Ewropa" (COM(2012)0673),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2014 dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "L-ilma u s-sanità huma dritt tal-bniedem! L-ilma huwa ġid pubbliku, mhux komodità!" (COM(2014)0177) (minn hawn 'il quddiem "il-komunikazzjoni"),
- wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni "Rapport ta' Sinteżi dwar il-Kwalità tal-Ilma tax-Xorb fl-UE li jeżamina r-rapporti tal-Istati Membri għall-perjodu ta' bejn l-2008 u l-2010 taħt id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE" (COM(2014)0363),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija qabel, maħruġa fid-19 ta' Marzu 2014 ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) intitolata "L-Ambjent Ewropew – l-istat u l-prospetti 2015",
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-28 ta' Lulju 2010, intitolata "The human right to water and sanitation" ("Id-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità") ⁽⁶⁾, u r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti tat-18 ta' Diċembru 2013, intitolata "The human right to safe drinking water and sanitation" ("Id-dritt tal-bniedem għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità") ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet kollha dwar id-dritt tal-bniedem għal ilma tax-xorb sikur u s-sanità adottati mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2008 dwar l-indirizzar tal-isfida tal-iskarsezza tal-ilma u tan-nixfa fl-Unjoni Ewropea ⁽⁸⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32.⁽²⁾ ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU C 12, 15.1.2015, p. 33.⁽⁶⁾ A/RES/64/292.⁽⁷⁾ A/RES/68/157.⁽⁸⁾ ĠU C 9 E, 15.1.2010, p. 33.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2012 dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma, qabel l-approċċ ġenerali neċessarju għall-isfidi Ewropej dwar l-ilma ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2014 dwar l-UE u l-qafas tal-iżvilupp globali wara l-2015 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp u tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0228/2015),
- A. billi r-“Right2Water” hija l-ewwel Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (ECI) li ssodisfat ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini u li nġhatat l-oportunità li tinstema' mill-Parlament wara li rċeviet l-appoġġ ta' kważi 1,9 miljun ċittadin;
- B. billi d-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità jinkludi d-dimensjonijiet ta' disponibbiltà, aċċessibbiltà, aċċettabiltà, affordabbiltà u kwalità;
- C. billi l-implimentazzjoni sħiħa tad-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità, kif rikonoxxut min-NU u appoġġat mill-Istati Membri tal-UE, hija essenzjali għall-ħajja, u billi l-ġestjoni korretta tar-riżorsi tal-ilma għandha rwol kruċjali fil-garanzija tal-użu sostenibbli tal-ilma u s-salvagwardja tal-kapital naturali tad-dinja; billi l-effetti kkombinati tal-attività tal-bniedem u t-tibdil fil-klima jfissru li r-reġjun tal-Mediterran tal-UE kollu u wħud mir-reġjuni tal-Ewropa Ċentrali issa huma kklassifikati bħala reġjuni skarsi mill-ilma u semideżerti;
- D. billi, kif iddikjarat fir-rapport 2015 tal-EEA dwar l-istat tal-ambjent, ir-rati ta' telf minħabba tnixxija mill-pajpijiet fl-Ewropa bħalissa jammontaw għal bejn 10 % u 40 %;
- E. billi l-aċċess għall-ilma huwa fost is-soluzzjonijiet kruċjali għall-kisba ta' żvilupp sostenibbli; billi l-enfasi tal-assistenza għall-iżvilupp fuq it-titjib tal-provvista tal-ilma tax-xorb u s-sanità hija mod effiċjenti sabiex jintlaħqu l-oġettivi fundamentali għall-qerda tal-faqar, kif ukoll għall-promozzjoni tal-ugwaljanza soċjali, is-saħħa pubblika, is-sigurtà tal-ikel u t-tkabbir ekonomiku;
- F. billi mill-inqas 748 miljun persuna m'għandhomx aċċess sostenibbli għal ilma tax-xorb sikur, u terz tal-popolazzjoni dinjija m'għandhiex faċilitajiet sanitarji bażiċi; billi, għaldaqstant, id-dritt għas-saħħa jinsab mhedded filwaqt li l-mard qed jinxtered, u dan qed jikkawża tbatija u mwiet u qed joħloq impedimenti kbar għall-iżvilupp; billi madwar 4 000 tifel u tifla jmutu kuljum b'mard trażmess mill-ilma jew minħabba ilma, faċilitajiet sanitarji u iġjene inadegwati; billi n-nuqqas ta' aċċess għall-ilma tax-xorb joqtol aktar tfal mill-AIDS, il-malarja u l-ġidri flimkien; billi hemm, madankollu, xejra ċara 'l isfel f'dawn iċ-ċifri u billi t-tnaqqis jista' u għandu jiġi aċċelerat;
- G. billi l-aċċess għall-ilma għandu wkoll dimensjoni ta' sigurtà li tirrikjedi kooperazzjoni reġjonali mtejba;

⁽¹⁾ ĠU C 349 E, 29.11.2013, p. 9.

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2014)0059.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- H. billi n-nuqqas ta' aċċess għall-ilma u s-sanità għandu konsegwenzi fuq il-kisba ta' drittijiet tal-bniedem oħra; billi l-isfidi tal-ilma jaffettwaw b'mod sproporzjonat lin-nisa, peress li f'ħafna pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw huma tradizzjonalment responsabbli għall-provvista tal-ilma domestiku; billi n-nisa u l-bniet huma dawk li jsofru l-aktar min-nuqqas ta' aċċess għal faċilitajiet sanitarji adegwati u deċenti, u dan ta' spiss jillimitalthom l-aċċess għall-edukazzjoni u jirrendihom aktar vulnerabbli għall-mard;
- I. billi kull sena, tliet miljun u nofs persuna jmutu b'mard trażmess mill-ilma;
- J. billi l-Protokoll Fakultattiv tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, li daħal fis-seħħ fl-2013, ħoloq mekkaniżmu għall-ilmenti li jippermetti li individwi jew gruppi jressqu lment formali dwar ksur tad-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità, fost drittijiet oħra;
- K. billi fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u fl-ekonomiji emerġenti, id-domanda għall-ilma qiegħda tiżdied mis-setturi kollha, b'mod partikolari għall-enerġija u l-agrikoltura; billi t-tibdil fil-klima, l-urbanizzazzjoni u l-iżviluppi demografiċi jistgħu jipperikolaw id-disponibbiltà tal-ilma f'ħafna pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, u sal-2025 madwar żewġ terzi tal-popolazzjoni dinjija mistennija li se jkunu qed għixu f'pajjiżi fejn hemm problema tal-ilma;
- L. billi l-UE hija l-ikbar donatur fis-settur tal-ilma, is-sanità u l-iġjene (WASH), b'25 % tal-finanzjament umanitarju annwali globali ddedikat speċifikament għall-appoġġ lis-sħab għall-iżvilupp f'dan il-qasam; billi, madankollu, fl-2012 Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-għajnuna għall-iżvilupp mill-Unjoni Ewropea għall-provvista tal-ilma tax-xorb u l-faċilitajiet sanitarji bażiċi fil-pajjiżi Sub-Saħarjani rrimarka l-ħtieġa li titjieb l-effikaċja tal-għajnuna u s-sostenibbiltà tal-proġetti appoġġjati mill-UE;
- M. billi l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa ddikjarat li "l-aċċess għall-ilma jrid ikun rikonoxxut bħala dritt fundamentali tal-bniedem minħabba li huwa essenzjali għall-ħajja fuq id-dinja u huwa riżorsa li trid tinqasam bejn il-bnedmin";
- N. billi l-privatizzazzjoni tas-servizzi bażiċi fl-Afrika sub-Saħarjana fid-disgħinijiet fixklet, fost l-oħrajn, il-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs) kemm għall-ilma kif ukoll fir-rigward tas-sanità, peress li l-enfasi tal-investituri fuq l-irkupru tal-ispejjeż, intensifikat, fost affarijiet oħra, l-inugwaljanzi fil-provvista ta' dawn is-servizzi, a skapitu ta' unitajiet domestiċi bi dħul baxx; billi fid-dawl ta' dan il-falliment tal-privatizzazzjoni tal-ilma, it-trasferiment tas-servizzi tal-ilma mill-kumpaniji privati lill-awtoritajiet lokali hija xejra li qiegħda tikber fis-settur tal-ilma madwar id-dinja kollha;
- O. billi l-provvista tal-ilma hija monopolju naturali u d-dħul miċ-ċiklu tal-ġestjoni tal-ilma għandu jkopri u jiġi assenjat dejjem kemm għall-ispejjeż kif ukoll għall-protezzjoni tas-servizzi tal-ilma u t-titjib taċ-ċiklu tal-ġestjoni tal-ilma, bil-kundizzjoni li l-interess pubbliku jiġi salvagwardjat;
- P. billi n-nuqqas ta' ilma u faċilitajiet sanitarji adegwati għandu impatt serju fuq is-saħħa u l-iżvilupp soċjali, b'mod speċjali għat-tfal; billi l-kontaminazzjoni tar-riżorsi tal-ilma tikkostitwixxi kawża ewlenija ta' dijarea, it-tieni l-akbar kawża ta' mewt ta' tfal fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, u twassal għal mard ewlieni ieħor bħall-kolera, l-iskistosomijazi, u t-trakoma;
- Q. billi l-ilma għandu funzjonalità soċjali, ekonomika u ekoloġika u l-ġestjoni korretta taċ-ċiklu tal-ilma għall-benefiċċju ta' kulħadd se tiżgura d-disponibbiltà kontinwa u stabbli tiegħu fil-kuntest attwali tat-tibdil fil-klima;
- R. billi l-Ewropa hija partikolarment sensitiva għat-tibdil fil-klima u billi l-ilma huwa wieħed mill-ewwel setturi milquta;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- S. billi l-ECI twaqqfet bħala mekkaniżmu ta' demokrazija parteċipattiva bl-għan li jitħeġġu dibattu fil-livell tal-UE u l-involvement dirett taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, u hija opportunità eċċellenti għall-istituzzjonijiet tal-UE biex jerġgħu jimpenjaw ruħhom maċ-ċittadini;
- T. billi l-istħarriġ tal-Ewrobarometru wera b'mod konsistenti livelli baxxi ħafna ta' fiduċja fl-UE fost iċ-ċittadini tal-UE matul dawn l-aħħar snin;

L-ECI bħala strument ta' demokrazija parteċipattiva

1. Huwa tal-fehma li l-ECI hija mekkaniżmu demokratiku uniku b'potenzjal sinifikanti favur l-għeluq tad-distakk bejn il-movimenti soċjali u tas-soċjetà ċivili Ewropej u dawk nazzjonali, u biex tiġi promossa d-demokrazija parteċipattiva fil-livell tal-UE; jemma, madankollu, li sabiex ikun jista' jiġi żviluppat aktar il-mekkaniżmu demokratiku, huwa indispensabbli li ssir evalwazzjoni tal-esperjenza tal-passat kif ukoll riforma tal-inizjattiva taċ-ċittadini, u li l-azzjonijiet tal-Kummissjoni – li jistgħu jinkludu, fejn xieraq, il-possibbiltà li jiġu introdotti elementi xierqa f'reviżjonijiet leġiżlattivi jew proposti leġiżlattivi ġodda – għandhom jirriflettu aħjar it-talbiet tal-ECI meta dawn ikunu jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tagħha, u speċjalment meta jkunu jesprimu tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem;
2. Jenfasizza li l-Kummissjoni għandha tiżgura l-ogħla livell ta' trasparenza matul il-fażi ta' analiżi ta' xahrejn, li ECI ta' suċċess għandha tirċievi appoġġ legali xieraq u pariri mill-Kummissjoni u għandha tkun publicizzata kif xieraq, u li l-promoturi u s-sostenituri għandhom jinżammu mgħarrfa u aġġornati b'mod sħiħ matul il-proċess kollu tal-ECI;
3. Jinsisti li l-Kummissjoni timplimenta b'mod effettiv ir-Regolament dwar l-ECI u timxi lejn it-tneħħija tal-piżijiet amministrattivi kollha li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini meta jissottomettu u jappoġġjaw ECI, u jħeġġiġha tikkunsidra l-implimentazzjoni ta' sistema ta' reġistrazzjoni komuni tal-ECI għall-Istati Membri kollha;
4. Jilqa' l-fatt li l-appoġġ ta' kważi 1,9 miljun ċittadin tal-UE mill-Istati Membri kollha għal din l-ECI jaqbel mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li teskludi s-servizzi tal-ilma u dawk sanitarji mid-Direttiva dwar il-Konċessjonijiet;
5. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm u tikkonferma l-esklużjoni tas-servizzi tal-ilma u dawk sanitarji mid-Direttiva dwar il-Konċessjonijiet fi kwalunkwe reviżjoni eventwali ta' din id-Direttiva;
6. Iqis li hu ta' dispjaċir li l-komunikazzjoni ma fihix ambizzjoni, ma tissodisfax id-domandi speċifiċi li saru fl-ECI u terġa' ttenni biss l-impenji eżistenti; jenfasizza li r-reazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni għall-ECI "Right 2Water" hija insuffiċjenti, peress li ma tagħmel l-ebda kontribuzzjoni ġdida u ma tintroduċix, il-miżuri kollha li jistgħu jgħinu biex jinkisbu l-għanijiet; jitlob lill-Kummissjoni, fir-rigward ta' din l-ECI partikolari, biex tmexxi kampanja ta' informazzjoni komprensiva dwar il-miżuri li diġà ttieħdu fil-qasam tal-ilma u dwar kif dawn il-miżuri jistgħu jikkontribwixxu sabiex jinkisbu l-oġettivi tal-ECI "Right2Water";
7. Jikkunsidra li ħafna mill-petiżjonijiet dwar il-kwalità u l-ġestjoni tal-ilma jiġu minn Stati Membri li mhumiex rappreżentati sew fil-konsultazzjoni pubblika madwar l-UE mnedita f'Ġunju 2014, u jenfasizza li għaldaqstant jista' jkun hemm xi inkonsistenza bejn ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika u s-sitwazzjoni enfasizzata mill-petiżjonijiet;
8. Jittama li l-Kummissjoni u l-Viċi President responsabbli għas-sostenibilità jieħdu impenn politiku ċar biex jiżguraw li tittieħed azzjoni xierqa b'reazzjoni għat-tħassib imqajjem minn din l-ECI;
9. Itenni l-impenn tal-Kumitat għall-Petiżjonijiet tiegħu li jagħti vuċi lill-petiżjonanti dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw id-drittijiet fundamentali, u jfakkar li l-petiżjonanti li ppreżentaw l-ECI "Right2Water", esprimew il-qbil tagħhom mad-dikjarazzjoni tal-ilma bħala dritt tal-bniedem garantit fil-livell tal-UE;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex, b'konformità mal-objettiv primarju tal-ECI "Right2Water", tippreżenta proposti leġiżlattivi u, jekk ikun xieraq, reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, sabiex din tirrikonoxxi l-aċċess universali u d-dritt tal-bniedem għall-ilma; huwa favur, barra minn hekk, li l-aċċess universali għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità jiġi rikonoxxut fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
11. Jenfasizza li jekk il-Kummissjoni tinjora l-ECIs ta' suċċess u appoġġjati b'mod wiesa' fil-qafas tal-mekkaniżmu demokratiku stabbilit mit-Trattat ta' Lisbona, l-UE se tispiċċa titef il-kredibilità f'għajnejn iċ-ċittadini;
12. Jistieden lill-Kummissjoni biex tintroduċi miżuri biex tingħata informazzjoni u edukazzjoni fil-livell tal-UE biex tkun promossa l-kultura tal-ilma bħala ġid komuni, miżuri ta' sensibilizzazzjoni u promozzjoni ta' imġiba individwali aktar konxja (għall-iffrankar tal-ilma), miżuri relatati mal-iżvilupp konxjenzjuż ta' politiki li jikkonċernaw il-ġestjoni tar-riżorsi naturali, u appoġġ għal ġestjoni pubblika, parteċipattiva u trasparenti;
13. Jikkunsidra li huwa meħtieġ li jtfasslu politiki tal-ilma li jħeġġu l-użu razzjonali, ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid tar-riżorsi tal-ilma, li huma kwistjonijiet ta' importanza vitali għal ġestjoni integrata; jemmen li dan se jippermetti li jitnaqqsu l-ispejjeż, se jgħin biex jiġu salvati r-riżorsi naturali u se jiżgura li l-ambjent ikun ġestit b'mod xieraq;
14. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiskoraġġixxi u tissottoporti għal studji ta' impatt ambjentali l-prattiki tal-ħtif tal-ilma u l-fratturazzjoni idrawlika;

Id-dritt għall-ilma u s-sanità

15. Ifakkar li n-Nazzjonijiet Uniti ssostni li d-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità jintitola lil kulħadd għal ilma għall-użu personali u domestiku li jkun ta' kwalità tajba, sikur, fiżikament aċċessibbli, affordabbli, suffiċjenti u aċċettabbli; jenfasizza li b'konformità ma' rakkomandazzjoni oħra tan-Nazzjonijiet Uniti, il-ħlas għas-servizzi tal-ilma, fejn dan ikun previst, għandu jammonta għal massimu ta' 3 % tad-dħul tal-familja;
16. Jappoġġja r-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-dritt tal-bniedem għall-ilma tax-xorb u s-sanità u jenfasizza l-importanza tal-ħidma tiegħu u tal-predeċessur tiegħu dwar ir-rikonoxximent ta' dan id-dritt;
17. Jiddeplora l-fatt li fl-UE-28 hemm aktar minn miljun persuna li għad ma għandhomx aċċess għal provvista tal-ilma tax-xorb sikura u nadifa u kważi 2 % tal-popolazzjoni ma għandhiex aċċess għal faċilitajiet sanitarji skont il-Programm tal-Valutazzjoni tal-Ilma tad-Dinja (WWAP) u għaldaqstant iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex taġixxi b'mod immedjat;
18. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-importanza tad-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità u tal-ilma bħala ġid pubbliku u valur fundamentali għaċ-ċittadini kollha tal-UE u mhux bħala komodità; jesprimi t-tħassib tiegħu li mill-2008, minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika u l-politiki ta' awsterità li żiedu l-faqar fl-Ewropa u l-għadd ta' unitajiet domestiċi bi dħul baxx, għadd dejjem jikber ta' nies qed jiffaċċjaw diffikultajiet biex iħallsu l-kontijiet tal-ilma tagħhom u li l-affordabbiltà qed issir kwistjoni ta' tħassib dejjem jikber; jikkundanna l-qtugħ tal-ilma u t-tifi infurzat tal-provvista tal-ilma, u jitlob lill-Istati Membri biex itemmu minnufih dawn is-sitwazzjonijiet meta jkunu dovuti għal fatturi soċjoekonomiċi f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx; jilqa' l-fatt li f'xi Stati Membri qed jintużaw "banek tal-ilma" jew kwoti minimi tal-ilma bi sforz sabiex tingħata għajna lil dawk l-aktar vulnerabbli fl-ispejjeż utilitarji tagħhom, biex l-ilma jkun garantit bħala komponent inaljenabbli tad-drittijiet fundamentali;
19. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl tal-effetti tal-kriżi ekonomika reċenti, biex tikkollabora mal-Istati Membri u l-awtoritajiet reġionali u lokali biex twettaq studju dwar kwistjonijiet relatati mal-faqar tal-ilma, inklużi kwistjonijiet ta' aċċess u affordabbiltà; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġja u tiffaċilita l-kooperazzjoni fost l-operaturi tal-ilma bħala għajna għal dawk f'żoni rurali u anqas żviluppati sabiex tappoġġja l-aċċess għal ilma ta' kwalità tajba għaċ-ċittadini kollha li jgħixu f'dawk iż-żoni;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

20. Jistieden lill-Kummissjoni tidentifika oqsma li fihom l-iskarsità tal-ilma hija problema eżistenti jew potenzjali, u tgħin lill-Istati Membri, lir-reġjuni u liż-żoni kkonċernati, b'mod partikolari żoni rurali u żoni urbani deprivati, biex jindirizzaw din il-problema kif jixraq;
21. Jenfasizza li l-allegata newtralità tal-Kummissjoni dwar is-sjeda u l-ġestjoni tal-ilma jidher li hi kontradittorja mal-programmi ta' privatizzazzjoni imposti fuq xi Stati Membri mit-Trojka;
22. Jirrikonoxxi li, kif iddikjarat fid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, l-ilma mhuwiex komodità imma hu ġid pubbliku li huwa ta' importanza vitali għall-ħajja u d-dinjità tal-bniedem, u jfakkar lill-Kummissjoni li r-regoli tat-Trattat jeħtieġu li l-UE tibqa' newtrali fir-rigward ta' deċiżjonijiet nazzjonali li jirregolaw ir-reġim ta' sjeda tal-impriżi tal-ilma, u għalhekk bl-ebda mod ma għandha tippromwovi l-privatizzazzjoni tal-impriżi tal-ilma fil-kuntest ta' programm ta' aġġustament ekonomiku jew kwalunkwe proċedura oħra tal-UE għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika; peress li dawn huma servizzi ta' interess ġenerali u għalhekk huma prinċipalment fl-interess pubbliku, jitlob lill-Kummissjoni biex teskludi b'mod permanenti l-ilma u s-sanità u r-rimi tad-drenaġġ tal-ilma mir-regoli tas-suq intern u minn kwalunkwe ftehim kummerċjali, u li jipprovdhom bi prezzijiet affordabbli, u jitlob kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Istati Membri biex jassiguraw li dawn ikunu ġestiti b'mod teknikament, finanzjarjament u amministrattivament effiċjenti, effettiv u trasparenti;
23. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jeżaminaw mill-ġdid il-politika ta' governanza tal-ilma u jstabbilixxuha mill-ġdid abbażi ta' parteċipazzjoni attiva, jiġifieri permezz ta' trasparenza fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u atitudni miftuħa lejn iċ-ċittadini;
24. Huwa tal-fehma li, fi kwistjonijiet ta' regolamentazzjoni u kontroll, huwa meħtieġ li tiġi protetta s-sjeda pubblika tal-ilma, billi jiġu promossi mudelli ta' ġestjoni pubbliċi, trasparenti u parteċipattivi li fihom, f'ċerti każijiet biss, l-awtorità ta' sjeda pubblika tkun tista' tagħti xi kompiti ta' ġestjoni lil inizzjattivi privati, skont termini regolati b'mod strett u dejjem filwaqt li jiġi garantit id-dritt għar-riżorsa u għal faċilitajiet sanitarji adegwati.
25. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiżguraw provvista tal-ilma komprensiva bi prezzijiet affordabbli, kwalità għolja u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti kif ukoll li tkun suġġetta għal kontrolli demokratiċi.
26. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw il-promozzjoni ta' kampanji ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni għaċ-ċittadini sabiex jiġu ppreservati u ma jinħlewx ir-riżorsi tal-ilma u biex jiżguraw parteċipazzjoni ċivika ikbar;
27. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li ma ssirx diskriminazzjoni fl-aċċess għas-servizzi tal-ilma, filwaqt li jiġi żgurat il-forniment tagħhom għal kulħadd, inklużi l-gruppi ta' utenti marġinalizzati;
28. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Bank Ewropew tal-Investment u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw lill-muniċipalitajiet fl-UE li ma għandhomx il-kapital neċessarju biex jaċċessaw l-assistenza teknika, il-finanzjament disponibbli tal-UE u s-self fit-tul b'rati ta' interess preferenzjali, partikolarment bl-iskop li l-infrastruttura tal-ilma tinżamm u tiġġedded biex tiġi żgurata provvista ta' ilma ta' kwalità għolja u sabiex is-servizzi tal-ilma u dawk sanitarji jiġu estiżi għall-gruppi l-iktar vulnerabbli tal-popolazzjoni, inklużi l-foqra u dawk residenti fir-reġjuni l-aktar imbiegħda u ultraperiferiċi; jenfasizza l-importanza ta' governanza miftuħa, demokratika u parteċipatorja biex jiġi żgurat li s-soluzzjonijiet l-aktar kosteffikaċi fir-rigward tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma jiġu implimentati għall-benefiċċju tas-soċjetà kollha; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw trasparenza tar-riżorsi finanzjarji ġġenerati permezz taċ-ċiklu tal-ġestjoni tal-ilma;
29. Jirrikonoxxi li s-servizzi tal-ilma u dawk sanitarji huma servizzi ta' interess ġenerali u li l-ilma mhuwiex komodità imma hu ġid komuni, u għaldaqstant għandhom jiġu pprovduti bi prezzijiet affordabbli li jirrispettaw id-dritt tan-nies għal kwalità tal-ilma minima u jipprovdur għall-applikazzjoni ta' tariffa progressiva; jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw l-applikazzjoni ta' sistema ġusta, ekwa, trasparenti u adegwata ta' tariffi għall-ilma u s-sanità sabiex jiġi żgurat l-aċċess għal servizzi ta' kwalità għolja lill-membri kollha tal-pubbliku, irrispettivament mid-dħul tagħhom;
30. Jinnota li l-ilma għandu jiġi kkunsidrat bħala assi ekososjali minflok sempliċement bħala element ta' produzzjoni;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

31. Ifakkar li l-aċċess għall-ilma huwa essenzjali għall-agrikoltura sabiex jintlaħaq id-dritt għal ikel adegwat;
32. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja b'mod qawwi l-isforzi tal-Istati Membri biex jiżviluppaw u jaġġornaw l-infrastruttura li tagħti aċċess għall-irrigazzjoni, is-sistema tad-drenaġġ u s-servizzi tal-provvista tal-ilma tax-xorb;
33. Iqis li d-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb ikkontribwixxiet bil-qawwi għad-disponibbiltà ta' ilma tax-xorb ta' kwalità għolja madwar l-UE u jitlob azzjoni deċiżiva mill-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex jinkisbu l-benefiċċji ambjentali u tas-saħħa li jinħolqu meta tingħata preferenza lill-konsum tal-ilma tal-vit;
34. Ifakkar lill-Istati Membri dwar ir-responsabilità tagħhom fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE; iħeġġiġhom biex jimplementaw bis-sħiħ id-Direttiva tal-UE dwar l-Ilma tax-Xorb u l-leġiżlazzjoni relatata kollha; ifakkarhom biex jidentifikaw il-prijoritajiet tal-infiq tagħhom u biex jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet ta' appoġġ finanzjarju mill-UE fis-settur tal-ilma mogħti għall-perjodu l-ġdid ta' programmazzjoni finanzjarja (2014-2020), b'mod partikolari permezz ta' prijorità ta' investment iffukata speċifikament fuq il-ġestjoni tal-ilma;
35. Ifakkar il-konklużjonijiet tar-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-integrazzjoni tal-oġettivi tal-politika tal-UE dwar l-ilma mal-Politika Agrikola Komuni, li tiddikjara li "l-istrumenti attwalment użati mill-PAK biex jiġu indirizzati kwistjonijiet dwar l-ilma s'issa ma rnexxilhomx jiksbu progress sinifikanti lejn il-miri ambizzjużi tal-politika ssettjati fir-rigward tal-ilma"; jemmen li l-integrazzjoni aħjar tal-politika dwar l-ilma ma' politiki oħrajn, bħal dawk dwar l-agrikoltura, hija essenzjali sabiex tittejjeb il-kwalità tal-ilma madwar l-Ewropa;
36. Jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa u effikaċi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art, id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb u d-Direttiva dwar l-Ilma Urban Mormi, u jqis li huwa ta' importanza vitali li l-implimentazzjoni tagħhom tiġi kkoordinata aħjar ma' dik tad-direttivi dwar l-ambjent tal-baħar, il-bijodiversità u l-protezzjoni mill-għargħar; jinsab imħasseb minħabba li l-istrumenti tal-politika settorjali tal-Unjoni ma jikkontribwixxux biżżejjed għall-kisba tal-istandards ta' kwalità ambjentali għal sustanzi prijoritarji u l-oġettiv tal-eliminazzjoni gradwali għar-rilaxx, l-emissjonijiet u t-telf ta' sustanzi perikolużi prijoritarji skont l-Artikolu 4(1)(a) u l-Artikolu 16(6) tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżommu f'moħħom li l-ġestjoni tal-ilma għandha tiġi inkorporata bħala fattur trasversali f'leġiżlazzjoni dwar oqsma oħrajn kwintessenzjali għaliha, bħal pereżempju l-enerġija, l-agrikoltura, is-sajd, it-turiżmu, eċċ., sabiex jiġi evitat it-tniġġis pereżempju minn siti illegali u mhux regolati ta' skart perikoluż jew minn estrazzjoni jew esplorazzjoni taż-żejt; ifakkar li l-kundizzjonalità skont il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tistabbilixxi rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni abbażi ta' liġijiet eżistenti tal-UE rilevanti għall-bdiewa u regoli ta' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin, inkluż dwar l-ilma; ifakkar li l-bdiewa għandhom josservaw dawn ir-regoli sabiex jirċievu ħlasijiet sħaħ mill-PAK;
37. Jistieden lill-Istati Membri biex:
- jimponu obbligu fuq il-fornituri tal-ilma biex jindikaw il-karatteristiċi fiżikokimiċi tal-ilma fuq il-kontijiet tal-ilma;
 - jabbozzaw pjaniġiet urbani skont id-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma;
 - iżidu l-kontrolli u l-monitoraġġ tas-sustanzi niġġiesa, u jippjanaw azzjonijiet immedjati mmirati lejn it-tneħħija u s-sanitizzazzjoni ta' sustanzi tossiċi;
 - jieħdu azzjoni biex jitnaqqsu t-tnixxijiet konsiderevoli mill-pajpijiet fl-Ewropa u jġeddu n-netwerks inadegwati tal-provvista tal-ilma.
38. Iqis li huwa meħtieġ li tiġi stabbilita ordni ta' prijoritajiet jew ġerarkija għall-użu sostenibbli tal-ilma; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta analiżi u proposti kif xieraq;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

39. Jenfasizza li l-Istati Membri impenjaw ruħhom favur id-dritt tal-bniedem għall-ilma permezz tal-appoġġ tagħhom għad-Dikjarazzjoni tan-NU, u li dan id-dritt huwa appoġġjat mill-maġġoranza taċ-ċittadini u l-operaturi fl-UE;

40. Jenfasizza li l-appoġġ għall-ECI "Right2Water" u l-oġġettivi tagħha ntwera ulterjorment permezz tal-għadd kbir ta' ċittadini fpajjiżi bħall-Ġermanja, l-Awstrija, il-Belġju, is-Slovakkja, is-Slovenja, il-Greċja, il-Finlandja, Spanja, il-Lussemburgu, l-Italja u l-Irlanda li tkellmu dwar il-kwistjoni tal-ilma u s-sjeda u l-provvista tiegħu;

41. Jinnota li sa mill-1988 il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tiegħu rċieva għadd sinifikanti ta' petizzjonijiet miċ-ċittadini tal-UE f'hafta Stati Membri li jesprimu t-tħassib tagħhom dwar il-provvista u l-kwalità tal-ilma u l-ġestjoni tal-ilma mormi; jiġbed l-attenzjoni lejn numru ta' fatturi negattivi kkundannati mill-petizzjonanti – bħal miżbliet ta' skart, nuqqas mill-awtoritajiet biex jikkontrollaw il-kwalità tal-ilma b'mod effikaċi, u Prattiki agrikoli u industrijali irregolari jew illegali – li huma responsabbli għall-kwalità tal-ilma baxxa u għaldaqstant għandhom impatt fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali; iqis li dawn il-petizzjonijiet juru interess ġenwin min-naħa taċ-ċittadini fl-infurzar eżawrjenti u l-iżvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni sostenibbli tal-UE relatata mal-ilma;

42. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Kummissjoni biex tqis b'mod serju t-tħassib u t-twissijiet espressi miċ-ċittadini ftali petizzjonijiet u taġixxi dwarhom, b'mod partikolari minħabba l-ħtieġa urġenti li tiġi indirizzata l-problema tar-riżorsi tal-ilma li dejjem qed jonqsu b'riżultat ta' użu żejjed u tal-bidla fil-klima, filwaqt li għad fadal żmien għall-prevenzjoni tat-tniġġis u tal-ġestjoni ħażina; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-għadd ta' proċeduri ta' ksur b'rabta mal-kwalità u l-ġestjoni tal-ilma;

43. Jistieden lill-Istati Membri jiffinalizzaw il-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara tagħhom b'urġenza u bħala element ewlieni fl-infurzar tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u biex jimplementawhom kif suppost b'rispett sħiħ għall-kriterji ekoloġiċi prevalenti; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ċerti Stati Membri qegħdin dejjem aktar jiġu kkonfrontati b'għargħar li jikkawża ħsara u li għandu impatt aħrax fuq il-popolazzjoni lokali; jirrimarka li l-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-Pjanijiet għall-Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar skont id-Direttiva dwar l-Għargħar jagħtu opportunità mill-aqwa biex jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn dawn l-istrumenti, li b'hekk jgħinu biex jinkiseb ilma nadif fi kwantitajiet suffiċjenti filwaqt li jitnaqqas ir-riskju tal-għargħar; ifakkar, barra minn hekk, li kull Stat Membru għandu jkollu sit elettroniku ewlieni biex jipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, sabiex tiġi ffaċilitata ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni u l-kwalità tal-ilma;

Is-servizzi tal-ilma u s-suq intern

44. Jinnota li pajjiżi madwar l-UE, fosthom Spanja, il-Portugall, il-Greċja, l-Irlanda, il-Ġermanja u l-Italja, raw it-telf ta' sjieda pubblika potenzjali jew reali tas-servizzi tal-ilma ssir kwistjoni ewlenija ta' tħassib għaċ-ċittadini; ifakkar li l-għażla ta' metodu ta' ġestjoni tal-ilma hija bbażata fuq il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 14 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fil-Protokoll (Nru 26) dwar is-servizzi ta' interess ġenerali, li jenfasizza l-importanza speċjali tas-servizzi pubbliċi għall-koeżjoni soċjali u territorjali fl-Unjoni; ifakkar li l-impreżi tal-provvista tal-ilma u s-sistemi tad-drenaġġ huma servizzi ta' interess ġenerali u għandhom il-missjoni ġenerali li jiżguraw li l-popolazzjoni kollha tkun provduta b'ilma ta' kwalità għolja bi prezzijiet soċjalment aċċettabbli u filwaqt li jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti ambjentali negattivi tal-iskart tal-ilma mormi;

45. Jenfasizza li, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni għandha tibqa' newtrali fir-rigward tad-deċiżjonijiet tal-Istati Membri marbuta mas-sjeda tas-servizzi tal-ilma u m'għandha tippromwovi l-privatizzazzjoni tas-servizzi tal-ilma la permezz ta' leġiżlazzjoni u lanqas bi kwalunkwe mod ieħor;

46. Ifakkar li l-possibilità tar-rimuniċipalizzazzjoni tas-servizzi tal-ilma għandha tkompli tiġi żgurata fil-futur mingħajr ebda restrizzjoni, u tista' tinżamm taħt tmexxija lokali jekk l-awtoritajiet pubbliċi kompetenti jiddeċiedu li jagħmlu dan; ifakkar li l-ilma huwa dritt bażiku tal-bniedem li għandu jkun aċċessibbli u affordabbli għal kulħadd; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom id-dmir li jiżguraw li l-ilma jkun garantit għal kulħadd indipendentement mill-operatur, filwaqt li jiġi żgurati l-operaturi jipprovdu ilma tax-xorb sikur u ffacilitajiet sanitarji mtejba;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

47. Jenfasizza li n-natura speċjali tas-servizzi tal-ilma u dawk sanitarji, bħalma huma l-produzzjoni, id-distribuzzjoni u t-trattament, tagħmilha essenzjali li dawn jiġu esklużi minn kwalunkwe ftehimiet kummerċjali li l-UE qed tinnegozja jew tikkunsidra; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti esklużjoni legalment vinkolanti għas-servizzi tal-ilma, is-servizzi sanitarji u s-servizzi tad-disponiment tal-ilma mormi fin-negozjati li għaddejjin għas-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP), u l-Ftehim dwar il-Kummerċ fis-Servizzi; Jenfasizza li l-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment futuri kollha għandhom jinkludu klawnsoli dwar l-aċċess ġenwin għall-ilma tax-xorb għan-nies tal-pajjiż terz ikkonċernat mill-ftehim b'konformità mal-impenn fit tul tal-Unjoni favur l-iżvilupp sostenibbli u d-drittijiet tal-bniedem, u li l-aċċess ġenwin għall-ilma tax-xorb għan-nies tal-pajjiż terz ikkonċernat mill-ftehim għandu jkun prekundizzjoni għal kwalunkwe ftehim futur ta' kummerċ ħieles;

48. Ifakkar fl-għadd sinifikanti ta' petizzjonijiet kontra l-inklużjoni ta' servizzi pubbliċi essenzjali bħall-ilma u s-sanità fin-negozjati għat-TTIP; jistieden lill-Kummissjoni żżid ir-responsabilità tal-fornituri tal-ilma;

49. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħxi bħala faċilitatur biex tippromwovi l-kooperazzjoni fost l-operaturi tal-ilma permezz tal-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u inizjattivi regolatorji u oħrajn, it-tagħlim reċiproku u l-esperjenza komuni, u billi tappoġġja eżerċizzji volontarji ta' valutazzjoni komparattiva; jilqa' s-sejħa fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni għal aktar trasparenza fis-settur tal-ilma u jirrikonoxxi l-isforzi li saru s'issa, filwaqt li jinnota li kwalunkwe eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva għandu jkun volontarju fid-dawl tal-varjazzjoni wiesgħa fost is-servizzi tal-ilma u l-ispeċifitàjiet reġjonali u lokali madwar l-Ewropa; jinnota wkoll li kwalunkwe eżerċizzju bħal dan li jinkludi biss indikaturi finanzjarji m'għandux jitqies bħala ekwivalenti għal miżuri ta' trasparenza u li għandhom jiġu inklużi kriterji oħra ta' importanza kruċjali għaċ-ċittadini, bħall-kwalità tal-ilma, miżuri biex itaffu l-problemi ta' affordability, informazzjoni dwar x'proporzjon tal-popolazzjoni għandha aċċess għal provvisti tal-ilma adegwati u l-livelli ta' parteċipazzjoni pubblika fil-governanza tal-ilma, b'mod li jinftiehem kemm miċ-ċittadini kif ukoll mir-regolaturi;

50. Jenfasizza l-importanza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fl-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta u miftuħa bejn il-fornituri tas-servizzi, fl-iffaċilitar tal-implimentazzjoni iktar rapida ta' soluzzjonijiet innovattivi u progress tekniku, fil-promozzjoni tal-effiċjenza u l-kwalità tas-servizzi tal-ilma, u fl-iżgurar tal-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-inizjattivi għal kooperazzjoni regolatorja fl-UE sabiex taċċellera l-valutazzjoni komparattiva, it-tagħlim reċiproku u l-iskambju tal-aħjar prattiki regolatorji;

51. Jemmen li għandu jkun hemm valutazzjoni tal-proġetti u l-programmi Ewropej dwar l-ilma u s-sanità mill-perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem, bl-għan li jiġu żviluppati politiki, linji gwida u prattiki xierqa; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi sistema ta' valutazzjoni komparattiva (għall-kwalità, l-affordability, is-sostenibilità u l-kopertura tal-ilma, eċċ.) sabiex titjeb il-kwalità tal-provvista tal-ilma pubblika u s-servizzi sanitarji madwar l-UE, bħala mod kif tingħata s-setgħa liċ-ċittadini;

52. Ifakkar li l-konċessjonijiet relatati mas-servizzi tal-ilma u tas-sanità huma suġġetti għall-prinċipji stipulati fit-Trattat u għaldaqstant għandhom jingħataw skont il-prinċipji ta' trasparenza, trattament ugwali u nondiskriminazzjoni;

53. Jenfasizza li l-produzzjoni, id-distribuzzjoni u t-trattament tal-ilma u s-servizzi sanitarji jridu jibqgħu esklużi mid-Direttiva dwar il-Konċessjonijiet u anki fi kwalunkwe reviżjoni futura tad-Direttiva;

54. Ifakkar li d-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern ġibdet oppożizzjoni qawwija min-naħa tas-soċjetà ċivili f'haġna aspetti, inklużi kwistjonijiet relatati ma' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali bħas-servizzi ta' distribuzzjoni u provvista tal-ilma u l-ġestjoni tal-ilma mormi;

55. Jenfasizza s-suċċess tas-sħubijiet pubbliċi-pubbliċi u pubbliċi-privati fl-iskambju tal-aħjar prattika abbażi ta' kooperazzjoni mingħajr skop ta' qligħ fost l-operaturi tal-ilma, u jilqa' l-fatt li fil-komunikazzjoni l-Kummissjoni rrikonoxxiet, għall-ewwel darba, l-importanza tas-sħubijiet pubbliċi-pubbliċi;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

56. Jilqa' l-isforzi b'suċċess ta' xi muniċipalitajiet biex iżidu l-parteċipazzjoni pubblika fit-titjib tal-għoti tas-servizzi tal-ilma u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma, u jfakkar li l-istituzzjonijiet lokali għandhom rwol importanti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet rigward il-ġestjoni tal-ilma;
57. Jistieden lill-Kumitat tar-Regġuni jinvolvi aktar ruħu f'din l-ECI bl-għan li jhegġegħ l-involviment ikbar tal-awtoritajiet reġjonali fil-kwistjoni;
58. Ifakkar fl-obbligu ta' garanzija ta' aċċess għall-ġustizzja u l-informazzjoni fi kwistjonijiet ambjentali, u ta' parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet, kif stipulat fil-Konvenzjoni ta' Aarhus; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom biex iħarsu l-prinċipji u d-drittijiet imnaqqxa fil-Konvenzjoni ta' Aarhus; ifakkar li s-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom hi fundamentali sabiex tinkiseb l-akbar parteċipazzjoni tagħhom fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet; ihegġegħ lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex b'mod proattiv tistabbilixxi kampanja ta' informazzjoni għaċ-ċittadini tal-UE dwar il-kisbiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus fil-qasam tat-trasparenza u dwar l-għodod effikaċi diġà għad-dispożizzjoni tagħhom, u biex jiġu ssodisfati d-dispożizzjonijiet li jirreferu għall-istituzzjonijiet tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa kriterji ta' trasparenza, responsabbiltà u parteċipazzjoni bħala mezz kif tiġi mtejba l-prestazzjoni, is-sostenibilità u l-kosteffikaċità tas-servizzi tal-ilma;
59. Ihegġegħ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jimxu lejn Ftehim Soċjali ġenwin għall-Ilma, bl-għan li jiżguraw id-disponibilità, l-istabbiltà u l-ġestjoni sikura tar-riżorsi u, b'mod partikolari, billi jadottaw politiki bħall-istabbiliment ta' fondi ta' solidarjetà dwar l-ilma u mekkaniżmi oħra għal azzjoni soċjali biex jiġu appoġġjati dawk il-persuni li ma jaffordjawx l-aċċess għas-servizzi tal-ilma u dawk sanitarji sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' sigurtà tal-provvista sabiex id-dritt tal-bniedem għall-ilma ma jiġix ipperikolat; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri kollha biex jistabbilixxu mekkaniżmi ta' azzjoni soċjali bħal dawk li diġà jeżistu f'xi pajjiżi tal-UE biex jiżguraw il-provvista tal-ilma tax-xorb lil ċittadini f'sitwazzjoni prekarja reali;
60. Jistieden lill-Kummissjoni torganizza l-qsim ta' esperjenzi fost l-Istati Membri dwar l-aspett soċjali tal-politika tal-ilma;
61. Jikkundanna l-fatt li ċ-ċaħda tal-provvista tal-ilma u s-sanità għal komunitajiet żvantaġġati u vulnerabbli qed tintuża b'mod koerċittiv fuħud mill-Istati Membri; itenni li fuħud mill-Istati Membri l-għeluq ta' bjar pubbliċi mill-awtoritajiet għamilha diffiċli għall-gruppi l-aktar vulnerabbli biex ikollhom aċċess għall-ilma;
62. Jinnota li l-Istati Membri għandhom jaġhtu attenzjoni speċjali għall-bżonnijiet tal-gruppi vulnerabbli fis-soċjetà u wkoll biex ikun żgurat li dawk fil-bżonn ikollhom aċċess għal ilma ta' kwalità affordabbli;
63. Jistieden lill-Istati Membri kollha biex jaħtru Ombudsman tas-servizzi tal-ilma sabiex jiżguraw li l-kwistjonijiet relatati mal-ilma bħal ilmenti u suġġerimenti dwar il-kwalità u l-aċċess tas-servizz tal-ilma jkun jistgħu jiġu pproċessati minn korp indipendenti;
64. Jinkoraġġixxi lill-kumpaniji tal-ilma sabiex jinvestu mill-ġdid id-dħul iġġenerat miċ-ċiklu tal-ġestjoni tal-ilma fiż-żamma u t-titjib tas-servizzi tal-ilma u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma; ifakkar li l-prinċipju ta' rkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma jinkludi l-ispejjeż ambjentali u tar-riżorsi filwaqt li jiġu rrispettati kemm il-prinċipji ta' ġustizzja, trasparenza u d-dritt tal-bniedem għall-ilma kif ukoll l-obbligu tal-Istati Membri li jimplementaw l-irkupru tal-ispejjeż dovuti lilhom bl-aħjar mod possibbli sakemm dan ma jikkompromettix l-iskopijiet u l-kisba tal-oġġettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma; jirrakkomanda li jintemmu l-prattiki fejn ir-riżorsi ekonomiċi jiġu ddevjati minn mis-settur tal-ilma biex jiffinanzjaw politiki oħra, inkluż meta l-kontijiet tal-ilma jinkludu tariffi ta' konċessjoni li ma jkunux ġew allokati għall-infrastruttura tal-ilma; ifakkar fl-istat inkwetanti tal-infrastruttura f'xi Stati Membri fejn l-ilma qed jinjala minħabba tnixxijiet minn netwerks ta' distribuzzjoni mhux xierqa u skaduti, u jhegġegħ lill-Istati Membri biex isaħħu l-investment fit-titjib tal-infrastruttura kif ukoll f'servizzi oħra tal-ilma bħala premessa biex jiġi garantit id-dritt tal-bniedem għall-ilma fil-futur;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

65. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti jqiegħdu għad-dispożizzjoni taċ-ċittadini kkonċernati l-informazzjoni kollha dwar il-kwalità u l-ġestjoni tal-ilma b'mod faċilment aċċessibbli u li jinftehem, u li ċ-ċittadini jkunu infurmati u kkonsultati b'mod sħiħ u fil-ħin dwar il-proġetti kollha ta' ġestjoni tal-ilma; jikkunsidra, barra minn hekk, li fil-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Kummissjoni, 80 % tal-parteċipanti qiesu li hu essenzjali li jkun hemm titjib fit-trasparenza tal-monitoraġġ tal-kwalità tal-ilma;

66. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja bir-reqqa l-użu ta' fondi diretti u indiretti tal-UE għal proġetti għall-ġestjoni tal-ilma u tiżgura li tali finanzjament jintuża biss għall-proġetti li għalihom kien maħsub, filwaqt li żżomm f'moħħha li l-aċċess għall-ilma huwa kruċjali għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn iċ-ċittadini tal-UE u għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Qorti tal-Awdituri, biex tivverifika li l-kriterji ta' effiċjenza u sostenibilità jiġu ssodisfati b'mod sodisfaċenti;

67. Jistieden lill-Kummissjoni tqis in-nuqqas attwali ta' investment fil-ġestjoni bilanċjata tal-ilma, filwaqt li żżomm f'moħħha li l-ilma huwa wieħed mill-assi kondiviżi taċ-ċittadini tal-UE;

68. Jitlob, għalhekk, trasparenza ikbar fost l-operaturi tal-ilma, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' kodiċi ta' governanza privata u pubblika għall-kumpaniji tal-ilma fl-UE; huwa tal-fehma li dan il-kodiċi għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju ta' effiċjenza u dejjem skont id-dispożizzjonijiet ambjentali, ekonomiċi, infrastrutturali u ta' parteċipazzjoni pubblika tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma; jitlob ukoll il-ħolqien ta' regolatur nazzjonali;

69. Jitlob lill-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà u s-setgħat u r-responsabbiltà marbuta mal-ilma, fir-rigward kemm tal-livelli varji tal-gvern kif ukoll tal-assoċjazzjonijiet lokali tal-ilma li jiġġestixxu s-servizzi tal-ilma (nixxieġħat u manutenzjoni);

70. Jiddispijaċi li d-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Mormi Urban għadha ma ġietx implimentata bis-sħiħ fl-Istati Membri; jitlob li r-riżorsi finanzjarji tal-Unjoni jintużaw bħala prijorità f'żoni fejn il-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE mhix rispettata, inkluż it-trattament tal-ilma mormi; jinnota li r-rati ta' konformità kienu ogħla meta l-ispejjeż ġew irkuprati u l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" ġie implimentat, u jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi l-adegwatezza tal-istrumenti attwali biex jingħata livell għoli ta' protezzjoni u jsir titjib fil-kwalità tal-ambjent;

71. Jinnota li, fil-każ tal-ilma, is-settur tas-servizzi joffri potenzjal enormi għall-ħolqien tal-impjiegi permezz tal-integrazzjoni ambjentali, u għat-trawwim tal-innovazzjoni permezz tat-trasferiment tat-teknoloġija bejn is-setturi u permezz tar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni applikati għaċ-ċiklu kollu kemm hu tal-ilma; jitlob, għalhekk, li jkun hemm attenzjoni partikolari sabiex tingħata spinta lill-użu sostenibbli tal-ilma bħala enerġija rinnovabbli;

72. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tiżviluppa qafas leġiżlattiv Ewropew għall-użu mill-ġdid tal-ilma tad-drenaġġ ittrattat, b'mod partikolari sabiex jiġu protetti l-attivitajiet u ż-żoni sensitivi; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tipromwovi l-kondiviżjoni tal-esperjenzi fost l-aġenziji tas-saħħa tal-Istati Membri differenti;

73. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, biex fi kwalunkwe reviżjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma tiżgura li l-valutazzjonijiet kwantitattivi tal-problemi dwar l-affordabbiltà tal-ilma jsiru rekwiżit obligatorju tal-eżerċizzji ta' rappurtar mill-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma;

74. Jitlob lill-Kummissjoni tesplora l-possibbiltà li l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) timmonitorja u tirrapporta rigward kwalunkwe kwistjoni ta' affordabbiltà tal-ilma fit-28 Stat Membru;

75. Jirrimarka li l-ġestjoni għaqlija tal-ilma qed issir prijorità, kemm fl-ambitu ekoloġiku kif ukoll f'dak ambjentali, għad-deċennji li ġejjin, filwaqt li tissodisfa l-ħtiġijiet ta' enerġija u agrikultura u tirrispondi għall-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015***L-internalizzazzjoni tal-ispiża tat-tniġġis***

76. Ifakkar li, permezz tal-kontijiet tal-ilma, iċ-ċittadini tal-UE qed iġarrbu l-ispiża tal-purifikazzjoni tal-ilma u t-trattament tal-ilma, u jenfasizza li l-adozzjoni ta' politiki li b'mod effikaċi jgħaqqdu u jirrikonċiljaw l-għanijiet tal-ħarsien tar-riżorsi tal-ilma mal-iffrankar tal-ispejjeż, bħalma huma l-approċċi ta' "kontroll fras l-għajn", huma aktar effiċjenti u finanzjarjament preferibbli; ifakkar li skont ir-rapport 2015 tal-EEA dwar l-istat tal-ambjent, aktar minn 40 % tax-xmajjar u l-ilmijiet kostali huma affettwati minn tniġġis mifrux ikkawżat mill-agrikoltura, filwaqt li bejn 20 % u 25 % huma suġġetti għal tniġġis li joriġina minn punti lokalizzati bħal strutturi industrijali, sistemi tad-drenaġġ u netwerks tal-ġestjoni tal-ilma mormi; jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni effikaċi tad-Direttiva Qafas dwar l-ilma u d-Direttiva dwar l-ilma tax-xorb, koordinazzjoni aħjar fir-rigward tal-implimentazzjoni tagħhom, aktar koerenza fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni u aktar miżuri proattivi għall-iffrankar tar-riżorsi tal-ilma u żieda sostanzjali tal-effiċjenza fl-użu tal-ilma fis-setturi kollha (l-industriji, l-unitajiet domestiċi, l-agrikoltura u n-netwerks ta' distribuzzjoni); ifakkar li l-iżgurar tal-protezzjoni sostenibbli ta' żoni naturali bħall-ekosistemi tal-ilma ħelu huwa wkoll importanti ħafna għall-iżvilupp u huwa kruċjali sabiex jiġu pprovduti l-provvisti tal-ilma għax-xorb, u jnaqqas l-ispejjeż għaċ-ċittadini u l-operaturi;

Il-politika esterna u dik ta' żvilupp tal-UE fis-settur tal-ilma

77. Jenfasizza li l-politiki tal-UE għall-iżvilupp għandhom jintegraw bis-sħiħ l-aċċess universali għall-ilma u s-sanità permezz tal-promozzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-pubbliċi u pubbliċi-privati bbażati fuq is-solidarjetà bejn l-operaturi tal-ilma u l-ħaddiema f'pajjiżi differenti, u għandhom jużaw kemm firxa ta' strumenti biex jippromovu l-aħjar Prattiki permezz tal-kondiviżjoni tal-għarfien, kif ukoll programmi ta' żvilupp u ta' kooperazzjoni f'dan is-settur; itenni li l-politiki għall-iżvilupp tal-Istati Membri tal-UE għandhom jirrikonoxxu d-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-aċċess għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità u li approċċ ibbażat fuq id-drittijiet jeħtieġ appoġġ għall-oqfsa leġiżlattivi, finanzjament u tisħiħ tal-vuċi tas-soċjeta' ċivili sabiex dawn id-drittijiet isiru realtà;

78. Jafferma mill-ġdid li l-aċċess għall-ilma tax-xorb fi kwantità suffiċjenti u ta' kwalità suffiċjenti huwa dritt bażiku tal-bniedem, u jqis li l-gvernijiet nazzjonali għandhom id-dmir li jwettqu dan l-obbligu;

79. Jenfasizza b'konformità mal-leġiżlazzjoni attwali tal-UE u r-rekwiżiti tagħha l-importanza ta' evalwazzjoni regolari tal-kwalità, il-purità u s-sikurezza tal-ilma u tar-riżorsi tal-ilma kemm fi ħdan l-UE, kif ukoll lil hinn mill-fruntieri tagħha;

80. Jenfasizza li l-assistenza sabiex jiġu pprovduti l-ilma tax-xorb sikur u s-sanità għandha tingħata prijorità għolja fl-allokkazzjoni tal-fondi tal-UE u fl-ipprogrammar ta' assistenza; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura appoġġ finanzjarju adegwat għal azzjonijiet ta' żvilupp tal-kapaċità fil-qasam tal-ilma, filwaqt li tiddependi fuq u tikkoopera mal-pjattaformi u l-inizjattivi internazzjonali eżistenti;

81. Jinsisti li s-settur tal-ilma, is-sanità u l-iġjene (WASH) fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, għandu jingħata prijorità għolja kemm fl-għajjnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) kif ukoll fil-baġits nazzjonali; ifakkar li l-ġestjoni tal-ilma hija responsabbiltà kollettiva; huwa favur mentalità miftuħa fir-rigward ta' modalitajiet ta' għajjnuna differenti, imma b'konformità stretta mal-prinċipji tal-effikaċja tal-iżvilupp, mal-koerenza politika għall-iżvilupp u b'enfasi b'saħħitha fuq il-querda tal-faqar u l-massimizzazzjoni tal-impatt tal-iżvilupp; jappoġġja, f'dan ir-rigward, l-involvement ta' komunitajiet lokali fit-tweqqif ta' proġetti f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, kif ukoll il-prinċipju tas-sjieda tal-komunità;

82. Jenfasizza li għalkemm il-progress lejn l-Għan ta' Żvilupp tal-Millennju dwar l-ilma tajjeb għax-xorb jinsab fit-triq it-tajba, 748 miljun persuna madwar id-dinja ma għandhomx aċċess għal provvista tal-ilma mtejbja u huwa smat li mhux inqas minn 1,8 biljun persuna jixorbu ilma li huwa kkontaminat bir-rawt, u li l-mira sanitarji għadha 'l bogħod ħafna biex tinkiseb;

83. Ifakkar li l-iżgurar ta' ġestjoni sostenibbli tal-ilma ta' taħt l-art huwa indispensabbli għat-tnaqqis tal-faqar u għal prosperità kondiviża, peress li l-ilma ta' taħt l-art għandu l-potenzjal li jipprovdi sors imtejjeb tal-ilma għax-xorb lil miljuni ta' nies f'żoni urbani u rurali;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

84. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi l-ilma bħala parti mill-Aġenda għall-Bidla, flimkien mal-agrikoltura sostenibbli;

85. Iqis li s-suġġett tal-ilma jrid ikun fil-qalba tal-ħidma fit-tħejija ta' żewġ avvenimenti internazzjonali ewlenin fl-2015, jiġifieri s-summit dwar l-aġenda għal wara l-2015 u l-COP21 dwar it-tibdil fil-klima; jappoġġa bil-qawwa, f'dan il-kuntest, l-inklużjoni ta' miri ambizzjużi u wesgħin għall-ilma u s-sanità, bħall-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 6 dwar l-iżgurar tad-disponibbiltà u l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u s-sanità għal kulħadd sal-2030, li għandu jiġi adottat f'Settembru 2015; itenni li l-qerda tal-faqar permezz tal-proċess post-2015 tkun possibbli biss jekk niżguraw li kulħadd, kullimkien ikollu aċċess għal ilma nadif, faċilitajiet sanitarji bażiċi u iġjene; jenfasizza li t-tweqqif tal-SDGs kollha jeħtieġ il-mobilizzazzjoni ta' ħafna aktar finanzjament għall-iżvilupp minn dak attwali, kemm mill-pajjiżi żviluppanti kif ukoll minn dawk li qed jiżviluppaw; jitlob il-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ globali biex jiġi segwit il-progress tal-kisba għall-aċċess universali għall-ilma tax-xorb sikur, l-użu sostenibbli u l-iżvilupp tar-riżorsi tal-ilma u t-tisħiħ ta' governanza tal-ilma ġusta, parteċipattiva u responsabbli fil-pajjiżi kollha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-ghajjnuna tintefaq b'mod effikaċi u li tkun immirata aħjar għas-settur WASH fil-perspettiva tal-aġenda għall-iżvilupp għal wara l-2015;

86. Jenfasizza ż-żieda fir-riskju ta' skarsezza tal-ilma minħabba t-tibdil fil-klima; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex fost is-suġġetti tal-COP21, jinkludu l-ġestjoni strateġika tar-riżorsi tal-ilma u pjanijiet ta' adattament fit-tul, sabiex jiġi inkorporat approċċ tal-ilma reżiljenti għat-tibdil fil-klima fil-ftehim futur dwar il-klima globali; jenfasizza li l-infrastruttura tal-ilma reżiljenti għat-tibdil fil-klima hija kruċjali għall-iżvilupp u t-tnaqqis tal-faqar; itenni li mingħajr sforzi kontinwi biex jittaffew il-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, kif ukoll il-ġestjoni mtejba tar-riżorsi tal-ilma, il-progress lejn il-miri tat-tnaqqis tal-faqar, l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, u l-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali kollha tiegħu, jistgħu jitqiegħdu fil-periklu;

87. Jinnota bi tħassib li n-nuqqas ta' aċċess għall-ilma u s-sanità fid-dinja li qed tiżviluppa jista' jkollu effett sproporzjonat fuq il-bniet u n-nisa, speċjalment dawk li għadhom qed jattendu l-iskola fejn l-assenteiżmu u r-rati tal-abbandon bikri mill-iskola huma marbuta man-nuqqas ta' faċilitajiet sanitarji nodfa, sikuri u aċċessibbli;

88. Jitlob biex l-allokazzjoni tal-fondi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tirrifletti r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-dritt tal-bniedem għal ilma tax-xorb sikur u s-sanità, b'mod partikolari fir-rigward ta' infrastruttura fuq skala żgħira u l-allokazzjoni ta' aktar fondi għat-tħaddim u l-manutenzjoni, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u s-sensibilizzazzjoni;

89. Jikkonstata bi tħassib li, skont ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-dritt tal-bniedem għall-ilma tax-xorb sikur u s-sanità, persuni li jgħixu fi kwartieri fqar ġeneralment ikollhom iħallsu aktar minn dawk li jgħixu f'residenzi formali biex imbagħad jirċievu servizzi li mhumiex regolati u ta' kwalità baxxa; iħeġġeġ lill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw sabiex jiprijoritizzaw l-allokazzjonijiet baġitarji għal servizzi għal persuni żvantaġġati u iżolati;

90. Ifakkar li l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ddikjarat li, fis-sitwazzjoni inizjali, mingħajr l-applikazzjoni tat-teknoloġiji l-aktar riċenti tat-trattament u l-konservazzjoni tal-ilma, bejn 100 u 200 litru ilma kuljum għal kull persuna huma ottimali, filwaqt li nnutat li 50 sa 100 litru huma meħtieġa biex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati l-bżonnijiet bażiċi u ma jinħoloqx ħafna tħassib fir-rigward tas-saħħa; jinnota li, skont id-drittijiet fundamentali tal-bniedem rikonoxxuti, l-iffissar ta' kwota minima għal kull persuna huwa indispensabbli biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-ilma bażiċi tal-popolazzjonijiet;

91. Jenfasizza li l-aċċess għal ilma bażiku ta' bżonn għandu jkun dritt tal-bniedem fundamentali indiskutibbli appoġġjat b'mod impliċitu u espliċitu mid-dritt internazzjonali, id-dikjarazzjonijiet u l-prattika tal-istat;

92. Jistieden lill-gvernijiet, l-aġenziji tal-ghajjnuna internazzjonali, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi u l-komunitajiet lokali sabiex jaħdmu biex jipprovdu lill-bniedem kollha l-ilma bażiku li għandhom bżonn u jiggarrantixxu li l-ilma jkun dritt tal-bniedem;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

93. Jistieden lill-Istati Membri biex, skont il-linji gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, jintroduċu politika tal-prezzijiet li tkun tirrispetta d-dritt tal-persuni għal kwantità minima vitali ta' ilma filwaqt li tirripressa l-ħela, filwaqt li tipprevedi l-applikazzjoni ta' tariffa progressiva proporzjonali għall-kwantità tal-ilma li jintuża;

94. Jinkoraġġixxa t-teħid ta' miżuri biex jiġi żgurat l-użu razzjonali tal-konsum tal-ilma, sabiex tiġi evitata l-ħela;

95. Ifaħħar lil ċerti operaturi tal-ilma li jiddedikaw perċentwali mill-fatturat annwali tagħhom għal sħubijiet tal-ilma f'pajjiżi li qed jiżviluppaw, u jhegġegħ lill-Istati Membri u lill-UE sabiex joħlqu l-qafas legali neċessarju biex tali sħubijiet jidħlu fis-seħħ;

96. Jitlob monitoraġġ effikaċi ta' proġetti mwettqa permezz tal-għajnuna esterna; jenfasizza l-ħtieġa li l-istrateġiji finanzjarji u l-baġits jiġu sorveljati sabiex jiġi żgurat li l-fondi allokatu jindirizzaw id-disparitajiet u l-inugwaljanzi eżistenti għall-aċċess għall-ilma u jirrispettaw il-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem ta' nondiskriminazzjoni, aċċess għall-informazzjoni u parteċipazzjoni;

97. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel it-tiġdid tan-netwerks tal-ilma għax-xorb li qed jiqdiemu prijorità fil-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa billi tqiegħed dawn il-proġetti fil-lista ta' proġetti tal-Unjoni; jenfasizza l-effett ta' lieva li dawn il-proġetti jkollhom fuq l-impjiegi li ma jstgħux jiġu rilokati, li b'hekk jistimulaw l-ekonomija ekoloġika fl-Ewropa;

98. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-kondiviżjoni tal-għarfien biex l-Istati Membri jwettqu stħarriġ dwar il-qagħda tan-netwerks, u dan għandu jippermetti t-tnedija tal-ħidma ta' tiġdid sabiex tintemm il-ħela;

99. Jitlob aktar trasparenza biex il-konsumaturi jiġu infurmati aħjar dwar l-ilma u jsir kontribut għall-ġestjoni aktar effiċjenti tar-riżorsi tal-ilma; jinkoraġġixxi, għaldaqstant, lill-Kummissjoni, sabiex tkompli l-ħidma tagħha mal-Istati Membri bl-għan tal-kondiviżjoni tal-esperjenzi nazzjonali relatati mat-twaqqif ta' sistemi ta' informazzjoni dwar l-ilma;

100. Jistieden lill-Kummissjoni biex tistudja l-opportunità li testendi għal-livell Ewropew l-istrumenti ta' appoġġ finanzjarju fis-settur tal-kooperazzjoni internazzjonali b'rabta mal-ilma u l-faċilitajiet sanititarji;

101. Jenfasizza li l-ġestjoni effiċjenti u ġusta tar-riżorsi tal-ilma tiddependi fuq il-kapaċità tal-gvernijiet lokali li jipprovdus-servizzi; jistieden, għalhekk, lill-UE biex tkompli tappoġġja t-tisħiħ tal-governanza u tal-infrastruttura tal-ilma fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, filwaqt li tindirizza b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet rurali vulnerabbli;

102. Jappoġġja l-Pjattaforma Globali ta' Solidarjetà tal-Ilma mnedija mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP) sabiex l-awtoritajiet lokali jkunu involuti fit-tfittix ta' soluzzjonijiet għall-isfidi tal-ilma; jilqa' wkoll l-inizjattiva "1 % solidarjetà għall-ilma u s-sanità" u inizjattivi oħra meħuda miċ-ċittadini u l-awtoritajiet f'xi Stati Membri sabiex jappoġġjaw proġetti f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw permezz ta' fondi minn tariffi tal-konsum; jikkonstata li inizjattivi bħal dawn tqiegħdu fil-prattika minn diversi kumpaniji tal-ilma; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni sabiex thegġegħ arranġamenti ta' solidarjetà f'dan il-qasam u foqasma oħra, pereżempju permezz tat-tqassim ta' informazzjoni, l-iffaċilitar ta' sħubijiet u skambji ta' esperjenzi, inkluż permezz ta' sħubijiet potenzjali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, b'finanzjament addizzjonali tal-UE mogħti għall-proġetti implimentati permezz ta' din l-inizjattiva; ihegġegħ, b'mod partikolari, il-promozzjoni ta' sħubijiet pubbliċi-pubbliċi fil-faċilitajiet tal-ilma f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, b'konformità mal-Alleanza Globali ta' Sħubijiet tal-Operaturi tal-Ilma kkoordinata mill-UN Habitat;

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

103. Jitlob lill-Kummissjoni tnedi mill-ġdid l-istrument "Faċilità tal-Ilma", li wera li kien effikaċi fit-trawwim ta' aċċess aħjar għas-servizzi tal-ilma fpajjiżi li qegħdin jżviluppaw billi ppromwova miżuri ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-komunitajiet lokali;

104. Jilqa' l-fatt li hemm appoġġ konsiderevoli madwar l-Ewropa għar-riżoluzzjoni tan-NU dwar ir-rikonoxximent tal-aċċess għal ilma nadif u s-sanità bħala dritt tal-bniedem;

o

o o

105. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0299

Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Ginea Bissaw: opportunitajiet ta' sajd u kontribuzzjoni finanzjarja (riżoluzzjoni)

Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll miftiehem bejn l-UE u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn iż-żewġ partijiet (11667/2012 – C8-0278/2014 – 2012/0134(NLE) – 2015/2119(INI))

(2017/C 316/10)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11667/2012),
 - wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw (11671/2012),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43, l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0278/2014),
 - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-Rapport 2011 tal-UE dwar il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport ta' evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw (Ftehim qafas FISH/2006/20, konvenzjoni speċifika nru 72, Settembru 2010),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tad-9 ta' Settembru 2015 ⁽²⁾ dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99, il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0236/2015),
- A. billi l-oġettiv ġenerali tal-protokoll huwa li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw fil-qasam tas-sajd fl-interess taż-żewġ partijiet, bis-saħħa tal-istabbiliment ta' qafas ta' sħubija li jippermetti l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli kif ukoll l-isfruttament responsabbli u sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żoni ekonomiċi esklużivi tal-Ginea Bissaw, filwaqt li jippermetti li tinkiseb parti mill-istokkijiet żejda disponibbli li tikkorrispondu mal-interessi tal-flotot tal-Unjoni;
- B. billi l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel kulma tista' biex il-ftehimiet tas-sajd sostenibbli konklużi ma' pajjiżi terzi jkunu ta' benefiċċju reċiproku għall-Unjoni u għall-partijiet terzi kkonċernati, inklużi l-popolazzjonijiet lokali tagħhom u l-industrija tas-sajd tagħhom;
- C. billi l-ewwel ftehim dwar is-sajd bejn il-KEE u l-Ginea Bissaw intlaħaq fl-1980 u billi, wara l-konklużjoni tal-ftehim, u sal-15 ta' Ġunju 2012, il-flotot tal-Istati Membri tal-KEE/l-Unjoni kellhom aċċess għas-sajd fl-ibħra ta' dawn il-pajjiżi permezz ta' bosta protokoll ta' implimentazzjoni tal-ftehim li daħlu fis-seħħ suċċessivament;

⁽¹⁾ ĠU C 72 E, 11.3.2014, p. 21.

⁽²⁾ Testi adottati ta' dik id-data, P8_TA(2015)0298.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- D. billi l-opportunitajiet tas-sajd allokat lill-flotot tal-Unjoni Ewropea fil-kuntest tal-protokoll ikkonċernat huma dawn li ġejjin: 3 700 TGR (tunnellaġġ gross reġistrat) għall-bastimenti bi friża għas-sajd bit-tkarkir (gambli) u 3 500 TGR għall-bastimenti bi friża għas-sajd bit-tkarkir (ħut bil-pinen u ċefalopodi), 28 bastiment bi friża għas-sajd tat-tonn bit-tartarun u bil-konz u 12-il bastiment għas-sajd tat-tonn bix-xlief u l-bastun; billi l-Ftehim dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ginea Bissaw huwa wieħed ta' importanza kbira peress li huwa wieħed mill-ftit ftehimiet dwar is-sajd tal-UE li jippermetti l-aċċess għas-sajd imħallat;
- E. billi l-ammonti trasferiti lill-Ginea Bissaw fil-kuntest ta' dan il-Ftehim, jiġifieri bħala kumpens għall-aċċess għar-riżorsi, jikkostitwixxu parti importanti tal-baġit tal-pajjiż; billi, barra minn hekk, fl-imgħoddi t-trasferimenti li saru fil-kuntest tal-kooperazzjoni settorjali ġew sospiżi minħabba ċerti diffikultajiet fl-assorbiment tal-ġhajjnuna min-naħa tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw;
- F. billi jeżistu nuqqasijiet fil-Ginea Bissaw fir-rigward tal-iżvilupp soċjoekonomiku b'mod ġenerali u b'mod partikolari fis-settur tas-sajd, f'ambiti sinifikattivi bħat-taħriġ tal-professionisti, l-appoġġ settorjali jew ir-rikonoxximent tar-rwol tal-mara fis-settur, fost l-oħrajn;
- G. billi jidher ċar li r-riżultati miksuba s'issa fil-qasam tal-kooperazzjoni settorjali b'mod ġenerali ma kinux sodisfaċenti; billi, minkejja dan, ġie rreġistrat progress fil-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tas-sajd, il-kapaċità tal-ispezzjoni sanitarja u l-parteċipazzjoni tal-Ginea Bissaw mal-entitajiet reġjonali tas-sajd; billi għad hemm lok għal titjib bil-għan li jiġi żgurat li l-ftehim ikun aktar effikaċi fil-promozzjoni tat-trasparenza u l-obbligju ta' rendikont fil-kooperazzjoni settorjali u biex jitrawwem l-iżvilupp sostenibbli tas-settur tas-sajd tal-Ginea Bissaw, kif ukoll tal-industriji u l-attivitajiet marbuta miegħu, b'tali mod li jiġi żgurat li proporzjon akbar tal-valur miżjud, li jirriżulta mill-isfruttament tar-riżorsi naturali tal-pajjiż, jibqa' fil-Ginea Bissaw stess;
- H. billi s-sidien tal-bastimenti industrijali li jittrażbordaw jew iħottu l-art il-qabdiel tagħhom 'il barra minn pajjiżhom (b'mod partikolari f'Dakar u l-Gżejjer Kanarji) b'dan il-mod inaqqsu l-benefiċċji ekonomiċi tas-sajd industrijali jew jillimitawhom għall-ħolqien ta' xi postijiet tax-xogħol (148 membru tal-ekwipaġġ lokali, fil-kuntest tal-protokoll preċedenti); billi, fl-2010, kien jeżisti biss stabbiliment operazzjonali wieħed għat-trattament tal-ħut fil-pajjiż;
- I. billi, minkejja l-ftit progress li ġie osservat reċentement f'dan il-qasam, in-nuqqas ta' rispett lejn l-istandards tal-iġjene imposti mill-Unjoni kkontribwixxa sabiex ixekkel il-kummerċ tal-prodotti tas-sajd mal-Unjoni;
- J. billi s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) fl-ibħra tar-Repubblika tal-Ginea Bissaw jikkostitwixxi problema li ilha teżisti żmien twil; billi fl-2008 u l-2009, l-awtoritajiet nazzjonali identifikaw 58 bastiment li kienu qed jikkommettu reat, li 11 minhom kienu qed jistadu mingħajr liċenzja u seba f'żoni projbiti; billi, minkejja l-progress li sar u l-mezzi użati min-naħa tal-Ginea Bissaw għas-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet osservaturi u l-bastimenti rapidi tal-pattulja, għadhom jeżistu l-lakuni fis-sistema ta' sorveljanza u kontroll tas-sajd fl-ibħra territorjali tal-Ginea Bissaw;
- K. billi n-nuqqas ta' għarfien, kemm fir-rigward tal-konsegwenzi ta' dan il-Ftehim fuq l-ekosistema tal-baħar kif ukoll fir-rigward tal-garanzija li l-aċċess ikun limitat għall-istokkijiet żejda li ma jstgħux jinqabdu mill-flotot lokali, u minħabba l-problemi marbuta mal-assenza ta' data bijoloġika aġġornata (b'mod partikolari wara t-tluq tal-flotot tal-UE mill-Ginea Bissaw fl-2012) għandhom jitqiesu bħala fatturi li jqajmu tħassib u jeħtieġ li jiġu riżolti mill-aktar fis possibbli;
- L. billi l-Parlament għandu jiġi infurmat immedjatament u dwar kollox, fl-istadji kollha, dwar il-proċeduri relatati mal-Protokoll jew mat-tiġdid tiegħu.
1. Iqis li dan il-Ftehim huwa importanti ferm, kemm għall-Ginea Bissaw kif ukoll għall-flotot Ewropej li joperaw fl-ibħra ta' dan il-pajjiż. jemmen, għaldaqstant, li sal-lum ir-riżultati miksuba mhumiex biżżejjed f'dan il-qasam tal-kooperazzjoni settorjali, u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiegħu l-miżuri meħtieġa – billi toħloq mekkaniżmi għal aktar trasparenza, responsabilità u parteċipazzjoni min-naħa tal-benefiċjarji b'mod partikolari l-komunitajiet tas-sajd artiġjanali fuq skala żgħira, u jekk ikun meħtieġ, tirrevedi u ssaħħaħ il-parti tal-Ftehim relatata mal-appoġġ settorjali, kif ukoll l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet ġodda aktar effikaċi biex tiżdied ir-rata ta' assorbiment tal-ġhajjnuna – sabiex jiġi żgurat li titreġġa' lura x-xejra li ġiet osservata f'dawn l-aħħar deċennji;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

2. Ifakkar li l-Ftehim għandu jippromwovi żvilupp aktar effikaċi u sostenibbli tas-settur tas-sajd fil-Ginea Bissaw, kif ukoll għall-industriji u l-attivitàjiet relatati, b'mod partikolari s-sajd fuq skala żgħira li jikkontribwixxi ħafna għas-sigurtà tal-ikel u tal-għajxien lokali, billi jżid il-valur miżjud li jibqa' fil-pajjiż minħabba l-isfruttament tar-riżorsi naturali tiegħu; jinnotta l-iżviluppi pożittivi osservati f'dawn l-aħħar snin, iżda jqis li jeħtieġ li jsiru sforzi kontinwi fuq perjodu ta' żmien twil bil-għan li jinkisbu riżultati sinifikanti; jagħti bħala eżempji xi oqmsa li għandhom jiġu appoġġati, speċjalment permezz ta' assistenza teknika: it-tisħiħ tal-kapaċitajiet istituzzjonali, it-taħriġ tal-professjonisti tas-sajd, is-sħubijiet mas-sajd artiġjanali ta' skala żgħira, kif ukoll l-attenzjoni prijoritarja għall-politiki b'rabta mal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, b'mod partikolari r-rikonnoxximent u l-għoti ta' importanza lir-rwol tan-nisa (fid-distribuzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-ħut, il-konservazzjoni, l-ipproċessar tal-ewwel stadju, eċċ.);
3. Iqis li għandhom jiġu sfruttati b'mod sħiħ il-possibiltajiet ta' impjegi għall-baħħara lokali abbord il-bastimenti tal-UE kif previst fil-Protokoll;
4. Iqis li għandhom jissaħħu l-miżuri għall-prevenzjoni ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat fiż-żona ekonomika esklużiva tal-Ginea Bissaw, fosthom permezz tat-titjib fil-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza permezz ta' użu estensiv tas-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti bis-satellita, ġurnali ta' abbord, spetturi u l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet minn organizzazzjonijiet reġionali tas-sajd;
5. Jesprimi l-ħtieġa li jkun hemm artikolazzjoni aħjar bejn l-appoġġ settorjali previst taħt il-Ftehim dwar is-Sajd u l-istrumenti disponibbli fil-qafas tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ);
6. Jistieden lill-Kummissjoni, minkejja l-isforzi li saru, biex tibqa' tappoġġa lill-awtoritajiet tal-Ginea Bissaw fit-tisħiħ tas-sistema ta' sorveljanza u kontroll tas-sajd fl-ibħra territorjali tal-Ginea Bissaw, bil-għan li jissaħħu l-miżuri għall-ġlieda kontra s-sajd IUU;
7. Jenfasizza li dan il-Ftehim jinkludi klawżola ta' nondiskriminazzjoni; jinnotta b'sodisfazzjon li l-kontenut ta' ftehimiet tas-sajd konklużi mill-Ginea Bissaw ma' pajjiżi terzi ġie ppubblikat fl-ambitu tan-negozjati u jistgħu jiġu kkonsultati; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi l-andament ta' dawn il-ftehimiet u l-attivitàjiet ta' sajd fl-ibħra tal-Ginea Bissaw;
8. Huwa tal-fehma li jeħtieġ li jittejbu l-kwantità u l-affidabilità tal-informazzjoni dwar il-qabdiet kollha (il-qabdiet fil-mira kif ukoll dawk inkidentalni) u b'mod ġenerali, dwar l-istat ta' konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, bil-għan li jitkejjel aħjar l-impatt tal-Ftehim fuq l-ekosistema tal-baħar u l-komunitajiet tas-sajd; u jemmen li jeħtieġ li jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-kapaċitajiet proprji għall-kisba ta' din l-informazzjoni min-naħa tal-Ginea Bissaw; Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura r-regolarità u t-trasparenza tal-monitoraġġ min-naħa tal-entitajiet inkarigati mis-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-Ftehim, b'mod partikolari l-Kumitat Xjentifiku Konġunt;
9. Jitlob lill-Kummissjoni tibgħat lill-Parlament il-minuti u l-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-kumitat konġunt previst fl-Artikolu 9 tal-Ftehim, il-programm settorjali pluriennali msemmi fl-Artikolu 3 tal-Protokoll il-ġdid, ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet annwali kif ukoll il-minuti u l-konklużjonijiet tal-laqgħat previsti fl-Artikolu 4 tal-Protokoll il-ġdid; jitlob ukoll lill-Kummissjoni tiffaċilita l-parteciġazzjoni tar-rappreżentanti tal-Parlament, bħala osservaturi, fil-laqgħat tal-kumitat konġunt u tippromwovi l-parteciġazzjoni tal-komunitajiet tas-sajd tal-Ginea Bissaw; jitlob, finalment, lill-Parlament u lill-Kunsill, fl-aħħar sena tal-eżistenza tal-Protokoll il-ġdid u qabel ma jinfetħu n-negozjati għat-tiġdid tiegħu, rapport sħiħ dwar l-implimentazzjoni tiegħu, mingħajr restrizzjonijiet bla ħtieġa tal-aċċess għal dan id-dokument;
10. Iqis li l-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tinkludi fil-programm settorjali pluriennali previst fl-Artikolu 3 tal-Protokoll l-oġġettivi li jwasslu għall-iżvilupp attwali tas-sajd lokali, b'mod partikolari tas-sajd artiġjanali u l-industrija tal-ipproċessar tal-ħut, inkluż permezz ta' aktar żbarki fil-Ginea Bissaw, u attivitajiet ekonomiċi u sħubiji oħra fis-settur tas-sajd;
11. Iqis li l-Kumitat Konġunt previst fil-Ftehim ta' Sħubija għandu jiżgura li, minħabba l-problema ta' korruzzjoni, is-solidità tal-mekaniżmi kollha previsti minn dan il-Protokoll hija indiskutibbli;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, filwaqt li jaġixxu fil-limiti tas-setgħat rispettivi tagħhom, jgħarrfu lill-Parlament immedjatament u dwar kollox, fl-istadji kollha, dwar il-proċeduri relatati mal-protokoll il-ġdid u t-tiġdid tiegħu, skont it-termini tal-Artikolu 13, il-paragrafu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 218, il-paragrafu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

13. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika ta' Ginea Bissaw.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0301

Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd mal-Kap Verde: l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja (riżoluzzjoni)

Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde (15848/2014 – C8-0003/2015 – 2014/0329(NLE) – 2015/2100(INI))

(2017/C 316/11)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (15848/2014),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde (15849/2014),
 - wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni mressqa mill-Kunsill b'konformità mal-Artikolu 43, l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0003/2015),
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/948/UE tal-15 ta' Diċembru 2014 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tad-9 ta' Settembru 2015 ⁽²⁾ dwar l-abbozz ta' deċiżjoni,
 - wara li kkunsidra l-evalwazzjoni u l-analiżi tal-Protokoll preċedenti,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A8-0200/2015),
- A. billi l-għan ġenerali tal-Protokoll huwa li tissaħħaħ il-koooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde sabiex jinholq qafas ta' sħubija li fi ħdanu tiżviluppa politika tas-sajd sostenibbli u sfruttar responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tar-Repubblika tal-Kap Verde, fl-interess taż-żewġ partijiet;
- B. billi fil-Protokoll, il-partijiet ftiehm li jimplementaw mekkaniżmu ta' sorveljar strett sabiex jiżguraw sfruttament sostenibbli tar-riżorsa; billi dan il-mekkaniżmu għandu, b'mod partikolari, ikun ibbażat fuq l-iskambju trimestrali ta' data dwar qabdiet ta' klieb il-baħar;
- C. billi ż-żewġ partijiet impenjaw ruħhom li jirrispettaw b'mod sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha li saru mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT);
- D. billi kemm tal-ICCAT kif ukoll il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) iddeskrivew l-ispeċijiet ta' kelb il-baħar bħala stokk b'saħħtu, kif ikkonfermat mill-laqgħa xjentifika taż-żewġ partijiet għal dan il-Protokoll;

⁽¹⁾ ĠU L 369, 24.12.2014, p. 1.

⁽²⁾ Testi adottati ta' dik id-data, P8_TA(2015)0300.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- E. billi l-mekkaniżmu l-ġdid ta' monitorjar marbut ma' limiti ta' 30 % u ta' 40 % ta' qabdiet ta' klieb il-baħar li jiskattaw miżuri addizzjonali huwa, b'mod partikolari, pass fid-direzzjoni t-tajba;
- F. billi qed tittardja l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali; billi l-livell ta' kisba tal-oġġettivi huwa sodisfaċenti, minkejja li huwa wkoll diffiċli tiddetermina l-impatt ta' appoġġ settorjali Ewropew meta mqabbel ma' azzjonijiet oħra mwettqa fil-kuntest ta' programmi ta' appoġġ mibdija minn sħab oħra għall-iżvilupp;
- G. billi huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' intervent loġiku biex jiggwida u jistandardizza aħjar il-valutazzjonijiet ta' protokoll; billi dan għandu jitwettaq b'mod partikolari fejn jirrigwarda l-appoġġ settorjali;
1. Jilqa' dan il-protokoll il-ġdid dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde, adottata skont miżuri ta' sostenibilità tal-politika komuni tas-sajd il-ġdida (PKS), kemm mill-perspettiva ambjentali kif ukoll dik soċjoekonomika;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni tgħaddi lill-Parlament il-minuti u l-konklużjonijiet tal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd, kif ukoll il-programm settorjali pluriennali previst fl-Artikolu 3 tal-protokoll il-ġdid;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq quddiem il-Parlament u lill-Kunsill, fi żmien l-aħħar sena tal-applikazzjoni tal-protokoll u qabel il-bidu tan-negojzati għat-tiġdid tiegħu, rapport sħiħ dwar l-implimentazzjoni tiegħu;
 4. Jenfasizza t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda sinifikanti fil-qbid ta' xi speċijiet ta' kelb il-baħar matul l-aħħar snin tal-Protokoll preċedenti; Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Parlament dwar l-azzjonijiet meħuda mill-Kumitat Konġunt bi tweġiba għal studju ibbażat fuq ix-xjenza biex jitwettaq kif deskritt fl-Artikolu 4, paragrafu 6 tal-Anness tal-Protokoll, sabiex ikun hemm garanziji li dan is-sajd jiġi sfruttat b'mod sostenibbli u responsabbli; jenfasizza li l-Parlament għandu jkun infurmat dwar id-data miksuba fir-rigward tal-istokkijiet tal-klieb il-baħar;
 5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, filwaqt li jaġixxu fil-limiti tas-setgħat rispettivi tagħhom, jgħarrfu lill-Parlament immedjatament u dwar kollox fl-istadji kollha tal-proċeduri relatati mal-protokoll u t-tiġdid tiegħu, skont it-termini tal-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 218(10) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 6. Jitlob li l-Kummissjoni tivvaluta jekk bastimenti li joperaw taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-protokoll ikunux issodisfaw ir-rekwiżiti ta' rapportar rilevanti;
 7. Jitlob lill-Kummissjoni biex tikkomunika kull sena mal-Parlament dwar il-ftehimiet internazzjonali addizzjonali tal-Kap Verde sabiex il-Parlament ikun jista' jissorvelja l-attivitajiet kollha tas-sajd fir-reġjun inklużi daww li jstgħu jkunu kontra l-politika Ewropea tas-sajd, pereżempju t-tneħħija tax-xewka tal-klieb il-baħar;
 8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Kap Verde.
-

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0304

Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (il-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ) (riżoluzzjoni)

Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 li fih mozzjoni għal riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (06040/2015 – C8-0077/2015 – 2015/0029(NLE) – 2015/2067(INI))

(2017/C 316/12)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (06040/2015),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0077/2015),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 2013 dwar is-sitwazzjoni attwali tal-aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA) u l-preparamenti għad-Disa' Konferenza Ministerjali tad-WTO ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlament Konġunta AKP-UE dwar l-integrazzjoni reġjonali u l-modernizzazzjoni tad-dwana għal żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi AKP, b'kooperazzjoni mal-UE ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Sħubija Globali għall-Qerda tal-Faqar u l-Iżvilupp Sostenibbli wara l-2015" ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżultati tad-Disa' Konferenza Ministerjali tad-WTO fl-Indoneżja f'Diċembru 2013 u l-ftehim li kien intlaħaq dwar il-faċilitazzjoni tal-kummerċ ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tas-27 ta' Novembru 2014 ⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-OECD ta' Frar 2014, Il-Ftehim tad-WTO tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ – impatt potenzjali fuq l-ispejjeż tal-kummerċ,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tad-9 ta' Settembru 2015 ⁽⁶⁾ dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), it-tieni subparagrafu, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0238/2015),
- A. billi l-faċilitazzjoni tal-kummerċ hija primarjament kwistjoni tal-awtoritajiet nazzjonali, iżda ma hemm l-ebda dubju li f'ħafna oqsma l-kooperazzjoni multilaterali tista' żżid il-qligħ u tnaqqas l-ispejjeż;

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0511.

⁽²⁾ ĠU C 345, 2.10.2014, p. 28.

⁽³⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġuni tal-5 ta' Frar 2015 (COM(2015)0044).

⁽⁴⁾ Id-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Bali (WT/MIN (13)/DEC); Id-Deċiżjoni Ministerjali ta' Bali dwar il-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ (WT/MIN (13)/36 jew WT/L/911 tal-11 ta' Diċembru 2013). https://www.wto.org/english/thewto_e/minist_e/mc9_e/balipackage_e.htm

⁽⁵⁾ Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ WT/L/940 tat-28 ta' Novembru 2014.

⁽⁶⁾ Testi adottati ta' dik id-data, P8_TA(2015)0303.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- B. billi żewġ terzi tal-membri tad-WTO jeħtiġilhom jirratifikaw il-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ (TFA/ftehim) qabel ma jkun jista' jidħol fis-seħħ; billi f'dan ir-rigward jappella lill-membri kollha tad-WTO jiżguraw li l-ftehim ikun jista' jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun u b'mod partikolari qabel l-Għaxar Konferenza Ministerjali tad-WTO (MC10) f'Nairobi f'Diċembru 2015;
- C. billi xi ekonomiji emerġenti kbar bħaċ-Ċina, il-Brażil u l-Indja mhumiex se jistaqsu għal għajjnuna teknika; billi dan għandu jintlaqa' tajjeb peress li juri li l-għajjnuna disponibbli se tingħata lil dawk li l-aktar għandhom bżonnha;
- D. billi l-UE qed taħdem b'mod attiv biex tiżgura l-koerenza bejn il-politiki differenti tagħha (fl-oqsma tal-kummerċ, il-kooperazzjoni, l-għajjnuna umanitarja, eċċ.); billi dawn il-politiki għandhom ikunu transsettorjali u jiġu vvalutati fuq il-bażi ta' studji tal-impatt;
- E. billi l-UE hija impenjata li tippromwovi kummerċ ħieles, ġust u miftuħ li jkun bilanċjat u ta' benefiċċju reċiproku għal kulħadd; billi d-WTO hija l-qafas naturali għat-tkomplija u l-affermazzjoni mill-ġdid ta' dawn il-prinċipji;
- F. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar donaturi tal-għajjnuna fid-dinja; billi l-assistenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ hija miżura taħt l-inizjattiva "Għajjnuna għall-Kummerċ" u m'għandu jkollha l-ebda impatt fuq il-proporzjon tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għall-Għajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA);
1. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati tad-Disa' Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Diċembru 2013, fejn ġew konklużi negozjati mill-160 membru tad-WTO b'rabta mal-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ; iqis li l-Ftehim tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ huwa pass importanti, għaliex huwa l-ewwel ftehim multilaterali mindu twaqqfet id-WTO fl-1995, u se johlq pjan għall-modernizzazzjoni tad-dwana fost il-161 membru tad-WTO;
 2. Jenfasizza li l-UE tibqa' favur li d-deċiżjonijiet tal-Pakkett ta' Bali jiġu implimentati bis-sħiħ u b'lealtà mill-membri kollha tad-WTO, li jkun jippermetti li tingħata attenzjoni lill-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati taħt l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA);
 3. Jirrikonoxxi l-benefiċċji li se ġgġib magħha l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw minħabba l-kontribut li se tagħti għal ambjent tan-negozju aktar favorevoli, b'mod partikolari għall-SMEs; jenfasizza, b'mod partikolari, li l-ftehim għandu jnaqqas l-inċertezza dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul fis-suq u l-ispejjeż tal-kummerċ b'bejn 12,5 % u 17,5 % (skont estimi bħal dawk mill-OECD) jekk jiġi implimentati bis-sħiħ, biex b'hekk il-konsumaturi jkun jista' jkollhom aċċess għal firxa akbar u orħos ta' prodotti u n-negozji jkun jista' jkollhom aċċess għal swieq ġodda u jtejbu l-kompetittività tagħhom billi jżidu l-effiċjenza u jnaqqsu l-burokrazija żejda u l-ispejjeż assoċjati;
 4. Jenfasizza li l-implimentazzjoni tal-ftehim, b'mod partikolari mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, se twassal għall-istandardizzazzjoni u s-semplifikazzjoni ta' proċeduri relatati mal-kummerċ; jindika li l-ftehim jista' jipprovdi opportunitajiet ġodda biex jiġi estiż l-użu ta' teknoloġiji innovattivi u sistemi elettroniċi, inklużi sistemi ta' ħlas elettroniku, portali nazzjonali tan-negozju u punti uniċi ta' servizz;
 5. Iħeġġeġ lill-membri kollha tad-WTO jippruvaw isibu soluzzjoni mingħajr dewmien biex jiġi implimentat il-Pakkett ta' Bali fl-aspetti kollha tiegħu, inklużi it-tnaqqis ta' sussidji li jfixklu l-kummerċ, u dan sabiex id-DDA tkun tista' tiġi konkluża għall-Għaxar Konferenza Ministerjali tad-WTO;
 6. Jenfasizza l-importanza ta' dan il-ftehim minn perspettiva ta' żvilupp, b'kont meħud tal-fatt li japplika trattament speċjali u divrenzjat li fih il-pajjiżi l-anqas żviluppatti u dawk li qed jiżviluppaw jistgħu jiddeċiedu meta se jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet differenti u għal liema minnhom se tkun tinħtieġ għajjnuna teknika;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

7. Jenfasizza li l-benefiċċji li se jirriżultaw mill-ftehim se jiddependu mil-livell ta' implimentazzjoni tiegħu u meta se jiġi implimentat; jemmen li implimentazzjoni sħiħa u leali li tirrifletti l-prijoritajiet u t-tħassib tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-ambitu tad-DDA se tkun ta' benefiċċju kbir għall-firmatarji kollha;
8. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-ftehim jinkludi dispożizzjonijiet vinkolanti u linji gwida mhux vinkolanti; iħeġġeġ lill-membri kollha tad-WTO jagħmlu l-almu tagħhom biex jimplementaw kemm id-dispożizzjonijiet obbligatorji u kemm il-linji gwida, bil-ħsieb li jbaxxu kemm jista' jkun l-ispejjeż tal-kummerċ;
9. Jenfasizza li għadd ta' rekwiżiti skont il-ftehim, partikolarment b'rabta mat-trasparenza u d-dħul u l-ħlas awtomatizzati tad-dazji, jistgħu jikkostitwixxu mezz qawwi biex tiġi affrontata l-korruzzjoni fil-fruntieri; jitlob li jkun hemm kooperazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet doganali u jenfasizza li trasparenza akbar se twassal għal livell ogħla ta' sigurtà u se sservi ta' incensiv b'saħħtu għall-intensifikazzjoni tal-kummerċ, minbarra li tiżgura kontrolli doganali aktar effettivi;
10. Jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattiva tal-UE li timmira li jkun hemm EUR 400 miljun f'finanzjament fuq medda ta' ħames snin bħala appoġġ għar-riformi tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ u proġetti bħat-titjib tas-sistemi doganali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk l-anqas żviluppatti; ifakkar li dan il-finanzjament, li fil-parti l-kbira se jiġi pprovdut permezz tal-allokkazzjonijiet tal-Programmi Indikattivi Reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali, jagħmel parti mill-inizjattiva ferm usa' tal-UE "Għajnuna għall-Kummerċ" (EUR 3,5 biljun f'għotjiet tal-UE fl-2013), u jitlob li l-Parlament Ewropew u l-Istati Membri jiġu pprovduti b'informazzjoni regolari f'dan ir-rigward;
11. Jenfasizza madankollu li dan il-finanzjament għandu jkun ikkoordinat tajjeb ħafna ma' finanzjament li ġej minn donaturi internazzjonali oħra bħall-UNCTAD, id-WTO u l-Bank Dinji; jenfasizza li d-duplikazzjoni u l-burokrazija eċċessiva għandhom jiġu evitati fir-rigward tal-pajjiżi li qed jagħmlu t-talba, u li dan jista' jservi ta' deterrent għal dawk li qed ifittxu assistenza;
12. Jitlob ukoll kooperazzjoni mill-qrib ma' organizzazzjonijiet speċjalizzati bħall-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO), li jistgħu jipprovdut għarfien espert Prattiku u tekniku ta' valur fuq bażi ta' każ b'każ li jiffaċilita l-iżvilupp u l-bini tal-kapaċità f'dan l-ambitu; jenfasizza li partikolarment il-pajjiżi l-anqas żviluppatti jistgħu jisiltu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet kummerċjali maħluqa mill-ftehim tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ;
13. Jenfasizza r-rwol ewlieni li jista' jkollhom id-delegazzjonijiet tal-UE madwar id-dinja, li jistgħu jaħdmu ma' pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk l-anqas żviluppatti fuq il-post, u jitlob li dawn id-delegazzjonijiet jiġu involuti bl-aktar mod possibbli fil-ħruġ ta' għajnuna teknika;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-almu tagħha biex tappoġġja lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk l-anqas żviluppatti fl-implimentazzjoni tal-impenji tagħhom, b'kont meħud tal-ħtieġa għall-flessibbiltà għall-implimentazzjoni tal-obbligi taħt il-ftehim; jisħaq fuq il-fatt li l-finanzjament għall-bini tal-kapaċità għandu jkun orjentat lejn il-benefiċjarji u bbażat fuq valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet proprji;
15. Jirrakkomanda li l-organizzazzjonijiet internazzjonali u s-sħab tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk l-anqas żviluppatti jikkollaboraw mill-qrib fl-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet ta' kategorija C sabiex jimplementawhom fl-iqsar żmien possibbli;
16. Jirrikonoxxi d-distakk estensiv li għad fadal bejn il-proċeduri fil-fruntieri tal-pajjiżi żviluppatti u tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u li infrastruttura fqira, ġestjoni doganali ineffiċjenti, każijiet ta' korruzzjoni u proċeduri burokratiċi eċċessivi jnaqqsu r-ritmu tal-kummerċ; jirrikonoxxi li l-ftehim tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-proċess ta' liberalizzazzjoni kummerċjali jikkondividu l-istess objettiv li jnaqqsu l-ispejjeż kummerċjali biex jstimolaw l-attività ekonomika;
17. Ifakkar li għal ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ se tkun is-sors prinċipali ta' kisbiet fid-DDA; jilqa' d-dispożizzjonijiet estensivi rigward it-trattament speċjali u divrenzjat għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u dawk l-anqas żviluppatti; jissuġġerixxi li l-approċċ oriġinali li permezz tiegħu l-impenji u l-programmazzjoni tagħhom ikunu proporzjonati mal-kapaċitajiet tal-pajjiżi għandu jservi bħala punt ta' riferiment għall-ftehimiet fil-ġejjieni;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

18. Jirrikonoxxi li l-għarfien espert mis-settur privat jista' jiżvolġi rwol ċentrali fil-promozzjoni ta' miżuri għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u fil-forniment ta' assistenza u appoġġ għall-implimentazzjoni tal-ftehim fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jieħu nota ta' inizjattiva ppjanata mill-USAID għal alleanza pubblika-privata għal dan il-għan; jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ l-involvement tas-settur privat u tesplora l-possibilitajiet għal sħubijiet ma' industriji Ewropej b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-ftehim;
19. Jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni tar-riformi fil-qasam tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ għandha benefiċċji aktar estensivi fir-rigward tal-iżvilupp; jinnota f'dan il-kuntest ir-rwol kruċjali li d-dwani jistgħu jiżvolġu biex jiffaċilitaw iċ-ċaqliq fil-pront ta' spedizzjonijiet ta' oġġetti għal għajnuna f'każ ta' diżastru; jisħaq fuq il-fatt li l-assistenza umanitarja f'emerġenza għandha tibenefika minn proċeduri ta' approvazzjoni doganali semplifikati biex jitħaffef il-forniment ta' għajnuna u, barra minn hekk, għandha tkun eżentata minn dazji u taxxi;
20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.
-

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0307

Dimensjoni urbana tal-politiki tal-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar id-dimensjoni urbana tal-politiki tal-UE (2014/2213(INI))

(2017/C 316/13)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-Titolu XVIII tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimi u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2011 dwar l-Aġenda Urbana Ewropea u l-Futur tagħha fil-Politika ta' Koeżjoni ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Frar 2008 dwar is-segwitu tal-Aġenda Territorjali u l-Karta ta' Leipzig: Programm ta' Azzjoni Ewropew għall-ippjanar tal-ispazju u l-Koeżjoni Territorjali ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2014 dwar id-dimensjoni urbana tal-politiki tal-UE – aspetti prinċipali tal-aġenda urbana tal-UE (COM(2014)0490),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Ġunju 2014 dwar il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT): Is-Sitwazzjoni Attwali u l-Perspettivi (COM(2014)0368),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 dwar Ewropa 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv (COM(2010)2020),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Lulju 2012 bit-titolu “Bliet u komunitajiet intelliġenti – sħubija Ewropea għall-innovazzjoni” (C(2012)4701),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 1998 dwar Żvilupp Urban Sostenibbli fl-Unjoni Ewropea: Qafas għal Azzjoni (COM(1998)0605),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 1997 bit-titolu “Lejn aġenda urbana fl-Unjoni Ewropea” (COM(1997)0197),

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

⁽²⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289.

⁽³⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.

⁽⁴⁾ ĠU C 390 E, 18.12.2012, p. 10.

⁽⁵⁾ ĠU C 184 E, 6.8.2009, p. 95.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra s-sitt Rapport tal-Kummissjoni dwar il-“Koeżjoni Ekonomika, soċjali u territorjali: Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi – Il-promozzjoni tal-iżvilupp u ta’ governanza tajba f’reġjuni u bliet tal-UE”, Lulju 2014,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni bl-isem “Il-bliet ta’ għada: Ninvestu fl-Ewropa”, Brussell, 17-18 ta’ Frar 2014,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu “Futuri Diġitali – vjaġġ fil-viżjonijiet tal-2050 u l-isfidi politiċi, il-bliet, il-villaġġi u l-komunitajiet”, 2014,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni bl-isem “Il-bliet ta’ għada: Sfidi, viżjonijiet, it-triq ‘il quddiem”, Brussell, Ottubru 2011,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Ministri lejn aġenda urbana tal-UE, adottata fil-laqgħa informali tal-Ministri tal-UE responsabbli għall-Koeżjoni Territorjali u l-Kwistjonijiet Urbani tal-10 ta’ Ġunju 2015 f’Riga,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fi Brussell fid-19 ta’ Novembru 2014 dwar is-Sitt Rapport dwar il-“Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi”,
 - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza adottati fil-Laqqgħa Informali tal-Ministri responsabbli mill-politika ta’ koeżjoni tal-24 u l-25 ta’ April 2014 f’Ateni,
 - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza Pollakka dwar id-dimensjoni territorjali tal-politiki tal-UE u l-politika futura ta’ koeżjoni, adottati fil-Laqqgħa Informali tal-Ministri responsabbli mill-politika ta’ koeżjoni tal-UE, l-iżvilupp territorjali u urban tal-24 u l-25 ta’ Novembru 2011, f’Poznań,
 - wara li kkunsidra l-Aġenda Territorjali tal-UE 2020, miftiehma fil-Laqqgħa Ministerjali Informali tal-Ministri responsabbli għall-Ippjanar Spazjali u l-Iżvilupp Territorjali tad-19 ta’ Mejju 2011, f’Gödöllő,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta’ Toledo, adottata fil-Laqqgħa Informali tal-Ministri dwar l-iżvilupp urban tat-22 ta’ Ġunju 2010, f’Toledo,
 - wara li kkunsidra l-Karta ta’ Leipzig dwar il-Bliet Ewropej Sostenibbli, adottata fil-Laqqgħa Informali tal-Ministri dwar l-iżvilupp urban tal-24 u l-25 ta’ Mejju 2007, f’Leipzig,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta’ Ġunju 2014 intitolata “Lejn approċċ komprensiv għall-bliet fl-Unjoni Ewropea”,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tat-23 ta’ April 2015 tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata “Id-dimensjoni urbana tal-politiki tal-UE – Aspetti Prinċipali tal-Aġenda Urbana tal-UE” (COM(2014)0490),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0218/2015),
- A. billi fl-2014 nofs il-popolazzjoni dinjija ⁽¹⁾ u 72 % tal-popolazzjoni Ewropea kienu qed jgħixu f’żoni urbani ⁽²⁾, u sas-sena 2050 kważi 80 % tal-popolazzjoni tad-dinja se tkun qed tgħix f’żoni urbani ⁽³⁾;

⁽¹⁾ Parag Khanna, Beyond City Limits, Foreign Policy, 6 ta’ Awwissu 2010.

⁽²⁾ Eurostat – City Statistics, 2014.

⁽³⁾ The Vertical Farm, www.verticalfarm.com.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- B. billi ż-żoni urbani funzjonali fl-UE jinkludu struttura poliċentrika unika mibnija madwar bliet kbar, ta' daqs medju u żgħar u żoni ta' madwarhom, u b'hekk imorru lil hinn mill-fruntieri amministrattivi tradizzjonali sabiex jinkludu diversi territorji konnessi ma' xulxin bl-isfidi ekonomiċi, soċjali, ambjentali u demografiċi tagħhom;
- C. billi l-bliet u ż-żoni urbani funzjonali, bħal żoni metropolitani, mhux biss jiżvolġu rwol importanti f'demokrazija parteċipattiva iżda huma wkoll pilastru ekonomiċi kruċjali u muturi tal-impjegi fl-UE minħabba li l-innovazzjoni u l-attivitajiet ekonomiċi l-ġodda ħafna drabi joriġinaw fil-bliet; billi għalhekk jirrappreżentaw vantaġġ kbir għall-UE fir-relazzjonijiet tagħha mal-partijiet l-oħra tad-dinja iżda huma wkoll l-oqsma fundamentali li fihom jeħtieġ li jingħelbu l-ostakli għat- tkabbir u l-impjegi u jiġu indirizzati l-esklużjoni soċjali (pereżempju, żgħażagħ mhux imħarrġin sew fis-suq tax-xogħol), in-nuqqas ta' aċċessibbiltà u d-degrad ambjentali;
- D. billi l-bliet, iż-żoni urbani funzjonali u r-reġjuni huma responsabbli għall-akbar proporzjon ta' konsum tal-enerġija u tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra fl-UE; billi, minn naħa, huma jaqdu rwol ewlieni fil-kisba ta' titjib fl-effiċjenza tal-enerġija u fl-awtosuffiċjenza u fl-iżvilupp ta' inizjattivi ġodda (bħal forum ġodda ta' attivita' ekonomika) li jinkoraġġixxu l-mobilità urbana u sistemi tat-trasport kompetittivi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, u b'hekk jiġu promossi t-tkabbir, l-impjegi, il-koeżjoni soċjali u territorjali, is-saħħa, is-sikurezza u s-sigurtà;
- E. billi l-popolazzjoni f'xi bliet qed tixjeh u tonqos fin-numru, u tali bliet qed iħabbtu wiċċhom ma' problemi minħabba d-daqs tal-faċilitajiet u tas-servizzi pubbliċi li jipprovdu, u oħrajn għandhom popolazzjoni li qed tikber, fatt li jżid il-pressjoni fuq il-faċilitajiet u s-servizzi pubbliċi eżistenti (pereżempju, l-edukazzjoni) u taggrava problemi oħra bħalma huma l-qgħad (fost iż-żgħażagħ), l-esklużjoni soċjali, il-konġestjoni tat-traffiku, l-espansjoni urbana u t-tniġġis, li jżidu b'mod sinifikanti l-ħin tal-ivvjaġġar għal xogħol u jnaqqsu l-kwalità tal-ħajja ta' ħafna Ewropej;
- F. billi wħud mill-isfidi ewlenin li qed iħabbtu wiċċhom magħom il-bliet, marbuta mal-iżvilupp ekonomiku u soċjali, mat-tibdil fil-klima, mat-trasport u mat-tibdil demografiku, jistgħu jiġu indirizzati biss permezz ta' sħubijiet bejn il-bliet u ż-żoni tal-periferija; billi l-espansjoni ta' oqsma interkonnessi f'dawn l-aħħar snin, minħabba l-iżviluppi fl-oqsma tat-trasport u l-komunikazzjoni b'mod partikolari, toħloq hteiga għall-iżvilupp ta' għodod għal promozzjoni tal-konnettività;
- G. billi l-inizjattivi politiċi Ewropej għandhom impatt dirett jew indirett fuq l-iżvilupp sostenibbli tal-bliet u l-politika urbana;
- H. billi madwar 70 % tal-politiki u tal-leġiżlazzjonijiet Ewropej jiġu implimentati fil-livell lokali u reġjonali;
- I. billi għandha tiġi żgurata aktar konsistenza fil-livell tal-UE bejn id-diversi inizjattivi politiċi u programmi ta' sussidji tal-UE billi jiġi sfruttat bis-sħiħ il-Qafas Strateġiku Komuni (Titolu II, Kapitolu I, Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 – Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni) u permezz ta' koordinament politiku aħjar fost u mal-partijiet interessati u livelli tal-gvern, peress li l-approċċ settorjali tal-politika tal-UE jista' jwassal għal politiki u leġiżlazzjoni li jistgħu ma jiffavorixxux iż-żoni urbani funzjonali;
- J. billi fl-1997 il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni dwar aġenda urbana għall-UE ⁽¹⁾, iżda r-rwol tal-bliet Ewropej fit-tfassil tal-politika tal-UE għadu qed jiġi diskuss;

⁽¹⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 1997 "Lejn aġenda urbana fl-Unjoni Ewropea" (COM(1997)0197).

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- K. billi fil-passat, il-Parlament appoġġa l-proposta tal-Kummissjoni li tippreżenta "Aġenda Urbana" bħala qafas għall-politika urbana futura fil-livell Ewropew;
- L. billi s-sussidjarjetà, kif definita fit-TFUE, kif ukoll il-governanza f'diversi livelli, ibbażata fuq azzjoni koordinata mill-UE, mill-Istati Membri u mill-awtoritajiet reġjonali u lokali, u l-prinċipju ta' sħubija, huma elementi essenzjali għall-implimentazzjoni korretta tal-politiki kollha tal-UE, u billi l-impenn tar-riżorsi u tal-kompetenzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jissaħħu f'dan is-sens;
- M. billi r-Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) (ir-Regolament (UE) Nru 1301/2013) isaħħaħ id-dimensjoni urbana tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) billi jiġu allokati mill-inqas 5 % tal-appoġġ finanzjarju tiegħu għal azzjonijiet integrati ta' żvilupp urban sostenibbli permezz tad-delega ta' kompiti ta' ġestjoni lill-awtoritajiet urbani, b'mod partikolari billi jingħataw aktar responsabbiltajiet għal kompiti relatati tal-inqas għall-għażla tal-operazzjonijiet bil-ħolqien ta' għodod bħalma huma l-Investimenti Territorjali Integrati (ITI) u żvilupp lokali parteċipattiv (CLLD), billi jiġi allokati baġit speċifiku għal "azzjonijiet innovattivi" sabiex jiġu ttestjati soluzzjonijiet ġodda relatati mal-iżvilupp urban sostenibbli, u billi jiġi stabbilit netwerk għall-iżvilupp urban;
- N. billi l-prinċipju ta' sħubija stabbilit fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013) u l-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw l-involviment bikri ta' awtoritajiet urbani fil-proċess ta' tfassil ta' politika tal-UE;

Id-dimensjoni urbana tal-politiki tal-UE

1. Huwa tal-fehma li l-politiki tal-UE għandhom jappoġġaw u jippermettu lill-bliet u liż-żoni urbani funzjonali jesprimi u jilhqnu l-potenzjal sħiħ tagħhom bħala muturi għat-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli; jemma, għaldaqstant, li dawn il-bliet u ż-żoni urbani funzjonali jeħtieġu li jiġu assoċjati aktar mill-qrib maċ-ċiklu kollu tat-tfassil tal-politika Ewropea;
2. Jitlob lill-Kummissjoni u, fejn xieraq, lill-Istati Membri jipproponu modi biex jintroduċu mekkaniżmu ta' twissija bikrija billi jadattaw l-għodod disponibbli u skont l-Artikolu 6 tal-Protokoll dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji ta' Sussidjarjetà u Proporzjonalità, filwaqt li l-gvern sottonazzjonali jingħata l-possibbiltà li josserva jekk il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità ġewx meqjusa, li jippermettu lill-gvernijiet sottonazzjonali jiġu involuti fil-proċessi politiċi minn stadju bikri u jippermettu strateġiji ta' żvilupp territorjali infurmati tajjeb u implimentazzjoni aktar effiċjenti tal-leġiżlazzjoni futura;

Lejn Aġenda Urbana integrata Ewropea

3. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni li taħdem lejn Aġenda Urbana Ewropea; jappoġġa l-istabbiliment tiegħu bħala qafas koerenti għall-politiki tal-UE b'dimensjoni urbana bil-għan li jkun hemm rabta aħjar bejn is-soluzzjonijiet urbani u l-isfidi tal-UE, biex ikun hemm adegwament aħjar tal-politiki settorjali u tal-livelli ta' governanza, biex il-finanzjament tal-UE jkun immirat aħjar għall-isfidi urbani rilevanti u biex ikun hemm valutazzjoni aħjar tal-impatt territorjali tal-politiki settorjali; jemma li l-Aġenda Urbana Ewropea għandha, b'mod partikolari, tippromwovi l-iżvilupp tal-aħjar soluzzjonijiet ta' governanza immirati biex jintlaħqu b'suċċess l-isfidi u l-oġettivi ta' żvilupp sostenibbli, ekonomiċi u soċjalment inklużivi tal-bliet u taż-żoni urbani funzjonali fl-Ewropa;
4. Jirrikonoxxi li, minkejja li m'hemm l-ebda kompetenza espliċita tal-UE fir-rigward tal-iżvilupp urban, firxa wiesgħa ta' inizjattivi tal-UE għandhom impatt dirett/indirett fuq il-bliet u ż-żoni urbani funzjonali; għalhekk huwa tal-opinjoni li l-politiki urbani nazzjonali u reġjonali li huma żviluppatti sew u stabbiliti huma prerekwiżit għal Aġenda Urbana Ewropea; iqis li din tal-aħħar għandha tikkostitwixxi strateġija li tindirizza l-bliet u ż-żoni urbani funzjonali fl-UE li, fuq medda twila ta' żmien, se tiżviluppa f'politika urbana fil-livell tal-UE; jenfasizza f'dan il-kuntest li l-iżvilupp territorjali urban għandu jkun ibbażat fuq organizzazzjoni territorjali bbilanċjata bi struttura urbana poliċentrika skont l-Aġenda Territorjali tal-UE tal-2020;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

5. Huwa konvint li l-Aġenda Urbana Ewropea għandha tkun sforz konġunt bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u l-partijiet interessati l-oħra biex jiġu razzjonalizzati, kkoordinati u implimentati l-politiki tal-UE b'dimensjoni urbana permezz ta' approċċ prattiku, integrat u kkoordinat, imma li xorta waħda jkun flessibbli, fil-bliet u ż-żoni urbani funzjonali u magħhom, b'kunsiderazzjoni tal-ispeċifikitajiet territorjali lokali u fir-rispett tal-arkitettura istituzzjonali ta' kull Stat Membru;

6. Jemmen li Aġenda Urbana Ewropea għandha tkun kompletament konformi mal-għanijiet globali u l-istrateġija tal-UE, b'mod partikolari l-istrateġija Ewropa 2020, u l-oġettivi tal-koeżjoni territorjali; jenfasizza li l-fruntieri amministrattivi qegħdin isiru inqas u inqas rilevanti fit-tentattivi li jiġu indirizzati l-isfidi tal-iżvilupp fil-livell reġjonali u lokali; jemmen, għalhekk, li l-Aġenda Urbana Ewropea għandha tkun inklużiva u tikkunsidra b'mod ċar id-diversità tal-entitajiet territorjali fl-UE u l-konnessjonijiet transkonfinali u bejn spazji rurali u urbani, inklużi s-servizzi li ż-żoni urbani funzjonali jipprovdu għall-periferiji tagħhom;

7. Ihegġegħ lill-Kummissjoni toħroġ b'komunikazzjoni li tagħti dettalji tal-karatteristiċi tal-Aġenda Urbana Ewropea futura, abbażi tal-"acquis urban" u l-konsultazzjoni estensiva ma' partijiet interessati differenti, inklużi s-sħab ekonomiċi u soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili; jitlob lill-Kummissjoni tinkludi l-Aġenda Urbana Ewropea fil-programm ta' ħidma annwali tagħha;

L-integrazzjoni ta' approċċ integrat għall-iżvilupp territorjali fit-tfassil tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-UE

8. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika approċċ territorjali integrat ibbażat aktar fuq il-post meta jiġu konċettwalizzati inizjattivi politiċi ġodda mmirati lejn ż-żoni urbani, sabiex tkun żgurata l-konsistenza u sabiex il-bliet u ż-żoni urbani funzjonali jingħataw is-setgħa li jwettqu l-oġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020 ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, permezz ta', fost affarijiet oħra, l-implimentazzjoni ta' approċċ integrat tal-UE li jappoġġa proġetti intelliġenti u sostenibbli fil-bliet Ewropej, li jgħinu fil-promozzjoni tal-iżvilupp soċjali u ekonomiku;

9. Jitlob lill-Kummissjoni tintroduċi, bħala regola ġenerali, valutazzjoni tal-impatt territorjali fuq id-dimensjoni urbana sabiex tkun żgurata l-fattibbiltà prattika fl-inizjattivi politiċi tal-UE rilevanti kollha fil-livell reġjonali u lokali, li tkun miftuħa għal kontribut mil-livelli deċentralizzati tal-gvernijiet fit-tfassil ta' valutazzjonijiet tal-impatt u ta' politiki ġodda (approċċ minn isfel għal fuq), u tiżgura li l-politiki settorjali rilevanti kollha tal-UE jindirizzaw b'mod adegwat l-isfidi li jiffaċċaw il-bliet u ż-żoni urbani funzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tikkonċentra dawn il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali fuq l-elementi li ġejjin: żvilupp territorjali bilanċjat, integrazzjoni territorjali, aspetti ta' governanza, regolamentazzjoni, implimentazzjoni fil-livell lokali, u koerenza ma' oġettivi politiċi oħra;

10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tissistemattizza u tanalizza d-data kollha disponibbli u l-oqfsa kunċettwali komuni ("acquis urban") sabiex tipprevjeni d-duplikazzjoni u l-inkonsistenzi u tipprovdi definizzjoni ċara ta' żvilupp urban sostenibbli integrat u b'hekk tidentifika l-oġettivi komuni koerenti u trasparenti tal-UE f'dan il-qasam;

11. Huwa konvint li sabiex tkun tista' tivvaluta liż-żoni urbani b'mod aktar preċiż milli biss bl-indikatur tal-PDG, trid issir disponibbli biżżejjed data; jemmen, għalhekk, li l-Eurostat għandu jipprovdi u jikkumpila aktar data dettaljata lokali u li għandha titkompla l-ħidma fuq l-Awditjar Urban u fuq sondaġġi simili; jistieden ukoll lill-Kummissjoni taħdem fuq strumenti li jistgħu ikejlu l-progress u l-impatt ta' aġenda urbana integrata fil-livell tal-UE;

12. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tnaqqas il-burokrazija marbuta mal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni attwali tal-UE fil-livell lokali, u tiżgura li r-regolamentazzjoni futura kollha tanalizza bir-reqqa l-konsegwenzi tal-implimentazzjoni tagħha fil-livell lokali;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Id-dimensjoni urbana tal-istrumenti u l-finanzjament tal-politiki tal-UE

13. Ifakkar li l-politika ta' koeżjoni tal-UE u l-istrumenti finanzjarji tagħha huma mgħammra aħjar biex jappoġġaw strateġiji territorjali integrati kumplessi għaż-żoni urbani funzjonali permezz ta' ppjanar strateġiku u regoli komuni; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti l-ġodda disponibbli bħall-ITI u s-CLLD, kif ukoll mill-programmi operattivi (PO) flessibbli l-ġodda, sabiex jappoġġaw b'suċċess l-implimentazzjoni ta' pjanijiet integrati għall-iżvilupp urban; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jfasslu sett koerenti ta' indikaturi biex jivvalutaw aħjar id-dimensjoni urbana tal-operazzjonijiet implimentati u l-inizjattivi ffinanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej;

14. Jenfasizza l-bżonn li jiġi sfruttat kemm jista' jkun il-potenzjal tal-istrateġiji makroreġjonali għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-approċċ urban integrat; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi u tintegra b'mod adegwat aspetti tal-Aġenda Urbana Ewropea u tenfasizza d-dimensjoni urbana fi ħdan l-istrateġiji makroreġjonali tal-UE li jirrappreżentaw mudell għall-ippjanar u l-governanza f'diversi livelli;

15. Jiddispyaċih li, għalkemm il-politika ta' koeżjoni l-għdida tinkludi aspetti ġuridikament vinkolanti b'rabta mas-settur urban, speċjalment fir-rigward tal-involviment tal-bliet fil-fażi ta' programmazzjoni, il-parteċipazzjoni reali tar-rappreżentanti tal-bliet u dawk urbani fit-tiswir tal-politika hija skarsa, u jemma li tista' tittejjeb permezz ta' involviment bikri fil-proċessi politiki, pereżempju permezz ta' konsultazzjoni, l-evalwazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki u esperjenzi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' sħubija (b'kunsiderazzjoni wkoll tal-Kodiċi ta' Kondotta Ewropea dwar is-Sħubija (l-Artikolu 5.3 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (Regolament (UE) Nru 1303/2013)) meta jkunu qed jiġu implimentati programmi u proġetti appoġġati mill-fondi tal-UE, b'attenzjoni partikolari għall-involviment ta' bliet, u żoni urbani funzjonali fit-tħejjija, il-ġestjoni u l-governanza tal-programmi, inkluż fil-livell transkonfinali;

16. Jitlob li jkun hemm involviment akbar tal-bliet fil-programmi tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment; jemma li t-tagħlimiet li jinsiltu minn dan jistgħu jservu bħala rakkomandazzjoni importanti għal politika fl-iżvilupp tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020; f'dan il-kuntest, jistieden lill-Kummissjoni tivverifika l-implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana Ewropea f'għadd ta' oqsma tematiċi, li jirriflettu l-isfidi ta' żoni urbani ("Proġetti Pilota Urbani"), b'mod partikolari billi jiġi żgurat koordinament orizzontali tad-diversi politiki tal-UE, it-tneħħija ta' sovrappożizzjonijiet eżistenti u l-applikazzjoni ta' mudell ta' governanza f'diversi livelli u t-tweqqif tal-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali; jitlob lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament dwar il-progress u r-riżultati f'dan ir-rigward fuq bażi regolari;

17. Jitlob koordinament u integrazzjoni aħjar tal-politiki ta' investiment tal-UE li għandhom il-potenzjal li jiżguraw, żvilupp urban integrat li huwa sostenibbli u soċjalment inklużiv; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ mill-qafas regolatorju sabiex jinħolqu sinerġiji bejn il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS), il-programmi sussidjati tal-UE (bħal LIFE, Orizzont 2020, Enerġija Intelliġenti-Ewropa, eċċ.) u l-fondi tal-politika ta' koeżjoni, kif ukoll investimenti pubbliċi (jiġifieri nazzjonali), kapital privat u strumenti finanzjarji sabiex jinkiseb l-akbar effett ta' lieva tal-fondi investiti; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-komplementarjetà tal-politiki kollha ta' investiment u sinerġija mtejba, u biex jiġi evitat finanzjament doppju u duplikazzjonijiet;

Mudell ġdid ta' governanza f'diversi livelli

18. Ifakkar li l-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali ewlenin tal-lum imorru lil hinn mill-fruntieri amministrattivi tradizzjonali, u l-ispariġġ li qed jikber bejn l-istrutturi amministrattivi u territorjali (il-kooperazzjoni urbana u periurbana, kooperazzjoni urbana-rurali, eċċ.) jeħtieġ forum ġodda ta' governanza flessibbli sabiex ikompli l-iżvilupp territorjali integrat ta' żoni funzjonali;

19. Jemma li l-Aġenda Urbana Ewropea għandha tkun ibbażata fuq metodu ġdid ta' governanza f'diversi livelli, li jinvolti l-livell lokali aktar mill-qrib fl-istadji kollha taċ-ċiklu politiku, biex b'hekk il-politiki jitressqu eqreb lejn ir-realtajiet u jsiru aktar konsistenti mat-trasformazzjonijiet kostanti fiż-żoni urbani funzjonali u jirreaġixxu fir-rigward tagħhom; huwa tal-fehma, f'dan ir-rigward, li l-Kumitat tar-Reġjuni, bħala l-korp li jirrappreżenta l-awtoritajiet lokali u reġjonali, għandu jkollhom rwol f'dan il-proċess;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

20. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tissuġġerixxi elementi għal mudell ta' governanza ġdid f'diversi livelli bbażat fuq shubbijiet u kollaborazzjoni ġenwina, li tmur lil hinn minn sempliċi konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, mudell li jgħaqqad flimkien strutturi governattivi formali ma' strutturi informali ta' governanza flessibbli li jikkorrispondu għar-realtajiet l-ġodda tas-soċjetà diġitalizzata tan-"network", u li jkun adattat għall-iskala li fiha jeżistu l-isfidi, mudell li jtejjeb il-kooperazzjoni f'diversi livelli, kemm vertikali kif ukoll orizzontali, b'atturi governattivi u mhux governattivi fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew, li b'hekk iressaq il-gvern eqreb lejn iċ-ċittadini u jtejjeb il-leġittimità demokratika tal-proġett Ewropew; jirrakkomanda li dan il-mudell "sui generis" imfassal apposta jsir il-metodu ta' ħidma tal-Aġenda Urbana Ewropea futura wara l-aċċettazzjoni tagħha min-naħa tas-sħab u wara li jkunu kkonsultati l-partijiet interessati rilevanti kollha;

Il-ġestjoni tal-għarfien u l-qsim tad-data

21. Huwa tal-fehma li pjattaformi u netwerks urbani (bħal URBACT, in-Netwerk għall-Iżvilupp Urban) u iktar programmi għall-iskambju tal-għarfien bejn il-bliet (bħal Civitas, il-Patt tas-Sindki, Mayors Adapt, l-Inizjattiva għal Bliet u Komunitajiet Intelliġenti, il-Qafas ta' Referenza għall-Bliet Sostenibbli, ManagEnergy) offrew opportunità eċċellenti għall-involvement ta' atturi transkonfinali lokali u reġjonali fl-iżvilupp urban u l-iskambju ta' għarfien bejn l-atturi; ihegġegħ lill-Kummissjoni tikkonsolida u tiżgura koordinament aħjar bejn dawn il-pjattaformi sabiex jippermettu lill-atturi lokali jifhmuhom aħjar u jinvolvu ruħhom magħhom b'mod aktar effiċjenti;

22. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jisfruttraw tajjeb il-qsim tal-għarfien u l-attivitajiet tal-bini tal-kapaċità li jipprovdu l-proġetti ffinanzjati mill-UE u attivitajiet ta' networking oħra bejn il-bliet; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tiżviluppa mekkaniżmi għal qsim aħjar tar-riżultati tal-proġetti fis-servizzi tagħha u biex tiżgura li r-riżultati jintużaw kemm fi żviluppi ta' politika fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali;

23. Jemmen li sabiex jiġu fformulati politiki mfassla aħjar, jehtiegħ li d-Database tal-Awditjar Urban jiġi aġġornat u mtejjeb; jinkoraġġixxi lill-Eurostat u lill-Kummissjoni jipprovdu u jikkompilaw data aktar dettaljata, li tinġabar fejn ikunu implimentati l-politiki – f'haġfa każijiet fuq livell lokali; jenfasizza li l-ġbir ta' data tal-fluss – il-kejl tar-relazzjonijiet bejn il-bliet u ż-żoni tal-periferija u fi ħdan żoni urbani funzjonali – ukoll qed isir dejjem iżjed importanti sabiex jitejjeb il-fehim ta' dawn l-oqsma funzjonali kumplessi, u għalhekk ihegġegħ lill-Kummissjoni tiġbor u tanalizza dik id-data; u taqlibha f'evidenza għal żviluppi politiki;

L-implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana Ewropea futura

24. Jemmen li sabiex l-Aġenda Urbana Ewropea tkun għodda effikaċi, għandha tkun qafas kunċettwali komuni u aġġornat regolarment b'enfasi tematika fuq numru limitat ta' sfidi fil-kuntest usa' tal-għanijiet tal-Ewropa 2020 ta' tkabbir intelliġenti, inklużiv u sostenibbli;

25. Jemmen bis-sħiħ li dawn l-isfidi għandhom jirrispondu għall-kriterji li ġejjin: (1) ikunu konformi mal-qafas kunċettwali komuni; (2) ikunu sfidi urbani ewlenin b'impatt sinifikanti fuq il-bliet, u ż-żoni urbani funzjonali fl-Istati Membri u bejniethom; (3) ma jkunux jistgħu jiġu solvuti mill-Istati Membri unilaterament; (4) meta l-approċċ tal-UE jkollu valur miżjud evidenti; jitlob lill-Kummissjoni tibda taħdem fuq l-immappjar ta' tali sfidi, iżda wkoll li jidentifika l-problemi li għad fadal, inkoerenzi fil-politiki jew fil-kapaċità u n-nuqqasijiet fl-għarfien, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati rilevanti kollha, b'mod partikolari dawk fil-livell lokali;

26. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li livell oġhla ta' koordinament transsettorjali tal-politiki b'dimensjoni urbana jiġi assigurat fil-livelli kollha tal-gvern biex jippermettu l-integrazzjoni aħjar ta' żvilupp urban integrat; jistieden lid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana (DG REGIO), responsabbli għal politika urbana tal-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-grupp eżistenti ta' bejn is-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-"iżvilupp urban", biex imexxu dan il-proċess 'il quddiem u biex ikun żgurat li d-dimensjoni urbana titqies rilevanti fl-inizjattivi rilevanti ġodda kollha; jitlob lill-President tal-Kummissjoni Ewropea jaħtar tmexxija politika fi ħdan il-Kulleġġ tal-Kummissarji biex jagħti direzzjoni strateġika li l-Aġenda Urbana tal-Politiki Ewropej u biex jirrapporta kull sena lill-Parlament dwar l-Aġenda Urbana;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

27. Jitlob lill-Kummissjoni taħtar koordinatur speċjali urban tal-UE, ibbażat fuq servizzi diġà eżistenti jew entitajiet fi ħdan il-Kummissjoni, biex jissorvelja u jivvaluta l-implimentazzjoni Prattika ta' tali koordinament b'mod orizzontali (fis-setturi ta' politika rilevanti kollha) u vertikali (fil-livelli kollha ta' gvern); huwa tal-opinjoni li l-koordinatur urban speċjali tal-UE għandu, bl-għajjn ta' grupp ta' bejn is-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-“iżvilupp urban”, jistabbilixxu “punt uniku ta' servizz” dwar il-politiki urbani fi ħdan il-Kummissjoni u jiżgura l-għbir, il-ġestjoni u d-disseminazzjoni korretta ta' data fuq il-politiki urbani fi ħdan u bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u ma' diversi partijiet interessati b'tali mod li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' twissija bikrija u ta' sensibilizzazzjoni fi stadju bikri li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu involuti fil-proċessi ta' politika b'impatt fuq il-bliet u ż-żoni urbani funzjonali;

28. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tiżviluppa, filwaqt li jintużaw l-istrutturi eżistenti u, pereżempju, bħala parti mill-“Proġett Pilota Urban”, punti uniċi ta' informazzjoni mill-Istati Membri dwar id-dimensjoni urbana tal-politiki tal-UE (Punti uniċi ta' servizz Urbani), bil-għan li tingħata informazzjoni komprensiva b'mod partikolari fuq inizjattivi differenti tal-UE, linji gwida u possibbiltajiet fir-rigward tal-iżvilupp urban;

29. Jistieden lill-Kummissjoni torganizza summit urban regolari li jiffoka fuq il-forum “il-bliet ta' għada”, b'hekk jgħaqqad flimkien il-partijiet interessati mil-livelli kollha ta' governanza u setturi differenti; jemmen li summits bħal dawn għandhom joffru opportunità reali għall-bliet biex jinvolvu ruħhom fi djalogu kostruttiv ma' dawh li jfasslu l-politika fl-oqsma ta' politika rilevanti u għandhom jgħinu sabiex jiġi vvalutat l-impatt tal-politiki tal-UE fuq il-bliet u ż-żoni urbani funzjonali u kif l-aħjar li jiġu involuti fl-inizjattivi li ġejjin;

30. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jassoċjaw b'mod sħiħ il-bliet u ż-żoni urbani funzjonali mal-iżvilupp u l-programmazzjoni ta' politika strateġika u jinvolvuhom fihom b'mod vinkolanti (bħal programmi ta' riforma nazzjonali, ftehimiet ta' sħubija u programmi operttivi); jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-iskambju ta' esperjenza tagħhom dwar il-programmi nazzjonali għall-iżvilupp urban, li jagħti s-setgħa lill-bliet biex jiksbu l-oġettivi tal-Ewropa 2020, billi jistabbilixxu laqgħat regolari informali tal-Kunsill tal-ministri inkarigati mill-iżvilupp urban;

Dimensjoni esterna tal-Aġenda Urbana Ewropea

31. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu b'mod sħiħ ix-xogħlijiet preparatorji li għaddejjin għall-aġenda Habitat III u jiżguraw li l-Aġenda Urbana Ewropea futura tkun għalkollox kompatibbli u kkoordinata mal-għanijiet u l-oġettivi ta' din l-aġenda urbana globali; jitlob lill-Kummissjoni tinforma regolarment lill-Parlament dwar id-dimensjoni esterna tal-Aġenda Urbana Ewropea u jemmen li l-aġenda urbana tista' ssir il-kontribut tal-UE għad-dibattitu internazzjonali dwar l-“Aġenda Urbana Ġdida” tan-Nazzjonijiet Uniti u l-konferenza Habitat III dwar id-Djar u l-Iżvilupp Urban Sostenibbli fl-2016;

32. Jemmen li għandu jkun hemm impenn ċar, koerenti u miftuħ tal-UE u tal-Istati Membri, b'konsultazzjoni u kontribut tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, fl-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) rigward l-iżvilupp ta' standards ġodda għal żvilupp urban sostenibbli, li jirrispettaw ix-xogħol fuq linji gwida Universali tan-NU dwar l-ippjanar urban u territorjali; jenfasizza li l-itandards ISO l-ġodda għandhom jitqiesu bħala għodda ta' appoġġ u mhux leġiżlattivi;

o

o o

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0308

Investiment għat-*tkabbir* u l-impjiegi: il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar "Investiment għat-*tkabbir* u l-impjiegi: il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni" (2014/2245(INI))

(2017/C 316/14)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra s-sitt Rapport tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali intitolat "Investiment għat-*tkabbir* u l-impjiegi: il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-governanza tajba fir-reġjuni u l-ibliet tal-UE", tat-23 ta' Lulju 2014 (minn hawn 'il quddiem "is-Sitt Rapport ta' Koeżjoni"),
- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 162, 174 sa 178 u 349 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (minn issa 'l quddiem "ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni") ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-investiment li għandu fil-mira t-*tkabbir* ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Soċjali Ewropew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1081/2006 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1302/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1082/2006 dwar raggruppament Ewropew ta' kooperazzjoni territorjali (REKT) fir-rigward tal-kjarifika, is-simplifikazzjoni u t-titjib għat-twaqqif u l-funzjonament ta' tali raggruppamenti ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1300/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1084/2006 ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

⁽²⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 289.

⁽³⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 470.

⁽⁴⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259.

⁽⁵⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 303.

⁽⁶⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 281.

⁽⁷⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-“Aġenda Territorjali tal-Unjoni Ewropea 2020: Lejn Ewropa Inklużiva, Intelliġenti u Sostenibbli ta' Diversi Reġjuni”, li sar qbil dwarha fil-Laqgħa Ministerjali Informali tal-Ministri responsabbli għall-Ippjanar Spazjali u l-Iżvilupp Territorjali li ltaqgħu f'Gödöllö, fl-Ungerija, fid-19 ta' Mejju 2011,
- wara li kkunsidra t-tmien rapport ta' progress tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali intitolat “Id-dimensjoni reġjonali u urbani tal-kriżi” tas-26 ta' Ġunju 2013,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Jannar 2014 dwar speċjalizzazzjoni intelliġenti: eċċellenza fin-netwerking għal Politika ta' Koeżjoni soda ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Jannar 2014 dwar l-istat ta' thejġija tal-Istati Membri tal-UE għal bidu effikaċi u f'waqt tal-perjodu l-ġdid ta' Programmazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Frar 2014 dwar is-seba' u t-tmien rapporti ta' progress tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE u r-Rapport Strateġiku tal-2013 dwar l-implimentazzjoni tal-programm għal bejn l-2007 u l-2013 ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-ottimizzazzjoni tal-potenzjal tar-reġjuni ultraperiferiċi permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali tal-UE u programmi oħra tal-UE ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Novembru 2014 dwar id-dewmien fit-tnedija tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2011 bl-isem “Qafas għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti finanzjarji innovattivi – il-pjattaforma tal-UE tal-ekwità u tad-dejn” (COM(2011)0662),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2014 intitolata “Pjan ta' Investiment għall-Ewropa” (COM(2014)0903),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Jannar 2015 dwar “L-aħjar użu tal-flessibilità fir-regoli eżistenti tal-Patt tal-Istabbiltà u Tkabbir”(COM(2015)0012),
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu “L-istrumenti finanzjarji għall-SMEs kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali” (Rapport Speċjali Nru 2/2012),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sitt rapport ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: Investiment għat-tkabbir u l-impjegi, adottati mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali (Koeżjoni) fid-19 ta' Novembru 2014,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Diċembru 2014 dwar is-sitt rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Jannar 2015 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni – Is-sitt rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali: investiment għat-tkabbir u l-impjegi ⁽⁸⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0002.

⁽³⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0015.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0132.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0133.

⁽⁶⁾ Testi adottati, P8_TA(2014)0068.

⁽⁷⁾ ĠU C 19, 21.1.2015, p. 9.

⁽⁸⁾ ĠU C 242, 23.7.2015, p. 43.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2015 dwar it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE għal 2015 (COM(2015)0116),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Jannar 2015 intitolata "Abbozz ta' Baġit Emendatorju Nru 2 għall-Baġit Ġenerali tal-2015" (COM(2015)0016),
 - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali 2013 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE – Il-ġlieda kontra l-frodi,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0173/2015),
- A. billi r-rwol determinanti tal-politika ta' koeżjoni tal-UE biex jitnaqqsu d-differenzi reġjonali, għall-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fost ir-reġjuni tal-Istati Membri u għall-appoġġ biex jinħolqu l-impjiegi huwa inkontestabbli; billi l-politika ta' koeżjoni tirrappreżenta l-politika ewlenija ta' investiment fl-ekonomija reali tal-UE kollha kemm hi, u hija għodda stabbilita għat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE, b'baġit ta' aktar minn EUR 350 biljun sal-2020; billi waqt il-kriżi ekonomika, qed jorogħ fid-deher li l-politika ta' koeżjoni hi strument essenzjali għaż-żamma tal-livelli ta' investiment fid-diversi Stati Membri; billi f'xi Stati Membri hija s-sors ewlieni ta' investiment pubbliku; billi n-natura konkreta u viżibbli tar-riżultati tal-politika ta' koeżjoni ġiet ikkonfermata permezz ta' bosta metodi ta' evalwazzjoni differenti;
- B. billi l-aħħar ċifri għall-2013 juru qgħad fit-tul fl-Unjoni ta' livell storikament għoli, ta' 5,1 % tal-forza tax-xogħol; billi l-qgħad fit-tul għandu konsegwenzi kruċjali għall-individwi tul ħajjithom kollha u jista' jsir strutturali, b'mod partikolari fir-reġjuni periferiċi;
- C. billi dan l-aħħar kien hemm tnaqqis ta' 15 % fl-investiment pubbliku fl-Unjoni f'termini reali, u billi ħafna reġjuni, b'mod speċjali dawk li qed jiffaċċjaw sfidi demografiċi, ma setgħux jikkontribwixxu b'mod adegwat għall-miri tal-Ewropa 2020, speċjalment għall-mira ewlenija ta' rata ta' impjeg ta' 75 % sal-2020, il-mira ta' tnaqqis tal-faqar b'20 miljun persuna kif ukoll il-mira biex jiġi limitat it-tluq bikri mill-iskola;
- D. billi huwa ġustifikabbli li l-għanijiet tal-politika ta' koeżjoni evolwew maż-żmien, b'rispons għall-isfidi u t-treddidiet il-ġodda li qed tħabbat wiċċha magħhom l-UE, u li l-politika nnifisha saret marbuta aktar mill-qrib mal-aġenda ġenerali tal-politika tal-UE; billi, madankollu, ir-rwol oriġinali tal-politika ta' koeżjoni – it-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fir-reġjuni kollha tal-UE, u partikolarment fir-reġjuni inqas żviluppatti u dawk żvantaġġati – għandu jissaħħaħ; billi l-politika ta' koeżjoni m'għandhiex titqies bħala sempliċi strument biex jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u strateġiji tal-iżvilupp oħra tal-UE, iżda wkoll bħala politika ta' investiment fit-territorji;
- E. billi skont is-Sitt Rapport ta' Koeżjoni, il-kriżi ekonomika kellha effett negattiv fuq ix-xejra fit-tul ta' tnaqqis tad-differenzi reġjonali u, minkejja xi tendenzi pożittivi, fil-bidu tal-perjodu l-ġdid ta' programmazzjoni, id-disparitajiet bejn ir-reġjuni ta' diversi tipi differenti għadhom kbar;
- F. billi permezz ta' konċentrazzjoni tematika, ir-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni qed jiffokaw fuq għadd limitat ta' għanijiet strateġiċi li għandhom potenzjal fir-rigward tat-tisħiħ tat-tkabbir, ħolqien ta' impjiegi, inklużjoni soċjali, l-ambjent u t-tibdil klimatiku;
- G. billi rati għolja ta' tkabbir u konverġenza ekonomika reġjonali ma jistgħux jinkisbu mingħajr governanza tajba, minħabba l-ħtieġa ta' involviment aktar effettiv tas-sħab kollha fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, b'konformità mal-prinċipju ta' gvern b'diversi livelli u li jkun jinkludi s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- H. billi l-Ftehimiet ta' Sħubija u l-Programmi Operazzjonali huma għodod strateġiċi biex jiggwidaw l-investimenti fl-Istati Membri u r-reġjuni, previsti fl-Artikoli 14, 16 u 29 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni bi skeda ta' żmien għall-preżentazzjoni u l-adozzjoni tagħhom, skont liema skeda l-Ftehimiet ta' Sħubija kellhom ikunu adottati sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Awwissu 2014, waqt li fil-każ tal-Programmi Operazzjonali, dawn kellhom ikunu adottati sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Jannar 2015;
- I. billi l-Kunsill informali li ltaqa' f'Gödöllő, l-Ungerija, fl-2011 talab lill-Presidenzi suċċessivi tal-Kunsill tal-2015 u l-2016 biex jevalwaw u jikkunsidraw jekk l-Aġenda Territorjali tal-UE 2020 għandhiex tiġi rieżaminata, b'kunsiderazzjoni ta' kif qed taħdem fil-prattika, u mbagħad eventwalment jagħmlu kwalunkwe rieżami tali;
- J. billi, skont l-Artikolu 175 tat-TFUE, l-Istati Membri għandhom iwettqu l-politiki ekonomiċi tagħhom u għandhom jikkoordinawhom b'mod li jilħqu l-oġġettivi ta' żvilupp armonjuż ġenerali u tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u billi l-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa l-ġdid għandu għaldaqstant jikkontribwixxi wkoll għal dawn l-oġġettivi;

Kisbiet u sfidi tal-politika ta' koeżjoni fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u finanzjarja (perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013)

1. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni hi l-istrument ewlieni tal-Unjoni Ewropea li jimmira li jnaqqas id-differenzi ekonomiċi, soċjali u territorjali fost ir-reġjuni Ewropej, jagħti spinta lill-kompetittività tagħhom, jindirizza t-tibdil fil-klima u d-dipendenza enerġetika, filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020; jenfasizza li minkejja li ma kienx faċli għal xi Stati Membri u reġjuni li jikkofinanzjawhom, l-investimenti tal-politika ta' koeżjoni taffew b'mod sinifikanti l-effetti negattivi tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, u taw stabbiltà lir-reġjuni billi żguraw fluss ta' finanzjament meta l-investimenti pubbliċi u privati nazzjonali u reġjonali naqsu drastikament; jenfasizza li l-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni kien ekwivalenti għal 20 % tal-investiment pubbliku fl-UE kollha kemm hi, u 57 % fil-pajjiżi ta' koeżjoni meqjusa flimkien;
2. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni wriet il-kapaċità tagħha li tirreaġixxi malajr b'miżuri flessibbli biex tindirizza n-nuqqas ta' investiment għall-Istati Membri u r-reġjuni, bħal pereżempju billi naqqset il-kofinanzjament nazzjonali u l-għoti ta' pagamenti bil-quddiem addizzjonali, kif ukoll billi orjentat 13 % tal-finanzjament totali (EUR 45 biljun) f'direzzjoni oħra biex jappoġġaw l-attività ekonomika u l-impjiegi b'effetti diretti; jemmen li hu essenzjali, għaldaqstant, li jsir rieżami ta' nofs it-terminu, sostanzjali u profond, tal-oġġettivi u l-livelli ta' finanzjament b'allinjament ma' kwalunkwe żviluppi li jolqtu l-qagħda ekonomika u soċjali tal-Istati Membri jew ta' kwalunkwe reġjun tagħhom;
3. Jissottolinja li t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jinkludi l-għan tal-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u s-solidarjetà fost l-Istati Membri (l-Artikolu 3 tat-TUE).
4. Jilqa' r-riforma reċenti tal-politika ta' koeżjoni bil-għan li jiġu indirizzati dawn l-isfidi, abbażi ta' qafas strateġiku koerenti għall-2014-2020 b'oġġettivi u inkentivi ċari għall-Programmi Operazzjonali kollha; jistieden lill-atturi kollha, speċjalment l-awtoritajiet ewlenin involuti, jiżguraw l-effikaċja u l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-qafas leġislativ il-ġdid għall-politika ta' koeżjoni, billi jiffokaw b'saħħa fuq il-ksib ta' prestazzjoni u riżultati aqwa; jistieden lill-atturi kollha involuti jistabbilixxu mekkaniżmi ta' governanza f'diversi livelli u ta' koordinazzjoni li jiffunzjonaw tajjeb, biex tkun żgurata l-konsistenza bejn il-programmi, appoġġ għall-istrateġija Ewropa 2020 u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi;
5. Jenfasizza li ambjent fiskali u ekonomiku stabbli, kif ukoll ambjent regolatorju, amministrattiv u istituzzjonali effiċjenti, hu kruċjali għall-effikaċja tal-politika ta' koeżjoni, iżda dan ma jistax idgħajjef il-kisba tal-miri u l-oġġettivi tagħha; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li sospensjoni tal-pagamenti, kif prevista fl-Artikolu 23 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, taf iddgħajjef il-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali li jipplanaw u jimplementaw b'mod effettiv il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) għall-perjodu 2014-2020; jenfasizza li, sabiex jintlaħqu kemm l-għanijiet ta' koeżjoni kif ukoll dawk tal-Istrateġija Ewropa 2020, jeħtieġ li l-politika tkun allinjata mill-qrib mal-politiki settorjali u għandhom jinkisbu sinerġiji ma' skemi ta' investiment oħra tal-UE; ifakkar, madankollu, li b'konformità mal-Artikolu 175 tat-TFUE, il-politiki ekonomiċi kollha għandhom jistinkaw għall-ksib tal-oġġettivi ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

6. Jenfasizza li żieda fil-kapaċità amministrattiva għall-programmazzjoni, implimentazzjoni u evalwazzjoni fl-Istati Membri hi kruċjali għal prestazzjoni f'waqtha u b'suċċess tal-Politika ta' Koeżjoni;

7. Jindika li minkejja li l-politika ta' koeżjoni taffiet l-impatt tal-kriżi, id-differenzi reġjonali għadhom kbar u li l-objettiv tal-politika ta' koeżjoni li tnaqqas id-differenzi ekonomiċi, soċjali u territorjali, bl-għoti ta' appoġġ speċjali lir-reġjuni inqas żviluppati, għadu ma ntlaħaqx kullimkien;

8. Jirrimarka li, minkejja l-kriżi u l-fatt li l-finanzi lokali kienu taħt pressjoni kbira, l-awtoritajiet lokali u reġjonali kellhom ikomplu jissodisfaw it-talbiet taċ-ċittadini għal servizzi pubbliċi aktar aċċessibbli u ta' kwalità ogħla;

9. Jenfasizza l-importanza li l-UE tindustrijalizza mill-ġdid biex jiġi żgurat li l-produzzjoni industrijali tirrappreżenta sehem ta' mill-inqas 20 % tal-PGD tal-Istati Membri sal-2020; ifakkar, għalhekk, l-importanza tal-appoġġ proattiv u t-tisħiħ tal-prinċipji tal-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-affidabbiltà regolatorja sabiex jiġu promossi l-impjiegi u t-tkabbir fl-Ewropa;

Problemi ta' implimentazzjoni u pagament

10. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar id-dewmien strutturali sinifikanti fil-bidu tal-perjodi ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, b'riżultat ta' dewmien fl-adozzjoni tal-Programmi Operazzjonali, fosthom permezz tal-proċedura ta' riport; jinnota li dan id-dewmien jista' jżid il-pressjoni fuq il-pagamenti, speċjalment fl-2017 u l-2018, u b'hekk iżid mat-tħassib dwar il-pagamenti arretrati, li jammontaw għal EUR 25 biljun għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013; jinnota li minkejja li s-sitwazzjoni fil-politika ta' koeżjoni, meta titqies f'kuntest usa', hija aħjar minn dik tal-iżvilupp rurali jew tas-sajd, dan it-tħassib jibqa' għax għal diversi Stati Membri, għadd sinifikanti ta' programmi għadhom ma ġewx adottati; jenfasizza li dan id-dewmien jista' jdgħajef il-kredibilità tal-baġit tal-UE u l-politika ta' koeżjoni, l-effikaċja u s-sostenibbiltà tagħha, joħloq sfida lill-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali li jiffinalizzaw l-implimentazzjoni tal-perjodu 2007-2013 u li jippjanaw b'mod effettiv u jimplementaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) għall-perjodu 2014-2020; jilqa' l-isforzi riċenti tal-Istati Membri u l-Kummissjoni f'dan ir-rigward, iżda jistieden lill-Kummissjoni tagħmel kulma tista' biex tiżgura li l-Programmi Operazzjonali kollha li baqa' jiġu adottati mingħajr dewmien ulterjuri, għax ir-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) metieġa biex jintużaw ir-riżorsi mhux allokat tal-2014 u l-Abbozz ta' Baġit emendatorju akkumpanjanti diġà ġew approvati mill-Parlament;

11. Ifakkar li l-kwistjoni tal-pagamenti arretrati persistenti tikkonċerna lill-politika ta' koeżjoni aktar minn kwalunkwe qasam ieħor tal-politika tal-UE, b'EUR 24,8 biljun ta' kontijiet mhux imħallsa fi tmiem l-2014 għall-programmi 2007-2013 tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK), jiġifieri żieda ta' 5,6 % meta mqabbel mal-2013; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tuża l-mezzi kollha disponibbli biex tkopri dawn il-kontijiet pendenti; jissottolinja li din is-sitwazzjoni tolgot l-ewwel u qabel kolloxx lill-aktar benefiċjarji żgħar vulnerabbli tal-politika ta' koeżjoni, bħall-SMEs, l-NGOs u l-assoċjazzjonijiet, billi l-kapaċità tagħhom ta' prefinanzjament tal-infiq hija limitata;

12. Jilqa' l-fatt li l-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Parlament qablu li fi tmiem is-sena, il-livell ta' kontijiet mhux imħallsa għandu jitnaqqas, partikolarment fil-politika ta' koeżjoni, għal-livell strutturali tiegħu matul il-QFP, kif stabbilit fid-dikjarazzjoni konġunta li takkumpanja l-ftehim baġitarju tal-2015, u jieħu nota tal-"Elementi għal pjan ta' pagament sabiex il-baġit tal-UE jirritorna lura għal triq sostenibbli" tal-Kummissjoni, li wasal fit-23 ta' Marzu 2015; ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-impenn tagħha li tressaq pjan ta' pagament kemm jista' jkun malajr, u f'kull każ qabel il-preżentazzjoni tal-abbozz tal-baġit għall-2016; barra minn hekk, ifakkar lill-istituzzjonijiet kollha bl-impenn tagħhom li jaqblu fuq pjan, u jimplementaw, mill-2015 u sar-reviżjoni ta' nofs it-term tal-QFP attwali;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

13. Jissottolinja l-fatt li r-reviżjoni proposta tal-limiti massimi tal-QFP ⁽¹⁾ li tittrasferixxi EUR 11,2 biljun f'impenji għall-intestatura subtotali 1b skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament QFP u r-riport ⁽²⁾ ta' EUR 8,5 biljun f'impenji skont l-Artikolu 13(2)(a) tar-Regolament Finanzjarju mill-2014 sal-2015 jevitaw li jikkanċellaw l-appropriazzjonijiet fl-intestatura 1b, iżda ma jindirizzawx ġenwinament il-problema sottostanti tad-dewmien fil-programmazzjoni u lanqas ma jbiddu l-fatt li dewmien serju fl-implimentazzjoni u l-pagament tardiv sistematiku jistgħu jgħolqu sfidi sinifikanti lill-benefiċjarji finali;

14. Jenfasizza li dan ix-xogħol b'lura msemmi aktar 'il fuq taħt l-Intestatura 1b tal-Baġit tal-UE fil-fatt huwa l-iktar fattur immedjat importanti li qed jipperikola l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, kemm fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti kif ukoll, prospettivament, f'dak attwali, jiġifieri 2014-2020; itenni li l-impatt ta' dan ix-xogħol b'lura jinħass b'mod qawwi mill-atturi tal-politika ta' koeżjoni fil-post, xi kultant b'mod estrem; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni sabiex tfassal pjan direzzjonali li jipprevedi skeda ta' żmien speċifika ta' azzjonijiet tal-politika konkreti u pass b'pass, appoġġati b'mezzi baġitarji magħżula speċifikament, sabiex jitnaqqas u eventwalment jintemm għalkollox, id-dewmien fil-ħruġ tal-pagamenti; jittama li l-Kunsill finalment se jirrealizza s-serjetà u insostenibbiltà tas-sitwazzjoni, u jkun lest li jikkontribwixxi attivament biex tinstab soluzzjoni stabbli għall-problema; jinsab konvint li l-ewwel objettiv ta' dawn l-azzjonijiet għandu jkun li l-2015 issir is-sena li fiha dan it-tnaqqis fid-dewmien tal-ħruġ tal-pagamenti jinħass b'mod taṅġibbli;

15. Jenfasizza li huwa essenzjali li l-implimentazzjoni tal-Programmi Operazzjonali tibda malli jiġu adottati, biex jiġu massimizzati r-riżultati tal-investimenti, tingħata spinta lill-ħolqien tal-impjiegi, jiżdied it-tkabbir tal-produttività u jingħata kontribut lill-miri klimatiċi u tal-enerġija tal-Unjoni, u li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom kollha biex l-adozzjoni tagħhom titħaffef, mingħajr ma titnaqqas il-kwalità tagħhom; jitlob li l-Kummissjoni — filwaqt li żżomm livell għoli ta' attenzjoni fuq il-ħtieġa li titkompla l-għieda kontra l-frodi — tanalizza l-metodi kollha possibbli biex tirrazzjonalizza l-proċeduri interni tagħha sabiex tħaffef il-proċeduri abbażi taż-żewġ xenarji maħsuba għall-adozzjoni tal-Programmi Operazzjonali, biex ikun evitat dewmien ulterjuri fil-bidu tal-implimentazzjoni;

16. Jitlob lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' dan: tippreżenta lill-Parlament il-miżuri li għandha f'moħħha biex tiffaċilita, mill-aktar fis possibbli, l-implimentazzjoni tal-Programmi Operazzjonali, speċjalment biex tevita d-diżimpenji tal-fondi fl-2017, flimkien ma' skeda ta' żmien proposta; tispjega l-impatt tad-dewmien fil-ħruġ tal-pagamenti fuq il-bidu tal-implimentazzjoni tal-Programmi Operazzjonali l-ġodda; u biex tippreżenta soluzzjonijiet biex tillimita l-ħsara kemm jista' jkun; jesiġi, barra minn hekk, li l-Kummissjoni, fil-kuntest tar-rapport dwar l-eżitu tan-negozjati previsti fl-Artikolu 16 (3) tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, tanalizza l-impatt possibbli tal-bidu b'dewmien tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 fuq it-tkabbir u l-impjiegi, u li tipprovi rakkomandazzjonijiet abbażi tat-tagħlimiet misluta;

17. Iqis li l-QMP 2014-2020 li jirriżulta mill-modifika proposta tal-Kummissjoni tar-Regolament QFP, ir-riport għall-2015 biss l-appropriazzjonijiet mhux allokati fl-2014, iżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' diżimpenn fl-2018 fir-rigward tal-programmi mhux adottati fl-2014, u b'hekk jonqos milli jinkoraġġixxi t-teħid kollu tar-riżorsi tal-UE jew l-appoġġ effettiv għall-investiment tal-UE fit-tkabbir u l-impjiegi; jistieden lill-Kummissjoni biex meta tfassal ir-rapport strateġiku tal-2017 previst fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni tipproponi, suffiċjentement minn qabel, miżuri leġiżlattivi u miżuri oħra xierqa sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' diżimpenn;

18. Jinsab imħasseb dwar ir-rata baxxa ta' assorbiment tal-fondi fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 f'ċerti Stati Membri u jwissi li r-raġunijiet sottostanti għandhom jiġu indirizzati biex jiġi evitat li l-problemi jirrepetu ruħhom fil-perjodu li jmiss; jenfasizza li l-kapaċità amministrattiva hija essenzjali għall-implimentazzjoni effettiva u effiċjenti tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza li l-instabbiltà fiċ-ċivil, flimkien mal-koordinament dgħajef tal-politika, jistgħu idgħajfu l-implimentazzjoni b'suċċess tal-FSIE u jippreżentaw theddida għall-ġestjoni effettiva tal-politika b'mod ġenerali;

⁽¹⁾ Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (COM(2015)0015, 20.1.2015).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar riport mhux awtomatiku mill-2014 sal-2015 u appropriazzjonijiet ta' impenn li għandhom jergħu jsiru disponibbli fl-2015, C(2015)0827, 11.2.2015.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

19. Jissuġġerixxi li għat-tħejjija tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, dispożizzjonijiet regolatorji rigward il-programmazzjoni jistgħu jiġu introdotti separatament u qabel il-proposti baġitarji, bl-għan ta' diżakkoppjament tad-dibattiti dwar il-kontenut u dawk dwar il-flus, u biex jibqa' biżżejjed żmien għal tħejjija bir-reqqa tal-programmi; ifakkar li minkejja li d-dispożizzjonijiet regolatorji huma estensivi ħafna, ma jipprovdex assigurazzjonijiet kompluti lill-Istati Membri u lir-reġjuni, u jistgħu jkunu sors ta' interpretazzjonijiet li ma jaqblux; jinnota li għad baqa' lok ta' semplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet regolatorji;

20. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra sewwa – filwaqt li tqis ir-riperkussjonijiet possibbli għat-tkabbir u l-impjegi – l-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji jew is-sospensjoni tal-pagamenti;

Il-politika ta' koeżjoni fil-qalba ta' investment intelliġenti, sostenibbli u inklużiv 2014–2020

21. Itenni r-rwol oriġinali tal-politika ta' koeżjoni biex tiġi promossa l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jitnaqqsu l-inugwaljanzi reġjonali, waqt li jingħata appoġġ partikolari lil reġjuni inqas żviluppatti; jenfasizza li min-natura u l-istruttura oriġinali tagħha, kif stipulat fit-Trattat, il-politika tikkontribwixxi b'mod inerenti għall-oġettivi tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, kif ukoll għall-oġettivi fundamentali tat-Trattat ta' tisħiħ tal-koeżjoni territorjali;

22. Jilqa' l-Fond Ewropew għal Investment Strateġiku (FEIS) u l-effett ta' lieva potenzjali tiegħu; jenfasizza li l-għan ewlieni tal-FEIS għandu jkun li jiżgura koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, u għaldaqstant għandu jgawdu minnu r-reġjuni kollha tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa li tkun żgurata addizzjonalità tar-riżorsi tal-FEIS – u għaldaqstant, il-komplimentarjetà u s-sinerġija bejnu u bejn l-SFIE, filwaqt li jinżammu finanzjarjament separati minn xulxin – u, fuq l-istess nota, iwissi lill-partijiet konċernati jibnu fuq l-esperjenzi tagħhom miksuba mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew tal-2008, b'mod partikolari rigward investimenti intelliġenti;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżgura koordinament u konsistenza mtejba fost il-politiki kollha tal-investment u tal-iżvilupp tal-UE, u b'mod partikolari l-politika ta' koeżjoni, kif ukoll fost l-FSIE, fondi oħra tal-UE u l-istrumenti ta' finanzjament reġjonali, sabiex tkun żgurata l-komplimentarjetà u sinerġija msaħħa, ikun evitat it-trikkib u d-duplikazzjoni tal-appoġġ, u jkun garantit valur miżjud Ewropew kbir tal-finanzjament tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar is-sinerġiji fil-Rapporti ta' Koeżjoni li se joħorġu; jissuġġerixxi li l-implimentazzjoni ta' dan il-pjan ta' investment ġdid tal-UE tibni fuq l-esperjenzi tat-tliet inizjattivi konġunti JEREMIE, JESSICA u JASMINE, li ppermettew żieda fl-għoti ta' Fondi Strutturali minn EUR 1,2 biljun fil-perjodu 2000-2006 għal EUR 8,4 biljun fil-perjodu 2007-2012; jitlob li ssir analiżi wiesgħa u dettaljata b'konsultazzjoni mal-BEI u l-Fond ta' Investment Ewropew;

24. Jenfasizza li l-leġiżlazzjoni tal-politika ta' koeżjoni tipprevedi l-użu estiż ta' strumenti finanzjarji – bil-għan li tirdoppja l-kontribuzzjoni tagħhom għal madwar EUR 25-30 biljun fil-perjodu 2014-2020 – billi testendi l-ambitu tematiku tagħhom u toffri aktar flessibbiltà lill-Istati Membri u lir-reġjuni; jenfasizza r-rwol tal-istrumenti finanzjarji fil-mobilizzazzjoni ta' investimenti konġunti addizzjonali – pubbliċi jew privati – sabiex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suew b'allinjament mal-prijoritajiet tal-istrateġija Ewropa 2020 u tal-politika ta' koeżjoni; jappoġġja, b'mod partikolari, "l-inizjattiva tal-SMEs" għal kondivizzjoni tar-riskji, u jistieden lill-Kummissjoni tistinka kemm tiflaħ biex tagħmel l-istrumenti finanzjarji faċli biex jintużaw u attraenti għall-Istati Membri u r-reġjuni, u b'hekk jiġi żgurat li l-irduppar tal-kontribuzzjonijiet għall-istrumenti finanzjarji jinkiseb bil-merti proprji u li s-sens ta' sjieda tal-partijiet konċernati ta' dan l-għan ikun stabbilit sew; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u l-iskrutinju għall-istrumenti finanzjarji li jinvolvu l-flus tal-UE;

25. Iwissi, madankollu, li FSIE m'għandhomx idgħajfu l-koerenza strateġika u l-perspettiva fit-tul tal-programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni; jisħaq li riorjentament tal-Fondi Strutturali jkun kontroproduktiv u għaldaqstant ma jistax jiġi aċċettat, għax jipperikola l-effikaċja tagħhom u l-iżvilupp tar-reġjuni; jindika li l-allokazzjonijiet finanzjarji għall-Istati Membri miftiehma taħt l-Intestatura 1b tal-QFP 2014-2020 ma jistgħux jiġu modifikati għall-finijiet tal-FSIE; jenfasizza li l-għoti ta' self, ekwità jew garanziji minflok għotjiet, filwaqt li fih ċertu vantaġġi, jeħtieġ isir b'attenzjoni, b'kunsiderazzjoni tad-differenzi reġjonali u d-diversità tal-prattiki u l-esperjenzi bejn ir-reġjuni fir-rigward tal-użu tal-istrumenti finanzjarji; jindika li r-reġjuni l-aktar fil-bżonn ta' stimoli għall-investment sikwit ikollhom livell baxx ta' kapaċitajiet amministrattivi u ta' assorbiment;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

26. Iwissi li l-flessibilità permessa fl-għażla tal-proġett għall-finanzjament mill-FSIE toħloq riskju li l-investimenti jispiċċaw għand Stati Membri aktar żviluppati, u b'hekk tidgħajjef il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; jitlob lill-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib ir-relazzjoni bejn l-FEIS u l-FSIE;

L-effikaċja, l-effiċjenza u l-orjentazzjoni lejn il-prestazzjoni tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020

27. Jenfasizza l-importanza tal-miżuri kollha immirati li jżidu l-effikaċja, is-semplifikazzjoni, l-effiċjenza, u l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati u l-prestazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, li għandhom jiżguraw bidla fid-direzzjoni minn kriterji tal-assorbiment tal-fondi lejn il-kwalità tal-infiq u l-valur miżjud kbir tal-operazzjonijiet kofinanzjati; jissuġġerixxi f'dan ir-rigward li jiġu ppreżentati aġġustamenti tekniċi tar-regolamenti tal-FSIE konċernati;

28. Jilqa' l-konċentrazzjoni tematika b'appoġġ għal investimenti fi tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv bl-għan li jinħoloq it-tkabbir u l-impjiegi, jiġi indirizzati t-tibdil fil-klima u d-dipendenza enerġetika, u jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll l-enfasi msaħħa fuq ir-riżultati u ħila li jitkejlu fil-programmi 2014-2020, li għandhom jikkontribwixxu biex tiżdied aktar l-effiċjenza u l-effikaċja tal-politika ta' koeżjoni; jisħaq, fl-istess ħin, fuq ir-reqwiżit ta' aktar flessibilità għar-reġjuni, skont l-ispeċifitajiet lokali u reġjonali, speċjalment fil-kuntest tal-kriżi qawwija, sabiex jonqsu d-differenzi fl-iżvilupp bejn id-diversi reġjuni tal-Unjoni; jitlob li jkun hemm approċċ ġenwinament integrat u territorjali li jimmira fuq programmi u proġetti li jindirizzaw il-ħtiġijiet fil-post;

29. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw koerenza bejn il-Programmi ta' Riforma Nazzjonali u l-Programmi Operazzjonali bil-għan li r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż jiġu indirizzati b'mod adegwat u li jkun hemm allinjament mal-proċeduri tal-governanza ekonomika, u b'hekk jillimitaw ir-riskju ta' riprogrammazzjoni bikrija;

30. Ifakkar, f'dan il-kuntest, l-oppożizzjoni inizjali tal-Parlament, u jenfasizza r-responsabbiltà tiegħu li jkun involut bis-sħiħ, li jikkontrolla u li jskrutinja; jitlob li l-Kummissjoni u l-Kunsill jipprovdu informazzjoni sħiħa, trasparenti u fwaqtha dwar il-kriterji, u dwar il-proċedura sħiħa, li jistgħu jwasslu għal riprogrammazzjoni jew sospensjoni tal-impenji jew tal-pagamenti mill-FSIE skont l-Artikolu 23(15) tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni; jirrimarka li d-deċiżjoni dwar is-sospensjoni tal-impenji jew tal-pagamenti għandha titqies bħala l-aħħar għażla, meta l-għażliet kollha l-oħra jkunu ġew eżawriti u wara li jkunu saru valutazzjonijiet tar-riperkussjonijiet possibbli fuq it-tkabbir u l-impjiegi, peress li s-sospensjoni tal-impenji jew tal-pagamenti jista' jkollha konsegwenzi serji għall-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll għall-ilħuq tal-għanijiet tal-politika ta' koeżjoni kollha kemm hi; iqis li l-għan tal-kundizzjonalità makroekonomika għandu jkun li tagħmel il-politika ta' koeżjoni aktar sostenibbli u effiċjenti, u jirrifjuta l-idea li reġjuni, lokalitajiet jew ċittadini għandhom jiġu kkastigati minħabba deċiżjonijiet ekonomiċi meħuda mill-gvernijiet nazzjonali; jiġbed l-attenzjoni dwar l-ammont ta' xogħol amministrattiv possibbilment konsiderevoli li tinvolvi r-riprogrammazzjonital-fondi; ifakkar li proposta għar-riprogrammazzjoni sottomessa skont l-Artikolu 23(4) ta' dak ir-Regolament tirrikjedi l-konsultazzjoni prevja tal-kumitat ta' monitoraġġ ikkonċernat kif imsemmi fl-Artikolu 49(3) tal-istess regolament;

31. Jindika li l-irregolaritajiet jirriżultaw, sa livell sinifikanti, mir-reqwiżiti u r-regolamenti kumplessi; jenfasizza li l-għadd ta' irregolaritajiet fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' koeżjoni jista' jitnaqqas permezz ta' semplifikazzjoni tal-ġestjoni u tal-proċeduri, trasponiment bikri tad-direttivi rilevanti li jkun għadhom kemm ġew adottati u tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva, notevolment fir-reġjuni inqas żviluppati; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv għall-benefiċjarji meta jiġu żgurati l-verifiki meħtieġa ħalli jiġi żgurat l-użu xieraq tal-appropriazzjonijiet tal-FSIE, kif ukoll il-ħtieġa għal sforzi biex tkun ottimizata u mtejba l-flessibilità tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll, jitpoġġa fokus akbar fuq il-valutazzjoni tar-riskju u tiġi kkoreġuta l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet fost l-awtoritajiet kollha, filwaqt li fl-istess ħin ma jiddgħajfux il-proċeduri ta' kontroll imsaħħa stabbiliti, għall-prevenzjoni aktar effettiva tal-irregolaritajiet, u bħala konsegwenza, jiġu evitati korrezzjonijiet finanzjarji u interruzzjonijiet u sospensjonijiet tal-pagamenti; jinsab imħasseb dwar ir-rati baxxi ta' żborż ta' strumenti finanzjarji lill-benefiċjarji, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġġettiv li jiżdied l-użu ta' dawn l-istrumenti; jitlob, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet li jiġġestixxu u lill-partijiet konċernati oħra li jaħdmu b'dawn l-istrumenti finanzjarji, biex jagħmlu użu sħiħ tal-assistenza teknika pprovduta permezz tal-Pjattaforma ta' Konsultazzjoni Teknika – Strumenti Finanzjarji (FI-TAP) u l-pjattaforma "fi-compass";

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015**L-impjiegi, l-SMEs, iż-żgħażaġh u l-edukazzjoni**

32. Jenfasizza li l-FSIE jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jitreġġgħu lura l-konsegwenzi soċjali negattivi tal-kriżi, u li biex dan iseħħ, għandu jkun faċilitat u semplifikat approċċ integrat offrut mill-programmazzjoni b'fondi multipli, b'koordinazzjoni aktar effiċjenti tal-fondi u b'aktar flessibilità bejniethom, biex jingħata lok ta' sfruttament aħjar tas-sinerġiji bejn il-FSE u l-FEŻR b'mod partikolari; jenfasizza li l-investimenti ffinanzjati mill-FSE ma jistgħux jipproduċu l-aħjar riżultati jekk ma jkunx hemm l-infrastruttura rilevanti u istituzzjonijiet xierqa; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-FSIE jistgħu effettivament jappoġġaw l-inklużjoni soċjali, u għalhekk għandhom jiġu mobilizzati biex jgħinu l-integrazzjoni ta' gruppi żvantaġġati u vulnerabbli, bħalma huma r-Rom u l-persuni b'diżabilità, kif ukoll biex jappoġġaw it-tranżizzjoni minn servizzi istituzzjonali għal servizzi bbażati fil-komunità għat-tfal u għall-adulti;

33. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lis-sitwazzjoni tal-gruppi ta' minoranza fl-Unjoni kollha, peress li huma soġġetti għal kull forma ta' esklużjoni soċjali u għalhekk għandhom probabbiltà akbar li jbatu minn qgħad strutturali; iqis li kwalunkwe ppjanar ta' politika favur il-koeżjoni soċjali fl-Unjoni għandha tqis l-integrazzjoni tal-minoranzi;

34. Jenfasizza r-rwol ewlieni tal-SMEs fil-ħolqien tal-impjiegi u jindika l-potenzjal tagħhom għall-promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti u ekonomiji diġitali u b'livell baxx ta' karbonju; jitlob li jkun hemm ambjent regolatorju favorevoli li jiffaċilita t-twaqqif u l-ġestjoni ta' dan it-tip ta' intrapriżi, speċjalment dawk immedija minn persuni żgħażaġh u dawk f'żoni rurali; jenfasizza kemm hu importanti li jitnaqqsu l-piżijiet burokratiċi imposti fuq l-SMEs u li jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-finanzjament, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu appoġġati programmi u taħriġ li jippromwovu l-iżvilupp ta' ħiliet intraprenditorjali;

35. Jissottolinja li l-SMEs jikkostitwixxu 99 % tan-nisġa korporattiva tal-UE u jammontaw għal 80 % tal-impjiegi fl-Unjoni;

36. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-limitu massimu baxx wisq (EUR 5 miljun) stabbilit mill-Kummissjoni għall-appoġġ mill-FEŻR għal infrastrutturi kulturali u tat-turiżmu sostenibbli fuq skala żgħira, definit, barra minn hekk, bħala spiża totali aktar milli spiża eliġibbli, u jenfasizza l-impatt pożittiv b'saħħtu li dan it-tip ta' proġetti jista' jkollu fuq l-iżvilupp reġjonali f'termini ta' impatt soċjoekonomiku, l-inklużjoni soċjali u l-attrazzjoni;

37. Jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni li l-prijoritajiet ekonomiċi u soċjali, b'mod partikolari rigward it-tkabbir ekonomiku, min-naħa l-waħda u l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli min-naħa l-oħra, jistgħu jiġu bbilanċjati aħjar f'xi Stati Membri, mirfuda permezz ta' djalogu sinifikattiv mas-sħab u mal-partijiet konċernati; jenfasizza li strateġija ċara għat-titjib tal-qafas istituzzjonali tal-Istati Membri f'termini ta' kapaċità amministrattiva u l-kwalità tal-ġustizzja hija fattur ewlieni determinanti għal suċċess fil-kisba ta' dawn il-prijoritajiet;

38. Jisħaq fuq l-importanza tal-FSE, mal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ, li jeħtieġ li ssostni l-akbar għadd possibbli ta' proġetti vijabbli ta' ħolqien ta' impjiegi, pereżempju fil-forma ta' inizjattivi tan-negożju;

39. Iwissi li r-rata allarmanti ta' qgħad fost iż-żgħażaġh qed thedded li tintilef ġenerazzjoni sħiħa, speċjalment freġjuni inqas żviluppati u f'dawk ir-reġjuni li ntaqtu l-aktar mill-kriżi u mill-qgħad; jinsisti li l-progress fl-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol jeħtieġ jibqa' prijorità ewlenija, u li l-kontribuzzjoni attiva tal-UE hija indispensabbli biex din tinkiseb, u li għaliha l-użu integrat tal-FSE, l-FEŻR, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ jistgħu jagħtu kontribut kbir; iqis li għandu jittieħed approċċ aktar orjentat lejn ir-riżultati f'dan ir-rigward, biex ikun żgurat l-aktar użu effettiv tar-riżorsi disponibbli, u b'hekk jingħataw spinta l-impjiegi u l-kompetittività, jiġi ġġenerat aktar dħul u tgawdi l-ekonomija kollha tal-UE; jenfasizza, f'dan il-kuntest, ir-rwol ewlieni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ biex tgħin lil iżgħażaġh taħt il-25 sena jsibu impjeg ta' kwalità jew inkella jiksbu l-edukazzjoni, il-ġiliet u l-esperjenza meħtieġa biex isib impjeg; jisħaq li r-riżorsi kollha meħtieġa biex jiġu implimentati l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-miżuri l-oħra koperti mill-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ jeħtieġ jiġu provduti mill-aktar fis possibbli; jemmen li għandhom jintużaw indikaturi tal-impatt li jkunu ċari u jinfteihmu faċilment, li permezz tagħhom il-kontribut tal-fondi tal-UE għat-tkabbir u l-impjiegi jista' jitkejjel kif jixraq;

40. Jisħaq li jeħtieġ ikompli l-isforzi biex jinstabu modi oħra biex titjeb il-prestazzjoni fir-rigward tal-impjieg taż-żghażaġh, minħabba li minkejja l-adozzjoni tar-Regolament tal-FSE u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ, ir-riżultati ma kinux tajbin; jindika li l-UE hi kommissa politikament li tipprovdi appoġġ immedjat għall-integrazzjoni taż-żghażaġh fis-suq tax-xogħol;

41. Jenfasizza li minħabba bidliet fix-xejriet tal-produzzjoni u minħabba li l-popolazzjoni qed tixjeh, ir-rwol tal-FSE u tal-investimenti fl-adattament tal-ħiliet tal-ħaddiema żdied b'mod sinifikanti; jemmen bil-qawwa li, f'dan ir-rigward, il-FSE għandu jikkumplementa l-aproċċi nazzjonali fl-Istati Membri; jappella lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li r-riżorsi disponibbli jintużaw bl-aktar mod effikaċi u effiċjenti possibbli, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-impjegabbiltà tal-ħaddiema, l-inklużjoni soċjali u l-ugwaljanza bejn is-sessi; jenfasizza, fl-istess ħin, li l-programmi ta' taħriġ ifffinanzjati taħt l-FSE għandhom ukoll jiġu adattati għall-ħtiġijiet tal-impreduturi u tal-persunal fil-livell maniġerjali, sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp sostenibbli tal-kumpaniji – speċjalment SMEs – li jiġġeneraw il-maġġoranza tal-opportunitajiet ta' impjegi fl-Unjoni;

42. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jkomplu jaħdmu, partikolarment, biex itejbu u jestendu l-pjattaforma EURES bħala għodda effikaċi għall-faċilitazzjoni tal-mobbiltà tal-ħaddiema fl-Ewropa, b'mod partikolari l-mobbiltà transkonfinali, billi ttejjeb l-għarfien tal-ħaddiema dwar is-suq tax-xogħol tal-Unjoni, tinfirmawhom dwar l-opportunitajiet ta' xogħol u tghinjom fil-formalitajiet; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiżviluppaw u jappoġġaw in-netwerks tal-EURES, mhux l-inqas b'rikonoxximent tal-fatt li l-ħaddiema transkonfinali huma l-ewwel li jintlaqtu minn problemi ta' adattament u minn diffikultajiet fir-rigward tar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali; jinnota li minħabba li jgħaqqu flimkien is-servizzi pubbliċi tal-impjegi, is-sħab soċjali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll partijiet konċernati privati oħra, dawn in-netwerks jiffaċilitaw u jappoġġaw il-mobbiltà transkonfinali;

43. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ħolqien tal-impjegi ta' kwalità tiġi indirizzata bl-għajmuna tat-teknoloġiji ġodda; huwa tal-fehma li l-Kummissjoni għandha torbot it-tnaqqis fil-qgħad mal-għodod tal-Aġenda Diġitali u ta' Orizzont 2020;

44. Jirrimarka li n-numru ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni fl-UE għadu għoli ħafna u qed jolqot ir-rata tal-qgħad fost iż-żghażaġh; jisħaq li din il-problema jeħtieġ li tiġi ttrattata billi jkunu modernizzati s-sistemi edukattivi u l-kurrikula, bl-użu tal-assistenza tal-FSE;

45. Jindika li mingħajr kooperazzjoni effikaċi bejn l-istituzzjonijiet edukattivi u l-atturi tas-suq tax-xogħol se jkun impossibbli li jiġi rimedjat il-livell għoli ta' qgħad fost il-gradwati żghażaġh fl-UE; jisħaq b'mod partikolari fuq il-fatt li permezz tat-tagħlim tal-għarfien u l-ħiliet meħtieġa fis-suq tax-xogħol, ir-rata ta' impjieg taż-żghażaġh kibret u d-differenzi soċjali naqsu;

46. Jenfasizza l-importanza tad-dimensjoni tal-ġeneri fil-ħolqien tal-impjegi; jistieden lill-Kummissjoni talloka biżżejjed fondi ħalli jiġi indirizzat il-qgħad fost in-nisa; huwa tal-fehma li n-nisa jstgħu jibbenefikaw minn avvanzi teknoloġiċi li jippermettulhom ħinijiet tax-xogħol aktar flessibbli, u jistieden lill-Kummissjoni tinvesti f'dan il-qasam;

47. Itenni l-ħtieġa li jiġu stabbiliti faċilitajiet għall-indokrar ta' tfal żgħar biex tingħata spinta lill-preżenza tan-nisa fis-suq tax-xogħol, u b'hekk jitlob lill-Kummissjoni tappoġġa proġetti innovattivi f'din id-direzzjoni; jindika li l-investment fl-infrastrutturi pubbliċi, bħall-faċilitajiet għall-indokrar tat-tfal, iżid l-opportunitajiet għan-nisa li jipparteċipaw attivament fl-ekonomija u fis-suq tax-xogħol;

48. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri – bil-għan li jintlaħqu l-għanijiet relatati mal-impjieg u l-inklużjoni soċjali – iqisu l-ħtiġijiet ta' nisa li jirritornaw mil-liv tal-maternità, jimmotivaw lil min iħaddem biex jirreklutaw lin-nisa li jkunu ħadu liv tal-maternità, jiffaċilitaw arranġamenti ta' xogħol flessibbli, u jippromwovu l-edukazzjoni ulterjuri (tagħlim tul il-ħajja), li jagħti lok lin-nisa jkomplu l-karrieri professjonali tagħhom mingħajr intoppi;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015***Il-governanza tal-politika***

49. Jisħaq li l-politika ta' koeżjoni jeħtieġ li titwettaq fl-ispirtu ta' governanza b'diversi livelli li tiffunzjona tajjeb, flimkien ma' struttura effettiva biex twieġeb għall-ħtieġijiet tal-pubbliku u tan-negozji, u b'akkwist pubbliku trasparenti u innovattiv, li kollha huma elementi kruċjali biex jitjeb l-impatt tal-politika; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li minkejja l-importanza tad-deċiżjonijiet meħuda fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali sikwit għandhom ir-responsabbiltà amministrattiva primarja għall-investment pubbliku, u li l-politika ta' koeżjoni hija għodda vitali li tippermetti lil dawn l-awtoritajiet jiżvolġu rwol ewlieni fl-UE; itenni, għaldaqstant, il-ħtieġa ta' implimentazzjoni mifruxa tal-prinċipju tas-sħubija kif dettaljat fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni u l-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija;

50. Jirrakkomanda li r-riżorsi u l-għarfien tal-politika ta' koeżjoni jintużaw biex tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet pubbliċi b'mod sinifikanti, speċjalment fil-livell lokali u reġjonali, anke permezz ta' użu akbar ta' teknoloġiji ġodda u impetu għal proċeduri aktar semplifikati, sabiex titjeb il-ħila tagħhom li joffru servizzi ta' kwalità lill-pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi forum ta' għajjnuna amministrattiva għal kwistjonijiet ewlenin, bħall-iffissar ta' miri għall-inizjattivi, il-valutazzjoni tar-riżultati tagħhom permezz ta' indikaturi adatti u l-iddeterminar tal-passi li jmiss li għandhom jittieħdu sabiex jgħinu biex tinħoloq kultura amministrattiva msejsa fuq il-monitoraġġ u l-ewalwazzjoni fl-UE kollha kemm hi; iqis li importanti li jkun żgurat li tingħata assistenza lill-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar l-istrumenti finanzjarji innovattivi, li huma kruċjali biex jiżdiedu r-riżorsi u l-investimenti, u dwar l-akkwist pubbliku, li għandu jintuża dejjem aktar bħala għodda tal-amministrazzjoni pubblika biex jitħeġġu l-innovazzjoni u l-kreattività;

51. Jiddispjaċih dwar il-fatt li s-Sitt Rapport ta' Koeżjoni ma jinkludix valutazzjoni fil-fond tal-kisbiet tal-faċilita ta' assistenza teknika JASPERS, li waqt li perġodu 2007-2013 ipprovdiet lill-Istati Membri bil-ħiliet esperti tekniċi meħtieġa għat-tħejjija ta' proġetti maġġuri b'livell għoli ta' kwalità għall-kofinanzjament b'fondi tal-UE; jilqa' t-tnedija tal-Pjattaforma tan-Networking JASPERS għal attivitajiet tal-bini tal-kapaċitajiet fl-2013 u t-twaqqif fl-2014 tat-taqsuma taċ-Ċentru tan-Networking u l-Kompetenza li tipprovdri ħiliet esperti speċjalizzati fit-tħejjija tal-proġetti għall-perġodu ta' programmazzjoni 2014-2020; jilqa' t-twaqqif ta' Ċentru ta' Kompetenza dwar il-bini ta' kapaċitajiet amministrattivi fir-rigward tal-FSIE, li għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-awtoritajiet kollha fl-Istati Membri involuti fil-ġestjoni u fl-implimentazzjoni tal-FSIE;

52. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qegħda kulma jmur tagħti aktar attenzjoni lir-rwol tal-governanza, u jaqbel li l-governanza tajba u s-servizzi pubbliċi b'livell għoli ta' kwalità – fosthom mingħajr korruzzjoni – huma essenzjali għal ambjent tal-investment stabbli; jitlob li jkun hemm ambizzjonijiet kbar biex l-infiq tal-politika ta' koeżjoni jkun inqas suxxettibbli għall-użu frawdolenti, u biex il-miżuri kontra l-frodi jiġu applikati b'mod strett;

53. Jinsab konvint li l-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija se jsaħħaħ il-parteċipazzjoni fi ħdan ir-reġjuni tul l-istadji kollha, fil-forma u fis-sustanza, u jeħtieġ jiġi implimentat għalkollox, għax għandu rwol fundamentali fit-tisħiħ tal-effetti tal-politika ta' koeżjoni u l-konsolidazzjoni tal-impatt tagħha fil-post; ifaħħar lil dawk l-Istati Membri u r-reġjuni li rnexxielhom jinvolvu lis-sħab tagħhom fit-tħejjija tal-Ftehimiet ta' Sħubija u l-Programmi Operazzjonali skont il-Kodiċi ta' Kondotta dwar is-Sħubija; iqajjem tħassib serju, madankollu, dwar il-każijiet numerużi ta' applikazzjoni dgħajfa tal-prinċipju tas-sħubija, u jappella lill-Kummissjoni biex ma tapprovax programmi li ma jkollhomx livell biżżejjed ta' involviment tas-sħab; jenfasizza l-importanza tat-tixrid tal-eżempji ta' Prattiki tajba fl-organizzazzjoni tas-sħubiji, kif dettaljat fil-Kodiċi ta' Kondotta; jitlob barra minn hekk lill-Kummissjoni, biex fuq bażi regolari tippreżenta rapport lill-Parlament li jivvaluta l-qagħda attwali tal-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-sħubija;

Id-dimensjoni territorjali

54. Jinnota bi tħassib in-nuqqas relattiv ta' referenzi għall-approċċ territorjali, u b'mod partikolari għall-kooperazzjoni transfruntiera, fis-Sitt Rapport ta' Koeżjoni, minkejja l-fatt li huwa għodda essenzjali biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; Jinnota li l-inklużjoni tal-aspetti transfruntiera u makroreġjonali kollha kien ikollha effett li tarrikkixxi, fir-rigward tal-infrastruttura, is-swieq tax-xogħol u l-mobilità, l-ambjent (inkluż il-pjan ta' kontinġenza konġunta), l-użu u r-rimi tal-ilma, il-ġestjoni tal-iskart, il-kura tas-saħħa, ir-riċerka u l-iżvilupp, it-turiżmu, is-servizzi pubbliċi u l-governanza, fost l-oħrajn, billi dawn l-oqsma kollha jinkludu elementi u potenzjal transfruntiera notevoli; huwa tal-fehma li fil-perġodu

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

ta' programmazzjoni 2014-2020 il-prestazzjoni tar-reġjuni tal-fruntieri u transfruntiera Ewropej inkwantu tat-tolleranza tal-kriżi — permezz ta' tkabbir aktar intelliġenti, aktar inklużiv u aktar sostenibbli — se titjeb b'mod konsiderevoli;

55. Jenfasizza l-fatt li l-approċċ integrat u territorjali hu partikolarment essenzjali fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali u tal-enerġija;

56. Jilqa' l-introduzzjoni ta' għodda ġodda għall-koordinazzjoni tal-partijiet konċernati u l-integrazzjoni tal-politiki tal-UE, u biex jiffokaw l-investimenti fuq il-ħtiġijiet reali fil-post, bħalma huma l-Investimenti Territorjali Integrati u l-Istrumenti tal-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità, li jaħdmu għal żvilupp territorjali bbilanċjat; ifakkar fl-importanza tal-adozzjoni ta' strumenti għall-valutazzjoni tal-impatt territorjali tal-politiki, bl-għan ewlieni li jitqies l-impatt territorjali tal-politiki tal-UE fuq l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u li tingħed iktar attenzjoni fuq dak l-impatt fil-proċess leġiżlattiv, filwaqt li jiġu nnotati l-isfidi eżistenti għall-implimentazzjoni ta' approċċi territorjali integrati, meta nqisu d-differenzi regolatorji li għad baqa' fost il-fondi tal-UE u l-livelli differenti ħafna ta' setgħa ta' azzjoni (empowerment) tal-komunitajiet lokali u reġjonali fost l-Istati Membri u l-awtoritajiet ta' ġestjoni; jitlob li jkun hemm strateġija tal-investment tal-UE ġenerali integrata, u tisħiħ tal-Aġenda Territorjali tal-UE 2020, li għet adottata taħt il-Prezidenza Ungeriża fl-2011 u hi skedata li tiġi evalwata mill-Prezidenzi tal-2015, li tinkludi l-Aġenda Urbana tal-UE; huwa tal-opinjoni li għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tisħiħ tar-rwol ta' żoni urbani żgħar u ta' daqs medju;

57. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' referenza għal kif il-prinċipji u l-prijoritajiet tal-Aġenda Territorjali tal-Unjoni Ewropea 2020 ġew ikkunsidrati fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni tal-2007-2013; jitlob li waqt il-perjodu 2014-2020 jiġu stabbiliti mekkaniżmi xierqa ta' evalwazzjoni, biex tkun tista' ssir valutazzjoni tad-dimensjoni territorjali tal-politika ta' koeżjoni;

58. Japprova, madankollu, l-fatt li kwistjonijiet urbani huma enfasizzati fir-rapport, minħabba l-importanza tal-bliet fl-ekonomija globalizzata u l-impatt potenzjali tagħhom f'termini ta' sostenibbiltà; jinnota l-impenn tar-reġjuni u l-bliet Ewropej biex issir it-tranżizzjoni lejn tkabbir aktar ekoloġiku, kif inkorporat fil-Patt tas-Sindki; jissuġġerixxi li d-distakki kbar fl-iżvilupp bejn iż-żoni rurali u dawk urbani għandhom jiġu indirizzati kif jixraq, bħalma għandhom jiġu indirizzati l-problemi fir-reġjuni metropolitani, li qed juru reżiljenza filwaqt li għadhom vulnerabbli;

59. Jiddispjaċih li s-Sitt Rapport ta' Koeżjoni ma jirreferix għall-iżvilupp territorjali poliċentriku bħala element ewlieni tal-kisba tal-koeżjoni territorjali u l-kompetittività territorjali f'konformità mal-Aġenda Territorjali 2020 u r-Rapport tal-2013 tan-Netwerk Ewropew għall-Osservazzjoni tal-Iżvilupp u l-Koeżjoni Territorjali, bl-isem "Nagħmlu l-Ewropa Miftuħa u Poliċentrika"; jenfasizza r-rwol tal-bliet żgħar u ta' daqs medju u kemm hu importanti li jitjebu r-rabtiet funzjonali taċ-ċentri urbani mal-inħawi ta' madwarhom biex jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat;

60. Jitlob li jkun hemm aktar osservanza tal-Artikolu 174 tat-TFUE dwar il-koeżjoni territorjali, b'mod partikolari f'żoni rurali, b'attenzjoni kif xieraq lir-relazzjoni importanti bejn il-politika ta' koeżjoni u l-iżvilupp rurali, b'mod partikolari fir-rigward ta' żoni milquta minn tranżizzjoni industrijali, u reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħar-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni tat-tramuntana mbiegħda b'densità ta' popolazzjoni baxxa, u reġjuni gżejjer, reġjuni transkonfinali u reġjuni muntanjużi; jirakkomanda li jitqiesu wkoll l-isfidi demografiċi l-oħra li għandhom impatt maġġuri fuq ir-reġjuni, bħad-depopolazzjoni, il-fatt li popolazzjoni tkun qed tixjeh u popolazzjonijiet mxerrda ħafna; jitlob lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni l-aktar żvantaġġati, f'termini ta' ġeografija u demografija, meta timplimenta l-politika ta' koeżjoni;

61. Huwa tal-fehma li s-Sitt Rapport ta' Koeżjoni ma jagħtix biżżejjed attenzjoni lill-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, meta jitqies li din ilha objettiv tal-politika ta' koeżjoni sa mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013; ifakkar il-potenzjal tar-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali mhux biss bħala strument għall-ġestjoni tal-governanza transkonfinali, iżda wkoll bħala mezz li jikkontribwixxi għal żvilupp territorjali integrat b'mod komprensiv;

62. Jitlob li jkun hemm koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-politika ta' koeżjoni, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Politika tal-Viċinat tal-UE, kif ukoll valutazzjoni aħjar u tixrid tar-riżultati tal-proġetti;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015***Il-politika ta' koeżjoni fil-perspettiva fit-tul***

63. Ifakkar, fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, il-ħtieġa li d-dibattitu tal-politika ta' koeżjoni tal-UE jingħata dinamika ġdida; jiddikjara li s-sena tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew fl-2019 ser tkun determinanti, peress li dak iż-żmien, il-Parlament elett ġdid u l-Kummissjoni l-ġdida se jkollhom jitrattaw it-tmiem tal-istrategġja Ewropa 2020 u QFP ġdid li jmiss, kif ukoll li jiżguraw il-ġejjieni tal-politika ta' koeżjoni wara l-2020 b'baġit adegwat u jħejju leġislazzjoni ġdida għall-politika ta' koeżjoni; jinnota li d-dibattitu dwar il-politika ta' koeżjoni jeħtieġ iqis il-limitizzjonijiet serji taż-żmien u d-dewmien esperjenzati fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali;

64. Jenfasizza l-importanza kruċjali tal-kapaċitajiet amministrattivi; jistieden lil dawk li jfasslu l-politika fil-livelli kollha ta' governanza biex jiffavorixxu għajnuna teknika mmirata għall-implimentazzjoni tal-politiki ta' koeżjoni b'mod ġenerali, u b'mod partikolari għall-użu estiż tal-istrumenti finanzjarji flimkien mal-FSIE;

65. Iqis li l-miżuri tal-politika ta' koeżjoni għandhom rwol essenzjali x'jiżvolġu fit-tnaqqis tad-disparitajiet kompetittivi interni u l-iżbilanċi strutturali fir-reġjuni li jehtiguhha l-aktar; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-prefinanzjament sabiex tiffaċilita l-użu sħiħ tal-fondi mill-Istati Membri kkonċernati fil-perjodu 2014-2020, filwaqt li jiġi żgurat dejjem li l-prinċipju ta' responsabbiltà tal-baġit ikun rikonoxxut;

66. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu dibattiti politiki ta' livell għoli b'mod regolari fi ħdan il-parlamenti nazzjonali dwar l-effikaċja, l-effiċjenza u l-implimentazzjoni f'waqtha tal-FSIE u dwar il-kontribut tal-politika ta' koeżjoni għat-twertiq tal-oġġettivi makroekonomiċi;

67. Jitlob li jsiru laqgħat regolari tal-Kunsill mal-ministri inkarigati mill-politika ta' koeżjoni, biex tiġi indirizzata l-ħtieġa ta' monitoraġġ u ta' rispons għall-isfidi kostanti li qed tħabbat wiċċ magħhom il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-UE;

o

o o

68. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0309

Valutazzjoni tas-Sena Ewropea 2012 għat-Tixjiħ Attiv u Solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar ir-Rapport dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tas-Sena Ewropea 2012 għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet (2014/2255(INI))**

(2017/C 316/15)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 940/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2011 dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet (2012) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 25 dwar id-drittijiet tal-anzjani,
- wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Kummissjoni dwar is-Summit Ewropew dwar l-Innovazzjoni għal Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu tad-9-10 ta' Marzu 2015,
- wara li kkunsidra d-dokument ta' sfond tal-Kummissjoni tat-23 ta' Frar 2015 intitolat "Growing the Silver Economy in Europe" (It-*tkabbir tal-ekonomija tal-anzjani fl-Ewropa*),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2014 dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tas-Sena Ewropea 2012 għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet (COM(2014)0562),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni intitolat "The 2015 Ageing Report. Economic and budgetary projections for the 28 EU Member States (2013-2060)" (Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2015. Tbassir ekonomiku u baġitarju għat-28 Stat Membru tal-UE) (European Economy 3|2015)
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2014 intitolat "Rapport Konġunt dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità ("id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali") u tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol ("id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza fl-Impjeg") (COM(2014)0002),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2013 bit-titolu "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020" (COM(2013)0083),
- wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali dwar il-politika tal-Kummissjoni għal 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali,
- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tas-16 ta' Frar 2012 intitolata "Aġenda għal Pensjonijiet Adegwati, Sikuri u Sostenibbli" (COM(2012)0055),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Frar 2012, intitolata "Il-Progress tal-Pjan Strateġiku tal-Implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu" (COM(2012)0083),

⁽¹⁾ ĠU L 246, 23.9.2011, p. 5.⁽²⁾ ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2012 dwar is-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012): It-Triq “il Quddiem”,
 - wara li kkunsidra r-rapport konġunt imħejji mill-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni tal-10 ta' Ottubru 2014 intitolat “Protezzjoni soċjali adegwata għal ħtiġijiet ta' kura fit-tul f'soċjetà li qed tixjeh”,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound) tal-31 ta' Ottubru 2014 dwar “l-aċċess għall-kura tas-saħħa fi żminijiet ta' kriżi”,
 - wara li kkunsidra x-xogħol li qed isir bħalissa mill-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar it-Tixjiħ lejn Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-anzjani,
 - wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Fondazzjoni Eurofound “Work preferences after 50” (Il-preferenzi fir-rigward tax-xogħol wara l-età ta' 50 sena) (2014),
 - wara li kkunsidra d-dokument tal-Eurofound Foundation Focus intitolat ‘Sustainable work: Toward better and longer working lives’ (Ix-xogħol sostenibbli: Lejn ħajja ta' xogħol itwal u aħjar) (Diċembru 2014),
 - wara li kkunsidra l-analiżi fil-fond tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew ta' Marzu 2015 intitolat “Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (2012)”,
 - wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Ecorys tal-15 ta' April 2014 intitolat “Evalwazzjoni tas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet”,
 - wara li kkunsidra l-Koalizzjoni tal-partijiet ikkonċernati fl-EY 2012 “Pjan direzzjonali lejn u lil hinn mis-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet 2012 (EY 2012)”, tal-10 ta' Diċembru 2012,
 - wara li kkunsidra l-Ewrobarometru Speċjali 378 ta' Jannar 2012, intitolat “Tixjiħ Attiv”,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2013 dwar l-Impatt tal-kriżi fuq l-aċċess għall-kura tal-gruppi vulnerabbli ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2013 dwar Aġenda dedikata lill-Pensjonijiet Adegwati, Sikuri u Sostenibbli ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 dwar l-isfida demografika u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0241/2015),
- A. billi l-għan tas-Sena Ewropea 2012 għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet (EY 2012) kien li tizzied is-sensibilizzazzjoni dwar il-valur tat-tixjiħ attiv, jiġi stimulat l-iskambju ta' informazzjoni, jiġu promossi politiki dwar it-tixjiħ attiv u jinħoloq qafas għal azzjoni konkreta mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, kif ukoll mill-partijiet ikkonċernati kollha fis-settur pubbliku u fis-settur privat;
- B. billi hu mistenni li sal-2050 l-età medja tal-persuni fl-UE se tkun ta' 'l fuq minn 50 sena;

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0328.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0204.

⁽³⁾ ĠU C 74 E, 13.3.2012, p. 19.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- C. billi l-UE qed tiffaċċa bidliet demografiċi, soċjali u strutturali bla preċedent li jeħtieġ jiġu indirizzati mingħajr dewmien; billi t-tixjiħ tal-popolazzjoni b'mod ġenerali jkun akkumpanjat mit-tkabbir tal-għajnuna soċjali, tal-kura tas-saħħa u l-bżonnijiet ta' kura għal persuni anzjani u l-familji tagħhom, filwaqt li l-kwalita fuq perjodu twil u s-sostenibbiltà tas-servizzi pubbliċi fl-UE ser jiddependu l-aktar fuq l-azzjoni li għandha tittieħed matul il-ftit snin li ġejjin;
- D. billi ż-żieda fl-istennija medja tal-għomor għandha titqies bħala gwadann għaċ-ċivilizzazzjoni u fattur ta' progress soċjali;
- E. billi fl-2006 twaqqaf id-Demographic Change Regions Network, in-netwerk tar-reġjuni dwar it-tibdil demografiku li jinkludi madwar 40 reġjun Ewropew, u billi dak in-netwerk għandu l-għan li jqajjem kuxjenza dwar kemm huma importanti sfidi bħat-tixjiħ u t-tnaqqis fir-rata tal-popolazzjoni għall-UE u għall-koeżjoni ekonomika u soċjali tagħha;
- F. billi l-għadd medju ta' tfal għal kull mara fl-UE huwa inqas mil-limitu minimu tat-tiġdid ġenerazzjonali, il-kriżi ekonomika kienet fattur fit-tnaqqis fir-rata tat-twelid u l-istennija tal-għomor tista' tiżdied b'ħames snin oħra sal-2050;
- G. billi t-tixjiħ attiv huwa fost l-akbar sfidi tas-seklu 21;
- H. billi, minbarra l-fenomeni tat-tixjiħ, hemm għadd dejjem akbar ta' reġjuni Ewropej fejn qed iseħħ tnaqqis demografiku minħabba rati tat-twelid li qed jonqsu, flimkien ma' tnaqqis fil-popolazzjoni u rati għoljin ta' tixjiħ, dipendenza u tnaqqis fl-għadd ta' persuni li jaħdmu; billi dawn il-fenomeni kollha huma aggravati fiż-żoni rurali tar-reġjuni kkonċernati, peress li huwa komuni li persuni jitolqu minn żoni rurali u jmorru jgħixu fi bliet kbar jew ta' daqs medju;
- I. billi t-tixjiħ attiv u s-solidarjeta bejn il-ġenerazzjonijiet huma essenzjali biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri tal-Ewropa 2020 u sabiex titwassal Ewropa kompetittiva, għanja u inklużiva;
- J. billi s-suċċess ta' politiki dwar it-tixjiħ attiv huwa marbut bis-sħiħ mal-effikacija ta' firxa ta' politiki ta' nondiskriminazzjoni, protezzjoni soċjali, inklużjoni soċjali u saħħa pubblika żviluppata tul iċ-ċiklu tal-ħajja taċ-ċittadini u l-ħaddiema tal-UE;
- K. billi, skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (id-WHO), il-kelma "attiv" tirreferi għat-tkomplija tal-parteċipazzjoni f'affarijiet soċjali, ekonomiċi, kulturali, spiritwali u ċiviċi, mhux biss il-kapaċita li wieħed ikun attiv fiżikament jew li jipparteċipa fil-forza tax-xogħol, u billi, konsegwentement, anzjani li jirtiraw mix-xogħol, u persuni li jirtiraw minħabba invalidita jew mard, jistgħu jibqgħu kontributori attivi fil-familji, fost il-pari, il-komunitajiet u n-nazzjonijiet tagħhom;
- L. billi hemm bżonn ta' approċċ olistiku, filwaqt li jitqiesu l-elementi differenti li jikkontribwixxu sabiex jagħmlu x-xogħol sostenibbli tul il-ħajja għall-individwi kollha u għas-soċjeta kollha kemm hi;
- M. billi gruppi differenti ta' ħaddiema huma soġġetti għal kundizzjonijiet tax-xogħol differenti, li jwasslu għal inugwaljanzi fis-saħħa okkupazzjonali;
- N. billi jeżistu diskrepanzi immensi u viżibbli bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali f'dak li jirrigwarda l-politiki dwar it-tixjiħ attiv u l-politiki dwar il-protezzjoni soċjali fix-xjuħija, l-infrastruttura ta' appoġġ u r-riżorsi baġitarji;
- O. billi t-tixjiħ attiv u b'saħħtu joħloq bżonnijiet soċjali ġodda, li jirrikjedu investiment f'servizzi pubbliċi diversifikati – kemm servizzi eżistenti kif ukoll servizzi ġodda li għad iridu jinħolqu – u naturalment fil-qasam tas-saħħa u l-kura għall-anzjani, u billi dan jirrilaxxa potenzjal ġdid fir-rigward tat-tgawdija u l-estensjoni tal-ħin liberu u l-ħin tal-mistrieħ;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- P. billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika kellha impatt fuq iż-żieda fil-livelli ta' faqar fost l-anzjani u billi l-faqar jew ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali mhux biss jirrappreżentaw riskji għas-saħħa, iżda jxekklu wkoll kwalunkwe possibbiltà għal tixjiħ attiv;
- Q. billi madwar l-UE hemm joperaw madwar 125 000 fond ta' pensjoni tax-xogħol, li għandhom assi li jiswew EUR 2 500 biljun fisem madwar 75 miljun Ewropew, li jirrappreżenta 20 % tal-popolazzjoni tal-UE f'età lavorattiva;
- R. billi wieħed mill-prinċipji bażiċi tas-soċjetà tal-bniedem huwa s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet; billi aktar ma titwal l-istennija medja tal-għomor, aktar qed isiru importanti r-relazzjonijiet interġenerazzjonali; billi l-ekonomija u s-soċjetà jeħtieġu l-esperjenza tal-ħajja, l-impenn u l-ideat tal-ġenerazzjonijiet kollha biex jilħqu l-għanijiet tagħhom;
- S. billi l-parteċipazzjoni attiva fil-programmi ta' tagħlim tul il-ħajja u fil-programmi sportivi tikkontribwixxi bil-kbir biex tinħoloq kultura ġenwina ta' tixjiħ attiv, li tippermetti lin-nies mhux biss jadattaw il-ħiliet tagħhom tul il-ħajja għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol, iżda wkoll biex jibqgħu b'saħħithom, attivi u parteċipattivi fis-soċjetà f'sens aktar ġenerali;
- T. billi n-nisa anzjani jirrappreżentaw 20 % tal-popolazzjoni tal-UE u dan il-perċentwal se jkompli jiżded skont ix-xejriet demografiċi attwali; billi f'ħaġġa pajjiżi tal-UE, in-nisa anzjani jinsabu friskju ogħla ta' faqar milli l-irġiel anzjani, medja ta' 21 % għan-nisa u 16 % għall-irġiel; billi d-differenzi fil-pensjonijiet bejn is-sessi fl-UE huwa ta' 39 %;
- U. billi t-teknoloġiji aċċessibbli jistgħu jippermettu u jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol, ħajja indipendenti u parteċipazzjoni fl-aspetti kollha tas-soċjetà; billi llum il-ġurnata, madankollu, iktar minn 69 % ta' persuni li għandhom nuqqas ta' ħiliet diġitali bażiċi huma ta' l fuq minn 55 sena; billi, minħabba n-nuqqas ta' aċċessibbiltà, l-evoluzzjoni rapida tal-ICT u kompetenza diġitali limitata, ħafna anzjani u persuni b'diżabilitajiet jinsabu friskju kbir li ma jhdux vantaġġ sħiħ mis-Suq Uniku Diġitali tal-ġejjieni;
1. Jirrikonoxxi li EY 2012 ipprovdiet momentum politiku importanti li għen biex tinfetaħ diskussjoni dwar l-isfidi tat-tixjiħ attiv u s-solidarjetà interġenerazzjonali fl-Ewropa;
 2. Jiddefinixxi l-ġustizzja interġenerazzjonali bħala tqassim ugwali tal-benefiċċji u l-piżijiet bejn il-ġenerazzjonijiet; iqis li kooperazzjoni bejn il-ġenerazzjonijiet li tiffunzjona tkun ibbażata fuq is-solidarjetà u għandha tkun ikkaratterizzata minn rispett reċiproku, responsabbiltà u dispożizzjoni tajba favur il-proxmu;
 3. Jinnota li l-oġġettivi speċifiċi ta' EY 2012 inkisbu parzjalment, bl-aħjar riżultati jinsabu fil-qasam ta' inizjattivi u avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni;
 4. Jinnota u jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li mill-avvenimenti u l-inizjattivi ta' EY 2012 ħareġ ċar li l-anzjani mhumiex piż fuq l-ekonomija u s-soċjetà, anzi, minħabba l-esperjenza, il-kisbiet u l-għarfien tagħhom, pjuttost huma assi;
 5. Jirrimarka li EY 2012 irnexxielha fl-għan tagħha li timmobilizza l-atturi rilevanti madwar it-tixjiħ attiv u s-solidarjetà interġenerazzjonali; iqis li hija ħasra, madankollu, li l-għan li jiġu stabbiliti networks ġodda għall-kondiviżjoni ta' riżorsi, proġetti u ideat fost is-settur pubbliku, is-settur privat u s-soċjetà ċivili rarament inkiseb; jiddispjaċih għall-fatt li l-involvement tas-sħab soċjali kien varjabbli u li n-negozji privati ma ntlaħqux b'mod sinifikanti; jenfasizza l-ħtieġa li jitjieb il-bini tal-kapaċità favur il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva tal-anzjani fis-soċjetà;
 6. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li EY 2012 għenet biex tinfina l-aġendi tal-politika nazzjonali dwar it-tixjiħ attiv, stimulat l-iskambju ta' Prattiki tajba bejn l-Istati Membri, żiedet l-għadd ta' inizjattivi li jipromwovu t-tixjiħ attiv u saħħet l-għarfien u l-ħiliet tal-partijiet interessati;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

7. Jenfasizza li hemm bżonn statistika affidabbli dwar is-sitwazzjoni tal-anzjani u t-tibdil demografiku sabiex jiġu żviluppata strateġiji ta' tixjiħ attiv aktar immirati u effikaċi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jkun hemm ġbir komprensiv ta' data ta' kwalità għolja dwar l-istatus soċjali tal-anzjani, is-saħħa, id-drittijiet u l-istandard ta' għajxien tagħhom;

8. Iqis li huwa ferm importanti li l-inizjattivi mnedija bħala parti minn EY 2012 ikunu segwiti u ttrasformati f'impenn politiku qawwi segwit b'azzjoni konkreta biex jiġu żgurati l-inklużjoni soċjali, il-parteċipazzjoni attiva u l-benessri tal-ġenerazzjonijiet kollha filwaqt li jiġi rispettata il-prinċipju ta' sussidjarjetà u proporzjonalità; ifakkar li l-leġiżlazzjoni tal-UE tal-politiki dwar it-tixjiħ għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv sabiex jimpedixxu u jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni fl-oqsma kollha tal-ħajja kontra kemm iż-żgħażaġh u kemm l-anzjani;

9. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi intensifikat it-triangolu ta' koordinazzjoni stabbilit fil-livell tat-teħid tad-deċiżjonijiet (li jinkludi l-UE, il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali), tas-soċjetà ċivili u tas-settur privat, inklużi l-industriji li jipprovdu oġġetti u servizzi innovattivi b'appoġġ għall-għajxien indipendenti;

10. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju dwar it-tnaqqis demografiku, li qed jaffettwa għadd dejjem akbar ta' reġjuni f'diversi pajjiżi tal-UE, u tfassal komunikazzjoni dwar il-problema u dwar il-passi li jistgħu jittieħdu fil-livell Ewropew, fil-livell tal-Istati Membri, u fir-reġjuni affettwati, biex tiġi indirizzata l-isfida tat-tnaqqis demografiku;

11. Jenfasizza li r-reġjuni li għandhom żvantaġġi naturali jew demografiċi serji – bħal, pereżempju, reġjuni b'popolazzjoni żgħira, il-gżejjer u ż-żoni muntanjużi – huma affettwati partikolarment ħażin mill-problemi assoċjati mat-tixjiħ, u għandhom inqas riżorsi u inqas infrastruttura disponibbli biex jippromwovu t-tixjiħ attiv; jappella biex tingħata kunsiderazzjoni dwar jekk pjanijiet ta' stimulu jkunux utli biex tiġi indirizzata l-problema tat-tixjiħ, li ġeneralment tkun aggravata minn proċessi paralleli ta' depopolazzjoni li jaffettwaw ħafna r-reġjuni kkonċernati, u li jistgħu jkunu ta' theddida għas-sopravivenza ta' dawk iż-żoni;

12. Iqis li huwa ta' dispjaċir li l-approvazzjoni relattivament tardiva ta' EY 2012 irriżultat f'dewmien fl-għoti ta' kuntratti u fl-implimentazzjoni, u bħala riżultat ta' dan ċerti avvenimenti, bħall-inizjattiva Jum il-Forzanzjana, ma wettqux il-potenzjal sħiħ tagħhom; jieħu nota tal-baġit iżgħar allokat għal EY 2012, meta mqabbel ma' Snin Ewropej preċedenti u r-riżorsi konsegwentement aktar skarsi biex jiġu implimentati l-oġġettivi ta' EY 2012;

13. Ifakkar li t-tixjiħ attiv huwa, fost l-oħrajn, il-proċess li fih ikunu ottimizzati l-opportunitajiet għas-saħħa u għall-parteċipazzjoni fis-soċjetà biex b'hekk jiġi żgurat li l-persuni jkunu jistgħu jżommu standard tajjeb ta' għajxien u kwalità tal-ħajja huma u jixjehu; huwa tal-fehma li l-politiki dwar it-tixjiħ attiv għandhom iżidu l-potenzjal tal-persuni għall-benessri fiżiku, soċjali u mentali matul il-ħajja sabiex dan jippermettilhom inklużjoni soċjali aħjar u parteċipazzjoni akbar fis-soċjetà; jenfasizza l-fatt li t-tixjiħ attiv ifisser ukoll aċċess aħjar għal servizzi tas-saħħa, kura fit-tul u servizzi soċjali, li ġew taħt pressjoni f'xi każijiet matul il-kriżi, kif ukoll għat-tagħlim tul il-ħajja, il-parteċipazzjoni fis-soċjetà u l-attivitajiet kulturali, it-tisħiħ tal-infrastruttura soċjali eżistenti bħal djar u ċentri ta' matul il-jum, l-eliminazzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u l-isterjotipi, azzjoni biex jiġu miġġielda l-faqar u l-esklużjoni soċjali, u kuxjenza akbar dwar il-valur tat-tixjiħ attiv u b'saħħtu;

14. Jirrakkomanda li l-Istati Membri kollha, permezz tas-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom, jippromwovu u jsaħħu l-infrastruttura pubblika ta' kwalità għolja għall-anzjani (id-djar, iċ-ċentri ta' matul il-jum u l-appoġġ fid-dar), fejn l-anzjani jkunu meqjusa bħala parteċipanti attivi aktar milli riċevituri passivi tal-inizjattivi li jieħdu sehem fihom;

15. Huwa tal-fehma li teħtieġ tiġi żviluppata strateġija Ewropea dwar id-demenzja, li għandha tinkludi miżuri ta' assistenza lill-familji tal-pazjenti, kampanji ta' informazzjoni, sensibilizzazzjoni u skambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

16. Jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-problema inkwetanti tal-qgħad fost il-persuni 'l fuq minn 50 sena u tar-rata li qed tiżdied ta' qgħad fuq perjodu ta' żmien twil, u, flimkien mal-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali u s-sħab soċjali, sabiex tikkunsidra ċ-ċirkustanzi u s-sitwazzjonijiet personali ta' persuni akbar fl-età li huma qiegħda u tiżviluppa għodod effettivi biex iżżomm il-ħaddiema li jappartjenu għal din il-kategorija vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, filwaqt li toffri opportunitajiet għal tagħlim tul il-ħajja u t-titjib tal-ħiliet, taħriġ fuq ix-xogħol u programmi ta' tagħlim aċċessibbli u affordabbli u tippromwovi t-taħriġ u t-trasferiment tal-għarfien bejn il-ġenerazzjonijiet fuq il-post tax-xogħol għal kulħadd;

17. Jenfasizza li fuq kolloxx għandha tingħata attenzjoni, f'dan ir-rigward, għal programmi bħal "mentoring ġenerazzjonali", li fihom ikunu mħeġġa skambji bejn esperti anzjani u l-ġenerazzjoni żagħżugħa fuq ix-xogħol u waqt it-taħriġ; jirrimarka li timijiet b'tajiet imħallta għandhom jiġu appoġġjati matul il-proċess tax-xogħol filwaqt li għandhom jiġu ppremjati proġetti eċċezzjonali; iqis li l-Istati Membri jistgħu jistabblixxu inċentivi għan-negozji biex jimpjegaw aktar ħaddiema akbar fl-età, u li, bħala kwistjoni ta' prinċipju, ħaddiema akbar fl-età m'għandhomx jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minn ħaddiema iżgħar fir-rigward ta' taħriġ vokazzjonali u kontinwu; jenfasizza b'mod partikolari l-importanza li jiġu adattati l-postijiet tax-xogħol għall-ħtiġijiet tal-ħaddiema akbar fl-età u jiġu provduti aktar opportunitajiet għal ħaddiema aktar avvanzati fl-età li jaħdmu part-time skont il-preferenzi tagħhom, kif ukoll jiġu ffaċilitati ħajjiet tax-xogħol itwal għal dawk li jixtiequ u huma kapaċi jaħdmu għal żmien itwal; huwa tal-fehma li għandhom jiġu stabbiliti pjanijiet ta' rtirar speċjali għal nies akbar fl-età li jkunu ilhom qiegħda, filwaqt li jinstab bilanċ bejn il-bżonn ta' dawn in-nies għall-istabilità soċjali u dak tas-sistemi tas-sigurtà soċjali;

18. Iqis li huwa ta' dispaċir li persuni akbar fl-età għadhom jiġu ta' spiss esposti għal diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, l-isterjotipi u l-ostakli; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jimplementaw b'mod korrett id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE dwar trattament ugwali fl-impjeg u fix-xogħol mingħajr dewmien; jinnota li l-proposta għal direttiva dwar it-trattament ugwali orizzontali⁽¹⁾ kienet imblukkata fil-Kunsill sa mill-2008, u jistieden lill-Istati Membri biex isibu soluzzjoni malajr kemm jista' jkun;

19. Jirrifjuta bil-qawwa, madankollu, il-konsiderazzjoni ta' politiki dwar it-tixjiħ attiv biss bħala strument biex tinżamm l-impjegabbiltà ta' ħaddiema aktar anzjani, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu l-evalwazzjonijiet kollha meħtieġa u l-isforzi lejn approċċ ta' ċiklu tal-ħajja u, fejn adatt, ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet, filwaqt li jsir kull sforz biex jiġu stabbilizzati r-regoli dwar l-irtirar, b'kont meħud tar-rati tal-qgħad attwali fost il-popolazzjoni ta' età ta' 'l fuq minn 50 sena qabel ma tinbidel l-età obbligatorja tal-pensjoni; jemmen li r-rabta bejn l-età tal-irtirar mal-għomor tal-ħajja ma tqisx l-importanza tal-iżvilupp tas-suq tax-xogħol u għalhekk, ma għandhiex tkun l-uniku strument li jintuża biex tiġi indirizzata l-isfida ta' soċjetà li qed tixjeh; iqis li minflok, permezz tal-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-ħarsien tal-impjegati u tas-sistemi tal-formazzjoni dwar il-pagi, l-Istati Membri għandhom jappoġġjaw l-ingaġġ ta' ħaddiema akbar fl-età b'mod partikolari qabel l-età statutorja tal-irtirar, peress li l-qgħad jista' jkollu effetti negattivi ulterjuri fuq l-introjt tal-irtirar tagħhom, u jqis li l-Istati Membri għandhom jiżguraw sistemi ta' protezzjoni soċjali sostenibbli;

20. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw is-sostenibbiltà ta' skemi ta' pensjonijiet pubbliċi u jiggarrantixxu dħul tal-pensjoni individwali u adegwat u drittijiet għal kulħadd sabiex tiġi żgurata ħajja dinjituża f'età avvanzata — inklużi dawk li ħadu interruzzjonijiet ġustifikati fil-karriera, l-aktar in-nisa; jenfasizza l-importanza ta' superviżjoni adegwata u verifiki indipendenti tal-fondi tal-pensjonijiet tax-xogħol għal pensjonijiet sikuri u sostenibbli;

21. Jenfasizza li l-anzjani għandhom jingħataw l-opportunità li jiżvolġu rwol ewlieni billi jgħinu lill-familji tagħhom, u jiġbed l-attenzjoni għall-ħidma volontarja prezzjuża li jwettqu l-anzjani;

22. Jenfasizza l-importanza ta' teknoloġiji aċċessibbli għas-soċjetajiet Ewropej li qed jixjeh u jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija inklużiva dwar is-Suq Uniku Diġitali billi tiżgura li l-aċċessibbiltà tkun integrata permezz tal-istrateġija u marbuta mal-promozzjoni tal-ekonomija tal-anzjani ("silver economy") fl-Ewropa;

⁽¹⁾ Il-proposta għal Direttiva dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

23. Jilqa' l-fatt li t-tixjiħ attiv u b'saħħtu huwa fost il-prijoritajiet ta' investiment tal-Fond Soċjali Ewropew għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, kif iddikjarat fir-Regolament (UE) Nru 1304/2013; jistieden lill-Istati Membri jużaw ir-riżorsi allokati b'mod effettiv; ifakkar li l-finanzjament għal proġetti li jippromwovu t-tixjiħ attiv huwa disponibbli wkoll taħt programmi bħall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE), Orizzont 2020, il-Programm Ewropew għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u l-Programm dwar is-Saħħa; jappella għal koordinazzjoni aħjar bejn il-programmi u l-istrumenti varji disponibbli mill-UE għall-promozzjoni tat-tixjiħ attiv u s-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet, u jitlob, f'konformità mal-prijoritajiet ta' Orizzont 2020, il-ħolqien ta' prijorità ta' riċerka Ewropea bit-titolu "Xjenzi Applikati tas-Saħħa u t-Tixjiħ Attiv";

24. Jistieden lill-Istati Membri jużaw il-finanzjament disponibbli tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE), l-FSIE u l-EaSI biex jipprovdu assistenza finanzjarja għall-programmi awtonomi mmexxija minn organizzazzjonijiet ta' persuni aktar anzjani li jaqsmu l-enerġija, l-għarfien, l-esperjenzi u l-għerf tagħhom ma' xulxin u biex jgħinu lin-nies fil-bżonn, u b'hekk jikkontribwixxu għal tixjiħ attiv u b'saħħtu, u jgħixu b'mod indipendenti għal żmien itwal;

25. Ifakkar fir-Reviżjoni tal-Baġit 2010 tal-Kummissjoni li identifikat "il-valur miżjud tal-UE" bħala wieħed mill-prinċipji ewlenin; jinsisti li dan il-prinċipju għandu jirrappreżenta l-pedament tal-infiq kollu u li l-finanzjament tal-UE, b'mod partikolari dak taħt il-FSE, m'għandux jintuża biex jissussidja approċċi nazzjonali iżda biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-programmi ta' tixjiħ attiv tal-Istati Membri;

26. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-indirizzar tal-fondi għat-tixjiħ attiv, kif ukoll l-effikaċja tal-assorbiment tal-fondi; barra minn dan, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tesplora l-fattibbiltà u l-valur miżjud ta' strument finanzjarju Ewropew ġdid biex tiġi indirizzata l-problema tar-riintegrazzjoni tal-ħaddiema ta' mezzetà li jkunu ngħataw is-sensja;

27. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jiġbru data kompluta u affidabbli li tippermetti l-valutazzjoni tal-effikaċja tal-infiq tal-FSE fuq il-ħaddiema akbar fl-età;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà u l-valur miżjud ta' strument finanzjarju ġdid tal-UE li jipprovdi introjtu minimu liċ-ċittadini kollha tal-UE li jkunu taħt is-soll tal-faqar;

29. Jirrakkomanda lill-Istati Membri jfasslu u jimplimentaw politiki pubbliċi u programmi li mhux biss itejbu s-saħħa fiżika iżda jippromwovu wkoll is-saħħa mentali u r-rabtiet soċjali;

30. Iqis li huwa essenzjali li jiġu appoġġjati l-persuni akbar fl-età jgħixu haġja indipendenti u attiva għall-itwal żmien possibbli, kif stabbilit fl-Artikolu 25 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, billi jiġi żviluppat u miżmum appoġġ pubbliku orjentat lejn il-persuni u mmexxi mid-domanda, servizzi ta' għajjnuna u servizzi ta' kura u billi tittejjeb il-konnessjoni bejn dawn is-servizzi; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jiżguraw kura tas-saħħa affordabbli, aċċessibbli u nondiskriminatorja u jagħtu prijorità lill-prevenzjoni fil-politiki tagħhom dwar il-kura tas-saħħa; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni timplimenta l-pakkett ta' investiment soċjali, li jżomm it-tixjiħ f'saħħtu u l-adegwatezza u l-kwalità tal-kura fit-tul bħala prijorità għolja fuq l-aġenda politika, u biex tanalizza l-affordabbiltà tal-kura tas-saħħa għall-anzjani, tiġbor data dwar il-ħinijiet ta' stennija fis-sistemi tal-kura tas-saħħa madwar l-UE u tipproponi linji gwida għal massimu ta' żmien ta' stennija; iqis li huwa essenzjali li tiġi promossa r-responsabbiltà personali u individwali tas-saħħa mill-persuna nnifisha, b'żieda sostanzjali fil-livell ta' kampanji ta' informazzjoni nazzjonali dwar il-kura tas-saħħa u l-motivazzjoni, kif ukoll li tiġi nkoraggjata l-kooperazzjoni dwar il-kompetenza sanitarja sabiex persuni akbar fl-età jkunu kapaċi jieħdu ħsieb saħħithom; ifakkar li jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni lil soluzzjonijiet u għodod teknoloġiċi innovattivi; finalment, jagħraf l-importanza tat-tixrid effikaċi tal-informazzjoni relatata ma' servizzi lokali u drittijiet b'għajjnuna biex jintlaħaq dan l-għan;

31. Jistieden lill-Kummissjoni ttwettaq segwitu tal-konklużjonijiet tar-rapport konġunt intitolat 'Protezzjoni soċjali adegwata għall-ħtiġijiet ta' kura fit-tul f'soċjetà li qed tixjeh' u tippreżenta proposti konkreti mingħajr dewmien;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

32. Jemmen li għandha tingħata prijorità lill-integrazzjoni tal-anzjani fil-familji tagħhom; jissuġġerixxi lill-Kummissjoni li jiġi esplorat il-potenzjal offrut minn negozji tal-familja u x-xogħol korrispondenti fil-qasam tal-kura għall-anzjani;
33. Jirrimarka li trasport pubbliku aktar effikaċi huwa waħda mill-ogħla prijoritajiet għall-anzjani fil-ħolqien ta' ambjenti adatti għall-anzjani ⁽¹⁾, peress li dan jappoġġja ħajja indipendenti u aċċess għas-servizzi bażiċi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbju l-aċċessibilità u l-interoperabilità tas-sistemi ta' trasport;
34. Jilqa' d-dokument ta' sfond tal-Kummissjoni intitolat "Growing the Silver Economy in Europe" (It-tkabbir tal-ekonomija tal-anzjani fl-Ewropa), u jtenni l-ħtieġa li tiġi żviluppata "ekonomija tal-anzjani", li tirrispondi għax-xewqat u l-bżonnijiet ta' popolazzjoni li qed tixjieħ fuq il-bażi ta' opportunitajiet ekonomiċi li jirriżultaw min-nefqa pubblika u dik tal-konsumaturi b'rabta mat-tixjij tal-popolazzjoni kif ukoll minn prodotti speċifiċi, servizzi, soluzzjonijiet innovattivi u ħtiġijiet, li jirriżultaw f'impjegji ġodda u tkabbir, b'kont meħud tal-bżonnijiet tal-aktar gruppi soċjoekonomiċi vulnerabbli;
35. Jinnota li tnaqqis unilaterali fl-età tal-forza tax-xogħol ma jwassalx għal aktar innovazzjoni, iżda jirrappreżenta ħela ta' esperjenza, għarfien u ħiliet;
36. Huwa tal-fehma li l-anzjani għandhom ikunu parti sħiħa mis-soċjetà, u li għandha tkun appoġġjata l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja ta' kuljum inkluż fil-ħajja pubblika; iqis, barra minn hekk, li għandu jitħeġġeġ djalogu attiv u skambju ta' esperjenzi bejn iż-żgħażaġh u l-anzjani; jenfasizza r-rwol ta' proġetti interġenerazzjonali f'dan il-kuntest; jappoġġja, barra minn hekk, id-dritt li għandhom l-anzjani li jgħixu ħajja dinjituża u indipendenti, kif stabbilit fl-Artikolu 25 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jemmen ukoll li l-parteċipazzjoni politika attiva tar-rappreżentanti tal-ġenerazzjonijiet żgħażaġh u tal-anzjani għandha tkun żgurata fil-livelli kollha tal-UE, kull fejn jistgħu jiġu affettwati l-interessi tal-ġenerazzjoni;
37. Jiġbed l-attenzjoni wkoll għar-rwol soċjali prezzjuż li l-anzjani jiżvolġu billi jgħaddu l-valuri u l-esperjenza tagħhom lill-oħrajn u billi jagħtu suġġerimenti dwar kif għandu jkun l-approċċ għall-ħajja fil-komunità;
38. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jadottaw pożizzjoni pożittiva fil-Grupp ta' Ħidma miftuħ tan-NU dwar it-Tixjij li tiżgura li ċ-ċittadini anzjani jkun jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mal-Espert Indipendenti tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Anzjani u ma' organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-anzjani fl-UE;
39. Jiddeplora l-fatt li l-perkorsi tal-karriera qed isiru dejjem aktar prekarji u inċerti, minħabba x-xogħol temporanju, iż-żieda fil-kuntratti tax-xogħol qosra, in-nuqqas ta' xogħol u l-qgħad;
40. Jilqa' l-Patt tal-UE li jmiss dwar it-Tibdil Demografiku bħala riżultat ewlieni ta' EY 2012 u tas-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar it-Tixjij Attiv u b'Saħħtu; jitlob lill-Kummissjoni tidentifika oqsma fil-baġit tal-UE fejn jistgħu jsiru frankar u effiċjenzi sabiex tipprovdi fondi għall-Patt, li jkun netwerk miftuħ, kbir u indipendenti li jiġib flimkien il-partijiet interessati lokali u reġjonali kommessi li jindirizzaw il-bidla demografika Ewropea billi jiġu promossi ambjenti adatti għall-anzjani f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO);
41. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta Strateġija tal-UE dwar it-Tibdil Demografiku biex tikkoordina l-azzjoni tal-UE f'diversi oqsma sabiex ikunu żgurati s-sinerġiji u jiġi massimizzat l-impatt pożittiv tagħhom fuq iċ-ċittadini Ewropej, l-ekonomija u l-ħolqien tal-impjegji, kif ukoll jitħarsu d-drittijiet tal-bniedem tal-anzjani fil-politiki kollha tal-UE;

⁽¹⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2012). Ewrobarometru Speċjali 378 dwar it-tixjij attiv.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

42. Jemmen li l-isfidi demografiċi mhumiex indirizzati b'mod adegwat fil-livell Ewropew; jistieden, għalhekk, lill-Presidenti futuri tal-Kunsill tal-UE biex ipoġġu dan il-punt mill-ġdid fuq l-aġenda tal-UE u biex jaħdmu dwar risponsi ta' politika qawwija;
43. Jenfasizza li t-tibdil demografiku m'għandux jintuża bħala ġustifikazzjoni biex jiżżarmaw id-drittijiet u servizzi soċjali;
44. Jilqa' l-Prinċipji Gwida dwar it-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet żviluppatti b'mod konġunt mill-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali u l-Kumitat għall-Impjiegi; jilqa' b'mod partikolari r-rwol tal-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali li jippermetti skambju dirett ta' esperjenzi fost l-Istati Membri, inkluż rigward il-kura fit-tul u l-pensjonijiet;
45. Jilqa' l-Indiċi tat-Tixjiħ Attiv, li jimmira li jiġbor il-potenzjal mhux sfruttat ta' persuni mdaħħlin fiż-żmien għal parteċipazzjoni aktar attiva fil-ħajja tax-xogħol u dik soċjali u għal għajxien indipendenti, flimkien ma' proġett ta' segwitu li għaddej bħalissa mmexxi mill-Kummissjoni bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku tan-NU għall-Ewropa; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistabbilixxu miri msejsa fuq l-Indiċi tat-Tixjiħ Attiv li għandhom jinkisbu permezz ta' strateġiji komprensivi għal tixjiħ attiv, u jimmonitorjaw il-progress fil-ksib ta' dawk il-miri;
46. Jirrimarka li l-promozzjoni ta' ambjenti adatti għall-anzjani hi għodda essenzjali biex jiġu appoġġjati l-ħaddiema anzjani u dawk li qed ifittxu xogħol u biex jiġu promossi soċjetajiet inklużivi li joffru opportunitajiet indaqs għal kulħadd; jilqa', f'dan ir-rigward, il-proġett ta' ġestjoni konġunta tal-Kummissjoni mad-WHO bl-għan li tiġi adattata l-Gwida għall-Bliet Globali Xierqa għall-Anzjani għall-kuntest Ewropew;
47. Jemmen li Konvenzjoni tan-NU għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Anzjani ttejjeb il-ħajja tal-anzjani billi tiggarantilhom aċċess ugwali għal drittijiet politiċi, ekonomiċi, kulturali u tal-kura tas-saħħa u tkun pjattaforma importanti għall-ħolqien ta' bidla fl-attitudni lejn it-tixjiħ fuq skala globali;
48. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta Pjan ta' Azzjoni dwar l-abbuż fuq l-anzjani, li jqis il-Qafas Ewropew għall-Kwalità għall-Kura fuq Perjodu Twil żviluppat mis-sħubija WeDO u jindirizza l-kwistjoni tad-drittijiet tal-anzjani li jeħtieġu l-kura u l-assistenza;
49. Jiddispaċih li, fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCPRD) u l-Istrateġija dwar id-Diżabilità, il-Kummissjoni għadha ma indirizzatx l-inugwaljanzi fl-età; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tqajjem kuxjenza u tindirizza d-drittijiet ta' persuni akbar fl-età li għandhom diżabbiltajiet u d-diskriminazzjoni tal-età li jsufu, u tiżgura li l-applikazzjoni tal-UNCPRD ma titraskurax lil persuni akbar fl-età;
50. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà, li ilu mistenni ferm, biex jiġi żgurat li t-trasport, id-djar u l-prodotti u s-servizzi bbażati fuq l-ICT, inklużi dawk offruti bl-ekonomija tal-anzjani, ikunu aċċessibbli għall-persuni akbar fl-età;
51. Jistieden lill-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal pajjiż li jindirizzaw l-adeqwatezza, is-sostenibbiltà u l-korrettezza tar-riformi ekonomiċi fil-qasam tal-impjiegi, il-pensjonijiet, l-inklużjoni soċjali u l-kura fit-tul fi ħdan il-qafas tas-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta aħjar l-impatt soċjali tar-riformi ekonomiċi, b'mod partikolari fil-kuntest ta' popolazzjoni li qed tixjiħ;
52. Jenfasizza l-importanza tal-volontarjat, li ma jistax jittieħed bħala fatta u li għalhekk għandu l-valur soċjali miżjud tiegħu ikkunsidrat u li jippromwovi t-tagħlim interkulturali u s-solidarjetà interġenerazzjonali, irawwem it-tixjiħ attiv u l-parteeipazzjoni ċivika tul il-ħajja kollha, kif ukoll jippermetti li persuni akbar fl-età juru impenn lejn is-soċjetà, biex b'hekk titjeb il-kwalità tal-ħajja, il-benessri u l-istat ġenerali ta' saħħa tagħhom; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' approċċi aktar flessibbli u inklużivi għall-parteeipazzjoni fi programmi ta' volontarjat; jiddeplora, f'dan il-kuntest, il-waqfien tal-programm

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Grundtvig li kien jappoġġja voluntiera akbar fl-età; ifakkar fl-importanza ta' assoċjazzjonijiet Ewropej u netwerks transnazzjonali u korpi pubbliċi u privati li jaħdmu biex irawmu l-integrazzjoni ta' persuni anzjani, li għandhom jingħataw appoġġ partikolari, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tirrikonoxxi l-valur ta' programmi ta' suċċess tal-UE li għaqqu flimkien il-parteċipazzjoni ċivika mal-iskambji tal-UE ta' gruppi li jinvolvu persuni akbar fl-età;

53. Jenfasizza li l-għan ta' politika għall-ġustizzja bejn il-ġenerazzjonijiet għandu jkun li tinholqu l-għodda meħtieġa biex jitmexxa djalogu interġenerazzjonali miftuħ u leali li jwassal għal sitwazzjonijiet ta' benefiċċju għal kulħadd; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu b'mod intensiv fuq din l-għodda sabiex tinholq solidarjetà;

54. Jenfasizza l-importanza ta' intrapriżi soċjali li jgħinu billi jipprovdu servizzi għall-anzjani u jieħdu ħsieb is-saħħa u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà;

55. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0310

Implimentazzjoni tal-White Paper tal-2011 dwar it-Trasport**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-White Paper dwar it-Trasport tal-2011: it-teħid tal-kont u t-triq 'il quddiem lejn mobbiltà sostenibbli (2015/2005(INI))**

(2017/C 316/16)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni “Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b’mod effiċjenti”(COM(2011)0144),
- wara li kkunsidra s-smiġh pubbliku intitolat “White Paper dwar it-Trasport: it-teħid tal-kont u t-triq 'il quddiem lejn mobbiltà sostenibbli” li sar mill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu fis-17 ta' Marzu 2015,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-22 ta' April 2015 intitolat “Pjan direzzjonali għal żona unika Ewropea ta' trasport – progress u sfidi”,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar il-Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b’mod effiċjenti ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2010 dwar futur sostenibbli għat-trasport ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Lulju 2007 bit-titolu Inżommu lill-Ewropa miexja – Il-mobbiltà sostenibbli għall-kontinent tagħna ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2003 dwar il-“White Paper” tal-Kummissjoni “Il-politika Ewropea tat-trasport għall-2010: il-ħin biex niddeċiedu” ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-“White Paper” tal-Kummissjoni “Il-politika Ewropea tat-trasport għall-2010: il-ħin biex niddeċiedu” (COM(2001)0370),
- wara li kkunsidra l-Konferenza dwar il-Klima tal-COP 21 li jmiss li se ssir f'Diċembru 2015 f'Pariġi,
- wara li kkunsidra l-Pakkett dwar l-Unjoni tal-Enerġija u l-Komunikazzjoni tiegħu bit-titolu “Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li Tħares 'il Quddiem” (COM(2015)0080),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014 dwar il-Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030;
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “Strateġija għas-Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa” (COM(2015)0192),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu “Lejn mobbiltà urbana kompetittiva u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi” (COM(2013)0913),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2011 dwar is-sikurezza fit-toroq Ewropej 2011-2020 ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 72.⁽²⁾ ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 13.⁽³⁾ ĠU C 175 E, 10.7.2008, p. 556.⁽⁴⁾ ĠU C 43 E, 19.2.2004, p. 250.⁽⁵⁾ ĠU C 56 E, 26.2.2013, p. 54.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A8-0246/2015),
- A. billi l-White Paper dwar it-Trasport stabbilixxiet aġenda għat-trasformazzjoni tas-sistema tat-trasport Ewropea u l-ħolqien ta' Żona Unika Ewropea tat-Trasport;
- B. billi s-settur tat-trasport jirrappreżenta mutur tal-ekonomija tal-UE, li jimpjega madwar 10 miljun persuna u jammonta għal madwar 5 % tal-PGD, li għandu jibqa' fuq quddiem nett fil-ġenerazzjoni ta' tkabbir ekonomiku u ħolqien ta' xogħol ulterjuri, u jippromwovi l-kompetittività, l-iżvilupp sostenibbli u l-koeżjoni territorjali;
- C. billi t-trasport huwa settur fejn l-Ewropa hija mexxejja dinjija, kemm fil-manifattura u fl-operazzjonijiet tat-trasport, u huwa kruċjali li t-trasport Ewropew ikompli jiżviluppa, jinvesti u jiġġedded b'mod sostenibbli, sabiex tinżamm it-tmexxija teknoloġika tagħha fil-livell dinji, tkompli tesporta l-istandards tagħha madwar id-dinja u żżomm il-pożizzjoni kompetittiva tagħha fil-mezzi kollha tat-trasport f'ekonomija globali dejjem aktar karatterizzata mill-emerġenza ta' atturi ġodda potenti u mudelli ġodda ta' negozju;
- D. billi l-premessi tas-soċjetà tagħna qed jinbidlu bħala riżultat tad-diġitalizzazzjoni, l-urbanizzazzjoni, il-globalizzazzjoni u t-tibdil demografiku, u għandna bżonn bidla fil-paradigmi tal-politika tat-trasport eżistenti li jkunu jistgħu jiffaċċjaw l-isfidi tal-futur;
- E. billi t-trasport huwa fundamentali għall-moviment ħieles ta' persuni, oġġetti u servizzi, li fuqhom jissejjes is-Suq Uniku, u l-moviment liberu huwa kemm mutur b'saħħtu għall-integrazzjoni fi ħdan l-Unjoni kif ukoll fattur kruċjali fil-prestazzjoni tal-industrija Ewropea u l-kummerċ;
- F. billi t-trasport ikompli jkun dipendenti kważi b'mod sħiħ fuq il-fjuwils fossili u huwa l-uniku settur fejn l-emissjonijiet ta' gass serra kibru matul l-aħħar 25 sena, u mingħajr it-tnaqqis ekonomiku riċenti t-tkabbir seta' kien anki akbar;
- G. billi hemm ħtieġa urġenti li tittejjeb l-effiċjenza tal-enerġija u s-sostenibilità tas-sistema tat-trasport u titnaqqas id-dipendenza tagħha fuq iż-żejt u fuq ir-riżorsi tal-enerġija fossili b'mod kosteffiċjenti mingħajr ma tiġi sagrafikata l-kompetittività tagħha u mingħajr trażżin tal-mobilità, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fil-White Paper;
- H. billi bijokarburanti sostenibbli avanzati, b'mod partikolari dawk prodotti minn proċessar ta' skart u residwi konformi mal-ġerarkija tal-ġestjoni tal-iskart ⁽¹⁾, jirrappreżentaw potenzjal mhux sfruttat għat-tnaqqis tad-dipendenza tas-sistema Ewropea tat-trasport fuq iż-żejt u biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' gass serra mis-settur tat-trasport;
- I. billi huwa essenzjali li jiġi żgurat l-iżvilupp b'suċċess tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) fi ħdan il-perjodi ta' żmien maqbula, biex jorbtu b'mod effettiv in-netwerks tat-trasport tar-reġjuni kollha tal-UE, li jgħaqqdu reġjuni ġeografikament periferiċi maċ-ċentru tal-UE, u biex jelimina differenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tal-infrastruttura u tal-manutenzjoni, b'mod partikolari bejn il-Lvant u l-Punent tal-Unjoni;
- J. billi l-investment fl-infrastruttura tat-trasport għandu impatt pożittiv fuq it-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u l-kummerċ, u huwa għaldaqstant meħtieġ li jiġu eliminati l-ostakli li jxekklu l-investment privat fl-infrastruttura tat-trasport;
- K. billi l-infrastruttura tat-trasport ġeneralment tirrikjedi finanzjament fit-tul, u l-livelli ta' investment naqsu f'dawn l-aħħar snin minħabba nuqqas ta' fiduċja fost dawk li jfasslu l-liġi, żviluppaturi ta' proġetti u s-settur finanzjarju;

⁽¹⁾ Kif definit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- L. billi għal ħafna snin kien hemm nuqqas serju ta' investiment fl-infrastruttura tat-trasport pubbliku madwar l-UE, u billi faċilitajiet imtejba għal persuni bil-mixi, għall-anzjani u għall-passiġġieri b'mobilità mnaqqsa huma parti mill-għanijiet tal-Unjoni u jeħtieġu fondi addizzjonali;
- M. billi wieħed mill-oġġettivi ewlenin tal-White Paper għandu jkun li tagħmel lin-nies u d-drittijiet tagħhom bħala passiġġieri l-oġġettiv ċentrali tal-politika tat-trasport;
- N. billi l-innovazzjoni u sistemi tat-trasport intelliġenti għandhom jaqdu rwol ewleni fl-iżvilupp ta' suq modern, effiċjenti, sostenibbli u interoperabbli ta' sistema Ewropea tat-trasport li tkun aċċessibbli għal kulħadd;
- O. billi n-netwerks multimodali u l-integrazzjoni ta' mezzi differenti ta' trasport u servizzi huma potenzjalment ta' benefiċċju għat-titjib tal-konnessjonijiet u l-effiċjenza tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, u b'hekk jgħinu biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-karbonju u emissjonijiet oħrajn li huma ta' ħsara;
- P. billi l-ħolqien ta' Żona Unika Ewropea tat-Trasport ġenwina mhux se tkun possibbli mingħajr l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-UE mill-Istati Membri u, fejn meħtieġ, is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju eżistenti sabiex tiġi żgurata ċarezza ġuridika u infurzar imtejjeb;
- Q. billi jeħtieġ li jiġu eliminati l-ostakli residwi kollha, l-inkompatibilitajiet tekniċi u l-proċeduri amministrattivi ta' piż żejjed li jfixklu l-kisba ta' sistema tat-trasport integrata b'mod sħiħ, u jopponi kwalunkwe miżuri ġodda introdotti mill-Istati Membri li joħolqu ostakli għall-moviment ħieles ta' prodotti u servizzi;
- R. billi ftuħ tas-suq ulterjuri jeħtieġ li jimxi id f'id ma' impjegji ta' kwalità u kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti, livell għoli ta' servizzi u kompetizzjoni ġusta fl-Istati Membri kollha;
- S. billi l-aħħar rapport tal-Kummissjoni dwar is-Sikurezza fit-Toroq fl-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ żvela li l-għadd ta' mwiet fit-toroq tal-Ewropa naqas b'1 % fl-2014, li hija figura ferm baxxa mill-waqgħa ta' 8 % reġistrata fl-2012 u għal darb'oħra fl-2013;

Implimentazzjoni u reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-White Paper

1. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex twettaq rieżami ta' nofs it-terminu tal-White Paper, bl-għan li tivvaluta l-progress miksub u tipproponi azzjonijiet ulterjuri biex tilħaq l-oġġettivi tagħha; jikkunsidra li, filwaqt li għadu kmieni wisq biex jiġi valutat bis-sħiħ l-impatt ta' numru ta' miżuri tal-politika meħuda mill-adozzjoni tal-White Paper, eżerċizzju ta' rendikont huwa meħtieġ biex tinkiseb ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali fl-implimentazzjoni tal-40 inizjattiva u l-131 punt ta' azzjoni elenkati fl-Anness tagħha;
2. Itenni l-appoġġ tiegħu favur il-miri stabbiliti fil-White Paper u l-“Għaxar għanijiet għal sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti: parametri ta' referenza għall-ksib tal-mira ta' tnaqqis ta' 60 % tal-gassijiet serra”; jenfasizza li r-reviżjoni ta' nofs it-terminu għandha għall-inqas iżżomm il-livell ta' ambizzjoni tal-għanijiet stipulati fl-2011 u tipproponi miżuri u inizjattivi konkreti, realistiki u bbażati fuq evidenza biex iżidu, iħaffu u jissimplifikaw l-isforzi biex jilhqhom; jistieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta sa fejn il-lista ta' azzjonijiet imniżżlin fil-White Paper hija biżżejjed biex jinkisbu l-għanijiet ġenerali tagħha, u biex tipproponi miżuri leġiżlattivi addizzjonali;
3. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fil-White Paper f'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-5 ta' Frar 2014 dwar il-qafas għall-politiki għall-klima u l-enerġija ⁽²⁾ għall-2030 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014 dwar il-qafas għall-Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030, u tipproponi miżuri mmirati lejn tnaqqis ulterjuri ta' emissjonijiet mit-trasport, sabiex jgħinu lill-Istati Membri jilhqqu b'mod ġenerali “mira vinkolanti tal-UE ta' tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40 % fl-emissjonijiet tal-gass serra sal-2030 meta mqabbla mal-1990” (“bit-tnaqqis fis-setturi li jaqgħu taħt l-ETS u s-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS li jammonta għal 43 % u 30 % sal-2030 meta mqabbla mal-2005, rispettivament”);

⁽¹⁾ Is-sikurezza fit-toroq fl-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea, Marzu 2015.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0094.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

4. Jenfasizza li l-mira tal-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass serra mit-trasport għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jippermetti l-kisba tal-mira fuq perjodu twil ta' żmien tal-White Paper ta' tnaqqis ta' mill-inqas 60 % fl-emissjonijiet ta' gass serra mit-trasport sal-2050; f'dan il-kuntest jistieden lill-Kummissjoni tipproponi strateġija komprensiva għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport;

Prinċipji ġenerali: bidla modali u komodalità

5. Jenfasizza li l-politika tal-mobilità sostenibbli Ewropea għandha tibni fuq firxa wiesja ta' għodod tal-politika biex tersaq lejn il-mezzi tat-trasport li jniġġsu l-inqas u l-aktar effiċjenti fl-enerġija b'mod kosteffiċjenti; jirrimarka li ċ-ċaqliq tal-bilanċ bejn il-mezzi tat-trasport mhux għan aħħari fih innifsu, iżda huwa neċessarju li jisseparaw il-mobilità mill-effetti avversi tagħha bħall-konġestjoni, it-tniġġis tal-arja, l-istorbju, l-inċidenti u t-tibdil fil-klima; jirrikonoxxi li l-politika ta' bidla modali s'issa ma tatx riżultati sodisfaċenti; jenfasizza, għaldaqstant, li kull mezz ta' trasport għandu jittejjeb u jsir aktar favur l-ambjent, sikur u effiċjenti fl-użu tal-enerġija sabiex jintlaħaq livell għoli ta' mobilità u ta' ħarsien ambjentali;

6. Jinnota li l-iżvilupp tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija huwa dipendenti ħafna fuq l-użu effettiv tal-mezzi differenti tat-trasport, u li l-politika Ewropea tat-trasport għaldaqstant għandha tkun ibbażata fuq il-komodalità effiċjenti, fejn l-użu tal-aktar mezz ta' trasport sostenibbli u effiċjenti fl-użu tal-enerġija għandu jingħata prijorità meta jkun possibbli; jemmen li dan se jwassal għal riallokazzjoni ottimali bejn il-mezzi ta' trasport differenti, u se jipprovi għal interoperabilità fi ħdan u bejn il-mezzi, jippromwovi trasport aktar sostenibbli u ktajjen loġistiċi u jtejjeb il-flussi tat-traffiku bla xkiel fil-mezzi u n-nodi;

Infrastruttura moderna u finanzjament intelliġenti

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti proposti biex tippjana l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni tal-mezzi kollha tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri, permezz tal-applikazzjoni ta' metodoloġija tal-UE komuni, koerenti u trasparenti u filwaqt li tqis l-ispeċifità ta' kull mezz, inkluż analiżi koerenti ta' riperkussjonijiet li jkunu diġà ġew internalizzati sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja; jitlob miżuri konkreti biex jiżgura applikazzjoni aktar estiva tal-prinċipji ta' "l-utent iħallas" u ta' "min iniġġes iħallas", inklużi linji gwida u l-aħjar Prattiki, u biex kundizzjonijiet ekwi jkunu żgurati bejn il-mezzi tat-trasport, jitneħħew sussidji tat-taxxa dannużi għall-ambjent fejn xieraq, filwaqt li tinżamm il-kompetittività tar-reġjuni kollha tal-UE;

8. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipproponi qafas ġenerali għal skemi ta' tariffi stradali nazzjonali għall-karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief, li għandhom ikunu mhux diskriminatorji lejn residenti ta' pajjiżi terzi u tingħata prijorità lil tariffi bbażati fuq id-distanza; jistieden lill-Istati Membri biex jallokaw id-dħul minn tariffi għall-użu tal-infrastruttura għall-bini u l-manutenzjoni ta' infrastruttura tat-trasport sikura u l-mitigazzjoni ta' problemi ambjentali relatati mat-trasport;

9. Jenfasizza li t-tlestija tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport jibqa' wieħed mill-prekundizzjonijiet għal sistema tat-trasport multimodali aktar sostenibbli, effiċjenti u mingħajr xkiel u għal distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-merkanzija u tal-passiġġieri fost il-mezzi tat-trasport; jenfasizza li l-għażla ta' proġetti eliġibbli għal finanzjament tal-UE għandha tiffoka fuq id-disa' kurituri ewlenin tan-netwerk, it-tlestija tal-konnessjonijiet nieqsa, b'mod partikolari taqsimiet transkonfinali, l-eliminazzjoni ta' konġestjonijiet, it-titjib tal-infrastruttura eżistenti, soluzzjonijiet innovattivi tat-trasport, l-interoperabilità, u l-iżvilupp ta' terminals multimodali u nodi urbani; hija għandha wkoll tagħmel aktar enfasi fuq il-valur miżjud Ewropew, fuq l-iżvilupp ta' infrastruttura ta' konnettività ta' reġjuni periferiċi, gżejjer, reġjuni muntanjużi u reġjuni l-aktar imbiegħda, u fuq l-appoġġ għal proġetti li jgħaqqdu n-Netwerk ta' Trasport Trans-Ewropew ma' networks tal-infrastruttura ta' pajjiżi ġirien u kandidati;

10. Iqis li l-finanzjament tal-UE għandu jirrifletti l-ħtiġijiet reali tal-investment għat-tlestija tan-netwerk ewleni TEN-T sal-2030, u li l-istrument tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) u mezz oħra ta' finanzjament għandhom jistimulaw l-investment fl-infrastruttura tat-trasport skont il-kriterji stabbiliti fil-linji gwida dwar it-TEN-T u l-CEF, li jagħti prijorità lil mezz ta' trasport sostenibbli bħall-ferrovija, l-ilmijiet navigabbli interni u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra; jenfasizza li proġetti kofinanzjati għandhom jirriflettu l-ħtieġa għal infrastruttura li tibbenefika lill-Unjoni f'termini ta' kompetittività u koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, li tnaqqas l-impatt fuq l-ambjent, li tkun reżiljenti għall-impatt possibbli tat-tibdil fil-klima u li tigarantixxi s-saħħa u s-sikurezza tal-utenti;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

11. Jitlob żieda drastika fil-fondi allokati għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u għal aktar kompetenzi Ewropej fit-thejjiha, l-implimentazzjoni u l-finanzjament ta' ppjanar u finanzjament tal-infrastruttura tat-trasport transnazzjonali;

12. Jenfasizza li l-kwalità tal-infrastruttura tat-toroq, li għandha impatt dirett fuq is-sikurezza tat-triq, tvarja b'mod sinifikanti madwar l-UE u li aktar minn 90 fil-mija ta' mwiet minħabba inċidenti tat-triq fl-Istati Membri jseħħu fit-toroq urbani u rurali; jenfasizza li finanzjament effiċjenti ta' din it-tip ta' infrastruttura għandu jiġi promoss permezz ta' politiki u strumenti differenti tal-UE, speċjalment fil-pajjiżi ta' koeżjoni; jenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' manutenzjoni xierqa tal-infrastruttura eżistenti, inkluż in-netwerk tat-toroq sekondarji;

13. Jenfasizza li l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (EFSI), propost mill-Kummissjoni bħala parti mill-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa ta' Juncker, għandu jagħti prijorità lit-trasport sostenibbli u lil proġetti ta' infrastruttura li huma ta' importanza vitali li jagħtu valur soċjetali, ekonomiku u ambjentali għoli, u għandu jimmira lejn proġetti li jippromwovu l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja, it-ktabbir fit-terminu twil, il-kompetittività, l-innovazzjoni u l-koeżjoni territorjali, inklużi proġetti urbani sostenibbli u proġetti ferrovjarji, skont l-oġettivi tal-politika tat-trasport tal-UE u l-leġiżlazzjoni (Linji gwida TEN-T u CEF); f'dan il-kuntest, mezzu ġodda ta' finanzjament bħal sħubijiet pubbliċi privati u konċessjonijiet jistħoqqilhom aktar attenzjoni u applikazzjoni; jenfasizza li l-proċess għall-għażla ta' proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-EFSI għandu jkun trasparenti u jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti mis-settur pubbliku u privat;

14. Iqis li l-EFSI għandu jiġi ffinanzjat bħala prijorità minn riżorsi mhux allokati fi ħdan il-baġit tal-UE u biss bħala l-aħħar għażla minn fondi mhux użati ta' programmi taħt l-intestatura 1A tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020; jenfasizza li l-finanzjament tal-fond ta' garanzija għandu jkun rieżaminat fil-qafas tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP tal-2016 u, abbażi tal-analiżi tal-prestazzjoni u rati ta' eżekuzzjoni tal-programmi differenti, l-għażliet alternattivi ta' finanzjament għandhom jiġu identifikati sabiex inaqqsu kemm jista' jkun ir-riallokazzjoni ta' fondi mill-intestatura 1A għall-perjodu 2016-2020; jenfasizza li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jesploraw ukoll modi biex jikkompensaw, sa fejn l-aktar ikun possibbli għal riallokazzjonijiet mill-programmi tal-UE maqbula fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali bħala sors ta' finanzjament għall-EFSI fis-snin preċedenti għar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP;

15. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għal strumenti finanzjarji innovattivi li jippermettu li l-infiq pubbliku jiġi ottimizzat permezz ta' mobilizzazzjoni aħjar ta' finanzjament privat, iżda jfakkar li bosta proġetti fis-settur tat-trasport ma jiġġenerawx biżżejjed dħul biex jibbażaw ruħhom esklużivament fuq dawn it-tipi ta' strument, u għalhekk jeħtieġu appoġġ f'forma ta' sussidji;

16. Jenfasizza li t-tnedija u l-applikazzjoni rapidi ta' sistemi tat-trasport intelliġenti huma meħtieġa biex jippermettu użu aktar effiċjenti, sostenibbli u sikur tal-vetturi u tal-infrastruttura eżistenti u jipprovdu kapaċità addizzjonali mingħajr il-ħin, l-ispiża u t-teħid tal-art meħtieġa għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura ġdida; jenfasizza l-importanza ta' użu effikaċi tal-frekwenzi u l-interoperabilità bejn is-sistemi tat-trasport intelliġenti sabiex isiru possibbli l-flussi tat-traffiku bla ostakli fil-mezzi u l-interkonnessjonijiet differenti; jitlob l-implimentazzjoni f'waqtha tal-fażijiet ta' tnedija u esplotazzjoni tal-Programmi ta' Navigazzjoni Satellitari tal-UE, u l-iżvilupp effettiv tal-applikazzjonijiet tat-trasport fis-sistemi Galileo u EGNOS;

Trasport sostenibbli u mobilità urbana

17. Jenfasizza li t-titjib tal-effiċjenza tal-enerġija għandha tkun waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-politika Ewropea tat-trasport; jiddikjara li hemm ħtieġa akuta li tittejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi tas-sistema tat-trasport b'mod ġenerali, bil-ħsieb li jsir użu aktar effiċjenti mill-kapaċità eżistenti, li ttejjeb ir-rata ta' utilizzazzjoni tal-vetturi u tiżgura li l-finanzjament pubbliku huwa allokati fuq livell nazzjonali u tal-UE għal miżuri bl-aktar impatt għoli;

18. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-elettromobilità u sistemi tat-trasport pubbliku tal-elettriku, flimkien mal-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tal-elettriku, li jagħtu prijorità lil elettrifikazzjoni ulterjuri tan-netwerk ferrovjarju u l-promozzjoni ta' tramvieri, karozzi tal-linja li jaħdmu bl-elettriku (trolleybuses), karozzi elettriċi, mezzi elettriċi b'żewġ/tlieta/erba'-roti, ir-roti elettriċi u dgħajjes żgħar tal-elettriku; jenfasizza l-potenzjal ta' tramvieri moderni tal-ajru (karozzi teleferiċi), bħala mezz tat-trasport irħis u faċli biex jinbena, biex tiġi estiża l-kapaċità tas-sistemi tat-trasport urban pubbliku;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

19. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni tal-introduzzjoni ta' fjuwils alternattivi u sistemi ta' propulsjoni, b'mod partikolari dawk li kumparata magħhom, l-Ewropa għandha vantaġġ teknoloġiku kbir, sabiex titnaqqas id-dipendenza tat-trasport fuq il-fjuwils fossili, ittejjeb il-kwalità tal-arja u tnaqqas l-emissjonijiet tal-gass serra; jiddeplora l-fatt li dawn it-teknoloġiji għadhom ma ġewx suffiċjentement immedija, b'mod partikolari fit-trasport pubbliku;

20. Jinnota li l-użu tat-trasport pubbliku fiż-żoni urbani mhux iddikjarat b'mod ċar fost l-għaxar għanijiet tal-White Paper; jemmen li l-għan il-ġdid għandu jkun li jirdoppja l-użu tat-trasport pubbliku fiż-żoni urbani sal-2030; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jipprovdu għal faċilitajiet u infrastrutturi li jiffaċilitaw il-mobilità bieb bieb bla periklu għal min juża t-trasport pubbliku, inklużi l-anzjani jew persuni b'diżabilità u ċiklisti li jużaw it-trasport pubbliku għal parti tar-rikba tagħhom; jissottolinja li biex jintlaħaq dan l-għan hemm bżonn ta' investiment xieraq, speċjalment sabiex tiġi żgurata manutenzjoni konsistenti u espansjoni tal-infrastruttura għat-trasport pubbliku; ihegġegħ lill-Istati Membri, għaldaqstant, biex jipprovdu, finanzjament xieraq, fit-tul u affidabbli għall-proġetti ta' infrastruttura tat-trasport pubbliku urban;

21. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tgħin lill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali u lill-partijiet ikkonċernati jutilizzaw l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE eżistenti u ġodda għat-trasport pubbliku u jiżviluppaw skemi innovattivi ta' sħubijiet pubbliċi-privati; jiġbed l-attenzjoni għal-lezzjonijiet li għandhom jittieħdu mir-Rapport Speċjali (Nru 1/2014) tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, bl-isem "L-effettività tal-proġetti għat-trasport urban pubbliku appoġġati mill-UE", li vvaluta l-implimentazzjoni u l-effettività ta' proġetti ta' trasport urban pubbliku kofinanzjati mill-fondi strutturali tal-UE u sa liema punt dawn jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-utenti u jilhq u l-oġettivi tagħhom f'termini ta' utilizzazzjoni;

22. Jenfasizza l-importanza ta' Pjanijiet ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (SUMP) bħala għodda biex tgħin il-bliet jagħmlu użu aktar effiċjenti mill-infrastruttura tat-trasport u s-servizzi u jtejbu l-integrazzjoni ta' mezzi differenti ta' mobilità b'mod sostenibbli, biex b'hekk jingħata kontribut għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u tat-tniġġis akustiku, l-emissjonijiet tas-CO₂, il-konġestjoni u l-inċidenti fit-toroq; jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa l-iżvilupp u l-promozzjoni tal-SUMPs; jenfasizza li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għandhom jintużaw b'mod aktar sistematiku għall-bliet li żviluppaw pjan integrat ta' trasport lokali, bħal SUMP, u identifkaw l-azzjonijiet xierqa skont il-kriterji stabbiliti fil-leġislazzjoni rilevanti;

23. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem flimkien mal-operaturi tat-trasport pubbliku u mal-awtoritajiet sabiex jipprovdu lill-utenti informazzjoni dwar il-vjaġġi permezz ta' mezzi differenti, inkluża informazzjoni dwar il-ħtiġijiet ta' persuni b'diżabilità, u biex taqdi rwol akbar sabiex jiġu identifikati l-aħjar Prattiki madwar l-UE u jiġu stabbiliti kundizzjonijiet għat-titjib tas-sistemi tat-trasport pubbliku urban; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iħarsu l-obbligu għal sistemi ta' trasport urban li jgħaqqdu ċentri ta' bliet maż-żoni periferiċi tagħhom;

24. Jenfasizza li ż-żoni urbani jeħtieġu ċertu livell ta' flessibilità biex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-UE b'rispett sħiħ tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u biex jiġi żgurati li soluzzjonijiet ta' mobilità huma adattati għaċ-ċirkostanzi speċifiċi tagħhom;

25. Jenfasizza li l-imġiba tal-utenti tat-trasport hija essenzjali għall-iżvilupp ta' sistema tat-trasport aktar sostenibbli; jitlob li jkun hemm inizjattivi li jimmotivaw u jippermettu lill-utenti, speċjalment liż-żgħażaġh, biex jużaw mezzi tat-trasport aktar sikuri u aktar sostenibbli (il-mixi, iċ-ċikliżmu, inkluż bike sharing u kiri tar-roti, it-trasport pubbliku, ċar sharing, ċar pooling), li għandhom ikunu immedija f'infrastruttura sikura, u għall-ippjanar ta' vjaġġ u informazzjoni f'ħin reali li għandha tkun disponibbli sabiex tiffaċilita l-użu intermodali ta' mezzi differenti ta' trasport permezz ta' Sistemi tat-Trasport Intelliġenti; jistieden lill-Kummissjoni biex tidentifika eżempji tal-aħjar Prattika li jikkombinaw diversi mezzi ta' trasport bil-potenzjal li jiġu implimentati f'agglomerazzjonijiet urbani;

26. Jenfasizza l-ħtieġa għal data aħjar tat-trasport nazzjonali u tal-UE dwar l-imġiba tal-utenti tat-trasport, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-mixi, iċ-ċikliżmu u x-xejriet ta' ivvjaġġar differenzjati skont il-ġeneru, li għandha tintuża mill-awtoritajiet lokali fid-definizzjoni tal-politiki ta' mobilità urbana tagħhom;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

27. Jenfasizza l-importanza li jittieħdu passi biex jiġu appoġġati programmi reġjonali għall-ħolqien u l-espansjoni ta' netwerks taċ-ċikliżmu f'bosta reġjuni Ewropej, sabiex iċ-ċittadini jitħeġġu jieħdu aktar responsabilità fi kwistjonijiet ambjentali, li kulħadd jingħata l-opportunità li juża r-roti, u li jitnaqqas it-tniġġis akustiku, il-konġestjoni u t-tniġġis urban;
28. Jenfasizza l-importanza li jiġu analizzati l-effetti pożittivi fuq is-soċjetà ta' forum ġodda ta' mobilità appoġġati mill-mudell ta' Ekonomija Kollaborattiva, inkluż ride-sharing; iqis li huwa importanti li jkun hemm skambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri sabiex isir aġġustament regolatorju sabiex jittieħed kont ta' dawn il-pjattaformi innovattivi ta' mobilità bieb bieb;
29. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja s-sitwazzjoni fi Stati Membri differenti fir-rigward tal-operat ta' kumpaniji tan-network tat-trasport li jqabblu s-sewwieqa mal-passiġġieri (bl-aktar eżempju prominenti jkun l-Uber), u biex twettaq valutazzjoni tal-konsegwenzi legali, soċjali u ekonomiċi li jirriżultaw mill-operat ta' tali kumpaniji, akkumpanjata, jekk xieraq, minn miżuri jew rakkomandazzjonijiet rilevanti għall-iżvilupp ta' servizzi ġodda fl-Ewropa, filwaqt li jittieħed kont tas-servizzi eżistenti tat-taksi;
30. Jistieden lill-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri jipprovdu kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta bejn kumpaniji ta' trasport kondiviżi, taxxis tradizzjonali u kumpaniji tat-trasport bejn belt u oħra fir-rigward ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tat-taxxa, is-sikurezza, l-obbligi tas-servizz pubbliku u l-kundizzjonijiet tal-impjieg;
31. Jenfasizza li mezzi tat-trasport b'żewġ roti li jaħdmu b'mutur (muturi, skuters u ċiklomuturi) u, dejjem aktar, mezzi tat-trasport b'żewġ jew tliet roti li jaħdmu bl-elettriku, għandhom rwol importanti fil-mobilità sostenibbli, speċjalment f'żoni urbani fejn jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-problemi ta' konġestjoni u ta' parkeġġ kif ukoll jipprovdu soluzzjoni għal loġistika żgħira; jinsisti għaldaqstant li d-disinn speċifiku u l-benefiċċji afferenti ta' dawn il-vetturi għandhom jiġu meħuda inkonsiderazzjoni b'mod adegwat u jiġu riflessi fil-leġiżlazzjoni u fil-linji gwida tal-UE dwar it-trasport;
32. Jitlob li jkun hemm użu aħjar tal-katina tal-provvista f'żoni urbani; il-vetturi tal-merkanzija urbana jikkontribwixxu b'mod sproporzjonat għat-tniġġis tal-arja u għat-tniġġis akustiku u jkollhom impatt negattiv fuq il-konġestjoni; il-loġistika urbana għandha trawwem it-titjib tat-trasport u l-introduzzjoni kosteffettiva ta' tipi ġodda ta' operazzjonijiet, teknoloġiji u mudelli ta' negozju; għażla aħjar ta' mezzi u vetturi tista' tiżgura li soluzzjoni tat-trasport titqabbel bl-aħjar mod marrekwiżiti speċifiċi tal-vjeġġ u l-belt in kwistjoni;
33. Jenfasizza l-importanza tad-depożiti tal-loġistika li jinsabu fit-tarf ta' żoni urbani, li tippermetti li l-oġġetti jkunu trasportati lejn id-destinazzjoni tagħhom, b'mod koordinat, bl-użu tal-aktar mezzi tat-trasport effiċjenti fl-użu tal-enerġija;

It-tqegħid tan-nies fil-qalba tal-politika tat-trasport

34. Jitlob, fir-rigward tas-sikurezza fit-toroq, għal:
- l-adozzjoni rapida tal-mira għall-2020 ta' tnaqqis ta' 40 % fin-numru ta' nies li jkorru serjament, akkumpanjat minn strateġija tal-UE kompleta; jistieden lill-Istati Membri jiprovdu mingħajr dewmien id-data statistika rilevanti kollha sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi din il-mira u l-istrateġija,
 - tisħiħ ta' azzjonijiet bl-għan li jitnaqqas in-numru ta' mwiet u korrimenti fit-toroq, b'attenzjoni partikolari għall-kawżi ewlenin, inkluż sewqan taħt l-influenza tal-alkoħol u d-drogi, veloċità eċċessiva, u n-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza,
 - azzjoni biex tinkiseb il-mira tal-2020 għas-sikurezza fit-toroq ta' inqas minn 15 000 fatalità, permezz tal-introduzzjoni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sikurezza fit-triq kosteffikaċi fuq livell tal-UE u nazzjonali,
 - azzjonijiet biex jitnaqqsu l-inċidenti fost l-utenti vulnerabbli, b'mod partikolari l-utenti ta' vetturi b'żewġ roti, il-persuni mixjin fit-triq f'ambjenti urbani u sewwieqa anzjani,
 - miżuri dwar is-sikurezza fit-toroq fi ħdan il-Pakkett tat-Triq u r-rieżami ta' nofs it-terminu dwar il-Programm tal-Kummissjoni għas-Sikurezza fit-Toroq 2011-2020,

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- rieżami tad-Direttiva (UE) 2015/413 li tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni transkonfinali dwar il-kontravvenzjonijiet tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq, u l-isforzi biex tiġi estiża l-applikazzjoni tagħha fil-pajjiżi ġirien tal-UE,
- l-estensjoni, fi ħdan ir-reviżjoni tad-Direttiva 2008/96/KE dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq, tal-erba' miżuri prinċipali għal partijiet oħra tan-netwerk tat-toroq, inklużi l-partijiet kollha tal-awtostradi u t-toroq rurali u urbani,
- azzjonijiet biex jiġu prijoritizzati, kif issuġġerit mill-Pjan ta' Azzjoni u definit permezz tad-Direttiva Sistemi tat-Trasport Intelliġenti (ITS) (2010/40/UE), fir-rigward ta' utenti vulnerabbli tat-triq,
- rieżami tad-Direttiva dwar it-Taħriġ u l-Kwalifika ta' Sewwieqa Professjonali bl-għan li jiċċaraw id-dispożizzjonijiet tagħha, u l-promozzjoni u l-iżvilupp ta' skemi ta' taħriġ wara li tingħata l-liċenzja għall-utenti tal-vetturi kollha,
- proposta sal-2016 biex tirrevedi r-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali ((KE) Nru 661/2009) u r-Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Mexjin ((KE) Nru 78/2009) sabiex tistabbilixxi regoli mandatorji għad-disinn tal-kabina u s-sikurezza, il-viżjoni diretta, il-prestazzjoni f'każ ta' ħabta u l-ħarsien ta' persuni mexjin, tipprijoritizza lill-utenti vulnerabbli tat-toroq għall-vetturi tqal tal-merkanzija (HGVs),
- applikazzjoni akbar f'karozzi ġodda tal-passiġġieri u fil-vetturi kummerċjali ta' sistemi ta' sikurezza ta' assistenza għas-sewwieq bħal brejkjar awtomatizzat ta' emerġenza (AEA), twissija mill-bogħod, indikazzjoni ta' ħruġ mil-lejn (LDW), indikaturi tat-tekil tat-tajers, adattament tal-veloċità intelliġenti li jista' jingħeleb (ISA) u l-eCall, flimkien ma' sistemi tat-trasport intelliġenti u kooperattivi,
- rieżami tat-tielet Direttiva tal-Liċenzja tas-Sewqan, sabiex tintroduċi:
 - taħriġ obligatorju għas-sewwieqa tal-funzjonijiet ġodda tal-vetturi (sistemi ta' assistenza għas-sewwieq),
 - it-tieni fażi biex tinkiseb liċenzja tas-sewqan,
 - edukazzjoni dwar is-sikurezza fit-toroq tul il-ħajja,
 - test tal-idoneità tas-sewwieqa, u
 - test mediku-psikoloġiku għal dawk li jiksru r-regolamenti tat-traffiku fir-rigward, pereżempju, tal-alkoħol, id-drogi jew l-aggressjoni,
 - konċentrazzjoni ta' alkoħol fid-demem tal-UE armonizzata għal limitu ta' 0,0 għal sewwieqa ġodda matul l-ewwel sentejn u għal sewwieqa professjonali;

35. Jenfasizza li għalkemm sar titjib sinifikanti fis-sikurezza tat-toroq matul dawn l-aħħar snin, id-differenzi bejn l-Istati Membri għadhom jippersistu u hemm bżonn ta' miżuri ulterjuri biex jinkiseb l-oġettiv tal-Viżjoni Żero; jinnota li s-sikurezza fit-toroq timxi id fid ma' aġir rispettuż tal-utenti kollha tat-toroq, u li l-edukazzjoni fil-familji u l-iskejjel għandu jkollha rwol akbar fil-ksib ta' dan l-oġettiv;

36. Jenfasizza l-ħtieġa għal tlestija tal-qafas leġiżlattiv stabbilit għad-drittijiet tal-passiġġieri b'miżuri li għandhom l-għan li jeliminaw il-lakuni possibbli kollha fil-leġiżlazzjoni, li jkopru passiġġieri fi vjaġġi multimodali u li jiżguraw kompetizzjoni intermodali ġusta, filwaqt li jqisu d-differenzi speċifiċi bejn il-mezzi tat-trasport, ir-responsabilità legali għal taqsimiet individwali tal-vjaġġ u l-interazzjoni bejn il-mezzi differenti; itenni t-talba tiegħu għall-Karta tad-Drittijiet tal-Passiġġieri li tistabbilixxi d-drittijiet fundamentali tal-passiġġieri applikabbli għall-mezzi kollha tat-trasport, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet ta' kull mezz tat-trasport u li fihom taqsima separata dwar vjaġġi multimodali, sabiex tittejjeb il-viżibilità tar-

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

regoli tal-UE u jiġi żgurati infurzar aħjar; jitlob li jkun hemm inizjattivi li jippromwovu u jagħmlu disponibbli għall-passiġġieri informazzjoni dwar servizzi tal-ivvjaġġar multimodali, tal-ippjanar u ħruġ ta' biljetti; jitlob ukoll, miżuri li jtejbu l-kwalità tat-trasport u li jiffaċilitaw l-aċċessibilità mingħajr ostakli għall-anzjani, għall-passiġġieri b'mobilità mnaqqsa u passiġġieri b'diżabilità u li tingħata aktar attenzjoni lill-bżonnijiet speċjali tal-passiġġieri, bħal dawk taċ-ċiklisti li jgħorru r-roti tagħhom fuq il-ferroviji;

37. Jistieden, b'rabta mad-dritt fundamentali ta' kull persuna għall-mobilità individwali, speċjalment persuni b'diżabilità u l-anzjani, għal aktar investiment fir-riċerka u l-iżvilupp ta' sistemi ta' assistenza tas-sewwieq xierqa;

38. Jinnota li t-titjib tad-disponibilità ta' broadband b'xejn jew irħis, netwerks ċellulari, Wi-Fi u servizzi diġitali oħra fuq it-trasport pubbliku u fl-istazzjonijiet ittejjeb il-mobilità personali;

39. Jitlob Pjan Direzzjonali tal-UE bl-għan li jiġi stabbilit il-qafas għal sistema Ewropea tat-trasport multimodali tal-passiġġieri mingħajr xkiel; Dan il-Pjan Direzzjonali għandu jidentifika il-kurituri multimodali Ewropej tal-passiġġieri fil-qafas tan-netwerk TEN-T, jiġbru flimkien riżorsi pubbliċi u privati, jallinjaw inizjattivi eżistenti u jikkonċentraw l-appoġġ finanzjarju mill-UE;

40. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-kwalità tax-xogħol fil-mezzi kollha tat-trasport, partikolarment fir-rigward tat-taħriġ, iċ-ċertifikazzjoni, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-iżvilupp tal-karriera, bil-ħsieb li jinħolqu impjiegi ta' kwalità, l-iżvilupp tal-ħiliet neċessarji u t-tisħiħ tal-kompetittività u l-mobilità tal-operaturi tat-trasport fl-UE; jenfasizza l-importanza ta' soluzzjoni għall-kwistjoni tal-fatturat tax-xogħol u ta' ħaddiema li qed jixxjeh fis-settur tat-trasport, u l-ħtieġa urġenti biex ix-xogħol fis-settur jinghamel/isir attraenti għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda;

41. Jenfasizza l-importanza kruċjali li jkunu żgurati trattament ugwali u ġust, termini u kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u ambjent tax-xogħol sikur għall-ħaddiema fil-qasam tat-trasport; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tippreżenta miżuri/inizjattivi konkreti u immedjati biex jindirizzaw l-aspetti soċjali tal-mezzi differenti tat-trasport, bl-għan li jippromwovu impjiegi u kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità għolja għall-ħaddiema tat-trasport u li jiżguraw kompetizzjoni ġusta u mhux distorta bejn l-operaturi tat-trasport; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib l-applikazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni soċjali tal-UE mill-Istati Membri fil-mezzi kollha tat-trasport;

42. Jenfasizza li jinħtieġu miżuri biex tingħata spinta qawwija lill-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol tat-trasport, jitnehew l-ostakli eżistenti, u jiżguraw trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet eżistenti fir-rimunerazzjoni u fl-avvanz;

43. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-proposti dwar il-ftuħ tas-swieq tas-servizzi tat-trasport kollha jimxu id f'id ma' infurzar xieraq tal-leġiżlazzjoni soċjali tal-UE u, fejn meħtieġ, b'miżuri ta' appoġġ sabiex jiġu evitati d-differenzi bejn il-kundizzjonijiet soċjali fl-Istati Membri differenti; jenfasizza li l-ftuħ tas-swieq tat-trasport m'għandux iwassal għal dumping soċjali, servizzi ta' kwalità inferjuri, servizz pubbliku mnaqqas, piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa, Prattiki kummerċjali inġusti jew tgħawwiġ tal-kompetizzjoni ġusta; għandu, wkoll, itemm il-frammentazzjoni tas-suq intern u jevita l-ħolqien ta' monopolji jew il-ġirja lejn l-aktar livell baxx rigward il-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport;

Sistema tat-trasport kompetittiva, effiċjenti, sikura, integrata u interoperabbli

44. Jenfasizza li d-diġitalizzazzjoni hija vitali biex ittejjeb l-effiċjenza u l-produttività tas-settur tat-trasport; jenfasizza l-ħtieġa li jsir użu aħjar mill-opportunitajiet offruti mit-teknoloġiji diġitali, u biex tippromwovi servizzi tat-trasport ġodda, kif ukoll mudelli ta' negozju u distribuzzjoni ġodda, sabiex jitravmu t-tkabbir, il-kompetittività u l-impjiegi; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jiġi pprovdut qafas regolatorju li jippermetti proġetti pilota mmirati lejn it-tneġġa ta' trasport awtomatizzat intelliġenti fl-Ewropa; jinnota f'dan ir-rigward l-irwol ewlieni tal-SMEs u n-negozji li jkunu għadhom jibdedw fit-trawwim tal-innovazzjoni fis-settur tat-trasport;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

45. Jistieden lill-Kummissjoni biex tpoġġi l-approċċ integrat (l-interoperabilità, l-interkonnnettività u l-intermodalità), inklużi sistemi tal-ICT, fil-qalba tar-rieżami tal-White Paper; ifakkar lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tgħaqqad l-avvanzi teknoloġiċi ma' bidla fl-imġiba sabiex tinkiseb bidla modali ambizzjuża, kif ukoll l-evitar tat-trasport permezz tal-loġistika ekoloġika, għodod xierqa tal-ġestjoni tal-mobilità u l-applikazzjoni tad-diġitalizzazzjoni;

46. Jenfasizza li politika Ewropea dwar il-mobilità sostenibbli għandha tħares lejn sinerġiji bejn il-mezzi, kurituri u netwerks kollha tat-trasport, u tiffoka fuq il-ħtiġijiet ta' nodi ewlenin, żoni urbani, punti ta' interkonnnettività, pjattaformi tat-trasbord u portijiet; il-mobilità għandha tiġi kkunsidrata bħala sistema aktar milli bħala kollezzjoni ta' mezzi individwali;

47. Jitlob għal standardizzazzjoni ta' unitajiet ta' tagħbija intermodali, li jieħdu in kunsiderazzjoni l-unitajiet ta' tagħbija użati fit-trasport globali u d-dimensjonijiet tal-vetturi tat-trasport, u għal dispożizzjonijiet uniformi dwar tagħbija, sabiex jottimizaw it-trasport multimodali u titjeb is-sikurezza;

48. Jinsisti li għandhom jitnaqqsu l-ostakli burokratiċi għall-forom kollha ta' trasport; jitlob simplifikazzjoni u armonizzazzjoni akbar ta' dokumenti u proċeduri amministrattivi u doganali, li għandhom ikunu prattiki, effiċjenti u fattibbli għall-partijiet kollha tul il-katina loġistika; jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għall-istabbiliment ta' qafas elettroniku għat-trasport multimodali tal-merkanzija (trasport elettroniku tal-merkanzija), mingħajr l-użu ta' karti, bi flussi ta' informazzjoni bla xkiel tul il-katina loġistika sħiħa, b'kont meħud tal-għodod u s-sinerġiji eżistenti li jiffunzjonaw tajjeb, l-iżviluppi globali u l-aħjar prattiki;

49. Jitlob l-introduzzjoni ta' għan ġdid, akkumpanjat mill-miżuri neċessarji, ta' trasferiment ta' 50 % tat-trasport ta' merkanzija perikoluża attwali fi ħdan l-UE lejn mezzi ta' trasport aktar sostenibbli bħat-trasport bil-ferrovija u l-passaġġi tal-ilma interni sal-2030 f'konformità sħiħa mad-Direttiva 2008/68/KE dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi;

50. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissimplifika r-regoli għat-trasport intermodali tal-oġġetti perikolużi biex tiġi żgurata l-interoperabilità bejn il-mezzi differenti;

51. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jesploraw il-potenzjal u jappoġġaw it-tnedija tat-trasport tal-merkanzija tat-tubu u loġistika ċikliċi/taċ-ċikliżmu? bħala kunċetti promettenti għal sistema tat-trasport sostenibbli;

52. Jenfasizza r-rwol ewlieni tas-settur tat-trasport fl-iżvilupp tat-turiżmu, b'mod partikolari f'dawk ir-reġjuni tal-Unjoni li huma aktar remoti u li attwalment għandhom aċċess diffiċli ħafna;

53. Jenfasizza li ċentri Ewropej jgħaqqdu l-Ewropa mal-bqija tad-dinja u li l-Ewropa tehtiegħ iżżomm il-kollegament dirett tagħha mal-partijiet kollha tad-dinja, billi tippovdi titjiriet diretti minn trasportaturi Ewropej miċ-ċentri tagħhom għal destinazzjonijiet internazzjonali u ż-żamma tal-impjiegi u t-tkabbir fis-settur Ewropew tal-avjazzjoni; jenfasizza li t-titjiriet fl-UE mhux biss jipprovdu l-mobilità fis-suq intern iżda wkoll għandhom rwol vitali bħala titjiriet li jwasslu lill-passiġġieri fl-ajruporti ċentrali (feeder) biex iżommu konnnettività f'dawk l-ajruporti ċentrali tal-UE; il-politika tal-UE trid tiżgura netwerk li twassal lill-passiġġieri fl-ajruporti ċentrali li tkun effiċjenti u kompetittiva biex jissaħħu ċ-ċentri Ewropej billi jitnaqqsu l-ispejjeż globalment għal livelli kompetittivi u tiżgura kompetizzjoni ġusta ma' trasportaturi minn pajjiżi terzi; l-Istati Membri tal-UE għandhom bżonn ta' politika komuni u koerenti sabiex ma jtilfux aktar konnnettività diretta bejn l-Ewropa, l-Asja u l-Afrika lejn ċentri fil-Golf u t-Turkija; jitlob lill-Kummissjoni, għaldaqstant, timplimenta dawn l-għanijiet f'kull leġislazzjoni tal-UE dwar l-avjazzjoni u tapplikahom f'negozjati ma' pajjiżi terzi;

54. Jitlob li jkun hemm politika ta' rikerka u teknoloġija mtejba bl-għan ta' promozzjoni tal-innovazzjoni fis-settur tat-trasport; iqis li din il-politika, li għandha tkun akkumpanjata minn miżuri xierqa ta' finanzjament, għandha titfassal f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi ċ-ċittadini u r-rappreżentanti tal-utenti, sabiex jiġu mifhuma l-ħtiġijiet tas-settur u, għaldaqstant, tittejjeb l-allokkazzjoni tal-finanzjament tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-programm Orizzont 2020; huwa tal-fehma li għandha tingħata prijorità lill-proġetti b'valur miżjud Ewropew ċar li jimmiraw lejn id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u l-promozzjoni ta' mezzi ta' trasport li huma effiċjenti fl-enerġija (inklużi l-mixi u l-użu tar-roti), tiżdied l-effiċjenza u t-trasparenza tal-katina tal-provvista, titjeb l-aċċessibilità, is-sikurezza u s-

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

sigurtà tat-trasport, titjeb il-ġestjoni tat-traffiku u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi; huwa tal-fehma li għandha tingħata attenzjoni partikolari wkoll għal teknoloġiji li jfixklu l-qasam tat-trasport, pereżempju fil-forma ta' vetturi awtomatizzati jew ikkontrollati mill-bogħod bħal inġenji tal-ajru mingħajr ekwipaġġ u vetturi mingħajr sewwieqa;

55. Jitlob l-istess livell ta' sforz fil-qasam tal-edukazzjoni biex jitħeġġeġ il-ħolqien ta' studji u proċessi ta' taħriġ ġodda u, b'mod partikolari fuq livelli professjonali u ogħla, jiffoka fuq ħiliet u professjonijiet ġodda li se joħorġu bħala riżultat ta' mobilità intelliġenti;

56. Jenfasizza l-importanza tal-appoġġ ta' programmi ta' qafas tal-UE għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni sabiex jinkisbu fjuwils aktar nodfa u grad għoli ta' avvanz teknoloġiku, pereżempju fir-rigward ta' bijokarburanti raffinati;

57. Jitlob fi ħdan il-qafas tal-programm REFIT u matul il-valutazzjoni sussegwenti tal-leġiżlazzjoni Ewropea għal rieżami ġenerali ta' liċenzja tas-sewqan Ewropea u kundizzjonijiet ta' sikurezza u rekwiżiti ta' rappurtar relatati mat-trasport bil-ħsieb li jinkiseb tnaqqis sostanzjali fil-piżijiet amministrattivi;

58. Jirrikonoxxi l-importanza ta' frekwenzi tar-radju mingħajr interferenza, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-infurzar tal-ħin tas-sewqan u l-perjodi ta' serħan tal-ħaddiema tat-trasport bit-triq u t-tnedija ta' sistemi ta' trasport intelliġenti; jistieden lill-Kummissjoni biex toħloq, fejn meħtieġ, il-qafas regolatorju rilevanti;

Id-dimensjoni globali tat-trasport

59. Jenfasizza li l-ħolqien ta' żona Ewropea tat-trasport hija prijorità importanti li tiddependi ħafna fuq l-aċċettazzjoni internazzjonali fil-qafas ta' ftehimiet negozjati globalment mal-imsieħba tal-kummerċ għall-mezzi kollha tat-trasport, b'mod partikolari f'konnessjoni mat-trasport bl-ajru u bil-baħar, u li l-UE għandu jkollha rwol dejjem aktar formattiv fl-entitajiet internazzjonali rilevanti;

60. Huwa tal-fehma li l-UE għandha żżomm ir-rwol prinċipali tagħha fl-isforzi globali biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-trasport fil-qafas tal-Konferenza dwar il-Klima ta' Pariġi tal-2015 (COP21) billi tipprommwovi fil-livell globali d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u l-iżvilupp ta' mezzi tat-trasport sostenibbli u għaldaqstant tikkontribwixxi biex tintlaħaq il-mira miftieħma internazzjonalment li t-tisħin globali jinżamm taħt iż-2 °C;

61. Jitlob approċċ aktar integrat bejn l-Istati Membri dwar il-possibilità li jiġi applikat il-prinċipju tar-riċiproċità fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi u għal eżami fi ħdan il-politika ta' finanzjament tal-UE, għat-trasport dwar jekk finanzjament addizzjonali minn pajjiżi terzi huwiex xieraq;

62. Jenfasizza li l-esplojtazzjoni ta' riżorsi internazzjonali għall-iżvilupp ta' sistema tat-trasport tagħna (żejt, litju, metalli prezjużi, bijokarburanti) għandha tirrispetta l-interessi leġittimi tal-persuni li jgħixu fiż-żoni minn fejn dawn ir-riżorsi huma nnegozjati u importati;

Integrazzjoni tal-mezzi kollha tat-trasport fi ħdan il-viżjoni ta' sistema tat-trasport aktar effiċjenti, sostenibbli, kompetittiva, aċċessibbli u faċli biex tintuża mill-utent u miċ-ċittadin

63. Jitlob, fir-rigward tat-trasport bl-ajru:

— l-indirizzar tal-isfidi ewlenin għall-kompetizzjoni fis-settur tal-ajru Ewropew ikkawżat mit-tnaqqis ta' konnettività diretta bejn l-Ewropa u l-bqija tad-dinja, kapacià tal-ajruporti limitata fid-dawl ta' żieda futura fit-traffiku tal-ajru, u t-twessigħ tal-firxa tas-servizzi tal-ajru provduti minn kumpaniji li mhumiex tal-UE,

— li ssir reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 868/2004 għas-salvagwardja tal-kompetizzjoni ġusta fir-relazzjonijiet esterni tal-avjazzjoni tal-UE u tisħiħ tal-pożizzjoni kompetittiva tal-industrija tal-avjazzjoni tal-UE, l-iżgurar tar-riċiproċità u l-eliminazzjoni ta' prattiki inġusti, inklużi sussidji li jfixklu s-suq,

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- Djalogu tal-Avjazzjoni mal-Istati tal-Golf u mat-Turkija bil-ħsieb li tizzied it-trasparenza finanzjarja u tiġi salvagwardjata l-kompetizzjoni ġusta; l-inklużjoni tal-'klawsoli tal-kompetizzjoni ġusta' fil-ftehimiet tat-trasport tal-ajru, dispożizzjonijiet dettaljati fuq is-sussidji, prattiki u kompetizzjoni inġusti, u mezz effiċjenti ta' azzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet,
- it-tħaffif tal-proċess għall-konklużjoni, fejn meħtieġ, ta' ftehimiet ġodda dwar l-avjazzjoni ma' sħab kummerċjali ewlenin tal-UE bħall-pajjiżi ġirien, BRICS, pajjiżi tal-ASEAN u l-Messiku, inklużi dispożizzjonijiet għal aċċess imtejjeb għas-suq għas-servizzi tal-merkanzija bl-ajru,
- rieżami tal-politiki fiskali u regulatorji tal-UE u tal-Istati Membri biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-avjazzjoni u tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta ma' linji tal-ajru minn pajjiżi terzi; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex tirrieżamina u telimina kwalunkwe dispożizzjonijiet unilaterali tal-UE li joħlqu distorsjoni tal-kompetizzjoni u biex thegġegħ lill-Istati Membri biex jaġixxu kif xieraq fir-rigward ta' dispożizzjonijiet nazzjonali simili,
- tlestija tas-suq intern tal-avjazzjoni billi jitneħħew l-ostakli introdotti mill-Istati Membri għat-trasportaturi tal-UE li jixtiequ joperaw mill-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tagħhom lejn pajjiż terz permezz ta' Stat Membru ieħor,
- żvilupp koerenti u effettiv ta' netwerk ta' ajruporti tal-UE, li għandu jinkludi, l-ewwel nett, l-ajruporti ewlenin ('hubs') u, it-tieni nett, netwerk moqdi tajjeb, vijabbli u appoġġat ta' ajruporti lokali, provinċjali u reġjonali, li huma essenzjali għat-ktabbir u l-iżvilupp tat-territorji kkonċernati, b'mod partikolari żoni mbiegħda u r-reġjuni l-aktar imbiegħda, li spiss huma aċċessibbli biss permezz tat-trasport bl-ajru; it-tfassil ta' qafas leġiżlattiv għall-iżvilupp u l-massimizzazzjoni tal-potenzjal mhux sfruttat ta' ajruporti reġjonali u ta' infrastruttura ġdida f'ajruporti ffullati,
- approvazzjoni ta' proġetti finanzjati mill-UE li huma parti min-netwerk ewlieni TEN-T bħala prijorità,
- tħejjija bir-reqqa u adożzjoni rapida ta' Pakkett tal-Avjazzjoni komprensiv, inkluż: qafas regulatorju ġdid dwar l-inġenji tal-ajru ċivili mingħajr ekwipaġġ li jiżgura s-sikurezza, is-sigurtà u d-drittijiet fundamentali filwaqt li jitravwem il-potenzjal ekonomiku tal-inġenji tal-ajru ċivili mingħajr ekwipaġġ li joffri lin-negozji Ewropej, b'mod partikolari lill-SMEs u n-negozji l-ġodda; ir-reviżjoni tar-Regolament dwar l-EASA biex tikkjarifika r-rwol tagħha vis-à-vis l-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni u ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha biex tissorvelja s-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Istati Membri kollha, inklużi reġjuni remoti, u l-promozzjoni ta' regoli u standards tal-UE globalment,
- l-azzjonijiet kollha meħtieġa mill-Istati Membri biex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew, permezz tal-adożzjoni tal-pakkett SES2+, l-implimentazzjoni sħiħa u t-tħaddim ta' blokko ta' spazju tal-ajru funzjonali (FABs) u t-tnedija tas-sistema futura ta' ġestjoni tat-traffiku bl-ajru (SESAR), sabiex isseħħ deframmentazzjoni tal-ispace tal-ajru tal-UE bil-għan li jitnaqqas id-dewmien tat-titjiriet, tittejjeb is-sikurezza u jitnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport bl-ajru,
- adożzjoni rapida mill-Kunsill tal-pożizzjoni tiegħu dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 u r-Regolament (KE) Nru 2027/97 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru, u r-Regolament (KE) Nru 95/93 dwar l-allokazzjoni ta' slots,
- it-titjib tan-negozjati fi ħdan l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) dwar l-iżvilupp ta' mekkaniżmu bbażat fuq is-suq globali li jindirizza l-emissjonijiet internazzjonali tal-avjazzjoni,
- l-introduzzjoni ta' kriterji internazzjonali ta' sostenibilità tal-fjuwil tal-avjazzjoni rinnovabbli,

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- appoġġ għal riċerka u żvilupp fl-ajrunawtika permezz tal-programmi Orizzont 2020 u Clean Sky, sabiex jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda u aktar nodfa li jirriżultaw f'ingeni tal-ajru inqas storbjużi u aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, għal promozzjoni ta' tipi ġodda ta' ingeni tal-ajru, bħal ingeni tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, u biex jinħoloq tkabbir u impjegji fl-industrija tal-avjazzjoni Ewropea,
- rieżami bir-reqqa mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri tal-istrateġija u l-politiki tagħhom dwar is-sikurezza u s-sigurtà tal-avjazzjoni bil-ħsieb li jimxu gradwalment lejn approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-benefiċċju tal-passiġġieri,
- it-titjib tal-prestazzjoni tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-UE kollha fil-qasam tal-manifattura tal-ingeni tal-ajru, it-taħriġ u l-liċenzjar tal-ekwipaġġ, l-operazzjonijiet ta' titjir, il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru,
- valutazzjoni tal-possibilità ta' miżuri ta' sikurezza meħtieġa biex jiġu evitati inċidenti tal-ajru bħal dak tat-Titjira 9525 tal-Germanwings fl-Alpi li seħħ f'Marzu 2015,
- proposta tal-Kummissjoni inklużi miżuri biex tittejjeb is-sikurezza u r-regoli soċjali, partikolarment il-ħin ta' titjir u ta' mistrieħ, sabiex tiġi evitata l-għeja u tittejjeb il-kwalità tal-arja tal-kabina,
- l-iżvilupp ta' sett koordinat ta' regoli li jirregolaw skejjel tat-titjir u r-reġistrazzjoni tas-siġhat ta' titjir għall-bdoti attivi fl-UE, filwaqt li jiġi żgurat kontroll aktar effettiv u l-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-industrija tal-linji tal-ajru,
- skambju ta' data ġenerali tal-avjazzjoni mal-Eurostat mill-Istati Membri, b'mod partikolari dwar in-numru ta' ajruplani, bdoti u siġhat ta' titjir sabiex jittejjbu r-regolamenti applikabbli, b'enfasi speċjali fuq is-sikurezza tal-avjazzjoni,
- djalogu soċjali kostruttiv bejn il-partijiet ikkonċernati fl-avjazzjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi l-ġodda li jirriżultaw mill-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda li se jkollhom l-impjegji fis-settur tal-avjazzjoni biex jadattaw kif meħtieġ,
- miżuri kontra ż-żieda ta' prattiki ta' negozju soċjalment problematiċi bħal "bnadar ta' konvenjenza" u l-forom differenti tal-impjeg atipiċi u l-esternalizzazzjoni; reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 biex jiġi żgurat l-infurzar xieraq u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni soċjali nazzjonali u l-ftehimiet kollettivi għal-linji tal-ajru b'bażijiet operattivi fit-territorju tal-UE; definizzjoni riveduta tal-"post prinċipali tan-negozju" ta' kumpanija sabiex ikun rekwiżit li l-linji tal-ajru jevidenzjaw attivitajiet tal-avjazzjoni sostanzjali f'pajjiż; rakkomandazzjonijiet tal-EASA li jirrikjedu li mill-inqas 50 fil-mija tat-tekniki tal-manutenzjoni jkunu impjegati direttament, li jkopri l-kategoriji kollha ta' persunal ta' fuq l-art, tal-bdoti u tal-ekwipaġġ tal-kabina;

64. Jitlob, fir-rigward tat-trasport bit-triq, għal:

- oqfsa effikaċi ta' politika nazzjonali mmirati lejn l-iżvilupp tas-suq fir-rigward tal-użu ta' vetturi elettriċi u fjuwils alternattivi (l-elettriku, l-idroġenu, il-gass naturali (gass naturali kkompressat (CNG) u gass naturali likwifikat (LNG), il-gass likwifikat miż-żejt (LPG), il-fjuwils sintetiċi u paraffiniċi, u bijokarburanti sostenibbli, speċjalment daww prodotti mill-ipproċessar ta' skart u residwi, inkluż l-etanol abbażi tal-melassa), u t-tnedija rapida ta' infrastruttura meħtieġa ta' riforniment ta' karburnat/irriċarġjar; l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn proġetti eżistenti fl-Istati Membri differenti fir-rigward tas-suq għal fjuwils alternattivi u d-distribuzzjoni fil-bliet; Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-implimentazzjoni tal-istrateġija deskritta fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Enerġija nadifa għat-trasport: strateġija Ewropea għall-fjuwils alternattivi" sabiex jinkiseb l-użu possibbli ta' fjuwils alternattivi għat-trasport, u biex tipromwovi mobilità elettrika sostenibbli madwar l-Unjoni kollha,
- żieda globali ta' 40 % sal-2020, meta mqabbla ma' ċifri tal-2010, fin-numru ta' postijiet sikuri għall-ipparkjar ta' vetturi heavy-duty fin-netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew (TERN) u jkun hemm titjib fil-kwalità u fl-istandards tal-iġjene tagħhom,

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- inizjattivi biex jiżguraw l-interoperabilità ta' sistemi tal-pedaġġ tat-toroq elettroniċi,
- evalwazzjoni mill-Kummissjoni tad-diversi skemi ta' nollijiet tat-toroq għall-karozzi u l-kompatibilità tagħhom mat-Trattati tal-UE, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni abbażi tar-residenza,
- l-approvazzjoni bħala prijorità ta' proġetti ta' infrastruttura finanzjati mill-UE li tikkompleta n-netwerk tat-toroq li hija parti min-netwerk ewlieni tat-TEN-T,
- pjan direzzjonali tal-UE biex iċ-ċikliżmu jiġi inkluż fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2016,
- proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi limiti obbligatorji fuq il-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn karozzi tal-passiġġieri u vannijiet ġodda għall-perjodu lil hinn mill-2020, li żżomm trajettorja fit-tul ċara ta' tnaqqis fl-emissjonijiet,
- it-tlestija fil-ħin ta' għodda ta' simulazzjoni li tkejjel b'mod preċiż, affidabbli u kosteffikaċi l-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas- CO₂ ta' vetturi heavy-duty (trakkijiet, xarabanks u kowċis), li għandha tiġi segwita, jekk dan ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva li tistabbilixxi limiti obbligatorji fuq il-medja tal-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi heavy-duty li jkunu għadhom kif ġew irregjistrati, kif diġà huwa l-każ għall-karozzi u l-vannijiet; miżuri ulterjuri biex jinċentivaw l-introduzzjoni fis-suq tal-aktar vetturi effiċjenti u jippromwovu l-aħjar Prattiki biex jitnaqqas il-konsum tal-fjuwil,
- miżuri li jżidu l-effiċjenza tal-fjuwil, u jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi heavy-duty, inkluż użu ulterjuri ta' taħriġ f'sewqan ekoloġiku, loġistika tat-trasport imtejba u infrastruttura intelliġenti, u użu akbar ta' fjuwils alternattivi,
- ċiklu rivedut tal-ittejtjar, b'rekwiżiti tal-ittejtjar għall-konformità aktar robusti għall-kejl tas-CO₂ u tal-emissjonijiet minn vetturi ta' sustanzi li jniġġsu, li jissostitwixxi ċ-"Ċiklu Ġdid tas-Sewqan Ewropew" attwalment użat, li jiżgura li l-emissjonijiet u l-konsum tal-fjuwil tal-vetturi huma mkejla permezz ta' proċedura ta' ttejtjar li tirrifletti l-kundizzjonijiet reali tas-sewqan,
- biex il-Kummissjoni tibda taħdem mingħajr dewmien żejjed dwar ir-rieżami tad-Direttiva (UE) 2015/719 dwar piżijiet u dimensjonijiet massimi awtorizzati, b'tali mod li, sa mhux aktar tard mill-2020, rapport ikun jista' jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jqis ukoll karatteristiċi speċifiċi ta' ċerti setturi tas-suq bħalma huma trasportaturi speċjalizzati tal-karozzi użati fi ħdan is-settur ta' loġistika tal-vetturi rfinuti,
- l-adozzjoni ta' kodiċi soċjali għall-ħaddiema mobbli tat-trasport bit-triq, u l-indirizzar ukoll tal-problemi tal-impjeg indipendenti moħbi, biex titqies aħjar in-natura partikolari ta' ħaddiema fit-trasport internazzjonali bit-triq u tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta,
- infurzar aħjar, evalwazzjoni u, jekk meħtieġ, kjarifika jew rieżami ta' regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bit-triq (ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009),
- miżuri biex jiżguraw il-konformità ta' dispożizzjonijiet nazzjonali mal-liġi tal-UE fil-qasam tat-trasport transkonfinali,
- il-kunsiderazzjoni tal-ħolqien ta' Aġenzija Ewropea għat-Trasport bit-Triq biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni tal-UE u tippromwovi l-istandardizzazzjoni fl-Istati Membri kollha,
- miżuri biex tkun żgurata ċ-ċarezza ġuridika u implimentazzjoni aħjar ta' regoli dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol, id-drittijiet soċjali u tal-benessri, il-pagi u r-responsabilità soċjali, sabiex jiġu garantiti standards soċjali għoljin fit-trasport tal-merkanzija bit-triq fl-UE kollha; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri kontra Prattiki illegali li jwasslu għal kompetizzjoni inġusta u dumping soċjali; it-trasport tal-merkanzija bit-triq għandu jitqies bħala settur speċifiku, minħabba l-mobilità għolja tal-ħaddiema tiegħu u l-ħtieġa tas-sewwieqa li jgħaddu l-perjodi ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa f'darhom,

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- l-aġġustament tal-applikazzjoni tal-prinċipji tas-suq intern li effettivament jisseparaw il-libertà li jiġu pprovduti servizzi mil-libertà tal-istabbiliment, bl-għan li jiġi żgurat li attivitajiet minn impriża fi Stat Membru li mhix stabbilita fih ikunu strettament temporanji;

65. Jitlob, fir-rigward tat-trasport bil-ferrovija, għal:

- tlestija taż-Żona Ferrovarja Unika Ewropea permezz tal-adozzjoni rapida tar-Raba' Pakkett Ferrovarju, l-iżgurar ta' twessiegħ bilanċjat tas-suq domestiku tal-passiġġieri ferrovarji, l-indipendenza tal-maniġers tal-infrastruttura, permezz ta' sejħiet għal offerti kompetittivi għal kuntratti ta' servizz pubbliku, l-ogħla livell ta' sikurezza ferrovarja u interoperabilità, u riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti għall-Aġenzija Ferrovarja Ewropea sabiex jiġi żgurat li tkun kompletament operattiva u tkun f'pożizzjoni li twettaq il-missjoni tagħha bħala punt uniku ta' servizz għall-awtorizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi; ir-Raba' Pakkett Ferrovarju għandu jiżgura livell għoli ta' kwalità u effiċjenza tas-servizzi ferrovarji, iħares l-ekwilibriju ekonomiku tal-obbligi tas-servizz pubbliku u jippromwovi standards għoljin għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-koeżjoni territorjali; l-adozzjoni tiegħu għandha tkun segwita minn traspożizzjoni u implimentazzjoni rapidi mill-Istati Membri,
- l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' strateġija ferrovarja tipproponi miżuri ġodda biex jintlaħqu l-miri ta' tibdil minn mezz ta' trasport għal ieħor għall-2030 u l-2050 kif stabbilit fl-"għaxar għanijiet għal sistema tat-trasport kompetittiva u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi" tal-White Paper,
- finanzjament solidu, suffiċjenti, trasparenti u prevedibbli fit-tul, b'regoli u proċeduri simplifikati għal aċċess għal finanzjament tal-UE, sabiex tittejjeb il-kwalità u l-kapaċità tal-infrastruttura ferrovarja nazzjonali u transkonfinali, li tingħata prijorità liż-żamma u t-titjib tal-infrastruttura eżistenti, u li tippermetti l-għoti ta' servizzi affidabbli, sikuri, aċċessibbli u sostenibbli minn operaturi ferrovarji tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri,
- analiżi dettaljata tar-raġunijiet li għalihom iż-żona ferrovarja Ewropea hija karatterizzata minn għadd kbir ta' konnessjonijiet neqsin bejn il-fruntieri tal-Istati Membri; jitlob li jittieħdu miżuri u inċentivi mill-Kummissjoni biex tingħata haġja ġdida bħala kwistjoni tal-akbar urġenza għal konnessjonijiet transkonfinali ferrovarji lokali, reġjonali u nazzjonali li kienu ġew żarmati jew abbandunati matul it-Tieni Gwerra Dinjija u l-perjodu ta' wara l-gwerra, minkejja l-interess ekonomiku jew l-utilità tagħhom lill-pubbliku, kif ukoll tal-bini urġenti ta' dawk li ġew ipplanati iżda ma tlestewx, sabiex jitneħħew l-ostakli eżistenti u l-kollegamenti nieqsa f'reġjuni transkonfinali; tiġdid u manutenzjoni ta' linji ferrovarji sekondarji li jwasslu għal netwerks ewlenin nazzjonali u kurituri Ewropej; inizjattivi biex jinsabu funzjonijiet ġodda, għal netwerks mhux użati bħal tat-trasport ta' merkanzija jew dawk li jipprovdu servizzi ġodda għat-turisti,
- titqies prijorità l-approvazzjoni ta' proġetti ta' infrastruttura finanzjati mill-UE li jikkompletaw in-netwerk ferrovarju li huwa parti min-netwerk ewleni TEN-T u l-proġetti approvati taħt is-CEF,
- jitwessa' r-rwol tal-Kummissjoni sabiex tikseb tlestija effettiva u rapida tal-kurituri ferrovarji tat-TEN-T, li kienu ppjanati iżda posposti mill-Istati Membri minkejja l-utilità tagħhom f'termini soċjali u ekonomiċi,
- studju ta' ġbir ta' informazzjoni dwar benefiċċji soċjali, ekonomiċi u ambjentali ta' appoġġ kontinwu għal servizzi ferrovarji nazzjonali u internazzjonali ta' matul il-lejl, u, fejn xieraq, tiġdid ta' dawn is-servizzi, kif ukoll ta' servizzi transkonfinali interurbani, pereżempju fil-kuntest ta' obbligi ta' servizz pubbliku u proċeduri tal-offerti,
- l-azzjonijiet kollha meħtieġa mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-partijiet interessati għall-implimentazzjoni tal-Impriża Konġunta Shift2Rail, sabiex titħaffef l-integrazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati f'soluzzjonijiet ta' prodotti ferrovarji innovativi, it-trasport ferrovarju jsir iżjed attraenti u jsaħħaħ il-pożizzjoni tal-industrija ferrovarja Ewropea,

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- azzjonijiet immirati lejn netwerk ferrovjarju Ewropew ġenwinament interoperabbli, tnaqqis ta' ostakli tekniċi persistenti, il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet tekniċi li jippermettu li l-ferroviji jużaw binarji ta' wisa' differenti, u li jiġi żgurat li r-restrizzjonijiet differenti għall-għoli fl-UE ma jikkostitwixxux ostaklu addizzjonali,
- it-tnedija tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS) fuq il-kurituri kollha tan-netwerk ewlieni tat-TEN-T bħala prijorità, inkluż it-tagħmir korrispondenti abbord il-lokomotivi,
- l-implimentazzjoni rapida tar-Regolament (UE) Nru 913/2010 rigward l-istabbiliment ta' kurituri ferrovjarji internazzjonali għat-trasport tal-merkanzija kompetittiva, u l-iżvilupp jew it-titjib ta' One-Stop Shops (OSS) għall-koordinazzjoni ta' dawn il-kurituri,
- it-tnaqqis ta' storbju tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija billi l-vaguni tal-merkanzija jiġu modifikati u tittejjeb l-infrastruttura ferrovjarja permezz ta' finanzjament pubbliku mmirat; preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' proposta li ttipprovi għal projbizzjoni fl-UE kollha ta' vaguni merkantili eċċessivament storbjużi sal-2020,
- l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' sistemi ta' ħruġ ta' biljetti integrati fit-trasport ferrovjarju nazzjonali u internazzjonali, u l-eliminazzjoni ta' tariffi żejda applikabbli għall-ferroviji tal-passiġġieri li jivvjaġġaw b'mod transkonfinali,
- it-tneħħija tal-ostakli li jipprevjenu li l-industrija ferrovjarja Ewropea (manifatturi ta' vetturi ferrovjarji, infrastruttura ferrovjarja u s-sistemi tas-sinjallazzjoni) milli tagħmel offerti għal kuntratti pubbliċi f'pajjiżi li mhumiex fl-UE;

66. Jitlob, fir-rigward tat-trasport marittimu:

- miżuri biex jiffaċilitaw il-formalitajiet għall-vapuri li joperaw bejn portijiet tal-UE bl-għan li tiġi stabbilita bażi reali ta' Spazju tat-Trasport Marittimu Ewropew mingħajr Ostakli ("Blue Belt"),
- koordinazzjoni aħjar bejn l-awtoritajiet marittimi u doganali fil-livelli kollha biex jissimplifikaw il-flussi ta' informazzjoni u jillimitaw piżijiet amministrattivi u formalitajiet tad-dwana mhux meħtieġa,
- miżuri biex jiġi żviluppat il-potenzjal ta' awtostradi tal-baħar bħala parti min-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport,
- miżuri addizzjonali biex jinżamm u jiġi żviluppat ulterjorment trasport bil-baħar ta' kwalità, attraenti, sikur u sostenibbli u biex jiġu żgurati swieq marittimi miftuħin u aċċess għal tagħbijiet ta' merkanzija mingħajr restrizzjonijiet,
- miżuri għall-appoġġ u l-koordinazzjoni tal-adattament ta' port gateways u sistemi loġistiċi għal bastimenti akbar u għall-promozzjoni ta' konnessjonijiet aħjar tal-portijiet, b'mod partikolari bil-ferrovija u bil-passaġġi tal-ilma interni; l-iffaċilitar ta' investimenti fil-portijiet permezz tal-mobilizzazzjoni ta' sorsi varji ta' finanzjament tal-UE sabiex tiżdied il-kapaċità ta' portijiet tal-UE, tittejjeb l-infrastruttura eżistenti, jiġu żviluppati terminals multimodali u l-promozzjoni tal-ħolqien ta' portijiet intelliġenti li jużaw sistemi tat-trasport intelliġenti, u bliet portwali intelliġenti; miżuri li jtejbu l-infrastruttura tal-portijiet marittimi, b'mod partikolari fil-Mediterran u l-Baħar l-Iswed, sabiex jittrasferixxu l-merkanzija mit-triq għall-baħar f'dawk l-oqsma,
- assigurazzjoni li portijiet marittimi tan-netwerk ewlieni għandhom ikunu konnessi mal-infrastruttura tat-trasport bil-ferrovija u dak bit-triq u, fejn possibbli, mal-passaġġi tal-ilma intern tal-infrastruttura tat-trasport tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport sal-2030, ħliet meta tali konnessjoni tiġi ostakolata minn restrizzjonijiet fiżiċi,
- aktar ċarezza u koerenza dwar l-applikazzjoni ta' regoli tal-ġhajnuna mill-Istat għall-portijiet sabiex jinħoloq ambjent pragmatiku, prevedibbli u stabbli li jippermetti strateġiji ta' investiment portwali li jnaqqas il-piżijiet amministrattivi u jnaqqas l-iskadenzi proċedurali,

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- avvanz mal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jstabbilixxi qafas dwar l-aċċess għas-suq tas-servizzi portwali u t-trasparenza finanzjarja tal-portijiet, sabiex tiġi mmodernizzata u titjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi tal-port, tissaħħaħ il-kompetizzjoni u jinħolqu kundizzjonijiet ta' qafas biex jiġi attirat l-investimenti fil-portijiet,
- l-istabbiliment ta' mira vinkolanti globali fi ħdan l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) biex jintlaħaq l-għan tal-White Paper ta' tnaqqis ta' mill-inqas 40 % tal-emissjonijiet tas-CO₂ mill-fjuwils tal-bunkers marittimi sal-2050, biex tiġi appoġġata permezz ta' mira tal-UE għall-2030; it-titjib tan-negozjati fi ħdan l-IMO dwar l-iżvilupp ta' mekkaniżmu globali bbażat fuq is-suq li jindirizza l-emissjonijiet marittimi internazzjonali, bħal mekkaniżmu tal-ipprezzar tal-emissjonijiet; fil-każ li jintlaħaq ftehim internazzjonali dwar sistema globali ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika (MRV) għall-emissjonijiet ta' gass serra jew dwar miżuri globali sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gass serra mit-trasport marittimu, il-Kummissjoni għandha tirreżamina dan ir-Regolament (UE) 2015/757 u għandha, jekk xieraq, tipproponi emendi għal dan ir-Regolament sabiex tiżgura l-allinjament ma' dak il-ftehim internazzjonali,
- kunsiderazzjoni tal-estensjoni tal-limiti tal-kubrit għall-fjuwils tal-baħar applikabbli għal Żoni tal-Kontroll tal-Emissjonijiet tal-Ossidi tal-Kubrit (SECAs), u regoli rilevanti tal-IMO, għall-ispazju marittimu Ewropew kollu,
- promozzjoni ta' teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet u l-miżuri għall-effiċjenza tal-enerġija permezz ta' inċentivi finanzjarji u miżuri ta' appoġġ immirati, b'enfasi partikolari fuq l-użu ta' fjuwils alternattivi, kif ukoll il-promozzjoni ta' miżuri slow-steaming, li huma rrapportati li għandhom potenzjal kbir biex jitnaqqsu l-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet ta' gass serra,
- azzjonijiet li jappoġġjaw it-tnedija ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fil-portijiet marittimi u ta' ilmijiet interni, inkluż il-provvista ta' faċilitajiet ta' riforniment tal-LNG u l-elettriku mill-art,
- proposta leġiżlattiva għall-immodernizzar tal-leġiżlazzjoni tas-sikurezza tal-passiġġieri fuq il-bastimenti; implimentazzjoni aħjar u, jekk ikun xieraq, ir-rieżami tat-Tielet Pakkett ta' Sikurezza Marittima sabiex issaħħaħ il-prevenzjoni tal-inċidenti fuq il-baħar u l-ġestjoni tal-konsegwenzi tagħhom,
- proposta leġiżlattiva bl-għan li jiġi ċċarat ir-reġim ta' responsabilità u ta' kumpens minħabba l-fenomeni dejjem jikber ta' kontejners li jintilfu fuq il-baħar, ibbażat fuq sistema li tippermetti l-identifikazzjoni tas-sidien ta' kontejners bħal dawn;

67. Jitlob, fir-rigward tal-passaġġi tal-ilma interni:

- l-istabbiliment ta' qafas xieraq biex jiġi ottimizat is-suq intern għat-trasport fil-passaġġi tal-ilma interni u t-tneħħija tal-ostakli li jipprevjenu li jintuża aktar,
- implimentazzjoni sħiħa tal-programm ta' azzjoni Naiades II, b'attenzjoni speċjali għall-infrastruttura, it-tnedija u l-innovazzjoni ta' servizzi tal-informazzjoni tax-xmajjar; valutazzjoni tal-programm sal-2017, u, jekk meħtieġ, adattament tal-miżuri proposti biex jiżgura li l-oġettivi tal-programm jiġu milħuqa,
- approvazzjoni ta' proġetti finanzjati mill-UE rigward passaġġi tal-ilma interni li huma parti min-netwerk ewlieni TEN-T,
- titjib u manutenzjoni xierqa matul is-sena kollha, u l-eliminazzjoni ta' konġestjoni f'passaġġi tal-ilma interni li huma parti mill-kuritur tan-netwerk ewlieni TEN-T sal-2025, f'konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, sabiex jiġu salvagwardjati l-livelli ta' servizz adegwat,
- appoġġ akbar mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri għall-promozzjoni tal-innovazzjoni fit-trasport permezz ta' passaġġi tal-ilma interni taħt l-Orizzont 2020 u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, l-użu ta' fjuwils alternattivi u adattament tekniku u ambjentali tal-flotta sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra,

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- l-integrazzjoni tat-trasport permezz tal-passaġġi fuq l-ilma interni fit-trasport u l-loġistika multimodali, kif ukoll fi pjanijiet u politiki ta' mobilità urbana sostenibbli fil-bliet Ewropej li minnhom jgħaddu passaġġi tal-ilma, u t-titjib tar-rwol ta' portijiet interni fid-distribuzzjoni ta' merkanzija fil-bliet,
- rieżami rapidu tad-Direttiva 2005/44/KE dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS), li jiżgura tnedija sħiħa tar-RIS sal-2020 u konnessjoni għal sistemi tat-trasport intelliġenti kooperattivi oħrajn,
- konverġenza, fejn xieraq, tal-governanza u s-sistemi regolatorji fuq ir-Renu u d-Danubju li tiżviluppa sistema tat-trasport effiċjenti, multimodali u sostenibbli fuq passaġġi tal-ilma interni ewlenin tal-Ewropa,
- involviment tal-Kummissjoni fl-allokazzjoni ta' fondi tal-UE u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni ta' proġetti inkluża fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tad-Danubju,
- proposta leġiżlattiva dwar ir-rikonoxximent u l-modernizzazzjoni ta' kwalifiki professjonali fin-navigazzjoni fl-ilmijiet interni u l-kunsiderazzjoni tal-miżuri li jattiraw liż-żgħażaġħ lejn dan is-settur;

o

o o

68. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-proposti li jinsabu f'din ir-risoluzzjoni fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-White Paper u finizjattivi futuri fil-qasam tat-trasport;
69. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex timmonitorja l-progress sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-White Paper, u biex tirrapporta annwalment dwar l-implimentazzjoni tagħha;
70. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0311

Karrieri tan-nisa fl-ambitu xjentifiku u akkademiku**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar il-karrieri tan-nisa fix-Xjenza u l-Università u s-soqfa tal-ħġieġ li jiltaqgħu magħhom (2014/2251(INI))**

(2017/C 316/17)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 8, 10, 19 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 bit-titolu "Strategġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015" (COM(2010)0491),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2010 bit-titolu "Impenn Imsaħħaħ għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel: Karta f'Issem il-Mara" (COM(2010)0078),
- wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020) adottat mill-Kunsill fis-7 ta' Marzu 2011;
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Settembru 2014 bit-titolu "Rapport ta' Progress dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka 2014" (COM(2014)0575),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Frar 1999 bit-titolu "In-Nisa u x-Xjenza: Il-mobilizzazzjoni tan-nisa għall-arrikkiment tar-riċerka Ewropea" (COM(1999)0076),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2012 bit-titolu "Sħubija Rinfurzata taż-Żona Ewropea tar-Riċerka għall-Eċċellenza u għat-Tkabbir" (COM(2012)0392),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-3 ta' Settembru 2014 bit-titolu "Politiki dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi fir-Riċerka Pubblika" u abbażi ta' sħarriġ tal-membri tal-Grupp ta' Helsinki (il-grupp konsultattiv tal-Kummissjoni dwar is-sessi, ir-riċerka u l-innovazzjoni),
- wara li kkunsidra x-"She Figures 2012 – Is-Sessi fl-Istatistika tar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-Indikaturi", ippubblikat mill-Kummissjoni fl-2013,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2014 dwar "Iż-żona Ewropea ta' riċerka – Rapport ta' Progress 2014",
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2015 dwar il-Pjan Direzzjonali 2015-2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2015 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea fl-2013 ⁽²⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0050.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra l-Artikolu 40 tal-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-21 ta' Novembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Mejju 2008 dwar in-nisa u x-xjenza ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2000 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "In-Nisa u x-Xjenza – Il-mobbilizzazzjoni tan-nisa għall-arrikkiment tar-riċerka Ewropea" ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0235/2015),
- A. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea, imnaqqax fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u wieħed mill-oġġettivi u l-kompiti tagħha;
- B. billi l-ugwaljanza bejn is-sessi hija prekondizzjoni bażika għat-tgawdija bis-sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet u hija essenzjali għall-emanċipazzjoni tagħhom u l-kisba ta' soċjetà sostenibbli u inklużiva; billi l-użu insuffiċjenti tal-kapital uman inaqqas vantaġġ potenzjali għan-negozju li għandu x'jaqsam mar-riċerka u l-innovazzjoni u għall-iżvilupp ekonomiku ġenerali, filwaqt li għandu konsegwenzi soċjali devastanti;
- C. billi huwa importanti ferm li jiġi żgurat li n-nisa u l-irġiel ikunu sħab indaq u li jkollhom l-istess drittijiet u responsabbiltajiet u l-istess opportunitajiet ta' xogħol u li l-kontribut tagħhom lis-soċjetà jkun daqstant valutat u rispettati;
- D. billi skont l-istatistiċi u l-istħarriġ disponibbli, in-nisa mhumiex rappreżentati biżżejjed fil-karigi xjentifiċi, tal-inġinerija u maniġerjali u fil-livelli ġerarkiċi ogħla, anke f'setturi fejn jiffurmaw maġġoranza, bħal fis-settur tal-edukazzjoni; billi n-nisa huma ferm sottorappreżentati f'oqsma edukattivi u karrieri relatati max-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), li jammontaw għal 24 % biss ta' professjonisti tax-xjenza u tal-inġinerija; billi r-rappreżentanza femminili tvarja u tiddependi fuq l-ispeċjalizzazzjoni ta' STEM, pereżempju, l-ispeċjalizzazzjoni tal-kimika qed tiffaċċja problema ta' retenzjoni filwaqt li l-ispeċjalizzazzjoni tal-inġinerija u tal-fiżika jħabbtu wiċċhom ma' problemi ta' reklutaġġ;
- E. billi x-xjenza hija ta' importanza ewlenija għall-Ewropa f'termini ekonomiċi u teħtieġ timijiet li qed jikbru b'mod kostanti li jkunu kapaċi, *inter alia*, iwettqu riċerka rivoluzzjonarja essenzjali għal żieda fil-produttività u l-kompetittività, u l-eżistenza ta' għadd suffiċjenti ta' individwi b'ħiliet STEM hija prekondizzjoni essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għat-Tkabbir u l-Impjiegi u l-oġġettivi tal-Istrategġija Ewropa 2020; billi d-domanda għal professjonisti STEM hija mistennija li tiżdied sal-2025, filwaqt li l-istatistika disponibbli l-aktar reċenti turi settur tar-riċerka li qed jixxjeh; billi ispirazzjoni reċiproka pożittiva bejn is-suġġetti STEM u l-arti u l-istudji umanistiċi (STEAM) għandha potenzjal ekonomiku, soċjali u kulturali enormi u n-nisa riċerkaturi u innovaturi huma fl-aħjar pożizzjoni biex jiġu żviluppati rabtiet minn STEM għal STEAM; billi r-riċerkaturi nisa huma ta' siwi għall-UE, li teħtieġ ir-riżorsi kollha disponibbli sabieh tirkupra b'mod definittiv mill-kriżi ekonomika u finanzjarja u tkun kapaċi tiffaċċja l-bidliet fis-soċjetà kollha kemm hi; billi jeħtieġ li jiġu promossi u faċilitati l-iżvilupp tal-karriera tan-nisa u l-preżenza għolja ta' zghażaġh, speċjalment in-nisa studenti u akkademiċi, fl-oqsma STEM;

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0499.

⁽²⁾ ĠU C 279 E, 19.11.2009, p. 40.

⁽³⁾ ĠU C 309, 27.10.2000, p. 57.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- F. billi kien hemm xi żviluppi pożittivi dwar ir-riċerkaturi nisa u s-sehem tagħhom qed jikber b'rata aktar mgħaġġla minn dak tal-irġiel fis-snin reċenti, iżda l-għadd ta' riċerkaturi nisa għadu inqas b'mod sinifikattiv minn dak tal-irġiel, bl-akbar qabża tkun fis-settur tan-negozju;
- G. billi l-karrieri tal-akkademiċi għan-nisa jibqgħu karatterizzati minn segregazzjoni qawwija vertikali, bi proporzjon baxx ħafna ta' nisa biss jokkupaw l-ogħla postijiet akkademiċi; billi skont ix-She Figures 2012, in-nisa jammontaw għal 10 % biss tar-retturi tal-universitajiet;
- H. billi ftit Stati Membri jidhru li għandhom dispożizzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-qafas legali tagħhom li jirregolaw ir-riċerka, u tingħata ftit attenzjoni lill-integrazzjoni tad-dimensjoni tas-sessi fil-programmi tar-riċerka nazzjonali;
- I. billi n-nisa għandhom iħabbtu wiċċhom ma' ostakli biex iwaqqfu n-negozju tagħhom stess minħabba l-persistenza tal-preġudizzji u l-isterjotipi; billi jeħtieġ li tiġi promossa u appoġġjata aktar l-intraprenditorija fost in-nisa u jiġi żviluppat ambjent li fih l-impreduturi nisa u n-negozji tal-familji jistgħu jirnexxu u fejn l-intrapriża tkun ippremjata billi tieħu l-miżuri meħtieġa bbażati fuq skambju tal-aħjar prassi u billi tingħata attenzjoni partikolari lill-ommijiet;
- J. billi r-raġunijiet għal din is-sitwazzjoni huma numerużi u kumplessi, inklużi sterjotipi u preġudizzji negattivi u l-preġudizzju konxju u dak mhux konxju;
- K. billi l-istatistiċi konsistentament juru li l-bniet jinħallu mis-suġġetti STEM fl-iskola u huma inqas probabbli li jiggradwaw mill-università b'lawrja relatata max-xjenza; billi m'hemm l-ebda spjegazzjoni waħda għal-livelli baxxi ta' nisa fl-oqsma STEM u r-raġunijiet jinkludu: nuqqas ta' għarfien dwar il-karrieri STEM min-naħa tal-għalliema fl-iskejjel, nuqqas ta' mudelli ta' eżempju femminili, għadd kbir ta' kuntratti għal żmien qasir b'kundizzjonijiet prekarji, preġudizzju mhux konxju dwar il-bordijiet ta' intervisti, in-nisa huma inqas probabbli mill-irġiel li jippreżentaw ruħhom għal karigi għolja, u tendenza li n-nisa jiġu mħajra jieħdu rwoli pastorali pjuttost milli ta' taġħlim u ta' riċerka u d-dinja akkademika;
- L. billi n-nisa li jaħdmu fir-riċerka, bħall-oqsma l-oħra kollha, huma mġiegħla jassumu sehem ogħla ta' obbligi relatati ma' ġenituri jew il-familji tagħhom mill-irġiel kolleġi tagħhom, u, għalhekk, il-miżuri proposti kollha għandhom iqisu l-possibbiltà ta' suċċess fir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja professjonali u l-ħajja tal-familja għan-nisa sabiex jinkludu l-irġiel f'dawn l-oqsma;
- M. billi, minkejja l-isforzi kollha li għaddejjin bħalissa biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs, in-nisa għad għandhom aċċess mhux indaqs għal pożizzjonijiet ta' riċerka, finanzjament, pubblikazzjonijiet u premji akkademiċi, u huma affettwati wkoll minn kriterji riġidi għall-promozzjoni u r-rikonoxximent u n-nuqqas ta' finanzjament jew politiki xierqa biex jappoġġjawhom, il-prospetti għal xjentisti nisa żgħażagħ huma partikolarment skoraġġanti; billi dawn kollha huma fatturi li jikkontribwixxu potenzjalment għall-“eżodu ta' mħuħ”, sitwazzjoni li teħtieġ miżuri radikali aktar milli sempliċi; billi, barra minn hekk, il-kooperazzjoni fuq livell kollettiv hija ta' importanza kbira u għandhom isiru u jingħataw inċentivi kemm fuq livell personali u fi ħdan is-soċjetà;
- N. billi l-pożizzjoni baxxa *de facto* tan-nisa fil-qasam tax-xjenza fis-soċjetà, mingħajr il-ħtieġa li din tiġi ġustifikata minn kwalunkwe kriterju oġġettiv, kif ukoll ir-relazzjonijiet bejn il-ġeneri u l-isterjotipi tas-sessi għandhom jiġu riveduti u evalwati mill-ġdid; billi l-fatt li n-nisa jingħataw firxa usa' ta' prospetti rigward il-karrieri u l-bidla fil-mudelli edukattivi tista' tagħti kontribut sostanzjali biex tonqos id-differenza fil-pagi bejn is-sessi, pereżempju billi jizzied in-numru ta' nisa xjenzjati u inġiniera;
- O. billi l-Kummissjoni hija diġà impenjata li tiżgura rappreżentanza ta' 40 % tas-sess mhux rappreżentat biżżejjed fis-subija tal-gruppi ta' esperti, il-bordijiet u l-komitati kollha tagħha, u, b'mod partikolari, se tapplika dan għall-programm speċifiku Orizzont 2020;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- P. billi l-aħħar konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rinfurzar tar-riżorsi umani fix-xjenza u t-teknoloġija fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka għarfu l-importanza tal-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fir-riċerka u l-inklużjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà, u dan kien il-każ sa mill-2005, iżda l-Kunsill ma għamel l-ebda dikjarazzjoni dwar il-kwistjoni;
- Q. billi l-Pjan Direzzjonali 2015-2020 għaż-Żona Ewropea tar-Riċerka jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jibdeu jittraduċu l-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-ugwaljanza f'azzjoni effikaċi, sabiex jiġu indirizzati l-iżbilanċi bejn l-irġiel u n-nisa f'istituzzjonijiet ta' riċerka u korpi tat-tehdid tad-deċiżjonijiet u tiġi integrata aħjar id-dimensjoni relatata mas-sessi f'politiki, programmi u proġetti tar-riċerka u l-iżvilupp;
- R. billi l-Konvenzjoni ta' Istanbul fiha impenn biex jiġu indirizzati l-kawżi bażiċi tal-vjolenza u l-promozzjoni ta' aktar ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel billi jinbidlu l-attitudnijiet u jiġu eliminati l-isterjotipi mhux biss fil-livell ta' individwi, iżda saħansitra fil-livell tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni ogħla kif ukoll fil-kampusijiet tal-universitajiet u l-kulleġġi, li mhumiex immuni mill-vjolenza bbażata fuq is-sessi, sabiex in-nisa jkunu jistgħu jkunu ħielsa mill-vjolenza u l-biża' li tiġġenera, li spiss iżżommhom milli jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja akkademika u soċjali;
- S. billi l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jista' jiżvolġi rwol fundamentali fil-monitoraġġ tal-iżvilupp tad-differenza fil-paġi bejn is-sessi fix-xjenza u r-riċerka, l-analiżi tal-kawżi tagħha u l-valutazzjoni tal-impatt tal-leġiżlazzjoni;

Ugwaljanza bejn is-sessi f'pożizzjonijiet akkademiċi

1. Jinnota li minkejja t-tibdil pożittiv fis-snin reċenti, l-ugwaljanza bejn is-sessi fix-xjenza u l-akkademja għadha ma nkisbitx, bis-sitwazzjoni tvarja bejn l-Istati Membri, l-oqsma tar-riċerka u l-grad akkademiċu; jirrimarka l-preżenza baxxa b'mod impressjonanti tan-nisa fl-ogħla pożizzjonijiet akkademiċi u tat-tehdid tad-deċiżjonijiet f'istituzzjonijiet xjentifiċi u universitajiet, fatt li jindika l-eżistenza ta' saqaf tal-ħġieġ, jiġifieri, ostakli inviżibbli bbażati fuq il-preġudizzji li jimpedixxu li n-nisa jkollhom aċċess għal karigi ta' responsabbiltà;
2. Jiddeplora l-fatt li hemm evidenza ta' segregazzjoni bejn is-sessi fil-konfront tal-ġerarkiji fl-universitajiet u fl-iskejjel fl-Ewropa u ekonomiji avvanzati oħra, li hija ta' natura kemm orizzontali kif ukoll vertikali, u li filwaqt li 59 % ta' dawk li jigradwaw mill-università fl-UE-28 huma nisa, dawn jirrapreżentaw biss 18 % tal-professuri universitarji kollha;
3. Itenni mill-ġdid li l-ugwaljanza bejn is-sessi hija wieħed mill-prinċipji li fuqhom l-UE hija msejsa u għandha tiġi rispettata anke fl-oqsma tar-riċerka u l-akkademja; jisħaq li għandhom jiġu eliminati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni diretta jew indiretta kontra n-nisa;
4. Jinnota li n-nuqqas ta' nisa fix-xjenza u r-riċerka rriżulta f'inadempjenza maskili fir-R&Ż, u li b'mod partikolari: a) m'hemm l-ebda mara għall-provi tal-ħbit; b) ir-riċerka medika ġeneralment issir fuq suġġetti maskili; c) il-kalkoli tad-doża tar-radjazzjoni huma bbażati fuq ir-rata ta' assorbiment ta' raġel ta' mezz'età; u d) fil-biċċa l-kbira tal-kotba tal-anatomija l-immaġini huma ta' raġel;
5. Jiddispaċiħ li l-aċċess inugwali għan-nisa għall-pożizzjonijiet ta' riċerka, għall-finanzjament u l-ippubblikar għadu jippersisti, inkluża l-inugwaljanza fil-paga bejn is-sessi fl-oqsma tax-xjenza u l-akkademja, minkejja d-dispożizzjonijiet legali għal trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni fuq is-suq tax-xogħol, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-paga ugwali, fis-seħħ fl-UE u fl-Istati Membri;

Miżuri pożittivi

6. Ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri janalizzaw id-dispożizzjonijiet legali eżistenti bil-għan li jiġu implimentati b'mod xieraq u, jekk hemm bżonn, jiġu riveduti sabiex jiġi infurzat it-trattament ugwali tan-nisa u l-irġiel; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw konformità mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni, meqjus mit-Trattat ta' Lisbona bħala mira tal-Unjoni Ewropea, b'kull tip ta' kuntratt ta' impjieġ jew ta' fondi, kif ukoll id-dritt legali għal paga ugwali għal xogħol ugwali għall-elementi kollha tar-remunerazzjoni mogħtija lill-irġiel u lin-nisa, inklużi għotjiet u boroż ta' studju, billi, pereżempju, jiżguraw it-trasparenza fil-paġi;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

7. Jinnota li barra l-infurzar tad-dispożizzjonijiet legali, l-ostakli kulturali u istituzzjonali li jiġġeneraw diskriminazzjoni diretta jew indiretta kontra n-nisa fil-karrieri xjentifiċi u t-teħid ta' deċiżjonijiet għandhom jitneħħew sabiex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi; iqis li dawn il-forom ta' diskriminazzjoni, preġudizzji negattivi u sterjotipi konxji jew mhux konxji jibnu fuq l-attitudnijiet u l-istandards li huma kontinwament riprodotti, u li l-bidliet istituzzjonali jistgħu jgħinu biex jitneħħew; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi u tappoġġja kampanji ta' sensibilizzazzjoni u programmi u inizjattivi biex jittnaqqsu dawn l-ostakli, kemm fid-dinja akkademika kif ukoll fis-soċjeta' b'mod ġenerali;
8. Jikkritika mill-ġdid il-fatt li n-nisa għandhom jitħallsu inqas mill-irġiel għall-istess xogħol, anke fil-qasam tar-riċerka u x-xjenza bħala konsegwenza tar-rappreżentanza inugwali tagħhom;
9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkludu appoġġ għal u l-promozzjoni ta' netwerks ta' appoġġ bejn il-pari u l-kondiviżjoni tal-aħjar prassi madwar l-Ewropa u lil hinn minnha;
10. Jenfasizza li kampanji ta' sensibilizzazzjoni għandhom ikunu mmirati lejn l-irġiel kif ukoll lejn in-nisa, peress li (b'mod konxju jew inkonxjament) jirriproduċu l-isterjotipi tas-sessi li jistgħu jikkawżaw lin-nisa biex jinternalizzaw ostakli kulturali u istituzzjonali li jxekklu l-progress tal-karrieri fix-xjenza;
11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tibni fuq programmi u inizjattivi eżistenti u taġti aktar prijorità lill-kampanji pożittivi mmirati għall-bniet u n-nisa li jinkoraġġixxuhom jidħlu f'karrieri xjentifiċi u akkademiċi fl-oqsma xjentifiċi kollha, b'enfasi speċjali fuq is-setturi tal-ingenierija u t-teknoloġija, fejn, minkejja t-tibdil pożittiv reċenti, il-parteċipazzjoni tan-nisa tibqa' taħt il-medja;
12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu programmi edukattivi li jinkoraġġixxu sinerġiji u rabtiet pożittivi bejn is-suġġetti STEM u l-arti u l-istudji umanistiċi u jippromwovu perspettiva dwar is-sessi, li tiffaċilita r-rwol li n-nisa jista' jkollhom f'dawn ir-rabtiet;
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu mudelli ta' eżempju femminili pożittivi fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, inkluż it-tagħlim obbligatorju u l-edukazzjoni avvanzata u għolja u fil-livell postgraduatorju, kif ukoll l-edukazzjoni informali u l-ħidma taż-żgħażaġh; jirrikonoxxi li l-promozzjoni ta' mudelli ta' eżempju femminili pożittivi tinkludi t-teħid ta' miżuri sabiex jiġu enfasizzati l-kisbiet storiċi u kontemporanji tan-nisa fix-xjenza u t-teknoloġija, l-intraprenditorija, u l-pożizzjonijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet; jinnota li tali miżuri jistgħu jinkludu fokus speċifiku fuq il-Jum Internazzjonali tan-Nisa, il-Ġimgħat tax-Xjenza, u l-użu tal-aħjar prassi eżistenti fl-Istati Membri u madwar id-dinja;
14. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati rilevanti jsaħħu inizjattivi u programmi li jinkoraġġixxu lin-nisa jkomplu l-karrieri xjentifiċi u akkademiċi tagħhom, bħall-coaching u programmi ta' networking u appoġġ għal xjentisti nisa – partikolarment xjentisti nisa żgħażaġh – li qegħdin jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka u l-applikazzjonijiet għal għotja, kif ukoll appoġġ għall-karrieri individwali tar-riċerkaturi femminili u l-avvanz tal-karrieri tagħhom għall-ogħla gradi; jemmen li n-nisa għandhom ukoll jiġu mħeġġa japplikaw għal pożizzjonijiet ta' teħid tad-deċiżjonijiet, filwaqt li fl-istess ħin għandha tittieħed azzjoni biex jiġi miġġieled kull tip ta' ostaklu li jaġhmilha diffiċli jew impossibbli li wieħed japplika;
15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex, fit-tfassil ta' kwalunkwe strateġija dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni ogħla, jinkludu l-konsiderazzjoni speċifika tan-nisa li jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla, bħan-nisa LGBTI, nisa b'diżabbiltà, nisa minn minoranza etnika jew bi sfond ta' migrazzjoni, refuġjati, u n-nisa li jieħdu ħsieb persuni dipendenti;
16. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw metodi STEM kurrikulari u ta' tagħlim effikaċi u attraenti li jżommu lill-bniet involuti fix-xjenza, u biex jirrikonoxxu u jinvestu f'għalliema bħala muturi ta' bidla kulturali bil-potenzjal tagħhom biex iżidu l-parteċipazzjoni kontinwa tal-bniet fix-xjenza fl-iskola;
17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-potenzjal tal-gwida ta' kwalità għall-karrieri u l-involvement fit-taħriġ biex il-bniet jiġu mħeġġa jibqgħu jistudjaw is-suġġetti STEM fl-università;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015***Ibbilanċjar bejn il-ħajja professjonali u dik personali***

18. Jissottolinja li l-ħtieġa li jiġu rikonċiljati b'suċċess l-obbligi professjonali u tal-familja spiss tirrappreżenta ostaklu ewlieni li jaffettwa speċifikament lin-nisa biex jadvanzaw fil-karrieri xjentifiċi u akkademiċi tagħhom, u hija waħda mir-raġunijiet ewlenin li minħabba fiha jieqfu minn dawn il-karrieri;

19. Jappella għal aktar flessibilità fil-kundizzjonijiet tax-xogħol kemm għal riċerkaturi rġiel u nisa, li jippermettulhom jikkombinaw ix-xogħol mal-ħajja tal-familja, u biex titneħħa d-differenza bejn is-sessi fil-paġi fl-interess tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

20. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka u partijiet interessati oħra biex ifasslu programmi li jinkoraġġixxu b'mod attiv lin-nisa jkomplu l-karrieri tagħhom wara l-liv ta' maternità jew parentali, u biex jipprovdu fondi għal programmi ta' dħul mill-ġdid li għandhom ikunu mfassla skont il-bżonnijiet ta' kull istituzzjoni u jinkludu t-taħriġ neċessarju sabiex wieħed iżomm aġġornat mal-iżviluppi xjentifiċi, kif ukoll li jippermettu aktar flessibilità fir-rigward tal-produzzjoni xjentifika tan-nisa wara t-twelid jew l-adozzjoni ta' tifel jew tifla u jipprovdu servizzi adegwati ta' kura tat-tfal, biex jinkoraġġixxu wkoll l-integrazzjoni tal-irġiel fil-ħajja familjari; dawn il-miżuri għandhom ukoll jiġu applikati għar-riċerkaturi li jaħdmu fuq stipendji individwali u persunal fi proġetti ta' riċerka ffinanzjati b'mod estern;

21. Ihegġegħ lill-Istati Membri u r-reġjuni jippromwovu l-iżvilupp ta' universitajiet u istituti ta' riċerka li jiffavorixxu l-familja;

22. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tagħraf il-ħtieġa għal-liv tal-paternità u paga tal-paternità adegwati ħalli jkun affordabbli għall-irġiel li jieħdu l-liv biex jieħdu ħsieb it-tfal u tgħin fil-ġlieda kontra n-norma li l-mara hija l-ġenitur li tieħu pawża fil-karriera, sabiex jingħeleb ix-xkiel ewlieni għal nisa li jadvanzaw fil-karrieri tagħhom fix-xjenza u l-akkademja;

Tibdil istituzzjonali u proġetti

23. Jieħu nota tal-fatt li, flimkien mal-inkoraġġiment tal-karrieri tan-nisa individwali, it-tibdil istituzzjonali huwa meħtieġ sabiex jiġu megħluba l-ostakli għall-inugwaljanzi bejn is-sessi, b'mod speċjali rigward is-segregazzjoni vertikali u l-parteċipazzjoni tan-nisa f'kumitati tat-teħid ta' deċizzjonijiet;

24. Jenfasizza l-ħtieġa għal involviment istituzzjonali biex jappoġġja u jinkoraġġixxi dawn il-bidliet billi jiġu stabbiliti standards ġodda, filwaqt li jiġu indirizzati kwistjonijiet li jinqalgħu u jiġi mmonitorjat il-progress, sabiex jippermettu lix-xjentisti nisa jieħdu vantaġġ mill-informazzjoni disponibbli u, fl-istess ħin, isir kontribut attiv għall-ħolqien ta' Żona Ewropea tar-Riċerka;

25. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjoni lill-Istati Membri li fiha linji gwida komuni dwar il-bidliet istituzzjonali għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-universitajiet u l-istituzzjonijiet tar-riċerka;

26. Jemmen li hemm bżonn ta' sistematizzazzjoni tal-informazzjoni disponibbli dwar it-tqassim skont is-sessi u l-pożizzjoni ta' xjentisti nisa fl-Istati Membri sabiex tkun promossa l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-istituzzjonijiet tar-riċerka pubbliċi u privati kollha; iqis li hemm ħtieġa għal qbil dwar aktar azzjoni biex tinkoraġġixxi proġetti li għandhom x'jaqsmu ma' xjentisti nisa;

27. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tagħti prijorità lir-rwol ta' koordinazzjoni tagħha dwar l-inizjattivi ta' integrazzjoni fi ħdan iż-Żona Ewropea tar-Riċerka, u tqajjem kuxjenza u toffri taħriġ rilevanti mmirat għall-partijiet interessati dwar l-importanza tal-integrazzjoni tas-sessi fix-xjenza u l-akkademja; jenfasizza l-ħtieġa ta' miżuri li jħeġġu ugwaljanza reali bejn is-sessi rigward l-iżvilupp tal-karriera akkademika u xjentifika;

28. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qed tiffinanzja l-ħolqien ta' pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi permezz ta' proġetti taħt is-7 Programm Qafas u l-Orizzont 2020, u jilqa' wkoll il-proġett konġunt tal-Kummissjoni u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi biex tinholq għodda onlajn għall-pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi bħala mezz li jiġu identifikati u kondiviżi l-aħjar Prattiki mal-partijiet interessati rilevanti; jenfasizza li l-aħjar Prattiki proposti għandhom jieħdu kont tal-indipendenza tal-universitajiet u l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-varjetà tal-istrutturi ta' organizzazzjoni tagħhom bejn l-Istati Membri;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

29. Jistieden lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom fi sħubijiet mal-organizzazzjonijiet u l-universitajiet tar-riċerka biex titrawwem bidla kulturali u istituzzjonali rigward is-sessi;

30. Jistieden lill-Istati Membri jaħdmu ma' istituzzjonijiet akkademiċi, sabiex jipprovdu appoġġ u aktar opportunitajiet għal progress fil-karriera għal punti ewlenin ta' tranżizzjoni bħal bejn karigi ta' dottorat, postdottorat u lectureship;

31. Jenfasizza l-ħtieġa għal integrazzjoni sħiħa tad-dimensjoni tas-sessi fir-riċerka u l-bilanċ bejn is-sessi fil-parteċipazzjoni f'Orizzont 2020; jemmen li dan se jeħtieġ it-tiġdid tal-isforzi biex tiġi integrata d-dimensjoni tas-sessi fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma li jmiss; jilqa' l-ħolqien ta' Grupp Konsultattiv dwar is-Sessi (AGG) tal-Orizzont 2020; jemmen bis-sħiħ li l-oġettivi tal Orizzont 2020 se jintlaħqu biss bil-parteċipazzjoni sħiħa tax-xjentisti nisa;

32. Jistieden lill-Istati Membri jaħdmu b'mod proattiv ma' istituzzjonijiet akkademiċi, iħeġġu lin-nisa japplikaw għal pożizzjonijiet u jiżguraw ir-rappreżentazzjoni femminili fuq il-bordijiet ta' intervista fejn possibbli;

33. Jemmen bil-qawwa li d-dimensjoni tas-sessi hija sors ta' valur miżjud għar-riċerka u ttiprovdi redditu fuq l-investiment; jenfasizza li l-analiżi tas-sessi tista' trawwem l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni multidixxiplinarja fix-xjenza u t-teknoloġija;

Passi 'l quddiem

34. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu inċentivi lill-istituti ta' riċerka u l-universitajiet biex jintroduċu u japplikaw pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, jintroduċu dimensjoni tas-sessi fil-programmi ta' riċerka nazzjonali tagħhom, ineħħu ostakli legali u oħrajn għar-reklutaġġ, iż-żamma u l-progress fil-karrieri ta' riċerkaturi femminili, u jimplementaw strateġiji komprensivi għal tibdil strutturali sabiex jegħlbu l-lakuni eżistenti fl-istituzzjonijiet ta' riċerka u programmi;

35. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iżbilanċi bejn is-sessi fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-korpi responsabbli għall-impjeg u l-promozzjoni tar-riċerkaturi, u biex jikkunsidraw il-ħolqien ta' pjanijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi bħala prekondizzjoni għall-aċċess għal finanzjament pubbliku fir-riċerka, ix-xjenza u d-dinja akkademika, b'mod partikolari billi jħeġġu l-istabbiliment tar-riċerka u x-xjenza sabiex jipproduċu rapporti dwar l-isforzi tagħhom biex jintegraw xjentisti nisa u billi jiżguraw għażla miftuħa u trasparenti u proċessi ta' promozzjoni;

36. Jirrikonoxxi li l-istrateġiji għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni ogħla jeħtieġu jindirizzaw ukoll il-fenomeni tal-vjolenza bbażata fuq is-sessi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jfasslu strateġiji biex tiġi indirizzata l-vjolenza bbażata fuq is-sessi fuq il-kampusijiet tal-universitajiet u l-kulleġġi, inklużi s-sensibilizzazzjoni, jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja għan-nisa affettwati, u li jinvolvu studenti maskili, akkademiċi u persunal fil-ġlieda kontra l-vjolenza;

37. Jistieden lill-Istati Membri jħeġġu lil min iħaddem biex jieħdu miżuri sabiex jiġġieldu kontra l-forom kollha ta' fastidju psikoloġiku fuq il-post tax-xogħol li jaffettwaw lin-nisa, li jistgħu jwasslu biex il-vittmi jiġu skoraġġuti u, fl-aħħar nett, li jirriżenjaw;

38. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiffaċilitaw komunikazzjoni regolari bejn il-ministri nazzjonali għall-universitajiet u x-xjenza u l-ministri għall-ugwaljanza, jew l-ekwivalenti xieraq, sabiex jiżviluppaw politiki nazzjonali li jinkoraġġixxu u jappoġġjaw lin-nisa fix-xjenza u l-akkademja;

39. Jistieden lill-Istati Membri jinvolvu l-mezzi tax-xandir u s-settur privat sabiex jeliminaw l-isterjotipi tas-sessi u jippromwov u r-rispett reċiproku; jenfasizza r-rwol tal-mezzi tax-xandir fil-kontinwazzjoni jew il-ġlieda biex jitneħħew l-isterjotipi tas-sessi, u l-potenzjal tal-midja li tippromwovi b'mod proattiv mudelli ta' rwoli pożittivi għan-nisa u l-bniet li għandu jitħeġġeġ;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

40. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi jkomplu jiżviluppaw il-metodoloġija eżistenti biex iżommu statistiċi mhux aggregati skont is-sess għall-attività akkademika u xjentifika kollha, flimkien mal-statistiċi dwar ir-riżorsi umani, u biex jiżviluppaw indikaturi validi ħalli jkejlu proċessi ta' tibdil istituzzjonali, kemm b'mod nazzjonali kif ukoll madwar iż-żona Ewropea ta' riċerka;

41. Jistieden lill-Istati Membri, lis-settur akkademiku u lill-partijiet interessati rilevanti kollha jintroduċu programmi speċjalizzati fl-edukazzjoni, u b'mod partikolari fl-edukazzjoni terziarja, sabiex jenfasizzaw is-sinifikat tal-ugwaljanza bejn is-sessi;

42. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri japplikaw b'mod konsistenti l-ibbaġitjar bejn is-sessi fil-programmi u miżuri kollha li jipprovdu finanzjament fil-qasam tax-xjenza, l-akkademja u r-riċerka, u biex jiżviluppaw linji gwida u metodi għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-inklużjoni tad-dimensjoni tal-sessi f'dawn l-oqsma;

43. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw miżuri statistiċi għall-monitoraġġ tad-destinazzjonijiet ta' nisa li jtitlqu mill-akkademja sabiex jitjeb it-tfassil tal-politika minn istituzzjonijiet akkademiċi u gvernijiet f'oqsma relatati;

44. Ihegġegħ lill-Istati Membri jikkunsidraw li jipprovdu rikonoxximent pożittiv ta' istituzzjonijiet akkademiċi li ħadu miżuri biex tiġi indirizzata l-inugwaljanza bejn is-sessi;

45. Jitlob lill-Kummissjoni tintegra d-dimensjoni tas-sessi f'kontenut xjentifiku u teknoloġiku sabiex jintemmu l-forom sottili ta' diskriminazzjoni, permezz ta' inċentivi biex jieħdu kont tas-sess u tal-ġeneru fl-iżvilupp tar-riċerka;

Involvement

46. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jsaħħu n-netwerking fost ix-xjentisti nisa fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak tal-UE;

47. Ihegġegħ lill-Istati Membri jikkunsidraw l-implimentazzjoni ta' skemi ta' mentoring, b'enfasi partikolari biex iħeġġu lin-nisa japplikaw għal għotjiet ta' finanzjament, promozzjonijiet jew opportunitajiet oħra u jappoġġjawhom permezz ta' dak il-proċess;

48. Itenni mill-ġdid l-importanza li tiġi żgurata aktar parteċipazzjoni tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u li jiġi żgurat bilanċ bejn is-sessi fil-bordijiet ta' evalwazzjoni, il-bordijiet tal-għażla u l-kumitati rilevanti l-oħra kollha, kif ukoll il-bordijiet nominati u l-kumitati li jieħdu d-deċiżjonijiet relatati mar-reklutaġġ, il-finanzjament, il-programmi ta' riċerka u l-ippubblikar; jemmen li l-istituzzjonijiet ta' riċerka u l-universitajiet għandhom ikunu mħeġġa jintroduċu miri għall-parteċipazzjoni tan-nisa f'dawk il-korpi; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri f'dan ir-rigward biex jibbażaw lilhom infushom fuq il-proposta tal-Kummissjoni għal direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost diretturi mhux eżekuttivi ta' kumpaniji elenkati fil-Borża u miżuri relatati ⁽¹⁾, bil-ħsieb li jipproponu miżuri leġiżlattivi simili għal nisa f'pożizzjonijiet għoljin fil-qasam tax-xjenza u d-dinja akkademika;

49. Jistieden lill-Kunsill jadotta, matul il-presidenza tal-Lussemburgu, konklużjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fir-riċerka sabiex tkun żgurata rappreżentazzjoni akbar u l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet fis-settur tar-riċerka;

50. Jistieden lill-Parlament jintroduċi premju magħruf bħala "In-nisa u x-xjenza fl-Ewropa", li jingħata lil dawk li jħaddmu (impriżi, istituzzjonijiet u awtoritajiet) li jkunu fuq quddiem fil-promozzjoni tan-nisa fiċ-ċrieki akkademiċi u xjentifiċi, li jappoġġjaw l-aċċess tan-nisa fil-pożizzjonijiet għolja u jiżguraw pagi indaqs;

⁽¹⁾ COM(2012)0614.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

51. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi, permezz ta' kampanji ta' informazzjoni, skemi u programmi maħsuba biex iżidu l-parteċipazzjoni tan-nisa fir-riċerka xjentifika;

o

o o

52. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0312

Emanċipazzjoni tal-bniet permezz tal-edukazzjoni fl-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-għoti ta' setgħa lill-bniet permezz tal-edukazzjoni fl-Unjoni Ewropea (2014/2250(INI))

(2017/C 316/18)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tat-18 ta' Diċembru 1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Pekin adottati mir-Raba' Konferenza Dinjija tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa fil-15 ta' Settembru 1995 u d-dokumenti finali sussegwenti adottati fis-sessjonijiet speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Pekin + 5 (2005), Pekin + 15 (2010) u Pekin + 20 (2015),
- wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), adottat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2011,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni adottata f'Mejju 2011 mill-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 bit-titolu "Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015" (COM(2010)0491),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2013 dwar l-eliminazzjoni tal-isterjotipi tas-sessi fl-Unjoni ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjegi u xogħol, u d-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2002/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/207/KEE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa għal dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għall-impjegi, taħriġ professjonali, promozzjoni, u kundizzjonijiet tax-xogħol,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2015 dwar il-progress li sar fl-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni fl-2013 ⁽²⁾,

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0074.

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0050.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra r-rapport indipendenti tal-2009 kkummissjonat mid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Edukazzjoni u l-Kultura (DG EAC),
 - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2007)13 tal-10 ta' Ottubru 2007 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar approċċ integrat għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-edukazzjoni,
 - wara li kkunsidra l-“kumpilazzjoni ta' prattiki tajba għall-promozzjoni ta' edukazzjoni mingħajr sterjotipi tas-sess u biex jiġu definiti modi għall-implimentar tal-miżuri li jinsabu fir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri dwar approċċ integrat għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-edukazzjoni” (riveduta fit-12 ta' Marzu 2015), żviluppata mill-Kunsill tal-Ewropa,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni Rec(2003)3 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar il-parteċipazzjoni bbilanċjata tan-nisa u l-irġiel fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u pubbliċi, adottata fit-12 ta' Marzu 2003,
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) bl-isem “In-nisa u d-dinja tax-xogħol” fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Mara fl-2015,
 - wara li kkunsidra l-istħarriġ “tal-Unjoni Ewropea dwar il-persuni lezjbani, gay, bisesswali u transġeneru” ippubblikat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fl-2013,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0206/2015),
- A. billi l-edukazzjoni hija l-pedament ta' ċittadinanza responsabbli, hija essenzjali biex tiġi żgurata ugwaljanza bejn is-sessi u emanċipazzjoni tal-bniet, u hija dritt tal-bniedem fundamentali u dritt ta' kull tifel u tifla;
- B. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-bniet u n-nisa huwa valur importanti Ewropew, dritt fundamentali u element essenzjali tal-emanċipazzjoni tal-bniet u n-nisa fuq livelli soċjali, kulturali u professjonali, kif ukoll għat-tgawdija sħiħa tad-drittijiet l-oħra kollha soċjali, ekonomiċi, kulturali u politiċi u sussegwentement għall-prevenzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet;
- C. billi l-edukazzjoni tista' tittrasforma soċjetà u tikkontribwixxi għal ugwaljanza oċjali, politika u bejn is-sessi;
- D. billi skont studju mwettaq mid-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Parlament, 30 miljun tifla f'età tal-iskola primarja huma esklużi mis-sistema edukattiva madwar id-dinja;
- E. billi l-faqar, l-esklużjoni soċjali u l-inadegwatezza jew in-nuqqas ta' disponibilità ta' stabbilimenti għal qabel l-iskola proprja, skejjel u netwerks barra l-iskola huma fost l-akbar ostakli li jipprevjenu li l-bniet ikollhom aċċess għall-edukazzjoni;
- F. billi l-Istati biss jistgħu jipprovdu edukazzjoni universali obligatorja bla ħlas, li hija kundizzjoni sine qua non biex jiggarantixxu opportunitajiet indaqs għaż-żewġ sessi;
- G. billi t-tnaqqis baġitarju li sar fis-settur tal-edukazzjoni, li jirriżulta fil-biċċa l-kbira minn politiki ta' awsterità imħeġġa mill-UE, qed jipperikolaw edukazzjoni pubblika ta' kwalità għolja mingħajr ħlas u għalhekk iservu biex jaggravaw l-inugwaljanzi;
- H. billi edukazzjoni pubblika ta' kwalità għandha tkun mingħajr ħlas u disponibbli għat-tfal kollha, mingħajr ebda diskriminazzjoni u irrispettament mill-istatus ta' residenza tagħhom;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- I. billi l-faqar għandu influwenza qawwija fuq aċċess ugwali għall-edukazzjoni minħabba l-ispejjeż, kemm diretti kif ukoll indiretti, li jiġġarbu meta t-tfal jintbagħtu l-iskola, u l-aċċess għall-edukazzjoni, u b'mod partikulari l-edukazzjoni għolja, huwa speċjalment diffiċli għal zgħażaġh minn familji bi dħul baxx, u dan iwassal għal tisħiħ tal-preferenza tradizzjonali lejn l-edukazzjoni tas-subien;
- J. billi l-istereotipi tas-sessi jassenjaw rwoli differenti, iddeterminati u limitati lin-nisa u l-irġiel, u dawn ir-rwoli huma fformati permezz ta' bosta fatturi soċjali u mxerrda jew riprodotti mill-ġenituri, l-edukazzjoni u l-midja; billi dawn ir-rwoli tal-ġeneri jiġu integrati minn individwi matul il-fażijiet tas-soċjalizzazzjoni tat-tfulija u l-adolesxenza, u għalhekk jinfluwenzaw ħajjithom u jistgħu jillimitaw l-iżvilupp personali tan-nisa u l-irġiel;
- K. billi l-impatt ta' stereotipi tal-ġeneri fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ u deċiżjonijiet maġhmula minn studenti fl-iskola jistgħu jinfluwenzaw l-għażliet tul ħajjithom u sussegwentement għandhom implikazzjonijiet qawwija fis-suq tax-xogħol fejn in-nisa għadhom jiffaċċjaw segregazzjoni kemm orizzontali kif ukoll vertikali; billi dan jikkontribwixxi biex ċerti setturi għadhom jitqiesu bħala "maskili" u fejn il-livelli tal-paga huma konsegwentement ogħla minn setturi meqjusa "femminili";
- L. meta titqies l-influwenza sinifikanti tal-ambjent soċjali, l-attitudnijiet tal-familja, sħab, mudelli u għalliema, kif ukoll ta' ċentri ta' taħriġ u pariri fil-proċess tal-għażla, fuq l-għażla tal-oqsma ta' studju tal-istudenti u fuq il-bidla fl-istereotipi tal-ġeneru, u peress li l-għalliema bħala aġenti tal-bidla soċjali, bl-attitudnijiet u l-prattiki ta' taġħlim tagħhom huma essenzjali għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, id-diversità u l-fehim u r-rispett reċiproċi; iqis ukoll li l-għalliema tal-iskejjel jistgħu jkellmu lill-ġenituri u titqajjem il-kuxjenza dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-potenzjal tat-tfal tagħhom;
- M. billi l-perspettiva tal-ġeneru għandha tkun inkorporata fil-livelli u l-oqsma kollha tas-sistema edukattiva biex, fost is-subien u l-bniet, l-irġiel u n-nisa, jinkoraġġixxu l-valuri tal-ġustizzja u ċ-ċittadinanza demokratika u biex tiġi żviluppata l-ugwaljanza vera bejn l-irġiel u n-nisa, kemm fl-isfera pubblika kif ukoll fl-isfera privata;
- N. billi hemm bżonn ta' aktar nisa li huma ta' eżempju għall-oħrajn f'oqsma riżervati għall-irġiel bħax-xjenza, l-inġinerija, it-teknoloġija, il-matematika u l-intraprenditorija, u netwerks ta' mentoring u taġħlim bejn il-pari huma effettivi fl-għoti ta' setgħa lil bniet f'dawn l-oqsma;
- O. billi d-data disponibbli turi li n-nisa huma rikompensati inqas finanzjarjament għall-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom mill-irġiel, u n-nisa jibqgħu responsabbli fil-biċċa l-kbira mill-kura għat-tfal u dipendenti oħra tal-familja, u dan jillimita l-aċċess tagħhom għal impjeg full-time bi ħlas; billi l-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tinvolvi r-rikonoxximent ta' kull xogħol maġħmul min-nisa u l-edukazzjoni tas-subien u l-irġiel fil-kompiti li huma tradizzjonalment femminili; billi l-progress fil-politiki dwar l-appoġġ għall-kura tat-tfal u l-liv tal-maternità u tal-paternità madwar l-Ewropa se jikkontribwixxi għal prospetti ta' impjeg tan-nisa, l-għoti ta' setgħa ekonomika, u l-ġlieda kontra l-istereotipi tas-sessi, u b'hekk jagħti s-setgħa lill-bniet fil-livelli kollha tal-edukazzjoni;
- P. billi, għalkemm hemm iktar nisa b'edukazzjoni sekondarja jew universitarja, kemm l-oqsma ta' edukazzjoni kif ukoll l-attivitajiet professjonali tagħhom huma kkonċentratu madwar kompiti bl-għan tar-riproduzzjoni u l-kontinwazzjoni ta' strutturi soċjali u ekonomiċi tradizzjonali eżistenti, u li jeħtieġ li jiżdied il-perċentwal ta' nisa kemm fl-edukazzjoni vokazzjonali kif ukoll mas-setturi tal-STEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika);
- Q. billi allokkazzjoni aktar ugwali ta' riżorsi edukattivi tista' tirriżulta f'aktar aċċess għall-bniet għas-suq tax-xogħol, u parteċipazzjoni bbilanċjata tan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol jistgħu jrawmu prospetti ekonomiċi tal-UE;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- R. billi l-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali għandhom jippromwovu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-istabbilimentu edukattiv bil-mezzi kollha, li l-edukazzjoni tas-sessi għandha tkun parti fundamentali mill-programmi skolastiċi; billi l-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali għandhom jiżguraw li l-materjali tat-tagħlim ma fihomx kontenut diskriminatorju;
- S. billi l-kurrikulu formali jirrifletti l-perspettiva kulturali u soċjali ta' kull Stat Membru u jinfluwenza l-kostruzzjoni ta' identità tas-subien u l-bniet; billi l-kurrikulu informali jikkomplimenta l-kurrikulu formali filwaqt li l-kurrikulu moħbi huwa komuni għal kull definizzjoni sitwazzjonali tal-kurrikulu; billi dawn it-tipi kollha ta' kurrikuli huma importanti fil-bini ta' identità tas-subien u l-bniet, u l-awtoritajiet lokali, billi l-viċinanza tagħhom għall-istituzzjonijiet edukattivi għandha rwol ewlieni x'taqdi fl-edukazzjoni informali;
- T. billi huwa essenzjali, biex jiġu miġġielda l-inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa, li ċ-ċentri ta' riċerka edukattiva speċjalizzati fl-ugwaljanza tas-sessi ikunu responsabbli mill-monitoraġġ kostanti, fuq livell edukattiv, iżda wkoll li jimmonitorjaw u jevalwaw il-programmi, l-għanijiet ta' żvilupp u r-riżultati ta' tagħlim, il-kontenut, l-istrategġiji, il-materjali, il-valutazzjoni, il-programm ta' kull suġġett kif ukoll u l-ippjanar;
- U. billi l-vjolenza fuq in-nisa hija l-ostaklu ewlieni għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u tista' tiġi miġġielda permezz tal-edukazzjoni; billi mhux il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea rratifikaw il-Konvenzjoni ta' Istanbul u li jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea tniedi u tiffinanzja proġetti favur l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
- V. billi l-vjolenza fl-iskejjel marbuta mal-ġeneru (SRGBV) tinkludi atti ta' vjolenza sesswali, vjolenza fiżika u/jew psikoloġika kkawżata lit-tfal minħabba l-istereotipi bejn is-sessi u n-normi soċjali; billi l-SRGBV hija ostaklu ewlieni għall-aċċess, il-parteċipazzjoni u l-kisba;
- W. billi n-nisa u l-bniet b'diżabilitajiet u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali huma esposti għal diskriminazzjoni multipla; billi s-sitwazzjoni tal-bniet tista' tittejjeb biss meta l-aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja huwa ugwali u mhux determinat jew imfexx b'din id-diskriminazzjoni u huwa konformi bis-sħiħ mal-prinċipji tal-inklużjoni;
- X. billi jeżistu sproporzjonalitajiet sinifikanti fl-identifikazzjoni ta' bżonnijiet edukattivi speċjali (SEN); billi huwa universalment aktar probabbli li s-subien ikunu ġew identifikati bħala li għandhom htigġijiet speċjali, speċjalment diffikultajiet 'mhux normattivi' bħall-attenzjoni deficiency syndrome (ADS) jew disleksja, meta ġudizzju professjonali għandu rwol akbar fl-identifikazzjoni;
- Y. billi 17 % tal-adulti madwar id-dinja, żewġ terzi (493 miljun) fosthom nisa, ma jafux jaqraw jew jiktbu ⁽¹⁾;

Rakkomandazzjonijiet ġenerali

1. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplementaw u jtejbu l-miżuri biex japplikaw l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-livelli kollha tas-sistema edukattiva, u biex jintegraw bis-sħiħ titjib fl-għarfien ta' kwistjonijiet ta' ġeneru fit-taħriġ tal-għalliema, iżda wkoll kull kategorija ta' professjonisti tal-iskola, pereżempju tobbja tal-iskejjel, infermiera, psikologi, assistenti soċjali u għalliema, kif ukoll biex jiżguraw il-ħolqien ta' mekkaniżmi tul is-sistema edukattiva kollha li jiffaċilitaw il-promozzjoni, l-implementazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-istituzzjonijiet edukattivi;
2. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu d-demokratizzazzjoni tal-edukazzjoni u kondizzjonijiet oħra meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-edukazzjoni, kemm jekk ipprovduta permezz ta' skejjel jew b'mezzi oħra ta' tagħlim, tgħin biex iġġib l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-opportunitajiet indaqs, jegħlbu inugwaljanzi ekonomiċi, soċjali u kulturali, jinkoraġġixxu l-iżvilupp personali u spirtu ta' tolleranza, solidarjetà u responsabbiltà, u jiffaċilitaw il-progress soċjali u l-parteċipazzjoni demokratika fil-ħajja tal-komunità;

⁽¹⁾ <https://europa.eu/eyd2015/en/eu-european-parliament/posts/every-girl-and-woman-has-right-education>

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

3. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-għanijiet tas-sistemi edukattivi tagħhom jinkludu l-edukazzjoni b'rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet u opportunitajiet ugwali għan-nisa u l-irġiel, u li l-prinċipji tal-kwalità tas-sistemi tagħhom jinkludu l-eliminazzjoni tal-ostakoli għal ugwaljanza effettiva bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll il-promozzjoni sħiħa tal-ugwaljanza bejniethom;
4. Jitlob li ssir promozzjoni ta' approċċ olistiku għall-edukazzjoni formali u informali fl-iskejjel, u approċċ sensitiv lejn l-inklużjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-dinjità umana, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-iżvilupp ta' awtostima u assertività, li jinkoraġġixxi teħid ta' deċiżjonijiet awtonomu u infurmat għall-bniet u n-nisa, kemm fil-livell personali kif ukoll f'dak professjonali; Jirrikonoxxi li l-edukazzjoni għall-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tikkomplementa l-edukazzjoni ċivika għall-valuri demokratiċi, u tkun integrata f'ambjent edukattiv sensitiv għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi li jkun ibbażat fuq id-drittijiet, fejn il-bniet u s-subien jistgħu jitgħallmu dwar id-drittijiet tagħhom u l-esperjenza ta' proċessi demokratiċi fl-iskejjel u f'ambjenti ta' tagħlim informali billi, pereżempju, jieħdu sehem f'governanza demokratika tal-iskejjel tagħhom stess;
5. Jistieden lil dawk li jfasslu l-politika edukattiva mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiżguraw li l-impjenji favur l-ugwaljanza bejn is-sessi jmorru lil hinn mid-dikjarazzjonijiet tal-prinċipji u intenzjonijiet politiċi, u jkunu riflessi f'żidiet kbar fl-isforzi u r-riżorsi investiti, filwaqt li jfakkar l-importanza primarja tal-edukazzjoni sabiex tiġi effettwata bidla kulturali;
6. Jirrimarka li filwaqt li n-nisa jirrappreżentaw il-maġġoranza (60 %) ta' gradwati ta' edukazzjoni ogħla fl-UE, ir-rata tal-impjieg tagħhom u t-trajettorji ta' promozzjoni tagħhom ma jirriflettux il-potenzjal sħiħ tagħhom; jenfasizza li l-kisba ta' tkabbir ekonomiku inklużiv u fit-tul tiddependi fuq li jitnaqqas id-distakk bejn dak li n-nisa jiksbu fl-edukazzjoni tagħhom u l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol, primarjament billi tingħeleb is-segregazzjoni orizzontali u vertikali;
7. Jenfasizza li l-edukazzjoni hija għodda importanti li tgħin lin-nisa biex jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-iżvilupp soċjali u ekonomiku; jenfasizza li l-miżuri għat-tagħlim tul il-ħajja huma kruċjali biex jipprovdu lin-nisa bil-ħiliet li jippermettulhom jirritornaw fid-dinja tax-xogħol jew itejbu l-impjieg, id-dħul u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom;
8. Jistieden lill-Istati Membri biex iżidu l-investment essenzjali fl-edukazzjoni sabiex kulħadd ikun jista' jibbenefika minn edukazzjoni pubblika ta' kwalità għolja mingħajr ħlas;
9. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet edukattivi tagħhom jiggarrantixxu l-istess dritt għall-edukazzjoni għan-nisa u l-irġiel, billi jinkorporaw b'mod attiv il-prinċipju ta' trattament ugwali f'miri u azzjonijiet edukattivi, u b'hekk jiġi evitat li jitfaċċjaw inugwaljanzi bejn in-nisa u l-irġiel minħabba l-imġiba u l-istereotipi soċjali sessisti assoċjati;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li din ir-rakkomandazzjoni tintbagħat lill-istituzzjonijiet politiċi responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki edukattivi fil-livelli ċentrali, reġjonali u lokali, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni skolastika u l-awtoritajiet reġjonali u lokali;
11. Jenfasizza l-hteġġa li tiġi promossa r-rappreżentanza indaqs bejn is-sessi f'termini ta' tmexxija u ġestjoni ta' korpi responsabbli għas-sorveljanza u l-governanza ta' stabbilimenti edukattivi, speċjalment fost il-manijers u l-kapijiet tal-iskola u fejn hemm rappreżentanza bħal fis-suġġetti STEM, peress li dan ser jipprovdi mudelli għall-bniet;
12. Jenfasizza li l-bniet li mhumiex permessi li jattendu l-iskola huma aktar esposti għal vjolenza domestika;
13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tibda malajr kemm jista' jkun il-proċedura għall-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni ta' Istanbul; jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni, u jitlob ukoll lill-UE u lill-Istati Membri jaħdmu flimkien għall-ugwaljanza bejn is-sessi fir-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni; jenfasizza r-rabtiet mill-qrib bejn l-istereotipi tas-sessi u l-ibbuljar, cyberbullying u l-vjolenza kontra n-nisa, u l-bżonn li jiġu miġġielda dawn minn età bikrija; jenfasizza li l-Konvenzjoni ta' Istanbul titlob lill-firmatarji biex jinkludu materjali tat-tagħlim dwar kwistjonijiet bħal rwoli tas-sessi li mhumiex stereotipi, ir-rispett reċiproku, is-soluzzjoni mhux vjolenti tal-kunflitti f'relazzjonijiet interpersonali, il-vjolenza sessista u d-dritt għall-integrità personali, adattat għal kapaċità li qed jevolvu tal-istudenti, f'kurrikuli formali u fil-livelli kollha tal-edukazzjoni;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

14. Ihegġegħ lill-Istati Membri kollha biex jinvestu b'mod konsistenti fl-informazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-kampanji edukattivi u biex jitjeb l-għoti ta' gwida tal-karriera għall-bniet u s-subien, jiġu indirizzati l-perċezzjonijiet stereotipati tar-woli tas-sessi, kif ukoll l-istereotipi tas-sessi b'orjentazzjoni vokazzjonali u professjonali, b'mod partikolari fix-Xjenza u Teknoloġiji ġodda; ifakkar li dan inaqqas is-segregazzjoni bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol u jsaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa filwaqt li jippermettilhom li jibbenefikaw bis-sħiħ minn kapital uman rappreżentat minn tfajliet u nisa fl-UE u jipromwovu diskussjonijiet ta' għażliet edukattivi u għall-karriera fl-iskejjel u fil-klassijiet;

15. Ifakkar fir-rwol tat-timijiet edukattivi biex jgħinu u jikkonsultaw mal-familji f'dak li għandu x'jaqsam mal-karrieri skolastiċi tat-tfal bl-għan li jkunu stabbiliti f'direzzjoni li tixraq il-ħiliet, it-talenti u l-gosti tagħhom; jenfasizza li l-istadju li fi h jingħataw pariri dwar il-karrieri skolastiċi huwa wieħed deċiżiv u huwa żmien meta l-isterjotipi tas-sessi jistgħu jkunu element importanti, li jistgħu jolqtu ħażin u b'mod deġġerati l-kapaċità tal-bniet li jsegwu karriera professjonali li tiffaċilita l-iżvilupp u l-emanċipazzjoni personali tagħhom.

16. Jistieden lill-Kummissjoni biex torganizza, permezz tal-Istati Membri, programmi ta' taħriġ speċifiċi ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn bniet rigward il-parteċipazzjoni tagħhom f'edukazzjoni ogħla u l-possibilità ta' korsijiet ta' studju, b'opportunitajiet ta' xogħol korrispondenti fuq il-bażi tal-ħiliet tagħhom, sabiex jitħeġġu jsegwu karrieri li tradizzjonalment huma ddominati mill-irġiel u biex tissaħħaħ l-awtostima tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' nisa; jenfasizza li l-edukazzjoni informali taqdi rwol ewlieni fil-bini ta' fiduċja għall-bniet u n-nisa żgħażaġh;

17. Jistieden lill-Istati Membri jużaw il-Fondi ESI biex jappoġġjaw programmi li jaħdmu b'mod attiv mal-ġenituri ta' tfal minn daww il-komunitajiet esklużi u li jinkoraġġixxu u jstimolaw attivitajiet sinifikanti barra l-ħinijiet tal-iskola u waqt il-vaganzi tal-iskola;

18. Jistieden lill-Istati Membri biex jinkoraġġixxu l-promozzjoni ta' netwerks pubbliċi ta' creches, nurseries u s-sistema edukattiva ta' qabel l-iskola, u servizzi ta' rikreazzjoni pubblika għat-tfal;

19. Jistieden lill-Istati Membri jtejb u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali għall-persuni b'diżabbiltajiet u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali (SEN), kif ukoll it-tnaqqis ta' rati għoljin ta' tluq mill-iskola tagħhom, u li jirrispettaw il-prinċipji ta' edukazzjoni inklużiva, b'enfasi fuq il-parteċipazzjoni attiva ta' dawn l-istudenti, u biex tittejjeb l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà u s-sistema edukattiva ġenerali fejn possibbli; jitlob titjib immedjat fit-taħriġ tal-għalliema għal dan li għan u l-integrazzjoni ta' perspettiva dwar il-ġeneru f'taħriġ bħal dan, kif ukoll l-identifikazzjoni ta' diffikultajiet fit-tagħlim, inkluż l-iżvilupp ta' għodod ta' skrinjng sensitivi għall-ġeneru u jintegraw il-perspettiva tal-ġeneru speċifiċi sabiex jipprovdu programmi edukattivi tan-nisa u l-bniet kkonċernati b'opportunitajiet aħjar meta jfittxu impjieg, u li jagħtuhom is-setgħa biex tingħeleb id-diskriminazzjoni multipla;

20. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw aċċess ugħali għall-edukazzjoni għall-bniet u s-subien, irrISPettivament mill-età, is-sess, l-istatus soċjoekonomiku, l-isfond kulturali jew reliġjuż, u jenfasizza l-ħtieġa għal istituzzjonijiet Ewropej, nazzjonali u lokali biex jipromwovu programmi speċifiċi biex jintegraw komunitajiet marġinalizzati b'mod ġenerali fl-iskejjel kif ukoll, b'mod partikolari, bniet minn dawn il-komunitajiet, peress li ta' spiss jaffaċċjaw diskriminazzjoni multipla, u l-minoranzi kollha fis-soċjetà Ewropea; Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-bniet ilestu l-edukazzjoni sekondarja tagħhom, u jenfasizza l-ħtieġa għal programmi ta' assistenza finanzjarja għal familji żvantaġġati ekonomikament, sabiex jevitaw li dawn l-istudenti jitolqu kmieni mill-iskola, b'mod partikolari l-bniet;

21. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiprovdu appoġġ attiv meħtieġ biex jiżguraw li n-nisa migranti u l-familji tagħhom ikunu jstgħu jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż ospitanti tagħhom permezz ta' servizzi ta' edukazzjoni pubblika bbażati lokalment u mingħajr ħlas;

22. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi speċifiċi biex jiżguraw li l-bniet u n-nisa żgħażaġh Rom jibqgħu fl-edukazzjoni primarja, sekondarja u edukazzjoni ogħla, u wkoll jistabbilixxu miżuri speċjali għall-ommijiet adolexxenti u bniet li telqu mill-iskola kmieni, b'mod partikolari biex jappoġġjaw l-edukazzjoni mhux interrotta, u jiprovdu taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol; jistieden ukoll lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jqisu dawn il-miżuri meta jikkordinaw u jevalwaw l-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

23. Jenfasizza l-importanza li jiġu inklużi miżuri dwar l-edukazzjoni tal-bniet u n-nisa fil-proġetti ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp;

24. Jenfasizza l-importanza tal-iffukar b'mod partikolari fuq il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fi ħdan il-kurrikuli u fl-istadji kollha tal-edukazzjoni;

Programm skolastiku u taħriġ

25. Jinsisti li għandha tingħata attenzjoni xierqa lill-ugwaljanza bejn is-sessi, fl-aspetti kollha tagħha, fil-kurrikuli, l-għanijiet għall-iżvilupp u r-riżultati tat-tagħlim, is-suġġetti, il-pjanijiet skolastiċi, kif ukoll lill-ħtieġa li jiġi vvalutat ir-rwol tan-nisa fil-programmi skolastiċi fis-suġġetti differenti, bl-enfasizzar tar-rwol tagħhom fis-suġġetti mgħallma; iqis li l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-edukazzjoni għandha tindirizza b'mod espliċitu l-prinċipju ta' ugwaljanza u għandha tinkludi firxa ta' kwistjonijiet, bħalma huma l-litteriżmu, l-ibbuljar, il-vjolenza, id-diskors ta' mibegħda, id-drittijiet tal-bniedem u l-edukazzjoni ċivika;

26. Jenfasizza li l-edukazzjoni trid tgħin biex il-bniet u s-subien jiżviluppaw f'individwi li huma konxji, ibbilanċjati, jirrispettaw lil ħaddieħor u huma kapaċi li juru l-empatija u r-rispett reċiproku, għall-prevenzjoni tad-diskriminazzjoni, l-aggressjoni u l-bullying;

27. Jenfasizza li l-iskejjel għandhom jgħinu biex jiġi żviluppat approċċ interkulturali għall-edukazzjoni, sabiex tiġi promossa t-trasparenza, ir-rispett reċiproku u d-djalogu interkulturali u interreliġjuż;

28. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-programmi komprensivi tagħhom dwar l-edukazzjoni sesswali u relazzjoni, inkluż it-tagħlim ta' programmi edukattivi tal-bniet u s-subien dwar relazzjonijiet ibbażati fuq il-kunsens, ir-rispett u r-reċiproċità, kif ukoll attivitajiet ta' sport u ħin liberu, fejn l-istereotipi u l-istennijiet bbażati fuq is-sess jistgħu jaffettwaw l-awtostima tagħhom, is-saħħa, l-akkwist ta' ħiliet, l-iżvilupp intellettuali, l-integrazzjoni soċjali u l-bini ta' identità tal-bniet u s-subien;

29. Jirrikonoxxi li edukazzjoni sensitiva, adattata skont l-età u xjentifikament preċiża dwar is-sess u r-relazzjonijiet hija għodda essenzjali tal-kapaċità għall-ġħoti tas-setgħa lill-bniet u s-subien, biex tgħinlihom jagħmlu għażliet infurmati sew u li tikkontribwixxi għal firxa aktar wiesgħa ta' prijoritajiet ta' saħħa pubblika bħat-tnaqqis fit-tqala mhux ippjanata, it-tnaqqis fl-imwiet tal-ommijiet u tat-trabi, il-prevenzjoni u t-trattament bikri ta' infezzjonijiet trażmessi sesswalment, u biex jtnaqqas id-distakk fl-inugwaljanza fil-qasam tas-saħħa; Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jikkunsidraw li jagħmlu edukazzjoni sesswali u relazzjonali komprensiva adattata skont l-età obbligatorja fil-kurrikuli tal-iskejjel għall-istudenti kollha fl-iskejjel primarji u sekondarji, u jenfasizza l-importanza ta' taħriġ tal-għalliema b'enfasi speċjali fuq il-bniet u n-nisa kif ukoll fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi;

30. Jappella għall-implimentazzjoni ta' edukazzjoni dwar is-sess u r-relazzjonijiet fil-kurrikuli fi programmi mmirati li jagħtu s-setgħa lill-bniet permezz tal-promozzjoni ta' għarfien u ta' ġisimhom, filwaqt li jitlob li s-suġġetti l-oħra kollha tal-kurrikulu jżommu l-koerenza ma' dawn il-prinċipji;

31. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru f'xenarji edukattivi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-inklużjoni ta' informazzjoni oġġettiva dwar kwistjonijiet LGBTI fil-kurrikuli tal-iskejjel; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiffaċilita t-tagħlim bejn il-pari fost l-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-ibbuljar u l-fastidju omofobiku u transfobiku;

32. Iħeġġeġ lill-bniet u s-subien fil-proċess edukattiv biex juru interess ugwali fis-suġġetti kollha, lil hinn mill-istereotipi bejn is-sessi, b'mod partikolari fir-rigward tas-suġġetti xjentifiċi u tekniċi, inkluż tagħlim tas-subien dwar attivitajiet meqjusa bħala femminili, foqasma bħalma huma x-xogħol domestiku u tal-kura, filwaqt li tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni u r-rappreżentazzjoni ugwali fit-teħid ta' deċiżjonijiet kollettivi u t-tmexxija tal-iskejjel, kif ukoll attivitajiet ekstrakurrikulari; jistieden lil dawk kollha involuti biex jiżguraw li l-finanzjament għal dawn l-aktivitajiet effettivi jkun protett;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

33. Jinnota l-ħtieġa għal miżuri biex jinkoraġġixxu l-promozzjoni speċifika tan-nisa fl-oqsma tal-kultura u l-produzzjoni u t-tixrid ta' xogħlijiet artistiċi u intellettuali, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni mifruxa u strutturali esperjenzati min-nisa f'din l-isfera, il-promozzjoni ta' rappreżentanza b'bilanċjata ta' nisa u rġiel f'attivitajiet artistiċi u kulturali pubbliċi, u li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju u jkun hemm azzjonijiet pożittivi biex jikkoreġu sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' ugwajlanza f'dawn l-oqsma;
34. Jitlob għall-iżvilupp ta' aċċess ugwali għal, l-użu ta', u l-edukazzjoni dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni għall-bniet u s-subien minn edukazzjoni ta' qabel l-iskola 'l fuq, b'attenzjoni speċjali għat-tfal u ż-żgħażaġh minn żoni rurali, komunitajiet marġinalizzati, u dawk bi bżonnijiet speċjali, sabiex jittejjeb il-litteriżmu diġitali, jinxterdu strumenti tal-politika edukattiva effettiva u jitjeb it-taħriġ tal-għalliema sabiex jiżied l-għadd ta' studenti u gradwati nisa fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika; f'dan il-kuntest, jilqa' l-inizjattivi u programmi kollha li jimmiraw biex il-bniet jiġu attratti lejn dawk l-oqsma ta' studju u karrieri korrispondenti fir-riċerka;
35. Jenfasizza l-importanza li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri edukattivi bil-għan li jiġu rikonossuti, u li n-nies jiġu mgħallma dwar ir-rwol tan-nisa fl-istorja, ix-xjenza, il-politika, il-letteratura, l-arti, l-edukazzjoni, eċċ;
36. Jitlob li jsir kull sforz biex jiġi żgurat li l-impjegji fil-qasam tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni primarja u l-kura huwa promoss bħala impjeg ta' valur kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel;
37. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw jew isaħħu r-regolamenti nazzjonali bil-ħsieb li jilqgħu kontra influwenza negattiva ta' rwoli tas-sessi sterjotipati, li ġejjin minn valuri mgħoddija permezz tal-midja u r-reklamar, u li ta' spiss wisq jimminaw il-ħidma tal-iskejjel fuq dawn is-suġġetti;
38. jappella għall-istabbiliment ta' attivitajiet kumplimentari li jsaħħu l-programm uffiċjali fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi u t-taħriġ intraprenditorjali kif ukoll għall-implimentazzjoni ta' programmi edukattivi informali għall-edukazzjoni fuq is-sessi fil-komunitajiet permezz tal-awtoritajiet lokali;
39. Jitlob li jingħata impetu mġedded biex tiġi akkreditata l-edukazzjoni informali bħala ċertifikat ta' kompetenza, kif ukoll biex jiġi provdut ċertifikat ta' standard għoli ta' taġħlim ibbażat fuq ix-xogħol f'dak li għandu x'jaqsam ma' edukazzjoni vokazzjonali, peress li dan jgħin lill-bniet u lin-nisa biex isibu impjegji aħjar kif ukoll biex jidħlu fis-suq tax-xogħol jew jintegraw mill-ġdid fih, filwaqt li jiżgura li n-nisa jitqiesu ekwivalenti għall-irġiel f'termini ta' dinjità u kompetenza;
40. Jitlob lill-awturi u l-edituri tal-materjal edukattiv biex isiru konxji tal-ħtieġa li l-ugwaljanza tas-sessi ssir kriterju għall-produzzjoni ta' dawn il-materjali, u jirakkomanda l-użu ta' timijiet ta' għalliema u studenti fl-iżvilupp tal-materjal edukattiv dwar l-ugwaljanza tas-sessi, u biex jintalab parir minn esperti fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi u taġħlim rispettuż tal-perspettiva tal-ġeneru;
41. Jitlob lill-Istati Membri jħejju u jxerrdu linji gwida għall-iskejjel, in-nies li jfasslu l-politiki edukattivi, l-għalliema u l-persuni responsabbli għall-istabbiliment tal-programmi skolastiċi biex jiġu inklużi l-perspettiva tas-sessi u l-ugwaljanza tas-sessi, u li tiġi żgurata il-qirda tal-istereotipi u l-preġudizzji sessisti li jistgħu jinsabu fil-kotba edukattivi u fil-materjal edukattiv, kemm fil-kontenut kif ukoll fil-lingwa jew fl-istampi, jiġu inkoraġġiti jiġġieldu kontra s-sessiżmu fil-letteratura, iċ-ċinema, il-mużika, il-logħob, midja, reklamar u oqsma oħra li jitgħu jikkontribwixxu radikalment biex jibdlu l-attitudnijiet, l-imġiba u l-identità tal-bniet u s-subien;
42. Jagħraf li l-għalliema għandhom rwol ewlieni fl-iffurmar ta' identitajiet edukattivi u għandhom impatt sinifikanti fuq l-aspetti ta' imġieba skont is-sessi fl-iskola; ifakkar li għad fadal ħafna xi jsir biex l-għalliema jingħataw is-setgħa fir-rigward ta' kif l-iktar jistgħu jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi; jinsisti għalhekk fuq il-bżonn li jiġi żgurat taħriġ komprensiv inizjali u kostanti dwar l-ugwaljanza għall-għalliema fil-livelli kollha tal-edukazzjoni formali u informali, inkluż taġħlim bejn il-pari u kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet esterni u aġenziji, biex ikabbru l-għarfien dwar l-impatt tar-rwoli u tal-isterjotipi tas-sessi fuq il-fiducia tal-istudenti fihom infushom u l-għażliet tas-suġġetti taġħhom matul l-istudji taġħhom; jenfasizza li l-bniet għandu jkollhom mudelli pożittivi femminili u maskili fl-iskejjel u l-universitajiet sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw u jagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal taġħhom stess mingħajr biża' ta' diskriminazzjoni jew ambigwiżà għal raġunijiet ta' ġeneru;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

43. Jenfasizza l-bżonn li jiġu integrati l-istudju u l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kemm f'taħriġ inizjali kif ukoll f'dak kontinwu tal-għalliem, bil-għan li jitneħħew l-ostakoli biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-istudenti, irrispettivament mill-ġeneru;

44. Jemmen bis-saħħa fil-potenzjal ta' trasformazzjoni tal-edukazzjoni favur l-ugwaljanza bejn is-sessi; Jirrikonoxxi li programmi ta' edukazzjoni formali u informali għandhom jindirizzaw u jiġġieldu kontra l-vjolenza sessista, id-diskriminazzjoni bejn is-sessi, il-fastidju, l-omofobija u t-transfobija fil-forom kollha tagħhom, inklużi forom ta' cyberbullying, jew fastidju online; jirrikonoxxi li l-edukazzjoni għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u kontra l-vjolenza sessista tiddependi minn ambjent fl-iskejjel li jkun sigur u ħieles mill-vjolenza;

45. Jenfasizza l-hteġa li jiġu organizzati inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni, ta' taħriġ u ta' integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi għall-partijiet interessati kollha fil-politika edukattiva u wkoll għall-ġenituri u għal min iħaddem;

46. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu approċċ interġenerazzjonali għall-edukazzjoni, u jiżguraw aċċess ugwali għal edukazzjoni formali u informali billi jintegraw il-provvista ta' kura tat-tfal bi prezz raġonevoli u ta' kwalità fis-sistemi edukattivi tagħhom, kif ukoll kura għall-anzjani u dipendenti oħra; jistieden lill-Istati Membri biex jinvolvu ruħhom f'inizjattivi li jnaqqsu l-ispejjeż diretti u indiretti edukattivi u biex tiżdied il-kapaċità ta' crèches u nurseries kollha, inkluż fil-qasam tal-edukazzjoni preskolari, l-iskejjel u netwerks ta' wara l-iskola, bir-rispett dovut tal-prinċipji ta' inklużjoni għal tfal li jgħixu fil-faqar jew f'riskju ta' faqar; jenfasizza l-importanza ta' dan sabiex jgħin lin-nisa u l-irġiel kollha, inklużi l-ġenituri waħedhom, il-bilanċ tal-ħajja tal-familja max-xogħol u jiggarantixxu l-parteċipazzjoni tan-nisa fit-tagħlim tul il-ħajja u l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ filwaqt li sussegwentement jinħolqu mudelli għall-għoti ta' setgħa lill-bniet;

47. Jenfasizza li kwalunkwe strateġija li tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti ta' setgħa lil bniet u nisa għandha tinvolvi b'mod attiv lis-subien u lill-irġiel;

48. Jenfasizza l-importanza tal-awtoritajiet pubbliċi li jippromwovu korsijiet u riċerka dwar is-sinifikat u l-portata tal-ugwaljanza bejn is-sessi, bħala parti minn edukazzjoni terzjarja, b'mod partikolari billi jiġu inklużi fis-sillabi suġġetti relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi, jiġu introdotti korsijiet post-lawrja speċjalizzati u t-tkomplija ta' studji u riċerka fil-qasam;

49. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex jagħmlu progress dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi, ċertifikati u provi oħrajn ta' kwalifiki professjonali maħruġa fi Stati Membri differenti, u biex jikkoordinaw u jarmonizzaw ir-regoli nazzjonali dwar l-aċċess għal professjonijiet varji, sabiex nisa migranti minn ġewwa jew minn barra l-Unjoni jkunu jistgħu jsibu impjieg xieraq għat-taħriġ u l-kwalifiki tagħhom;

Investimenti, monitoraġġ u evalwazzjoni

50. jenfasizza li l-aġenziji indipendenti jridu jimmonitorjaw u jevalwaw il-progress li jirriżulta mill-adozzjoni tal-politiki ta' ugwaljanza bejn is-sessi fl-istabbiliment edukattivi, kif ukoll il-hteġa għal komunikazzjoni kontinwa mal-awtoritajiet kompetenti dwar il-miżuri kollha meħuda u l-progress li jkun sar f'dan il-qasam, u li l-perspettiva tal-ġeneru għandha ssir malajr element ta' evalwazzjoni interna u esterna tal-istabbiliment edukattivi;

51. Jenfasizza r-rwol importanti ta' kooperazzjoni fost il-korpi amministrattivi differenti ta' edukazzjoni u ta' skambji ta' Prattika tajba f'termini ta' żvilupp ta' proġetti u programmi biex tiġi promossa sensibilizzazzjoni dwar il-prinċipji ta' ko-edukazzjoni u ugwaljanza sinifikanti bejn in-nisa u l-irġiel, u t-tqasim tagħhom fost il-membri tal-komunità edukattiva;

52. Jistieden lill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) biex ikompli l-ħidma tiegħu dwar it-tqegħid flimkien ta' data diżaggregata komparabbli skont il-ġeneru u tabelli ta' valutazzjoni fl-oqsma kollha ta' politika, inkluż fil-qasam tal-edukazzjoni, u jtenni l-importanza li jitwettqu studji dwar l-impatt ta' politiki edukattivi biex jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn is-sessi, li jiġu pprovduti strumenti kwalitattivi u kwantitattivi għall-valutazzjoni ta' dan l-impatt, u wara strateġija baġitarja bbażata fuq is-sessi sabiex tiġi promossa kemm l-aċċess u d-dritt għal riżorsi edukattivi;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

53. Jirrikonoxxi li huwa ta' importanza fundamentali li jiġi valutat l-impatt ta' leġiżlazzjoni futura dwar l-edukazzjoni fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u, fejn meħtieġ, li jiġu riveduti liġijiet eżistenti f'konformità ma' dan il-prinċipju;

54. Jenfasizza li l-monitoraġġ tal-proċess tal-implimentazzjoni tal-programmi tal-ugwaljanza tas-sessi u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu żgurati miċ-ċentri ta' riċerka edukattiva f'kooperazzjoni mill-qrib ma' esperti fil-kwistjonijiet tas-sessi, l-organizzazzjonijiet maħluqa mill-Unjoni Ewropea u l-awtoritajiet lokali; Jitlob li jkun hemm ġbir ta' data diżaggregata skont is-sessi kwantitattiva u kwalitattiva mill-Istati Membri u l-Kummissjoni;

55. Jissuġġerixxi l-ħolqien ta' Premju Ewropew annwali għall-ugwaljanza tas-sessi għall-istabbiliment edukattivi li kellhom suċċess fl-ilħiq ta' dan l-oġġettiv u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu l-istess fil-livell nazzjonali;

56. Jenfasizza l-hteġa li jitfasslu pjanijiet ta' azzjoni u jiġu allokati riżorsi għall-implimentazzjoni ta' proġetti edukattivi speċifiċi kif ukoll strutturi edukattivi sensittivi għall-kwistjonijiet relatati mal-ġeneru, jirrakkomanda l-użu ta' strumenti Ewropej disponibbli għal dan l-għan, jiġifieri l-pjan ta' investiment, il-programm Orizzont 2020, u l-fondi strutturali tal-UE, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew;

o

o o

57. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0313

ŻEE-Svizzera: Ostakli fir-rigward tal-implimentazzjoni sħiħa tas-suq intern

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar iż-ŻEE-Svizzera: Ostakoli fir-rigward tal-implimentazzjoni sħiħa tas-suq intern (2015/2061(INI))

(2017/C 316/19)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles tat-22 ta' Lulju 1972 bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera,
- wara li kkunsidra l-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, u b'mod partikolari l-Anness I tiegħu dwar il-moviment liberu tal-persuni u l-Anness III dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali,
- wara li kkunsidra l-Ftehim tal-25 ta' Ġunju 2009 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar is-simplifikazzjoni tal-kontrolli u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà,
- wara li kkunsidra l-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità,
- wara li kkunsidra l-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ċerti aspetti tal-akkwist pubbliku mill-gvern,
- wara li kkunsidra l-Protokoll tas-27 ta' Mejju 2008 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea fisem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija wara l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Protokoll tas-26 ta' Ottubru 2004 għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq naħa, u l-Konfederazzjoni Żvizzera fuq in-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, rigward il-parteċipazzjoni, bħala partijiet kontraenti, tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovacka skont l-adeżjoni tagħhom mal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (id-“Direttiva tas-Servizzi”) ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar iż-ŻEE-Żvizzera: Ostakli fir-rigward tal-implimentazzjoni sħiħa tas-suq intern ⁽³⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.

⁽²⁾ ĠU L 354, 28.12.2013, p. 132.

⁽³⁾ ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 18.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2014 dwar ir-Rapport ta' Progress tal-2012 dwar l-Iżlanda u l-prospettivi postelettorali ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2015 dwar il-governanza tas-Suq Uniku fil-qafas tas-Semestru Ewropew 2015 ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 2014,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2014 dwar suq uniku estiż omoġenju u r-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi terzi tal-Ewropa tal-Punent,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill taż-ŻEE fit-42 laqgħa tiegħu tad-19 ta' Novembru 2014,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2012 dwar reviżjoni tal-funzjonament taż-Żona Ekonomika Ewropea (SWD(2012)0425),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2012 dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Prinċipalità ta' Andorra, il-Prinċipalità ta' Monako u r-Repubblika ta' San Marino — Opzjonijiet għal Integrazzjoni Eqreb mal-UE (COM(2012)0680),
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2013 dwar ir-Relazzjonijiet tal-UE mal-Prinċipalità ta' Andorra, il-Prinċipalità ta' Monako u r-Repubblika ta' San Marino: Opzjonijiet għall-parteċipazzjoni tagħhom fis-Suq Intern,
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-Żona Ekonomika Ewropea dwar ir-Rapport Annwali dwar il-Funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE fl-2013,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-Żona Ekonomika Ewropea tat-30 ta' Mejju 2013 dwar il-futur taż-ŻEE u r-relazzjonijiet tal-UE mal-pajjiżi ta' daqs żgħir u l-Iżvizzera,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-Żona Ekonomika Ewropea tas-26 ta' Marzu 2014 dwar il-governanza tas-suq uniku,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-Żona Ekonomika Ewropea tas-17 ta' Marzu 2015 dwar il-politika industrijali fl-Ewropa,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-Żona Ekonomika Ewropea tas-17 ta' Marzu 2015 dwar is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment u l-implikazzjonijiet possibbli tagħha għall-Istati EFTA taż-ŻEE,
- wara li kkunsidra r-Rapport tal-Politika Barranija Żvizzera tal-14 ta' Jannar 2015,
- wara li kkunsidra l-35 Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern tal-Istati EFTA taż-ŻEE,
- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 217 li jagħti d-dritt lill-Unjoni li tikkonkludi ftehimiet internazzjonali,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0244/2015),

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0041.

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0069.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

- A. billi l-erba' Stati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera) huma sħab kummerċjali ewlenin tal-Unjoni Ewropea (UE), filwaqt li l-Iżvizzera u n-Norveġja huma, rispettivament, ir-raba' u l-ħames sħab kummerċjali l-aktar importanti f'sens ta' volum;
- B. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u tliet Stati Membri tal-EFTA (l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja) huma bbażati fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), li ttiprovdi għal parteċipazzjoni fis-suq intern, bil-Ftehim ŻEE mmaniġġjat u mmonitorjat f'qafas istituzzjonalizzat sew;
- C. billi l-parteeipazzjoni tal-Iżvizzera fil-Ftehim ŻEE kienet ikkontestata b'vot popolari fl-1992 u għalhekk ir-relazzjonijiet bejn l-Iżvizzera u l-UE huma attwalment ibbażati fuq iżjed minn 100 ftehim settorjali li jipprovdu għal grad estensiv ta' integrazzjoni;
- D. billi suq uniku li jiffunzjona tajjeb u effikaċi, ibbażat fuq ekonomija tas-suq soċjali ferm kompetittiva, huwa meħtieġ biex jagħti spinta lit-tkabbir u lill-kompetittività u biex joħloq l-impjiegi ħalli jagħti l-ħajja mill-ġdid lill-ekonomija Ewropea, iżda l-leġiżlazzjoni tas-suq uniku għandha tiġi trasposta, implimentata u infurzata kif xieraq sabiex jittieħdu l-benefiċċji kollha tagħha fl-Istati Membri tal-UE u fl-Istati EFTA taż-ŻEE;

Introduzzjoni

1. Iqis il-Ftehim taż-ŻEE bħala fattur ewlieni għat-tkabbir ekonomiku u l-iżjed strument estensiv u komprensiv li jestendi s-suq uniku għal pajjiżi terzi; jemmen li meta jittieħed kont tal-iżviluppi interni fl-UE, ġie ppruvat li huwa ftehim sod, effiċjenti u li jiffunzjona tajjeb filwaqt li jiżgura l-integrità tas-suq uniku anke fuq terminu twil;
2. Jirrikonoxxi li r-relazzjonijiet b'saħħithom bejn l-UE, il-pajjiżi EFTA taż-ŻEE u l-Iżvizzera jmorru lil hinn mill-integrazzjoni ekonomika u l-estensjoni tas-suq uniku, u jikkontribwixxu għall-istabbiltà u l-prosperità għall-benefiċċju taċ-ċittadini u n-negożji kollha, inklużi l-SMEs; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq uniku sabiex jinħolqu kundizzjonijiet ekwi u jiġu ġġenerati impjiegi ġodda;

Implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-Suq Uniku: il-pajjiżi EFTA taż-ŻEE

3. Jinnota bi tħassib li skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Intern tal-Istati EFTA taż-ŻEE, id-defiċit medju attwali fit-traspożizzjoni tat-tliet Stati EFTA żdied għal 2 % minn 1,9 % fl-Lulju 2014;
4. Jilqa' l-isforzi konsiderevoli li saru fir-rigward tat-titjib tal-inkorporazzjoni rapida tal-Acquis rilevanti fil-Ftehim taż-ŻEE kif ukoll il-Ftehim reċenti dwar il-prinċipji għall-inkorporazzjoni tar-Regolamenti tal-UE li jistabbilixxu l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej fil-qasam tas-servizzi finanzjarji;
5. Jirrimarka li l-Istati EFTA taż-ŻEE huma involuti f'ħafna programmi u aġenziji tal-UE u f'miżuri ta' kooperazzjoni Prattika, bħas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern jew is-SOLVIT, u jikkontribwixxu għall-koeżjoni tal-UE permezz tal-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE u tan-Norveġja; iqis li din il-kooperazzjoni trawwem il-funzjonament effikaċi ta' suq uniku mkabbar; jinkoraġġixxi lill-UE u lill-Istati EFTA taż-ŻEE jkomplu jiżviluppaw l-għodod ta' prevenzjoni u t-tweġibiet għal theddid possibbli bil-ħsieb li jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija;
6. Iqis li l-implimentazzjoni fil-ħin u kemm jista' jkun possibbli b'mod simultanju tal-leġiżlazzjoni rilevanti tas-suq uniku mill-Istati EFTA taż-ŻEE hija essenzjali u li dan il-proċess jista' jittejjeb u jiġi aċċellerat iżjed;
7. Jenfasizza li l-atti legali pendenti li qed jistennew l-inkorporazzjoni għadhom ta' tħassib, u għalhekk iħeġġeġ lill-Istati EFTA taż-ŻEE biex, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-UE, iżidu l-isforzi tagħhom sabiex iħarsu l-integrità tas-Suq Uniku;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

8. Jirrikonoxxi li l-ftehim minn qabel tal-Istati EFTA taż-ŻEE kollha rigward id-determinazzjoni tar-rilevanza taż-ŻEE huwa meħtieġ u li jistgħu jkunu meħtieġa adattamenti tekniċi qabel l-inkorporazzjoni; jinsab imħasseb, madankollu, li l-ħafna talbiet għal adattamenti u eċċezzjonijiet qed iwasslu għal dewmien u jistgħu jifframmentaw is-Suq Uniku; jistieden bis-saħħa lil dawn il-pajjiżi biex isibu rimedju għal din is-sitwazzjoni u jaħdmu mill-qrib mal-UE sabiex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku estiż;

9. Jirrimarka li mill-iffirmar tal-ftehim ŻEE, l-UE rrikorriet għal żieda fl-użu tal-aġenziji; jilqa' l-fatt li l-Istati EFTA taż-ŻEE jipparteċipaw fl-operazzjonijiet ta' dawn l-aġenziji; jistieden lill-Istati EFTA taż-ŻEE u lill-Kummissjoni jkomplu jtejbu tali kooperazzjoni u parteċipazzjoni;

10. Jirrimarka li l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka attwalment qegħdin jinnegozjaw ftehim komprensiv ta' kummerċ ħieles u ta' investment; jenfasizza li, skont it-termini tal-ftehim ŻEE, l-Istati EFTA taż-ŻEE japplikaw regoli tas-suq uniku u li l-impatt ta' sħubija b'suċċess ta' kummerċ u ta' investment probabbilment se jaffettwa wkoll l-Istati EFTA taż-ŻEE; jenfasizza wkoll li l-konklużjoni tat-TTIP ma għandhiex twassal għall-ħolqien ta' ostakli għall-kummerċ ġodda bejn l-UE u l-Istati EFTA taż-ŻEE;

Il-Prinċipalità tal-Liechtenstein

11. Huwa mħasseb li d-defiċit fit-traspożizzjoni tal-Liechtenstein żdied minn 0,7 % għal 1,2 %; jinsab imħasseb, ukoll, dwar il-fatt li l-leġiżlazzjoni tiegħu li tikkonċerna d-drittijiet għad-dħul u r-residenza ta' ċerti membri tal-familja ta' ċittadini taż-ŻEE u r-restrizzjonijiet imposti fuq iċ-ċittadini taż-ŻEE li joqogħdu fil-Liechtenstein milli jsibu impjeg fi Stat ieħor taż-ŻEE, li l-Liechtenstein iqis bħala arranġament ibbażat fuq regoli speċjali dwar il-kwoti skont il-ftehim ŻEE, ma tidhirx li hija kompletament konformi mad-dritt taż-ŻEE;

Ir-Repubblika tal-Iżlanda

12. Jieħu nota tal-ittra tat-12 ta' Marzu 2015 mibgħuta mill-Gvern Iżlandaż dwar il-pożizzjoni tiegħu bħala pajjiż kandidat għas-sħubija fl-UE; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Iżlanda żżid l-isforzi tagħha biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-ftehim taż-ŻEE meta tqis li għandha defiċit fit-traspożizzjoni ta' 2,8 %, li huwa l-ogħla fost l-Istati kollha kkonċernati; iħeġġeġ lill-UE u lill-Iżlanda jkomplu jsaħħu l-kooperazzjoni inter alia dwar it-tħejjija għad-diżastri fiż-żona tal-Atlantiku tat-Tramuntana u jallokaw riżorsi biex jiġu affaċċjati l-isfidi relatati;

Ir-Renju tan-Norveġja

13. Jilqa' l-fatt li n-Norveġja, li magħha ssaħħew ir-rabtiet matul is-snin li għaddew, hija parti mill-inizjattiva Frontrunners, li għandha l-għan li ttejjeb is-suq uniku; jinnota, madankollu, li d-defiċit fit-traspożizzjoni żdied għal 2 % u jħeġġeġ lin-Norveġja żżid l-isforzi tagħha f'dan ir-rigward b'mod partikolari bil-ħsieb li jitlestha s-suq intern tal-enerġija; iħeġġeġ l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni inter alia dwar il-politika dwar l-enerġija; jirrimarka li għad hemm kwistjonijiet ta' dazji miżjuda tal-importazzjoni fuq ċerti prodotti li jeħtieġ jiġu vvalutati;

Il-Prinċipalità ta' Andorra, il-Prinċipalità ta' Monako, ir-Repubblika ta' San Marino

14. Jirrikonoxxi li relazzjonijiet iżjed mill-qrib jistgħu jwasslu għal benefiċċji reċiproċi b'mod partikolari fl-ivelli reġjonali u lokali fir-reġjuni tal-viċinat tal-UE, u għalhekk jilqa' l-ftuħ tan-negozjati dwar il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni bħala pass sinifikanti 'l quddiem fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq uniku u possibbilment f'oqsma lil hinn, filwaqt li jittieħed kont tan-natura partikolari ta' dawn il-pajjiżi;

Implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-Suq Uniku: il-Konfederazzjoni Żvizzera

15. Ifaħħar ir-relazzjonijiet b'saħħithom, li kontinwament jiffjorixxu u dejjiema bejn l-UE u l-Iżvizzera, li kkontribwixxew għall-paċi, il-prosperità u t-tkabbir fl-Ewropa matul id-deċennji li għaddew; jinsab konvint li dawn ir-relazzjonijiet jistgħu jiġu approfonditi għall-benefiċċju taż-żewġ partijiet billi jiġu riveduti b'mod komprensiv il-ftehimiet settorjali f'konformità sħiħa mal-prinċipji fundamentali tal-UE u jistgħu jestendu l-elementi komuni u l-interessi reċiproċi numerużi;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

16. Jilqa' f'dan il-kuntest il-ftuħ tan-negozjati f'Mejju 2014 għal qafas istituzzjonali bħala prekundizzjoni għall-iżvilupp ulterjuri ta' approċċ bilaterali; jenfasizza li mingħajr ftehim qafas bħal dan, ma jista' jiġi konkluż l-ebda ftehim ieħor dwar il-parteċipazzjoni Żvizzera fis-suq intern; ihegġegħ lill-Gvern Żvizzeru jżid l-isforzi tiegħu biex jipprograssa n-negozjati dwar il-kwistjonijiet pendenti;

17. Jinnota l-eżitu tal-inizjattiva popolari tad-9 ta' Frar 2014 imsejħa "Kontra l-Immigrazzjoni tal-Massa" u d-deċiżjonijiet meħuda fil-11 ta' Frar 2015 mill-Kunsill Federali Żvizzeru fir-rigward tal-implimentazzjoni tiegħu ta' abbozz ta' liġi ta' implimentazzjoni u miżuri ġodda ta' sostenn; jirrimarka li dawn il-miżuri jmorru kontra l-obbligi li jirriżultaw mill-Ftehim dwar il-Moviment Liberu tal-Persuni (FMPA) u jistenna li l-Iżvizzera tirrispetta dawn l-obbligi; jirrimarka li l-kwistjoni tal-migrazzjoni taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi m'għandhiex tiġi konfuża mal-moviment liberu tal-persuni kif minqax fit-Trattati; jenfasizza li l-miżuri unilaterali meħuda mill-Iżvizzera sabiex tiġi evitata diskriminazzjoni kontra ċittadini Kroati ma jissostitwixxux ir-ratiffika tal-Protokoll li jestendi l-FMPA biex jinkludi l-Kroazja, u li jekk jiġi rratifikat dak il-Protokoll se titwitta t-triq biex l-involvement tal-Iżvizzera fil-programm Orizzont 2020 jitkompla u jiġi estiż wara l-2016 ħalli jiġi ppromoss l-aċċess tar-riċerkaturi għall-finanzjament mill-Orizzont 2020; jistieden lill-Kummissjoni taħdem mal-Iżvizzera u mal-Istati Membri biex isibu soluzzjoni sodisfaċenti li tirrispetta d-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet ikkonċernati filwaqt li jkun hemm aderenza mal-istat tad-dritt;

18. Itenni mill-ġdid li l-moviment liberu tal-persuni huwa waħda mil-libertajiet fundamentali u pilastru tas-suq uniku u li dejjem kien parti inseparabbli minn u prekundizzjoni għall-approċċ bilaterali bejn l-UE u l-Iżvizzera; għalhekk jappoġġja bis-sħiħ iċ-ċaħda tal-UE ta' Lulju 2014 għat-talba tal-Awtoritajiet Żvizzeri biex jinnegozjaw mill-ġdid l-FMPA bil-ħsieb li jintroduċu kwota jew sistema ta' preferenza nazzjonali; jinnota bi tħassib rapporti dwar l-applikazzjoni ta' xi impriżi u distretti awtonomi ta' sistema ta' preferenza nazzjonali, u jirrimarka li tali Prattika hija kuntrarja għall-Ftehim dwar il-libertà ta' moviment;

19. Jinnota li r-restrizzjonijiet għall-moviment liberu tal-persuni kif meħtieġa bir-referendum fl-Iżvizzera jirriskjaw joħlqu żbilanċ u jxekklu l-benefiċċji tal-ftehimiet għall-Istati Membri tal-UE;

20. Jinnota li l-Iżvizzera introduċiet arranġamenti tranżizzjonali wara s-sospensjoni tan-negozjati dwar il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera fil-programm Erasmus+; huwa mħasseb dwar il-fatt li dawn il-miżuri x'aktarx se jkollhom impatt fuq il-movimenti tal-istudenti tal-edukazzjoni għolja bejn l-UE u l-Iżvizzera; jistieden lill-Iżvizzera u l-UE jagħmlu kull sforz biex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-programm Erasmus+, sabiex tiġi żgurata r-riċiproċità tal-iskambji filwaqt li ż-żgħażaġh ma jiġux ippenalizzati;

21. Ihegġegħ biex il-prattika attwali fejn impriżi tat-taksis mill-Istati Membri tal-UE jistgħu jipprovdu servizzi fl-Iżvizzera mingħajr resrizzjoni għandha titkompla, peress li ilha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku fir-reġjuni Żvizzeri tal-fruntiera u hija ta' benefiċċju reċiproku;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tiskrutinizza aktar mill-qrib l-implikazzjonijiet tax-xiri u tal-kiri tal-art minn bdiewa Żvizzeri fir-reġjuni tal-UE tal-fruntiera;

23. Jiddeplora l-introduzzjoni u l-konsolidazzjoni sussegwenti ta' miżuri ta' protezzjoni unilaterali mill-Iżvizzera fil-kuntest tal-Ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni, bħall-impożizzjoni ta' tariffi biex jiġu koperti l-ispejjeż amministrattivi, ir-rekwiżit biex jingħataw garanziji bankarji jew taħlita ta' dawn il-miżuri, peress li dawn qegħdin serjament ixekklu l-provvista ta' servizzi fl-Iżvizzera taħt dan il-ftehim, b'mod partikolari mill-SMEs; jistieden lill-Iżvizzera tirrevedi dawn il-miżuri sabiex iġġibhom konformi mal-ftehim dwar il-libertà ta' moviment;

24. Huwa tal-fehma li l-implimentazzjoni fl-2013 tad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali kienet tardiva ferm u jitlob l-inkorporazzjoni rapida tad-Direttiva 2013/55/UE fl-Anness tal-ftehim dwar il-libertà ta' moviment fl-aspettattiva li l-Iżvizzera ser issib modi kif tiżgura li l-ftehim jibqa' fis-seħħ; jinnota li l-Anness II għall-Ftehim dwar il-moviment liberu tal-persuni ġie reċentement aġġornat bil-għan li jiżgura koordinazzjoni aktar effikaċi tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-UE u tal-Iżvizzera; jistieden lill-Iżvizzera tkompli timplimenta d-dritt tal-UE kif meħtieġa tagħmel;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

25. Huwa tal-fehma li r-riċiproċità u l-korrettezza bejn iż-ŻEE u l-Iżvizzera huma meħtieġa fir-rigward tal-użu tagħhom tas-suq uniku;

26. Jistieden lill-Kummissjoni, biex fil-futur, tikkunsidra l-implikazzjonijiet kollha għar-reġjuni tal-UE fil-fruntiera mal-Iżvizzera tal-introduzzjoni ta' regoli ġodda, bħall-emenda reċenti tal-Artikolu 561 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju, li tfittex li jiġu imposti restrizzjonijiet stretti fuq l-użu għal skopijiet privati minn impjegati residenti fit-territorju doganali tal-UE ta' karożżi tal-kumpanija rreġistrati f'pajjiż terz;

27. Jinnota li f'termini ġenerali, il-kooperazzjoni skont il-Ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità (MRA) hi sodisfaċenti, iżda l-funzjonament tal-ftehim jista' jiġi mtejjeb b'mod sostanzjali jekk l-Iżvizzera kellha twieġhed li taġġornah b'mod konsistenti f'konformità mal-iżviluppi fid-dritt tal-UE;

28. Jitlob li jitneħħew l-ostakli għall-mobilità professjonali tranfruntiera biex is-suq intern jiġi approfondit; jenfasizza, għal dan l-iskop, dwar l-importanza tal-promozzjoni tat-tagħlim tal-lingwi u l-ġhoti ta' informazzjoni aħjar u ta' appoġġ prattiku lill-persuni li qed ifittxu x-xogħol, partikolarment permezz tan-netwerk EURES, fl-Iżvizzera u l-pajjiżi kollha taż-ŻEE; jilqa', għalhekk, l-involvement attiv tal-Iżvizzera fl-attivitajiet tan-netwerk EURES partikolarment fir-reġjuni transfruntiera; jistieden lill-Iżvizzera tkompli tibni s-servizzi transnazzjonali u transfruntiera EURES tagħha, f'konformità mar-Regolament attwali EURES, bil-ħsieb li tissaħħaħ il-mobilità tal-ħaddiema u li jinħoloq suq tal-impjegi integrat b'mod ġenwin bejn l-UE u l-Iżvizzera; bil-ħsieb li tissaħħaħ il-mobilità tal-ħaddiema, iħeġġeġ ukoll sforzi biex tiġi identifikata firxa wiesgħa ta' industriji emerġenti u setturi ta' tkabbir ewlenin li fihom il-pajjiżi taż-ŻEE, l-Iżvizzera u l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuq l-iżvilupp tal-ħiliet tagħhom, sabiex iqabblu aħjar il-ħiliet u l-kwalifiki mal-provvista u d-domanda;

o

o o

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0314

Ir-Russja, b'mod partikolari l-każijiet ta' Eston Kohver, Oleg Sentsov u Olexandr Kolchenko

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar ir-Russja, b'mod partikolari l-każijiet ta' Eston Kohver, Oleg Sentsov u Olexandr Kolchenko (2015/2838(RSP))

(2017/C 316/20)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni Russa, b'mod partikolari l-Artikolu 118 tagħha, li jiddikjara li l-ġustizzja fil-Federazzjoni Russa għandha tkun amministrata mill-qrati biss, u l-Artikolu 120 tagħha, li jipprevedi li l-imħallfin huma indipendenti u subordinati biss għall-Kostituzzjoni Russa u għad-dritt federali,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2015 dwar l-omiċidju tal-kap tal-oppożizzjoni Russu Boris Nemtsov u l-istat tad-demokrazija fir-Russja ⁽¹⁾, wara li kkunsidra r-rapporti u r-riżoluzzjoni preċedenti tiegħu dwar ir-Russja, b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2015 dwar ir-Russja, b'mod partikolari l-każ ta' Alexey Navalny ⁽²⁾, tat-30 ta' April 2015 dwar il-każ ta' Nadiya Savchenko ⁽³⁾, u tal-10 ta' Ġunju 2015 dwar l-istat tar-relazzjonijiet UE-Russja ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-istqarrija tad-19 ta' Awwissu 2015 mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), Federica Mongherini, dwar il-verdett kontra l-uffiċjal tal-pulizija Estonjan Eston Kohver,
- wara li kkunsidra l-istqarrija tal-25 ta' Awwissu 2015 mill-VP/RGħ dwar is-sentenza mogħtija minn qorti Russa liċ-ċittadini Ukreni Oleg Sentsov u Olexandr Kolchenko,
- wara li kkunsidra r-rapporti u r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja, b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet komuni rigward il-viża għal uffiċjali Russi involuti fil-każ Sergei Magnitsky ⁽⁵⁾, ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar l-istat tad-dritt fir-Russja, tat-13 ta' Marzu 2014 dwar ir-Russja ⁽⁶⁾: l-għoti ta' sentenzi lil dimostrandanti involuti fl-avvenimenti ta' Pjazza Bolotnaya ⁽⁷⁾, u tat-23 ta' Ottubru 2014 dwar l-għeluq tal-NGO 'Memorial' (rebbieħ tal-Premju Sakharov 2009) fir-Russja ⁽⁸⁾ u r-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill tat-2 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet komuni rigward il-viża għal uffiċjali Russi involuti fil-każ ta' Sergei Magnitsky ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra s-seba' rapport perjodiku tal-Federazzjoni Russa ⁽¹⁰⁾ kkunsidrat mill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-3 136 laqgħa u fit-3 137 laqgħa ⁽¹¹⁾, li saru fis-16 u s-17 ta' Marzu 2015,
- wara li kkunsidra l-konsultazzjonijiet UE-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem tat-28 ta' Novembru 2013,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0074.

⁽²⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0006.

⁽³⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0186.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0225.

⁽⁵⁾ ĠU C 68 E, 7.3.2014, p. 13.

⁽⁶⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0284.

⁽⁷⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0253.

⁽⁸⁾ Testi adottati, P8_TA(2014)0039.

⁽⁹⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0258.

⁽¹⁰⁾ CCPR/C/RUS/7.

⁽¹¹⁾ CCPR/C/SR.3136 u 3137.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

- A. billi l-Federazzjoni Russa, bħala membru sħiħ tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u n-Nazzjonijiet Uniti, impenjat ruħha li tħares il-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għal-libertajiet fundamentali u tad-drittijiet tal-bniedem; billi, minħabba l-bosta każijiet ta' ksur gravi tal-istat tad-dritt u l-adozzjoni ta' liġijiet restrittivi tul ix-xhur li ghadew, hemm tħassib serju rigward il-konformità tar-Russja mal-obbligi internazzjonali u nazzjonali; u billi l-Unjoni Ewropea ripetutamente offriet għajnuna u għarfien addizzjonali biex tgħin lir-Russja ħalli timmodernizza u ssegwi l-ordinament kostituzzjonali u ġuridiku tagħha, f'konformità mal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa;
- B. billi l-uffiċjal tal-pulizija Estonjan Eston Kohver inħataf f'Settembru 2014 minn territorju Estonjan mill-FSB u sussegwentement inżamm illegalment fir-Russja, att li jikkostitwixxi ksur ċar u serju tad-dritt internazzjonali;
- C. billi l-produttur tal-films Ukren Oleg Sentsov u l-attivista ċiviku Olexandr Kolchenko, li opponew l-annessjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea mir-Russja, ġew arrestati f'Mejju 2014 b'rabta ma' attivitajiet allegati mwettqa fil-Krimea; billi huma ġew trattati bħala ċittadini Russi minkejja l-fatt li għandhom ċittadinanza Ukrena;
- D. billi kemm fil-każ ta' Oleg Sentsov u kif ukoll fil-każ ta' Olexandr Kolchenko kien hemm allegazzjonijiet ta' tortura u trattament ħażin sever li waslu għall-estrazzjoni illegali ta' depożizzjonijiet li għalihom ġie sussegwentement attribwit valur ġuridiku;
- E. billi Oleg Sentsov u Olexandr Kolchenko ttellgħu fqorti militari għal delitti li għalihom il-qrati ċivili għandhom ġurisdizzjoni sħiħa; billi l-proċess kien imfixkel minn għadd ta' ksur proċedurali gravi;
- F. billi r-Rapporteur Speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU dwar l-Indipendenza tal-Imħallfin u l-Avukati, Garbiela Knaul, fir-rapport tagħha ta' April 2014 wara żjara uffiċjali fil-Federazzjoni Russa, tesprimi tħassib serju dwar allegazzjonijiet ta' kemm theddid dirett u indirett lill-ġudikatura, u kif ukoll influwenza, interferenza u pressjoni fuqha mhux xierqa;
- G. billi hemm ħtieġa dejjem ikbar għal politika tal-UE soda, koerenti u komprensiva dwar ir-Russja li tiġi rispettata mill-Istati Membri kollha;
- H. billi l-Pakkett ta' Miżuri għall-Implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Minsk kienu previsti biex jiżguraw ir-rilaxx u l-iskambju tal-ostaġġi kollha u tal-persuni kollha miżmuma illegalment, abbażi tal-prinċipju ta' "kollha għal kollha";
- I. billi diversi proċessi u proċedimenti ġudizzjarji matul l-aħħar ftit snin, inklużi l-każijiet Navalny, Magnitsky u Khodorkovsky, tefgħu dubju dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-istituzzjonijiet ġudizzjarji tal-Federazzjoni Russa;
- J. billi l-UE ripetutamente offriet għajnuna u kompetenza addizzjonali, permezz tas-Sħubija għall-Modernizzazzjoni, biex tappoġġja l-isforzi tar-Russja ħalli timmodernizza u tirrispetta l-ordinament kostituzzjonali u ġuridiku tagħha, f'konformità mal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa;
1. Jikkundanna bil-qawwa s-sentenza mogħtija mill-qorti reġjonali ta' Pskov kif ukoll il-proċess sħiħ tal-uffiċjal tal-pulizija Estonjan Eston Kohver, li ngħata sentenza ta' 15-il sena ħabs wara li fl-2014 inħataf minn territorju Estonjan, li huwa parti mill-UE; iqis il-każ bħala ksur tad-dritt internazzjonali u tal-istandards elementari tal-ġustizzja;
 2. Iħeġġeġ lill-Federazzjoni Russa taġixxi skont l-obbligi internazzjonali, tirrillaxxa b'mod immedjat lil Eston Kohver u tiggarantixxi r-ritorn sikur tiegħu lejn l-Estonja;
 3. Jesprimi t-twemmin profond tiegħu li sa mill-bidu nett, Eston Kohver ma ġiex provdut bid-dritt ta' proċess ġust, peress li ma kienx hemm smiġh pubbliku tal-każ, li l-konslu Estonjan ma tħallix ikun preżenti waqt is-smiġh, li Eston Kohver ma ngħatax għajnuna ġuridika adegwata, li, barra minn dan, hu ġie mċaħħad minn żjarat minn martu u familta, u ġie ordnat jissottoporti ruħu għal eżami psikjatriku mhux ġustifikat, li d-dettalji tiegħu baqgħu mhux magħrufa;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

4. Jikkundanna bil-qawwa s-sentenza illegali u l-priġunerija ta' Oleg Sentsov u Olexandr Kolchenko; jistieden lill-Federazzjoni Russa biex b'mod immedjat tirrilaxxahom u tiggarrantixxi r-ritorn sikur tagħhom lejn l-Ukrajna; jeżiġi li l-awtoritajiet Russi jinvestigaw b'mod immedjat, b'manjera imparzjali u effikaċi, l-allegazzjonijiet ta' torturi kif iddikjarati mill-imputati u x-xhieda dwar il-każ, li ġew miċħuda mill-prosekutur waqt il-proċess; jitlob li din l-investigazzjoni tkun miftuħa wkoll għall-osservaturi internazzjonali;
5. Jitlob għar-rilaxx taċ-ċittadini Ukrajni miżmuma illegalment, inkluża Nadiya Savchenko, f'konformità mal-Pakkett ta' Miżuri għall-Implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Minsk maqbul u l-impenn għar-rilaxx tal-ostaġġi u tal-persuni detenuti kollha relatati mal-kunflitt fl-Ukrajna;
6. Jiddeplora l-fatt li fil-Federazzjoni Russa l-liġi u l-ġustizzja huma użati bħala strumenti politiċi u bi ksur tad-dritt u l-istandards internazzjonali, li ppermettew l-għoti tas-sentenza lill-produttur tal-films Ukren Oleg Sentsov u lil Olexandr Kolchenko għal 20 sena u 10 snin ħabs rispettivament talli esprimew il-fehmiet tagħhom marbuta ma' pożizzjoni attiva favur l-Ukrajna kontra l-annessjoni illegali tal-Krimea mill-Federazzjoni Russa; jenfasizza, fi kwalukwe każ, li huma ma kellhomx jiġu pproċessati f'qorti militari u li x-xhieda kollha miksuba permezz ta' tortura u metodi illegali oħrajn kellha tiġi eskluża;
7. Jikkundanna bil-qawwa l-ksur sfaċċat tal-integrità territorjali tal-Ukrajna u tal-Estonja permezz tal-ħtif illegali taċ-ċittadini taż-żewġ pajjiżi sabiex jitressqu quddiem qorti Russa;
8. Jissottolinja li l-qrati Russi mhumiex kompetenti biex jiġġudikaw atti mwettqa barra mit-territorju rikonoxxt internazzjonalment tar-Russja, u jirrimarka li l-proċedimenti ġudizzjarji fit-tliet każijiet kollha ma għandhomx jiġu meqjusa bħala leġittimi; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jindirizzaw dawn il-każijiet fil-kuntatti tagħhom mal-awtoritajiet Russi u jirrapportaw lura lill-Parlament; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-istess fil-laqgħat bilaterali;
9. Jissottolinja li l-awtoritajiet u l-persunal ġudizzjarju Russi jgħorru r-responsabbiltà sħiħa għas-sikurezza u l-benessri tal-persuni miżmuma, u li d-dritt tagħhom għal żjarat mill-familja, li jikkuntattjaw ir-rappreżentanti diplomatiċi tagħhom, għal assistenza medika adegwata, għal konslu ġudizzjarju u konsulari u għal aċċess dettaljat kemm għalihom u kif ukoll għar-rappreżentanti ġuridiċi tagħhom għad-dokumenti u l-evidenza kollha relatata mal-akkużi kontribom għandhom jiġu rispettati bis-sħiħ;
10. Itenni mill-ġdid il-kundanna tiegħu tat-trażżin kontinwu min-naħa tal-gvern ta' fehmiet dissidenti billi jimmira lejn NGOs indipendenti permezz tal-hekk imsejħa "liġi tal-aġenti barranin" u t-trażżin persistenti u multiformi ta' attivisti, avversarji politiċi u ta' dawk li jikkritikaw ir-reġim;
11. Ifakkar lir-Russja dwar l-importanza ta' konformità sħiħa mal-obbligi ġuridiċi internazzjonali tagħha, u dwar il-fatt li d-deċizzjonijiet ġudizzjarji għandhom jittieħdu b'manjera effikaċi u imparzjali u għandhom ikunu indipendenti, jikkonformaw bis-sħiħ mal-liġi u jkunu bbażati fuq evidenza leġittima, mingħajr ebda interferenza politika; iqis li l-Federazzjoni Russa, bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, għandha tissodisfa l-obbligi li impenjat ruħha fir-rigward tagħhom;
12. Jistieden lill-Kunsill jistabbilixxi lista komuni tal-UE tal-uffiċjali responsabbli għall-ħtif, id-detenzjoni illegali u l-għoti ta' sentenzi lil Eston Kohver, Nadiya Savchenko, Oleg Sentsov u Olexandr Kolchenko, li tiġi imposta u implimentata projbizzjoni tal-viża mal-UE kollha fuq dawn l-uffiċjali, u li jiġu ffriżati l-assi finanzjarji kollha li huma, jew il-familja immedjata tagħhom, jista' jkollhom ġewwa l-Unjoni Ewropea;
13. Jitlob li jiżdied il-monitoraġġ permanenti tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja u fit-territorji attwalment annessi mar-Russja; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-istat li qed jiddeterjora tad-drittijiet tal-bniedem u jistieden lill-awtoritajiet Russi jirrispettaw dawn id-drittijiet, inklużi d-dritt tal-libertà ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda u l-istat tad-dritt, fir-Russja u fil-Krimea wara l-annessjoni illegali tagħha; jinnota li r-Russja għaldaqstant tkompli tikser il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

14. Ihegġegħ lill-President tal-Kunsill Ewropew u lill-VP/RGħ biex ifasslu strateġija politika komprensiva li tippermetti lill-UE tikseb mill-ġdid l-inizjattiva u biex isegwu politika ċara fir-rigward tar-Russja;
 15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, u lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa.
-

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0315

L-Angola

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar (2015/2839(RSP))

(2017/C 316/21)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Angola,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-12 ta' Mejju 2015 mill-kelliem tal-Kummissarju Ġholi tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Angola,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tas-17 ta' Ottubru 2014 wara l-ewwel Laqgħa Ministerjali Angola-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra d-dokument bit-titolu "EU-Angola Joint Way Forward" tat-23 ta' Lulju 2012,
 - wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem u dwar il-Libertà tal-Espressjoni,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Ġunju 2014 fl-10 anniversarju tal-Linji Gwida tal-UE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 21 TUE u l-Qafas Strateġiku tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, li fihom l-UE timpenja ruħha li "tkompli tappoġġa bis-sħiħ lid-difensuri tal-libertà, id-demokrazzija u d-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha",
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou ffirmat f'Ġunju 2000,
 - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948 u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Poliċi tal-1966,
 - wara li kkunsidra l-Karta Afrikana għad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi f'dawn l-aħħar xhur il-Gvern Angolan intensifika l-azzjoni tiegħu dwar kwalunkwe suspett ta' sfida għall-awtorità tiegħu, u b'hekk qed jikser id-drittijiet tal-bniedem imnaqqa fil-Kostituzzjoni tal-Angola; billi l-libertà ta' assoċjazzjoni u l-libertà tal-għaqda fl-Angola jibqgħu jiġu mrażżna, u jeżisti tħassib li qed jikber li s-servizzi militari u s-servizzi sigrieti saru l-forzi tal-azzjonijiet wara l-arrest u l-prosekuzzjoni ta' attivisti tad-drittijiet tal-bniedem;
- B. billi fl-14 ta' Marzu 2015 l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem José Marcos Mavungo ġie arrestat mingħajr mandat, u fit-28 ta' Awwissu 2015 l-Prosekutur António Nito talab lill-Qorti fil-provinċja Angolana ta' Cabinda tikkundanna lil Mavungo għal 12-il sena ħabs bl-akkuża ta' tixwix għal ribelljoni, minkejja li ebda evidenza ma ġiet ippreżentata li huwa kien wettaq xi reat;
- C. billi l-avukat Arão Bula Tempo ġie arrestat fl-istess jum fuq allegazzjoni ta' involviment fl-organizzazzjoni tal-istess protesta; billi Arão Bula Tempo sussegwentement inħeles fit-13 ta' Mejju 2015 waqt li l-proċess tiegħu fuq akkuża ta' sedizzjoni għadu pendent;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

- D. billi l-ġurnalist u attivist tad-drittijiet tal-bniedem Rafael Marques ġie kkundannat fit-28 ta' Mejju 2015 għal 6 xhur ħabs sospiżi għal sentejn għall-pubblikazzjoni fl-2011 tal-ktieb, "Blood Diamonds: Corruption and Torture in Angola", li ta dettalji dwar aktar minn 100 qtil u mijiet ta' każijiet ta' tortura li allegatament twettqu minn gwardji tas-sigurtà u suldati fil-kampijiet għat-tiftix tad-djamanti tar-reġjun ta' Lundas; billi l-ilmenti mressqa minn Marques lill-Prosekutur Pubbliku rigward il-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun ta' Lundas ma kinux suġġetti għal investigazzjoni;
- E. billi l-15-il attivist żagħżuġh ġew arrestati bejn l-20 u l-24 ta' Ġunju 2015 b'konnessjoni ma' diskussjoni politika privata; billi l-Kaptan Zenóbio Lázaro Muhondo Zumba ġie sussegwentament arrestat fit-30 ta' Ġunju 2015 fuq raġunijiet ta' rabtiet allegati mal-15-il attivist arrestat;
- F. billi dawk kollha detenuti ġew arrestati u akkużati illegalment u arbitrarjament li ħejjew ribelljoni u attentat ta' kolp ta' stat kontra l-President u membri oħra tal-gvern;
- G. billi l-15-il attivist detenuti huma miżmuma f'detenzjoni ta' qabel il-proċess, ma ġewx mixlija formalment, huma mingħajr aċċess sħiħ għal parir legali u żjarat minn membri tal-familja li jippruvaw jipprovdu l-ikel, u qed jinżammu f'ċelel waħedhom;
- H. billi l-awtoritajiet arrestaw lill-attivisti u rrejdjawhom djarhom ġew irrejdjati mingħajr ma ppreżentaw ebda mandat; billi ġie rrapportat li kienu soġġetti għal tortura fiżika u psikoloġika kif ukoll theddid ta' mewt;
- I. billi l-awtoritajiet qed jagħmlu theddid kontra l-ommijiet ta' priġunieri żgħażaġh li qed jimmobilizzaw ruħhom, u l-partit MPLA li qed jiggverna żamm milli jsiru dimostrazzjonijiet minn persuni li jappoġġaw lill-attivisti biex jitolbu għall-ħelsien tagħhom; billi dimostrazzjoni paċifika minn qraba tal-priġunieri f'Luanda fit-8 ta' Awwissu 2015 ntlaqgħet minn attackki u ripressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà fuq il-post;
- J. billi f'Lulju 2015 erba' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u korrispondent tad-Deutsche Welle ġew miżmuma temporanjament waqt li kienu qed iżuru attivisti oħra f'ħabs fil-provinċja ta' Luanda fuq l-akkuża li kellhom l-intenzjoni li jagħmlu l-politika fil-ħabs;
- K. billi d-dritt tal-protesta paċifika u d-dritt ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni huma rikonoxxuti fil-kostituzzjoni Angolana;
- L. billi kien hemm rapporti ta' massakru tas-segwaċi tas-setta reliġjuża Luz do Mundo fi Huambo f'April 2015 mill-forzi tal-pulizija; billi ċ-ċifri rrapportati minn sorsi diverġenti jvarjaw minn tużżani għal eluf ta' mwiet u ħafna persuni spustati; billi għal xhur il-Gvern naqas milli jindirizza l-urġenza li ssir investigazzjoni indipendenti, filwaqt li ċaħad feroċement iċ-ċifri għoljin; billi l-Ombudsman attwalment qed iħejji rapport dwar dawn l-avvenimenti;
- M. billi l-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem talab li ssir inkjestta internazzjonali dwar l-inċident, li ġie għel lill-Gvern jiftaħ investigazzjoni ġudizzjarja;
- N. billi l-Gvern tal-Angola żied ukoll kemm it-tkeċċijiet sfurzati tal-massa u kif ukoll dawk fuq skala żgħira f'Luanda u fi bliet oħra sabiex persuni li jgħixu f'insedjamenti informali jitneħħew u jiġu eliminati n-negozjanti tat-triq, inklużi nisa tqal u nisa bi tfal;
- O. billi ġiet introdotta leġislazzjoni ġdida f'Marzu 2015 li tiddelinja żieda fil-kontroll fuq l-organizzazzjonijiet mhux governattivi;
- P. billi s-soċjetà ċivili kemm-il darba ddenunzjat ir-rabta bejn il-korruzzjoni, it-tnaqqis u l-miżapproprjazzjoni tar-riżorsi naturali mill-élite li tiggverna u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa kontra dawk li huma ta' theddida għall-istatus quo u jiddenunzjawh;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

- Q. billi, minkejja l-impenji li ħa l-Gvern tal-Angola biex jintensifika l-isforzi biex itejjeb is-sistema tiegħu ta' kontra l-ħasil tal-flus/il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu (AML/CFT) u l-ftit progress li sar, it-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja – organizzazzjoni intergovernattiva li twaqqfet fl-1989 fuq l-inizjattiva tal-G7 biex jiġu żviluppati politiki għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus – tkompli tidentifika nuqqasijiet strateġiċi fis-sistema AML/CFT tal-Angola;
- R. billi rapporti indipendenti stabbilixxew li d-dħul miż-żejt, ir-riżorsa ewlenija tal-Gvern, ma ġiex indirizzat lejn żvilupp sostenibbli jew komunitajiet lokali, filwaqt li l-élite li qed tiggverna saret aktar sinjura;
- S. billi l-Angola għandha riżervi minerali u taż-żejt vasti u hija waħda mill-ekonomiji li l-aktar qed jikbru malajr fid-dinja, b'mod speċjali minn tmiem il-gwerra ċivili; billi t-kabbir ekonomiku tagħha huwa ferm inugwali, bil-maġġoranza tal-ġid nazzjonali kkonċentrat f'settur sproporzjonatament żgħir tal-popolazzjoni;
- T. billi l-kriżi ekonomika fil-pajjiż wara l-waqgħa drastika fid-dħul miż-żejt x'aktarx li tagħti spinta lil aktar inkwiet soċjali u protesti kontra l-gvern;
- U. billi f'Ottubru 2014 l-Angola tenniet l-impenn tagħha favur djalogu politiku u kooperazzjoni miftiehma fid-dokument EU-Angola Joint Way Forward, li fih il-governanza tajba, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem huma pilastri essenzjali;
- V. billi, f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Ftehim ta' Cotonou bejn l-UE u l-Angola, l-iskambju ta' informazzjoni dwar governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem iseħħ fil-qafas ta' djalogu politiku formali mill-inqas darba fis-sena fil-qafas tad-dokument EU-Angola Joint Way Forward;
1. Jinsab imħasseb profundament dwar is-sitwazzjoni li qed tiddeterjora malajr f'termini ta' drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-isparju demokratiku fl-Angola, kif ukoll l-abbużi serji mill-forzi tas-sigurtà u n-nuqqas ta' indipendenza tal-ġudikatura;
 2. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Angola biex immedjatament u b'mod inkundizzjonat jeħilsu lid-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż Marcos Mavungo u l-15 + 1 attivist li ġew arrestati f'Ġunju 2015, u li jwaqqgħu l-akkużi kollha kontra iħom; jitlob ukoll għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjoni ta' kull attivist iħor, kull priġunier tal-kuxjenza jew kull avversarju politiku arrestat u detenut arbitrarjament unikament għall-fehmiet politiċi, ix-xogħol ġurnalistiku tiegħu jew il-parteeċipazzjoni tiegħu f'attivitajiet paċifiċi;
 3. Ihegġegħ lill-awtoritajiet biex jiżguraw li ma jitwettaq l-ebda att ta' tortura jew trattament ħażin ta' detenuti u biex jiggwarantixxu protezzjoni u aċċess sħaħ għall-familji u l-avukati tagħhom;
 4. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Angola biex iwaqqfu immedjatament il-każijiet ta' arrest arbitrarju, detenzjonijiet illegali u tortura mill-pulizija u l-forzi tas-sigurtà; itenni li investigazzjonijiet immedjati, imparzjali u bir-reqqa għandhom jitwettqu dwar l-allegazzjonijiet kollha ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluża t-tortura, mill-forzi tal-pulizija u tas-sigurtà u li dawk li wettqu r-reati jitressqu quddiem il-ġustizzja;
 5. Huwa serjament imħasseb dwar tentattivi kontinwi ta' limitazzjoni tal-libertà ta' espressjoni u l-libertà tal-midja, l-għaqda u l-assoċjazzjoni paċifika, u ż-żieda fil-vjolazzjonijiet ta' dawn il-libertajiet mill-awtoritajiet, u jstieden lill-awtoritajiet Angolani jiżguraw ir-rispett immedjat u mingħajr kundizzjonijiet ta' dawn il-libertajiet; jistedinhom ukoll jimplimentaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli u strumenti internazzjonali u reġjonali oħrajn tad-drittijiet tal-bniedem ratifikati mill-Angola;
 6. Jitlob lid-Delegazzjoni tal-UE f'Luanda sabiex tikseb riżultat mill-impenji tas-SEAE biex tappoġġja u tipproteġi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (HRDs) madwar id-dinja kollha permezz ta' passi konkreti u viżibbli li b'mod speċjali jinkludu osservazzjoni tal-proċess, appoġġ politiku u materjali għall-HRDs, l-avukati u l-familji tagħhom u l-kooperazzjoni

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

sistematika mill-UE u l-Istati Membri tagħha mal-awtoritajiet tal-Angola dwar id-drittijiet tal-bniedem fil-livelli kollha tar-relazzjonijiet, inkluż fl-ogħla livell; jitlob ukoll lid-delegazzjoni biex iżżid id-djalogu politiku mal-Gvern Angolan fir-relazzjonijiet politiċi u kummerċjali kollha kif ukoll dawk rigward l-iżvilupp, sabiex tiżgura li jirrispetta l-impenji nazzjonali u internazzjonali tiegħu tad-drittijiet tal-bniedem kif imwiegħed matul l-1 Laqgħa Ministerjali UE-Angola ta' Ottubru 2014; iħeġġu biex juża kull għodda u strument xieraq, inkluż l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem, biex jagħmel dan;

7. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-livell għoli ta' korruzzjoni mill-awtoritajiet tal-Angola li timmina serjament ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp, sabiex jimplementaw il-prinċipji tal-approċċ tas-sett ta' għodod tad-drittijiet tal-bniedem qabel ma jinneogzjaw mal-Angola, u biex jirrevedu s-setturi ċentrali tal-Programm Indikattiv Nazzjonali tagħha taħt il-1 l-il FEŻ;

8. Jiddispaċiħ dwar il-fatt li minkejja li tlesta sħarriġ nazzjonali fl-2007 u programm kbir ta' azzjoni dwar il-mini, il-kobor tat-theidda mill-APL/ERW għadu mhux magħruf konfidenzjalment; iħeġġu lill-UE sabiex tissorvelja, tikkontrolla u tevalwa l-użu effettiv tal-fondi u sabiex tiżgura li l-baġit allokat jintuża b'mod effiċjenti u mmirat sabiex l-art tkun ikklirjata kif għandu jkun;

9. Iħeġġu lill-awtoritajiet għidizzjarji Angolani jasserixxu l-indipendenza tagħhom minn kwalunkwe strumentalizzazzjoni politika u sabiex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet rikonoxxuti minn strumenti legali, bħall-aċċess għall-ġustizzja u d-dritt għal proċess ġust;

10. Iħeġġu lill-Gvern Angolan iwettaq inkjesta urġenti, trasparenti u kredibbli dwar il-massakru ta' Huambo, u li jipprovi appoġġ lil dawk li ħelsuha u li ġew spustati; itenni l-appelli tan-NU għal investigazzjoni internazzjonali u indipendenti komplementari;

11. Jibqa' mħasseb dwar il-fatt li l-miżuri biex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa u t-tfal ma ġewx implimentati; jistieden lill-awtoritajiet biex isaħħu l-għlied kontra prattiki tradizzjonali li jagħmlu l-ħsara, bħall-istigmatizzazzjoni ta' tfal akkużati bis-seħer;

12. Ifakkar fl-impenn li ħadet l-Angola fil-qafas tal-Ftehim ta' Cotonou li tirrispetta d-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu l-libertà ta' espressjoni u l-libertà tal-midja, il-governanza tajba u t-trasparenza f'karigi politiċi; iħeġġu lill-Gvern Angolan jirrispetta dawn id-dispożizzjonijiet f'konformità mal-Artikoli 11(b), 96 u 97 tal-Ftehim ta' Cotonou u, fin-nuqqas ta' dan, jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tagħti bidu għall-proċedura rilevanti skont l-Artikoli 8, 9 u 96 tal-Ftehim ta' Cotonou;

13. Iħeġġu lill-UE u lill-Istati Membri jindirizzaw it-trasparenza tal-kummerċ tar-riżorsi naturali kollha, inkluż iż-żejt, u b'mod partikolari biex jimplementaw u jimmonitorjaw bis-siħ il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar rappurtar pajjiż b'pajjiż; jistieden lill-awtoritajiet Angolani u lill-kumpaniji barranin jgħinu fit-tiħiħ tal-governanza fl-industrija estrattiva billi jżommu mal-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industrija Estrattiva u jirrevedu l-implimentazzjoni tal-Proċess ta' Kimberley; jistieden ukoll lill-Gvern Angolan jippreżenta pjan biex jissieħeb fis-Sħubija ta' Gvern Miftuħ u minn hawn 'il quddiem jistabbilixxi pjan konkret biex jiġġield il-korruzzjoni, iżid it-trasparenza u jsaħħaħ ir-responsabilità pubblika;

14. Jinkoraġġixxi lill-UE u lill-Istati Uniti jikkooperaw u jikkoordinaw dwar l-implimentazzjoni tas-Sezzjoni 1504 tad-Dodd-Frank Act;

15. Jistieden lill-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-awtoritajiet ta' superviżjoni tal-Istati Membri iżidu l-viġlanza ta' konformità mal-leġiżlazzjoni Ewropea kontra l-ħasil tal-flus inklużi l-prinċipji normattivi tad-diliġenza dovuta u analiżi tar-riskju xierqa, speċjalment bl-involvement ta' Persuni Politikament Esposti li joriġinaw mill-Angola;

16. Jilqa' r-rikonoxximent min-naħa tal-Gvern Angolan ta' problemi f'dak li jirrigwarda l-kumpens f'każijiet ta' konfiska tal-art, u jilqa' r-rapporti tal-midja li jindikaw li l-mekkaniżmi ta' distribuzzjoni u kumpens qed jitjiebu; iħeġġu lill-Gvern ikompli bl-isforzi tiegħu f'din id-direzzjoni;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

17. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Unjoni Afrikana, lill-Kummissjoni Afrikana għad-Drittijiet tal-bniedem u tal-Popli, lill-gvernijiet tal-pajjiżi tar-reġjun SADC, lill-President u l-Parlament tal-Angola, lill-Gvern tal-Istati Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0316

L-Ażerbajġan**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar l-Ażerbajġan (2015/2840(RSP))**

(2017/C 316/22)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Ażerbajġan, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt,
- wara li kkunsidra r-relazzjoni stabbilita bejn l-UE u l-Ażerbajġan, b'effett mill-1999, kif rappreżentata bl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), il-ħolqien tas-Sħubija tal-Lvant (SL), in-negożjati dwar il-ftehim ta' assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ażerbajġan u l-parteċipazzjoni tal-Ażerbajġan fl-Assemblea Parlamentari Euronest,
- wara li kkunsidra r-rapport ta' progress tal-pajjiż tal-PEV 2014 dwar l-Ażerbajġan tal-25 ta' Marzu 2015 (SWD(2015) 0064),
- wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-PEV bejn l-UE u l-Ażerbajġan,
- wara li kkunsidra r-rimarki tat-22 ta' Lulju 2015 tal-President tal-Kunsill Ewropew, Donald Tusk, wara l-laqgħa tiegħu mal-President tal-Ażerbajġan, İlham Aliyev,
- wara li kkunsidra ż-żjara f'Baku tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, Stavros Lambrinidis, mit-23 sas-26 ta' Frar 2015,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-8 ta' Settembru 2015 tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, Zeid Ra'ad Al Hussein, li fiha kkundanna t-trażżin li għaddejj tas-soċjetà ċivili u tal-ilħna indipendenti fl-Ażerbajġan,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummissjoni/tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà, Federica Mogherini, u tal-Kummissarju Johannes Hahn fir-rigward tad-detenzjoni, il-priġunerija, is-sentenzjar u l-omiċidji ta' ġurnalisti ewlenin u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ażerbajġan,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-UE tad-19 ta' Awwissu 2015 dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Ażerbajġan fil-laqgħa tal-Kunsill Permanenti Speċjali tal-OSKE Nru 1064 fi Vjenna,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet reċenti tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, Thorbjørn Jagland, dwar il-każ ta' Khadija Ismayilova, il-każijiet ta' Leyla Yunus, direttriċi tal-Istitut għall-Paċi u d-Demokrazija fl-Ażerbajġan, u ta' żewġha, Arif Yunus, u l-omiċidju tal-ġurnalist Ażerbajġani, Rasim Aliyev,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Helsinki adottata mill-Assemblea Parlamentari tal-OSKE fis-sessjoni annwali tagħha bejn il-5 ta' Lulju u d-9 ta' Lulju 2015, li "tikkundanna l-persekuzzjoni kontinwa u l-priġunerija fuq akkużi politikament motivati ta' ġurnalisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'diversi Stati parteċipanti tal-OSKE u tesprimi l-preokkupazzjoni tagħha dwar l-użu ħażin kontinwu ta' leġiżlazzjoni fiskali u amministrattiva biex dawn l-atti jiġu ġustifikati",
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-23 ta' Ġunju 2015 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi fl-Ażerbajġan,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-15 ta' Diċembru 2014 tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa li tiddikjara li l-emendi reċenti għal-liġi dwar l-organizzazzjonijiet mhux governattivi "jirrestrinġu aktar l-operat tal-NGOs fl-Ażerbajġan",

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra l-Linji gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar l-għaxar anniversarju ta' dawn il-linji gwida,
 - wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fid-9 ta' Diċembru 1998,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 135(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi s-sitwazzjoni ġenerali tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ażerbajġan iddeterjorat kontinwament matul l-aħħar snin, b'intimidazzjoni akbar u repressjoni u intensifikazzjoni tal-prattika ta' prosekuzzjoni kriminali ta' mexxejja ta' NGOs, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ġurnalisti u rappreżentanti oħra tas-soċjetà ċivili;
- B. billi l-ġurnalista investigattiva li rebħet il-premijiet għal RFE/RL, Khadija Ismayilova ngħatat sentenza ta' seba' snin u nofs priġunerija fuq akkużi allegati ta' miżapproprjazzjoni, approprjazzjoni indebita u evażjoni tat-taxxa wara li ppubblikat diversi stejjer ta' korruzzjoni li jirrigwardaw il-familja tal-President; billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, Leyla u Arif Yunus, ingħataw sentenza ta' tmien snin u nofs u seba' snin priġunerija rispettivament fuq akkużi li jinkludu l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa fi proċess li naqas sew milli jirrispetta l-istandards internazzjonali; billi l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem magħruf, Rasul Jafarov, u l-avukat tad-drittijiet tal-bniedem irrispettat ferm, Intigam Aliyev, ingħataw sentenza fuq akkużi simili, wara proċessi mtappna bi ksur tal-proċess ġust, u attwalment qed jiskontaw pieni ta' ħabs ta' sitt snin u tliet xhur u seba' snin u nofs rispettivament; billi bosta persuni prominenti oħra tas-soċjetà ċivili tal-Ażerbajġan għadhom il-ħabs, fosthom Anar Mammadli, Rauf Mirkadirov, Ömar Mammadov, Tofiq Yaqublu, Ilgar Mammadov, Nijat Aliyev, Araz Guliyev, Parviz Hashimli, Seymour Hezi, Hilal Mammadov u Taleh Khasmammadov, u billi s-saħħa ta' wħud minn dawn il-priġunieri sejra lura kontinwament;
- C. billi Leyla Yunus u Rasul Jafarov, qabel ma ġew arrestati, mexxew grupp ta' difensuri prominenti tad-drittijiet tal-bniedem mill-Ażerbajġan u esperti li pproduċew lista ta' kważi mitt persuna mill-Ażerbajġan li jikkwalifikaw bħala priġunieri politiċi skont id-definizzjoni adottata mill-Kunsill tal-Ewropa fl-2012;
- D. billi ġurnalisti u mexxejja tas-soċjetà ċivili qed ikunu soġġetti għal intimidazzjoni u fastidju kontinwi, fosthom Emin Milli, Direttur of Meydan TV, li rċieva theddid ta' mewt u li membri tal-familja tiegħu ġew arrestati fuq akkużi foloz, kif ukoll ġurnalisti li jaħdmu ma' Meydan TV fl-Ażerbajġan; billi l-fundatur tal-istitut għal-Libertà u s-Sikurezza tar-Reporters (IRFS) u difensur tad-drittijiet tal-bniedem, Emin Huseynov, talab kenn fl-Iżvizzera wara li kellu jaffaċċja akkużi foloz u rtirawlu ċ-ċittadinanza Ażerbajġana;
- E. billi ħafna aktar ġurnalisti u attivisti tas-soċjetà ċivili qed jaffaċċjaw proċedimenti ġudizzjarji, projbizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' moviment tagħhom b'rabta mal-attivitajiet tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-Gvern Azerbajġani qed irażżan ukoll lil gruppi indipendenti permezz ta' liġijiet restrittivi ġodda li jirregolaw lill-NGOs; billi minħabba dawn il-liġijiet ħafna gruppi ġew effettivament imġiegħla jagħlqu wara li l-kontijiet bankarji tagħhom ġew iffriżati jew is-sorsi ta' finanzjament tagħhom ġew imblukkati wara r-rifjut tal-gvern li jawtorizza għotjiet ġodda minn organizzazzjonijiet ta' donaturi barranin;
- F. billi dimostranti paċifiċi ġew effettivament ipprojbti milli jipprotestaw fiċ-ċentru ta' Baku sa mill-2006, u reċentement ġew introdotti multi ġodda ħorox u perjodi itwal ta' detenzjoni amministrattiva għal dawk li jorganizzaw laqgħat pubbliċi mhux awtorizzati jew jipparteċipaw fihom;
- G. billi l-President tal-IRFS, il-ġurnalist Rasim Aliyev, miet fi sptar f'Baku wara li ngħata xebgħa kbira, wara theddid u intimidazzjoni kontinwi minħabba l-kritika tiegħu tal-President Aliyev permezz tal-midja soċjali;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

- H. billi l-Ażerbajġan huwa wieħed mill-membri fundaturi tas-Sħubija tal-Lvant; billi l-mexxejja tal-UE u tal-Lvant tal-Ewropa affermaw mill-ġdid diversi drabi li s-Sħubija tal-Lvant hija bbażata fuq komunità ta' valuri u fuq il-prinċipji ta' libertà, demokrazzija, rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt; billi l-Ażerbajġan jaspira li jsaħħaħ u japprofondixxi r-relazzjonijiet tiegħu mal-UE, bl-għan ta' sħubija strateġika;
- I. billi fl-2014 l-UE ma setgħetx tiżborzja 11 mit-13-il għotja tagħha lill-NGOs minħabba l-leġiżlazzjoni restrittiva, u għadha ssib limitazzjonijiet kbar fl-abbiltà tagħha li tiffinanzja lil gruppi tas-soċjetà ċivili u attivisti indipendenti fl-Ażerbajġan; billi l-biċċa l-kbira tal-persuni li jirċievu l-għotjiet tal-UE jew qegħdin il-ħabs –pereżempju l-avukat tad-drittijiet tal-bniedem, Intigam Aliyev– jew ħarbu mill-pajjiż u għalqu l-operazzjonijiet tagħhom;
- J. billi l-uffiċċju tal-OSKE f'Baku ngħalaq fl-4 ta' Lulju 2015 wara d-deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-Ażerbajġan li jitterminaw il-Memorandum ta' Qbil bejn il-Gvern tal-Ażerbajġan u l-OSKE;
- K. billi Freedom House jikkunsidra l-Ażerbajġan bħala "mhux liberu", u jikklassifika l-istampa tiegħu bħala "mhux libera" u l-internet tiegħu bħala "parzjalment liberu"; billi l-Ażerbajġan ġarrab l-akbar deterjorament tal-governanza demokratika fil-Eurasia kollha matul l-aħħar deċennju;
- L. billi f'Novembru 2015 fl-Ażerbajġan se jsiru elezzjonijiet parlamentari; billi l-Parlament Ewropew ma bagħatx Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali, billi l-valutazzjoni kienet li l-kuntest biex isiru elezzjonijiet liberi u ġusti ma jeżistix u limitazzjonijiet fuq il-libertajiet ta' espressjoni, għaqda u assoċjazzjoni fil-pajjiż jagħmluha impossibbli li jinħolqu kundizzjonijiet ekwi għall-kandidati u li tiġi organizzata votazzjoni ġenwinament kompetittiva;
- M. billi l-kooperazzjoni settorjali hija ta' benefiċċju reċiproku, speċjalment fis-settur tal-enerġija; billi l-Ażerbajġan għandu l-potenzjal li jsir wieħed mis-sħab kummerċjali ewlenin tal-UE;
1. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar id-deterjorament kontinwu tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż, u jfakkar li l-UE torbot importanza speċjali mad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-kuntest ta' kooperazzjoni bilaterali, bħala elementi kruċjali tas-Sħubija tal-Lvant kif ukoll bħala pilastru fundamentali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE, li tagħhom it-tnejn l-Ażerbajġan huwa membru;
 2. Jitlob għall-ħelsien immedjat u bla kundizzjoni mill-ħabs tal-priġunieri politiċi, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti u attivisti oħra tas-soċjetà ċivili kollha, inklużi Khadija Ismayilova, Leyla Yunus u Arif Yunus, Anar Mammadli, Rasul Jafarov, Intigam Aliyev, Rauf Mirkadirov, Ömar Mammadov, Tofiq Yaqublu, Nijat Aliyev, Araz Guliyev, Parviz Hashimli, Seymour Hezi, Hilal Mammadov, Taleh Khasmammadov u Ilgar Mammadov, f'konformità mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), u jitlob li jitwaqqgħu l-akkużi kollha kontrihom, u li jiġu restawrati totalment id-drittijiet politiċi u ċivili tagħhom kif ukoll l-immagna pubblika tagħhom;
 3. Jikkundanna bil-qawwa r-ripressjoni bla preċedent kontra s-soċjetà ċivili fl-Ażerbajġan; itenni t-tħassib serju tiegħu għad-destin tal-kollegi ta' dawk arrestati li għadhom ħielsa iżda jinsabu taħt investigazzjoni kriminali, fid-dawl ta' rapporti minn difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u NGOs nazzjonali u internazzjonali dwar l-użu allegat ta' akkużi vvintati kontra persuni politiċi, attivisti u ġurnalisti; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Azerbajġani biex itemmu l-prattiki ta' prosekuzzjoni kriminali selettiva u ta' priġunerija ta' ġurnalisti, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u oħrajn li jikkritikaw il-gvern, u biex jiżguraw li l-persuni kollha arrestati, inklużi ġurnalisti, attivisti politiċi u tas-soċjetà ċivili, igawdu d-drittijiet kollha ta' proċess ġust, b'mod partikolari aċċess għal avukat tal-għażla tagħhom u aċċess għall-familji tagħhom, u jkun koperti minn normi oħra ta' proċess ġust;
 4. Jilqa' b'sodisfazzjon il-possibilità mogħtija mill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan biex tim mediku Ewropew iżur lil Leyla u Arif Yunus, u jappella għar-rilaxx tagħhom, anke għal raġunijiet umanitarji; jiġbed l-attenzjoni għall-kundizzjonijiet ta' priġunerija ta' Leyla u Arif Yunus kif ukoll ta' Intigam Aliyev li wasslu għal deterjorament serju tas-saħħa tagħhom b'konsegwenzi li potenzjalment jipperikolawhom ħajjithom; jistieden lill-awtoritajiet Azerbajġani biex jippermettu li tim mediku Ewropew jeżamina lil Intigam Aliyev u biex jiżguraw li fejn meħtieġ il-priġunieri kollha jirċievu l-kura tas-saħħa xierqa;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

5. Jitlob għal investigazzjoni rapida dwar il-mewt tal-ġurnalist u president tal-IRFS, Rasim Aliyev; jinnota bi tħassib l-allegazzjonijiet imressqa minn grupp ta' ġurnalisti li s-Sur Aliyev miet għaliex ma rċevix għajnuma xierqa mit-tobba allokati lilu l-isptar;
6. Ifakkar lill-awtoritajiet fl-Ażerbajġan li l-benesseri tal-popolazzjoni, li jinkludi r-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet, huwa komponent essenzjali ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli;
7. Jistieden lill-Ażerbajġan biex jirrispetta u jimplementa l-impenji tiegħu meħuda bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa; itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Ażerbajġani biex jikkonformaw mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDK) rigward l-Ażerbajġan; jappella biex jiġu rrispettati s-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015 u s-sentenzi l-oħra kollha tal-QEDB;
8. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Ażerbajġan biex jikkoopera bis-sħiħ u jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll il-proċeduri speċjali tan-NU fir-rigward tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tal-libertà ta' assoċjazzjoni u għaqda paċifika, il-libertà ta' espressjoni u l-arrest arbitrarju, bil-għan li jemenda l-leġiżlazzjoni tiegħu u jadatta l-prattiki tiegħu f'konformità sħiħa mal-konklużjonijiet tal-esperti;
9. Jistieden lill-gvern tal-Ażerbajġan biex immedjatament itemm it-trażżin tiegħu fuq is-soċjetà ċivili u l-ħidma marbuta mad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jiżgura li gruppi u attivisti tas-soċjetà ċivili jkunu jistgħu joperaw mingħajr tfixkil mhux meħtieġ jew biża' ta' persekuzzjoni, inkluż billi jitħassru liġijiet li jirrestrinġu severament is-soċjetà ċivili, ma jibqgħux iffriżati l-kontijiet bankarji ta' gruppi mhux governattivi u tal-mexxejja tagħhom u jippermettu aċċess għal finanzjament barrani;
10. Jiddeplora l-azzjonijiet kontinwi meħuda mill-gvern Ażerbajġani biex jaqta' l-kuntatti bejn gruppi tas-soċjetà ċivili, attivisti żgħażaġh u intellettuali fl-Armenja u l-Ażerbajġan, li huma ta' importanza kbira biex titnaqqas l-ostilità twila bejn iż-żewġ pajjiżi; f' dan ir-rigward, ifakkar għal darb'oħra fil-ħidma importanti li saret f'dan il-qasam minn Leyla u Arif Yunus;
11. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Ażerbajġan biex jirrispettaw il-libertà tal-istampa u tal-midja, kemm fil-leġiżlazzjoni kif ukoll fil-prattika u kemm online kif ukoll offline, sabiex jiggwarantixxu l-libertà ta' espressjoni f'konformità mal-istandards internazzjonali u biex itemmu ċ-ċensura ta' kritika dwar il-gvern permezz ta' entitajiet ta' informazzjoni;
12. Jinsab imħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni tal-persuni LGBTI fl-Ażerbajġan; jikkundanna bil-qawwa d-diskors ta' mibegħda kontra l-persuni LGBTI li jiġi mill-ogħla livelli; jistieden lill-gvern Ażerbajġani biex jieqaf jostakola u jintimida d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jaħdmu għad-drittijiet ta' persuni LGBTI;
13. Jenfasizza l-importanza ta' dialogu serju u reċiprokament rispettuż bejn l-UE u l-gvern tal-Ażerbajġan, il-forzi tal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili;
14. Itenni li n-negozjati għal Ftehim ta' Sħubija Strateġika mal-Ażerbajġan għandhom jitwaqqfu immedjatament sakemm il-gvern jonqos milli jieħu passi konkreti li bihom imexxi 'l quddiem ir-rispett għad-drittijiet universali tal-bniedem;
15. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) biex japplikaw b'mod strett il-prinċipju "aktar għal aktar", b'iffukar speċifiku fuq is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mal-Linji gwida tal-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-indipendenza tal-ġudikatura, ir-riformi demokratiċi u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali kif ukoll biex jistipulaw b'mod ċar il-konsegwenzi jekk jaqgħu lura fir-riformi; jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina mill-ġdid u tissospendi temporanjament, jekk meħtieġ, il-fondi kollha mhux relatati mad-drittijiet tal-bniedem, is-soċjetà ċivili u l-kooperazzjoni bejn il-persuni fil-livell bażiku mogħtija lill-Ażerbajġan permezz tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat, fid-dawl tal-inċidenti msemmija hawn fuq tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li sfaw fil-mira talli d-dokumentaw ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ażerbajġan; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżommu l-finanzjament għal kuntatti bejn il-persuni u l-kooperazzjoni f'ċerti oqsma bħas-soċjetà ċivili, l-educazzjoni u l-akkademja, kif ukoll iż-żgħażaġh u l-iskambji tal-istudenti;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

16. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-VP/RGħ biex joħlqu rispons qawwi u unifikat għat-trażżin li għaddej fl-Ażerbajġan, sabiex jagħmluha ċara li s-sitwazzjoni prevalenti hija totalment inaċċettabbli u li ma jistax ikun li wieħed jaġixxi qisu xejn mhu xejn sakemm il-gvern jillibera lil dawk kollha arrestati fuq akkużi motivati politikament u jtemm it-trażżin li għaddej kontra gruppi tas-soċjetà ċivili indipendenti;
17. Ihegġegħ lill-kumpaniji Ewropej li joperaw fl-Ażerbajġan biex jikkellmu apertament meta jirrikjedu standards għolja tad-drittijiet tal-bniedem u biex jadottaw standards għolja ta' responsabilità soċjali korporattiva, b'kunsiderazzjoni għall-impatt tal-azzjonijiet tagħhom dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż;
18. Jiddispjaċih li d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem l-UE u l-Ażerbajġan ma għamel ebda progress sostanzjali fir-rigward tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż; jistieden lis-SEAE jtejjeb dan id-djalogu bil-ħsieb li jagħmlu effikaċi u orjentat lejn ir-riżultati, u jirrapporta regolarment lill-Parlament;
19. Jistieden lill-awtoritajiet tal-UE biex iwettqu investigazzjoni profonda tal-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni kontra l-President Aliyev u membri tal-familja tiegħu li nkixfet mil-ħidma tal-ġurnalista investigattiva Khadija Ismaylova;
20. Jistieden lill-Kunsill biex jevita standards doppji fir-rigward tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, u biex jikkunsidra f'dan ir-rigward, sanzjonijiet immirati u projbizzjonijiet tal-viża kontra l-politiċi, l-uffiċjali u l-imħallfin kollha involuti fil-persekuzzjonijiet politiċi;
21. Jistieden lill-awtoritajiet Azerbajġani biex jikkooperaw u jiffaċilitaw żjarat minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet reġjonali bħall-Kunsill tal-Ewropa u l-OSKE; jiddeplora bis-saħħa d-deċiżjoni mill-awtoritajiet Azerbajġani biex jingħalqu l-uffiċċji tal-OSKE f'Baku;
22. Jinnota li osservaturi elettorali indipendenti, inklużi l-missjoni ta' osservazzjoni fit-tul tal-OSKE u oħrajn nazzjonali, iddokumentaw ksur serju tal-istandards elettorali fl-Ażerbajġan għall-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari kollha mill-elezzjoni presidenzjali 'l hawn ta' Ottubru 2003 u inkluża dik l-elezzjoni; jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar jekk hemmx il-kundizzjonijiet fis-seħħ għal votazzjoni ħielsa u ġusta fl-1 ta' Novembru 2015, minħabba li l-mexxejja tal-partiti tal-oppożizzjoni ġew arrestati, il-midja u l-ġurnalisti mhumiex permessi li joperaw liberament u mingħajr intimidazzjoni, u klima ta' biża' hija prevalenti;
23. Jistieden lis-SEAE u lill-Istati Membri tal-UE biex jiddeżistu minn attivitajiet ta' osservazzjoni elettorali għalissa. Jinnota li missjoni tal-ODIHR hija attwalment fis-seħħ u huwa tal-ogħla importanza li wieħed ikun jaf dwar l-analiżi tagħha tas-sitwazzjoni fil-pajjiż;
24. Ifakkar fid-deċiżjoni tiegħu li jibgħat delegazzjoni tal-Parlament Ewropew fl-Ażerbajġan u jenfasizza l-importanza li jibgħat din id-delegazzjoni kemm jista' jkun malajr sabiex jibda djalogu mal-awtoritajiet Azerbajġani dwar kwistjonijiet urġenti bħad-drittijiet tal-bniedem u l-kunflitt f'Nagorno-Karabakh;
25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kummissjoni, lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika tal-Ażerbajġan, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-OSKE u lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0317

Il-migrazzjoni u r-rifuġjati fl-Ewropa

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar il-migrazzjoni u r-rifuġjati fl-Ewropa (2015/2833(RSP))

(2017/C 316/23)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati u l-protokoll addizzjonali tagħha,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2013 dwar miżuri tal-UE u tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-fluss ta' rifuġjati b'riżultat tal-kunflitt fis-Sirja ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-flussi migratorji fil-Mediterran, b'attenzjoni partikolari għall-ġrajjet traġiċi ftit 'il barra minn Lampedusa ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-ħtieġa ta' approċċ olistiku tal-UE għall-migrazzjoni ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2015 dwar l-aħħar traġedji fil-Mediterran u l-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2015 bit-titolu "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" (COM(2015)0240),
- wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni f'għaxar punti dwar il-migrazzjoni adottat fil-laqgħa konġunta tal-Kunsill Affarijiet Barranin u l-Kunsill Affarijiet Interni tal-20 ta' April 2015,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-Summit Speċjali tal-Kunsill Ewropew tat-23 ta' April 2015 dwar il-kriżi tar-rifuġjati fil-Mediterran,
- wara li kkunsidra r-rapport ta' April 2012 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE) bit-titolu "Lives lost in the Mediterranean Sea" (Ħajjiet mitlufa fil-Baħar Mediterran),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2015,
- wara li kkunsidra l-Inizjattiva dwar ir-Rotta tal-Migrazzjoni bejn l-UE u l-Qarn tal-Afrika, jew "il-Proċess ta' Khartoum", li l-Unjoni Afrikana u l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE adottaw fit-28 ta' Novembru 2014,
- wara li kkunsidra r-rapporti tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Migranti, b'mod partikolari dak bit-titolu "Banking on mobility over a generation: follow-up to the regional study on the management of the external borders of the European Union and its impact on the human rights of migrants" (Fiduċja fil-mobilità għal ġenerazzjoni sħiħa: segwitu tal-istudju reġjonali dwar il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni Ewropea u l-impatt tagħha fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-migranti), ippubblikat f'Mejju 2015,
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) dwar is-Sitwazzjoni tal-Asil fl-Unjoni Ewropea 2014,

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0414.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0448.

⁽³⁾ Testi adottati, P8_TA(2014)0105.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0176.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

- wara li kkunsidra d-dibattitu li sar fil-Parlament fid-9 ta' Settembru 2015 dwar il-migrazzjoni u r-rifuġjati fl-Ewropa,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, bħala konsegwenza tal-kunflitti persistenti, l-instabbiltà reġjonali u l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, għadd bla preċedent ta' persuni qegħdin ifittxu protezzjoni fl-UE; billi l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-asil li jikkonċernaw it-tfal żdied b'75 % mis-sena l-oħra 'l hawn; billi l-perjodu tas-sajf għal darb'oħra wera li l-migrazzjoni mhijiex kwistjoni temporanja u li ż-żieda f'daqqa fl-għadd ta' rifuġjati jidher li se tkompli, u dan jenfasisza għal darb'oħra l-ħtieġa urġenti li jsir dak kollu li huwa possibbli biex jiġu salvati l-ħajjiet tan-nies li qed jaħarbu minn pajjiżhom u li qegħdin fil-periklu, u l-fatt li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tagħhom, inklużi l-obbligi ta' salvataġġ fuq il-baħar;
- B. billi fl-2015, skont id-data tal-UNHCR, 2 800 persuna bejn nisa, irġiel u tfal ġew rappurtati mejta jew nieqsa fit-tentattiv tagħhom li jasl u fpost sikur fl-Ewropa; billi r-rifuġjati u l-migranti qegħdin ukoll jitilfu ħajjithom fil-vjaġġ tagħhom fuq l-art madwar l-Ewropa;
- C. billi t-traffikanti tal-bnedmin jisfruttaw il-migrazzjoni irregolari u jpoġġu l-ħajjiet tal-immigranti friskju biex huma jagħmlu l-qligħ, huma responsabbli għal eluf ta' mwiet u jirrapreżentaw sfida serja għall-UE u l-Istati Membri; billi t-traffikanti jiġġeneraw profitti ta' EUR 20 biljun fis-sena permezz tal-attivitajiet kriminali tagħhom; billi, skont il-Europol, gruppi tal-kriminalità organizzata li jiffaċilitaw b'mod attiv it-trasport tal-migranti irregolari madwar il-Baħar Mediterran għandhom konnessjonijiet mat-traffikar tal-bnedmin, id-drogi, l-armi tan-nar u t-terroriżmu;
- D. billi, skont id-data tal-FRONTEx, il-pajjiżi ewlenin li minnhom joriġinaw il-persuni li qed ifittxu asil fl-2015 huma s-Sirja, l-Afganistan, l-Eritrea u l-Iraq; billi, skont il-Eurostat, l-maġġoranza l-kbira tal-persuni li jaħarbu minn dawn il-pajjiżi lejn l-Ewropa jingħataw protezzjoni;
- E. billi l-instabbiltà u l-kunflitti reġjonali u l-espansjoni tal-IS/Da'esh fiż-żoni ta' kunflitt ġirien qed ikollhom impatt fuq l-influss massiv ta' migranti u fuq il-flussi ta' persuni spostati u, għalhekk, fuq l-għadd ta' individwi li qed jippruvaw jasl fl-UE;
- F. billi l-aħħar laqgħa tal-Kunsill Ewropew, li saret bejn il-25 u s-26 ta' Ġunju 2015, u l-laqgħa sussegwenti tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-20 ta' Lulju 2015 naqsu milli jiġġeneraw ftehim dwar mekkaniżmu ta' ridistribuzzjoni vinkolanti għar-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni tal-persuni, u minflok intlaħaq qbil fuq mekkaniżmu volontarju; billi l-Istati Membri naqsu milli jilħqu ftehim biex joffru 40 000 post għar-rilokazzjoni ta' rifuġjati mill-Greċja u l-Italja u minflok impenjaw ruħhom fir-rigward ta' 32 256 post biss;
- G. billi fit-3 ta' Settembru 2015 il-President tal-Kunsill Ewropew Donald Tusk appella biex 100 000 rifuġjat, mill-inqas, jitqassmu mill-ġdid;
- H. billi, minflok it-teħid ta' deċiżjonijiet ad hoc attwali, jeħtieġ li jiġi żviluppat approċċ fuq terminu itwal fir-rigward tal-asil u l-migrazzjoni;
- I. billi ħafna ċittadini qed juru livell bla preċedent ta' solidarjetà mar-rifuġjati, b'akkoljenza mill-qalb u livell impressjonanti ta' appoġġ; billi b'hekk iċ-ċittadini Ewropej qegħdin juru li l-kompassjoni u l-protezzjoni ta' dawk fil-bżonn għandhom valuri Ewropej awtentiċi;
- J. billi s-sitwazzjoni attwali enfasiszta nuqqas ta' solidarjetà deplorable min-naħa tal-gvernijiet fil-konfront tal-persuni li qed ifittxu asil, kif ukoll azzjoni mhux koordinata u koerenti biżżejjed; billi dan qed iwassal għal sitwazzjoni kaotika u ksur tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-pożizzjonijiet differenti meħuda minn Stati Membri individwali jkomplu jenfasiszaw il-fatt li l-UE għandha 28 politika frammentata dwar il-migrazzjoni; billi n-nuqqas ta' proċeduri u standards armonizzati tal-asil fl-Istati Membri jwassal għal livelli differenti ta' protezzjoni, u f'ċerti każijiet anke għal garanziji mhux adegwati għall-persuni li jfittxu asil;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

- K. billi xi Stati Membri u l-mexxejja tagħhom ħadu approċċ proattiv u wrew livell għoli ta' preparazzjoni u rieda li jilqgħu lir-rifuġjati u jistabbilixxu mekkaniżmu permanenti u obbligatorju għall-allokazzjoni ta' rifuġjati fost l-Istati Membri kollha; billi Stati Membri oħrajn għandhom isegwu dan l-eżempju;
- L. billi r-rapport strateġiku dwar approċċ olistiku għall-migrazzjoni mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern se jindirizza l-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil tal-UE fl-intier tagħha;
- M. billi skont il-Konvenzjoni tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati (il-Konvenzjoni ta' Ġinevra) persuni jstgħu jfittxu asil irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini tagħhom sakemm ikollhom biża' motivat li jiġu persegwitati minħabba r-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, is-sħubija fi grupp soċjali partikolari jew l-opinjoni politika tagħhom;
1. Jesprimi dispjaċir u niket kbar għat-telf traġiku tal-ħajjiet ta' nies li jkun qed ifittxu asil fl-UE; ihegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri jagħmlu kulma jstgħu sabiex jimpedixxu aktar imwiet fuq il-baħar jew fuq l-art;
 2. Jesprimi s-solidarjetà tiegħu mal-għadd kbir ta' rifuġjati u migranti li huma vittmi ta' kunflitti, ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, nuqqasijiet ta' governanza tanġibbli u repressjoni ħarxa;
 3. Jilqa' l-isforzi tal-gruppi tas-soċjetà ċivili u ta' dawk l-individwi madwar l-Ewropa kollha li qed jorganizzaw ruħhom bi ħġarhom biex jilqgħu u jagħtu l-għajnuna lir-rifuġjati u lill-migranti; ihegġegħ liċ-ċittadini Ewropej ikomplu bl-appoġġ u l-involviment tagħhom għal reazzjoni umanitarja għall-kriżi tar-rifuġjati; jemmen li azzjonijiet bħal dawn juru twemmin ġenwin fil-valuri Ewropej u huma sinjal ta' tama għall-ġejjieni tal-Ewropa;
 4. Itenni l-appoġġ tiegħu għar-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2015 dwar l-aħħar traġedji fil-Mediterran u l-politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni u l-asil; itenni l-ħtieġa li l-UE tibbaża r-reazzjoni tagħha għas-sitwazzjoni attwali tar-rifuġjati fuq is-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, kif iddikjarat fl-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u fuq approċċ olistiku li jieħu inkonsiderazzjoni l-migrazzjoni sikura u legali u r-rispett sħiħ għad-drittijiet u l-valuri fundamentali;
 5. Itenni l-impenn tiegħu li jinfetħu l-fruntieri fi ħdan iż-żona Schengen, filwaqt li tiġi żgurata l-ġestjoni effikaċi tal-fruntieri esterni; jenfasizza li l-moviment liberu tal-persuni fi ħdan iż-żona Schengen kienet waħda mill-akbar kisbiet għall-integrazzjoni Ewropea;
 6. Jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni dwar ir-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni, inkluża l-inizjattiva l-ġdida għal rilokazzjoni b'emerġenza ta' numru akbar ta' persuni li qed ifittxu asil u li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, li tkopri l-Greċja, l-Italja u l-Ungerija; japprova d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li fiha ħabbret mekkaniżmu ta' rilokazzjoni permanenti li jiġi attivat f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u li jqis l-għadd ta' rifuġjati preżenti fi Stat Membru, u li huwa bbażat fuq l-Artikolu 78(2) tat-TFUE; huwa lest jitratta l-iskema l-ġdida ta' rilokazzjoni b'emerġenza fil-qafas ta' proċedura rapida u jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jipproċedi bil-miżuri l-oħra kollha proposti mill-Kummissjoni b'mod parallel, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri ma jdewmux l-iskema ta' rilokazzjoni permanenti; ifakkar lill-Kunsill li l-Parlament jaqbel bis-sħiħ ma' mekkaniżmu ta' rilokazzjoni vinkolanti li, kemm jista' jkun, iqis il-preferenzi tar-rifuġjati;
 7. Jilqa' l-appoġġ operazzjonali li l-Kummissjoni se tagħti lill-Istati Membri l-aktar esposti, bħall-Greċja, l-Italja u l-Ungerija, permezz ta' "hotspots" permezz tal-użu tal-għarfien espert tal-aġenziji tal-UE bħall-FRONTEx, l-EASO u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), biex tgħin lill-Istati Membri fir-reġistrazzjoni tal-persuni li jaslu; ifakkar lill-Istati Membri li s-suċċess ta' dawn iċ-ċentri ta' reġistrazzjoni jiddependi minn kemm ikunu lesti jirrilokaw rifuġjati mill-"hotspots" għat-territorji tagħhom; jemmen li approċċ bħal dan għandu jipprevedi biċ-ċar mekkaniżmi effikaċi biex jiġu identifikati l-persuni bi bżonnijiet speċifiċi u biex dawn jiġu riferuti għand is-servizzi adatti;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

8. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni li d-dispożizzjoni dwar l-hekk imsejjaħ "pajjiż ta' oriġini sikur" fid-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil tissaħħaħ billi titfassal lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini sikuri; jifhem li dan l-approċċ jista' jillimita d-drittijiet proċedurali taċ-ċittadini ta' dawk il-pajjiżi; ifakkar li r-rata ta' aċċettazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-asil tvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor, inkluż fir-rigward ta' pajjiżi ta' oriġini partikolari; jitlob li jittieħdu passi biex jiġi żgurat li dan l-approċċ ma jimminax il-prinċipju ta' non-refoulement u d-dritt individwali għall-asil, speċjalment dak ta' persuni li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli;

9. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex temenda r-Regolament ta' Dublin b'tali mod li tiddaħħal sistema permanenti u vinkolanti ta' tqassim ta' persuni li jfittxu asil fost it-28 Stat Membru, permezz ta' koeffiċjent ta' allokkazzjoni ġust u obbligatorju, filwaqt li jitqiesu l-prospetti ta' integrazzjoni u l-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-persuni kkonċernati stess;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu spazju u prontezza mil-lat baġitarju fil-provvedimenti tal-baġit tal-2016 u tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP), sabiex ikun jista' jingħata appoġġ aktar mgħaġġel u aktar sostanzjali lill-EASO u lill-Istati Membri fir-rigward tal-azzjonijiet tagħhom għall-akkoljenza u l-integrazzjoni tar-rifugiati, inkluż fil-qafas tal-iskemi ta' rilokazzjoni u risistemazzjoni;

11. Jappella għal traspożizzjoni sħiħa u implimentazzjoni effikaċi tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil min-naħa tal-Istati Membri parteċipanti kollha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-Istati Membri qegħdin jimplementaw kif xieraq il-leġiżlazzjoni tal-UE sabiex jiġi żgurat li qed jiġu applikati standards komuni effikaċi, konsistenti u umani fl-UE kollha filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tat-tfal;

12. Jemmen li l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Ritorn għandha timxi id fid mar-rispett għall-proċeduri u l-istandards li jippermettu lill-Ewropa tiżgura trattament uman u dinjituż tal-persuni rimpatrijati, f'konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement; ifakkar li r-ritorn volontarju għandu jingħata prijorità fuq ir-ritorn furzat;

13. Ifakkar li l-persuni li jeħtieġu protezzjoni għandhom possibbiltajiet limitati ħafna biex jidħlu legalment fl-UE, u jiddeplora l-fatt li dawn m'għandhomx għażla oħra ħlief li jirrikorru għat-traffikanti u għal rotot perikolużi biex isibu protezzjoni fl-Ewropa, minħabba, fost fatturi oħra, il-bini ta' ċnut u l-għeluq tal-fruntieri esterni; iqis, għalhekk, li huwa ta' prijorità kbira li l-UE u l-Istati Membri tagħha joħolqu mezz sikuri u legali għar-rifugiati, bħal "kurituri" umanitarji kif ukoll viżi umanitarji; jenfasizza li, minbarra programm ta' risistemazzjoni obbligatorju; l-Istati Membri għandhom jaqblu li jipprovdu għodod oħrajn, bħat-tisħiħ tar-riunifikazzjoni tal-familja, skemi ta' sponsorizzazzjoni privata u arranġamenti flessibbli dwar il-viżi, fosthom għal skopijiet ta' studju u xogħol; jemmen fil-ħtieġa li l-Kodiċi dwar il-Viżi jiġi emendat billi jiddaħħlu dispożizzjonijiet komuni aktar speċifiċi dwar viżi umanitarji; jitlob lill-Istati Membri jagħmluha possibbli li wieħed japplika għall-asil fl-ambaxxati u fl-uffiċċji konsulari tagħhom;

14. Ifakkar li l-Istati Membri għandhom jimponu sanzjonijiet kriminali ħorox kontra t-traffikar tal-bnedmin, kemm lejn l-UE u kemm fi ħdanha; jistieden lill-Istati Membri jikkumbattu n-netwerks kriminali tat-traffikanti, iżda fl-istess ħin ma jippenalizzawx lil dawk li jgħinu lill-migranti b'mod volontarju għal raġunijiet umanitarji, inklużi t-trasportaturi, u jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE; jieħu nota tal-operazzjoni EUNAVFOR Med kontra t-traffikanti tal-persuni fil-Mediterran;

15. Jiddeplora l-fatt li l-mexxejja ta' xi Stati Membri u tal-partiti tal-lemin estrem qegħdin jużaw is-sitwazzjoni attwali biex ikebbu s-sentiment antimigratorju filwaqt li jagħtu t-tort lill-UE għal din il-kriżi, u l-fatt li dan qed iwassal għal għadd dejjem akbar ta' atti vjolenti kontra l-migranti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu passi urġenti kontra l-azzjonijiet vjolenti u l-inċident għall-mibegħda fil-konfront tal-migranti; jistieden ukoll lill-mexxejja tal-UE u tal-Istati Membri jieħdu pożizzjoni ċara favur is-solidarjetà Ewropea u r-rispett għad-dinjità tal-bniedem;

16. Ifakkar li l-migrazzjoni hija fenomenu globali u kumpless li jeħtieġ ukoll approċċ fuq terminu twil li jindirizza l-kawżi fl-għerq tiegħu, bħall-faqar, l-inugwaljanza, l-inġustizzja, it-tibdil fil-klima, il-korruzzjoni, il-governanza ħażina u l-kunflitt armat; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiffukaw is-Summit tal-Belt Valletta f'Novembru 2015 fuq dawn

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

il-kawżi; jissottolinja l-ħtieġa ta' approċċ komprensiv tal-UE li jsahha il-koerenza tal-politiki interni u esterni tagħha, u b'mod partikolari l-politika estera u ta' sigurtà komuni tagħha kif ukoll il-politiki tagħha dwar l-iżvilupp u l-migrazzjoni; għandu riservi dwar il-pjanijiet biex l-għajnuna għall-iżvilupp tintrabat ma' aktar kontrolli fil-fruntieri jew ftehimiet ta' riammissjoni ma' pajjiżi terzi;

17. Jitlob lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lil donaturi oħra internazzjonali sabiex iwettqu b'urġenza l-impenji li hađu waqt il-Konferenza dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp li saret f'Lulju 2015 f'Addis Ababa, u jenfasizza l-bżonn li l-politika għall-iżvilupp tiġi ffukata mill-ġdid fuq il-bini ta' soċjetajiet paċifiċi, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-promozzjoni ta' governanza tajba, kif speċifikat fl-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 16 tal-qafas ta' żvilupp globali għal wara l-2015;

18. Iħeġġeġ lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-komunità internazzjonali jsaħħu r-rwol tagħhom fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti u, b'mod partikolari, jgħinu biex jinstabu soluzzjonijiet politiċi sostenibbli fir-reġjuni li jinsabu f'kunflitti, bħall-Iraq, is-Sirja, il-Libja u l-Lvant Nofsani, u jsaħħu d-djalogu politiku, inkluż mal-organizzazzjonijiet reġjonali, fir-rigward tal-elementi kollha relatati mad-drittijiet tal-bniedem, bil-għan li jappoġġaw istituzzjonijiet inklużivi u demokratiċi u l-istat tad-dritt, jibnu r-reżiljenza tal-komunitajiet lokali u jrawmu l-iżvilupp soċjali u demokratiku fil-pajjiżi ta' oriġini u fost il-popli tagħhom; jappella, f'dan ir-rigward, għal kooperazzjoni akbar mal-pajjiżi fir-reġjun fi ħdan il-Lega Għarbija u l-Unjoni Afrikana għall-finijiet ta' ġestjoni, risistemazzjoni u għoti ta' asil lill-persuni li jeħtieġu protezzjoni;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jlaqqgħu konferenza internazzjonali dwar il-kriżi tar-rifuġjati, bil-parteċipazzjoni tal-UE, l-Istati Membri tagħha, l-aġenziji relatati man-NU, l-Istati Uniti, l-NGOs internazzjonali rilevanti u l-Istati Għarab, fost l-oħrajn, bil-għan li titfassal strateġija komuni u globali dwar l-għajnuna umanitarja;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0318

Ir-rwol tal-UE fil-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar ir-rwol tal-UE fil-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani (2015/2685(RSP))**

(2017/C 316/24)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2015 dwar il-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet riċenti mill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Federica Mogherini, u l-kelliem tagħha dwar l-Iżrael, it-Territorju Palestinjan okkupa, il-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani u l-appoġġ tal-UE għall-Aġenzija tan-NU ta' Fondi u tax-Xogħol,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat tal-Iżrael, min-naħa l-oħra,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Interim dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea fuq naħa, u l-Organizzazzjoni għal-Liberazzjoni tal-Palestina li taġixxi fisem l-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u tal-istrixxa ta' Gaża, fuq in-naħa l-oħra,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU,
 - wara li kkunsidra r-Raba' Konvenzjoni ta' Ġinevra marbuta mal-Protezzjoni ta' Persuni Ċivili fi Żmien ta' Gwerra, tal-1949,
 - wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Promozzjoni tal-Konformità mad-Dritt Umanitarju Internazzjonali,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-ksib tal-paċi fil-Lvant Nofsani jibqa' prijorità ewlenija għall-komunità internazzjonali u element indispensabbli għall-istabbiltà u s-sigurtà reġjonali; billi fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU qed isiru sforzi biex il-proċess ta' paċi jinbeda mill-ġdid;
- B. billi l-kunflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina għandu jitqies fil-kuntest usa' tal-kunflitt Għarbi-Iżraeljan; billi l-UE tqis li l-paċi fil-Lvant Nofsani tirrikjedi soluzzjoni reġjonali komprensiva; billi l-kriżi vjolenti fis-Sirja, iż-żieda fis-setgħa tad-Da'esh, ir-radikaliżmu li qed ikompli jikber u t-tixrid tat-terroriżmu fil-Lvant Nofsani qed joħlqu theddidiet sinifikanti għas-sigurtà tal-Iżrael u r-reġjun sħiħ, u qed ikompli jżidu t-tbatija tal-Palestinjani, iżda joħlqu wkoll interessi kondiviżi bejn l-istati Għarab u l-Iżrael, filwaqt li l-ftehim nukleari mal-Iran, li l-UE kellha rwol importanti fih, joffri spinta unika lill-proċess ta' paċi, li m'għandhiex titħalla tintilef;
- C. billi l-UE ripetutament ikkonfermat l-appoġġ tagħha għas-soluzzjoni ta' żewġ stati abbażi tal-fruntieri tal-1967, b'Ġerusalemm bħala l-kapitali taż-żewġ stati, bl-Istat tal-Iżrael fis-sigurtà u bl-Istat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu u vijabbli, li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u s-sigurtà, u appella biex jergġghu jissuktaw it-taħditiet ta' paċi diretti bejn l-Iżrael u l-Awtorità Palestinjana;
- D. billi l-UE hi l-akbar sieħba kummerċjali tal-Iżrael u l-akbar fornitur ta' għajjnuna lill-Palestinjani; billi l-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), Federica Mogherini, esprimiet f'bosta okkażjonijiet l-impenn tagħha li ġġedded u tintensifika r-rwol tal-UE fil-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani; billi

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

f'April 2015 Fernando Gentilini ġie maħtur ir-Rappreżentant Speċjali ġdid tal-UE għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani; billi l-UE, minkejja l-ambizzjoni u l-impenn tagħha li jkollha rwol effettiv f'din il-kwistjoni, għadha trid tiżviluppa viżjoni komprensiva u koerenti tal-ħidma tagħha fil-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, li għandu jirrifletti l-kuntest reġjonali li qed jinbidel rapidament;

1. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-istaġnar persistenti tal-proċess ta' paċi tal-Lvant Nofsani, u jitlob li sforzi kredibbli għal-paċi jergħu jinbdew mingħajr dewmien; jistieden lill-Iżraeljani u lill-Palestinjani biex jevitaw passi li jistgħu jqanqlu eskalazzjoni ulterjuri, inklużi d-diskors ta' mibegħda u t-tixwix fl-arena pubblika kif ukoll miżuri unilaterali li jistgħu jippreġudikaw ir-riżultat tan-negozjati u jheddu l-vijabbiltà tas-soluzzjoni ta' żewġ stati; jenfasizza l-fatt li kwalunkwe soluzzjoni dejjiema għall-kunflitt tista' tinkiseb biss f'kuntest reġjonali bl-involvement tal-partijiet konċernati reġjonali kollha u l-appoġġ tal-komunità internazzjonali;

2. Itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għas-soluzzjoni ta' żewġ stati abbażi tal-fruntieri tal-1967, bi skambji ta' art maqbula b'mod reciproċiku u b'Ġerusalemm bħala l-kapitali taż-żewġ stati, bl-Istat tal-Iżrael sikur u bl-Istat tal-Palestina indipendenti, demokratiku, kontigwu u vijabbli li jgħixu maġenb xulxin fil-paċi u s-sigurtà u r-rikonoxximent reċiproku, abbażi tad-dritt ta' awtodeterminazzjoni u r-rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali; jenfasizza li l-mezzi mhux vjolenti u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju huma l-uniku mezz biex tinkiseb paċi ġusta u dejjiema bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani;

3. Jisħaq li l-ħarsien tal-vijabbiltà tas-soluzzjoni ta' żewġ stati permezz ta' azzjoni konkreta, u li jiġi żgurat rispett sħiħ għad-drittijiet taċ-ċivili taż-żewġ naħat, għandhom ikunu prijoritajiet immedjati għall-UE u l-komunità internazzjonali; jistenna b'ħerqa l-introduzzjoni tad-djalogu strutturat tal-UE mal-Iżrael dwar is-sitwazzjoni fix-Xatt tal-Punent u l-ħarsien tas-soluzzjoni ta' żewġ stati, li għandha tkopri wkoll il-kwistjoni tal-insedjamenti;

4. Jilqa' r-rwol pożittiv u s-sostenn neċessarju li l-UE tixtieq tipprovi fil-faċilitazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-kunflitt bejn l-Iżrael u l-Palestina u l-kunflitt usa' Għarbi-Iżraeljan permezz ta' mezzi paċifiċi u kostruttivi, li jaqdu l-interessi tal-UE fir-rigward tas-sigurtà, l-istabilità u l-prosperità fil-Lvant Nofsani; jitlob, għalhekk, li jkun hemm approċċ ġdid tal-UE li jaqdi ġenwinament l-interessi tal-paċi u tas-sigurtà tal-poplu Iżraeljan u dak Palestinjan; jilqa' l-impenn personali tal-VP/RGħ u l-ħatra tar-Rappreżentant Speċjali l-ġdid tal-UE għall-proċess ta' paċi tal-Lvant Nofsani, u jappoġġa l-isforzi tagħhom f'dan ir-rigward;

5. Jilqa' l-impenn tal-UE li taħdem attivament fuq approċċ multilaterali mġedded għall-proċess ta' paċi f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, u li tappoġġa attivament lill-partijiet biex terġa' tintrebaħ il-fiduċja u jinħoloq ambjent ta' fiduċja meħtieġ biex jidħlu f'negozjati sinifikattivi kemm jista' jkun malajr; jinnota li l-UE tqis li l-ħolqien ta' grupp ta' appoġġ internazzjonali hu mezz possibbli li jikkontribwixxi għal dan l-għan; jenfasizza li l-UE tinsab lesta biex tinvolvi ruħha f'ħidma konġunta mas-sħab reġjonali fuq il-bażi tal-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi;

6. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ u lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE biex jagħmlu użu aħjar mir-relazzjonijiet politiċi u l-għarfien espert istituzzjonali tal-UE u l-Istati Membri tagħha, ibbażati kif inhuma fuq il-prossimità ġeografika tal-Ewropa, ir-rabtiet storiċi u l-iskambji ekonomiċi intensivi mar-reġjun tal-Lvant Nofsani, għal rwol politiku ġenwin fil-proċess ta' paċi bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani, u bejn l-Istati Għarab u l-Iżrael f'kuntest usa'; ifakkar lill-Istati Membri fid-dmir tagħhom li jikkontribwixxu b'mod attiv fit-tfassil ta' pożizzjoni Ewropea magħquda għall-indirizzar tal-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, u biex joqogħdu lura minn inizjattivi unilaterali li jdgħajfu l-azzjoni tal-UE;

7. Jappoġġa l-isforzi fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU bl-għan li jergħu jibdew it-taħdidiet ta' paċi bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani; iħeġġeġ lill-UE, madankollu, biex twestaq ir-responsabilitajiet tagħha bħala attur b'influenza u tieħu inizjattiva ta' paċi kuraġġjuża u komprensiva għar-reġjun; jemmen li l-UE għandu jkollha rwol ewlieni fid-definizzjoni tal-oġġettivi tal-Kwartett – li għandhom ikun rifokati fuq is-sejbien ta' soluzzjoni politika għall-kunflitt – u tal-format tiegħu;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

8. Jikkundanna l-espansjoni li għadha għaddejja tal-insedjamenti Iżraeljani, li jiksru d-dritt umanitarju internazzjonali, ikebbu r-riżentiment Palestinjan u jdgħajfu l-vijabilità u l-prospetti tas-soluzzjoni ta' żewġ stati, u jistieden lill-awtoritajiet Iżraeljani biex immedjatament itemmu u jreġġgħu lura l-politika ta' insedjamenti tagħhom;
9. Jilqa' l-impenn tal-UE – fl-ispiritu tad-divrenzjar bejn l-Iżrael u l-attivitajiet tagħha fit-Territorju Palestinjan okkupat – li tiżgura li l-ftehimiet kollha bejn l-UE u l-Iżrael jindikaw b'mod inekwivoku u espliċitu l-inapplicabilità tagħhom għat-territorji okkupati mill-Iżrael fl-1967, kif imtenni fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-20 ta' Lulju 2015; jieħu nota tal-linji gwida tal-Kummissjoni tad-19 ta' Lulju 2013 dwar l-eliġibbiltà ta' entitajiet Iżraeljani u l-attivitajiet tagħhom fit-territorji okkupati mill-Iżrael minn Ġunju 1967 għal għotjiet, premji u strumenti finanzjarji ffinanzjati mill-UE mill-2014 'il quddiem, l-ittra mibgħuta lill-VP/RGħ minn 16-il Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-UE fit-13 ta' April 2015, li tinkoraġġiha tieħu rwol mexxej fi ħdan il-Kummissjoni bl-għan li jitwettaq għalkollox ix-xogħol fuq linji gwida tal-UE kollha dwar it-tikkettar ta' prodotti mill-insedjamenti Iżraeljani;
10. Jenfasizza r-responsabilità tal-awtoritajiet rilevanti tal-UE sabiex jiżguraw li l-ebda finanzjament tal-UE ma jkun jista' jiġi iddevjat, direttament jew indirettament, lejn organizzazzjonijiet jew attivitajiet terroristiċi;
11. Jenfasizza li l-isparar ta' rockets dan l-aħħar minn grupp militanti lejn territorju Iżraeljan huwa inaċċettabbli, u jissottolinja l-periklu li s-sitwazzjoni teskala; jenfasizza l-ħtieġa fundamentali għall-UE li taħdem fi sħubija mal-Iżrael, l-Awtorità Palestinjana, l-Eġittu u l-Gordani lejn il-prevenzjoni tar-riarmament ta' gruppi terroristiċi fl-Istrixxa ta' Gaża u x-Xatt tal-Punent u l-kuntributtu tal-armi tagħhom, il-manifattura ta' rockets u l-bini ta' mini; jisħaq għall-darba oħra fuq il-ħtieġa kruċjali tad-diżarm tal-gruppi terroristiċi kollha f'Gaża, skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin ta' Lulju 2014;
12. Jinsab imħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-vjolenza min-naħa tal-abitanti tal-insedjamenti fix-Xatt tal-Punent; jilqa' l-kundanna ġenerali min-naħa tat-tmexxija Iżraeljana tal-attakk inċendjarju riċenti kontra l-familja Dawabshah fir-raħal ta' Duma, iżda jfakkar lill-Istat tal-Iżrael fir-responsabilità sħiħa tiegħu li jipproteġi lill-popolazzjoni Palestinjana u li jressaq lill-abitanti tal-insedjamenti kollha li jwettqu vjolenza quddiem il-ġustizzja;
13. Jilqa' l-ħidma li saret mill-Missjoni tal-Pulizija u l-Istat tad-Dritt (EUPOL COPPS) tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) fit-territorji Palestinjani biex jassistu lill-Awtorità Palestinjana fil-bini tal-istituzzjonijiet ta' Stat tal-Palestina ġejjien fl-oqsma tal-pulizija u tal-ġustizzja kriminali; jitlob għar-riattivazzjoni tal-Missjoni ta' Assistenza fil-Fruntiera (EUBAM Rafah) tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni b'mandat aktar ambizzjuż u b'mezzi u persunal adegwati, sabiex ikollha rwol konkret fil-kontroll tal-fruntieri tal-Istrixxa ta' Gaża mal-Eġittu u l-Iżrael;
14. Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni jirrapportaw lura lill-Parlament dwar il-qerda u l-ħsarat ta' strutturi u proġetti ffinanzjati mill-UE fit-Territorji Palestinjani okkupati;
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jipprovdu finanzjament lil NGOs fir-reġjun li l-għanijiet politiċi tagħhom huma f'konformità mal-għanijiet ġenerali tal-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, u jħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-UE jimpenjaw ruħhom mal-kontropartijiet rilevanti tagħhom dwar din il-kwistjoni;
16. Itenni t-talba tiegħu li jintemm l-imblokk tal-Istrixxa ta' Gaża u għar-rikostruzzjoni u r-riabilitazzjoni urġenti taż-żona wara l-gwerra tas-sajf tal-2014, li jeħtieġ tkun prijorità tal-għanjuna umanitarja għall-UE u l-komunità internazzjonali; ifaħħar il-ħidma erojka tal-UNRWA f'dan ir-rigward; iħeġġeġ lid-donaturi biex jagħmlu disponibbli kemm jista' jkun malajr l-impjenji finanzjarji tagħhom li saru fil-Konferenza Internazzjonali tal-Kajr dwar il-Palestina ("Nibnu Gaża mill-Ġdid") tat-12 ta' Ottubru 2014;
17. Jilqa' l-passi reċenti meħuda mill-Iżrael biex itaffu r-restrizzjonijiet fuq Gaża, iżda jiddeplora r-restrizzjonijiet li għad hemm fuq id-dħul ta' materjali tal-bini; jenfasizza l-importanza ta' miżuri pożittivi ulterjuri – filwaqt li jiġi indirzzat it-tħassib leġittimu tal-Iżrael dwar is-sigurtà – li jippermettu t-twettiq komplut tal-għanjuna umanitarja, ir-rikostruzzjoni u l-irkupru ekonomiku; iħeġġeġ lill-Istati Membri jwettqu l-wegħdiet tagħhom li jappoġġaw il-mekkaniżmu trilaterali għall-monitoraġġ u l-verifika tal-materjali tal-bini konċernati;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

18. Ihegġegħ lill-VP/RGħ taħdem favur l-implimentazzjoni sħiħa tar-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-Kummissjoni ta' Inkjesta Indipendenti tan-NU dwar il-kunflitt ta' Gaża tal-2014, inkluża r-rakkomandazzjoni li tiġi appoġġgata b'mod attiv il-ħidma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali; jilqa' l-vot unanimu minn dawk l-Istati Membri tal-UE li huma parti mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU favur ir-riżoluzzjoni ta' dan tal-aħħar tat-3 ta' Lulju 2015 dwar 'L-iżgurar tar-responsabbiltà u l-ġustizzja għall-ksur kollhu tad-dritt internazzjonali fit-Territorju Palestinjan Okkupat, inkluż il-Lvant ta' Ġerusalem;

19. Jenfasizza li rikonċiljazzjoni intra-Palestinjana hija element importanti għall-ksib tas-soluzzjoni ta' żewġ stati, u jiddeplora n-nuqqas ta' għaqda bejn il-Palestinjani; jappoġġa t-talba tal-UE lill-fazzjonijiet Palestinjani biex jagħmlu r-rikonċiljazzjoni u r-ritorn tal-Awtorità Palestina fl-Istrixxa ta' Gaża prijorità ewlenija; ihegġegħ lill-forzi Palestinjani jerġgħu jagħtu bidu għall-isforzi lejn ir-rikonċiljazzjoni, speċjalment billi jorganizzaw l-elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi li suppost ilhom li saru; jenfasizza li l-Awtorità Palestinjana jeħtieġ tiegħu responsabbiltà akbar f'dan ir-rigward u tassumi l-funzjoni governattiva tagħha fl-Istrixxa ta' Gaża, anke fl-oqsma tas-sigurtà u tal-amministrazzjoni ċivili u permezz tal-preżenza tagħha fil-punti ta' qsim;

20. Jistieden lill-partijiet kollha involuti fil-kunflitt jirrispettaw għalkollox id-drittijiet tad-detenuati u l-priġunieri, inklużi dawk li qed jagħmlu strajk tal-ġuħ;

21. Jesprimi t-tħassib profund tiegħu dwar il-kriżi serja fil-finanzjament tal-UNRWA; jitlob li l-UE tagħti aktar sostenn finanzjarju lill-UNRWA u jhegġegħ lid-donaturi l-oħra kollha biex iwettqu l-wegħdiet li għamlu lill-aġenzja, u jitlob lill-UNRWA biex tkompli ttejjeb il-ġestjoni tagħha, iżda jappella wkoll biex tiġi indirizzata l-kwistjoni sottostanti ewlenija tar-rifuġjati Palestinjani; jagħti għajha lill-UNRWA u jifirħilha għall-isforzi straordinarji tagħha li ppermettew li tinfetaħ is-sena skolastika 2015/2016 għall-istudenti rifuġjati Palestinjani;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani, lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Knesset, lill-President u l-Gvern tal-Iżrael, lill-Kunsill Leġiżlattiv Palestinjan u lill-Awtorità Palestinjana, lis-Segretarju Ġenerali tal-Lega tal-Istati Għarab, lill-parlamenti u l-gvernijiet rispettivi tal-Eġittu, il-Ġordan u l-Libanu, u lill-Kummissarju Ġenerali tal-UNRWA.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0319

Is-sitwazzjoni fil-Belarussja**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar is-sitwazzjoni fil-Belarussja (2015/2834(RSP))**

(2017/C 316/25)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Belarussja,
 - wara li kkunsidra s-summit tas-Sħubija tal-Lvant li sar f'Riga f'Mejju 2015 flimkien mad-dikjarazzjoni tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja tat-28 ta' Lulju 2015,
 - wara li kkunsidra l-ħelsien ta' sitt priġunieri politiċi mill-awtoritajiet Belarussi fit-22 ta' Awwissu 2015, segwit mid-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-UE għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Federica Mogherini, u tal-Kummissarju għall-Politika Ewropea tal-Viċinat u n-Negożjati għat-Tkabbir, Johannes Hahn, dwar il-ħelsien ta' priġunieri politiċi fil-Belarussja fit-22 ta' Awwissu 2015,
 - wara li kkunsidra l-elezzjonijiet presidenzjali li jmiss fil-Belarussja skedati għall-11 ta' Ottubru 2015,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi, minkejja intensifikazzjoni evidenti tal-kuntatti bejn il-Belarussja u l-UE u l-Istati Uniti, fil-Belarussja qed ikompli jippersisti l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom l-intimidazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ir-raids tal-pulizija u l-konfiska tat-tagħmir tagħhom, kif ukoll l-espulsjonijiet furzati mill-Belarussja, kif ikkonfermat mir-rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja;
- B. billi l-ewwel żjara uffiċjali mill-2002 'l hawn tad-Delegazzjoni tal-Parlament għar-relazzjonijiet mal-Belarussja saret f'Minsk mit-18 sad-19 ta' Ġunju 2015; billi l-Parlament Ewropew attwalment m'għandu ebda relazzjoni uffiċjali mal-Parlament Belarussu;
- C. billi titjib sinifikanti fil-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-midja, ir-rispett tad-drittijiet politiċi kemm taċ-ċittadini ordinarji kif ukoll tal-attivisti tal-oppożizzjoni u rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huma kollha prerekwiżiti għal relazzjonijiet aħjar bejn l-UE u l-Belarussja; billi l-Unjoni Ewropea għadha impenjata bis-sħiħ li tkompli tiddefendi d-drittijiet tal-bniedem fil-Belarussja, inkluża l-libertà tal-espressjoni u l-midja;
- D. billi kien hemm xi progress fil-kooperazzjoni fuq xi politiki settorjali, bħall-edukazzjoni għolja, it-taħriġ vokazzjonali, is-suq diġitali, is-settur tal-enerġija, is-sikurezza tal-ikel u l-kultura, progress li kellu impatt pożittiv biex jinbada dibattitu kostruttiv fis-soċjetà Belarussa dwar ir-riformi meħtieġa u dwar sensibilizzazzjoni dwar l-UE; billi l-UE jeħtiġilha tiżgura, madankollu, li r-riżorsi tagħha ma jintużawx għar-repressjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġurnalisti indipendenti u l-mexxejja tal-oppożizzjoni;
- E. billi, mill-1994 'l hawn, fil-Belarussja ma saret l-ebda elezzjoni ħielsa u ġusta skont leġiżlazzjoni elettoral konformi mal-istandards internazzjonali, u billi l-liġi attwali tagħti vantaġġ enormi lill-president fil-kariga; billi l-OSKE/ODIHR skjerat il-missjoni ta' osservazzjoni elettoral fit-tul tagħha fil-Belarussja u se tikkordina l-ħidma ta' osservaturi fuq perjodu qasir;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

- F. billi fit-2 ta' April 2015, il-President Lukashenko ffirmat d-Digriet Nru 3 "Dwar il-prevenzjoni ta' dipendenza soċjali" li jipprevedi xogħol obbligatorju għal persuni qiegħda bit-theddida ta' ħlas ta' tariffa speċjali lill-baġit tal-istat jew obbligu amministrattiv fil-forma ta' multa jew arrest amministrattiv;
- G. billi fl-1 ta' Jannar 2015 ġiet introdotta liġi ġdida li tirregola l-forom kollha tal-midja; billi din il-liġi tippermetti lill-gvern li jagħlaq kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni tal-massa, inkluża l-midja onlajn, jekk dawn jipubblikaw kontenut li huwa jqis "mhux adatt";
- H. billi l-awtoritajiet Belarussi fl-aħħar hellsu s-sitt prigionieri politiċi kollha, inlużi ex kandidati presidenzjali, wara snin jiċħdu l-eżistenza tagħhom;
- I. billi fit-13 ta' Lulju u fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill irrevoda l-miżuri ristrettivi fil-konfront tal-Belarus u emenda l-lista tal-projbizzjoni tal-viża u tal-iffriżar tal-assi, u minnha neħħa xi uffiċjali u kumpaniji; billi 175 individwu, inkluż Alexander Lukashenko, bħalissa jinsabu soġġetti għal projbizzjoni ta' dħul u kollha kemm huma, flimkien ma' 18-il entità ekonomika huma soġġetti għal iffriżar tal-assi fi ħdan l-UE; billi fix-xhur li ġejjin għandha ssir valutazzjoni tal-miżuri ristrettivi tal-UE, li se tkun qed tikkunsidra l-aktar żviluppi reċenti u l-fatturi l-oħra kollha li abbażi tagħhom kienu ttieħdu l-miżuri ristrettivi;
- J. billi, fit-28 ta' Lulju 2015, l-UE u r-Repubblika tal-Belarusja kellhom djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem fi Brussell li ffoka fuq firxa ta' kwistjonijiet, fosthom it-twaqqif ta' Istituzzjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, il-libertà ta' espressjoni, ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, il-piena tal-mewt, il-ġlieda kontra t-tortura u t-trattament ħażin, u d-drittijiet tat-tfal;
- K. billi l-Belarusja kellha rwol kostruttiv fil-faċilitazzjoni ta' ftehim dwar il-waqfien mill-ġlied fl-Ukrajna;
- L. billi l-kunflitt fl-Ukrajna kompli jżid il-biża' tas-soċjetà Belarussa li jkun hemm destabilizzazzjoni tas-sitwazzjoni interna b'konsegwenza ta' bidla fil-poter;
- M. billi l-Belarusja tibqa' l-uniku pajjiż fl-Ewropa li għadu japplika l-piena kapitali;
1. Jibqa' mħassab ferm dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali fil-Belarusja, kif ukoll dwar in-nuqqasijiet irreġistrati mill-osservaturi internazzjonali indipendenti matul l-elezzjonijiet preċedenti u l-persekuzzjoni attiva tal-mexxejja tal-oppożizzjoni wara l-elezzjoni;
 2. Jilqa' l-ħelsien li nġhata reċentement lill-prigionieri politiċi li kien fadal; jistieden lill-Gvern Belarussu jirriabilita l-prigionieri politiċi mehluja u jagħtihom lura d-drittijiet ċivili u politiċi kollha tagħhom; jisħaq li dan jista' jkun l-ewwel pass potenzjali biex jittejjb r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Belarusja; josserva, minkejja dan, li fl-imgħoddi, passi simili ma kinux ġesti sinċieri u l-ebda minnhom ma kkontribwixxa għat-titjib tas-sitwazzjoni tas-soċjetà Belarussa u lanqas ma tejjeb ir-relazzjonijiet mal-UE;
 3. Jistieden lill-Belarusja tmexxi l-elezzjonijiet presidenzjali li ġejjin f'konformità ma' standards rikonoxxuti internazzjonalment, tagħti aċċess mingħajr xkiel lill-oppożizzjoni għall-mezzi ta' komunikazzjoni kollha li huma kkontrollati mill-gvern, u tħalliha wkoll tipparteċipa fl-elezzjonijiet f'kundizzjoniet ekwi, b'mod partikolari billi toħloq kummissjonijiet elettorali indipendenti u tippermettilhom ikunu rappreżentati b'mod adegwat fil-livelli kollha kif ukoll li ssir votazzjoni trasparenti;
 4. Jistenna li l-awtoritajiet iwaqqfu l-intimidazzjoni tal-midja indipendenti għal raġunijiet politiċi; iħeġġiġhom jieqfu l-prattika ta' prosekuzzjoni amministrattiva u l-użu arbitrarju tal-Artikolu 22.9, Taqsima 2 tal-Kodiċi Amministrattiv kontra l-ġurnalisti indipendenti li jaħdmu mal-midja barranija mingħajr akkreditazzjoni, li tillimita d-dritt għal-libertà ta' espressjoni u għat-tixrid ta' informazzjoni;
 5. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-detenzjoni reċenti u l-prosekuzzjoni kriminali li għaddejjja tal-attivisti żgħażagħ Maksim Piakarski, Vadzim Zharomski u Viachaslau Kasinerau fuq suspett ta' "ħuliganiżmu malizzjuż", miżuri li huwa jqis bħala sproporzjonati, u jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza li ġarrbu;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

6. Ifakkar li mill-2010 'l hawn ġew iġġustizzjati għaxar persuni fil-Belarussja, bi tliet eżekuzzjonijiet fl-2014 biss, u li fit-18 ta' Marzu 2015 inġhatat sentenza ġdida ta' piena tal-mewt; f'dan il-kuntest, iħeġġeġ lill-Belarussja, l-uniku pajjiż fl-Ewropa li għadu japplika l-piena tal-mewt, sabiex tingħaqad mal-moratorju globali fuq l-eżekuzzjoni tal-piena ta' mewt bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni permanenti tagħha;
7. Jistieden lill-Gvern tal-Belarussja jirrispetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tan-NU għad-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali dwar l-abolizzjoni ta' elementi ta' xogħol furzat fil-pajjiż;
8. Jiġbed l-attenzjoni lejn is-sitwazzjoni tal-minoranzi nazzjonali fil-pajjiż u l-organizzazzjonijiet kulturali tiegħu, li l-mexxejja tagħhom xi drabi ġew sostitwiti minn individwi ppreferuti mill-awtoritajiet tal-istat, Prattika li tikkostitwixxi ksur ta' waħda mil-libertajiet bażiċi tal-bniedem: il-libertà ta' assoċjazzjoni;
9. Itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Belarussi sabiex jiżguraw, fiċ-ċirkostanzi kollha, ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, skont id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-istrumenti internazzjonali u reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem irratifikati mill-Belarussja;
10. Jinnota l-organizzazzjoni tas-sitt ċiklu ta' konsultazzjonijiet bejn l-UE u l-Belarussja dwar kwistjonijiet ta' modernizzazzjoni, li sar fi Brussell fit-3 ta' Settembru 2015, meta d-delegazzjonijiet iddiskutew l-prospetti għal kooperazzjoni fl-oqsma ewlenin, abbażi tal-ftehimiet li ntlaħqu fl-2014 u l-2015; iħeġġeġ lis-SEAE u lill-Kunsill biex jiżguraw li kwalunkwe parteċipazzjoni mill-awtoritajiet fid-Djalogu dwar il-Modernizzazzjoni, id fid u f'kundizzjonijiet ekwi mal-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili, issir bir-rispett sħiħ tal-prinċipji demokratiċi, bil-għan li tiġi żviluppata ekonomija kompetittiva sostenibbli u jitravmu r-riformi domestiċi, kif ukoll soċjetà pluralistika u l-istat tad-dritt;
11. Jappoġġa l-Kummissjoni fil-politika tagħha ta' "impenn kritiku" mal-awtoritajiet Belarussi, u jesprimi ruħu lest li jikkontribwixxi f'din il-politika anki permezz tad-Delegazzjoni tal-Parlament dwar ir-relazzjonijiet mal-Belarussja; ifakkar, minkejja dan, li l-UE jeħtiġilha żżomm għajnejha miftuħa f'dak li jikkonċerna l-post fejn jiġu assenjati r-riżorsi tagħha, u tiżgura li dawn ma jikkontribwixxux biex ikomplu jaggravaw is-sitwazzjoni tal-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili;
12. Itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tappoġġa, bil-mezzi finanzjarji u politiċi kollha, l-isforzi tas-soċjetà ċivili Belarussa, tal-midja indipendenti u tal-organizzazzjonijiet nongovernattivi fil-Belarussja biex tappoġġa l-aspirazzjonijiet demokratiċi tal-poplu Belarussu;
13. Jilqa' l-progress irregiſtrat fil-kooperazzjoni settorjali mal-Belarussja fl-oqsma tal-edukazzjoni għolja, it-taħriġ vokazzjonali, is-suq diġitali, is-settur tal-enerġija, is-sikurezza tal-ikel u l-kultura, fost oħrajn;
14. Jinnota li f'Janjar 2014 inġhata bidu għan-negożjati dwar il-faċilitazzjoni tal-viżi bl-għan li jittejjeb il-kuntatt bejn il-persuni u li tiġi mħeġġa s-soċjetà ċivili; jisħaq fuq il-ħtieġa li jitħaffef il-progress f'dan ir-rigward;
15. Jirrikonoxxi ż-żieda fl-użu tal-ilsien Belarussu fil-ħajja pubblika; jieħu nota tal-pjanijiet tal-Ministeru għall-Edukazzjoni li jħeġġeġ l-użu tal-ilsien Belarussu fl-edukazzjoni, kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' atti leġislattivi mill-Qorti Kostituzzjonali kemm bir-Russu kif ukoll bil-Belarussu;
16. Jistieden lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Kummissjoni jsibu mezzi oħra biex jappoġġaw lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-Belarussja; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li jingħata sostenn lis-sorsi ta' informazzjoni indipendenti kollha għas-soċjetà Belarussa, inkluża l-midja li xxandar il-programmi bil-ilsien Belarussu minn barra l-pajjiż;
17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0320

L-Intraprenditorija Soċjali u l-Innovazzjoni Soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar l-Intraprenditorija Soċjali u l-Innovazzjoni Soċjali fil-ġlieda kontra l-qgħad (2014/2236(INI))

(2017/C 316/26)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, tat-3 ta' Marzu 2010, bit-titolu "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv" (COM(2010)2020),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu, tas-6 ta' Frar 2013, dwar ir-responsabilità soċjali tal-intrapriżi: imġiba responsabbli u trasparenti tan-negozji u t-tkabbir sostenibbli ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu, tad-19 ta' Frar 2009, dwar l-Ekonomija Soċjali ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' Lulju 2013 dwar il-kontribut tal-kooperattivi biex tingħeleb il-kriżi ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 184 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' April 2013, dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu, tal-20 ta' Novembru 2012, dwar l-Inizjattiva għan-Negozju Soċjali – Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2011 ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2014, dwar il-promozzjoni tal-intraprenditorija taż-żgħażaġh għat-trawwim tal-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Diċembru 2013, dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali ("EaSI"), li introduċa l-assi ta' mikrofinanzjament u intraprenditorija soċjali,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, tal-25 ta' Ottubru 2011, bit-titolu "Inizjattiva għall-intraprenditorija soċjali" (COM(2011)0682),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Mejju 2015 bit-titolu "Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa" (COM(2015)0192);
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Frar 2013 bit-titolu "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020" (COM(2013)0083),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0247/2015),

⁽¹⁾ Testi adottat, P7_TA(2013)0049.

⁽²⁾ ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 16.

⁽³⁾ Testi adottat, P7_TA(2013)0301.

⁽⁴⁾ Testi adottat, P7_TA(2012)0429.

⁽⁵⁾ ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 187.

⁽⁶⁾ ĠU C 183, 14.6.2014, p. 18.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

- A. billi l-ekonomija soċjali u solidali timpjega aktar minn 14-il miljun persuna, li jirrappreżentaw madwar 6,5 % tal-ħaddiema fl-UE; billi hemm 2 miljun intrapriża tal-ekonomija soċjali u solidali fl-UE, li jirrappreżentaw 10 % tal-intrapriżi fl-Unjoni;
- B. billi, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, żdiedu kemm il-livelli tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, kif ukoll il-qgħad fit-tul, il-qgħad fost iż-żgħażaġh u l-inugwaljanzi soċjali;
- C. billi dawk l-aktar milquta mill-kriżi ekonomika u finanzjarja kienu l-aktar gruppi esklużi u żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, bħall-persuni b'diżabilità, iż-żgħażaġh, l-anzjani, in-nisa, dawk qiegħda għal żmien fit-tul u l-ħaddiema żvantaġġjati;
- D. billi l-kriżi ekonomika u finanzjarja għandha titqies bħala opportunità biex titwettaq ħidma lejn mudell ekonomiku aktar sostenibbli tal-UE li jiehju kont akbar tal-koeżjoni soċjali u territorjali u s-sostenibbiltà ambjentali; billi kwalunkwe titjib fis-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja għandu jkun ikkomplementat minn appoġġ qawwi għal impjiegi inklużivi, sostenibbli u ta' kwalità; billi l-ekonomija soċjali u solidali tista' tikkontribwixxi biex jintlaħaq dan l-għan u għandha titqies ukoll bħala sewwieq f'din it-tranżizzjoni, u kapaċi tgħin sabiex jintlaħaq bilanċ bejn il-kwistjonijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi;
- E. billi l-fornituri ta' appoġġ soċjali u ta' servizzi tas-saħħa, li ħafna minnhom huma intrapriżi soċjali, jirrappreżentaw wieħed mill-oqsma prinċipali ta' tkabbir tal-impjeg fl-UE, li ħoloq 1,3 miljun impjeg bejn l-2009 u l-2013; billi dan juri l-kapaċità doppja tas-settur li joħloq kemm impjiegi ġodda, anki fi żminijiet ta' kriżi, u li jsaħħaħ il-koeżjoni soċjali u territorjali fl-Ewropa, b'mod partikolari billi jgħin sabiex l-utenti tas-servizzi jsibu impjeg;
- F. billi fil-konferenza "L-isfruttament tal-potenzjal tal-ekonomija soċjali għat-tkabbir tal-UE" li saret f'Ruma fis-17 u t-18 ta' Novembru 2014, ġie rikonoxxut li l-ekonomija soċjali u solidali għandha rwol ewlieni fil-pajjiżi Ewropej u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' diversi għanijiet ewlenin tal-UE bħall-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi, il-koeżjoni soċjali, l-innovazzjoni soċjali, l-iżvilupp rurali u reġjonali jew il-protezzjoni ambjentali;
- G. billi ż-żieda tar-rata ta' xogħol tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena minn 69 % għal mill-inqas 75 % u t-tnaqqis b'25 % tan-numru ta' Ewropej li jgħixu taħt il-linja tal-faqar nazzjonali, billi jitneħħew mill-faqar iktar minn 20 miljun persuna, huma għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 li għadhom ma nkisbux;
- H. billi d-Dikjarazzjoni ta' Strasburgu ta' Jannar 2014 tiddikjara li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għandhom jaqdu rwol aktar importanti fil-futur tal-Ewropa;
- I. billi l-UE hija r-reġjun bl-akbar popolazzjoni anzjana u b'żieda tal-popolazzjoni l-aktar baxxa fid-dinja; billi, skont it-tbassir, sal-2050 l-età medja fl-UE se taqbeż il-50 sena; billi l-popolazzjoni li qed tixjeh, flimkien mal-bidliet demografiki, joħolqu sfida għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali;
- J. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali mhux biss għadhom l-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali, iżda jistgħu joffru wkoll kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli u innovattivi u jistgħu jkunu aktar kapaċi li jadattaw ruħhom għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi u soċjali;
- K. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali huma kkaratterizzati mill-governanza demokratika tagħhom, involviment qawwi tal-membri jew is-sħab tagħhom fil-ġestjoni tal-kumpanija, u trasparenza għolja tal-operazzjonijiet tagħhom u jrispondu għad-domanda li dejjem tikber taċ-ċittadini għal imġiba b'etika intraprenditorjali, soċjali u li tħares l-ambjent;
- L. billi l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali jkopru firxa wiesgħa ta' soċjetajiet, u ħafna minn dawn il-kumpaniji mhumiex rikonoxxuti minn qafas legali fil-livell Ewropew u huma rikonoxxuti biss fil-livell nazzjonali fxi Stati Membri, li għandhom forom legali differenti;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

- M. billi l-kooperattivi jipprovdu impjegi ta' kwalità li mhumiex vulnerabbli għar-rikolazzjoni, miftuħa għal kulħadd u reżiljenti għall-kriżi; billi, bis-saħħa tal-mudell kummerċjali kooperattiv tagħhom, żiedu l-qligħ u t-tkabbir waqt il-kriżi, u kellhom anqas fallimenti u sensji;
- N. billi r-Regolament (UE) Nru 1296/2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) jiddefinixxi "intrapriżi soċjali" u "innovazzjonijiet soċjali" fl-Artikolu 2(1) u 2(5) tiegħu;
- O. billi l-innovazzjoni soċjali tirreferi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ideat ġodda, kemm jekk prodotti, servizzi, jew mudelli ta' organizzazzjoni soċjali, li huma mfassla biex jissodisfaw it-talbiet u l-isfidi ġodda soċjali, territorjali u ambjentali, bħall-popolazzjoni li qed tixjeh, id-depopolazzjoni, il-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u tal-familja, il-ġestjoni tad-diversità, l-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażaġh, l-integrazzjoni ta' dawk l-aktar esklużi mis-suq tax-xogħol u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;
- P. billi l-investimenti soċjali huma investimenti fil-persuni mfassla biex isaħħu l-ħiliet u l-kapaċitajiet tagħhom u jappoġġjawhom biex jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja tax-xogħol u soċjali; billi l-investimenti soċjali ġeneralment jirreferu għal politiki fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-indukrar tat-tfal, il-kura tas-saħħa, it-taħriġ, l-ghajjnuna għat-tfittix ta' impjeg u r-riabilitazzjoni;
- Q. billi n-nuqqas ta' rikonoxximent li jħabbtu wiċċhom miegħu l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali, li xi drabi lanqas biss jiġu rikonoxxuti bħala partijiet ekonomikament interessati, jagħmilha aktar diffiċli għalihom li jkollhom aċċess għal finanzi, kemm pubbliċi kif ukoll privati; billi l-Fondi Strutturali u l-programmi Ewropej għandhom jikkontribwixxu għall-immodernizzar tal-istrutturi ekonomiċi, inkluża l-ekonomija soċjali u solidali, li hija rappreżentata minn tipi u daqsijiet differenti ta' intrapriżi (kooperattivi, intrapriżi mutwi, fondazzjonijiet, assoċjazzjonijiet u forom ġodda ta' intrapriżi soċjali u solidali), ħafna minnhom SMEs u mikrointrapriżi;
- R. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ikunu oqsma ta' prijorità f'termini tal-iżvilupp tal-kultura tal-intraprenditorija taż-żgħażaġh;
- S. billi d-disparità bejn is-sessi fl-intraprenditorija soċjali hija iżgħar minn dik fil-forom tradizzjonali ta' intraprenditorija; billi l-intraprenditori soċjali nisa jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tnaqqis fl-esklużjoni soċjali u għall-ħolqien ta' opportunitajiet ta' żvilupp ġodda;
- T. billi huwa meħtieġ li jingħataw taħriġ u taħriġ mill-ġdid fis-settur soċjali għan-nies qiegħda fit-tul sabiex jingħatawlihom opportunitajiet ġodda f'ambjent innovattiv bħal dak tal-ekonomija soċjali u solidali;
- U. billi l-ekonomija soċjali u solidali, u b'mod partikolari l-intrapriżi tat-taħriġ u tal-ippustjar tal-ħaddiema, joffru opportunitajiet ta' xogħol speċjalment għal dawk l-aktar esklużi mis-suq tax-xogħol, u li għalihom il-qgħad sikwit jinbidel f'qgħad fuq żmien fit-tul; billi l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw modi kif jiġu appoġġjati intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali li jirreklutaw nies qiegħda jew biex minnhom jibbenefikaw dawk li jirrikorru għall-ghajjnuna, anki, fejn ikun il-każ, permezz tat-tnaqqis fit-taxxi u tal-primjums soċjali;
- V. billi l-effett komplementari u supplimentari tal-ekonomija soċjali u solidali huwa importanti wkoll flimkien ma' miżuri oħra li jippromwov u l-impjeg; billi għandha tiġi ffukata aktar attenzjoni għas-soluzzjonijiet li jippromwov u r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni mingħajr il-kapaċitajiet l-aktar bażiċi u l-mezzi suffiċjenti ta' kompetittività sabiex aktar 'il quddiem ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-vantaġġi offruti mis-soluzzjonijiet l-aktar innovattivi tal-ekonomija soċjali u solidali;
- W. billi d-djalogu soċjali huwa essenzjali għall-funzjonament tal-ekonomija soċjali tas-suq tal-UE u huwa kruċjali għall-promozzjoni kemm tal-kompetittività kif ukoll tal-korrettezza; billi d-djalogu soċjali u l-konsultazzjoni tas-sħab soċjali fi ħdan it-tfassil ta' politika tal-UE jirrappreżentaw innovazzjoni soċjali prinċipali;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

X. billi l-akkwist spiss jieħu l-forma ta' offerti kbar ta' darba għal servizzi jew provvisti li jistgħu jeskludu atturi iżgħar;

Introduzzjoni

1. Jinnota li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali, li m'għandhomx għalfejn ikunu organizzazzjonijiet mhux bi skop ta' profitt, huma negozji li l-oġettiv tagħhom huwa li jiksbu l-għan soċjali tagħhom, li jista' jkun il-ħolqien ta' impjiegi għal gruppi vulnerabbli, li jfornu servizzi lill-membri tagħhom jew, b'mod aktar ġenerali, li joħlqu impatt soċjali u ambjentali pożittiv, u li jerrgħu jinvestu l-profitti tagħhom primarjament sabiex jilħqu dawk l-għanijiet; jirrimarka li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali huma kkaratterizzati mill-impenn tagħhom li jħarsu l-valuri li ġejjin:

- il-preċedenza tal-individwu u tal-għanijiet soċjali fuq l-interessi tal-kapital;
 - il-governanza demokratika mill-membri;
 - l-għaqda tal-interessi tal-membri u tal-utenti mal-interess ġenerali;
 - is-salvagwardja u l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-solidarjetà u tar-responsabilità;
 - l-investment mill-ġdid ta' fondi żejda f'miri ta' żvilupp fit-tul, jew fil-provvista ta' servizzi ta' interess għall-membri jew ta' servizzi ta' interess ġenerali;
 - is-sħubija volontarja u miftuħa;
 - il-ġestjoni awtonoma u indipendenti mill-awtoritajiet pubbliċi.
2. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tagħraf id-diversità tal-intrapriżi soċjali u tiżgura li jittieħdu azzjonijiet fil-livell tal-UE li jappoġġjaw l-intrapriżi soċjali u solidali ta' kull tip;
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimplementaw b'konsistenza l-miżuri kollha stipulati fl-Inizjattiva ta' Negozju Soċjali tal-2012 mingħajr dewmien; jistieden lill-Kummissjoni ttipponi t-tieni stadju tal-inizjattiva mill-aktar fis possibbli, fi sħubija mal-Istati Membri u mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-atturi ewlenin fl-ekonomija soċjali u solidali, biex l-ambitu tagħha jitwessa' u jsir aktar intensiv;
4. Jinnota li l-ekonomija soċjali u solidali ma tistax tieħu post l-istat soċjali u s-servizzi pubbliċi;
5. Jinnota li l-mudell tal-intraprenditorija soċjali sikwit jappella liż-żgħażaġh u jagħtihom l-opportunità li jipprovdu reazzjonijiet innovattivi għall-isfidi ekonomiċi, soċjali u ambjentali attwali;
6. Jirrimarka li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali għandhom bażi lokali u reġjonali qawwija, li jagħtihom il-vantaġġ li jkunu aktar konxji tal-bżonnijiet speċifiċi u li jistgħu joffru prodotti u servizzi, ħafna minnhom ibbażati fuq il-komunità, li jissodisfaw dawk il-ħtiġijiet, u b'hekk itejbu l-koeżjoni soċjali u territorjali; iqis li l-kooperazzjoni tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali bejn il-konfini ta' bejn il-pajjiżi u s-setturi għandha tiġi promossa, sabiex ikun jista' jseħħ skambju ta' għarfien u prattiki b'mod li jkun jista' jiġi appoġġjat b'mod partikolari t-tkabbir ta' dawn l-intrapriżi;
7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipponu pjanijiet u miżuri biex itejbu l-organizzazzjoni territorjali, speċjalment f'żoni bi żvantaġġi naturali jew demografiċi permanenti, li mhux biss jgħinu sabiex jitwaqqfu u jiżviluppaw l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali u l-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-intraprenditorija soċjali, iżda wkoll jgħinu biex isaħħu l-koeżjoni soċjali u territorjali fl-UE u jagħmluha aktar faċli li jiġu indirizzati b'suċċess l-isfidi demografiċi li qed tħabbat wiċċha magħhom l-Unjoni;
8. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda fl-għadd ta' intrapriżi konvenzjonali li japplikaw strateġiji tar-responsabilità soċjali tan-negozji fi ħdan il-programmi kummerċjali tagħhom; jenfasizza, madankollu, li l-applikazzjoni tal-istrateġiji tar-responsabbiltà soċjali tan-negozji mhijiex fiha nnifisha kundizzjoni suffiċjenti biex titqies bħala intrapriża tal-ekonomija soċjali u solidali;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

9. Jemmen li huwa importanti li jiġu determinati l-oriġini tad-disparità iżgħar bejn is-sessi fl-intraprenditorija soċjali sabiex ikun jista' jittieħed kont ta' dawn il-fatturi minn dawk li jfasslu l-politiki filwaqt li tiġi promossa l-intraprenditorija soċjali u tradizzjonali;
10. Jemmen li l-innovazzjoni soċjali tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tqegħid tas-sisien għal tkabbir li jkun ta' servizz għal soċjetà aktar sostenibbli, inklużiva u li tiġġenera koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali; jemmen li l-innovazzjoni soċjali għandha timmira li ttejjeb il-kwalità tas-servizzi b'mod effiċjenti aktar milli sempliċement tnaqqas l-ispejjeż;
11. Jilqa' b'sodisfazzjoni li erba' Stati Membri tal-UE (Spanja, Franza, il-Portugall u l-Belġju) għandhom leġiżlazzjoni nazzjonali li tikkonċerna l-ekonomija soċjali u solidali, filwaqt li l-Polonja nediet strateġija biex tiżviluppa l-ekonomija soċjali u solidali u r-Rumanija qed tiddiskuti l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni biex tirregola l-ekonomija soċjali u solidali;
12. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tirrikonoxxi u tappoġġja r-rwol tal-fornituri ta' servizzi soċjali mhux għall-profit, kemm politikament kif ukoll finanzjarjament;
13. Jenfasizza l-hteġa li jiġu promossi l-iskambji fost intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali innovattivi, skejjel, id-dinja akkademika, u l-partijiet interessati tal-investment soċjali, filwaqt li jitqiesu wkoll il-ħtiġijiet tas-soċjetà, sabiex jiżiedu l-ħiliet intraprenditorjali, u jissaħħew il-kundizzjonijiet li jippermettu li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali jiżviluppaw u jikbru, kif ukoll jinħolqu ċentri ta' innovazzjoni soċjali; iqis importanti li jitqiesu l-fehmiet tal-partijiet interessati, inklużi s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi; jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-mudell ta' intraprenditorija kooperattiva;
14. Jenfasizza l-hteġa għal kooperazzjoni fost l-Istati Membri kollha sabiex joħlqu l-kundizzjonijiet ta' qafas meħtieġa għal sistema ta' innovazzjoni soċjali fl-Istati Membri kollha, billi l-ekonomija soċjali u solidali waħedha ma tistax tiġġielew is-sintomi u l-kawżi tal-aktar problemi soċjali urġenti.

L-Istrateġija Ewropa 2020

15. Jirrikonoxxi li l-UE għadha 'l bogħod milli tilħaq il-miri stabbiliti fl-Istrateġija Ewropa 2020, speċjalment dawk relatati mal-impjiegi, l-innovazzjoni u t-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali; jinnota li l-ekonomija soċjali u solidali tikkontribwixxi mhux biss għal mudell ekonomiku aktar sostenibbli, intelliġenti u inklużiv, iżda wkoll għall-mudell soċjali Ewropew, u hija parti mis-suq uniku, u ħaqqa tkun rikonoxxuta u appoġġjata bis-sħiħ mill-UE u l-Istati Membri, kif previst fil-kostituzzjonijiet ta' xi Stati Membri u f'diversi dokumenti ewlenin tal-UE; jitlob, għalhekk, li jitqies li l-ekonomija soċjali u solidali tiġi kkunsidrata fir-reviżjoni tal-istrateġija Ewropa 2020, minħabba l-kontribut sinifikanti li tista' tagħti biex jintlaħqu l-miri tal-istrateġija;
16. Jirrimarka li x-xejriet demografiċi huma relatati ma' mudelli ġodda ta' konsum, u li t-tixjij tal-popolazzjoni fil-pajjiżi żviluppati qed iwassal għal żieda fid-domanda fuq is-servizzi soċjali, iżda se jipprovdi wkoll opportunitajiet biex jinħolqu negozji soċjalment responsabbli;
17. Jenfasizza li l-ekonomija soċjali u solidali, minħabba l-karattru soċjali u inklużiv tagħha, tipprovdi impjiegi għall-gruppi li fil-maġġoranza tal-każijiet huma esklużi mis-suq tax-xogħol miftuħ, biex b'hekk tagħti kontribut għas-solidarjetà, il-koeżjoni soċjali kif ukoll għat-tkabbir ekonomiku;
18. Jemmen li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali jistgħu jiżviluppaw proċessi li jippermettu għestjoni aktar effiċjenti, responsabbli u trasparenti tar-riżorsi li qed jonqsu, u jistgħu jżidu l-implimentazzjoni ta' miżuri soċjalment responsabbli;
19. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw aħjar l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali fi pjanijiet ta' azzjoni għall-impjiegi u l-integrazzjoni soċjali, kif ukoll fil-Programmi Nazzjonali ta' Riforma, bil-għan li jiġi liberat u sfruttat il-potenzjal tagħhom ta' ħolqien ta' impjiegi u l-kontribut li jistgħu jagħtu biex jintlaħqu l-miri ewlenin tal-istrateġija Ewropa 2020;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

20. Jilqa' l-fatt li l-baġit ta' prefinanzjament għall-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ żdied bi 30 %; jistieden lill-Istati Membri biex jikkoordinaw miżuri biex jippromwovu l-intraprenditorija soċjali mal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Implimentazzjoni ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-intraprenditorija soċjali u l-innovazzjoni fil-Programmi Operazzjonali nazzjonali tal-FSE; iħeġġeġ sabiex l-iskemi tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ ikunu implimentati b'mod aktar effettiv u effiċjenti;

Akkwist pubbliku

21. Jirrimarka li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet fl-aċċess għall-kuntratti pubbliċi, bħal ostakli li huma relatati mad-daqs u l-kapaċità finanzjarja tagħhom; jappella għall-implimentazzjoni rapida u effettiva tad-direttivi l-ġodda dwar l-akkwist pubbliku u l-kuntratti ta' konċessjoni (id-Direttivi 2014/24/UE, 2014/25/UE u 2014/23/UE) sabiex tintlaħaq parteċipazzjoni ikbar minn impriżi tal-ekonomija soċjali u solidali fil-proċeduri ta' offerti għal kuntratti pubbliċi, titjeb l-assenjazzjoni ta' kuntratti għal dawn l-intrapriżi, jitrawwem ir-rwol tagħhom, u tiġi promossa l-inklużjoni soċjali u l-innovazzjoni soċjali; jappella għal azzjoni li tiffaċilita l-parteeipazzjoni ta' dawn l-intrapriżi fl-akkwist pubbliku billi jingħataw pariri xierqa, jiġu ssimplifikati l-proċeduri u jitfasslu offerti b'tali mod li dawn ikunu aċċessibbli għal operaturi iżgħar; jappella li fl-akkwist pubbliku jipprevalu l-offerti li jgħibu iktar valur ekonomiku u soċjali iktar mill-prezz l-aktar baxx, filwaqt li jiġu inklużi kriterji soċjali jew ambjentali fil-kuntratti ta' akkwist pubbliku;

22. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-riforma tad-direttivi dwar l-akkwist pubbliku u l-kuntratti ta' konċessjoni, li tinkludi klawżoli u kriterji soċjali biex jippromwovu l-inklużjoni soċjali u l-innovazzjoni soċjali, kif ukoll kuntratti maħsuba biex jippromwovu l-impjeg tal-persuni l-aktar żvantaġġati fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jimplementaw dawn il-prinċipji ta' akkwist kif suppost fil-proċeduri kollha tal-offerti u tas-selezzjonijiet, bl-użu wiesa' tal-prinċipju tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, f'konformità mal-obbligi tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinkludu klawżoli u kriterji soċjali fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku sabiex issaħħu l-pożizzjoni tal-persuni żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, inaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jissimplifikaw il-proċeduri u jieħdu miżuri aktar effettivi kontra l-korruzzjoni;

23. Jiddispaċiħ li l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa tal-Kummissjoni ma ssemmix l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali u l-kontribut potenzjali tagħhom għall-ilħuq tal-oġġettivi tal-Unjoni; jiddeplora l-fatt li dik l-istrateġija ma tqisx il-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess sħiħ, ugwali u mingħajr restrizzjonijiet għal kulħadd għat-teknoloġiji, s-swieq u t-telekomunikazzjoni diġitali ġodda, b'mod partikolari fir-rigward ta' persuni b'diżabilità; jenfasizza li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali bbażati fuq it-teknoloġija jista' jkollhom rwol kruċjali fl-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà b'mod sempliċi u kosteffettiv;

Finanzjament

24. Jiddispaċiħ li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali saħansitra jkollhom problemi aktar mill-intrapriżi tradizzjonali biex jiffinanzjaw lilhom infushom, sew mil-lat pubbliku kif ukoll privat, u għalhekk jitlob lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-fornituri tas-servizzi finanzjarji jiżviluppaw firxa wiesgħa ta' strumenti finanzjarji adegwati li jappoġġaw b'mod effettiv lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali fl-istadji kollha tal-iżvilupp tan-negozju tagħhom, speċjalment waqt it-twaqqif tagħhom, u joħlqu qafas sabiex jinġiebu flimkien investituri potenzjali u fondi speċjalizzati;

25. Jirrimarka li l-aċċess għall-finanzjament huwa mxekkel mill-fatt li l-amministraturi tal-intermedjarji finanzjarji ftit li xejn għandhom għarfien tar-realtà tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali; jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb it-taħriġ ta' dawn l-amministraturi fir-rigward ta' dawn l-intrapriżi, biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-finanzjament; jitlob, għalhekk, li jiġi introdott siġill ta' kwalità għall-"Intraprenditorija Soċjali", li jagħmilha aktar faċli għall-investituri sabiex jidentifikaw fondi b'portafoll li jinkludi intrapriżi tal-ekonomija soċjali, b'referenza partikolari għall-Fond ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropew;

26. Jenfasizza l-bżonn ta' stimolu akbar għall-ħolqien u l-appoġġ ta' netwerks ta' intrapriża soċjali, sabiex jiġu promossi sinerġiji fl-organizzazzjoni, l-iskambju u t-tixrid tat-teknoloġiji kif ukoll l-iżvilupp ta' servizzi fost il-produtturi f'reġjuni differenti;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

27. Jenfasizza l-bżonn tal-promozzjoni ta' djalogu aktar strutturat bejn l-SMEs, l-intrapriżi soċjali u solidali u l-istituzzjonijiet finanzjarji, permezz ta' pjattaformi onlajn iddedikati;
28. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-Fondi tal-Intraprenditorija Soċjali Ewropej;
29. Jilqa' l-fatt li parti mill-fondi għall-programm EaSI huma maħsuba biex jgħinu sabiex jipprovdu aċċess għall-finanzi għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali; jenfasizza r-rwol li għandu jkollu l-assi intraprenditorija soċjali tal EaSI, il-FSE u l-programmi kollha l-oħra rilevanti tal-UE fit-titjib tal-funzjonament ta' dawn l-intrapriżi; jenfasizza l-ħtieġa għal aktar sensibilizzazzjoni rigward l-opportunitajiet ta' finanzjament; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu punti ta' kuntatt nazzjonali jew one-stop-shops biex jgħinu lill-atturi tal-ekonomija soċjali u solidali jaċċessaw l-iskemi ta' finanzjament tal-UE;
30. Jitlob lill-Kummissjoni tirrevedi l-limitu massimu stabbilit skont l-EaSI għas-self lill-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u tiddetermina jekk dan jikkorrispondix mal-kundizzjonijiet tas-suq;
31. Jenfasizza l-ħtieġa li l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali jiġu appoġġjati b'riżorsi finanzjarji suffiċjenti fuq livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE, billi jinħolqu sinerġiji fost id-diversi tipi ta' intrapriżi; jistieden lill-Istati Membri u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-fatt li l-finanzjament meħtieġ għandu jsir disponibbli; iqis bħala neċessarju, għalhekk, li jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament tal-ekonomija soċjali u solidali permezz ta' mezzi varji, bħall-fondi Ewropej, fondi ta' kapital ta' riskju, mikrokreditu u finanzjament kollettiv;
32. Jitlob lill-Istati Membri jsaħħu, permezz tal-awtoritajiet lokali, is-servizzi pubbliċi (pereżempju s-saħħa u l-edukazzjoni), u jużawhom bħala forza mexxejja biex itejbu l-kwalità tas-servizzi sabiex jingħataw opportunitajiet ta' xogħol u jgħollu l-livell tas-servizzi mogħtija bil-għan li jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali;
33. Jindika li r-regoli dwar l-ghajjnuna statali ma għandhomx ikunu impediment għall-finanzjament pubbliku għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali u s-servizzi soċjali; f'dan is-sens, jistieden lill-Kummissjoni tapplika flessibilità fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ghajjnuna statali għal dawn l-intrapriżi u s-servizzi, u tgħin sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet lokali u reġjonali jifhmu u japplikaw b'mod korrett l-ghajjnuna statali maħsuba għalihom;
34. Jiddispjaċih li r-regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi jirreferi biss għas-settur tal-ekonomija soċjali u solidali fil-premessi tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tippromwovi l-approċċ ta' investiment soċjali kif ippreżentat fil-Pakkett ta' Investiment Soċjali, kif ukoll li jiġu kkunsidrati l-proġetti relatati mal-ekonomija soċjali u solidali meta jiġu vvalutati l-proġetti tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi;
35. Jikkritika l-fatt li l-intrapriżi tat-taħriġ u tal-ippustjar tal-ħaddiema, imwaqqfa abbażi ta' sħubiji bejn intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali, huma ġeneralment esklużi mill-aċċess għall-fondi għall-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi eċċezzjoni ġdida għad-definizzjoni legali ta' "SME", simili għal dawk li diġà japplikaw għall-korporazzjonijiet tal-investiment pubbliku, il-kumpaniji tal-kapital ta' riskju, u l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka mingħajr skop ta' qligħ, sabiex jingħata lok li intrapriża tat-taħriġ u tal-ippustjar tal-ħaddiema tkun kwalifikata bħala intrapriża awtonoma, anke meta intrapriża oħra jkollha, waħedha jew flimkien ma' intrapriżi oħra, 25 % jew iktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot fi ħdan il-bord amministrattiv tagħha;

Taħriġ

36. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovi kultura intraprenditorjali u l-mudell ta' intrapriża kooperattiva u li jinkludu l-intraprenditorija soċjali, kif ukoll il-prinċipji tal-ekonomija soċjali u solidali, fil-kurrikuli tal-edukazzjoni u ta' taħriġ; jistiedinhom ukoll jinkoraġġixxu t-twaqqif ta' inkubaturi tan-negozji fi ħdan l-universitajiet għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali;
37. Jirrimarka li l-ekonomija soċjali u solidali tista' tgħin biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE; jistieden lill-Istati Membri jippromwovi l-parteċipazzjoni akbar tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali fil-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Istati Membri, b'mod partikolari permezz ta' sistemi ta' taħriġ duwali;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

38. Jistieden lill-Istati Membri jgħammru liċ-ċentri tax-xogħol sabiex ikunu jistgħu jipprovdu tagħrif effikaċi għall-persuni li jkun biħsiebhom jaħdmu fis-settur tal-intraprenditorija soċjali u solidali;

39. Jinnota li xi intrapriżi soċjali u solidali huma kompetittivi u għandhom pożizzjoni ta' tmexxija fis-settur tagħhom, filwaqt li oħrajn jeħtieġu għarfien speċjalizzat biex iniedu, jiżviluppaw u jamministraw in-negozji tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw programmi ta' taħriġ immirati u mfassla speċifikament għall-intraprendituri tas-settur soċjali, u b'referenza partikolari għall-gruppi b'rati ta' impjieg aktar baxxi bħalma huma l-ħaddiema nisa, żgħażaġh u dawk żvantaġġati, bil-ħsieb li jiżviluppaw il-ħiliet u l-għarfien bażiku ta' ġestjoni tan-negozju;

40. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja u l-gwida tal-karriera għall-ħaddiema akbar fl-età, dawk li jkunu qiegħda fit-tul u l-persuni b'diżabilità, permezz ta' intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali, u b'hekk jgħinu u jidħlu fis-suq tax-xogħol;

41. Jirrimarka li fehim tajjeb tad-drittijiet tal-bniedem huwa essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet soċjali tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, biex ifasslu programmi ta' taħriġ sabiex iħarrġu lil professjonisti fis-settur soċjali fir-rigward tal-implimentazzjoni korretta tal-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa;

42. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal ta' programmi bħal Erasmus +, u b'hekk jinkoraġġixxu l-iskambju ta' studenti u għalliema kif ukoll intraprendituri innovattivi oħra;

43. Jirrimarka li s-setturi b'firxa wiesgħa ta' tkabbir u ħolqien ta' impjegi, bħas-settur "abjad" u s-settur "aħdar" huma setturi fejn l-ekonomija soċjali u solidali hija preżenti ħafna; għalhekk iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ f'dawk is-setturi;

Appoġġ u promozzjoni

44. Jiddispaċiħ għal-livell baxx ta' rikonoxximent tal-ekonomija soċjali u solidali fil-livell Ewropew; huwa tal-fehma li t-titjib fil-ġbir tad-data diżaggregata skont is-sess u l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar Prattika fil-livell Ewropew, flimkien ma' kopertura aktar wiesgħa mill-midja tal-ekonomija soċjali u solidali u tal-kisbiet tagħha, jgħinu biex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni tas-soċjetà fl-ekonomija soċjali u solidali, biex b'hekk jiġi żgurat li tintfieh u tiġi rikonoxxuta aktar u tingħata viżibbiltà aħjar;

45. Jaqbel mal-ħolqien ta' pjattaforma diġitali multilingwi għall-iskambju tal-informazzjoni mmirata lejn l-intrapriżi soċjali, l-inkubaturi tan-negozji, ir-raggruppamenti kummerċjali u l-investituri fl-intrapriżi soċjali, u li jiġu ffaċilitati l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-aċċess għall-appoġġ mill-programmi tal-UE; jemmen li l-iżvilupp ta' tali pjattaforma għandu jkun ippreċedut minn konsultazzjonijiet mal-gruppi interessati;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel studju komparattiv tas-sistemi nazzjonali ta' ċertifikazzjoni u tikkettar tal-ekonomija soċjali u solidali u biex tiffaċilita l-iskambju ta' Prattiki tajba, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali;

47. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' inkubaturi tan-negozju għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali, kif ukoll biex jimplimentaw u jippromwovu b'mod effettiv il-pjattaforma tal-Internet għall-iskambju tad-data bejn investituri soċjali u intraprendituri soċjali (il-Pjattaforma għall-Innovazzjoni Soċjali tal-Ewropa), li d-dettalji tagħha diġà hemm qbil dwarhom.

48. Jistieden lill-Istati Membri jżidu l-iskambju tal-aħjar Prattika fir-rigward ta' mezzi possibbli ta' appoġġ għall-intrapriżi tal-ekonomija soċjali u solidali u tal-investment soċjali, inklużi, fejn applikabbli, eżenzjonijiet tat-taxxa jew inċentivi għall-intrapriżi li jittrattaw ma' gruppi vulnerabbli, bħalma huma l-persuni b'diżabilità;

49. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi b'attenzjoni l-miżuri Prattiki implimentati mill-Istati Membri sabiex jiggwarantixxu li l-persuni li jkunu għażlu t-triq tal-intraprenditorija soċjali u solidali jgawdu mill-istess drittijiet ta' protezzjoni soċjali, protezzjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fix-xogħol bħal ħaddiema oħrajn;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

50. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ebda miżura implimentata mill-Istati Membri ma tkun ostaklu għall-moviment liberu tal-ħaddiema, u li b'hekk kull min għażel it-triq tal-intraprenditorija soċjali u solidali jkun jista' jwettaq l-attività tiegħu fejn jixtieq fit-territorju tal-Unjoni;

51. Jappoġġja l-idea li l-intrapriżi soċjali u solidali jistgħu jiffurmaw kategorija speċifika ta' kumpanija bl-istatus legali proprja tagħha, iddefinita bħala waħda b'objettivi oħrajn apparti s-sempliċi qligħ għall-partijiet interessati; jistieden lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Istrateġija ta' Ruma adottata mir-rappreżentanti Ewropej tal-ekonomija soċjali u solidali, sabiex tippreżenta qafas legali għal dawn l-intrapriżi, li għandu jintlaħaq permezz tal-istatut Ewropew għas-soċjetajiet kooperattivi, l-assoċjazzjonijiet, il-fondazzjonijiet u l-intrapriżi mutwi;

52. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ id-djalogu soċjali fl-ekonomija soċjali u solidali, sabiex tiffaċilita l-innovazzjoni soċjali u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u biex tiżgura li jkun hemm għarfien sħiħ tal-potenzjal ta' ħolqien tal-impjiegi tas-settur;

o

o o

53. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0321

Ħolqien ta' suq tax-xogħol kompetittiv tal-UE għas-seklu 21

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar il-ħolqien ta' suq tax-xogħol kompetittiv tal-UE għas-seklu 21: it-tlaqqigħ tal-ħiliet u l-kwalifiki mad-domanda u l-opportunitajiet ta' impjeg, bħala mod kif nirkupraw mill-kriżi (2014/2235(INI))

(2017/C 316/27)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-2014 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' April 2014 dwar "L-Unjoni Ewropea kif tista' tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent ospitabbli biex l-intrapriżi, in-negozji u n-negozji l-ġodda joħlqu l-impjegji?" ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-pożizzjon tiegħu tad-29 ta' April 2015 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1304/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Soċjali Ewropew, fir-rigward ta' żieda fl-ammont ta' prefinanzjament inizjali mħallas għal programmi operazzjonali appoġġati mill-Inizjattiva favur l-Impjegji taż-Żgħażaġħ ⁽³⁾;
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Lulju 2014 dwar l-Impjeg taż-Żgħażaġħ ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-16 ta' Jannar 2014 dwar ir-rispett tad-dritt fundamentali tal-moviment liberu fl-UE ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra waħda mill-prijoritajiet tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-26-27 ta' Ġunju 2014: biex jiġi meġhun l-iżvilupp ta' ħiliet, u jsir disponibbli talent u bidliet fil-ħajja għal kulħadd permezz tal-promozzjoni tal-ħiliet adattati għall-ekonomija moderna u għat-tagħlim tul il-ħajja,
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2014 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar netwerk Ewropew ta' Servizzi tal-Impjeg, l-aċċess tal-ħaddiema għas-servizzi ta' mobilità u l-integrazzjoni ulterjuri tas-swieq tax-xogħol (COM(2014)0006),
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tar-riżultati tat-tagħlim mhux formali u informali ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 2006/962/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjegji u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0222/2015),

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2014)0038.⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0394.⁽³⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0110.⁽⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2014)0010.⁽⁵⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0037.⁽⁶⁾ ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

- A. billi l-eżistenza ta' xogħlijiet fejn il-postijiet tax-xogħol vakanti li ma jistgħux jimtlew minħabba nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati tvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor;
- B. billi, skont il-Kummissjoni ⁽¹⁾, sa 12,4 miljun ruħ ilhom qiegħda għal aktar minn sena u, minnhom, 6 miljuni għal aktar minn sentejn; billi l-qgħad fuq terminu twil għandu impatt negattiv fuq it-tkabbir ekonomiku u s-sostenibilità ta' sistemi tas-sigurtà soċjali u tista' ssir problema strutturali;
- C. billi r-riġiditajiet tas-suq tax-xogħol, in-nuqqas ta' domanda domestika u l-investment qed ikollhom impatt negattiv fuq il-ħolqien tal-impjegati, filwaqt li s-suq tax-xogħol kompetittiv tal-UE jqis li dawn it-tliet fatturi jstgħu jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-impjieg u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali tal-Ewropa 2020;
- D. billi t-talba għal ħaddiema b'livell baxx ta' kwalifiki qiegħda tonqos filwaqt li d-domanda għal ħaddiema b'livell għoli ta' kwalifiki qiegħda tikber b'mod konsiderevoli; billi din l-evoluzzjoni tas-suq tax-xogħol Ewropew tirrikjedi t-teħid ta' azzjoni fuq il-ħiliet tal-ħaddiema kif ukoll taħriġ inizjali u vokazzjonali;
- E. billi, fl-2012, wieħed minn kull tliet impjegati Ewropej kienu jew kwalifikati żżejjed jew mhux kwalifikati biżżejjed għax-xogħlijiet tagħhom ⁽²⁾; u billi l-impjegati żgħażaġh huma tipikament aktar probabbli li jkunu formalment kwalifikati żżejjed, filwaqt li huwa wkoll aktar probabbli li jaħdmu f'xogħlijiet anqas imqabbla mal-ħiliet tagħhom minn ħaddiema aktar imdaħħla fiż-żmien;
- F. billi xi studji jissuġġerixxu li parti rilevanti tax-xogħlijiet eżistenti se tisparixxi jew tonqos ħafna fil-kwantità minħabba l-awtomatizzazzjoni;
- G. billi l-ispinta lejn ekonomija b'livell oġhla ta' ħiliet tisser li matul il-ħames snin li ġejjin, ħafna aktar negozji jistennew li jżidu n-numru ta' impjegati li jeħtieġu ħiliet ta' tmexxija, ta' ġestjoni u livell oġhla ta' ħiliet;
- H. billi l-mobilità tal-ħaddiema Ewropej iżżid l-impjegabilità tagħhom u ttejjeb il-kompetittività tas-suq tax-xogħol Ewropew;

Il-kriżi ekonomika u l-konsegwenzi tagħha

1. Jinnota li fid-dawl tal-kriżi ekonomika u l-kriżi finanzjarja Ewropea u t-tnaqqis konsegwenti fir-ritmu ekonomiku, għadd ta' Stati Membri qed jissieltu ma' livelli għolja ta' qgħad (UE28: 9,8 % kif ukoll ma' dejn pubbliku, tkabbir baxx u investment insuffiċjenti; jinnota t-tnaqqis fin-nefqa pubblika; huwa ulterjorment ikkonċernat li f'ħafna Stati Membri r-rati ta' qgħad fost iż-żgħażaġh (UE 28: 20,9 %) huma ħafna oġhla u li każijiet ta' titjib u rati aktar baxxi huma rari;
2. Iqis li huma meħtieġa politiki ekonomiċi u soċjali u riformi tas-suq tax-xogħol ambizzjużi sabiex tingħata spinta lil tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u biex jinħolqu aktar xogħlijiet li jwasslu għal impjegati ta' kwalità u sostenibbli; jenfasizza ulterjorment il-ħtieġa għal sistemi ta' sigurtà soċjali li jinkludu t-titjib tal-ħiliet tad-diżokkupati, filwaqt li titrawwem l-impjegabilità ta' persuni nieqsa minn kwalifiki jew li għandhom kwalifiki verament baxxi, kif ukoll jingħataw inċentivi u opportunitajiet ta' xogħol;

Is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-UE

3. Jinnota li anki jekk il-provvista ta' ħaddiema hija biżżejjed biex tlaħħaq mad-domanda għall-ħaddiema, jista' xorta jkun hemm nuqqasijiet kwalitattivi minħabba li dawk li jkunu qed ifittxu xogħol jstgħu ma jkunux adattati għall-pożizzjonijiet miġtuha, bħala riżultat ta' disrepanza bejn is-setturi, l-okkupazzjonijiet jew ir-rekwiżiti tal-ħiliet;

⁽¹⁾ Skont l-"Employment and Social situation: Quarterly Review" ta' Marzu 2015 maħruġ mill-Kummissjoni.

⁽²⁾ Kummissjoni Ewropea (2013), L-iżviluppi fl-Impjeg u fis-Sitwazzjoni Soċjali fl-Ewropa

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

4. Huwa mħasseb li r-rati tal-qgħad fl-UE baqgħu relattivament għolja (Marzu 2015, UE 28: 9,8 %, u naqsu b'mod sinifikanti fi ftit pajjiżi biss, u jiġbed l-attenzjoni lejn id-differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri, bir-rati ta' qgħad l-aktar baxxi fil-Ġermanja u fl-Awstrija (madwar 5 %) u bl-ogħla fil-Greċja u fi Spanja (26 % u 23 % rispettivament ⁽¹⁾); billi dawn id-differenzi enormi jżidu r-riskju ta' frammentazzjoni tas-suq tax-xogħol kemm fl-Istati Membri kif ukoll bejniethom u jheddu l-istabilità ekonomika u l-koeżjoni soċjali tal-UE;
5. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li r-rata medja tal-impjieg tan-nisa fl-UE hija aktar minn 10 punti perċentwali anqas minn dik tal-irġiel u jenfasizza li l-kisba tal-mira ta' rata tal-impjieg ta' 75 % kif spjegat fl-istrategġija tal-Ewropa 2020 hija kondizzjonali fuq iż-żieda fir-rata tal-impjieg għan-nisa permezz ta' politiki mmirati b'mod partikolari lejn ir-rikonċiljazzjoni tad-dmirijiet tax-xogħol u tad-dar;
6. Jinnota li l-qgħad fost iż-żgħażaġh ivarja b'mod sinifikanti fl-UE, b'rati tal-qgħad fost iż-żgħażaġh tal-età ta' bejn is-16 u l-25 sena oġhla minn 50 % f'ċerti Stati Membri; jenfasizza li livelli għolja ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, flimkien mal-fatt li dawn jaffettwaw ġenerazzjoni sħiħa, jheddu l-bilanċ bejn il-ġenerazzjonijiet;
7. Jenfasizza li għad hemm differenza ta' 26 % fir-rata tal-impjieg għall-persuni b'diżabilità meta mqabbla mar-rata tal-impjieg medja tal-UE, b'rata tal-impjieg għall-persuni b'diżabilità ta' anqas minn 50 %;
8. Huwa mħasseb ħafna dwar il-livelli tal-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-Ewropa; jissottolinja f'dan ir-rigward l-importanza tal-edukazzjoni duwali bħat-taħriġ vokazzjonali u l-apprendistati fit-tqabbil tal-ħiliet taż-żgħażaġh mat-talbiet tas-suq tax-xogħol;
9. Jenfasizza li elementi bħal forza tax-xogħol kwalifikata, il-kapaċità tal-innovazzjoni, iż-żieda fil-kapaċità tal-akkwist u l-ambjent soċjoekonomiku u politiku stabbli huma indispensabbli sabiex tinħoloq klima ta' investiment tajba;
10. Jinnota l-livell għoli ta' qgħad fit-tul, u jwissi dwar il-bżonn li jiġi miġġieled immedjatament, fid-dawl tar-reżiljenza li hija assoċjata miegħu;
11. Jinnota li bosta sfidi importanti qed jaffettwaw is-suq tax-xogħol tal-Ewropa, inklużi l-globalizzazzjoni, is-soċjetà li qed tixjeh, bidliet teknoloġiċi rapidi bħad-diġitalizzazzjoni u r-robotizzazzjoni, id-diskrepanza bejn ħiliet u impjegi u domanda dejjem tikber għal ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet, bi provvista eċċessiva ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, li jikkawżaw polarizzazzjoni fil-paġi;
12. Jinnota madankollu r-riskji enfasizzati mis-CEDEFOP rigward il-kontinwazzjoni tad-diskrepanza fil-ħiliet u l-obsollexenza tal-ħiliet minħabba d-domanda baxxa li twassal għal livell għoli ta' qgħad;
13. Jenfasizza d-differenzi konsiderevoli fl-opportunitajiet tal-impjegi bejn l-Istati Membri, jissottolinja f'dan ir-rigward li l-opportunitajiet tal-impjegi huma element kruċjali għal suq tax-xogħol dinamiku li jlaqqa' l-ħiliet u l-impjegi u li joħloq opportunitajiet u possibilitajiet għan-negozji u għall-impjegati, u huwa mħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni statika fis-swieq tax-xogħol f'ċerti Stati Membri; jitlob għalhekk punt ta' riferiment Ewropew dwar l-opportunitajiet tal-impjegi fl-Istati Membri; data għal dan il-punt ta' riferiment tista' tinġabar kull sena permezz tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol u għandha bħala minimu tkejjel: in-numru ta' opportunitajiet tax-xogħol fi Stat Membru; id-durata medja tal-qgħad;
14. Jinnota li l-Ewropa għandha 24 miljun persuna qiegħda, inklużi 7,5 miljun NEETs, u min-naħa l-oħra żewġ miljun post tax-xogħol vakanti, u li l-kumpaniji Ewropej huma affettwati minn nuqqas kbir ta' persuni kwalifikati u ta' forza tax-xogħol b'ħiliet trasferibbli;
15. Jirrimarka li, minkejja r-rati għolja ta' qgħad fxi Stati Membri u postijiet tax-xogħol vakanti f'oħrajn, il-mobilità tax-xogħol ġewwa l-UE għadha baxxa (UE 27: 0,29 %), bħala riżultat fost l-oħrajn tal-ostakli eżistenti, u b'paragun internazzjonali, kważi 10 darbiet aktar baxxa milli fl-Istati Uniti u 5 darbiet aktar baxxa milli fl-Awstralja; jiġbed l-attenzjoni għas-seba' miljun ċittadin tal-UE li jgħixu u jaħdmu, sa mill-2013, fi Stat Membru li mhuxwix il-pajjiż taċ-ċittadinanza tagħhom; ifakkar li attwalment fl-UE hawn aktar minn żewġ miljun post tax-xogħol vakanti; jenfasizza, għaldaqstant, il-ħtieġa ta' mobilità tax-xogħol ġusta fl-Unjoni sabiex din id-diskrepanza tintemm;

⁽¹⁾ Skont l-"Employment and Social situation: Quarterly Review" tat-13 ta' April 2015 tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

16. Jinnota li s-suq tax-xogħol tal-UE jista' jgħin fl-assorbiment ta' konċnetrazzjonijiet kbar ta' qgħad eżistenti f'għadd ta' reġjuni tal-Ewropa;
17. Jemmen li s-suq tax-xogħol Ewropew se jadatta għall-kultura, il-mudell ta' produzzjoni u l-istruttura tan-negozji tar-reġjuni differenti Ewropej, u li d-differenzi bejniethom se jitqiesu fl-adozzjoni ta' miżuri li jagħmlu s-suq tax-xogħol aktar flessibbli;
18. Ifakkar li waqt perjodu ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku, l-individwi jaffaċċjaw sfidi akbar biex isibu l-impjiegi u li xi drabi jkollhom jaċċettaw impjiegi b'rekwiżiti edukattivi aktar baxxi minn dawk li diġà jkollhom; jenfasizza li t-tkabbir permezz tal-ħolqien ta' impjiegi bi kwalifiki għoljin u l-isforzi għall-istimulazzjoni tal-ħolqien tal-impjiegi permezz tal-faċilitazzjoni tal-investment f'setturi ġodda għaldaqstant huwa mod rilevanti biex tittaffa l-prevalenza ta' soprakwalifiki fi ħdan l-ekonomija tal-UE;

It-trawwim ta' suq tax-xogħol kompetittiv tal-UE

19. Jemmen li sabiex jinkiseb suq tax-xogħol kompetittiv fl-UE, riformi ambizzjużi huma meħtieġa biex tiżdied l-inklużività, il-flessibilità intelliġenti, l-innovazzjoni u l-mobilità, jissaħħaħ ir-rwol tad-djalogu soċjali, jiġi stimulat il-ħolqien ta' aktar impjiegi li jwasslu għal impjieg ta' kwalità għolja u sostenibbli, tingħata spinta lill-produttività u kontribut lill-iżvilupp tal-kapital uman, fid-dawl tas-swieq tax-xogħol u tax-xejriet ta' produzzjoni li kontinwament qed jinbidlu;
20. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sforzi kontinwi biex l-edukazzjoni, it-taħriġ u s-swieq tax-xogħol jitlaqqgħu flimkien, u jtenni li l-ġenerazzjoni ta' tkabbir, kompetittività u ħolqien tax-xogħol intelliġenti, sostenibbli u inklużivi fl-Ewropa għandhom jinkisbu permezz ta' approċċ olistiku li jirrifletti l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u jappoġġa gruppi vulnerabbli permezz tat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-għoti ta' inċentivi;
21. Jenfasizza li s-servizzi pubbliċi tal-impjieg għandhom rwol importanti fl-iżgurar li r-ritorn għat-tkabbir tal-impjiegi ma jseħx għad-detriment tat-tlaqqigħ tal-ħiliet ta' kwalità baxxa;
22. Jenfasizza l-importanza li l-leġiżlazzjoni tax-xogħol issir tinftiehem aktar għall-ħaddiema u għal min iħaddem, li jitneħħew l-ostakli għall-impjieg, li tkun promossa s-sigurtà ġuridika għall-kumpaniji u għall-impjegati;
23. Jenfasizza li ż-żgħażaġh sikwit jesperjenzaw diffikultajiet li dejjem jikbru fit-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għax-xogħol u għaldaqstant sikwit ikunu aktar vulnerabbli għall-qgħad u aktarx isibu ruħhom f'impjiegi ta' kwalità baxxa jew prekarji;
24. Jenfasizza l-importanza tal-inizjattiva tal-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO), li tidentifika u tikkategorizza ħiliet, kompetenzi, kwalifiki u impjiegi rilevanti għas-suq tax-xogħol tal-UE u l-edukazzjoni u t-taħriġ, f'25 lingwa Ewropea;
25. Jenfasizza l-importanza tal-iżvilupp tal-bniedem, tal-flessibilità tal-karriera u tal-impenn personali; ifakkar f'dan ir-rigward li l-mobilità professjonali hija fattur essenzjali u li jinħtieġ investment sostanzjali biex tiġi appoġġata b'mod attiv l-impjegabilità u l-adattabilità u jiġi evitat l-eżawriment ta' ħiliet fost dawk qiegħda;
26. Jenfasizza l-importanza ta' investimenti soċjali li jimmiraw lejn il-ħolqien ta' stat ta' attivazzjoni li jipprovdi lill-ħaddiema bi strumenti li jippermettulhom adattament faċli għal kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi li jinbidlu kif ukoll għad-domandi tas-swieq tax-xogħol;
27. Jemmen li bażi tal-ħiliet internazzjonalment kompetittiva se tippermetti lill-Istati Membri biex jaqdbu segmenti ta' valur għoli tas-suq globali;
28. Jenfasizza li l-ekonomija ċirkolari għandha l-potenzjal li toħloq miljuni ta' impjiegi madwar l-UE u twassal għal tkabbir sostenibbli u inklużiv;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

29. Ifakkar l-importanza tal-mobilità tal-ħaddiema, ġeografikament u f'setturi differenti, bħala għażla għal suq tax-xogħol kompetittiv, u jenfasizza l-ħtieġa għat-tnaqqis ta' ostakli amministrattivi u lingwistiċi li jaf ikunu responsabbli għar-restrizzjoni tagħha, u biex jiġu żviluppati għodod għall-faċilitazzjoni tal-mobilità bħar-rikonoxximent rapidu ta' kwalifiki formali, mhux formali u informali bejn l-Istati Membri, il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, il-CV Ewropew u l-Passaport Ewropew tal-Ħiliet, kif ukoll l-għoti ta' korsijiet tal-lingwa speċifiċi għas-settur u taħriġ dwar il-kommunikazzjoni interkulturali; jinkoraġġixxi li tiżdied is-sensibilizzazzjoni, u li jkun hemm titjib ulterjuri, tal-portal tax-xogħol EURES madwar l-UE, filwaqt li tiġi żgurata b'mod partikolari l-formazzjoni u d-dispożizzjoni ta' numru suffiċjenti ta' konsulenti tal-EURES, maqsuma ugwalment fuq it-territorju kollu tal-UE, sabiex il-EURES ikun għodda indispensabbli fis-suq tax-xogħol tal-UE; jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni mtejba fost is-servizzi nazzjonali pubbliċi tal-impjieg u l-inklużjoni futura ta' servizzi privati ta' impjieg u partijiet ikkonċernati oħra fin-netwerk tal-EURES; jenfasizza l-importanza tal-inizjattivi tal-UE li jimmiraw li jagħmlu s-suq tax-xogħol u s-sistemi edukattivi aktar trasparenti, jistimolaw il-mobilità u jgħolqu opportunitajiet bħalma huma l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki, il-Europass-CV, il-Passaport Ewropew tal-Ħiliet, il-Portal għall-Mobilità tal-Impjieg fl-Ewropa (EURES), l-Alleanzi tal-Għarfien u l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati; jitlob promozzjoni aħjar ta' dawn l-inizjattivi sabiex jittejjeb is-suq tax-xogħol fl-Ewropa;

30. Itenni li l-potenzjal ekonomiku kbir tan-nisa għandu jiġi sfruttat fl-Ewropa u li huwa meħtieġ li jinħolqu l-kundizzjonijiet xierqa għan-nisa għal-progress fil-karriera tagħhom u biex ifittxu pożizzjonijiet oġġettivi jkumpaniji jew biex jibdew in-negozji tagħhom stess; jenfasizza l-ħtieġa li tintemm id-diskrepanza bejn dak li n-nisa jkunsbu fl-edukazzjoni tagħhom u s-sehem u l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol; ifakkar l-importanza tal-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluża l-qerda tad-diskrepanza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u ż-żieda fir-rata tal-impjieg għan-nisa, kif ukoll it-tisħiħ tal-politiki ta' bilanċ bejn il-ħajja professjonali u dik personali, bħala parti mill-kisba tal-miri għall-impjieg tal-Ewropa 2020;

31. Jilqa r-riżultati pożittivi miksuba mill-iskema pilota tal-mobilità tal-impjieg "L-ewwel impjieg EURES tiegħek" (YfEj), li kapaċi tilħaq b'mod effikaċi liż-żgħażaġh u tiżviluppa servizzi mfasla kemm għal min qed ifittex impjieg kif ukoll għal min iħaddem; jenfasizza l-effetti konsegwenzjali pożittivi bejn l-iskema YfEj u l-EURES;

32. Fil-kuntest ta' dan l-isfond, jenfasizza l-importanza tal-politiki attivi tax-xogħol, tat-tagħlim tul il-ħajja kif ukoll tat-titjib tal-kapaċità tal-persuni għall-adattabilità għall-bidla teknoloġika; jistieden lill-Istati Membri biex iżidu l-firxa u l-effiċjenza tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol;

33. Iqis li strateġija koerenti u komprensiva lejn forum aktar effettivi u ta' benefiċċju reċiproku ta' organizzazzjoni tax-xogħol, billi jsir użu sħiħ mill-potenzjal ta' għarfien tal-ħaddiema u billi tiżdied il-kwalità tal-impjieg tagħhom se tgħin lir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol; jistgħu jiġu żviluppati forum ta' organizzazzjoni tax-xogħol aktar parteċipattivi u li jagħtu l-awtonomija biex isaħħu l-involvement tal-impjegati fl-innovazzjoni, jappoġġaw l-involvement tal-ħaddiema u liżvilupp tal-użu tal-ħiliet, u għalhekk, il-prestazzjoni tal-kumpaniji;

34. Jenfasizza, li minħabba bidliet mġhaġġla mbassra fis-suq tax-xogħol, huwa fiż-żgħażaġh tal-lum li l-investimenti fl-edukazzjoni u fit-taħriġ huma meħtieġa; jenfasizza li politiki tal-ħiliet m'għandhomx ikunu mmirati biex jilhqnu l-ħtieġijiet tas-suq tax-xogħol biss, iżda biex jgħammru lill-individwi bil-kompetenzi trasversali meħtieġa biex jiżviluppaw bħala ċittadini attivi u responsabbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirrispettaw il-fatt li l-edukazzjoni u t-taħriġ la huma sempliċement strument tas-suq tax-xogħol u lanqas huma maħsuba biex jedukaw il-ħaddiema tal-futur, iżda jikkostitwixxu l-ewwel u qabel kollox dritt fundamentali u għandhom valur fihom infushom;

L-antiċipazzjoni tal-ħtieġijiet ta' ħiliet futuri

35. Jemmen li, sabiex jiġu antiċipati l-ħtieġijiet tal-ħiliet għall-ġejjieni, il-partijiet ikkonċernati tas-suq tax-xogħol, inklużi l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-impjegati, għandhom ikunu involuti b'mod qawwi fil-livelli kollha, b'mod partikolari fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' kwalifiki vokazzjonali, li jipprovdu tranżizzjoni effettiva mill-edukazzjoni formali għat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

36. Jitlob għal fehim aħjar tal-ħtiġijiet preżenti u futuri ta' ħiliet u għat-tisħiħ tal-Panorama ta' Ħiliet tal-UE eżistenti sabiex jiġu identifikati aħjar il-lakuni fil-ħiliet u n-nuqqasijiet f'setturi u impjegi speċifiċi, kif ukoll f'reġjuni speċifiċi u li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar mudelli dejjem jevolvu ta' ħtiġijiet ta' ħiliet tiġi miġbura, proċessata u disseminata fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-awtoritajiet pubbliċi, dawk li jipprovdu l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-impjegaturi sabiex jiġu antiċipati b'mod aktar effikaċi ix-xejriet tal-futur;

37. Jemmen li l-edukazzjoni hija kruċjali fl-ixprunar tar-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni, u b'hekk tkompli żżid aktar il-possibilitajiet għall-ħolqien tal-impjegi fis-setturi li jitolbu livell għoli ta' ħiliet u fl-istess waqt tagħti spinta lill-kompetittività tal-ekonomija Ewropea;

38. Jenfasizza l-importanza ta' sħubijiet aktar integrati u ta' fiduċja bejn l-iskejjel, l-istabbilimenti ta' edukazzjoni oġhla, in-negozji u awtoritajiet rilevanti oħrajn bil-ħsieb li jiġu stmati l-ħtiġijiet tax-xogħol għall-futur, rieżaminati u implimentati programmi ta' taħriġ vokazzjonali ġodda u titrawwem kooperazzjoni u skambju ta' Prattiki tajbin bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, inkluż permezz ta' monitoraġġ tal-iżbilanċi fis-suq tax-xogħol fil-livell reġjonali u lokali; ifakkar li fl-istess waqt hija meħtieġa r-responsabilità soċjali mill-partijiet ikkonċernati kollha, kif ukoll l-involviment tagħhom fl-iżvilupp ulterjuri tal-għodod ta' monitoraġġ u previżjoni;

39. Jemmen li l-Istati Membri għandhom rwol importanti biex jiżguraw li jkun hemm provvista adegwata ta' għalliema kemm tax-xjenza kif ukoll tal-matematika sabiex jgħammru liż-żgħażaġh b'għarfien u entużjażmu għas-suġġetti STEM;

40. Jenfasizza l-importanza tal-indirizzar tal-ħtiġijiet tat-tfal fl-iskola minn età żgħira ħafna; jirrakkomanda li l-Istati Membri jadottaw miżuri innovattivi u li jinkorporawhom fil-proċessi tat-tagħlim fl-iskola u barra minnha, u jirrifirmaw jew jaġġornaw l-ambjent tal-iskola, il-metodi tat-tagħlim u l-kompetenzi tal-għalliema; jissuġġerixxi li l-kurrikuli tal-iskola fl-Istati Membri jiġu adattati biex jinkludu żjarat tat-tfal f'pajjiżi oħra matul is-sena skolastika, sabiex l-edukazzjoni tmur lil hinn mill-klassi anke fi stadju bikri ħafna fl-edukazzjoni;

L-importanza ta' edukazzjoni u taħriġ kontinwu u taħriġ għall-atturi kollha tas-suq tax-xogħol

41. Ifakkar li d-dritt għall-edukazzjoni huwa dritt fundamentali u jenfasizza li l-ħtieġa li nistinkaw għal approċċ aktar flessibbli u individwali għall-iżvilupp tal-karriera u għall-edukazzjoni matul il-ħajja u t-taħriġ tul il-karriera u jirrikonoxxi r-rwol li kemm il-partijiet pubbliċi u dawk privati jista' jkollhom f'dan, filwaqt li jkun rikonoxxut li l-gwida u l-pariri li jindirizzaw il-ħtiġiet individwali u jiffokaw fuq il-valutazzjoni u l-espansjoni tal-ħiliet individwali għandhom ikunu element ċentrali tal-politiki tal-edukazzjoni u tal-ħiliet minn stadju bikri;

42. Jirrikonoxxi l-importanza tat-trawwim ta' apprendistati tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol bħala rotta alternattiva għall-impjieg;

43. Jinnota li l-politiki Ewropej għall-Gwida Tul il-Ħajja kellhom impatt konsiderevoli fuq il-politiki nazzjonali ta' gwida u li gwida tul il-ħajja effettiva teħtieġ programmi f'perspettiva trasversali f'kull livell;

44. Jinnota li jeħtieġ li jkun hemm varjetà ta' toroq disponibbli għaż-żgħażaġh, u li d-definizzjonijiet ta' dawn it-toroq (apprendistati) ivarjaw minn pajjiż għal ieħor fl-Ewropa;

45. Jemmen li programmi ta' taħriġ u ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid għal persuni qiegħda, speċjalment dawk qiegħda fit-tul, kif ukoll programmi tal-valutazzjoni tal-ħiliet, għandhom jiġu offruti lil persuni biex itejbu l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol u għandhom jiġu mfassla u implimentati b'kooperazzjoni mill-qrib ma' assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, bil-ħsieb li jkun hemm allinjament aħjar tal-ħiliet tal-ħaddiema mal-ħtiġijiet ta' min iħaddem; jenfasizza li jeħtieġ li jiġu żviluppati u implimentati programmi speċjali biex jgħinu l-integrazzjoni mill-ġdid ta' dawk qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

46. Jenfasizza l-ħtieġa biex il-Kummissjoni ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-Pjanijiet tal-Implimentazzjoni Nazzjonali tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-istabbiliment effikaċi tagħhom fil-post; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni biex telabora Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż (CSRs) lil Stati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-kwalità tal-impjieġ;

47. Jenfasizza li t-tħassib tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif espress fir-rapport tagħha "Żgħażaġħ u mingħajr impjieġ fl-Ewropa: ostakli għall-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-UE", b'mod partikolari dwar l-adeqwatezza tal-finanzjament sħiħ għall-iskema, id-definizzjoni ta' "offerta ta' kwalità tajba", u l-mod kif il-Kummissjoni timmonitora u tirraporta dwar ir-riżultati;

48. Ifakkar li huwa ta' importanza kbira li jingħataw gwida u pariri mfassla apposta lil dawk li qed ifittxu x-xogħol dwar kif għandhom ifittxu impjieġ jew dwar liema edukazzjoni avvanzata u taħriġ għandhom jieħdu, u biex jiġi żgurat li l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom ikunu rikonoxxuti u vvalidati permezz tal-"passaporti tal-kompetenzi" li jirriflettu l-ħiliet u l-kompetenzi miksuba kemm permezz ta' taġħlim formali, mhux formali kif ukoll informali;

49. Jissottolinja l-ħtieġa li tizzied l-adattabilità tal-forza tax-xogħol bħala mod li bih jiġu miġġielda n-nuqqasijiet tal-futur; jistieden lill-Istati Membri biex jużaw il-fondi strutturali, speċjalment il-Fond Soċjali Ewropew, għal dan il-għan;

50. Jenfasizza li d-dritt għall-edukazzjoni u t-taħriġ huwa ta' importanza speċjali għall-persuni li jkun qiegħda fit-tul; ifakkar li l-persuni qiegħda fit-tul jibbenefikaw minn approċċ li jimmiraw lejn il-bżonnijiet speċifiċi tagħhom u mhux minn miżuri standard; jenfasizza li l-persuni qiegħda fit-tul għandhom bżonn ikunu jafu dwar id-dritt tagħhom għat-taħriġ, li l-miżuri li huma mmirati lejhom iridu jirrispettaw l-għażliet ta' parteċipazzjoni u li t-taħriġ jeħtieġ li jkun affordabbli, deċenti u li jindirizza l-ħtieġiet attwali tagħhom; ifakkar li jekk dawn il-kundizzjonijiet jintlaħqu, il-persuni qiegħda fit-tul se jkun kapaċi jużaw it-titjib tal-ħiliet bħala opportunità biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien tagħhom;

51. Jenfasizza l-importanza tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ bħala għodda biex tgħin liż-żgħażaġh fit-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol u biex jiġsbu l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa biex isibu xogħol ta' kwalità tajba permezz ta' apprendistat, taħriġ Prattiku jew edukazzjoni kontinwa;

52. Jenfasizza l-importanza tal-iżgurar ta' opportunitajiet indaqs u l-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati, u l-għoti ta' appoġġ effettiv fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u fil-faċilitazzjoni tal-aċċess għax-xogħol;

It-tisħiħ tar-rabtiet bejn l-edukazzjoni u l-impjieġi

53. Jenfasizza l-ħtieġa li l-miżuri jiġu msaħħa u mmirati aħjar bl-għan li jnaqqsu r-rata ta' tluq bikri mill-iskola (ESL) għal inqas minn 10 % sal-2020, kif maqbul fl-istrateġija Ewropa 2020, waqt li jitqies li t-ESL hija problema persistenti fl-UE li għandha impatt detrimental fuq l-impjegabilità u l-integrazzjoni soċjali taż-żgħażaġh ikkonċernati;

54. Jemmen li t-taħriġ vokazzjonali duwali permezz tal-apprendistati u sistemi tat-taġħlim simili bbażati fuq ix-xogħol għandhom jingħataw aktar konsiderazzjoni u għandhom iżommu l-kwalità bħala prijetà, mingħajr preġudizzju akkademiku, peress li għandhom it-tendenza li jiffavorixxu l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u t-tranżizzjoni iżjed faċli mill-edukazzjoni għax-xogħol u wrew li huma effettivi fit-trawwim tal-impjieġ fost iż-żgħażaġh;

55. Jemmen li s-sistemi tat-taħriġ vokazzjonali li jeżistu llum huma riżultat ta' ċerti forzi storiċi u kulturali li ġew iffurmati minn normi legali, tradizzjonijiet, prinċipji pedagoġiċi prevalenti u strutturi istituzzjonali;

56. Jenfasizza d-data preokkupanti ħafna dwar ir-rata ta' żgħażaġh barra mill-impjieġ, l-edukazzjoni jew it-taħriġ (NEETs), li fil-maġġoranza tal-Istati Membri jeċċedu l-10 %; jenfasizza r-rabta diretta bejn il-livelli għoljin tal-qgħad fost iż-żgħażaġh u t-tluq bikri mill-iskola; jenfasizza li mingħajr azzjoni urġenti u deċiżiva kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali, ġenerazzjoni sħiħa ta' Ewropej żgħażaġh huma friskju li jiġu mċaħħda minn livelli suffiċjenti ta' edukazzjoni u taħriġ u għaldaqstant li jiġu esklużi mis-suq tax-xogħol, b'riperkussjonijiet drammatiċi fuq in-nisġa soċjali, fuq il-koeżjoni soċjali u territorjali u fuq is-sostenibilità tal-mudell ekonomiku Ewropew kollu kemm hu;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

57. Jissottolinja li kull sistema ta' taħriġ vokazzjonali nazzjonali hija għodda għall-kisba ta' ċerti objettivi li jistgħu jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor u li kull wieħed minnhom jista' għalhekk jiġi ġġudikat biss mis-suċċess tiegħu fil-kisba ta' dawk l-objettivi; jenfazizza li l-esportazzjoni ta' sistema tat-taħriġ vokazzjonali minn pajjiż għal ieħor hija possibbli biss jekk il-kundizzjonijiet fil-pajjiżi rispettivi jkunu komparabbli jew ikunu jistgħu jiġu adattati;

58. Itenni l-importanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) għat-titjib tal-impjegabilità u għat-tħaffif tal-ksib tal-kwalifiki professjonali għaż-żgħażaġh; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu r-rilevanza tal-ETV għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol billi jagħmluhom parti integrali mis-sistema edukattiva u jiggarrantixxu standards ta' kwalifiki għoljin u l-assigurazzjoni tal-kwalità f'dan ir-rigward;

59. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li flimkien ma' żewġ miljun post tax-xogħol vakanti fl-UE, hemm ħafna żgħażaġh kwalifikati żżejjed diżokkupati li l-ħiliet tagħhom ma jaqblux mal-eżiġenzi tas-suq tax-xogħol; jissottolinja, għaldaqstant, l-importanza ta' sinerġiji aħjar bejn is-sistemi edukattivi u s-suq tax-xogħol, inkluża l-espożizzjoni għall-post tax-xogħol, apprendistati u l-kooperazzjoni man-negozji sabiex jiġi promoss u miżjud b'mod sinifikanti l-livell tal-impjieg u jiġu maħluqa raggruppamenti tal-innovazzjoni; jenfazizza r-rwol importanti li jista' jkollhom in-negozji billi jinvolvu ruħhom mas-sistemi edukattivi fl-Istati Membri tagħhom; jenfazizza li strateġija komprensiva fuq terminu twil, imlaqqa' ma' miżuri immedjati, hija meħtieġa għall-adattament tas-sistemi edukattivi fil-livelli kollha, inkluż it-taħriġ vokazzjonali, għall-ħtiġijiet attwali u futuri tas-suq tal-impjieg;

60. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni tal-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati (EaFA), li għandha l-għan li ġġib flimkien l-awtoritajiet pubbliċi, in-negozji, l-imsieħba soċjali, il-fornituri tal-VET, ir-rappreżentanti żgħażaġh, u atturi ewlenin oħra sabiex jipromwov u l-iskemi tal-apprendistati u l-inizjattivi madwar l-Ewropa;

61. Jenfazizza l-importanza ta' edukazzjoni duwali u programmi ta' taħriġ li jlaqqgħu it-teorija mat-taħriġ Prattiku, bħala element ewlieni fl-iżvilupp ta' ħiliet u kompetenzi li jwieġbu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jintegraw programmi bħal dawn għol-kurrikuli tagħhom sabiex jipprovdu l-esperjenza Prattika meħtieġa li tħaffef tranżizzjoni bla skossi minn edukazzjoni u taħriġ għas-suq tax-xogħol;

62. Jenfazizza l-importanza ta' orjentazzjoni tal-karriera u esperjenza tax-xogħol permezz ta' valutazzjoni u pariri għall-karriera li jiffukaw fuq ħiliet u ħtiġijiet individwali pprovduti minn konsulenti kwalifikati ta' livell għoli speċjalizzati fil-qasam tax-xogħol sabiex jiġi żgurati li ż-żgħażaġh ikunu mgħammra bl-informazzjoni, il-pariri u l-gwida xierqa biex jagħmlu għażliet tal-karriera tajba;

63. Jenfazizza r-rwol importanti li l-edukazzjoni u l-istituzzjonijiet ta' taħriġ għandhom fl-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi tal-istudenti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw servizzi ta' kwalità għolja mmirati ta' gwida fil-karriera matul iċ-ċiklu edukattiv sabiex jgħinu liż-żgħażaġh jieħdu d-deċizzjonijiet it-tajbin għall-edukazzjoni u l-karriera tagħhom;

64. Jinnota li għal transizzjoni b'suċċess lejn l-impjieg, huwa ta' importanza kbira li jittieħdu deċizzjonijiet infurmati, li jiġi żviluppata sens ta' inizjattiva u li jiżdienu l-motivazzjoni u l-konnoxxenza proprja, filwaqt li għandu jkun disponibbli wkoll appoġġ xieraq f'dan ir-rigward; jenfazizza l-importanza ta' transizzjonijiet ta' kwalità għolja, inklużi t-transizzjonijiet mill-edukazzjoni għax-xogħol u bejn l-impjieg u pawżi fil-karriera;

65. Ifakkar li l-investment fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp ta' ħiliet li jwieġbu għad-domandi tas-suq tax-xogħol u tas-soċjetà huwa essenzjali għat-tkabbir u l-kompetittività, kif ukoll għas-sensibilizzazzjoni Ewropea, l-iżvilupp personali u l-awtostima; jirrimarka li l-intraprenditorija tirrikjedi l-iżvilupp ta' ħiliet trasversali bħalma huma l-kreattività, il-ħsieb kritiku, ix-xogħol f'tim u sens ta' inizjattiva, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp personali u professjonali taż-żgħażaġh u jiffaċilitaw id-dħul aktar bikri tagħhom fis-suq tax-xogħol; jenfazizza li tali investment għandu jiġi appoġġat minn sinerġiji aktar qawwija bejn l-inizjattivi Ewropej u nazzjonali u s-setturi varji tal-edukazzjoni u t-taħriġ u setturi rilevanti oħra, bħall-impjieg, il-politika soċjali, il-politika taż-żgħażaġh u l-kultura u kollaborazzjoni aktar mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati kollha involuti bħalma huma l-imsieħba soċjali u n-negozji sabiex il-kurrikuli jibqgħu allinjati mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

66. Itenni l-impenn tal-Istati Membri li jinvestu fl-edukazzjoni għolja u jitlob għalhekk it-titjib gradwali tal-istandards tal-edukazzjoni u t-taħriġ fis-sistemi edukattivi Ewropej kollha; jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-edukazzjoni bħala investiment essenzjali u jimpenjaw ruħhom li jinvestu mill-inqas 2 % tal-PDG fis-settur u jissalvagwardjaw lis-settur mit-tnaqqis fl-infiq; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ ulterjorment ir-rwol tal-edukazzjoni fl-istrateġija Ewropa 2020 billi tassoċja l-oġġettivi ġenerali tal-qafas strateġiku Edukazzjoni u Taħriġ 2020 (ET 2020) mar-reviżjoni tal-Ewropa 2020;

67. Jenfasizza li l-investiment tul il-ħajja fil-kapital uman u fil-ħiliet, u, b'mod partikolari, fit-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol eżistenti u tal-ħaddiema bla sengħa, huwa essenzjali fil-ġlieda kontra l-qgħad fit-tul u biex jiġi pprovdut aċċess aktar wiesa' għal impjiegi ta' kwalità; jistieden lill-UE tistabbilixxi oġġettivi ċari dwar il-metodi tat-tagħlim tul il-ħajja għall-ħiliet neqsin u biex tespandi t-taħriġ u l-edukazzjoni fil-komunikazzjoni, il-lingwi u l-ħiliet diġitali għall-ħaddiema ta' età akbar u b'mod partikolari għall-ħaddiema bi ftit kwalifiki ta' età akbar minn 30 sena u studenti li jkun u telqu mill-iskola qabel iż-żmien;

68. Jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament adegwat u l-adozzjoni, mill-Istati Membri, mill-awtoritajiet reġjonali u lokali u minn dawk li jħaddmu individwalment, ta' skemi ta' taħriġ u ta' apprendistat ta' kwalità kif ukoll ta' tagħlim ibbażat fl-iskola; ifakkar li dawn il-programmi għandhom jikkonformaw mal-istandards minimi tal-protezzjoni soċjali;

69. Jemmen li jinħtieġu sħubijiet mill-qrib u sistematiki fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali bejn l-awtoritajiet pubbliċi u r-rappreżentanti ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, inklużi s-servizzi tal-impjiegi pubbliċi u privati u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ sabiex jiġu żviluppati strateġiji għal żmien fit-tul għas-swieq tax-xogħol nazzjonali kkonċernati u l-aħjar modi ta' kif tiġi indirizzata l-problema ta' diskrepanza tal-ħiliet fid-dimensjonijiet kollha tagħha, u jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu tali kooperazzjoni;

70. Jemmen li l-Garanzija għaż-Żgħażaġħ hija l-ewwel pass lejn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-bżonnijiet taż-żgħażaġħ fir-rigward tal-impjiegi; ifakkar l-obbligu ta' min iħaddem biex jipparteċipa fil-proċess biex jipprovidi liż-żgħażaġħ bi programmi ta' taħriġ vokazzjonali aċċessibbli u apprendistati ta' kwalità; jenfasizza li l-aspett kwalitattiv ta' xogħol deċenti għaż-żgħażaġħ m'għandux ikun kompromess, u li l-istandards tax-xogħol ewlenin u standards oħra relatati mal-kwalità tax-xogħol, bħall-ħin tax-xogħol, il-paga minima, is-sigurtà soċjali u s-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali, għandhom ikunu kunsiderazzjonijiet ċentrali fl-isforzi li jsiru;

It-trawwim tal-mobilità tax-xogħol

71. Ifakkar li fil-preżent fl-UE, hemm iktar minn 2 miljun post tax-xogħol vakanti; jenfasizza l-ħtieġa ta' mobilità tax-xogħol fl-Unjoni sabiex jimtela dan il-vojt, u jtenni l-importanza tal-ERASMUS + u l-EURES f'dan ir-rigward;

72. Ifakkar l-importanza tal-faċilitazzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema tal-fruntiera permezz ta' informazzjoni dwar l-eżistenza tas-sħubijiet transkonfinali tal-EURES li huma mfassla biex iħeġġu u jneħħu l-ostakoli għall-mobilità tal-ħaddiema tal-fruntiera billi joffruhom l-informazzjoni u pariri dwar opportunitajiet ta' xogħol u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fuq iż-żewġ naħat tal-fruntiera; f'dan ir-rigward, il-EURES-T hija għodda importanti għall-kontroll aħjar tat-tqassim ta' sorsi potenzjali ta' impjiegi ġodda u lejn suq tax-xogħol tal-UE integrat aħjar;

73. Ifakkar il-mobilità ta' ħaddiema b'ħiliet minn pajjiżi terzi bħala waħda mit-tweġibiet għall-isfidi demografiċi, nuqqasijiet u nuqqas ta' tlaqqigħ fis-suq tax-xogħol, kif ukoll għall-ħtieġa li jiġu minimizzati l-effetti tal-eżodu ta' mħuħ;

74. Jinnota li l-UE nbriet fuq il-prinċipju tal-moviment liberu tal-persuni, u b'mod partikolari tal-ħaddiema; jitlob li jiġi mħeġġeġ l-istudju u l-użu ta' ilsna barranin bl-għan li tiżdied il-mobilità; jinnota l-importanza li t-tagħlim tal-lingwi, b'mod partikolari dawk Ewropej, isir element tat-tagħlim tul il-ħajja li għandu jiġi mħeġġeġ bħala mezz ta' faċilitazzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema u ta' twessiegħ tal-ispettru tal-prospetti tal-impjiegi;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

L-iskambju u l-validazzjoni tal-aħjar Prattiki fl-UE

75. Jenfasizza l-ħtieġa li jsir skambju u validazzjoni tal-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll li jsir paragun bejn u tkejjil tal-effikaċja tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward ta' edukazzjoni duwali u vokazzjonali u sistemi ta' apprendistat u traineeships u kurrikuli, riżultati tat-tagħlim ta' tagħlim mhux formali u informali, strateġiji tat-tagħlim tul il-ħajja, filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-ispeċifiċitajiet ta' kull suq tax-xogħol u ta' kull sistema edukattiva; jindika l-pjattaform tal-Ewro Apprendistat bħala waħda mill-għodod ewlenin għall-iżvilupp ta' shubbijiet Ewropej u l-iskambju tal-aħjar Prattiki dwar l-apprendistati;

76. Jenfasizza r-rwol importanti tat-tagħlim mhux formali u informali, tal-volontarjat u tat-tagħlim matul il-ħajja fl-iżvilupp ta' ħiliet u ta' kwalifiki, b'mod partikolari ħiliet trasversali bħall-ħiliet intraprenditorjali, l-ICT, u l-kompetenzi personali u ta' lingwa li huma applikabbli b'mod wiesa'; jistieden lill-UE ttejjeb l-aċċess għat-tagħlim tal-adulti u għal edukazzjoni li tagħti t-tieni opportunità; jitlob il-validazzjoni u r-rikonoxximent ta' tagħlim mhux formali u informali mill-impjegaturi u mill-fornituri tal-edukazzjoni;

77. Jinnota l-importanza li jingħata impetu ġdid lill-Proċess ta' Bolonja, billi tittieħed l-opportunità mressqa mill-Konferenza Ministerjali ta' Yerevan ta' Mejju 2015 għal impenji ta' kooperazzjoni ġodda u aktar avvanzati li għandhom jitwettqu mingħajr dewmien;

78. Jemmen li l-Kummissjoni għandha tiżgura l-applikazzjoni xierqa tal-programm Erasmus+ bl-azzjonijiet kollha tiegħu, inkluża l-parti tal-programm dedikata għall-isport; iqis importanti s-simplifikazzjoni tal-metodi ta' aċċess sabiex il-programm jilħaq l-akbar numru possibbli ta' individwi u organizzazzjonijiet;

It-trawwim ta' spirtu intraprenditorjali fost iċ-ċittadini: L-SMEs u l-mikroimpriżi

79. Jemmen li hemm bżonn li jittejjeb t-tmexxija, il-ġestjoni finanzjarja u t-trawwim tal-edukazzjoni intraprenditorjali minn età bikrija biex jintlaħaq il-potenzjal taż-żgħażaġh biex ikunu mgħammra ħalli jsiru impjegaturi, mhux biss impjegati, u jkunu kapaċi li jibdeu negozji ġodda u jieħdu vantaġġ minn swieq ġodda;

80. Jilqa' skemi bħall-Erasmus għal Imprendituri Żgħażaġħ li għandhom l-għan li jgħinu lil imprendituri ġodda jiksbu l-ħiliet rilevanti għall-ġestjoni ta' negozju, u jemmen li programmi bħal dawn għandhom jiġu promossi ulterjorment sabiex aktar imprendituri żgħażaġh jiġu meġhuna jiżviluppaw u joħlqu l-impjiegi; jemmen li miżuri speċjali ta' appoġġ għandhom jiġu introdotti għall-intraprendituri żgħażaġh biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni kif ukoll għall-finanzi u għall-finanzjament, inklużi s-servizzi ta' 'one-stop-shop' għall-informazzjoni u l-appoġġ immirati lejn iż-żgħażaġh f'korpi intraprenditorjali eżistenti ta' appoġġ;

81. Jemmen li edukazzjoni mhux formali, partikolarment kif żviluppata fl-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, trawwem il-kreattività, is-sens ta' inizjattiva u l-awtoresponsabbiltà, u tista' żżid l-opportunitajiet taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol;

82. Jenfasizza l-ħtieġa tal-inklużjoni ta' elementi ta' taħriġ intraprenditorjali fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, peress li t-trawwim ta' spirtu intraprenditorjali fost iż-żgħar fi stadju bikri huwa mod effettiv li bih jiġi miġġieled il-qgħad u b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażaġh; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, djalogu attiv u kooperazzjoni bejn il-komunità akkademika u l-komunitajiet tan-negozju immirati għall-iżvilupp ta' programmi edukattivi li jagħtu liż-żgħażaġh il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa;

83. Jitlob Strateġija tal-Ħiliet Ewropea li tkun tħares lejn il-gejjeni u tkun orjentata lejn ir-riżultati biex tmexxi l-istrateġiji tal-ħiliet nazzjonali u tintegrahom fil-Pjanijiet għall-Impjiegi Nazzjonali filwaqt li ttipprovi qafas komprensiv għall-pjanijiet ta' azzjoni settorjali proposti fil-Pakkett tal-Impjiegi;

84. Jissottolinja l-ħtieġa ta' miżuri ta' appoġġ u iċċentivar għal start-ups, SMEs, mikrointrapriżi u atturi fl-ekonomija soċjali sabiex jiġu ffaċilitati l-istabbiliment u l-operat tagħhom, kif ukoll il-ħtieġa li jinkorporaw u li jaħdmu fuq il-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar u li jiffaċilitaw ir-reklutaġġ ta' ħaddiema kwalifikati u t-taħriġ tal-impjegati; għal dan l-għan, jenfasizza li l-piż tat-taxxa għandu jiġi trasferit mix-xogħol għal sorsi oħra ta' tassazzjoni li huma anqas detrimental għall-impjeg u għat-tkabbir, filwaqt li tiġi mħarsa protezzjoni soċjali adegwata;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

85. Jistieden lill-Istati Membri biex inaqqsu l-piż tat-taxxa fuq ix-xogħol;

86. Ifakkar li kważi 99 % tal-kumpaniji Ewropej huma SMEs u huma mutur ewlieni fil-ħolqien ta' suq tax-xogħol kompetittiv fl-UE; f'dan il-kuntest, jenfazizza l-importanza li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi bbażata fuq il-prinċipju ta' "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir" sabiex jitneħħew l-ostakli burokratiċi li jiffaċċaw l-SMEs u jkunu jistgħu jużaw il-potenzjal sħiħ tagħhom għall-ħolqien tal-impjiegi;

87. Jemmen li l-intraprendituri għandhom jinvestu fit-taħriġ u l-apprendistati għall-impjegati u li l-inċentivi għandhom jiġu introdotti u żviluppati ulterjorment fejn ikun xieraq għal dan l-għan, peress li dan jippermettilhom jespandu u jgħolqu postijiet tax-xogħol ġodda; jemmen li l-iżvilupp ta' netwerks ta' min iħaddem jista' jgħin lill-SMEs u lill-mikrointrapriżi biex jaċċessaw il-provvista u l-appoġġ tat-taħriġ li jeħtieġu;

L-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni: ħiliet u impjiegi ġodda

88. Jenfasizza l-importanza tal-innovazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni għat-tkabbir u għall-produttività u għal soċjetà aktar ġusta, aktar sostenibbli u inklużiva, u, f'dan ir-rigward, tal-ħtieġa li jingħataw l-għarfien, il-kreattività u l-ħiliet li huma meħtieġa, kif ukoll ta' motivazzjoni u determinazzjoni min-naħa ta' impjegati u ta' impjegati prospettivi u ta' min iħaddem bil-ħsieb li jinħolqu prodotti u servizzi diġitali innovattivi u kreattivi; jenfazizza l-ħtieġa li jintemm id-"distakk diġitali" u l-ħtieġa ta' ħiliet diġitali bħala parti mit-tagħlim matul il-ħajja u l-integrazzjoni ta' midja ġdida u teknoloġiji ġodda għol-kurrikuli; jenfazizza, ulterjorment, il-ħtieġa tal-iżvilupp ta' modi innovattivi ta' tagħlim u l-estensjoni tad-disponibilità onlajn u ta' tagħlim mill-bogħod permezz ta' riżorsi edukattivi miftuħa (OER) li jiffaċilitaw l-aċċess indaqgħall-edukazzjoni u t-taħriġ għal kulħadd;

89. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu identifikati firxa wiesgħa ta' industriji emerġenti u setturi tat-tkabbir ewlenin li l-Istati Membri għandhom jiffukaw fuqhom biex jiżviluppaw il-bażi tal-ħiliet tagħhom;

90. Jenfasizza l-potenzjal tal-ħolqien ta' impjiegi offrut bil-kompletar tas-suq uniku diġitali, bl-istabbiliment ta' unjoni tal-enerġija, bil-ħolqien ta' impjiegi permezz tal-investiment fir-riċerka u fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni, bil-promozzjoni tal-intraprenditorija soċjali u l-ekonomija soċjali u t-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema fis-settur tas-saħħa u tal-kura soċjali u bit-trawwim tan-netwerks tat-trasport;

91. Jenfasizza t-tendenza reċenti tal-kumpaniji li qed jirritornaw il-produzzjoni u s-servizzi għall-UE u l-opportunitajiet li dan joħloq għall-ħolqien tal-impjiegi, partikolarment għaż-żgħażagħ; jemmen li l-ekonomija tal-UE għandhom opportunità unika biex jaċċelleraw din it-tendenza tar-ritorn tal-impjiegi billi jiżguraw li l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħna taqbel mal-ħtieġiet tan-negozji;

92. Jenfasizza l-importanza tal-istudji STEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija, u Matematika) u jenfazizza r-rwol li għandhom fli jippermettu li l-Ewropa jkollha parti importanti fix-xena globali fir-rigward tal-iżviluppi tat-teknoloġija li qed javvanzaw;

93. Jappoġġa l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea f'kooperazzjoni mat-Triju ta' Presidenzi biex tippromwovi mentalità intraprenditorjali fl-Ewropa u tiżviluppa ħiliet trasferibbli għall-ħajja;

94. Jenfasizza l-fatt li l-UE qed tiltaqa' ma' nuqqas ta' ħiliet fix-xjenza, fit-teknoloġija, fl-inġinerija u fil-matematika (STEM) waqt li għandha provvista żejda ta' gradwati fix-xjenzi soċjali; hu tal-fehma li huma meħtieġa inizjattivi supplementari fil-livell Ewropew u dak nazzjonali biex jirrispondu għall-imblokki li jeżistu fl-impjiegi u l-istudji relatati ma' suġġetti STEM; jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jieħdu miżuri biex is-suġġetti STEM ikunu aktar attraenti u jikber il-valur tagħhom u jħeġġu liż-żgħażagħ, inklużi n-nisa, biex jibdedw studji fis-suġġetti STEM;

95. Jirrimarka li anke fis-seklu XXI għad hemm relevanza għall-kompetenzi tradizzjonali li joħolqu impjiegi stabbli li ma jistgħux ikunu esternalizzati u li huma l-bażi ta' numru ta' oqsma li fihom l-Ewropa teċċella; jitlob appoġġ għall-preservazzjoni ta' dawn il-kompetenzi tradizzjonali u t-trażmissjoni tagħhom lill-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni permezz tat-taħriġ, filwaqt li jiġu kkombinati meta possibbli ma' kompetenzi ġodda, b'mod partikolari dawk diġitali, sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal tagħhom;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015***Il-miżuri fir-rigward ta' ħaddiema iżgħar u dawk aktar imdaħħla fiż-żmien, u ħaddiema b'diżabilitajiet***

96. Jenfasizza l-ħtieġa għal, u l-importanza ta', miżuri speċjali u appoġġ għal min iħaddem, b'mod partikolari l-SMEs, biex jiġu megħjuna jtejbju l-kwalità u l-impjeg sostenibbli, jiżguraw taħriġ ibbażat fuq ix-xogħol u joffru opportunitajiet għal żvilupp fil-karriera għal gruppi li jkunu żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, bħal iżgħażaġh, ħaddiema mdaħħla fiż-żmien, nisa, migranti, persuni b'diżabilità u dawk qiegħda fit-tul; jirrikonoxxi u jappoġġa r-rwol tas-servizzi tax-xogħol pubbliċi kif ukoll privati fil-promozzjoni ta' swieq tax-xogħol kompetittivi u inklużivi; ifakkar l-importanza tar-responsabilità soċjali u ekonomika min-naħa ta' min iħaddem u mill-istituzzjonijiet edukattivi, lejn l-impjegati kollha kif ukoll lejn is-soċjetà; jemmen li din ir-responsabilità soċjali għandha tkun meħtieġa wkoll mill-istituzzjonijiet responsabbli għall-edukazzjoni u t-taħriġ;

97. Jirrikonoxxi l-isfidi li jiffaċċaw iż-żgħażaġh meta jidħlu fis-suq tax-xogħol, ifakkar l-importanza li jiksbu l-ewwel esperjenza tax-xogħol waqt l-istudji biex jiksbu hilit tal-impjegabilità u biex jagħmlu t-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol aktar effiċjenti u effettiva; jirrimarka dwar il-potenzjal sottostanti għall-intraprenditorjat taż-żgħażaġh, u għaldaqstant jappella għar-responsabilità ta' min iħaddem u tal-Istati Membri biex jipprovdu liż-żgħażaġh bl-opportunità li jiksbu din l-esperjenza u li jappoġġaw liż-żgħażaġh biex jiksbu l-aħjar hilit; jenfasizza ulterjorment l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u dawk li jħaddmu f'dan ir-rigward, u jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri biex isiru aktar favorevoli għan-negozju u biex jappoġġaw iżgħażaġh fit-trasformazzjoni tal-ideat tagħhom fi pjanijiet ta' negozju ta' suċċess;

Proposti tal-politika u Rakkomandazzjonijiet

98. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jinvestu f'setturi ekonomiċi ġodda innovattivi u promettenti sabiex iħeġġu l-investment fl-UE bl-għan li jagħtu spinta lit-tkabbir u lill-impjeg ġdid, ta' kwalità u sostenibbli li jwassal għal soċjetà aktar ġusta, sostenibbli u inklużiva; ikompli jenfasizza l-importanza li l-Istati Membri jimplementaw miżuri ekonomiċi u finanzjarji u biex iwettqu riformi fis-suq tax-xogħol li huma bbażati fuq indikaturi ċari, ibbażati fuq id-data u li jistgħu jitkejlu li bihom tista' tiġi ppruvata l-effikaċja;

99. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li r-riformi fis-suq tax-xogħol ikollhom l-għan li, apparti l-promozzjoni aħjar u l-ħolqien ta' impjegati ta' kwalità, inaqqsu s-segmentazzjoni, itejbu l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, jippromwov u l-ugwaljanza bejn is-sessi, inaqqsu l-faqar fost il-ħaddiema u jiżguraw protezzjoni soċjali adegwata għall-ħaddiema kollha, inklużi dawk li huma impjegati għal rashom;

100. Jistieden lill-Istati Membri jinvestu f'edukazzjoni bikrija tat-tfal, u f'taġħlim bikri ta' lingwi barranin u ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni fl-edukazzjoni primarja;

101. Jistieden lill-Istati Membri biex jikkunsidraw bis-sħiħ l-importanza tal-awtomatizzazzjoni bħala tendenza li tista' tnaqqar mill-importanza kwantitattiva ta' ħafna impjegati, u biex il-programmi tat-taħriġ għall-persuni qiegħda jkunu diretti lejn it-taġħlim tal-ħiliet utli f'impjegati mhux ta' rutina;

102. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jitgħallmu dwar l-aħjar Prattiki u jieħdu l-pass minn dawn l-azzjonijiet ta' politika li jżid ir-rati tal-impjeg u jnaqqas il-faqar u l-inugwaljanza u jimpenjaw ruħhom għal riformi aktar ambizzjużi li jkunu jserhufuq dawn il-prattiki; jistieden ulterjorment lill-Istati Membri jikkomparaw u jkejlu l-effikaċja ta' tali Prattiki, biex jiżguraw il-bilanċ xieraq bejn l-adattabilità u s-sigurtà għall-ħaddiema u għan-negozjanti u biex iqisu l-ispeċifitajiet tas-swieq tax-xogħol u s-sistemi edukattivi fl-Istati Membri;

103. Jistieden lill-ibliet u lir-reġjuni sabiex jiffokaw fuq edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, jiġġieldu kontra t-tluq bikri mill-iskola u l-qgħad fost iż-żgħażaġh, għaliex iż-żgħażaġh jeħtieġu b'mod urġenti prospettti ġodda u għandu jsir dak kollu possibbli sabiex jiġu appoġġati;

104. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw approċċi kollettivi bħal netwerks ta' min iħaddem sabiex ikissru l-ostakli li jipprevjenu lil min iħaddem milli jwettaq pjanijiet aktar ambizzjużi għall-iżvilupp tal-forza tax-xogħol;

105. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex irawmu u jappoġġaw intrapriżi soċjali li jqisu r-responsabilità tagħhom rigward l-ambjent, il-konsumaturi u l-impjegati;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

106. Jitlob lill-Istati Membri jintroduċu pagi minimi fil-kuntest tat-tnaqqis tal-inugwaljanzi fil-pagi, ibbażat fuq livell bażi għal kull Stat Membru li jiżgura dħul ta' paga diċenti permezz ta' mezzi legali jew permezz ta' ftehim b'konformità mal-prattiki nazzjonali;

107. Jistieden lill-Istati Membri jinkludu t-tmexxija, il-ġestjoni u l-edukazzjoni intraprenditorjali u finanzjarja, pariri dwar start-ups tan-negozju u teknoloġiji tal-komunikazzjoni fil-programmi edukattivi tagħhom, inklużi strateġiji għat-tagħlim matul il-ħajja, u li jiġi prijoritizzat l-iżvilupp ulterjuri ta' programmi ta' taħriġ vokazzjonali u edukattiv (VET) inkluż it-titjib tal-artiġjanat Ewropew, filwaqt li jqisu d-differenzi bejn l-Istati Membri fis-suq tax-xogħol u fis-sistemi edukattivi, u jevitaw approċċ ta' "wieħed tajjeb għal kulħadd";

108. Jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa pjattaforma Ewropea għar-rikonoxximent u l-validazzjoni ta' ħiliet komuni għal attivitajiet u professjonijiet speċifiċi li tinkorpora r-rikonoxximent ta' ħiliet miksuba mix-xogħol volontarju;

109. Jistieden lill-Istati Membri jimplementaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali bħala mod kif jirrikonoxxu l-kompetenzi miksuba permezz ta' edukazzjoni mhux formali, partikolarment fis-settur tal-volontarjat u taż-żgħażaġh, u l-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-politiki tat-tagħlim tul il-ħajja;

110. Jistieden lill-Istati Membri biex jappoġġaw l-involviment mill-qrib u sistematiku tal-partijiet ikkonċernati tas-suq tax-xogħol, inklużi l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-impjegati, l-istituzzjonijiet ta' taħriġ u s-servizzi tal-impjegie pubbliċi u privati, fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, inkluż l-iffaċilitar tal-komunikazzjoni u l-qsim tal-informazzjoni bejniethom, sabiex jitrawmu rabtiet eqreb bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-post tax-xogħol, biex jiġu mqabbla l-provvista u d-domanda u biex jiġu antiċipati u pjanati l-ħtiġijiet futuri tal-ħiliet u tal-kwalifiki fis-suq tax-xogħol;

111. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jipprovdu inċentivi finanzjarji u ekonomiċi li jappoġġaw il-parteċipazzjoni f'edukazzjoni u taħriġ kontinwi sabiex tiġi żgurata fil-futur forza tax-xogħol b'ħiliet għolja; jirrakkomanda li tali inċentivi jiġu bbażati fuq indikaturi li jistgħu jiġu mkejla u bbażati fuq id-data li l-effikaċja tagħhom tista' tiġi pruvata;

112. Jistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu taħriġ xieraq u jiżguraw żvilupp professjonali kontinwu tal-ġhalliema u tal-mexxejja tal-edukazzjoni sabiex jgħinuhom jużaw l-aktar metodi xierqa tat-tagħlim u jippermettu l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi tas-seklu XXI fost iż-żgħażaġh tal-Ewropa. jenfazizza ulterjorment l-importanza li l-ġhalliema jiġu pprovduti b'għarfien ibbażat fuq know-how li jorbot il-prattika mat-teorija, speċjalment fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda u d-diġitalizzazzjoni, sabiex ikunu jistgħu jwasslu dan l-għarfien lill-istudenti;

113. Jistieden lill-Istati Membri u lill-UE jiehdha passi rapidi u konkreti biex jimplementaw politiki u leġislazzjoni attwali dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki u t-titoli akkademiċi madwar l-UE, bħala mezz għat-trawwim ta' mobilità intra-UE ġusta u l-indirizzar tal-problema ta' postijiet tax-xogħol battala;

114. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu previżjonijiet dwar swieq tax-xogħol li qed jinbidlu, b'mod partikolari rigward sfidi li qed jinħolqu mill-globalizzazzjoni, kif ukoll previżjonijiet dwar impjegie u ħiliet f'kull Stat Membru u b'mod wiesa' matul is-setturi;

o

o o

115. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0322

It-30 u l-31 rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-Dritt tal-UE (2012-2013)**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Settembru 2015 dwar it-30 u l-31 rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-Dritt tal-UE (2012-2013) (2014/2253(INI))**

(2017/C 316/28)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-30 rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (2012) (COM(2013)0726),
 - wara li kkunsidra l-31 rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (2013) (COM(2014)0612),
 - wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni intitolat 'Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Proġett "EU Pilot" (COM(2010)0070),
 - wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni intitolat 'It-Tieni Rapport ta' Evalwazzjoni dwar l-EU Pilot' (COM(2011)0930),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Marzu 2002 dwar ir-relazzjonijiet ma' min jilmenta fir-rigward ta' ksur tal-Liġi Komunitarja (COM(2002)0141),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2012 intitolata 'L-aġġornament tal-immaniġġjar tar-relazzjonijiet mal-kwerelant rigward l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni' (COM(2012)0154),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2014 dwar is-27 rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE (2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-istudju: 'L-impatt tal-kriżi fuq id-drittijiet fundamentali fl-Istati Membri tal-UE – Analiżi Komparattiva' ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-pakkett ta' Regolamentazzjoni Aħjar adottat mill-Kummissjoni fid-19 ta' Mejju 2015,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 u l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet (A8-0242/2015),
- A. billi l-Artikolu 17 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jiddefinixxi r-rwol fundamentali tal-Kummissjoni bħala 'gwardjan tat-Trattati';
- B. billi, skont l-Artikolu 6(1) tat-TUE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandha l-istess valur legali tat-Trattati, u hija intiża għall-istituzzjonijiet, għall-korpi, għall-uffiċċji u għall-aġenziji tal-Unjoni u l-Istati Membri meta jkun qed jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni (l-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;
- C. billi, skont l-Artikolu 258 (1) u (2) tat-TFUE, il-Kummissjoni għandha taqti opinjoni motivata lil Stat Membru meta tqis li dan ikun naqas li jwettaq xi obbligu tiegħu skont dawn it-Trattati, u tista' tressaq il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jikkonformax mal-opinjoni fi żmien skadenza stabbilita mill-Kummissjoni;

⁽¹⁾ ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0051.

⁽³⁾ Dipartiment Tematiku C: Id-Drittijiet taċ-Ċittadini u l-Affarijiet Kostituzzjonali għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (2015).

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

- D. billi l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea jipprevedi l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-proċeduri ta' ksur kollha bbażati fuq l-avviżi ta' tqegħid fil-mora, iżda ma jkoprix il-proċedura informali tal-EU Pilot li tippreċedi l-bidu tal-proċedimenti ta' ksur formali;
- E. billi l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jiddefinixxi d-dritt għal amministrazzjoni tajba bħala dritt ta' kull persuna li jkollha l-affarijiet tagħha indirizzati b'mod imparzjali, ġust u fi żmien debitu min-naħa tal-istituzzjonijiet, u l-Artikolu 298 tat-TFUE jistipula li, fit-tweqqif tal-missjonijiet tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti;
- F. billi l-Artikolu 51 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jillimita l-obbligu għall-konformità tal-Istati Membri mal-Karta f'sitwazzjonijiet fejn ikunu qed jimplimentaw id-dritt tal-UE, iżda ma jipprevedix tali limitazzjoni tal-obbligi li joriġinaw mill-Karta intiża għall-istituzzjonijiet, għall-korpi, għall-uffiċċji u għall-aġenziji tal-UE;
- G. billi, fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja reċenti, l-Istati Membri kellhom jieħdu miżuri li jikkompromettu d-dritt primarju tal-UE, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-drittijiet soċjali u ekonomiċi;
1. Jinnota li, skont id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tas-27 ta' Ottubru 2011 tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni, il-Kummissjoni rrapportat liż-żewġ koleġiżlaturi dwar l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni;
 2. Jilqa' t-30 u l-31 rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, u jinnota li, skont dawn ir-rapporti, l-erba' oqsma li fihom l-Istati Membri kienu l-aktar soġġetti għal proċedimenti ta' ksur b'rabta mat-traspożizzjoni tul is-sena 2012 kienu t-trasport, il-ħarsien tas-saħħa u tal-konsumaturi, il-ħarsien tal-ambjent, u kwistjonijiet marbuta mas-suq u s-servizzi interni, filwaqt li, fl-2013, l-aktar oqsma problematiċi kienu l-ambjent, il-ħarsien tas-saħħa u tal-konsumaturi, is-suq u s-servizzi interni, u t-trasport; ifakkar, madankollu, li din l-evalwazzjoni *ex post* m'għandhiex tissostitwixxi d-dmir tal-Kummissjoni li twettaq monitoraġġ effikaċi u f'waqtu tal-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE, u jinnota li l-Parlament jista' jgħin fir-rieżami tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni permezz tal-iskrutinju tiegħu tal-Kummissjoni;
 3. Jirrimarka li, f'Unjoni Ewropea msejsa fuq l-istat tad-dritt u fuq iċ-ċertezza u l-prevedibbiltà tal-liġijiet, iċ-ċittadini Ewropej jeħtiġilhom, bi dritt, ikunu l-ewwel li jsiru jafu, b'mod ċar, aċċessibbli, trasparenti u f'waqtu (permezz tal-internet u ta' mezzi oħrajn) jekk hemmx liġijiet nazzjonali li ġew adottati u trasposti mil-liġijiet tal-UE, u jekk iva, liema huma, kif ukoll liema awtoritajiet nazzjonali għandhom ir-responsabbiltà li jiżguraw l-implimentazzjoni korretta tagħhom;
 4. Jinnota li iċ-ċittadini u n-negozji jistennew qafas regolatorju sempliċi, prevedibbli u affidabbli;
 5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, meta tkun qiegħda tfassal u tivvaluta l-leġiżlazzjoni, tqis aktar il-piż li din tista' timponi fuq l-SMEs;
 6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkoordinaw l-isforzi tagħhom fi stadju aktar bikri tal-proċess leġiżlattiv bil-ħsieb li jiżguraw li r-riżultat aħħari jkun jista' jiġi implimentat b'mod aktar effikaċi;
 7. Jinnota li traspożizzjoni tardiva, traspożizzjoni inkorretta u applikazzjoni ħażina tad-dritt tal-UE jistgħu jirriżultaw f'diskrepanzi bejn l-Istati Membri u jikkompromettu l-kundizzjonijiet ekwi madwar l-UE;
 8. Jistieden lill-Kummissjoni tittratta lill-Istati Membri kollha b'mod ugwali, irrispettivament mid-daqs tagħhom jew minn meta ssiebu fl-UE;
 9. Jinnota li l-implimentazzjoni u t-traspożizzjoni tad-dritt tal-UE għadhom mhux uniformi madwar l-Istati Membri; jinnota li iċ-ċittadini li jixtiequ jgħixu, jaħdmu jew jagħmlu negozju fi Stat Membru ieħor jiffaċċjaw ir-realtà ta' kuljum ta' diffikultajiet kontinwi dovuti għall-implimentazzjoni mhux uniformi tad-dritt tal-UE fis-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

10. Ifakkar li l-Kummissjoni, skont l-Artikolu 17 tat-TUE, għandha r-responsabilità li tiżgura l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 6(1) tat-TUE), li d-dispożizzjonijiet tagħha huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi, għall-uffiċċji u għall-aġenziji tal-Unjoni u lill-Istati Membri meta jkun qed jimplementaw il-liġi tal-Unjoni (l-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea); ifakkar li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tagħti bidu għal proċedimenti ta' ksur skont l-Artikoli 258 sa 260 tat-TFUE bil-għan li tiżgura r-rispett tad-dritt tal-UE; Jistieden lill-Kummissjoni, madankollu, biex lill-Parlament tiffaċilita l-eżerċizzju tar-rwol tiegħu bħala koleġiżlatur billi ttiprovdi informazzjoni adegwata u tibqa' responsabbli għaliha;

11. Jinnota li total ta' 731 każ ta' ksur ingħalqu peress li l-Istat Membru inkwistjoni jkun wera l-konformità tiegħu mad-dritt tal-UE; jindika li l-Qorti tal-Ġustizzja tat 52 sentenza skont l-Artikolu 258 tat-TFUE fl-2013, li minnhom 31 sentenza (59,6%) kienu mogħtija kontra Stati Membri; ifakkar, bil-għan li jqiegħed f'perspettiva din l-istatistika, li s'issa 3 274 (87,3%) sentenza dwar ksur mogħtija mill-Qorti kienu favur il-Kummissjoni; jitlob lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni speċjali lill-infurzar attwali ta' dawn is-sentenzi kollha;

12. Jilqa' ż-żieda fl-użu min-naħa tal-Kummissjoni ta' pjanijiet ta' implimentazzjoni għal atti leġislattivi ġodda tal-UE indirizzati lill-Istati Membri, peress li din iżżid il-probabilità għal implimentazzjoni f'waqtha u korretta, traspożizzjoni preventiva u problemi fl-applikazzjoni u, b'riżultat ta' dan, ikollhom impatt fuq l-għadd ta' petizzjonijiet rilevanti mressqa;

13. Itenni l-ħtieġa li l-Kummissjoni tiffoka fuq soluzzjoni effikaċi tal-problemi, il-ġestjoni effettiva u miżuri preventivi, iżda jissuġġerixxi li l-Kummissjoni għandha taħseb f'modi ġodda, minbarra l-proċedimenti formali ta' ksur, biex jittejjbu t-traspożizzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-UE;

14. Isostni li l-leġiżlazzjoni tal-UE trid tiġi trasposta kif suppost u fil-pront fl-ordinament ġuridiku ta' kull Stat Membru; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri jevitaw il-prattika ta' regolamentazzjoni żejda, peress li spiss tagħti lok għal diverġenzi notevoli fil-proċess ta' implimentazzjoni fil-livell tal-Istati Membri, li, min-naħa tagħha, iddgħajef ir-rispett lejn id-dritt tal-Unjoni peress li ċ-ċittadini jsiru konxji ta' varjazzjonijiet sinifikanti madwar l-UE; jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tiġi intensifikata l-kooperazzjoni bejn il-Membri tal-Parlament Ewropew u l-kumitati għall-affarijiet Ewropej tal-parlamenti nazzjonali u reġjonali; jilqa' b'sodisfazzjon l-innovazzjoni fit-Trattati ta' Lisbona li, permezz tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara talba mill-Kummissjoni, se tkun tista' timponi penali fuq l-Istati Membri minħabba traspożizzjoni tardiva mingħajr ma jkollha tistenna li toħroġ it-tieni sentenza; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE (il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-BĊE) biex jirrispettaw id-dritt primarju tal-UE (it-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali) huma u jstabbilixxu r-regoli tad-dritt sekondarju, jew jadottaw politiki dwar kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali, li jaffettwaw id-drittijiet tal-bniedem u l-ġid komuni;

15. Jinnota l-użu, min-naħa tal-Kummissjoni, tat-terminu 'gold-plating' (regolamentazzjoni żejda), li jirreferi għal obbligi li jmorru lill-hinn mir-rekwiżiti tal-UE, jiġifieri, eċċess tan-normi, linji gwida u proċeduri akkumulati fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali li jxekkel l-għanijiet tal-politika mistennija; jistieden lill-Kummissjoni tiddefinixxi t-terminu b'mod ċar; jisħaq li definizzjoni bħal din jeħtieġ tikkjarifika l-fatt li l-Istati Membri għandhom id-dritt jistabbilixxu standards aktar stretti fejn meħtieġ, filwaqt li jżommu f'moħħhom il-fatt li armonizzazzjoni aħjar tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE hija importanti għall-funzjonament tas-suq intern;

16. Jinnota li t-tnaqqis fil-ksur minħabba traspożizzjoni tardiva fl-2012, meta mqabbel mas-sena ta' qabel, irriżulta minħabba l-fatt li kien hemm anqas direttivi li kellhom jiġu trasposti fl-2012 meta mqabbla mas-snin preċedenti; jirrikonoxxi, madankollu, li l-istatistika għall-2013 turi tnaqqis reali fil-każijiet ta' ksur minħabba traspożizzjoni tardiva, u li, fi tmiem is-sena, in-numru ta' tali każijiet ta' ksur laħaq minimu storiku wara ħames snin, fatt li jista' jitqies bħala eżitu pożittiv tal-introduzzjoni fl-Artikolu 260(3) tat-TFUE tal-proċedura "rapida" għal pieni f'każijiet ta' nuqqas ta' traspożizzjoni;

17. Jinnota li t-tnaqqis fil-ksur b'rabta ma' traspożizzjoni tardiva fl-2013, l-2012 u tul l-aħħar ħames snin jista' jiġi spjegat permezz tal-użu ta' EU Pilot u mekkaniżmi oħrajn (inkluż SOLVIT 2) u permezz tal-introduzzjoni fl-Artikolu 260(3) tat-TFUE tal-proċedura "rapida" għall-penali f'każijiet ta' nuqqas ta' traspożizzjoni; jisħaq li t-traspożizzjoni f'waqtha għandha tibqa' prijorità għolja fi ħdan il-Kummissjoni, u li l-iskadenzi tat-traspożizzjoni jeħtieġ jiġu infurzati;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

18. Josserva li ż-żieda fin-numru ta' dossiers b'rabta ma' EU Pilot, relatati b'mod partikolari mal-ambjent, it-tassazzjoni, il-ġustizzja u d-dwana, tul il-perjodu eżaminat, kif ukoll it-tnaqqis fin-numru ta' każijiet ta' ksur miftuħa, jifgħu dawl fuq tendenza pożittiva fl-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqşam mal-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE, u juru li EU Pilot irriżulta effikaċi fil-ksib ta' riżoluzzjoni bikrija ta' ksur potenzjali; iqis, madankollu, li għandhom isiru aktar sforzi fil-qasam tal-infurzar tad-dritt tal-UE bil-għan li jissaħħu t-trasparenza u s-sorveljanza min-naħa tal-kwerelanti u l-partijiet interessati, u jiddispijaċih għall-fatt li, minkejja t-talbiet imtennija tiegħu, il-Parlament għad m'għandux aċċess adegwat għall-informazzjoni dwar il-proċedura EU Pilot u l-każijiet pendenti; jinnota l-ħtieġa li jissaħħaħ l-istatus legali u l-leġittimità ta' EU Pilot, u jqis li dan jista' jinkiseb permezz ta' aktar trasparenza u parteċipazzjoni akbar min-naħa tal-kwerelanti u min-naħa tal-Parlament Ewropew;

19. Jistieden għal darba oħra, għaldaqstant, lill-Kummissjoni biex tipproponi regoli vinkolanti fil-forma ta' regolament taħt il-bażi legali l-ġdida tal-Artikolu 298 tat-TFUE, sabiex jiġi żgurat ir-rispett sħiħ lejn id-dritt taċ-ċittadini għal amministrazzjoni tajba kif stipulat fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

20. Jirrikonoxxi li r-responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-UE hija f'idejn l-Istati Membri, u jisħaq fuq id-dmir tal-istituzzjonijiet Ewropej li jirrispettaw id-dritt primarju tal-UE huma u jipproduċu d-dritt sekondarju tal-UE jew jiddeċiedu, jimplimentaw u jimponu politiki soċjali, ekonomiċi jew politiki oħrajn fuq l-Istati Membri, u jenfasizza wkoll id-dmir tagħhom li jassistu l-Istati Membri bil-mezzi kollha disponibbli fil-isforzi tagħhom li jirrispettaw il-valuri demokratiċi u soċjali u biex jittrasponu l-leġiżlazzjoni tal-UE fi żminijiet ta' awsterità u restrizzjonijiet ekonomiċi; ifakkar li l-istituzzjonijiet tal-UE huma marbuta bil-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-prerogattivi tal-Istati Membri;

21. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-miżuri ta' awsterità imposti fuq Stati Membri tal-UE li għandhom wisq djun, u li sussegwentement ġew inkorporati f'atti fl-ambitu tad-dritt sekondarju tal-UE qabel ma ġew trasposti fil-leġiżlazzjoni domestika, tul il-perjodu kopert miż-żewġ rapporti annwali li qed jiġu eżaminati, u b'mod partikolari t-tnaqqis drastiku tannefqa pubblika, kellhom l-impatt li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-kapaċità amministrattiva u ġudizzjarja tal-Istati Membri li jieħdu r-responsabbiltà tagħhom li jimplimentaw korrettament id-dritt tal-UE;

22. Iqis li l-Istati Membri li qed isegwu programmi ta' aġġustament ekonomiku għandhom xorta waħda jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jirrispettaw id-drittijiet ekonomiċi u soċjali;

23. Ifakkar li l-istituzzjonijiet tal-UE, anki meta jaġixxu bħala membri ta' gruppi ta' kredituri internazzjonali ('trojkas'), huma marbuta mit-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

24. Jisħaq li huwa ta' importanza kbira li l-istituzzjonijiet tal-UE jirrispettaw it-Trattati; jinnota li l-Kummissjoni jeħtiġilha tgħin lill-Istati Membri biex jimplimentaw b'mod korrett id-dritt tal-UE, bil-għan li jissaħħaħ l-appoġġ għall-UE u l-kunfidenza fil-leġittimità tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipubblika l-punti ta' tħassib imqajjma mill-Istati Membri tul il-proċess ta' implimentazzjoni; jisħaq li l-appoġġ tal-parlamenti nazzjonali fit-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni huwa essenzjali fit-titjib tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE u għaldaqstant jitlob biex id-djalogu mal-parlamenti nazzjonali jissaħħaħ, anki meta jiġi espress tħassib dwar is-sussidjarjetà; jinnota r-rwol kruċjali ta' valutazzjonijiet *ex post* regolari u l-importanza li jintalbu l-fehmiet tal-parlamenti nazzjonali biex jiġu indirizzati kumplessitajiet jew tħassib fir-rigward tal-leġiżlazzjoni li setgħu ma kinux evidenti qabel;

25. Jinnota li d-dritt għall-petizzjoni fil-Parlament huwa wieħed mill-pilastru taċ-ċittadinanza Ewropea, kif stabbilit fl-Artikolu 44 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 227 tat-TFUE; jindika li dan id-dritt jagħti l-għodod meħtieġa, iżda mhux suffiċjenti, biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-Unjoni Ewropea, u għandu rwol importanti fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' lakuni u ksur potenzjali fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE mill-Istati Membri u fl-informazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE dwarhom; jissottolinja, fid-dawl ta' dan, ir-rwol kruċjali tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet bħala l-ħolqa effikaċi bejn iċ-ċittadini tal-UE, il-Parlament, il-Kummissjoni u l-parlamenti nazzjonali;

26. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol vitali tal-kwerelant biex jgħin lill-Kummissjoni tidentifika ksur tad-dritt tal-UE;

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

27. Ifakkar li l-istituzzjonijiet Ewropej, b'mod partikolari l-Kummissjoni u l-Kunsill, jeħtiġilhom japplikaw u jikkonformaw bis-sħiħ mad-dritt u mal-ġurisprudenza tal-UE fil-qasam tat-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti; jitlob, f'dan ir-rigward, applikazzjoni effikaċi tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ⁽¹⁾ u għas-sentenzi relatati tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

28. Jenfasizza li l-UE twaqqfet bħala Unjoni msejsa fuq l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem (l-Artikolu 2 tat-TUE); itenni li monitoraġġ bir-reqqa tal-atti u l-omissjonijiet tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE huwa ta' importanza kbira, u jenfasizza li l-għadd ta' petizzjonijiet lill-Parlament u ta' lmenti lill-Kummissjoni dwar problemi allegatament solvuti mill-Kummissjoni juri li ċ-ċittadini qed jagħtu aktar attenzjoni għall-ħtieġa li jkun hemm applikazzjoni aħjar tad-dritt tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tirreaġixxi aktar malajr u b'mod ċar għan-notifiki mingħand iċ-ċittadini li jkunu relatati ma' ksur tad-dritt tal-Unjoni;

29. Jinnota l-għadd kbir ta' każijiet ta' ksur li nġhalqu fl-2013 qabel ma tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li l-każijiet kollha li nġhalqu permezz ta' deċiżjoni tal-qorti kienu biss madwar 6,6 %; iqis li huwa essenzjali, għaldaqstant, li jitkompla l-monitoraġġ bir-reqqa tal-azzjonijiet tal-Istati Membri, filwaqt li jitqies il-fatt li ċerti petizzjonijiet għadhom jirreferu għal problemi li jippersistu anke wara li l-kwistjoni tkun inġhalqet;

30. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni qiegħda kull ma jmur tagħti dejjem aktar importanza lill-petizzjonijiet bħala sors ta' informazzjoni kemm dwar l-ilmenti taċ-ċittadini kontra awtoritajiet pubbliċi, inkluża l-UE stess, kif ukoll ksur potenzjali tad-dritt tal-UE fl-implimentazzjoni konkreta tiegħu, kif muri mill-fatt li ż-żewġ rapporti annwali ddedikaw attenzjoni partikolari lill-petizzjonijiet; jinnota li dan kien akkumpanjat b'żieda korrispondenti fin-numru ta' petizzjonijiet imressqa mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet lill-Kummissjoni flimkien ma' talbiet għal informazzjoni; jiddispaċih, madankollu, għad-dewmien min-naħa tal-Kummissjoni biex twieġeb meta mitluba tagħti opinjoni fil-każ ta' bosta petizzjonijiet;

31. Jinnota wkoll il-ħtieġa għal djalogu kostruttiv mal-Istati Membri fi ħdan il-qafas tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet u jitlob lill-Istati Membri kkonċernati dwar il-petizzjonijiet rilevanti jibagħtu rappreżentanti biex jindirizzaw lill-Kumitat matul il-laqgħat tiegħu;

32. Jindika li l-petizzjonijiet imressqa minn ċittadini tal-UE jew minn residenti ta' Stat Membru jirreferu għal vjolazzjonijiet tad-dritt tal-UE, b'mod partikolari fl-oqsma tad-drittijiet fundamentali, l-affarijiet interni, il-ġustizzja, is-suq intern, is-saħħa, il-konsumatur, it-trasport, it-tassazzjoni, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u l-ambjent; iqis li l-petizzjonijiet jagħtu xhieda tal-fatt li għad hemm każijiet frekwenti u mifruxin ta' traspożizzjoni mhux sħiħa u nuqqas ta' infurzar adegwat li effettivament iwassal għall-applikazzjoni ħażina tad-dritt tal-UE; jisħaq li tali sitwazzjoni titlob sforzi akbar mill-Istati Membri u monitoraġġ kontinwu mill-Kummissjoni; jenfasizza, b'mod partikolari, l-għadd kbir ta' petizzjonijiet imressqa li jirrapportaw l-eżistenza ta' diskriminazzjoni u ostakli kontra persuni b'diżabilità;

33. Jirrimarka li għad hemm diffikultajiet fi djalogu ma' ċerti Stati Membri u reġjuni li jżommu lura milli jipprovdu d-dokumenti jew l-ispjegazzjonijiet mitluba;

34. Jilqa' l-impenn tas-servizzi tal-Kummissjoni fit-tisħiħ tal-iskambju ta' informazzjoni mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, u jixtieq itenni t-talbiet tiegħu għal:

- (a) komunikazzjoni mtejba bejn iż-żewġ partijiet, b'mod partikolari rigward il-bidu u l-progress ta' proċeduri ta' ksur mibdija mill-Kummissjoni, inkluża l-proċedura EU Pilot, sabiex jiġi żgurat li l-Parlament Ewropew ikun infurmat b'mod sħiħ bl-għan li titjieb kontinwament il-ħidma leġislattiva tiegħu;
- (b) li jsiru sforzi biex tingħata l-informazzjoni rilevanti kollha dwar petizzjonijiet b'rabta mal-investigazzjoni u mal-proċeduri ta' ksur lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fi żmien raġonevoli, biex b'hekk il-kumitat ikun jista' jwieġeb għat-talbiet taċ-ċittadini b'mod aktar effikaċi;
- (c) qbil min-naħa tal-Kummissjoni li tikkunsidra r-rapporti tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, u b'mod partikolari s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fihom, hi u tfassal il-komunikazzjonijiet tagħha u meta tkun qed tħejji emendi għal-leġiżlazzjoni;

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

35. Jiddeplora l-fatt li l-Parlament, li jirrappreżenta direttament liċ-ċittadini Ewropej u li issa huwa koleġiżlatur sħiħ b'involvement dejjem aktar mill-qrib fil-proċeduri ta' lmenti, b'mod partikolari permezz tal-mistoqsijiet parlamentari u l-attivitajiet tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, għadu ma jirċevix awtomatikament informazzjoni trasparenti u f'waqtha dwar l-implimentazzjoni tal-liġijiet tal-UE, minkejja l-fatt li tali informazzjoni hija essenzjali, mhux biss bħala mezz kif jissaħħu l-aċċessibbiltà u ċ-ċertezza tad-dritt għaċ-ċittadini Ewropej, iżda wkoll għall-finijiet tal-adozzjoni ta' emendi li jkollhom l-għan li jtejbu dawk il-liġijiet; iqis li komunikazzjoni mtejba bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali taf tkun pass siewi f'dan ir-rigward; iħeġġeġ kooperazzjoni aktar effikaċi u effiċjenti bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, u jistenna li l-Kummissjoni tapplika *bona fide* l-klawsola tal-Ftehim Qafas rivedut dwar ir-relazzjonijiet mal-Parlament fejn timpenja ruħha biex "tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Parlament informazzjoni fil-qosor dwar il-proċeduri kollha ta' ksur mill-ittra ta' tqegħid fil-mora, inkluż, jekk il-Parlament jitlob li jsir hekk, (...) dwar kwistjonijiet li tirrigwardahom il-proċedura ta' ksur";

36. Jappella għall-ħolqien fi ħdan id-Direttorati Ġenerali rilevanti tal-Parlament (DĠ IPOL, DĠ EXPO u DĠ Riċerka) ta' sistema awtonoma għall-valutazzjoni *ex post* tal-impatt tal-liġijiet ewlenin tal-UE adottati mill-Parlament Ewropew skont il-proċedura ta' kodeċiżjoni u l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, fosthom permezz ta' kooperazzjoni mal-parlamenti nazzjonali;

37. Jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja rrimarkat li "d-danni kkawżati minn istituzzjonijiet nazzjonali (...) jistgħu biss jagħtu lok għal responsabbiltà min-naħa ta' dawk l-istituzzjonijiet, u l-qrati nazzjonali jibqgħu l-uniċi kompetenti sabiex jordnaw kumpens għal tali danni" ⁽¹⁾; jissottolinja, għaldaqstant, l-importanza li jissaħħu l-mezzi ta' rimedju disponibbli fil-livell nazzjonali, li jippermettu lill-kweralanti jasserixxu d-drittijiet tagħhom b'mod aktar dirett u aktar personali;

38. Jinnota li l-biċċa l-kbira tal-ilmenti li ġejjin minn ċittadini fil-qasam tal-ġustizzja jikkonċernaw il-libertà ta' moviment u l-ħarsien ta' data personali; itenni li d-dritt tal-libertà ta' moviment hu wieħed mill-erba' drittijiet fundamentali tal-UE minqaxa fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u hu ggarantit liċ-ċittadini Ewropej kollha; ifakkar li bħala waħda mil-libertajiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-dritt taċ-ċittadini tal-UE għal moviment ħieles u li jirrisjedju u jaħdmu fi Stati Membri oħrajn, għandu jiġi garantit u protett;

39. Jissottolinja li t-traspożizzjoni sħiħa u l-implimentazzjoni effikaċi tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil hija prijorità assoluta; jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu kull sforz biex jittrasponu l-Pakkett dwar l-Asil il-ġdid b'mod korrett u f'waqtu u bis-sħiħ;

40. Jinnota li fil-qasam tal-affarijiet interni kien hemm 22 każ ta' ksur miftuħ fl-2012 u 44 fl-2013; jiddeplora l-fatt li fl-2013 il-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' ksur infetħu minħabba traspożizzjoni tardiva tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin; jinnota li l-asil għadu qasam fejn tressqu għadd kbir ta' lmenti;

41. Jinnota li fil-qasam tal-ġustizzja kien hemm 61 każ ta' ksur miftuħ fl-2012 u 67 fl-2013; jirrimarka li l-biċċa l-kbira ta' dawn il-każijiet ikkonċernaw iċ-ċittadinanza u l-moviment ħieles tal-persuni; jiddeplora l-fatt li l-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' ksur minħabba traspożizzjoni tardiva nfetħu minħabba dewmien fit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2010/64/UE dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar iż-żieda sinifikanti fl-għadd ta' lmenti fil-qasam tal-ġustizzja fl-2013;

42. Jilqa' l-progress sinifikanti li sar matul dawn l-aħħar snin fit-tisħiħ tad-drittijiet tad-difiża ta' persuni suspettati jew akkużati fl-UE; jissottolinja l-importanza kruċjali tat-traspożizzjoni f'waqtha, sħiħa u korretta tal-miżuri kollha stipulati fil-Pjan Direzzjonali tal-Kunsill għat-tisħiħ tad-drittijiet proċedurali ta' persuni suspettati jew akkużati fi proċedimenti kriminali; jirrimarka li dawn il-miżuri huma kruċjali għall-funzjonament tajjeb tal-kooperazzjoni ġudizzjarja tal-UE f'materji kriminali;

⁽¹⁾ Ara s-sentenza fil-Kawża 175/84.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

43. Jisħaq li t-traffikar tal-bnedmin huwa reat serju u jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dinjità umana li l-Unjoni ma tistax tittollera; jiddeplora l-fatt li l-għadd ta' persuni li qed ikunu traffikati minn u lejn l-UE kulma jmur qiegħed dejjem jikber; jirrimarka li, għalkemm il-qafas legali huwa adegwat, l-implimentazzjoni konkreta tiegħu mill-Istati Membri għadha mhux biżżejjed; jenfasizza li s-sitwazzjoni attwali fil-Mediterran ma tagħmel xejn ħliet iżżid ir-riskju tat-traffikar tal-bnedmin u talab lill-Istati Membri biex juru determinazzjoni qawwija fil-konfront ta' dawk responsabbli għal dawn ir-reati kriminali u tipproteġi lill-vittmi bl-aktar mod effiċjenti possibbli;

44. Ifakkar li l-perjodu tranżitorju previst mill-Protokoll 36 għat-Trattat ta' Lisbona wasal fi tmiemu fl-1 ta' Diċembru 2014; jissottolinja li t-tmiem ta' dan il-perjodu tranżitorju jrid ikun segwit minn proċess rigoruż ta' valutazzjoni ta' dawk li kienu l-miżuri tat-tielet pilastru u l-implimentazzjoni tagħhom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri; jirrimarka li f'April 2015 il-Parlament ma ġiex infurmat dwar is-sitwazzjoni attwali ta' kull strument legali ta' qabel it-Trattat ta' Lisbona fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija f'kull Stat Membru; jistieden lill-Kummissjoni tikkonforma mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali u biex din l-informazzjoni ssir disponibbli għall-Parlament mill-aktar fis possibbli;

45. Ifakkar li l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2014 identifikaw it-traspożizzjoni konsistenti, l-implimentazzjoni effikaċi u l-konsolidazzjoni tal-istrumenti legali u l-miżuri ta' politika fis-seħħ bħala prijorità ġenerali fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (AFSJ) għall-ħames snin li ġejjin; jitlob lill-Kummissjoni tagħmel aktar enfasi fuq is-sorveljanza u tiżgura l-implimentazzjoni konkreta tad-dritt tal-UE min-naħa tal-Istati Membri; iqis li din trid tkun prijorità politika minħabba d-distakk wiesa' li spiss jiġi osservat bejn politiki adottati fil-livell tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tagħhom fil-livell nazzjonali; ihegġegħ lill-parlamenti nazzjonali jsiru aktar parteċipi fid-dibattitu Ewropew u fil-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, partikolarment fil-qasam tal-affarijiet interni;

46. Jisħaq li fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2013 dwar il-lingwi Ewropej fil-periklu ta' estinzjoni u d-diversità lingwistika fl-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, il-Parlament fakkar li l-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni għall-fatt li, permezz tal-politiki tagħhom, xi Stati Membri u r-reġjuni qed ipoġġu fil-periklu s-sopravivenza tal-lingwi fi ħdan il-konfini tagħhom, anke jekk dawk il-lingwi ma jinsabux fil-periklu fil-kuntest Ewropew, u stieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-ostakli amministrattivi u leġiżlattivi li għalihom huma soġġetti l-proġetti relatati mal-lingwi li jinsabu fil-periklu minħabba ċ-ċokon tal-komunitajiet lingwistiċi kkonċernati; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex hija u tevalwa l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE tikkunsidra b'mod xieraq id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi;

47. Jenfasizza li kemm fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja kif ukoll foqasma ta' politika oħra, hemm hteġa li jittejjeb l-aċċess taċ-ċittadini għal informazzjoni u dokumentazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika l-aħjar modi possibbli biex jinkiseb dan, tagħmel użu mill-għodod ta' komunikazzjoni eżistenti sabiex iżżid it-trasparenza, u tiżgura aċċess xieraq għal informazzjoni u dokumentazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi strumenti legalment vinkolanti dwar il-proċedura amministrattiva li tikkonċerna t-trattament tal-ilmenti taċ-ċittadini;

48. Ifakkar li l-funzjonament bla xkiel ta' spazju Ewropew reali ta' ġustizzja msejjes fuq ir-rispett tas-sistemi u t-tradizzjonijiet legali differenti tal-Istati Membri huwa essenzjali għall-UE, u li l-implimentazzjoni sħiħa, korretta u f'waqtha tal-leġiżlazzjoni tal-UE hi kundizzjoni essenzjali biex jinkiseb dan il-għan.

49. Jenfasizza li t-titjib fl-implimentazzjoni huwa waħda mill-prijoritajiet tas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali;

50. Jiddeplora l-fatt li l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ambjent u s-saħħa għadha qed tiġi affettwata minn numri kbar ta' każijiet ta' traspożizzjoni tardiva, traspożizzjoni inkorretta u applikazzjoni ħażina min-naħa tal-Istati Membri; jinnota li l-31 rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE juri li, fl-2013, l-akbar kategorija ta' proċedimenti ta' ksur kienet relatata mal-ambjent; ifakkar li l-ispejjeż marbuta man-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-politika ambjentali – inklużi l-ispejjeż tal-proċedimenti ta' ksur – huma għolja, stmati f'madwar EUR 50 biljun fis-sena (COWI et al., 2011); jisħaq, barra minn hekk, li l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali ġġib magħha haġna benefiċċji soċjoekonomiċi li mhux dejjem jiġu reġistrati fl-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji;

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0350.

Il-Ħamis 10 ta' Settembru 2015

51. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar riguruża fir-rigward tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u twettaq investigazzjonijiet aktar rapidi u effikaċi dwar il-ksur relatat mat-tniġġis ambjentali;
 52. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni aktar b'saħħitha kontra t-traspożizzjoni tardiva tad-direttivi ambjentali u tagħmel użu akbar mill-ħlas ta' penali;
 53. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta ġdida dwar l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali u proposta dwar l-ispezzjonijiet ambjentali, jekk possibbli mingħajr ma jiżdiedu l-burokrazija u l-ispejjeż amministrattivi;
 54. Jenfasizza l-ħtieġa li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u jwissi kontra l-periklu li livelli għolja ta' ksur jiġu assoċjati mal-ħtieġa li jitnaqqas il-livell ta' ambizzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali;
 55. Jesprimi t-tħassib tiegħu li l-politika ta' komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) tenfasizza b'mod eċċessiv id-diffikultà li teżisti fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali u tas-saħħa; jenfasizza li l-istandards fil-qasam tal-ambjent, tas-sikurezza tal-ikel u tas-saħħa m'għandhomx jiddgħajfu fil-kuntest tal-programm REFIT; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' regolamentazzjoni aħjar, u huwa tal-fehma li s-simplifikazzjoni regolatorja għandha, fost l-oħrajn, tindirizza l-problemi li jinqalgħu matul l-implimentazzjoni; huwa tal-fehma li REFIT għandu jiġġenera riżultati għaċ-ċittadini u n-negozji bl-inqas piżijiet żejda possibbli;
 56. Jilqa' l-prassi l-ġdida li biha l-Kummissjoni tista', f'każijiet ġustifikati, titlob lill-Istati Membri jinkludu dokumenti ta' spjegazzjoni meta jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom; itenni, madankollu, l-appell tiegħu għal tabelli ta' korrelazzjoni obbligatorji dwar it-traspożizzjoni tad-direttivi, li għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fil-lingwi kollha tal-UE, u jiddispjaċih għall-fatt li REFIT kien ir-riżultat ta' deċiżjoni unilaterali mill-Kummissjoni, mingħajr ebda djalogu parlamentari u soċjali reali;
 57. Jirrimarka li f'dak li għandu x'jaqşam ma' REFIT, jeħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita d-djalogu dwar l-idoneità regolatorja maċ-ċittadini, mal-Istati Membri, man-negozji u mas-soċjetà ċivili b'mod ġenerali bil-għan li tiżgura li l-kwalità u l-aspetti soċjali tal-leġiżlazzjoni tal-UE jkunu ppreservati u li ideal wieħed ma jipprogreddix għad-detriment ta' ieħor;
 58. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
-

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0323

Tħejjija tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2016

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Settembru 2015 dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2016 (2015/2729(RSP))

(2017/C 316/29)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2015 – Bidu Ġdid" (COM(2014)0910) u l-Annessi 1 sa 4 tagħha,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 37(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Ewropa jeħtiġilha tirispondi b'viżjoni ċara, direzzjoni, tmexxija, ambizzjoni u kuraġġ għall-isfidi li qed inħabtu wiċċna magħhom, kemm internament kif ukoll esternament, biex turi li hija kapaċi taqdi l-aspettattivi taċ-ċittadini tagħna, filwaqt li toffrilhom prospetti u toħloq il-fiduċja, billi tagħmel lill-UE unjoni politika tassew demokratika, demokrazzija parlamentari u arena fejn iċ-ċittadini jistgħu jidderieġu u jsawru l-kontinent tagħhom fl-interess tal-preservazzjoni u l-konsolidazzjoni tal-livell ta' għajxien tagħhom;
- B. billi l-istrateġija Ewropa 2020 tibqa' bażi valida għall-bini ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv fl-Ewropa u billi huwa mistenni li l-miri tagħha jiġu kkonfermati qabel tmiem l- 2015, iżda l-istrumenti tagħha li jwasslu għal riżultati konkreti jeħtieġ li jiġu aġġornati u msaħħin;
- C. billi Programmi ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-ġejjieni għandhom jindirizzaw l-isfidi determinanti tas-seklu 21, bħalma huma t-tibdil fil-klima, l-indipendenza tal-enerġija, l-effiċjenza fir-riżorsi, it-tranżizzjoni lejn soċjetà diġitali, il-kompetizzjoni globali, l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-inugwaljanza li qed tiżdied, filwaqt li jqisu l-konsegwenzi tan-non-Ewropa;
- D. billi t-telf tal-kompetittività Ewropea fl-ekonomija globali, ir-rata għolja tal-qgħad, it-tibdil demografiku u l-popolazzjoni li dejjem aktar qed tixjeh lill-UE jiffaccjawha bi sfidi mingħajr preċedent; billi biss l-ekonomiji kompetittivi bil-politiki makroekonomiċi t-tajba se jkunu kapaċi joħlqu l-impjiegi, jgħollu l-istandards tal-għajxien taċ-ċittadini tagħhom, u jiġġeneraw il-prosperità li tiffinanzja l-investment fil-futur u tipprovdi servizzi pubbliċi; billi hemm bżonn ta' enfasi msaħħa fuq il-promozzjoni ta' kompetizzjoni ħielsa u ġusta biex jintlaħqu l-għanijiet ambizzjużi għall-impjiegi ta' kwalità, it-tkabbir, l-investment u l-kompetittività globali tal-ekonomija Ewropea, speċjalment fid-dawl tal-fatt li reġjuni oħra tad-dinja qegħdin jikbru b'aktar ħeffa, b'livelli dejjem akbar ta' produttività u ta' innovazzjoni;
- E. billi l-UE ġarrbet kriżi ekonomika twila, b'livell ta' tkabbir baxx, b'aktar diżekwilibri interni u nuqqas ta' ħolqien ta' impjiegi u ta' investment, li mhux se tingħeleb mingħajr integrazzjoni sinifikanti ulterjuri tal-Ewropa kull fejn din tkun ġustifikata, b'mod partikolari fis-suq intern u fil-kuntest tal-unjoni ekonomika u monetarja, b'kontroll demokratiku u responsabbiltà msaħħa;
- F. billi r-riżorsi finanzjarji għandhom ikunu immirati fuq il-prijoritajiet politiki tal-UE, mhux biss f'termini ta' ammonti, iżda wkoll ta' flessibilità u bilanċ, mhux l-anqas fir-rigward tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020, li jipprevedi sett ta' mekkaniżmi ta' flessibilità, inkluża klawżola ta' revizzjoni, sabiex il-baġit tal-UE jkun jista' jadatta għal ċirkostanzi mhux previsti;
- G. billi l-politiki u l-attivitatiet tal-UE jridu jkunu konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità sabiex jgħinu liċ-ċittadini jantiċipaw u jirreaġixxu għal soċjetà u ekonomija li qed jinbidlu b'rata mgħaġġla;
- H. billi, biex lil din il-ġenerazzjoni u 'l dik li jmiss toffrilhom impjiegi u mhux djun, l-Ewropa jeħtiġilha timpenja ruħha favur mudell ekonomiku li jista' jiżgura tkabbir sostenibbli;

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

- I. billi s-sostenibbiltà u t-tkabbir ekonomiku huma kompatibbli u jistgħu jsaħħu 'l xulxin b'mod reċiproku, u billi l-Kummissjoni hija mħeġġa tagħmel is-sostenibbiltà pedament tal-aġenda tagħha għall-impjiegi u t-tkabbir; billi l-Kummissjoni hi l-gwardjana tat-trattati tal-UE, li fihom huma minquxa l-iżvilupp sostenibbli, il-ġustizzja soċjali, is-solidarjetà u d-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini Ewropej;
- J. billi l-Ewropa teħtieġ Kummissjoni bi Programm ta' Ħidma ffukat tajjeb u ambizzjuż biżżejjed li bih tkun tista' tindirizza l-ħtiġijiet reali li l-UE u ċ-ċittadini tagħha qed iħabbtu wiċċhom magħhom;

L-EWWEL PARTI

1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża d-dritt ta' inizjattiva tagħha kollu kemm hu sabiex toffri lill-Unjoni tmexxija ċara, u partikolarment biex twettaq l-ikkompletar tas-suq uniku flimkien mal-pjan direzzjonali strateġiku għall-unjoni ekonomika, għall-unjoni politika u għall-azzjoni esterna;
2. Jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi tal-Kummissjoni fuq 10 prijoritajiet strateġiċi; jenfasizza li huwa importanti li jiġi promoss l-interess tal-Komunità u li l-UE tinżamm magħquda u koeżiva filwaqt li jiġu rrispettati l-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità; jemmen bil-qawwa, għaldaqstant, li l-isforzi jridu jkun kkonċentri fuq dawn il-prijoritajiet strateġiċi;
3. Jilqa' b'sodisfazzjon il-ftuħ tan-negozjati għal ftehim interistituzzjonali ġdid dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet; huwa tal-fehma li dan għandu jwassal għal titjib fil-kwalità tal-abbozzar leġiżlattiv tal-Kummissjoni, it-tisħiħ tal-valutazzjoni tal-impatt tal-abbozzi ta' liġijiet, inklużi valutazzjonijiet tal-impatt ekonomiku, soċjali, ambjentali u relatat mal-SMEs u, fejn dan ikun f'loku, l-użu ta' regolamenti aktar milli ta' direttivi bi qbil mal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità; jistenna li l-Kummissjoni liż-żewġ ferġat tal-awtorità leġiżlattiva tittrattahom indaqs f'termini tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni li ttiprovdi matul il-proċess leġiżlattiv; jistenna li jkun hemm impenn aktar qawwi favur konsultazzjoni interistituzzjonali xierqa, li l-proposti u r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament jingħataw segwitu sħiħ, kif ukoll li jingħataw ġustifikazzjonijiet dettaljati għal kull irtirar previst; ifakkar li l-ipprogrammar pluriennali, miftiehem bejn it-tliet istituzzjonijiet, għandu jipprovdi l-qafas għall-programm ta' ħidma annwali u għandu jkun il-bażi tad-diskussjonijiet dwar il-programm ta' ħidma annwali speċifiku; ifakkar fil-fehma tiegħu li t-tfassil aħjar tal-liġijiet m'għandux jitqies bħala għodda li tbaxxi l-prijorità ta' oqsma fi ħdan il-kompetenzi tal-UE u li d-deċiżjonijiet politiki fi ħdan il-proċess deċiżjonali demokratiku għandhom jipprevalu fuq valutazzjonijiet tekniċi;
4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb il-koerenza tal-programm leġiżlattiv tagħha u ssaħħaħ il-valutazzjoni tal-impatt indipendenti tal-abbozzi tal-liġijiet, bl-inklużjoni ta' test rigward l-SMEs u test tal-kompetittività, għax dawn il-miżuri jgħinu biex titneħħa l-burokrazija żejda f'kull livell – Ewropew, nazzjonali u reġjonali – għall-atturi ekonomiċi u għaċ-ċittadini kollha f'ħajjithom ta' kuljum, u b'hekk irawmu l-ħolqien tal-impjiegi fir-rispett tal-istandards soċjali u ambjentali; iqis li l-SMEs u l-mikrointrapriżi m'għandhomx isofru minn piżijiet żejda huma u jimplimentaw il-leġiżlazzjoni u jikkonformaw mal-istandards; jistieden lill-Kummissjoni timmira lejn semplifikazzjoni massima u, kull fejn ikun possibbli, tippromwovi l-użu sħiħ ta' soluzzjonijiet diġitali sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni tar-regoli tal-UE; iqis li, meta jirriżulta li d-direttivi u r-regolamenti ma jkunux adatti għall-kumpaniji żgħar, jista' jkun jeħtiġilhom jiġu riveduti biex ikun żgurat li l-SMEs ma jkunux mgħobbija bil-piżijiet; jitlob li, kull fejn ikun possibbli, il-mikrointrapriżi jkun eżenti minn kull leġiżlazzjoni li toħloq piżijiet żejda, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li start-ups ġodda u intraprendituri jkun inkoraġġuti;
5. Jistenna li l-Kummissjoni, fil-kuntest tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT), tippreżenta lista ambizzjuża ta' leġiżlazzjoni u proposti li għandhom jiġu riveduti jew revokati meta ma jibqax jirriżulta li għadhom adgwati jew għad għandhom valur miżjud tal-UE u meta jkun skaduti jew inkella ma jkunux għadhom jaqdu l-fini inizjali tagħhom; jenfasizza, madankollu, li REFIT ma għandux jintuża bħala pretest biex jitbaxxa l-livell ta' ambizzjoni dwar kwistjonijiet ta' importanza vitali, jew biex l-istandards soċjali u ambjentali jiġi deregolamentati jew imbaxxa; jemmen li s-semplifikazzjoni hi kwistjoni ta' kwalità u mhux ta' miri kwantittativi; jinnota l-għan li l-piż amministrattiv u burokratiku u l-ispejjeż relatati ta' proposti ġodda jitnaqqsu b'25 % għaċ-ċiklu tal-politika sħiħ, inklużi t-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar; jitlob tnaqqis sinifikanti bil-għan li jitniedu kundizzjonijiet aħjar għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda, iż-żamma tal-impjiegi fl-Ewropa u r-ritorn tal-impjiegi lejha, b'mod li jrawwem il-kompetizzjoni u l-iżvilupp sostenibbli;

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

6. Jistenna li l-Kummissjoni tressaq proposta għall-fażi li jmiss tal-istrategġja Ewropa 2020 għat-Tkabbir u l-Impjiegi li tindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet kbar li għandna quddiemna, speċjalment it-tranżizzjoni tal-enerġija, ir-rivoluzzjoni diġitali u t-tnejja tal-Ewropej għal dawn il-bidliet; iqis li din l-istrategġja għandha tgħaqqad flimkien ir-riformi rilevanti ma' inizjattivi ta' investment kbir, li jibnu fuq l-unjoni tal-enerġija u s-suq uniku diġitali, it-tnejn diġà mnedija, u inizjattiva ġdida għal investment soċjali u l-ksib ta' ħiliet ġodda; jemmen li l-istrategġja għandha tkun appoġġjata b'użu sħiħ tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi u ta' QFP 2014-20 rivedut; iqis li l-Istati Membri kollha jeħtieġ li jkollhom il-kundizzjonijiet meħtieġa biex jimplementaw din l-istrategġja u li l-Unjoni Ekonomika u Monetarja għandha tiġi kkompletata biex tippromwovi l-konverġenza f'din id-direzzjoni; iqis li s-sħubijiet strateġiċi esterni tal-UE għandhom ukoll jiftħu opportunitajiet ġodda biex din l-istrategġja tirnexxi;

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni toħroġ b'reazzjoni qawwija biex tindirizza l-problemi soċjali tal-UE, b'mod partikolari l-qgħad, id-diskrepanza fil-ħiliet, l-inugwaljanzi soċjali u l-esklużjoni, kif ukoll ir-riskji ta' dumping soċjali u l-eżodu tal-imħuħ; iqis li dan jitlob irkupru ekonomiku u investment li jrawwem il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, tappoġġja l-irkupru ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi, investmenti soċjali li jiffukaw fuq il-ħiliet, il-kura tat-tfal u servizzi soċjali oħra, u l-ekonomija soċjali; iqis li dan jeħtieġ ukoll konverġenza aktar qawwija biex jiġi żgurati li sett ta' standards soċjali fundamentali jkun rispettati madwar l-Unjoni kollha kemm hi; iqis li, f'dan il-kuntest, il-mobilità ġusta tal-ħaddiema għandha tiġi promossa bħala libertà fundamentali fis-suq uniku; iqis li passi konkreti lejn l-"A tripla soċjali" mwiegħda jridu jibdwu jittwettqu bla dewmien; jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi involviment aktar mill-qrib tas-sħab soċjali fil-livell Ewropew u nazzjonali għal dan il-għan;

8. Jenfasizza l-fatt li l-livell tal-qgħad għadu għoli wisq, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh u n-nisa, u li l-irkupru ekonomiku tal-UE għadu fraġli; jilqa' l-adozzjoni tal-FEIS, iħeġġeġ l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu u jistenna li firxa ta' proġetti ta' investment jiġu approvati u żviluppati mill-aktar fis biex jikkontribwixxu għal irkupru qawwi u tkabbir sostenibbli u bbilanċjat, li se jgħib il-quddiem l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali u territorjali madwar l-UE kolha kemm hi; ifakkar f'talbietu rigward it-trasparenza, ir-responsabilità demokratika u l-konformità mal-linji gwida għall-investment;

9. Jistieden lill-Kummissjoni tenfasizza t-tkabbir u l-impjiegi bħala l-pedament tal-ekonomija tas-suq soċjali Ewropew u tal-istrategġja tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqiegħed is-sostenibbiltà fil-qalba ta' kull politika ekonomika soda, orjentata lejn il-futur u li ssolvi l-kriżi, u biex tagħtiha sostanza f'dan il-programm ta' ħidma u fi programmi ta' ħidma futuri permezz ta' intestatura speċifika li tiffoka fuq l-implimentazzjoni komprensiva u rapida tas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali;

10. Jilqa' l-adozzjoni tal-istrategġja tas-suq uniku diġitali (DSM) u jitlob l-implimentazzjoni rapida tagħha, b'rakkomandazzjonijiet leġiżlattivi ċari u b'riżrosi finanzjarji, immirati għall-ħolqien ta' ekonomija diġitali fejn l-Ewropa tista' tkun minn ta' quddiem fid-dinja, fejn l-intrapriżi jkun jstgħu joperaw minn pajjiż għall-ieħor, u fejn id-drittijiet tal-konsumaturi, tad-detenturi tad-drittijiet u taċ-ċittadini jkun mħarsa; jinsab konvint li l-Ewropa tippovdi valur miżjud ċar billi trawwem l-intraprenditorija u l-ekonomija tal-għarfien u twarrab l-ostakli żejda; huwa tal-fehma li għandu wkoll ikollha l-għan li trawwem l-innovazzjoni u tiġġenera opportunitajiet ġodda għaċ-ċittadini, in-negozji u l-konsumaturi tal-UE, u b'hekk toħloq l-impjiegi, filwaqt li tiżgura standards soċjali bażiċi; jenfasizza li l-progress f'dan il-qasam se jkollu impatt dirett fuq iċ-ċittadini; jemmen li kemm il-protezzjoni tal-konsumaturi kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali huma vitali sabiex l-Ewropej ikollhom fiduċja fis-suq uniku diġitali bħala parti mid-diġitizzazzjoni ta' ħajjithom ta' kuljum;

11. Jemmen li d-disinn ta' politika tat-taxxi bilanċjata u ġusta jrid jittqies bħala parti integrali fir-riformi strutturali tal-Istati Membri fejn ikun xieraq, u li l-politika tat-taxxi u dik tal-kompetizzjoni għandhom jittqiesu bħala żewġ naħat tal-istess munita fis-suq intern, għall-benefiċċju tal-konsumaturi u taċ-ċittadini kollha tal-UE, bil-ħsieb li jkomplu jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi; jappoġġja ċ-ċaqliq tal-piż tat-taxxa minn fuq il-ħaddiema lejn forum oħra ta' tassazzjoni sostenibbli;

12. Jitlob lill-Kummissjoni tevalwa mill-ġdid u ssaħħaħ il-mekkaniżmi u r-riżorsi tal-politika tal-kompetizzjoni u tal-għajnuna mill-istat; iqis li l-politika tal-UE dwar l-għajnuna mill-istat u l-kontroll ta' din l-għajnuna huma għodod importanti fil-ġlieda kontra Prattiki ta' tassazzjoni li jikkawżaw tagħwiġ tas-suq uniku;

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

13. Itenni mill-ġdid l-importanza li huwa jagħti lill-“metodu Komunitarju”, lit-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv, lil-leġittimità demokratika, u lir-rwol u r-responsabbiltà tal-parlamenti nazzjonali;

14. Jinsisti fuq il-ħtieġa li tiġi implimentata u applikata b'mod sħiħ, rapidu u effikaċi l-leġiżlazzjoni eżistenti f'oqsma bħas-suq uniku, id-dritt ambjentali, il-politika agrikola komuni (PAK) riveduta, il-politika komuni tas-sajd (PKS) u l-politika ta' koeżjoni u s-settur finanzjarju u dak bankarju; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja aħjar il-progress tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni;

15. Jitlob li Linji Gwida ta' Konverġenza jiġu adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li flimkien mal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabir għandhom jiffurmaw il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi; huwa tal-fehma li r-rwol ta' skrutinju tal-Parlament fis-Semestru Ewropew għandu jiġi fformalizzat u li l-parlamenti nazzjonali kollha taż-żona tal-euro għandhom isegwu kull pass tal-proċess tas-Semestru Ewropew;

16. Jistieden lill-Kummissjoni, flimkien mal-partijiet interessati kollha, tesplora l-possibilitajiet kollha biex l-UEM tissaħħaħ u ssir aktar reżistenti u twassal aktar għat-tkabir, l-impjiegi l-istabilità, b'dimensjoni soċjali intiża biex iżżomm l-ekonomija tas-suq soċjali tal-Ewropa, filwaqt li tirrispetta d-dritt għal negozjar kollettiv, u li tiżgura l-koordinament tal-politiki soċjali tal-Istati Membri taħt il-kappa tagħha, inkluża l-paga minima jew mekkaniżmu ta' dħul xieraq proprju għal kull Stat Membru u deċiż minnu, u li tappoġġja l-għieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, ir-reintegrazzjoni tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol u l-mobilità volontarja u l-flessibilità bejn il-professionijiet u l-Istati Membri;

17. Jenfasizza li l-baġit tal-UE jrid jintuża b'mod effikaċi biex imexxi 'l quddiem il-prijoritajiet u l-politiki tal-UE u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tindirizza preokkupazzjonijiet dwar ġestjoni ħażina u frodi; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi meħtieġa biex tevalwa u ttejjeb il-kontrolli eżistenti u tħaffef il-piż burokratiku fejn possibbli; jenfasizza li l-Kummissjoni jeħtiġilha tiżgura li flus il-kontribwenti tal-UE jintuża bl-aqwa mod u jissottolinja li l-eżiti ta' prestazzjoni huma aktar importanti mis-sempliċi nfiq tal-approprijazzjonijiet disponibbli; jitlob, għalhekk li jsiru evalwazzjonijiet sistematiċi, regolari u indipendenti sabiex ikun żgurat li l-infiq kollu qed jilħaq ir-riżultati mixtieġa b'mod li jkun kosteffettiv; jitlob lill-Kummissjoni ġġedded l-isforzi tagħha biex tinvolvi Stati Membri f'dan il-kompitu, partikolarment rigward il-fondi żburżati mill-Istati Membri nfushom;

18. Jenfasizza l-ħtieġa li flus il-kontribwenti jintuża b'mod aktar effiċjenti u li jittieħdu passi ulterjuri għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni sabiex tkun żgurata l-leġittimità tal-infiq tal-UE b'mod kosteffettiv; jitlob għalhekk, l-użu kosteffettiv tal-baġit tal-UE b'konċentrazzjoni fuq prestazzjoni aħjar tal-kontrolli eżistenti, l-evalwazzjoni tal-kontrolli u mezzi biex jiżguraw li l-prestazzjoni u l-valur miżjud jitqiesu aktar importanti mill-immassimizzar tal-użu tal-approprijazzjonijiet ibbaġitjati; huwa tal-fehma li l-proposta għal Kontrollur ta' Garanziji Proċedurali għall-Uffiċċju kontra l-Frodi, OLAF (COM(2014)0340 – 2014/0173(COD)) għandha tinżamm;

19. Jilqa' b'sodisfazzjon l-Aġenda tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-proposti leġiżlattivi u proposti relatati korrispondenti għall-aġġustamenti baġitarji fl-2015 u fl-2016 biex tiżgura li l-għanijiet stipulati fl-Aġenda dwar il-Migrazzjoni jiġu implimentati kif xieraq; ifakkar lill-Kummissjoni, madankollu, fl-impenn tagħha li tindirizza l-pressjoni dejjem tikber fuq il-fruntieri esterni tal-UE, inklużi miżuri sodi kontra l-migrazzjoni irregolari u t-traffikar tal-bnedmin u l-kuntrabandu, u t-titjib tal-ġestjoni tal-migrazzjoni li ffisser rabta aħjar bejn il-politika ta' migrazzjoni tal-UE mal-politika esterna tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa strumenti għal approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għal persuni li qegħdin ifittxu fl-UE protezzjoni mill-gwerra u mill-persekuzzjoni;

20. Jinsab imħasseb ħafna dwar l-iżviluppi reċenti fil-Mediterran u r-rotta tal-Balkani tal-Punent, fejn numru rekord ta' migranti irregolari li qasnu l-fruntieri tal-UE, b'mod li ħolqu sfida mingħajr preċedent lill-Ewropa u lill-Istati Membri tagħha, li teħtieġ rispons Ewropew komuni u determinat; jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-miżuri mressqa mill-Kummissjoni, u jitlob adożzjoni u implimentazzjoni rapida mill-Istati Membri; jilqa' l-inizjattivi tal-Kummissjoni dwar ir-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni, inkluża l-inizjattiva l-ġdida għar-rilokazzjoni b'emerġenza ta' numru akbar ta' persuni li jfittxu asil li għandhom bżonn protezzjoni internazzjonali, għall-benefiċċju tal-Greċja, l-Italja u l-Ungerija, kif ukoll il-proposta tal-Kummissjoni għal mekkaniżmu ta' rilokazzjoni permanenti, li għandu jiġi attivat f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, b'kont meħud tan-numru ta' rifuġjati preżenti fl-Istat Membru, u li huwa bbażat fuq l-Artikolu 78(2) tat-TFUE; jenfasizza li għandu jkun hemm aktar enfasi fuq l-inizjattivi diġà mnedija mill-Kummissjoni, b'mod partikolari l-proposti dwar ir-rilokazzjoni

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

u r-risistemazzjoni, għax il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni ta' emerġenza mħaddem għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja mhuwiex soluzzjoni għall-isfida fit-tul tal-pressjoni tal-asil, iżda pjuttost każ ta' prova bi ħsieb il-proposta leġiżlattiva mistennija dwar skema ta' rilokazzjoni permanenti li għandha tiġi attivata f'sitwazzjonijiet ta' influż tal-massa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tattiva l-mekkaniżmu meħtieġ, li tfassal speċifikament għal sitwazzjonijiet ta' influż tal-massa; jissottolinja, fl-istess ħin, il-ħtieġa li l-ipproċessar tat-talbiet għall-asil jitħaffef u li dawk li talbiethom jinċaħdu jintbagħtu lura; jesprimi l-appoġġ tiegħu għal approċċ ta' 'hotspot', imħabbra fl-Aġenda dwar il-Migrazzjoni, intiż biex isaħħaħ l-appoġġ operazzjonali malwasla inizjali tal-applikanti, inkluż għar-regiżtrazzjoni u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet inizjali, anki għal dawk li mhumix fil-bżonn ta' protezzjoni; jirrifjuta kwalunkwe miżura li *de facto* terġa' daħħal il-kontrolli fil-fruntiera, b'mod li jipperikola ż-żona ta' Schengen;

21. Ifakkar l-impenn tal-Kummissjoni li tuża l-għodda kollha disponibbli, inkluż il-baġit tal-UE, biex tmexxi 'l quddiem l-impjiegi u t-tkabbir permezz tal-investiment intelliġenti fi sħubija eqreb mal-Istati Membri, il-parlamenti nazzjonali, ir-reġjuni u l-bliet għal implimentazzjoni aħjar tal-politiki eżistenti u biex titjeb l-effikaċja ta' azzjoni fuq il-post, speċifikament fl-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej; jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni, bi qbil mal-proċess ta' governanza ekonomika, tibqa' s-sors ewlieni ta' tali investiment pubbliku, u għaldaqstant hu tal-fehma li għandhom jintużaw is-sinerġiji bejn il-FEIS u fondi oħrajn, speċjalment il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE); jappella biex jiġu esplorati sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u l-programm qafas Orizzont 2020; iħeġġeġ il-parteciġazzjoni kruċjali ta' sħab privati u ta' investituri privati sabiex il-FEIS ikun ta' suċċess u jenfasizza l-potenzjal tiegħu għall-ħolqien ta' impjiegi; jitlob, fl-istess ħin, li jkun hemm kontroll demokratiku sħiħ tal-FEIS fil-livell tal-UE; hu tal-fehma li kwalunkwe finanzjament iddevjat mill-Orizzont 2020 u mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jwassal għal ammont indaqs jew akbar ta' investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-infrastruttura diġitali, it-trasport u l-enerġija, rispettivament, u jstieden lill-Kummissjoni taħtaf l-opportunità li nġhatatilha permezz tal-eżerċizzju ta' rieżami obligatorju tal-2016 biex tħejji kumpens għal dawn iż-żewġ programmi;

22. Jitlob l-implimentazzjoni rapida tal-istrategġija tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, b'infrastrutturi aħjar u bi proġetti b'valur miżjud Ewropew fis-setturi tat-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni li huma essenzjali għall-funzjonament tas-suq uniku;

23. Jinnota li l-Kummissjoni għandha tnedi "rieżami postelettorali" sostanzjali u komprensiv tal-QFP 2014-2020 fl-2016, flimkien ma' proposta leġiżlattiva li temenda r-Regolament QFP, bħala mezz biex jintuża l-baġit tal-UE u b'hekk jikkontribwixxi għall-irkupru tal-ekonomija Ewropea; jinnota li revizzjoni leġiżlattiva obligatorja tal-QFP kienet waħda mit-talbiet ewlenin tal-Parlament fin-negożjati tal-QFP; jagħti, għaldaqstant, importanza assoluta lil dan il-proċess; jesprimi li hu lest li jaħdem b'mod konstruttiv lejn is-sejbien ta' soluzzjonijiet għal numru ta' kwistjonijiet pendenti, inklużi dawk relatati mal-finanzjament tal-fond ta' garanzija FEIS;

24. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tislet lezzjonijiet mill-konklużjonijiet mistennija tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji sal-aħħar tal-2016, u biex tagħmel proposti konkreti tul il-mandat tagħha; itenni l-impjenji tiegħu għal riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE qabel it-tnedija tal-QFP li jmiss;

25. Itenni t-tħassib qawwi tiegħu dwar il-ħlasijiet arretrati akkumulati li mminaw il-kredibilità tal-UE; jilqa' l-adozzjoni ta' dikjarazzjoni konġunta mill-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament dwar pjan ta' pagament għall-2015-2016 bl-għan li jitnaqqsu l-ħlasijiet arretrati għal livell sostenibbli sal-aħħar tal-2016; ifakkar lill-Kummissjoni fl-impenn tagħha li tiskrutinizza mill-qrib l-implimentazzjoni tal-programmi 2014-2020, li tistabilixxi sistema ta' twissija bikrija u tipproponi l-emenda tal-baġits mingħajr dewminen, jekk il-livell ta' pagamenti awtorizzati fl-2016 ma jkunx suffiċjenti;

26. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi miżuri għat-titjeb tal-iskambju ta' informazzjoni u għal żieda fil-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u mal-aġenziji tal-UE, speċjalment rigward il-kriterji ta' twissija, u biex il-ħruġ ta' twissijiet isir obligatorju rigward persuni akkużati jew suspettati b'terroriżmu; jistieden lill-Kummissjoni tuża riżorsi tekniċi u finanzjarji sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni fil-livell tal-UE u skambji tal-aħjar Prattiki fil-ġlieda kontra l-propaganda terroristika, in-netwerks radikali u r-reklutaġġ permezz tal-Internet; jitlob b'mod partikolari, f'dan ir-rigward, li l-Europol jingħata l-mezzi kollha meħtieġa biex jiġu indirizzati t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata skont il-mandat tiegħu;

27. Jenfasizza li l-ilħuq ta' ftehimiet kummerċjali ġodda huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' qafas ekonomiku Ewropew kompetittiv u li jħares' il barra, u li jkun kapaċi jwassal benefiċċji tangiġibbli u prezzijiet aktar baxxi għall-konsumaturi u joħloq impjiegi ġodda bil-ftuħ tas-swieq ta' pajjiżi terzi u d-diversifikazzjoni tal-esportazzjoni; ifakkar fil-fehma tiegħu li l-ftehimiet ta' kummerċ ibbilanċjati jistgħu jipprovdur regoli għall-globalizzazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant,

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

tiżgura li l-istandards Ewropej ma jiġux kompromessi u jenfazizza li l-kummerċ jeħtieġ li jagħti sehmu fil-ġlieda kontra l-faqar u t-tisħiħ tal-iżvilupp barra mill-UE; iqis li t-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ u l-investment fid-dinja kollha għandhom għaldaqstant jibqgħu prijorità ewlenija tal-istrateġija kummerċjali tal-UE; jappoġġa l-isforzi tal-Kummissjoni fin-negozjati kummerċjali bilaterali u multilaterali li għadhom għaddejjin biex jintlaħaq eżitu pożittiv għal ftehimiet kummerċjali ta' benefiċċju reċiproku fl-2016; jenfazizza li hemm bżonn ta' sforzi sostnuti tal-UE sabiex jittieħed vantaġġ mill-proċess miftuħ fl-2013 permezz tal-pakkett ta' Bali maqbul bħala parti min-negozjati multilaterali taċ-Ċiklu ta' Doha li għandhom iwittu t-triq għal stabilità ekonomika dinjija; jenfazizza l-ħtieġa għall-inkorporazzjoni ta' kapitlu dwar aktar kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa, ir-rifuġi fiskali, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus fil-kummerċ bilaterali, plurilaterali u multilaterali tal-UE;

28. Jitlob lill-Kummissjoni timmira għal strateġija ta' politika barranija u ta' sigurtà konsistenti u koerenti li tifttex li tidentifika l-isfidi ġodda u emerġenti fl-ambjent tas-sigurtà li qed jinbidel b'mod rapidu sabiex l-UE tkun tista' tiffaċċja u tindirizza l-interessi li trid tiddefendi u l-valuri li trid tippromwovi, kif ukoll biex tipprovdi s-sigurtà għaċ-ċittadini tal-UE u biex jinħoloq ambjent għal paċi u stabilità sostnuti; ifakkar, f'dan il-kuntest, l-importanza tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali u l-bżonn li l-UE twettaq rwol importanti fid-dinja fir-rigward tal-iżvilupp, il-ħolqien tal-paċi u l-bini tal-paċi, l-ghajjnuna umanitarja u l-promozzjoni dinjija tad-drittijiet tal-bniedem;

IT-TIENI PARTI

Spinta ġdida għall-impjegi, it-ktabbir u l-investment

29. Jistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti proposta għall-fażi li jmiss tal-istrateġija Ewropa 2020 li tissodisfa l-isfidi tal-kompetizzjoni globali, it-tranżizzjoni tal-enerġija, ir-rivoluzzjoni diġitali u t-tendenzi demografiċi; iqis li din il-proposta għandha tgħaqqad bidla strutturali ma' inizjattivi kbar ta' investment filwaqt li tibni fuq l-istrumenti eżistenti (baġit tal-UE, FEIS);

30. Jenfazizza r-rwol essenzjali tal-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi li jrawmu l-innovazzjoni, il-produttività, il-ħolqien tal-impjegi u l-investment mill-parteċipanti kollha fis-suq uniku u fil-mudelli kollha tan-negozju, inklużi l-SMEs; jitlob lill-Kummissjoni tinforza b'mod strett ir-regoli dwar l-antitrust, l-ghajjnuna mill-Istat u l-kontroll tal-fużjonijiet sabiex jinkiseb suq intern li jiffunzjona tajjeb;

31. Jappoġġa l-iżvilupp ta' unjoni tas-swieq kapitali, filwaqt li jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa li jiġi żgurati li r-riskji finanzjarji sistemiċi ma jiżdidux u li dan ikun mogħni bl-infrastruttura meħtieġa u s-supervizzjoni msaħħa sabiex tingħata spinta lill-kreditu mhux bankarju sostenibbli u ssir promozzjoni tal-investment fit-tul b'appoġġ għall-ekonomija reali;

32. Jistieden lill-Kummissjoni tneħħi l-ostakli fis-suq uniku sabiex jitjeb il-finanzjar tal-kumpaniji, b'mod partikolari l-SMEs u l-mikrointrapriżi, sabiex tingħata spinta lis-settur tal-investment privat; jitlob it-tisħiħ u l-implimentazzjoni sħiħa tar-regoli tas-suq intern tal-UE, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex b'mod konsistenti tiżviluppa d-dimensjoni esterna tas-suq uniku fi ħdan il-politiki kummerċjali tal-UE, bl-għan li jissaħħu l-kompetittività u l-ħarsien tal-konsumatur tal-UE filwaqt li tiġi evitata kompetizzjoni inġusta minn oġġetti u prodotti li ma jikkonformawx mal-istandards ta' sikurezza, ambjentali u soċjali tal-UE;

33. Jitlob li jkun hemm politika industrijali ambizzjuża tal-UE li tippermetti l-iżvilupp ta' oġġetti ġodda u r-ristrutturar tal-proċessi industrijali permezz tal-innovazzjoni, bil-ħsieb li l-industrija tal-UE tiġi modernizzata u permezz tal-ġestjoni tat-tranżizzjoni diġitali tas-settur u l-provvista ta' ħilet diġitali għall-isfruttar tagħha;

34. Iqis li l-istrateġija Ewropa 2020 li tkopri l-kompetittività, it-ktabbir u l-impjegi, fid-dimensjoni soċjali tagħha għandha tiġi mmirata sabiex issostni u ttejjeb permezz tal-koordinazzjoni tal-politika soċjali tal-Istati Membri, fost l-oħrajn permezz ta' punti ta' riferiment jew, fejn ikun neċessarju, permezz ta' leġiżlazzjoni, sett ta' standards soċjali fundamentali bħall-kwalità tas-servizzi tal-impjeg pubbliku, għoti ta' benefiċċji tal-qgħad marbuta ma' miżuri ta' attivazzjoni, aċċess għas-servizzi tal-kura tas-saħħa, servizzi għall-kura tat-tfal ta' kwalità tajba u li wieħed ikun jista' jaffordja, taħriġ vokazzjonali u tagħlim matul il-ħajja; huwa tal-opinjoni li l-miri soċjali tal-Ewropa 2020 u t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-indikaturi soċjali u tal-impjeg ewlenin jistgħu jintużaw biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards fundamentali;

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

35. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiffinalizza u tippreżenta pakkett dwar il-mobilità tal-forza tax-xogħol sa tmiem is-sena, li jindirizza wkoll l-effetti negattivi tal-mobilità tal-forza tax-xogħol; jitlob ispezzjonijiet transkonfinali qawwija tax-xogħol għall-ġlieda kontra l-abbuż; iqis li l-mobilità fl-Ewropa kollha huwa dritt bażiku; jistieden lill-Kummissjoni, barra minn hekk, biex tieħu azzjoni sabiex tippromwovi l-integrazzjoni u l-impjegabilità tal-ħaddiema Ewropej; ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-impenn tagħha rigward id-Direttiva dwar l-Istazzjonar tal-Ħaddiema;

36. Jitlob li jkun hemm azzjoni konkreta li telimina d-diskriminazzjoni persistenti fis-suq tax-xogħol, b'mod speċjali fir-rigward ta' ħaddiema anzjani, daww qiegħda fit-tul, nisa, ħaddiema b'diżabilità u ż-żgħażaġh; ifakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati l-problemi ta' daww li ilhom qiegħda fit-tul, mhux biss permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ iżda wkoll permezz l-inklużività tas-swieq tax-xogħol, pariri u appoġġ aħjar għal daww li qed ifittxu xogħol, sussidji għar-reklutaġġ immirati u benefiċċji relatati max-xogħol;

37. Jittama li l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, inkluż l-appoġġ mill-Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ, tibda tħalli l-frott, u jesprimi r-rieda tiegħu li jappoġġa kull inizjattiva, inkluża kwalunkwe inizjattiva finanzjarja, biex issaħħaħ dan il-programm tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-edukazzjoni u t-taħriġ jibqgħu fost l-ogħla prijoritajiet tagħha, inkluż tfassil mill-ġdid tal-ħiliet meħtieġa għas-suq tax-xogħol attwali u futur, waqt li tiffoka fuq kwalità għolja, effikaċja, aċċessibilità u ugwaljanza; huwa tal-fehma li għandha tingħata attenzjoni partikolari għat-tagħlim tul il-ħajja, sistemi duwali, ir-rikonoxximent ta' diplomi u l-appoġġ għal miżuri biex jitnaqqsu r-rati ta' tluq bikri mill-iskola sabiex ikun żgurat li l-istudenti jakkwistaw il-ħiliet ta' litteriżmu bażiċi, kif definiti skont il-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) u skont il-kompetenzi tat-Trattat; jitlob enfasi akbar fuq il-finanzjament u l-faċilitazzjoni tal-mobilità taż-żgħażaġh, b'mod partikolari permezz ta' apprendistati, b'mod li jippermetti l-ogħla livell ta' ħiliet disponibbli u l-impjegji disponibbli fis-suq uniku;

38. Jemmen li l-aċċessibilità, l-affordabilità u l-kwalità tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa għat-tfal hija kruċjali biex jiġi żgurat li l-ebda tifel jew tifla ma jitħalla lura u jistieden lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex tirrifletti dwar aktar azzjonijiet li jippromwovi l-investment soċjali, u b'mod partikolari biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal;

39. Ifakkar li bilanċ xieraq bejn il-flessibilità u s-sigurtà għal min iħaddem u għall-impjegati għandhom jitqiesu fi kwalunkwe proposta leġislattiva ġdida, kif ukoll kunsiderazzjonijiet rigward ix-xogħol u kunsiderazzjonijiet soċjali, inkluż l-impatt tat-tixjij u tal-ħtiġijiet tal-ħiliet; jinnota li l-kunċett ta' "ħaddiem" huwa multidimensjonali minħabba forom ġodda ta' impjeg u impjeg indipendenti u jeħtieġ li jiġi indirizzat bl-għan li jiġu miġġielda inugwaljanzi, li jistgħu ipoġġu friskju l-ġustizzja u l-effikaċja tal-ekonomija tas-suq soċjali tagħna; ifakkar lill-Kummissjoni dwar it-talba tagħha għal reviżjoni tad-Direttiva 2004/37/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-karċinoġeni u l-mutaġeni fuq ix-xogħol, li kienet mistennija sal-aħħar tal-2012;

40. Jenfasizza l-importanza li l-appoġġ li l-politika ta' koeżjoni tagħti lill-SMEs bħala s-sinsla tat-tkabbir u l-impjegji tal-UE, u jappella għall-istabbiliment ta' sinerġiji bejn il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, il-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-SMEs (COSME) u l-programm Orizzont 2020;

41. Jenfasizza l-implimentazzjoni kontinwa tal-Orizzont 2020, partikolarment l-isforzi tiegħu lejn attenzjoni akbar biex riċerka ta' livell dinji tiġi trasformata fi prodotti u servizzi li jistgħu jikkontribwixxu biex jagħtu l-ħajja lill-kompetittività tal-ekonomiji Ewropej;

42. Jappella għal proposti biex jiġi żviluppat il-potenzjal tas-settur kulturali u kreattiv bħala sors ta' impjegji u tkabbir; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (DPI) u jhegġegħ lill-Kummissjoni ssegwi l-pjan ta' azzjoni tagħha għall-ġlieda kontra l-ksur tad-DPI, inkluż rieżami tad-Direttiva dwar l-Infurzar tad-DPI, li hija inadegwata għall-era diġitali u insuffiċjenti biex tiġġielded kontra l-ksur onlajn, u biex tkompli wkoll il-ħidma fuq il-Green Paper dwar iċ-ċaħda tad-debitu u skemi relatati bħala dritt potenzjalment fl-UE kollha li jiġu rkuprati flus li jkunu ntużaw, intortament, għax-xiri ta' oġġetti ffalsifikati; jistieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ aktar il-mandat tal-Osservatorju tal-UE dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali, u jilqa' l-ħolqien mill-Kummissjoni ta' grupp ta' esperti dwar l-infurzar tad-DPI;

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

43. Jilqa' l-għan tal-Kummissjoni li tirtira l-proposta għal Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ u jenfasizza li l-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni kif imħabbra fil-Kommunikazzjoni dwar is-Suq Diġitali Uniku għandha tiġi bbażata fuq il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari;

44. Jissottolinja l-importanza ta' settur tas-servizzi finanzjarji kompetittiv li jagħti prodotti ta' beneficiċċju u informazzjoni trasparenti lill-konsumaturi; jenfasizza li dan se jżid il-fiduċja fost il-konsumaturi fil-prodotti tas-servizzi finanzjarji;

45. Jinsab allarmat dwar il-possibilità li ċ-Ċina għaddejja minn kriżi ekonomika u finanzjarja, b'reazzjoni għal meta nfaqqhet il-bużżieqa tas-suq azzjonarju; iwissi dwar il-konsegwenzi possibbli ta' evidenza ta' nuqqasijiet sistemiċi fl-istruttura Ċiniża tas-servizzi finanzjarji;

Il-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa

46. Jilqa' l-pubblikazzjoni ta' pakkett ġdid tal-politika tat-taxxa u jitlob lill-Kummissjoni turi ambizzjoni fli tftitex li tiżgura sistema ġusta tat-tassazzjoni, ibbażata fuq il-prinċipju li t-taxxi għandhom jitħallsu fil-pajjiż fejn jiġu ġġenerati l-profitti, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet tas-suq intern u kompetizzjoni inġusta;

47. Jilqa' l-ħidma li saret mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex jippromwovu b'mod attiv il-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa, l-evażjoni tat-taxxa, l-ippjanar tat-taxxa aggressiv u l-użu tar-rifuġji fiskali, permezz tal-użu tal-għarfien espert tal-OECD fit-trawwim ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa fil-fora internazzjonali kollha rilevanti;

48. Jistieden lill-Kummissjoni biex tohròg b'kommunikazzjoni għall-iżvilupp ta' definizzjoni tal-UE ta' rifuġji fiskali (ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx) ibbażata fuq il-kriterji tal-OECD; jemmen li din il-politika għandha tiġi mlaqqa' ma' fehma ċara ta' kif il-lista għandha tkun użata; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tohròg b'inizjattiva mtejba tal-UE dwar bażi Komuni Konsolidata tat-Taxxa Korporattiva obbligatorja, anki jekk il-parti ta' konsolidazzjoni tkun posposta fl-ewwel stadju, li għandha tirriżulta f'implikazzjonijiet amministrattivi konsiderevoli u tinkludi reġim tranżitorju bla xkiel;

Suq uniku diġitali konness u inklużiv

49. Ifakkar bil-qawwa lill-Kummissjoni li suq uniku diġitali (DSM) ma jkunx possibbli mingħajr mekkaniżmu xieraq biex jiskatta investimenti fil-post, u jappoġġa l-prijoritizzazzjoni tas-DSM fid-dawl tal-opportunitajiet li attivitajiet diġitali jistgħu jiġġeneraw b'referenza għall-ħolqien ta' xogħlijiet u start-ups ġodda, it-tisħiħ tal-innovazzjoni, l-ġhota ta' spinta lill-produttività, iż-żieda tal-kompetittività, li għaldaqstant jirriżulta fi tkabbir; jenfasizza l-ħtieġa tal-appoġġ tal-iżvilupp tas-settur diġitali, li għandu jiggarrantixxi lil kull ċittadin Ewropew konnessjoni bl-ogħla veloċità u bl-aktar prezz baxx possibbli;

50. Jirrikonoxxi l-impenn tal-Kummissjoni biex tiżblokka l-potenzjal tal-ekonomija diġitali billi tikkonċentra l-approċċ tagħha fuq tliet pilastri, bl-għan li jkun hemm aċċess aħjar għall-konsumaturi u n-negozji u ambjent aħjar għall-iżvilupp tas-servizzi diġitali; jenfasizza l-ħtieġa ta' ħidma ma' regolaturi globali rigward il-kompetizzjoni, is-sikurezza u s-sigurtà; jinsisti dwar l-importanza tat-titjib tal-aċċess għan-netwerk għall-konnessjonijiet broadband b'veloċità għolja sabiex tiġi indirizzata d-diviżjoni diġitali; jilqa' t-tħabbir ta' inizjattiva Ewropea ta' "fluss ħieles tad-data", li jeħtieġilha tneħħi l-ostakli eżistenti għas-suq uniku għad-data;

51. Jappoġġa l-isforzi tal-Kummissjoni biex tikkonkludi r-Regolament tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data;

52. Jemmen li t-tneħħija tal-burokrazija żejda u mhux ġustifikata jew tal-ostakli regolatorji jew nonregolatorji sproporzjonati għas-Suq Uniku Diġitali hija wkoll meħtieġa sabiex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal ta' trasformazzjoni diġitali tal-industrija u l-kummerċ elettroniku transkonfinali; jemmen li miżuri aktar immirati jistgħu jiġu kkunsidrati sabiex tinbena fiduċja tal-konsumatur akbar u tiżdied il-protezzjoni tad-data fix-xiri ta' beni u servizzi diġitali madwar l-UE, peress li t-tnejn huma vitali sabiex l-Ewropej ikollhom fiduċja fis-Suq Uniku Diġitali bħala parti mid-diġitalizzazzjoni tal-ħajja tagħhom ta' kuljum;

53. Jitlob lill-Kummissjoni tqis il-konverġenza kontinwa tat-teknoloġija fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (AVMS) billi tagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa biex taġġusta u tivvalida għall-futur il-qafas regolatorju; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tippromwovi l-industriji kulturali u kreattivi u tappoġġa u tippromwovi l-

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

istabbiliment tas-Sena Ewropea għall-Wirt Kulturali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li s-settur kulturali u kreattiv jammonta għal sa 4,5 % tal-PDG tal-UE u sa 8,5 miljun impjeg, u għaldaqstant mhux biss hu essenzjali għad-diversità kulturali iżda wkoll jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku fl-UE kollha;

54. Jittama li jkun hemm rieżami ambizzjuż tad-Direttiva Servizz Universali biex taġġorna d-drittijiet tal-utenti finali;

Id-Dritt tal-Awtur

55. Jitlob sforzi ulterjuri għall-iżvilupp u l-immodernizzar tal-liġijiet tal-UE dwar il-proprjetà intellettuali, b'mod partikolari fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur, sabiex jintgħamlu xierqa għall-era diġitali u jiġi ffaċilitat l-aċċess transkonfinali għall-kontenut kreattiv skont kundizzjonijiet ġusti u raġonevoli madwar l-UE, u b'hekk tiġi maħluqa ċertezza ġuridika waqt li d-drittijiet tal-awturi u l-artisti tal-ispettaklu jiġu mħarsa; l-iżgurar ta' remunerazzjoni adegwata u l-indirizzar tal-piraterija diġitali dwar il-valur u l-impjeg fis-setturi kulturali u kreattivi; jistieden lill-Kummissjoni biex tibbaża kwalunkwe inizjattiva leġislattiva għall-modernizzazzjoni tad-drittijiet tal-awtur fuq evidenza indipendenti; iqis li d-drittijiet tal-awtur għandhom iżommu l-funzjoni primarja tagħhom, jiġifieri li jippermettu li l-awturi jiġu kkompensati għall-isforzi tagħhom permezz ta' oħrajn li jużaw ħidmiethom; jenfasizza l-fatt li l-kontribut importanti ta' metodi tradizzjonali ta' promozzjoni tal-kultura reġjonali u Ewropea m'għandux ikun imxejkel minn proposti ta' modernizzazzjoni jew riforma;

Unjoni tal-Enerġija reżiljenti li tħares 'il quddiem fil-politika dwar it-tibdil fil-klima

56. Jissottolinja l-fatt li l-Unjoni tal-Enerġija tista' tinkiseb permezz ta' azzjoni msaħħa tal-UE fl-oqsma segwenti: suq intern tal-enerġija kompetittiv, sistema Ewropea ta' governanza b'saħħitha, riċerka u innovazzjoni, investimenti ġodda li jtejbju l-infrastruttura u l-interkonnetturi transkonfinali li jressqu s-sostenibilità u s-sigurtà lejn tranżizzjoni ta' enerġija li tagħti spinta lit-tkabbir u lill-ħolqien tax-xogħol u li, fit-tul, toffri prezzijiet tal-enerġija li jistgħu jintlaħqu għad-djar u għall-industrija u għalhekk tipprevjeni u tindirizza il-faqar enerġetiku;

57. Jitlob il-promozzjoni ta' investiment ekoloġiku, fosthom permezz tal-pjan ta' investiment strateġiku, u għal qafas tal-politika fit-tul u stabbli għall-promozzjoni ta' ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, li jsaħħu l-oġġettivi tal-UE għal tnaqqis fl-emissjonijiet ta' CO₂, li jżidu s-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u li jtejbju l-effiċjenza tal-enerġija, li jinvolvu investiment fi grilla elettrika pan-Ewropea u enfasi fuq il-bini bbażat b'mod aktar sħiħ fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli;

58. Jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi lill-Parlament bis-sħiħ fi sforzi komuni għall-ġlieda kontra t-tisħin globali, filwaqt li tiżgura li titqies l-azzjoni klimatika fil-politiki kollha tal-UE billi jiġu adattati għar-realtajiet tat-tibdil fil-klima, u jitlob għal proposti leġislattivi sabiex jiġi impliment il-pakkett tal-klima u l-enerġija 2030 skont il-proċedura leġislattiva ordinarja;

59. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva (2009/28/KE), dwar l-Enerġija Rinnovabbli, flimkien ma' proposti għal regolamentazzjoni effikaċi, anki mill-Parlament, sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-oġġettivi ambizzjużi għall-enerġija rinnovabbli;

60. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta għadd ta' inizjattivi sabiex jiġi stabbilit qafas ambizzjuż għall-klima u l-enerġija għall-2030 bħala l-kontribut min-naħa tal-UE għall-konklużjoni ta' ftehim globali dwar il-klima qabel is-summit f'Pariġi dwar il-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima; jenfasizza l-importanza tal-ħolqien ta' momentum lejn ftehim robust, universali, ġust u legalment vinkolanti; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li jingħata segwitu xieraq għal-laqgħa ta' Pariġi u tressaq proposti leġislattivi li jiżguraw ratifika f'waqtha tal-Ftehim;

61. Jitlob proposta leġislattiva dwar id-distribuzzjoni tal-miri għall-2030 tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur li ma jaqax taħt l-ETS, u jitlob rieżami tal-qafas leġislattiv għall-effiċjenza enerġetika, inkluż ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, u aspetti oħra relatati mal-governanza tal-qafas tal-2030, u revizzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli;

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

62. Ihegġegħ lill-Kummissjoni wkoll biex tagħti prijorità lill-indipendenza ġeopolitika tal-UE permezz ta' pożizzjonijiet unifikati ta' negozjar tal-UE fir-rigward ta' pajjiżi terzi, fosthom permezz tar-reviżjoni f'waqtha tar-Regolament tas-Sigurtà tal-Provvista tal-Gass u tad-deċiżjoni biex jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' ftehimiet intergovernattivi fil-qasam tal-enerġija; jisħaq fuq l-importanza tal-affordabilità, is-sostenibilità u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija; jenfasizza li filwaqt li d-dritt ta' kull Stat Membru biex jiddeċiedi t-taħlita tiegħu ta' sorsi ta' enerġija; huwa garantit mit-Trattat, il-kooperazzjoni reġjonali (eż. fir-reġjuni Baltiku, ir-reġjun tax-Xlokk tal-Ewropa, ir-reġjun tal-Punent tal-Ewropa u l-Ewropa Ċentrali, u r-reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana) tagħti lok għal iffrankar tal-ispejjeż u benefiċċji għas-sistema tal-enerġija Ewropea;

Kwistjonijiet ambjentali u ta' saħħa

63. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-Pakkett dwar il-Kwalità tal-Arja u l-implimentazzjoni tar-Regolament REACH; jitlob approċċ aktar bilanċjat lejn miżuri ta' ekodiżinn abbażi tal-potenzjal tagħhom ta' konservazzjoni tal-enerġija u tar-relevanza tas-suq; jappoġġa bil-qawwa tikkettar tal-enerġija ċar bil-għan li jagħti għażla lill-konsumaturi, u jhegġegħ proposta ġdida dwar il-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari; jemmen li l-investment u l-inċentiv ta' bidla lejn ekonomija ċirkolari jistgħu jappoġġaw l-aġenda tal-Kummissjoni dwar l-impjigi, it-tkabbir u l-kompetittività, u, permezz tat-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq materja prima importata, għandhom il-potenzjal li jgħolqu sitwazzjoni li minnha jibbenefikaw il-partijiet ikkonċernati kollha involuti, bil-ħsieb li jvvanzaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari permezz ta' manifattura f'ċirku magħluq u żvilupp sostenibbli tal-prodotti;

64. Jitlob li jkun hemm segwitu komprensiv għar-rieżami ta' nofs it-term tal-Istrateġija tal-Bijodiversità tal-UE u r-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "L-Istat tan-Natura fl-Unjoni Ewropea", bil-għan li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet, tkun żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-istrateġija u jinkisbu l-miri tal-UE dwar il-bijodiversità; jenfasizza b'mod ġenerali li dan il-proċess m'għandux jittieħed bħala pretest biex jitbaxxa l-livell tal-ambizzjoni fi kwistjonijiet ta' importanza vitali għall-ħarsien tal-ambjent;

65. Jistenna li l-Kummissjoni tirrifletti dwar l-isfidi attwali fl-oqsma tal-ambjent u tas-saħħa, fejn l-istat tal-ambjent jolqot b'mod negattiv is-saħħa tal-bniedem, u li tagħmel progress fl-istrateġija pjanata, b'mod partikolari kriterji orizzontali b'bażi xjentifika għall-interferenti endokrinali, imsemmija fis-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali; jisħaq fuq il-ħtieġa għal pass 'il quddiem fil-Valutazzjoni tat-Teknoloġija Ewropea tas-Saħħa (HTA) fil-livell tal-UE li ma toħloqx livell żejjed ta' piż amministrattiv, kif ukoll il-ħtieġa li tiġi indirizzata r-reżistenza għall-antimikrobiċi; jistenna l-leġiżlazzjoni sekondarja prevista taħt id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk; jisħaq fuq il-ħtieġa għal rieżami urġenti tad-Direttiva dwar it-Tessuti u ċ-Ċelloli, biex din tilħaq il-konformità mal-prinċipju ta' donazzjoni bla ħlas, u r-Regolament dwar Terapiji Avvanzati, li jeħtieġ li jsir aktar applikabbli għall-SMEs;

66. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li kwalunkwe inizjattiva jew revizzjoni proposta mill-Kummissjoni fil-qasam tas-saħħa u tas-sikurezza tal-ikel tkun ibbażata fuq provi xjentifiċi b'saħħithom;

Settur tat-trasport integrat u effiċjenti

67. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura monitoraġġ aħjar u implimentazzjoni korretta tal-politika tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew (TEN-T), mill-ippjanar sal-implimentazzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa biex il-kuraturi tan-netwerk TEN-T jinġiebu 'l-quddiem bil-għan li n-netwerks tat-trasport tar-reġjuni tal-UE kollha jiġu konnessi, tittejjeb l-infrastruttura u jitneħħew l-ostakli, speċjalment bejn il-Lvant u l-Punent; jisħaq fuq l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa tal-programm ta' azzjoni NAIADES II;

68. Jitlob miżuri konkreti li jiżguraw l-aċċessibilità ta' trasport pubbliku effiċjenti, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet intelliġenti u innovattivi, u l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi finanzjarji għal mobilità urbana sostenibbli u infrastrutturi ta' sistemi ta' trasport interkonnessi, inkluż trasport sostenibbli b'teknoloġija innovattiva u sostenibbli u karburanti alternattivi;

69. Jitlob li jiġi determinat prezz ġust u effiċjenti għal trasport sostenibbli permezz tar-reviżjoni tad-Direttiva Eurovignette u l-qafas għall-promozzjoni ta' Servizz Ewropew ta' Pedagoġġ Elettroniku, it-fassil ta' pjan direttur għall-istabbiliment tas-Sistemi Kooperattivi tat-Trasport Intelliġenti, rieżami tad-Direttiva dwar il-Promozzjoni ta' Vetturi ta' Trasport bit-Triq Nodfa u Effiċjenti fl-Enerġija u rieżami tar-regoli tal-aċċess għas-suq għat-trasport bit-triq bil-ħsieb li tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tiegħu;

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

70. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora modi biex tiżgura kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi tat-trasport u tindirizza l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tat-trasport bit-triq u ttejjeb is-sikurezza fit-triq;

71. Jenfasizza li, fir-rigward tal-Pakkett tal-Avjazzjoni, strateġija għall-kompetittività, revizzjoni tar-Regolament (KE) Nru 868/2004, li jikkonċerna prezzijiet inġusti fl-avjazzjoni, u revizzjoni tar-Regolament dwar l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (Regolament (KE) Nru 216/2008), huma prijoritajiet ewlenin;

Politiki fil-qasam tal-agrikoltura u tas-sajd

72. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni favur is-simplifikazzjoni, kif ukoll il-kontroll tal-idoneità propost u l-ewalwazzjoni tal-PAK bil-għan li titnaqqas il-burokrazija żejda u jitneħħew il-piżijiet regolatorji; jitlob proposta li tiffaċilita l-implimentazzjoni tar-riforma bil-għan li jiġi żgurat li l-piż amministrattiv għall-bdiewa u l-awtoritajiet tal-Istati Membri jinżamm fil-minimu assolut; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat ir-rwol vitali tal-PAK fl-iżgurar li s-sikurezza tal-ikel tiġi ppreservata, jiġi stimulat it-tkabbir tal-esportazzjoni fl-industrija agroalimentari tal-UE u l-iżvilupp ta' swieq ġodda, il-ħarsien ta' aċċess ġust għall-esportaturi, u jisħaq fuq il-fatt li l-istandards għoljin ħafna tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel u s-saħħa m'għandhomx jiġu kompromessi; jitlob li l-konnessjonijiet bejn ir-riċerka, il-bdiewa u l-industrija jissaħħu permezz tal-innovazzjoni;

73. Jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-bdiewa jantiċipaw il-kriżijiet fis-suq, permezz ta' għodod ġodda u b'saħħithom maħsuba biex jevitaw it-telf ta' introjtu, kif ukoll billi tikkomunika t-tibdil fil-kundizzjonijiet tas-suq permezz ta' informazzjoni preċiża u, jekk jista' jkun, f'ħin reali;

74. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jittieħdu miżuri b'saħħithom biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi fil-katina tal-provvista tal-ikel, b'mod partikolari biex jiġu żgurati ġustizzja u trasparenza fir-relazzjoni bejn il-produtturi primarji, il-proċessuri, il-fornituri u d-distributuri, u jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga l-iżbilanċi fil-katina tal-provvista u r-rwol sostenibbli tal-produttur primarju fil-katina;

75. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali, li huma waħda mill-għodod ewlenin għall-implimentazzjoni tal-PKS riformata bil-għan li jsir sfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-qafas leġiżlattiv dwar il-miżuri tekniċi, li huwa diġà mistenni fl-2015, skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

76. Jitlob lill-Kummissjoni, bħala parti mill-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, tkompli bl-isforzi tagħha biex toħloq l-impjiegi billi tapplika l-kunċett ta' ekonomija ċirkolari u tistabbilixxi sinerġiji fis-settur tal-baħar u s-settur marittimu b'mod ġenerali (tkabbir blu);

77. Jenfasizza li r-regolament dwar il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (sajd IUU) kien suċċess u għandu jkompli jiġi implimentat fl-2016, b'mod partikolari kontra pajjiżi li ma jikkooperawx u l-organizzazzjonijiet kollha li jikkontribwixxu għas-sajd IUU; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura l-koerenza tal-politiki kollha tal-UE, fosthom il-PKS u l-politika kummerċjali;

78. Jisħaq li l-oġettiv li jkun hemm ekotikketa unika Ewropea għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura jrid jiġi segwit permezz ta' rapport;

Unjoni Ekonomika u Monetarja aktar profonda u aktar ġusta

79. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, bl-użu tal-metodu Komunitarju, tagħti segwitu għar-"rapport tal-ħames Presidenti" u tippreżenta pjan ta' azzjoni ambizzjuż li jressaq il-miżuri kollha meħtieġa biex l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM) issir aktar reżiljenti u tinbidel f'qafas għal koordinazzjoni aħjar u konverġenza strutturali msaħħa;

80. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri biex ittejjeb l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, u biex thaffew u tinforza l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali u investimenti mmirati biex jimmodernizzaw l-ekonomija tal-UE, bl-użu tal-għodod previsti fis-"Six-Pack" u fit-"Two-Pack", u fil-leġiżlazzjoni ta' governanza ekonomika; jistieden lill-Kummissjoni tqis b'mod xieraq id-dmirijiet u s-setgħat tagħha taħt il-leġiżlazzjoni "Two-Pack" meta tindirizza pajjiżi taħt sorveljanza msaħħa jew taħt programm ta' aġġustament makroekonomiku;

Politiki tal-kummerċ internazzjonali

81. Ifakkar il-fehma tiegħu li ftehimiet ta' kummerċ ibbilanċjati jistgħu jipprovdu regoli għall-globalizzazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tiżgura li l-istandards Ewropej ma jiġux kompromessi u jenfasizza li l-kummerċ jeħtieġ li jagħti sehemu fil-ġlieda kontra l-faqar u t-tisħiħ tal-iżvilupp barra mill-UE; iqis li t-tneħħija tal-ostakli għall-kummerċ u l-investiment fid-dinja kollha tibqa' prijorità ewlenija tal-istrateġija kummerċjali tal-UE; jinnota, f'dan ir-rigward, li r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Ostakli għall-Kummerċ u l-Investiment 2014 jindika ostakli sinifikanti u mhux ġustifikati fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE ma' pajjiżi terzi ewlenin; itenni, għalhekk, l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tissokta b'din l-aġenda u tiġġieled kontra l-miżuri protezzjonisti mhux ġustifikati;

82. Jinnota l-importanza tal-Ftehim dwar is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment (TTIP); ifakkar lill-Kummissjoni fl-importanza tal-kooperazzjoni, tat-trasparenza u tal-iskambju ta' informazzjoni mal-Parlament tul il-proċess kollu;

Kwistjonijiet oħra dwar il-kummerċ

83. Jistieden lill-Kummissjoni tantiċipa r-reviżjoni tar-Regolament dwar arranġamenti tranżitorji għal trattati bilaterali ta' investiment iprogrammata għall-2020 b'mod li toħloq l-istrumenti meħtieġa biex jittieħdu miżuri addizzjonali fl-elaborazzjoni tal-politika tal-UE dwar l-investiment;

84. Jitlob lill-Kummissjoni tkompli bil-ħidma tagħha lejn ftehimiet ta' kummerċ ħieles ġodda u riveduti, u jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippromovi abbozzi ta' direttivi lill-Istati Membri għall-modernizzazzjoni tal-ftehimiet eżistenti mal-Messiku, maċ-Ċili u mat-Turkija;

85. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' progress lejn ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Indja, u jappella biex il-Kummissjoni tagħmel aktar sforzi biex jingħelbu l-ostakli attwali fin-negozjati;

86. Jenfasizza li l-multilateraliżmu jrid jibqa' jikkostitwixxi objettiv essenzjali tal-politika kummerċjali tal-UE, u jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha biex tilħaq ftehim fl-Għaxar Laqgħa Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) f'Nairobi f'Diċembru 2015;

Żona ta' ġustizzja u drittijiet fundamentali bbażata fuq il-fiducia reċiproka

87. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tindirizza n-nuqqasijiet u l-lakuni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 2 tat-TUE u l-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE, b'mod partikolari r-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi, fost oħrajn permezz ta' mekkaniżmu vinkolanti li jistrieħ fuq sett ta' indikaturi oġġettivi, biex b'hekk tippermetti rispons gradwali għall-ksur ta' dawn il-valuri, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell tal-Istati Membri; ifakkar li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem ser ikollu jiġi implimentat b'mod effikaċi permezz tal-konformità mad-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattati li jirrigwardaw id-demokrazija;

88. Jappella li jiġi finalizzat ftehim komprensiv u eżawrjenti dwar il-protezzjoni tad-data bejn l-UE u l-Istati Uniti u li r-reviżjoni tal-prinċipji li jipprovdu livell ta' protezzjoni xieraq (Safe Harbour) ikunu konformi u ma jippermettu l-ebda lakuna legali, bis-saħħa ta' Pakkett dwar il-Protezzjoni tad-Data ambizzjuż tal-UE li jistabbilixxi qafas leġiżlattiv ġdid fil-livell tal-UE għall-protezzjoni ta' data personali;

89. Jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina r-Regolament Brussell IIA dwar il-kwistjonijiet ta' kunflitt tal-liġijiet fid-dritt tal-familja bejn l-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tipprevjeni s-"sekwestru ta' minuri" internazzjonali permezz ta' skema ta' medjazzjoni u tippromwovi taħriġ speċifiku għal medjaturi u mħallfin li jittrattaw proċedimenti transnazzjonali li jinvolvu t-ftal, u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jiċċentralizzaw il-każijiet ta' sekwestru ta' minuri fi qrati speċjalizzati;

90. Jilqa' l-adozzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà għall-perjodu 2015-2020 u l-prijoritajiet stabbiliti fl-oqsma tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata transfruntiera u ċ-ċiberkriminalità, u jappoġġa bi sħiħ l-impenn tal-Kummissjoni fl-Istrateġija ta' Sigurtà Interna sabiex tgħin fl-indirizzar tat-tneħħija għas-sigurtà interna tal-Istati Membri fir-rigward tal-ġlieda barranin u t-terroriżmu; jenfasizza li l-UE għandha taċċetta t-tneħħija li qiegħda dejjem tikber ta' terroriżmu nazzjonali minn "ġlieda barranin", partikolarment minn individwi li jivvjaġġaw lejn stat ieħor, li ma jkunx l-istat ta' residenza jew nazzjonalità tagħhom, bl-għan li jwettqu, jippjanaw, jew jippreparaw atti terroristiċi jew biex jipprovdu jew jirċievu taħriġ terroristiku, inkluż b'rabta ma' kunflitti armati; jaqbel li l-prevenzjoni tal-estremiżmu vjolenti għandha tkun prijorità għall-UE;

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

91. Jistieden lill-Kummissjoni timpedixxi l-moviment ta' terroristi individwali permezz tat-tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, il-kontroll aktar sistematiku u effikaċi tad-dokumenti tal-ivvjaġġar, il-ġlieda kontra t-traffikar illegali tal-armi u l-użu frodulentu tal-identità, kif ukoll l-identifikazzjoni ta' żoni ta' riskju; jistenna l-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni dwar il-Pakkett Fruntieri Intelliġenti;
92. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni dwar skambju aħjar tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tgħin fit-titjib, l-intensifikazzjoni u l-aċċelerazzjoni tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni fl-infurzar tal-liġi u jappella għal kooperazzjoni operattiva aktar effikaċi fost l-Istati Membri permezz ta' kondiviżjoni aktar rapida u effiċjenti ta' data u informazzjoni rilevanti, b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tal-protezzjoni tad-data;
93. Jinnota l-proposti tal-Kummissjoni fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà dwar il-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità, u jinnota li organizzażjonijiet terroristiċi qeġhdin jużaw dejjem aktar it-teknoloġija tal-internet u tal-komunikazzjoni sabiex jipplanaw attackki, ixerrdu l-propoganda u jiġbru fondi; jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-kumpaniji tal-Internet u tal-midja soċjali jaħdmu flimkien mal-gvernijiet u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jiġġieldu din il-problema, filwaqt li jiġi żgurat li jiġu rrispettati bi sħiħ id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt;
94. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta dwar riforma tal-Mandat ta' Arrest Ewropew;
95. Itenni li l-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni tal-UE fi żmien l-iskadenzi tat-traspożizzjoni, u jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu miżuri xierqa kontra dawk l-Istati Membri li naqsu milli jittrasponu kif suppost id-Direttiva 2011/93/UE dwar l-abbuż sesswali tat-tfal; jistieden lill-Kummissjoni tkompli u tintensifika l-isforzi tagħha sabiex tassigura identifikazzjoni u protezzjoni aħjar tal-minuri kontra ċ-ċiberpredaturi;
96. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-progress lejn l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tindirizza l-sfidi ġuridiċi li għad fadal;
97. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli tiżgura l-implimentazzjoni tajba tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja u taħdem b'mod aktar sistematiku dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali;
98. Jistieden lill-Kummissjoni tgħin lill-UE tippromwovi d-djalogu b'mod attiv permezz ta' sħubija globali kontra t-terroriżmu, billi taħdem mill-qrib ma' atturi reġjonali bħalma huma l-Unjoni Afrikana, il-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf u l-Lega Għarbija, u b'mod partikolari mal-pajjiżi ġirien tas-Sirja u l-Iraq u l-pajjiżi li ntaqtu b'mod drammatiku mill-kunflitt, bħall-Ġordan, il-Libanu u t-Turkija, kif ukoll man-NU, in-NATO, u b'mod speċjali l-Kumitat tan-NU Kontra t-Terroriżmu;
99. Jappoġġa bis-sħiħ l-azzjoni biex tintemm kull forma ta' diskriminazzjoni, u jistenna li l-Kummissjoni tressaq inizjattivi għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' sess, oriġini razzjali jew etnika, orjentament sesswali, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà jew età;
100. Jissottolinja l-fatt li ż-żieda fir-razziżmu u l-ksenofobija fl-Ewropa hija waħda mill-isfidi ewlenin għall-UE peress li tikkostitwixxi theddida kontra d-demokrazija u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; jitlob, għaldaqstant, lill-Kummissjoni biex tressaq inizjattivi għall-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija fl-UE;
101. Jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirtira l-proposta tagħha għar-reviżjoni tad-Direttiva 92/85/KEE dwar is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali tal-ħaddiema nisa tqal, u tar-rieda tal-Kummissjoni li twitti t-triq għal inizjattiva ġdida li jista' jintlaħaq ftehim dwarha u li tista' twassal għal titjib reali fil-ħajjiet tal-ġenituri li jaħdmu u tal-persuni li jindokraw, bil-għan li tirrikonċilja aħjar il-ħajja professjoni, il-ħajja tal-familja u l-ħajja privata, tiffaċilita l-parteċipazzjoni femminili fis-suq tax-xogħol, tipprovdi protezzjoni minima lill-ommijiet u tnaqqas l-inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa;
102. Jistenna li l-Kummissjoni tagħmel l-2017 bħala s-sena għall-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa u ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tipprevjeni u tiġġield it-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi ta' dan it-traffikar; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tnedi l-proċedura għall-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul); jistieden ukoll lill-Kummissjoni tadotta strateġija separata ġdida għad-drittijiet tan-nisa u għall-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa għall-2015-

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

2020, immirata sabiex toħloq opportunitajiet indaq, tnaqqas id-differenzi tal-ġeneri fir-rigward tal-pagi, il-faqar u l-pensjonijiet, u tikkumbatti l-vjolenza kontra n-nisa; jinsisti fuq il-bżonn li l-bilanċ bejn is-sessi jiġi ndirizzat aktar f'termini ta' impenn fi ħdan il-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi, u jstieden lill-Kummissjoni tindirizza l-fatturi li jiskoraġġixxu lin-nisa milli jidħlu fl-intraprenditorija;

Approċċ olistiku għall-migrazzjoni u l-asil

103. Itenni t-talba tiegħu għal approċċ komprensiv u globali għall-politika dwar l-asil u l-migrazzjoni; jenfasizza l-hteġa li tiġi provduta sikurezza għal dawk li jfittxu asil meta jitolbu l-istatus ta' rifuġjati u li titneħħa l-hteġa li r-rifuġjati jagħżlu rotot riskjużi lejn l-UE, li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u u li jiġu miġġielda b'mod effiċjenti t-traffikanti tal-migranti, li jissaħħu s-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri kollha; jappoġġa l-bżonn li l-migrazzjoni tkun marbuta mal-politika esterna tal-UE permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi ta' oriġini u pajjiżi ta' tranżitu; jappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni li toffri għajnuna umanitarja; jenfasizza l-hteġa għal aktar azzjoni fir-rigward tat-traġedji reċenti fil-Mediterran, sabiex jiġi prevenut li jintilfu aktar ħajjiet fuq il-baħar; jitlob li l-isfidi fuq perjodu ta' żmien medju u twil jiġu ffaċċjati u li jiġi żviluppat rispons komprensiv, kif definit fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni; jenfasizza li d-Direttiva dwar il-Karta Blu tal-UE għandha tiġi riveduta biex toffri l-prospettiva ta' migrazzjoni legali lejn l-UE;

104. Jissottolinja li jinsab lest jaffronta l-iskema l-ġdida ta' rilokazzjoni b'emerġenza fl-ambitu ta' proċedura rapida, u jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jipproċedi bil-miżuri l-oħra kollha proposti mill-Kummissjoni b'mod parallel, bil-għan li jiżgura li l-Istati Membri ma jdewmux l-iskema ta' rilokazzjoni permanenti; ifakkar lill-Kunsill li l-Parlament jaqbel bis-sħiħ ma' mekkaniżmu ta' rilokazzjoni vinkolanti bbażat fuq kriterji ċari u definiti sew u li jqis il-preferenzi tar-rifuġjati;

105. Jstieden lill-Kummissjoni tindirizza n-nuqqasijiet fir-rigward tal-kwalità tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u l-proċeduri tal-asil fl-UE, li t-tnejn li huma għandhom impatt sinifikanti fuq l-indirizzar effikaċi u effiċjenti tal-persjonijiet migratorji; jappoġġa l-proposti tal-Kummissjoni biex tingħata għajnuna msaħħa min-naħa tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (FRONTEX) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) lill-Istati Membri li huma fuq quddiem fl-akkoljenza, sabiex jintlaħaq dan l-oġettiv;

106. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tiżdied l-effiċjenza tas-sistema tar-ritorn għal dawk li ma jkunux kisbu asil; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, madankollu, tressaq proposta dwar politika ta' ritorn rapidu wara l-evalwazzjoni u r-rieżami tal-miżuri eżistenti, pereżempju biex tinkludi f'dan il-qafas l-għajnuna msaħħa tal-FRONTEX; jinsisti li kwalunkwe azzjoni ta' ritorn għandha titwettaq b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali;

Attur globali aktar b'saħħtu

107. Jenfasizza l-importanza li l-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) tintrifed b'suq intern ġenwin għad-difiża u s-sigurtà, kooperazzjoni approfondita fost l-industriji tad-difiża Ewropej, bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea li tkun kompetittiva u approċċ aktar kollaborattiv għar-riċerka u l-iżvilupp u l-akkwist fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża; jenfasizza l-hteġa li l-Kummissjoni tressaq proposta biex tistabbilixxi reġim tas-sigurtà tal-provvista fl-Ewropa kollha, li hija essenzjali għall-iżvilupp, iż-żamma u t-trasferiment ta' kapaciċitajiet kritiċi tad-difiża kif ukoll bħala espressjoni ta' solidarjetà u fiduċja bejn l-Istati Membri; jesprimi l-appoġġ sħiħ għat-tnedija tal-azzjoni preparatorja għar-riċerka tad-difiża relatata mal-PSDK u mal-proġett pilota propost mill-Parlament;

108. Jemmen li d-difiża u l-promozzjoni tal-libertà, l-appoġġ għall-alleati tagħna u l-prevenzjoni tal-atrociċitajiet jeħtieġ jibqgħu fil-qalba tal-għanijiet tal-politika barranija, u dan jinkludi d-difiża tad-drittijiet ta' gruppi reliġjużi u minoranzi oħra ppersegwitati;

109. Ifakkar il-fehma tiegħu li, sabiex trendi riżultati, il-Kummissjoni għandha timplimenta politika riveduta dwar il-viċinat, b'approċċ komprensiv u konsistenti bejn l-azzjoni esterna u l-politiki interni; jitlob rieżami tal-Politika Ewropea tal-

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

Viċinat, li fiha għandhom jiġu indirizzati dawn il-punti: (a) divrenzjar u "aktar għal aktar"; (b) impenn lil hinn mill-viċinat; (c) appoġġ għad-demokrazzja, ir-riforma ġudizzjarja, l-istat tad-dritt u l-bini tal-kapaċitajiet istituzzjonali, (d) offerta diversifikata: is-setturi prijoritarji; (e) id-dimensjoni tas-sigurtà; (f) it-trawwim ta' integrazzjoni reġionali;

110. Huwa tal-fehma li għandu jkun hemm distinzjoni ċara bejn il-politiki tal-viċinat u tat-tkabbir; jinsab konvint li t-tkabbir kien wieħed mill-istess ta' suċċess tal-UE u għandu jinżamm fuq l-aġenda, permezz ta' prijorizzazzjoni u monitoraġġ oġġettiv tar-riformi fil-pajjiżi kandidati sa tmiem it-terminu, bil-ħsieb li tinżamm il-motivazzjoni tagħhom u l-kapaċità tal-UE li xxerred il-valuri tagħha; ifakkar li hija biss prospettiva bħal din li tista' tagħti motivazzjoni lill-pajjiżi kkonċernati;

111. Jappella għal enfasi akbar fuq id-djalogu interreliġjuż bl-għan tal-analiżi u l-fehim tal-iżviluppi reliġjużi għall-promozzjoni tat-tolleranza u l-impenn attiv fi ħdan il-politika barranija tal-UE kontra r-radikalizzazzjoni vjolenti u estremista;

112. Ikompli jappoġġa l-ħidma tas-sħab internazzjonali biex jiżguraw stabbiltà, paċi u riforma politika fit-tul fil-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant, u jappoġġa l-aspirazzjonijiet ta' dawk il-pajjiżi li qed ifittxu rabtiet eqreb mal-UE, inklużi dawk il-pajjiżi applikanti li qegħdin jaħdmu biex jissodisfaw il-kriterji għas-sħubija fl-UE, fosthom ir-riformi ekonomiċi, politiċi u soċjali, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

113. Iqis li t-taqlib reċenti fis-suq finanzjarju fiċ-Ċina jirrappreżenta punt ta' bidla importanti għall-mudell tal-iżvilupp taċ-Ċina u li kooperazzjoni qawwija bejn l-UE u ċ-Ċina hija meħtieġa biex jiġu evitati l-implikazzjonijiet negattivi possibbli għall-kummerċ fiż-żewġ direzzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli jikkunsidraw il-possibbiltà li tiġi aġġornata s-Sħubija Strateġika bejn l-UE u ċ-Ċina, jiġu vvalutati r-riskji finanzjarji, u li tiġi intensifikata l-kooperazzjoni reċiproka bil-għan li jiġi żgurat aċċess aħjar għas-suq ibbażat fuq ir-reċiproċità, li jkun ta' benefiċċju kemm għall-UE kif ukoll għaċ-Ċina;

114. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem mal-Istati Membri u l-pajjiżi terzi sabiex jittieħdu sensiela ta' miżuri kwantifikabbli biex jinqerdu l-prattiki dannużi kontra n-nisa u l-bniet, inklużi ż-żwieġ tat-tfal u ż-żwieġ furzat, il-mutilazzjoni ġenitali femminili (MĠF), il-qtil għall-unur, l-isterilizzazzjoni furzata, l-istupru fil-kunflitti, it-tħaġġir u kull forma oħra ta' brutalità; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) biex jitjieb l-appoġġ disponibbli għall-vittmi ta' tali brutalità;

Il-politika tal-iżvilupp

115. Jenfasizza l-fatt li, matul is-Sena Ewropea għall-Iżvilupp, jeħtieġ li l-Kummissjoni trendi riżultati tanġibbli, u jstieden lill-Kummissjoni tiżviluppa u ttiprovdi pjan ta' azzjoni bħala segwitu għall-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja bil-ħsieb li tiżgura l-koerenza u t-tkomplija tal-implimentazzjoni konġunta tal-impenn tagħha lejn il-prinċipji umanitarji ta' umanità, imparzjalità, newtralità u indipendenza;

116. Jenfasizza li l-għajnuna għall-iżvilupp għandha tkun iffokata fuq l-isforzi għall-promozzjoni ta' governanza tajba, l-istabbiliment tal-istat tad-dritt, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, flussi kapitali illeċiti, ħasil tal-flus, u l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa, u li żżid it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-gvernijiet nazzjonali tal-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw u s-settur privat; jitlob lill-Kummissjoni, għaldaqstant, tiżviluppa strateġija u pjan ta' azzjoni komprensivi li jindirizzaw din il-kwistjoni f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppa, sabiex jiġi żgurat li l-aġenda tal-UE għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni tiġi wkoll adattata u l-kundizzjonalità imtejba biex jiġu miġġielda b'mod effikaċi l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa;

117. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-SMEs huma l-mutur għall-ħolqien ta' impjiegi u ġid f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, li jiġġeneraw madwar 90 % tal-impjiegi; jstieden lill-Kummissjoni tappoġġa lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (MSMEs) u tiffoka sabiex taħdem mal-gvernijiet sħab sabiex timplimenta riformi li għandhom l-għan li jnaqqsu l-piżijiet regolatorji, jiġġieldu kontra l-korruzzjoni u l-evażjoni tat-taxxa, jiżviluppaw il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u istituzzjonijiet pubbliċi effikaċi, jippromwovu l-ispirtu intraprenditorjali u innovattiv f'dan il-kuntest, u jsaħħu aktar l-aċċess għall-mikrokreditu u l-mikrofinanzjament;

L-Erbgħa 16 ta' Settembru 2015

118. Jistieden lill-Kummissjoni tiffoka fuq Stati fraġli u tfassal strateġiji dwar il-bini tal-paċi u l-bini tal-istat; jenfasizza li huwa fundamentali li jkun hemm sħubijiet strutturali u fit-tul li jagħtu prijorità lill-istabbiliment tal-istat tad-dritt u l-ħolqien ta' istituzzjonijiet demokratiċi f'dawn il-pajjiżi;

119. Jappella għal żieda fl-investiment għall-aċċess għall-edukazzjoni f'emerġenzi umanitarji, bħala mezz ta' protezzjoni tat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kriżi, li jirrifletti wkoll il-bżonn li jimtlew in-nuqqasijiet bejn l-għajnuna umanitarja u għall-iżvilupp permezz ta' kollegament bejn l-għajnuna, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp;

Unjoni ta' bidla demokratika

Kwistjonijiet istituzzjonali

120. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tallinja l-leġiżlazzjoni pendenti kollha tad-dossiers ta' qabel it-Trattat ta' Lisbona (taħt il-proċedura regolatorja bi skrutinju) mat-Trattat ta' Lisbona fir-rigward tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni;

121. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni li tressaq, abbażi tal-Artikolu 298 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal regolament dwar Liġi Ewropea dwar il-proċedura amministrattiva;

122. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tipprijoritizza l-iżblokkar tar-reviżjoni tar-regolament dwar l-aċċess għad-dokumenti, u biex issewgi r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-Parlament f'riżoluzzjonijiet suċċessivi dwar it-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti;

123. Jappoġġa bis-sħiħ l-inizjattiva għal reġistru trasparenti mandatorju abbażi ta' ftehim interistituzzjonali; itenni t-talba tal-Parlament għal proposta leġiżlattiva;

124. Jappella lill-Kummissjoni biex tintensifika l-isforzi tagħha biex tiżgura l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, filwaqt li jitqiesu l-argumenti ġuridiċi li tqajmu dan l-aħħar mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja;

125. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-perċentwal baxx ta' suċċess tal-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej (ECIs), li għandu impatt negattiv fuq l-aċċettazzjoni taċ-ċittadini ta' dan l-istrument ta' demokrazija parteċipattiva diretta transnazzjonali, u tiżgura li deċiżjonijiet dwar l-ammissibbiltà ta' ECIs jikkorrispondu mal-kompetenza legali tal-UE, u jistenna li l-Kummissjoni tagħti segwitu xieraq għal kull inizjattiva ECI li kienet ta' suċċess meta hija impenjat ruħha li tagħmel dan, u b'mod aktar ġenerali tindirizza n-nuqqasijiet u l-limitazzjonijiet ta' dan l-istrument, b'mod partikolari billi tiffaċilita l-proċess u ttejjeb il-proċeduri burokratiċi u twal tiegħu bħala parti minn reviżjoni f'waqtha tar-Regolament dwar l-ECI bil-għan li dan jiġi trasformat f'għodda li tistabbilixxi aġenda kredibbli;

o

o o

126. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2015)0282

It-tneħħija tal-immunità ta' Janusz Korwin-Mikke

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Janusz Korwin-Mikke (2015/2102(IMM))

(2017/C 316/30)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Janusz Korwin-Mikke, mibgħuta fit-13 ta' Marzu 2015 mill-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Polonja b'konnessjoni ma' proċeduri legali mressqa mill-Kap tal-Pulizija Muniċipali ta' Piotrków Trybunalski, bid-data tad-9 ta' Marzu 2015 (Kawża Nru SM.O.4151-F.2454/16769/2014), u mħabbra fis-seduta plenarja tal-15 ta' April 2015,
- wara li sema' lis-Sur Korwin-Mikke skont l-Artikolu 9(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,
- wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, tad-19 ta' Marzu 2010, tas-6 ta' Settembru 2011 u tas-17 ta' Jannar 2013 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 105(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja u l-Artikoli 7b(1) u 7c(1) b'rabta mal-Artikolu 10b tal-Att tal-Polonja, tad-9 ta' Mejju 1996 dwar l-eżerċizzju tal-mandat ta' Deputat jew Senatatur,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 5(2), l-Artikolu 6(1), u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0229/2015),

⁽¹⁾ Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, Wagner vs Fohrmann u Krier, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, Wybot vs Faure u oħrajn, 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Ottubru 2008, Mote vs il-Parlament, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, Marra vs De Gregorio u Clemente, C 200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Marzu 2010, Gollnisch vs il-Parlament, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello, C 163/10, ECLI: EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs il-Parlament, T-346/11 et T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- A. billi l-Prosekutur Ġenerali tar-Repubblika tal-Polonja għadda talba mill-Kap tal-Pulizija Muniċipali ta' Piotrków Trybunalski għall-awtorizzazzjoni biex jinfetħu proċeduri kontra Membru tal-Parlament Ewropew, Janusz Korwin-Mikke, fir-rigward ta' reat skont l-Artikolu 92a tal-Att tal-20 ta' Mejju 1971 li jistabbilixxi l-Kodiċi ta' Reati żgħar b'rabta mal-Artikolu 20(1) tal-Att dwar it-Traffiku tat-Triq tal-20 ta' Ġunju 1997; billi, b'mod partikolari, ir-reat allegat jammonta għal sewqan b'veloċità li teċċedi l-veloċità massima permessa f'żona mibnija;
- B. billi, skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom;
- C. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri jgawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-Parlament ta' pajjiżhom;
- D. billi, skont l-Artikolu 105(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja, deputat m'għandux jiġi soġġett għal responsabbiltà kriminali mingħajr il-kunsens tas-Sejm;
- E. billi huwa fidejn il-Parlament biss li jiddeċiedi jekk l-immunità għandhiex tiġi rinunzjata jew le f'każ partikolari; billi l-Parlament jista' raġonevolment iqis il-pożizzjoni tal-Membru sabiex jilħaq id-deċiżjoni tiegħu dwar jekk hemmx lok jew le nġat-tehhija tal-immunità tiegħu jew tagħha ⁽¹⁾;
- F. billi r-reat allegat ma għandux rabta diretta jew ovvja mal-prestazzjoni tas-Sur Korwin-Mikke fid-dmirijiet tiegħu bħala Membru tal-Parlament Ewropew, u lanqas ma jikkostitwixxi opinjoni jew vot espressi fil-qadi ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;
- G. billi f'dan il-każ il-Parlament ma sab l-ebda evidenza ta' *fumus persecutionis*, jiġifieri suspett serju u preċiż biżżejjed li l-każ tressaq bl-intenzjoni li ssir ħsara politika lill-Membru kkonċernat;
1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Janusz Korwin-Mikke;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu immedjatament lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika tal-Polonja u lil Janusz Korwin-Mikke.

⁽¹⁾ Kawża T-345/05 *Mote v Il-Parlament* (imsemmija iktar 'il fuq), paragrafu 28.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0295

Mistoqsijiet għal tweġibiet bil-miktub (Interpretazzjoni tal-Artikolu 130 (3) tar-Regoli ta' Proċedura)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar il-mistoqsijiet għal tweġibiet bil-miktub (Interpretazzjoni tal-Artikolu 130 (3) tar-Regoli ta' Proċedura) ((2015/2152(REG)))

(2017/C 316/31)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-ittra tal-4 ta' Settembru 2015 tal-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 226 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jiddeċiedi li japplika l-interpretazzjoni li ġejja għall-Artikolu 130 (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu:

“L-espressjoni ‘bħala eċċezzjoni’ għandha tiġi interpretata li tfisser li l-mistoqsija addizzjonali tikkonċerna kwistjoni ta' urġenza u li t-tressiq ta' dik il-mistoqsija ma jkunx jista' jistenna sax-xahar ta' wara. Barra minn hekk, in-numru ta' mistoqsijiet imressqa skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 għandu jkun iżgħar min-norma ta' ħames mistoqsijiet fix-xahar.”

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' tagħrif.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0296

Sospensjoni jew għeluq ta' seduta (interpretazzjoni tar-Regolament 191 tar-Regoli ta' Proċedura)**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar is-sospensjoni u għeluq ta' seduta (interpretazzjoni tar-Regolament 191 tar-Regoli ta' Proċedura) ((2015/2153(REG)))**

(2017/C 316/32)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-4 ta' Settembru 2015 tal-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 226 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jiddeċiedi li japplika l-interpretazzjoni li ġejja għall-Artikolu 191 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu:

“Jekk tiġi ppreżentata talba biex seduta tiġi sospiża jew biex tingħalaq, il-proċedura għall-votazzjoni fuq talba bħal din għandha tkun mibdija bla dewmien. Il-mod normali ta' kif jitħabbru l-votazzjonijiet fil-plenarja għandu jintuża u, skont il-prattika attwali, għandu jingħata biżżejjed żmien biex il-Membri jaslu fl-Awla.

B'analoġija mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 152(2), jekk tali talba tiġi miċħuda, talba simili ma tkunx tista' titressaq mill-ġdid matul l-istess jum. Skont l-interpretazzjoni tal-Artikolu 22(1), il-President għandu d-dritt li jtemm l-użu eċċessiv ta' talbiet ippreżentati taħt dan l-Artikolu.”

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' tagħrif.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0297

Denominazzjoni ta' delegazzjoni interparlamentari

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar id-denominazzjoni ta' delegazzjoni interparlamentari (2015/2842(RSO))

(2017/C 316/33)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Konferenza tal-Presidenti,
 - wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tat-12 ta' Marzu 2014 dwar l-għadd ta' delegazzjonijiet interparlamentari, delegazzjonijiet għal kumitati parlamentari konġunti u delegazzjonijiet għal kumitati parlamentari ta' koperazzjoni u għal assemblej parlamentari multilaterali ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 212 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Jiddeċiedi li d-delegazzjoni tiegħu għar-relazzjonijiet mal-Kunsill Leġislattiv Palestinjan għandu jinbidillu ismu għal "Delegazzjoni għar-relazzjonijiet mal-Palestina";
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, għal skopijiet ta' tagħrif.

⁽¹⁾ Testi adottati ta' dik id-data, P7_TA(2014)0217.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2015)0281

Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat tal-ILO: politika soċjali ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-politika soċjali (06732/2015 – C8-0079/2015 – 2014/0259(NLE))

(Approvazzjoni)

(2017/C 316/34)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (06732/2015),
 - wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 153(2), b'rabta mal-Artikolu 153(1)(a) u (b), l-Artikolu 218(6)(2a)(v) u l-Artikolu 218(8) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0079/2015),
 - wara li kkunsidra l-Protokoll tal-2014 għall-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2), u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0243/2015),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0283

Applikazzjoni korretta tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli ***II

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 515/97 tal-Kunsill dwar għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (08257/3/2015 – C8-0159/2015 – 2013/0410(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

(2017/C 316/35)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (08257/3/2015 – C8-0159/2015),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri tal-25 ta' Frar 2014 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari ⁽²⁾ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2013)0796),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 76 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A8-0234/2015),
1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
 2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297 (1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU C 94, 31.3.2014, p. 1.

⁽²⁾ Testi adottati tal-15.4.2014, P7_TA(2014)0344.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0284

Kummerċ tal-prodotti mill-foki *I****Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1007/2009 dwar il-kummerċ tal-prodotti mill-foki (COM(2015)0045 – C8-0037/2015 – 2015/0028(COD))****(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2017/C 316/36)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2015)0045),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni preżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0037/2015),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' Mejju 2015 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tat-30 ta' Ġunju 2015 sabiex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, f'konformità mal-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali kif ukoll tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0186/2015),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2015)0028**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Settembru 2015 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2015/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1007/2009 dwar il-kummerċ tal-prodotti mill-foki u li jirrevoka r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 737/2010***(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) 2015/1775.)*

⁽¹⁾ Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0285

Ikklonar ta' annimali miżmuma u riprodotti għal skopijiet ta' biedja *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2015 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ikklonjar ta' annimali tal-ispeċi bovina, porċina, ovina, kaprina u ekwina miżmuma u riprodotti għal skopijiet ta' biedja (COM(2013)0892 – C7-0002/2014 – 2013/0433(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2017/C 316/37)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0892),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0002/2014),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fir-rigward tal-adozzjoni ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1331/2008 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 258/97 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-30 ta' April 2014 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A8-0216/2015),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ieħor;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

P8_TC1-COD(2013)0433

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-8 ta' Settembru 2015 bil-ħsieb li tadotta ~~il-Direttiva r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ikklonjar ta' annimali tal-ispeċi bovina, porċina, ovina, kaprina u ekwina~~ miżmuma u riprodotti għal skopijiet ta' biedja [Em. 1. L-ewwel parti ta' din l-emenda, jiġifieri l-bidla minn Direttiva għal Regolament, tapplika għat-test kollu.]

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2),

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

⁽¹⁾ Testi adottati ta' dik id-data, P7_TA(2010)0266.

⁽²⁾ ĠU C 311, 12.9.2014, p. 73.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

(-1) **Fl-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni, u filwaqt li jitqies it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandu jkun garantit livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bnedmin u ta' ħarsien tal-konsumatur, kif ukoll livell għoli ta' benessri tal-annimali u ta' ħarsien ambjentali. F'kull ħin, għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' prekawżjoni, kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾. [Em. 2]**

(1) **L-ikklonjar tal-annimali mhuwiex konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE ⁽⁴⁾, li tistabbilixxi standards minimi ġenerali dwar il-benessri tal-annimali mrobbija jew miżmuma għal skopijiet ta' biedja. Hija Id-Direttiva 98/58/KE titlob lill-Istati Membri sabiex jevitaw uġigħ, sofferenza jew korriment bla bżonn tal-annimali tal-irziezet, u, aktar speċifikament, tiddikjara fil-punt 20 tal-Anness tagħha li “ma jistgħux jiġu prattikati trobbija jew proċeduri ta' trobbija naturali jew artifiċjali li jikkawżaw jew li aktarx jistgħu jikkawżaw tbatija jew korriment lil xi wieħed mill-annimali konċernati”. Jekk L-ikklonjar jikkawża uġigħ, sofferenza jew korriment bla bżonn, l-Istati Membri jridu jaġixxu fuq livell nazzjonali sabiex jevitaw li jsir dan. Approċċi nazzjonali differenti għall-ikklonjar tal-annimali **jew għall-użu ta' prodotti miksuba mill-ikklonjar** jistgħu jwasslu għal distorsjoni tas-suq. Għalhekk huwa neċessarju li jiġi assigurat li japplikaw l-istess kundizzjonijiet għal dawk kollha involuti fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' annimali **hawn ta' prodotti miksuba minn annimali** madwar l-Unjoni. [Em. 3]**

(2) **L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) ikkonkludiet, fl-opinjoni tagħha tal-2008 dwar l-ikklonjar tal-annimali ⁽⁵⁾, li “is-saħħa u l-benessri ta' proporzjon sinifikanti tal-kloni instabu li huma affettwati ħażin, ħafna drabi b'mod sever u b'riżultat fatali”. B'mod aktar speċifiku, l-EFSA kkonfermat li l-ommijiet surrogati li jintużaw fl-ikklonjar **isofru** b'mod partikolari minn disfunzjonijiet tal-plaċenta li jikkontribwixxu għal livelli ogħla ta' korrimenti ⁽⁶⁾, **bil-possibilità ta' effetti ħżiena fuq saħħithom**. Dan jikkontribwixxi, fost ħwejjeġ oħra, għall-effiċjenza baxxa tat-teknika, 6 sa 15 % għall-ispeċi bovina u 6 % għall-ispeċi porċina, u l-ħtieġa li jiġu impiantati kloni tal-embrijuni f'diversi ommijiet sabiex jinkiseb klonu wieħed. Barra minn hekk, l-abnormalitajiet fil-kloni u l-frieħ kbar aktar mis-soltu jwasslu għal twelidijiet diffiċli u mwiet fil-frieħ tat-twelid. **Rati ta' mortalità għolja fl-istadji kollha tal-iżvilupp huma karatteristika tat-teknika tal-ikklonjar ⁽⁷⁾. [Em. 4]****

(2a) **Rigward is-sikurezza tal-ikel, l-EFSA enfasizzat l-importanza li jkun rikonoxxut li l-bażi tad-data hija limitata, u fl-opinjoni tagħha tal-2008 dwar l-ikklonjar tal-annimali kkonkludiet li: “L-inċertezzi fil-valutazzjoni tar-riskji jqumu minnħabba n-numru limitat ta' studji disponibbli, id-daqsijiet żgħar tal-kampjuni investigati u, b'mod ġenerali, in-nuqqas ta' approċċ uniformi li jippermetti li l-kwistjonijiet kollha rilevanti għal din l-opinjoni jkunu indirizzati b'mod sodisfaċenti.” Pereżempju, l-EFSA sostniet li l-informazzjoni dwar il-kompetenza immunoloġika tal-kloni hija limitata u tirrakkomanda li, jekk ikun hemm evidenza disponibbli ta' tnaqqis fl-immunokompetenza tal-kloni, għandu jiġi investigat “jekk, u jekk huwa l-każ, sa liema punt, il-konsum tal-laħam u l-ħalib li ġejjin mill-kloni jew il-frieħ tagħhom jista' jwassal għal żieda fl-esponiment tal-bniedem għal aġenti trażmissibbli”. [Em. 5]**

⁽¹⁾ ĠU C 311, 12.9.2014, p. 73

⁽²⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tad-8 ta' Settembru 2015.

⁽³⁾ **Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).**

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja (ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23).

⁽⁵⁾ http://www.efsa.europa.eu/sites/default/files/scientific_output/files/main_documents/sc_op_ej767_animal_cloning_en.pdf

⁽⁶⁾ Opinjoni Xjentifika tal-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sigurtà fl-Ikel, is-Saħħa tal-Annimali u l-Impatt Ambjentali tal-Annimali miksuba minn Klonjar permezz tat-Trasferiment ta' Nuklei ta' Ċelloli Somatiċi (SCNT) u l-Frieħ tagħhom u l-Prodotti Miksuba minn dawk l-Annimali <http://www.efsa.europa.eu/en/topics/topic/cloning.htm?wtr=01>

⁽⁷⁾ <http://www.efsa.europa.eu/en/efsajournal/doc/2794.pdf>

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- (2b) *Fir-rigward ta' impatti potenzjali fuq l-ambjent, l-EFSA ddikjarat li d-data disponibbli hija limitata u, fir-rigward ta' impatti potenzjali fuq id-diversità ġenetika, l-EFSA ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li jista' jkun hemm effett indirett minħabba l-użu żejjed ta' numru limitat ta' annimali fi programmi ta' tgħammir, u li żieda fl-omoġeneità ta' ġenotip fi ħdan xi popolazzjoni tal-annimali tista' żżid is-suxxettibbiltà ta' dik il-popolazzjoni għal infezzjoni u riskji oħrajn. [Em. 6]*
- (2c) *Il-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda fir-rapport speċifiku tiegħu fl-2008⁽¹⁾ esprima dubji li l-ikklonjar tal-annimali għal skopijiet ta' biedja jista' jkun ġustifikat "meta jitqies il-livell preżenti ta' tbatija u problemi għas-saħħa tal-ommijiet surrogati u tal-kloni tal-annimali". [Em. 7]*
- (2d) *Wieħed mill-oġġettivi tal-politika agrikola komuni tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huwa "li tkabbar il-produzzjoni agrikola billi tippromwovi progress tekniku u billi tassigura l-iżvilupp razzjonali ta' produzzjoni". Dak il-għan għandu l-mira, inter alia, li jtejjeb il-produzzjoni u, fir-rigward tal-iżvilupp razzjonali ta' produzzjoni agrikola, dan jinvolvi l-aħjar utilizzazzjoni possibbli tal-fatturi ta' produzzjoni, jiġifieri l-produzzjoni xierqa għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni li tieħu kont tal-interessi tal-konsumaturi. [Em. 8]*
- (2e) *F'konformità mal-ġurisprudenza⁽²⁾ tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 43 tat-TFUE huwa l-bażi ġuridika adatta għal kwalunkwe leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-TFUE li jikkontribwixxi għall-kisba ta' wieħed jew aktar mill-oġġettivi tal-politika agrikola komuni stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE. Anki fejn tali leġiżlazzjoni tista' tiġi diretta lejn oġġettivi differenti minn dawk tal-politika agrikola komuni, li, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet speċifiċi, se jiġu segwiti abbażi tal-Artikolu 114 tat-TFUE, dan jista' jinvolvi l-armonizzazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali f'dak il-qasam mingħajr ma jkun meħtieġ li wieħed jirrikorri għall-Artikolu 114. Barra minn hekk, il-miżuri meħuda fil-kuntest tal-politika agrikola komuni jistgħu wkoll jaffettwaw l-importazzjoni tal-prodotti kkonċernati. [Em. 9]*
- (2f) *Kif muri b'mod ċar u konsistenti mir-riċerka dwar il-konsumatur, il-maġġoranza taċ-ċittadini tal-Unjoni huma kontra l-ikklonjar għal skopijiet ta' biedja minħabba, inter alia, il-benessri tal-annimali u t-tħassib etiku ġenerali⁽³⁾. L-ikklonjar għal skopijiet ta' biedja jista' jwassal sabiex kloni tal-annimali jew dixxendenti tagħhom jidħlu fil-katina alimentari. Il-konsumaturi jopponu bil-qawwa l-konsum ta' ikel li jkun ġej minn annimali kklonjati jew mid-dixxendenti tagħhom. [Em. 10]*
- (2 g) *L-ikklonjar tal-annimali għall-produzzjoni tal-ikel jipperikola l-karatteristiċi li jiddefinixxu l-mudell agrikolu Ewropew, li huwa bbażat fuq il-kwalità tal-prodott, is-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-konsumatur, regoli stretti dwar il-benessri tal-annimali kif ukoll fuq l-użu ta' metodi li jħarsu l-ambjent. [Em. 11]*
- (3) *Meta jitqiesu l-għanijiet tal-politika agrikola komuni tal-Unjoni, ir-riżultati tal-valutazzjonijiet xjentifiċi riċenti tal-EFSA bbażati fuq l-istudji disponibbli, ir-rekwiżit dwar il-benessri tal-annimali previst fl-Artikolu 13 tat-Trattat tal-TFUE u t-tħassib taċ-ċittadini, huwa prudenti xieraq li jiġi pprobit b'mod provviżorju l-użu tal-ikklonjar fil-produzzjoni ta' annimali ta' ċerti speċi għal skopijiet ta' biedja u t-tqegħid fis-suq ta' annimali u prodotti miksuba mill-użu tal-teknika tal-ikklonjar. [Em. 12]*

⁽¹⁾ *Aspetti etiċi tal-ikklonjar tal-annimali għall-provvista tal-ikel 16 ta' Jannar 2008: http://ec.europa.eu/bepa/european-group-ethics/docs/publications/opinion23_en.pdf*

⁽²⁾ *Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Frar 1988, Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq v il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, C-68/86, EU:C:1988:85; Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Novembru 1989, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej v il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, C-131/87, EU:C:1989:581; Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Novembru 1989, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej v il-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropej, C-11/88, EU:C:1989:583.*

⁽³⁾ *Ara pereżempju r-rapporti tal-Ewrobarometru tal-2008 u l-2010: http://ec.europa.eu/public_opinion/flash/fl_238_en.pdf u http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/ebs/ebs_341_en.pdf*

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- (3a) Il-kloni tal-annimali mhumiex prodotti sabiex iservu għall-produzzjoni tal-laħam jew tal-ħalib, iżda pjuttost għal skopijiet ta' trobbija. Huma d-dixxendenti riprodotti sesswalment tal-kloni tal-annimali li jsiru annimali għall-produzzjoni tal-ikel. Għalkemm it-tħassib dwar il-benessri tal-annimali jista' ma jkunx apparenti fil-każ tad-dixxendenti ta' annimali kklonjati, minħabba li dawn jitwieldu permezz tar-riproduzzjoni sesswali konvenzjonali, sabiex ikun hemm dixxendent, huwa meħtieġ li jkun hemm proġenitur ta' animal ikklonjat, li jinvolvi preokkupazzjonijiet sinifikanti dwar il-benessri tal-annimali u preokkupazzjonijiet etiċi. Miżuri li għandhom l-għan li jindirizzaw it-tħassib dwar il-benessri tal-annimali u l-perċezzjonijiet tal-konsumaturi relatati mat-teknika tal-ikklonjar għandhom għalhekk jinkludu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom prodotti li ġejjin mid-dixxendenti ta' annimali kklonjati, dixxendenti ta' kloni tal-annimali u prodotti derivati minn dixxendenti ta' annimali kklonati. [Em. 13]
- (4) ~~Fil-preżent, annimali tal-ispeċi bovina, porċina, ovina, kaprina u ekwina huma probabbli li jiġu kklonati għal skopijiet ta' biedja. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva għalhekk għandu jkun limitat għall-użu tal-ikklonjar għal skopijiet ta' biedja ta' dawġ il-ħames speċijiet. [Em. 14]~~
- (4a) Fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti agrikoli, bħala konsegwenza li jiġi projbit l-użu tal-ikklonjar u sabiex jiġu indirizzati l-perċezzjonijiet tal-konsumaturi dwar l-ikklonjar b'rabta, inter alia, mal-benessri tal-annimali, in-nuqqas ta' studji xjentifiċi suffiċjenti u t-tħassib etiku ġenerali, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li ikel mill-kloni tal-annimali u d-dixxendenti tagħhom ma jidħolx fil-katina tal-ikel. Jekk jittieħdu miżuri inqas restrittivi, bħat-tikkettar tal-ikel, dawn ma jindirizzawx kompletament it-tħassib taċ-ċittadini peress li l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-ikel prodotti permezz ta' teknika li timplika t-tbatija għall-annimali xorta waħda tkun permessa. [Em. 15]
- (4b) L-użu tal-ikklonjar fil-produzzjoni tal-annimali għal skopijiet ta' biedja hu permess f'ċerti pajjiżi terzi. Skont ir-Regolament (KE) Nru 178/2002, ikel importat minn pajjiżi terzi għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni għandu jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tal-liġi dwar l-ikel tal-Unjoni jew mal-kundizzjonijiet rikonoxxuti mill-Unjoni bħala tal-inqas ekwivalenti għal dawġ ir-rekwiżiti. Għalhekk, għandhom jittieħdu miżuri sabiex tiġi evitata l-importazzjoni fl-Unjoni minn pajjiżi terzi ta' annimali klonati u d-dixxendenti tagħhom u ta' prodotti miksuba minn annimali klonati u d-dixxendenti tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tissupplimenta jew tipproponi li l-leġiżlazzjoni żooteknika u dwar is-saħħa tal-annimali rilevanti tiġi emendata biex tiżgura li ċ-ċertifikati tal-importazzjoni li jakkumpanjaw annimali u prodotti ġerminali u ikel u għalf li joriġinaw mill-annimali jindikaw jekk humiex, jew huma derivati minn, kloni tal-annimali jew dixxendenti ta' kloni tal-annimali. [Em. 16]
- (4c) Kloni tal-annimali, kloni tal-embrijuni, dixxendenti ta' kloni tal-annimali, prodotti ġerminali ta' annimali klonati u d-dixxendenti tagħhom, u ikel u għalf minn annimali klonati u d-dixxendenti tagħhom ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala prodotti simili għal annimali, l-embrijuni, il-prodotti ġerminali, l-ikel u l-għalf li ma jirriżultawx mill-użu tat-teknika tal-ikklonjar fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu III.4 tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT). Barra minn hekk, il-projbizzjoni tal-ikklonjar tal-annimali u tat-tqegħid fis-suq u tal-importazzjoni ta' kloni tal-annimali u ta' kloni tal-embrijuni, dixxendenti ta' kloni tal-annimali, prodotti ġerminali ta' kloni tal-annimal u d-dixxendenti tagħhom, u ikel u għalf minn kloni tal-annimal u d-dixxendenti tagħhom hija miżura li hija meħtieġa għall-protezzjoni tal-moralità pubblika u għall-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu XX tal-GATT. [Em. 17]
- (4d) Għandhom jittieħdu passi biex jiġi żgurat li l-ftehimiet kummerċjali li attwalment qed jiġu nnegożjati ma jinkoraġġixxux l-awtorizzazzjoni ta' Prattiki li jista' jkollhom effett negattiv fuq is-saħħa tal-konsumaturi u l-bdiewa, l-ambjent jew fuq il-benessri tal-annimali. [Em. 18]
- (4e) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tiġi pperikolata jekk ikun impossibbli jiġi traċċat ikel miksub minn kloni tal-annimali u d-dixxendenti tagħhom. Għaldaqstant, skont il-prinċipju ta' prekawzjoni u sabiex jiġu infurzati l-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti, f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, sistemi ta' traċċabilità fil-livell tal-Unjoni. Dawn is-sistemi jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-operaturi ekonomiċi biex jiġbru data dwar il-kloni tal-annimali, id-dixxendenti tagħhom u l-prodotti ġerminali tal-kloni tal-annimali u d-dixxendenti tagħhom, u l-ikel mill-kloni tal-annimali u d-dixxendenti tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-litwa sabiex tikseb impenji f'dan ir-rigward mis-sħab kummerċjali tal-Unjoni fejn isir l-ikklonjar tal-annimali għal skopijiet ta' biedja, fi ħdan il-qafas ta' negożjati kummerċjali attwali u futuri, kemm fil-livell bilaterali kif ukoll f'dak multilaterali. [Em. 19]

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

- (4f) *Fir-rapport tagħha tal-2010 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, il-Kummissjoni sostniet li kienu xierqa miżuri biex tiġi stabbilita t-traċċabilità tal-importazzjonijiet tas-semen u l-embrijuni sabiex jiġu stabbiliti banek tad-data tal-frieħ fl-Unjoni. Il-Kummissjoni għalhekk għandha tagħxi b'mod korrispondenti. [Em. 20]*
- (4 g) *B'konsistenza mal-implimentazzjoni tal-projbizzjoni tal-ikklonjar stabbilita f'dan ir-Regolament, għandhom jiġu applikati miżuri ta' promozzjoni tal-bejgħ adottati mill-Kummissjoni sabiex jiġu appoġġjati l-produzzjoni tal-laħam u t-tniissil tal-annimali ta' kwalità għolja fl-Unjoni. [Em. 21]*
- (5) *Huwa mistenni li l-għarfien dwar l-impatt tat-teknika tal-ikklonjar fuq il-benessri tal-annimali użati ser jiżdied. It-teknika tal-ikklonjar hija probabbli li maż-żmien ser titjieb. Għaldaqstant il-projbizzjonijiet għandhom japplikaw biss b'mod provviżorju. Dan id-Direttiva ir-Regolament għandha tiġi riveduta għandu jiġi rivedut fi żmien raġonevoli, billi titqies l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħha, fl-applikazzjoni tiegħu, il-progress xjentifiku u tekniku, l-evoluzzjoni tal-perċezzjonijiet tal-konsumatur, u l-iżviluppi internazzjonali, b'mod partikolari l-flussi kummerċjali u r-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni. [Em. 22]*
- (5a) *Skont l-aħħar sħarriġ tal-Ewrobarometru, il-maġġoranza tal-Ewropej ma jikkunsidrawx l-ikklonjar tal-annimali fil-produzzjoni tal-ikel bħala sikur għas-saħħa tagħhom u għal familja tagħhom. Barra minn hekk, fil-każ tal-ikklonjar tal-annimali, hemm aktar pajjiżi fl-Ewropa li jesprimu b'mod ċar preferenza li deċiżjonijiet jittieħdu primarjament mill-perspettiva ta' kwistjonijiet morali u etiċi, aktar milli fuq il-bażi ta' evidenza xjentifika. Għalhekk, qabel ma din il-leġiżlazzjoni tiġi riveduta, il-Kummissjoni għandha twettaq Sħarriġ tal-UE uffiċjali li jivvaluta mill-ġdid il-perċezzjonijiet tal-konsumaturi. [Em. 23]*
- (5b) *Is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' regoli għal sistemi ta' traċċabilità għall-kloni tal-annimali, id-dixxendenti tal-kloni tal-animali u għall-prodotti ġerminali tal-kloni tal-annimali u d-dixxendenti tagħhom. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejji, anke fil-livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. [Em. 24]*
- (6) *Din id-Direttiva ttrispettaDan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u tresserva josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-libertà ta' intrapriża u l-libertà tax-xjenzi. Din id-Direttiva għandha tiġi implimentataDan ir-Regolament għandu jiġi applikat skont dawn id-drittijiet u l-prinċipji. [Em. 25]*
- (6a) *Billi l-għan ta' dan ir-Regolament ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jkun jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dak il-għan. [Em. 26]*

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva tistabbilixxi **Dan ir-Regolament jistabbilixxi** regoli dwar:

- (a) l-ikklonjar tal-annimali fl-Unjoni;
- (b) it-tqegħid fis-suq **u l-importazzjoni ta' kloni tal-embrijuni u kloni tal-annimali, kloni tal-embrijuni, dixxendenti ta' kloni tal-annimali, prodotti ġerminali ta' kloni tal-annimali u tad-dixxendenti tagħhom, u ikel u għalf minn kloni tal-annimali u d-dixxendenti tagħhom.** [Em. 27]

Għandha tapplika għal-annimali tal-ispeċi bovina, porċina, ovina, kaprina u ekwina ('l-annimali') imrobbija **għall-ispeċijiet tal-annimali kollha mrobbija** u miżmuma għal skopijiet ta' biedja. [Am. 28]

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

Artikolu 1a**Objettiv**

L-objettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jindirizza t-tħassib relatat mas-saħħa u l-benessri tal-annimali u mal-perċezzjonijiet tal-konsumaturi u l-kunsiderazzjonijiet etiċi rigward it-teknika tal-ikklonjar. [Em. 29]

Artikolu 2**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' **dan ir-Regolament**, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "annimali mrobbija u miżmuma għal skopijiet ta' biedja" ("**annimali**") tfisser annimali miżmuma u riprodotti għall-produzzjoni tal-ikel, **l-għalf**, suf, ġilda jew pil jew għal skopijiet oħra ta' biedja. Ma għandhiex tinkludi annimali miżmuma u riprodotti esklussivament għal skopijiet oħra bħar-riċerka, il-produzzjoni ta' prodotti mediċinali u apparat mediku, ~~il-preservazzjoni u l-preservazzjoni ta' razez rari jew speċi fil-periklu, avvenimenti sportivi u kulturali u ta' razez rari identifikati bħala tali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, fejn l-ebda metodu alternattiv ma huma disponibbli;~~ [Em. 30]
- (b) "klonjar" tfisser ir-riproduzzjoni veġetattiva ta' annimali **biex jinħoloq, inter alia, bl-użu permezz** ta' teknika li biha n-nukleu ta' ċellola ta' annimal individwali jiġi trasferit f'ooċit li minnu jkun tneħħa n-nukleu, embrijuni individwali ġenetikament identiċi ("kloni ta' embrijuni"), li mbagħad ikunu jistgħu jiġu impjantati f'ommijiet surrogati sabiex jipproduċu popolazzjonijiet ta' annimali ġenetikament identiċi ("kloni tal-annimali"); [Em. 31]
- (ba) "**dixxendenti ta' kloni tal-annimali**" tfisser **annimali, għajr kloni tal-annimali, fejn mill-inqas proġenitur wieħed huwa klonu tal-annimal;** [Em. 32]
- (bb) "**prodotti ġerminali**" tfisser **semen, ooċiti u embrijuni miġburin jew prodotti minn annimali għall-fini ta' riproduzzjoni;** [Em. 33]
- (bc) "**traċċabilità**" tfisser **il-kapaċità li jiġi traċċat u segwit ikel, għalf, animal li jipproduċi l-ikel jew sustanza maħsuba biex tkun, jew mistennija li tkun inkorporata fl-ikel jew fl-għalf, matul l-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni;** [Em. 34]
- (c) "tqegħid fis-suq" tfisser l-ewwel darba li annimal jew prodott jitqiegħed disponibbli fis-suq intern.
- (ca) "**ikel**" tfisser **ikel kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.** [Em. 35]

Artikolu 3**Projbizzjoni provviżorja [Em. 36]**

~~L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu provviżorjament~~ **Dan li ġej għandu jiġi pprojbit:** [Em. 37]

- (a) l-ikklonjar tal-annimali;
- (b) it-tqegħid fis-suq **u l-importazzjoni ta' kloni tal-annimali, u ta' kloni tal-embrijuni, dixxendenti ta' kloni tal-annimali, prodotti ġerminali ta' kloni tal-annimali u tad-dixxendenti tagħhom, u ikel u għalf minn kloni tal-annimali u d-dixxendenti tagħhom.** [Em. 38]

Artikolu 3a**Kundizzjonijiet tal-importazzjoni**

L-annimali ma għandhomx jiġu importati minn pajjiżi terzi sakemm iċ-ċertifikati ta' importazzjoni li jakkumpanjawhom ma jurux li mhumiex kloni tal-annimali jew dixxendenti ta' kloni tal-annimali.

Prodotti ġerminali u ikel u għalf li joriġinaw mill-annimali m'għandhomx jiġu impurtati minn pajjiżi terzi sakemm iċ-ċertifikati ta' importazzjoni li jakkumpanjawhom ma jurux li dawn mhumiex ġejjin minn kloni tal-annimali jew minn dixxendenti ta' kloni tal-annimali.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċertifikati ta' importazzjoni li jakkumpanjaw l-annimali u l-prodotti ġerminali u ikel u għalf li joriġinaw mill-annimali jindikaw jekk humiex, jew humiex derivati minn, kloni tal-annimal jew dixxendenti ta' kloni tal-annimali, il-Kummissjoni għandha tadotta kundizzjonijiet speċifiċi ta' importazzjoni skont l-Artikolu 48 jew l-Artikolu 49 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ sa ... (*) u għandha, jekk meħtieġ, tippreżenta proposta biex temenda leġiżlazzjoni oħra fil-qasam tas-saħħa tal-annimali jew kundizzjonijiet żootekniċi u ġenealoġiċi għal importazzjonijiet. [Em. 39]

Artikolu 3b

Trasmissibilità

Sabiex tiġi provduta lill-awtoritajiet kompetenti u lill-operaturi ekonomiċi l-informazzjoni li jeħtieġu għall-applikazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 3, is-sistemi ta' trasmissibilità għandhom jiġu stabbiliti għal:

- (a) kloni tal-annimali;
- (b) dixxendenti ta' kloni tal-annimali;
- (c) prodotti ġerminali ta' kloni tal-annimali u tad-dixxendenti tagħhom.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 4a, biex tistabbilixxi regoli dettaljati għall-inklużjoni tal-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (c) tal-ewwel subparagrafu fiċ-ċertifikati previsti fil-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa tal-annimali u ż-żooteknoloġija jew fiċ-ċertifikati mfassla mill-Kummissjoni għal dawk il-finijiet. Dawk l-atti ddelegati għandhom jiġu adottati sa ... (**). [Em. 40]

Artikolu 4

Penali

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati taħt din id-Direttiva ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati **applikati**. Il-pieni previsti għandhom ikunu **effettivi effettivi**, proporzjonati, dissważivi u **għandhom jiżguraw kundizzjonijiet ekwi**. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [data għat traspożizzjoni tad-Direttiva] ... (***) u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li toqtohom tagħhom. [Em. 41]

Artikolu 4a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati kif imsemmi fl-Artikolu 3a għandha tiġi konferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ... (****). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, hliief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3a tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

(*) 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(**) 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(***) Sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(****) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

5. *Att delegat adottat skont l-Artikolu 3a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. [Em. 42]*

Artikolu 5

Rapportar u Reviżjoni

1. Sa ~~[data = 5 snin wara d-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]~~ ... (*), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni fuq l-esperjenza miksuba minnhom dwar l-applikazzjoni ta' ~~din id-Direttiva~~ **dan ir-Regolament**. [Em. 43]

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' **dan ir-Regolament** billi tikkunsidra:

(a) ir-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1;

(b) ~~il progress xjentifiku~~ **l-evidenza xjentifika** u ~~teknika~~ **teknika kollha disponibbli tal-progress**, b'mod partikolari ~~dak dik li jirrigwarda~~ **irrigwarda** l-aspetti tal-ikklonjar relatati mal-benessri tal-annimali **u l-kwistjonijiet dwar is-sikurezza alimentari, u l-progress fil-ħolqien ta' sistemi ta' traċċabilità affidabbli għall-kloni u d-dixxendenti tagħhom**; [Em. 44]

(ba) **l-evoluzzjoni tal-perċezzjonijiet tal-konsumatur dwar l-ikklonjar**; [Em. 45]

(c) l-iżviluppi internazzjonali.

(ca) **it-tħassib tal-konsumaturi fir-rigward tas-saħħa pubblika u l-benessri tal-annimali**; [Em. 46]

(cb) **kwistjonijiet etiċi relatati mal-ikklonjar tal-annimali**. [Em. 47]

2a. Il-Kummissjoni għandha tagħmel pubblikament disponibbli r-rapport imsemmi fil-paragrafu 2. [Em. 48]

2b. **Permezz ta' Stħarriġ uffiċjali tal-UE, il-Kummissjoni għandha tnedi konsultazzjoni pubblika bil-għan li tivvaluta kwalunkwe tendenza ġdida rigward il-perċezzjonijiet tal-konsumaturi tal-prodotti alimentari mill-annimali kklonati**. [Em. 49]

Artikolu 6

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa ~~[data = 12 il-xahar wara d-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]~~. Huma għandhom jikkomunikaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. [Em. 50]

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni **tiegħu** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika minn ... ().** [Em. 52]

(*) **6 snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.**

(**) **Sena mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.**

It-Tlieta 8 ta' Settembru 2015

~~Artikolu 8~~

~~Indirizzati~~

~~Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri. [Em. 53]~~

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. [Em. 54]

Magħmul fi ,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0298

Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd mal-Guinea-Bissau: l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja (approvazzjoni) ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll miftiehem bejn l-UE u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau li jstabilixxi l-opportunitajiet ta' sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ partijiet (11667/2012 – C8-0278/2014 – 2012/0134(NLE))

(Approvazzjoni)

(2017/C 316/38)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11667/2012),
 - wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (11671/2012),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43, l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt a), u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0278/2014),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu tad-9 ta' Settembru 2015 ⁽¹⁾ dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni jiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Baġits (A8-0233/2015),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau.

⁽¹⁾ Testi adottati ta' dik id-data, P8_TA(2015)0299.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0300

Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd mal-Kap Verde: l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja (approvazzjoni) ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde (15848/2014 – C8-0003/2015 – 2014/0329(NLE))

(Approvazzjoni)

(2017/C 316/39)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (15848/2014),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde (15849/2014),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill b'konformità mal-Artikolu 43, l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0003/2015),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tiegħu tad-9 ta' Settembru 2015 ⁽¹⁾ dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2), u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoniġiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Baġits (A8-0201/2015),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Kap Verde.

⁽¹⁾ Testi adottati ta' dik id-data, P8_TA(2015)0301.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0302

Ftehim ta' sħubija dwar is-sajd mal-Madagaskar: l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, ta' Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Madagaskar u l-Komunità Ewropea (15225/2014 – C8-0002/2015 – 2014/0319(NLE))

(Approvazzjoni)

(2017/C 316/40)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill (15225/2014),
 - wara li kkunsidra l-abbozz ta' Protokoll ġdid li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Madagaskar u l-Komunità Ewropea (15226/2014),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill b'konformità mal-Artikolu 43, l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) u l-Artikolu 218(7), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0002/2015),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Kumitat għall-Baġits (A8-0196/2015),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Madagaskar.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0303

Protokoll li Jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (approvazzjoni) ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (06040/2015 – C8-0077/2015 – 2015/0029(NLE))

(Approvazzjoni)

(2017/C 316/41)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (06040/2015),
 - wara li kkunsidra l-abbozz tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim ta' Marrakexx li Jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (06041/2015),
 - wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni mressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) (v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0077/2015),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġislattiva tiegħu tad-9 ta' Settembru 2015 ⁽¹⁾ dwar l-abbozz ta' deċiżjoni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0237/2015),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Protokoll;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

⁽¹⁾ Testi adottati ta' dik id-data, P8_TA(2015)0304.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0305

Awtorizzazzjoni għal-Awstrija, l-Belġju u l-Polonja biex tirroratifika, jew biex taderixxi mal-Konvenzjoni dwar il-Kuntratt tat-Trasport ta' Merkanzija permezz ta' Passaġġi fuq l-Ilma Interni (CMNI) ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li jawtorizza lir-Renju tal-Belġju u r-Repubblika tal-Polonja rispettivament biex jirroratifikaw, u lir-Repubblika tal-Awstrija biex taderixxi mal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar il-Kuntratt tat-Trasport ta' Merkanzija permezz ta' Passaġġi fuq l-Ilma Interni (CMNI) (08223/2015 – C8-0173/2015 – 2014/0345(NLE))

(Approvazzjoni)

(2017/C 316/42)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (08223/2015).
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Budapest dwar il-Kuntratt tat-Trasport ta' Merkanzija permezz ta' Passaġġi fuq l-Ilma Interni (08223/15/ADD1)
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni mressqa mill-Kunsill bi qbil mal-Artikolu 81(2) u mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0173/2015),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1), l-ewwel u t-tielet subparagrafi, l-Artikolu 99(2), u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0231/2015),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li jawtorizza lir-Renju tal-Belġju u r-Repubblika tal-Polonja rispettivament biex jirroratifikaw, u lir-Repubblika tal-Awstrija biex taderixxi mal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar il-Kuntratt tat-Trasport ta' Merkanzija permezz ta' Passaġġi fuq l-Ilma Interni;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0306

Miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Settembru 2015 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (COM(2015)0286 – C8-0156/2015 – 2015/0125(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2017/C 316/43)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2015)0286),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 78(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Parlament għe kkonsultat mill-Kunsill (C8-0156/2015),
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kunsill tat-30 ta' Lulju 2015 li permezz tagħha hija informat lill-Parlament l-approċċ ġenerali tagħha,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Baġits,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0245/2015),
1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;
 2. Japprova d-dikjarazzjoni tiegħu annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 4. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 5. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Kapitolu I u l-Artikoli 18 u 19 tagħha,

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 2
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (2a) *F'konformità mal-Artikolu 78(3) u l-Artikolu 80 tat-Trattat, il-miżuri ta' solidarjetà previsti f'din id-Deċiżjoni huma vinkolanti.*

Emenda 3
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (4a) *Il-miżuri temporanji għal rilokazzjoni ta' emerġenza huma biss parti waħda mill-approċċ olistiku lejn il-migrazzjoni kif delinjat fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2015 bit-titolu, "Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni" u r-rapport fuq inizjattiva proprja li ġej mill-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew jenfasisza li d-dimensjonijiet kollha tal-approċċ olistiku huma importanti u għandhom jiġu mressqa b'mod parallel. Fil-laqgħa tiegħu tal-25 u s-26 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill Ewropew qabel b'mod partikolari, fid-dawl tas-sitwazzjoni ta' emerġenza attwali u tal-impenn biex tissaħħaħ is-solidarjetà u r-responsabilità, dwar ir-rilokazzjoni temporanja u eċċezzjonali mifruxa fuq sentejn ta' 40 000 persuna fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali, mill-Italja u l-Greċja lejn Stati Membri oħra. L-Istati Membri għandhom jaqblu dwar kwoti vinkolanti għad-distribuzzjoni ta' dawn il-persuni.*

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 4
Proposta għal deċiżjoni

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

- (5) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-29 ta' April 2015, il-Parlament Ewropew saħaq fuq il-ħtieġa li l-Unjoni tibbaża r-rispons tagħha għall-aħħar t-traġedji fil-Mediterran fuq is-solidarjetà u l-qsim ġust tar-responsabbiltà, u biex tintensifika l-isforzi tagħha f'dan il-qasam fuq l-Istati Membri li jirċievu l-ikbar għadd ta' refuġjati u applikanti għal protezzjoni internazzjonali, kemm jekk f'termini assoluti jew termini proporzjonali.

Emenda

- (5) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-29 ta' April 2015, il-Parlament Ewropew saħaq fuq il-ħtieġa li l-Unjoni tibbaża r-rispons tagħha għall-aħħar t-traġedji fil-Mediterran fuq is-solidarjetà u l-qsim ġust tar-responsabbiltà, u biex tintensifika l-isforzi tagħha f'dan il-qasam fuq l-Istati Membri li jirċievu l-ikbar għadd ta' refuġjati u applikanti għal protezzjoni internazzjonali, kemm jekk f'termini assoluti jew termini proporzjonali **abbażi tal-kriterji għall-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli għall-analiżi tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** ^(1bis). **Il-Parlament Ewropew talab għal kwota obbligatorja għad-distribuzzjoni ta' persuni li jfittxu l-asil fost l-Istati Membri kollha.**

^(1bis) Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun determinat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ippreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolidi (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).

Emenda 5
Proposta għal deċiżjoni

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

- (7) Fost l-Istati Membri li għaddejjin minn sitwazzjoni ta' pressjoni partikolari, u quddiem il-ġrajjet reċenti traġiċi fil-Mediterran, l-Italja u l-Greċja b'mod partikolari esperjenzaw flussi bla preċedent ta' migranti, inklużi applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li b'mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, li waslu fit-territorju tagħhom, u ħolqu pressjoni sinifikanti fuq is-sistemi ta' migrazzjoni u ta' **ażil** tagħhom.

Emenda

- (7) Fost l-Istati Membri li għaddejjin minn sitwazzjoni ta' pressjoni partikolari, u quddiem il-ġrajjet reċenti traġiċi fil-Mediterran, l-Italja u l-Greċja b'mod partikolari esperjenzaw flussi bla preċedent ta' migranti, inklużi applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li b'mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, li waslu fit-territorju tagħhom, u ħolqu pressjoni sinifikanti fuq is-sistemi ta' migrazzjoni u ta' **asil** tagħhom, **għaldaqstant jindikaw l-impatt negattiv tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 għall-ewwel pajjiż li daħal fl-Unjoni, li b'dispaċir għadu ma wassalx għas-sospensjoni ta' dak ir-regolament jew għallinqas għat-tneħħija tar-referenza għall-ewwel pajjiż li daħal fl-Unjoni. Madankollu, l-Istati Membri l-oħra fi ħdan l-Unjoni wkoll qegħdin jesperjenzaw żidiet kbar fin-numru ta' persuni li jfittxu asil li jilqgħu.**

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 6
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (7a) *Il-previżjoni esperta turi pressjoni migratorja akbar fuq il-fruntieri esterni marittimi u tal-art tal-Unjoni fit-terminu qasir u medju.*

Emenda 7
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (8) Skont id-dejta tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (Frontex), ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali u tal-Lvant kienu ż-żoni prinċipali għall-qsim illegali tal-fruntieri fl-Unjoni, fl-2014. Fl-2014 iktar minn 170 000 migrant waslu b'mod irregolari biss biss fl-Italja, li jirrappreżentaw żieda ta' 277 % meta mqabbel mal-2013. Kien hemm żieda kostanti wkoll fil-Greċja b'aktar minn 50 000 migrant irregolari li waslu fil-pajjiż, li jirrappreżentaw żieda ta' 153 % meta mqabbel mal-2013. L-istatistiċi tal-ewwel xhur tal-2015 jikkonfermaw din it-tendenza ċara fir-rigward tal-Italja. Barra minn hekk, il-Greċja fl-ewwel xhur tal-2015 iffaċċjat żieda qawwija fl-għadd ta' qsim irregolari tal-fruntieri, li tikkorrispondi għal **aktar minn 50 % tal-għadd totali tal-qsim irregolari tal-fruntieri fl-2014 (kważi 28 000 fl-ewwel erba' xhur tas-sena 2015** meta mqabbel mal-għadd totali ta' kważi 55 000 fl-2014). Proporzjon sinifikanti min-numru totali ta' migranti irregolari misjuba f'dawn iż-żewġ reġjuni inkluda l-migranti ta' nazzjonalitajiet li, abbażi tad-dejta tal-Eurostat, fil-livell tal-Unjoni laħqu rata ta' rikonossiment għolja (fl-2014, is-Sirjani u l-Eritrej, li għalihom ir-rata ta' rikonossiment fil-livell tal-Unjoni hija ta' aktar minn 75 %, kienet tirrappreżenta aktar minn 40 % tal-migranti irregolari fl-Italja u aktar minn 50 % minnhom fil-Greċja). Skont il-Eurostat, 30 505 Sirjani nstabu li fl-2014 kienu qegħdin b'mod irregolari fil-Greċja, meta mqabblin ma' 8 220 fl-2013.
- (8) Skont id-dejta tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni (Frontex), ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali u tal-Lvant kienu ż-żoni prinċipali għall-qsim illegali tal-fruntieri fl-Unjoni, fl-2014. Fl-2014 iktar minn 170 000 migrant waslu b'mod irregolari fl-Italja **biss**, li jirrappreżentaw żieda ta' 277 % meta mqabbel mal-2013, **inklużi aktar minn 26 100 tfal, li minnhom 13 000 kienu minuri mhux akkumpanjati, li jirrappreżentaw 7,6 % min-numru totali ta' migranti.** Kien hemm żieda kostanti wkoll fil-Greċja b'aktar minn 50 000 migrant irregolari li waslu fil-pajjiż, li jirrappreżentaw żieda ta' 153 % meta mqabbel mal-2013. L-istatistiċi tal-ewwel xhur tal-2015 jikkonfermaw din it-tendenza ċara fir-rigward tal-Italja. **Minn Jannar sa nofs Ġunju 2015, l-Italja rreġistrat żieda ta' 5 % ta' qsim irregolari tal-fruntieri meta mqabbel mal-istess perjodu fis-sena preċedenti.** Barra minn hekk, il-Greċja fl-ewwel xhur tal-2015 iffaċċjat żieda qawwija fl-għadd ta' qsim irregolari tal-fruntieri, li tikkorrispondi għal **żieda ta' aktar minn sitt darbiet aktar meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena preċedenti u żieda ta' kważi 140 % meta mqabbel mas-sena preċedenti kollha (76 293 minn Jannar sa Ġunju 2015, skont data tal-Frontex,** meta mqabbel mal-għadd totali ta' kważi 55 000 fl-2014). Proporzjon sinifikanti min-numru totali ta' migranti irregolari misjuba f'dawn iż-żewġ reġjuni inkluda l-migranti ta' nazzjonalitajiet li, abbażi tad-dejta tal-Eurostat, fil-livell tal-Unjoni laħqu rata ta' rikonossiment għolja (fl-2014, is-Sirjani u l-Eritrej, li għalihom ir-rata ta' rikonossiment fil-livell tal-Unjoni hija ta' aktar minn 75 %, kienet tirrappreżenta aktar minn 40 % tal-migranti irregolari fl-Italja u aktar minn 50 % minnhom fil-Greċja). **minn Jannar sa nofs Ġunju 2015 is-Sirjani u l-Eritrej irrappreżentaw 30 % tal-wasliet fl-Italja u kważi 60 % fil-Greċja.** Skont il-Eurostat, 30 505 Sirjani nstabu li fl-2014 kienu qegħdin b'mod irregolari fil-Greċja, meta mqabblin ma' 8 220 fl-2013.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 8
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

- (10) Skont id-dejta tal-Frontex, rotta migratorja importanti oħra lejn l-Unjoni fl-2014 kienet ir-rotta tal-Balkani tal-Punent, bi 43 357 qasma irregolari tal-fruntieri. **Madankollu, il-maġġoranza tal-migranti li jużaw ir-rotta tal-Balkani mhumiex, prima facie, fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, b'51 % tal-wasliet ikunu Kosovari.**

Emenda

- (10) Skont id-dejta tal-Frontex, rotta migratorja importanti oħra lejn l-Unjoni fl-2014 kienet ir-rotta tal-Balkani tal-Punent, bi 43 357 qasma irregolari tal-fruntieri. **In-numru ta' qasmiet irregolari tal-fruntieri żdied drammatikament fl-2015. Bejn Jannar u Ġunju 2015, 67 444 migrant u refuġjat użaw ir-rotta tal-fruntieri bejn it-Turkija u l-Greċja u l-Bulgarija u l-fruntieri tal-art tal-Ungerija. Dan jammonta għal żieda ta' 962 % meta mqabbel mal-istess perjodu matul is-sena ta' qabel. Ir-rotta issa qiegħda tintuża dejjem aktar minn persuni li qed jaħarbu l-gwerra u l-persekuzzjoni. Bejn Jannar u Ġunju 2015, 17 955 refuġjat mill-Afganistan, 13 225 refuġjat mis-Sirja, 3 021 refuġjat mill-Iraq u 196 refuġjat mill-Eritrea daħlu fl-Unjoni permezz ta' din ir-rotta.**

Emenda 9
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

- (13a) **Għandu jkun hemm traspożizzjoni rapida u sħiħa u implimentazzjoni effettiva tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil mill-Istati Membri parteċipanti kollha, biex b'hekk jiġu żgurati standards tal-Unjoni komuni, inklużi kundizzjonijiet ta' lqugħ tal-persuni li jfittxu asil u r-rispett tad-drittijiet fundamentali, kif previst skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni eżistenti.**

Emenda

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 10
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

- (15) Jekk Stat Membru appartni l-Italja jew il-Greċja jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' emerġenza simili kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, jista' jadotta miżuri provviżorji għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat, skont l-Artikolu 78(3) tat-Trattat. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, fejn ikun adegwat, is-sospensjoni tal-obbligi ta' dan l-Istat Membru previsti f'din id-Deċiżjoni.

Emenda

- (15) **Meta jittieħed kont tal-instabilità li għaddejja bħalissa u l-kunflitti fil-viċinat immedjat tal-Unjoni u man-natura tal-flussi migratorji**, jekk Stat Membru appartni l-Italja jew il-Greċja jiffaċċjaw sitwazzjoni ta' emerġenza simili kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, jista' jadotta miżuri provviżorji għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat, skont l-Artikolu 78(3) tat-Trattat. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, fejn ikun adegwat, is-sospensjoni tal-obbligi ta' dan l-Istat Membru previsti f'din id-Deċiżjoni.

Emenda 11
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

- (17) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jinvolvu deroga temporanja mill-kriterju stabbilit fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 **tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** u mill-passi proċedurali, inklużi l-limiti ta' żmien, stabbiliti fl-Artikoli 21, 22 u 29 ta' dan ir-Regolament ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jstabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).

Emenda

- (17) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jinvolvu deroga temporanja mill-kriterju stabbilit fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 u mill-passi proċedurali, inklużi l-limiti ta' żmien, stabbiliti fl-Artikoli 21, 22 u 29 ta' dan ir-Regolament. **Il-miżuri ta' rilokazzjoni m'għandhomx jipprevjenu lill-Istati Membri milli jagħmlu użu sħiħ tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 inkluż użu proattiv u effiċjenti tal-kriterji kollha, bħalma huma r-riunifikazzjoni tal-familja, il-protezzjoni speċjali ta' minorenni mhux akkumpanjati, u l-klawżola ta' diskrezzjoni għal raġunijiet umanitarji.**

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 12
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

- (18) Kellha ssir għażla fir-rigward tal-kriterju li kellu jiġi applikat meta kellu jiġi deċiż min u kemm-il applikant għandhom jiġu rilokati mill-Italja u l-Greċja. Hija prevista sistema ċara u li tiffunzjona bbażata fuq il-limitu tar-rata medja, fil-livell tal-Unjoni, tad-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali fil-proċeduri waqt l-ewwel istanza kif definiti mill-Eurostat mill-ammont totali, fil-livell tal-Unjoni, ta' deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet **għall-ażil** għall-protezzjoni internazzjonali meħuda fl-ewwel istanza abbażi tal-aħħar statistiċi disponibbli. Minn naħa, dan il-limitu għandu jiżgura kemm jista' jkun possibbli, li l-applikanti kollha li x'akarx li jeħtieġu l-aktar protezzjoni internazzjonali jkunu f'pożizzjoni li jgawdu b'mod sħiħ u malajr id-drittijiet tagħhom ta' protezzjoni fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Min-naħa l-oħra, għandu jimpedixxi, kemm jista' jkun possibbli, li l-applikanti li x'aktarx probabbli tingħatalhom deċiżjoni negattiva rigward l-applikazzjoni tagħhom ma jiġux rilokati fi Stat Membru ieħor, u għaldaqstant itawlu b'mod mhux dovut il-permanenza tagħhom fl-Unjoni. Abbażi tad-dejta tal-Eurostat għall-2014 dwar id-deċiżjonijiet fl-ewwel istanza, il-limitu ta' 75 %, li f'din is-sena jikkorrispondi għal deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet ta' Sirjani u Eritrej, għandu jintuża f'din id-Deċiżjoni.

Emenda

- (18) Kellha ssir għażla fir-rigward tal-kriterju li kellu jiġi applikat meta kellu jiġi deċiż min u kemm-il applikant għandhom jiġu rilokati mill-Italja u l-Greċja. Hija prevista sistema ċara u li tiffunzjona bbażata fuq il-limitu tar-rata medja, fil-livell tal-Unjoni, tad-deċiżjonijiet li jagħtu protezzjoni internazzjonali fil-proċeduri waqt l-ewwel istanza kif definiti mill-Eurostat mill-ammont totali, fil-livell tal-Unjoni, ta' deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet **għall-asil** għall-protezzjoni internazzjonali meħuda fl-ewwel istanza abbażi tal-aħħar statistiċi disponibbli. Minn naħa, dan il-limitu għandu jiżgura kemm jista' jkun possibbli, li l-applikanti kollha li x'akarx li jeħtieġu l-aktar protezzjoni internazzjonali jkunu f'pożizzjoni li jgawdu b'mod sħiħ u malajr id-drittijiet tagħhom ta' protezzjoni fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Min-naħa l-oħra, għandu jimpedixxi, kemm jista' jkun possibbli, li l-applikanti li x'aktarx probabbli tingħatalhom deċiżjoni negattiva rigward l-applikazzjoni tagħhom ma jiġux rilokati fi Stat Membru ieħor, u għaldaqstant itawlu b'mod mhux dovut il-permanenza tagħhom fl-Unjoni. Abbażi tad-dejta tal-Eurostat għall-2014 dwar id-deċiżjonijiet fl-ewwel istanza, il-limitu ta' 75 %, li f'din is-sena jikkorrispondi għal deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet ta' Sirjani u Eritrej, għandu jintuża f'din id-Deċiżjoni. **Sabiex titqies in-natura b'tendenza għall-bidla tal-flussi migratorji, il-grupp immirat ta' benefiċjarji għar-rilokazzjoni għandu jkun ivvalutat kull tliet xhur.**

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 13
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

- (19) Il-miżuri provviżorji huma maħsuba biex itaffu l-pressjoni **tal-ażil** sinifikanti minn fuq l-Italja u l-Greċja, b'mod partikolari billi jiġu rilokati għadd kbir ta' applikanti, li b'mod ċar għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, li waslu fit-territorju tal-Italja u l-Greċja wara d-data li fiha din id-Deċiżjoni ssir applikabbli. Abbażi tal-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li daħlu irregolarment fl-Italja u fil-Greċja fl-2014, u l-għadd ta' dawk li b'mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, it-total ta' 40 000 applikant li b'mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rilokati mill-Italja u l-Greċja. Dan l-għadd jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal 40 % tal-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali li daħlu irregolarment fl-Italja u fil-Greċja fl-2014. Għaldaqstant, il-miżura ta' rilokazzjoni proposta f'din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi l-qsim ġust **tal-piż** bejn l-Italja u l-Greċja fuq naħa waħda, u l-Istati Membri fuq in-naħa l-oħra. Abbażi tal-istess ċifri globali disponibbli fl-2014 u fl-ewwel erba' xhur tas-sena tal-2015, tal-Italja meta mqabbla mal-Greċja, 60 % ta' dawn l-applikanti għandhom jiġu rilokati mill-Italja u 40 % mill-Greċja.

Emenda

- (19) Il-miżuri provviżorji **ta' emerġenza** huma maħsuba biex **jistabbilixxu mekkaniżmu ta' rilokazzjoni ġust u ekwu**, itaffu l-pressjoni **tal-asil** sinifikanti minn fuq l-Italja u l-Greċja, b'mod partikolari billi jiġu rilokati għadd kbir ta' applikanti, li b'mod ċar għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, li waslu fit-territorju tal-Italja u l-Greċja wara d-data li fiha din id-Deċiżjoni ssir applikabbli. Abbażi tal-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li daħlu irregolarment fl-Italja u fil-Greċja fl-2014, u l-għadd ta' dawk li b'mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, it-total ta' 40 000 applikant li b'mod ċar jeħtieġu protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu rilokati mill-Italja u l-Greċja. Dan l-għadd jikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għal 40 % tal-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fi bżonn ċar ta' protezzjoni internazzjonali li daħlu irregolarment fl-Italja u fil-Greċja fl-2014. Għaldaqstant, il-miżura ta' rilokazzjoni proposta f'din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi l-qsim ġust **tar-responsabilità** bejn l-Italja u l-Greċja fuq naħa waħda, u l-Istati Membri fuq in-naħa l-oħra. Abbażi tal-istess ċifri globali disponibbli fl-2014 u fl-ewwel erba' xhur tas-sena tal-2015, tal-Italja meta mqabbla mal-Greċja, 60 % ta' dawn l-applikanti għandhom jiġu rilokati mill-Italja u 40 % mill-Greċja. **Fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sehem ta' persuni li se jiġu rilokati mill-Italja u l-Greċja, abbażi tal-aktar data reċenti disponibbli, bil-ħsieb li jiġi adattat għall-flussi tar-refuġjati li jkunu nbidlu. Il-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni ta' emerġenza mhuwiex soluzzjoni fl-isfida fit-tul tal-pressjoni tal-asil fuq il-fruntieri esterni tal-Unjoni, imma, huwa aktar każ ta' prova bil-ħsieb tal-proposta leġiżlattiva li ġejja dwar skema permanenti ta' rilokazzjoni ta' emerġenza abbażi tal-Artikolu 78(2) tat-Trattat u għaldaqstant huwa inizzjalment ristrett għal total ta' 40 000 applikant. Madankollu, għandha titqies żieda ulterjuri ta' postijiet ta' rilokazzjoni, jekk din tkun meħtieġa, għall-adattament ta' flussi u tendenzi li jinbidlu malajr ta' refuġjati matul l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Kull proposta għal mekkaniżmu permanenti ta' rilokazzjoni ta' emerġenza trid tkun ibbażata fuq kontribut aktar sostanzjali għall-kondiviżjoni tas-solidarjetà u r-responsabilità fost l-Istati Membri, inkluża żieda fin-numru ta' postijiet disponibbli għal rilokazzjoni għall-adattazzjoni għall-flussi u t-tendenzi migratorji li jinbidlu malajr. Għandu jkun mibni fuq kriterji definiti b'mod ċar, inkluż id-dħul mhux mistenni ta' persuni b'nazzjonalità ta' pajjiżi terzi u l-pressjoni eċċezzjonali tal-asil, u dan jippermetti l-iskattar tiegħu abbażi ta' indikaturi trasparenti u oġġettivi.**

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 14**Proposta għal deċiżjoni****Premessa 20a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (20a) **Meta jiġi abbozzat il-mekkaniżmu permanenti għar-rilokazzjoni skont l-Artikolu 78(2) tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tinkludi t-territorju ta' Stat Membru bħala kriterju għad-determinazzjoni tad-distribuzzjoni tal-migranti.**

Emenda 15**Proposta għal deċiżjoni****Premessa 21**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (21) Il-Fond **għall-Ażil**, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jipprovdi appoġġ għal operazzjonijiet ta' qsim **tal-piżijiet** maqbula bejn l-Istati Membri, u huwa miftuħ għal żviluppi ġodda ta' politika f'dan il-qasam. L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 jipprevedi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jimplementaw azzjonijiet relatati mat-trasferiment ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali bħala parti mill-programmi nazzjonali tagħhom, filwaqt li l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 jipprevedi l-possibbiltà ta' somma f'daqqa ta' EUR 6 000 għat-trasferiment ta' benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru ieħor ⁽¹⁾.

- (21) Il-Fond **għall-Asil**, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jipprovdi appoġġ għal operazzjonijiet ta' qsim **ta' responsabilità** maqbula bejn l-Istati Membri, u huwa miftuħ għal żviluppi ġodda ta' politika f'dan il-qasam. L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 jipprevedi l-possibbiltà għall-Istati Membri li jimplementaw azzjonijiet relatati mat-trasferiment ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali bħala parti mill-programmi nazzjonali tagħhom, filwaqt li l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 jipprevedi l-possibbiltà ta' somma f'daqqa ta' EUR 6 000 għat-trasferiment ta' benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru ieħor ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168).

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168).

Emenda 16**Proposta għal deċiżjoni****Premessa 21a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (21a) **Il-Kummissjoni għandha tikkontrolla l-infiq tas-somma ta' EUR 6 000 għar-rilokazzjoni ta' kull applikant.**

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 17
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

- (25) Meta jkun qed jiġi deċiż liema applikanti, li jeħtieġu b'mod ċar il-protezzjoni internazzjonali, għandhom jiġu rilokati mill-Italja u l-Greċja, għandha tingħata prijorità lil applikanti vulnerabbli skont l-**Artikolu 22** tad-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. F'dan ir-rigward, il-bżonnijiet speċjali tal-applikanti, inkluża s-saħħa, għandhom jingħataw l-ewwel l-importanza. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom dejjem jiġu kkunsidrati l-ewwel ⁽¹⁰⁾.

⁽¹⁰⁾ Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96).

Emenda

- (25) Meta jkun qed jiġi deċiż liema applikanti, li jeħtieġu b'mod ċar il-protezzjoni internazzjonali, għandhom jiġu rilokati mill-Italja u l-Greċja, għandha tingħata prijorità lil applikanti vulnerabbli, – **u fost dawn, attenzjoni speċjali għandha tingħata lil minuri mhux akkumpanjati** - skont l-**Artikoli 21 u 22** tad-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁰⁾. **Sabiex titqies is-sitwazzjoni speċifika ta' persuni vulnerabbli, l-Istati Membri huma meħtieġa skont id-Direttiva 2013/33/UE u d-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imexxu valutazzjoni individwali tal-vulnerabilitajiet tal-individwi skont il-ħtiġijiet speċjali tagħhom ta' riċeviment u ta' proċedura. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jieħdu passi attivi biex jivvalutaw il-ħtiġijiet individwali ta' dawk li jfittxu l-asil u ma jistgħux iserrħu biss fuq l-awto-identifikazzjoni tagħhom biex jiggarrantixxu b'mod effikaċi d-drittijiet tagħhom skont id-dritt tal-Unjoni ^(1 bis).** F'dan ir-rigward, il-bżonnijiet speċjali tal-applikanti, inkluża s-saħħa, għandhom jingħataw l-ewwel l-importanza. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom dejjem jiġu kkunsidrati l-ewwel **fil-proċeduri kollha stabbiliti b'segwitu għal din id-Deċiżjoni u l-prinċipji ewlenin stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ġunju 2013 fil-Każ C-648/11 m'għandhom qatt jiġu mhedda ^(1 ter).**

⁽¹⁰⁾ Id-Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 96).

^(1 bis) **Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 60).**

^(1 ter) **Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ġunju 2013, MA u oħrajn, C-648/11, ECLI:EU:C:2013:367.**

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 18
Proposta għal deċiżjoni
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

- (26) Barra minn hekk, sabiex jiġi deċiż liema Stat Membru speċifiku għandu jkun l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, għandha tingħata kunsiderazzjoni speċifika lill-kwalifiki speċifiċi, tal-applikanti kkonċernati, li jistgħu jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni, bħalma huma l-ħiliet lingwistiċi tagħhom. Barra minn hekk, fil-każ ta' applikanti partikolarment vulnerabbli, għandu jitqies x'kapaċità għandu l-Istat Membru ta' rilokazzjoni biex jagħti l-appoġġ adegwat lil dawn l-applikanti.

Emenda

- (26) Barra minn hekk, sabiex jiġi deċiż liema Stat Membru speċifiku għandu jkun l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, għandha tingħata kunsiderazzjoni speċifika **lill-preferenzi** u lill-kwalifiki speċifiċi, tal-applikanti kkonċernati, li jistgħu jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni, bħalma huma l-ħiliet lingwistiċi tagħhom, **irbit familjari li jmur lil hinn mid-definizzjoni ta' membri tal-familja fir-Regolament (UE) Nru 604/2013, relazzjonijiet soċjali, rabtiet kulturali, soġġorn preċedenti fi Stat Membru, esperjenza ta' studju u ta' xogħol preċedenti ma' kumpanija jew ma' organizzazzjoni ta' Stat Membru speċifiku kif ukoll kwalifiki speċifiċi li jistgħu jkunu rilevanti għall-integrazzjoni tal-applikanti fis-suq tax-xogħol tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni. L-Istati Membri għaldaqstant għandhom jiffaċilitaw ir-rikonoxximent effikaċi tad-diplomi, il-kwalifiki u l-ħiliet tal-applikanti. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jgħarrfu lill-applikanti dwar l-opportunitajiet tas-suq tax-xogħol tagħhom.** Barra minn hekk, fil-każ ta' applikanti partikolarment vulnerabbli, għandu jitqies x'kapaċità għandu l-Istat Membru ta' rilokazzjoni biex jagħti l-appoġġ adegwat lil dawn l-applikanti. **Filwaqt li l-applikanti ma għandux ikollhom id-dritt li jagħżlu l-Istat Membru tar-rilokazzjoni tagħhom, il-ħtiġijiet, il-preferenzi u l-kwalifiki speċifiċi tagħhom għandhom jitqiesu sa fejn dan ikun possibbli.**

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 19**Proposta għal deċiżjoni****Premessa 26a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26a) *Abbażi tat-tagħlimiet mgħallma mill-proġett pilota dwar ir-rilokazzjoni minn Malta (EUREMA), l-aspettattivi u l-preferenzi għandhom jitqiesu sa fejn dan ikun possibbli. Bħala pass inizjali, l-applikanti għandhom jingħataw il-possibilità li jesprimu l-preferenzi tagħhom. Huma għandhom jikklassifikaw l-Istati Membri b'ordni ta' preferenza u jsostnu l-preferenzi tagħhom b'elementi bħal irbit familjari, soċjali u kulturali bħalma huma l-ħiliet lingwistiċi, permanenza preċedenti, studji preċedenti u l-esperjenzi tax-xogħol preċedenti. Dan għandu jseħħ matul l-ipproċessar inizjali. Bħala t-tieni pass, l-Istati Membri rispettivi għandhom ikunu infurmati dwar il-preferenzi tal-applikanti. Huma mbagħad għandhom jingħataw l-opportunità li jindikaw il-preferenzi tagħhom għall-applikanti fost dawk l-applikanti li kienu esprimew il-preferenza tagħhom għall-Istat Membru kkonċernat. L-Istati Membri għandhom jissostanzjaw il-preferenzi tagħhom b'elementi bħal irbit familjari, soċjali u kulturali. L-uffiċjali ta' kollegament maħtura mill-Istati Membri jistgħu jiffaċilitaw il-proċedura permezz tat-twettiq ta' intervisti mal-applikanti rispettivi. L-applikanti għandu jkollhom ukoll l-opportunità li jikkonsultaw atturi oħra bħall-NGOs, il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM). Fl-aħħar nett, l-Italja u l-Greċja, bl-assistenza tal-EASO, għandhom jieħdu deċiżjoni li jirrilokaw kull applikant għal Stat Membru speċifiku bil-kunsiderazzjoni tal-preferenzi tagħhom fejn possibbli. Il-UNHCR għandu jkun ikkonsultat dwar l-aħjar Prattiki żviluppati fir-risistemazzjoni inkluż dwar il-ġestjoni ta' preferenzi u ta' kwalifiki speċifiċi.*

Emenda 20**Proposta għal deċiżjoni****Premessa 26b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26b) *Il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 10 tat-Trattat għandu jkun rispettatt bis-sħiħ waqt il-proċedura kollha ta' rilokazzjoni. Diskriminazzjoni abbażi ta' sess, età, etniċità, diżabilità u reliġjon tirrorpreżenta ksur ċar tat-Trattat.*

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 28

Test propost mill-Kummissjoni

- (28) Is-salvagwardji legali u proċedurali stipulati fir-Regolament (UE) Nru 604/2013 jibqgħu japplikaw fir-rigward ta' applikanti li huma koperti minn din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, l-applikanti għandhom ikunu infurmati dwar il-proċedura ta' rilokazzjoni stabbilita f'din id-Deċiżjoni u nnotifikati bid-deċiżjoni ta' rilokazzjoni. **Meta jiġi kkunsidrat li l-applikant ma għandux id-dritt, skont il-liġi tal-UE, li jagħżel l-Istat Membru responsabbli għall-applikazzjoni tiegħu,** l-applikant, għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv kontra d-deċiżjoni ta' rilokazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, **bil-għan biss li d-drittijiet fundamentali tiegħu jiġu rrispettati.**

Emenda

- (28) Is-salvagwardji legali u proċedurali stipulati fir-Regolament (UE) Nru 604/2013 jibqgħu japplikaw fir-rigward ta' applikanti li huma koperti minn din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, l-applikanti għandhom ikunu infurmati dwar il-proċedura ta' rilokazzjoni stabbilita f'din id-Deċiżjoni u nnotifikati bid-deċiżjoni ta' rilokazzjoni. L-applikant għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv kontra d-deċiżjoni ta' rilokazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 **u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.**

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

- (30) Għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġu evitati l-movimenti sekondarji ta' persuni rilokati mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni lejn Stati Membri oħra. **B'mod partikolari,** l-applikanti għandhom ikunu infurmati dwar il-konsegwenzi ta' moviment ulterjuri fi ħdan l-Istati Membri u tal-fatt li, jekk l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jagħtihom protezzjoni internazzjonali, fil-prinċipju, huma biss intitolati għad-drittijiet marbutin mal-protezzjoni internazzjonali f'dak l-Istat Membru.

Emenda

- (30) Għandhom jittieħdu miżuri sabiex jiġu evitati l-movimenti sekondarji ta' persuni rilokati mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni lejn Stati Membri oħra. **Li tittieħed l-aktar kunsiderazzjoni possibbli tal-preferenzi tal-applikanti, inklużi r-rabtiet tal-familja lil hinn mid-dispożizzjonijiet dwar il-familja fir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ir-rabtiet soċjali u kulturali, hi miżura sempliċi sabiex l-applikanti jiżviluppaw sens ta' appartenenza fl-Istat Membru ta' rilokazzjoni. L-applikanti għandhom jingħataw l-informazzjoni neċessarja kollha f'lingwa li jifhemu jew li b'mod raġonevoli huma mistennija li jifhemu, dwar id-destinazzjoni tagħhom u, fil-każ li l-preferenza tagħhom ma tkunx tista' tiġi kkunsidrata b'mod sħiħ, dwar ir-raġunijiet għal dan. Biex jiġu evitati movimenti sekondarji ulterjorment,** l-applikanti għandhom ikunu infurmati dwar il-konsegwenzi ta' moviment ulterjuri fi ħdan l-Istati Membri, **kif previst mill-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013** u tal-fatt li, jekk l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jagħtihom protezzjoni internazzjonali, fil-prinċipju, huma biss intitolati għad-drittijiet marbutin mal-protezzjoni internazzjonali f'dak l-Istat Membru.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30a) *Il-kunsens tal-applikanti jew il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali għar-rilokazzjoni huwa prinċipju stabbilit fid-dritt sekondarju tal-Unjoni, minqax fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 u, b'analoġija, fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, billi abbażi tal-Artikolu 78(3) tat-Trattat, derogi mid-dritt tal-Unjoni huma possibbli taħt kundizzjonijiet ristretti ħafna. L-implimentazzjoni effikaċi tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni ta' emerġenza jeħtieġ li tiġi żgurata, billi l-kunsens huwa ta' importanza partikolari għall-prevenzjoni ta' moviment sekondarju u għandu, għaldaqstant, bħala prinċipju, ikun meħtieġ qabel ir-rilokazzjoni. Fejn persuna ma tagħtix il-kunsens tagħha, hu jew hi m'għandhiex, bħala prinċipju, tiġi rilokata, iżda persuna oħra għandha tiġi offruta dik l-opportunità^(1 bis).*

^(1 bis) *Regolament (UE) Nru 439/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 li jstabbilixxi Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (ĠU L 132, 29.5.2010, p. 11).*

Emenda 24

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi miżuri provviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja sabiex jiġu meġhuna jiffaċċjaw is-sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata mid-dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'dawn l-Istati Membri.

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi miżuri **ta' emerġenza provviżorji vinkolanti** fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja sabiex jiġu meġhuna jiffaċċjaw is-sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata mid-dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi **jew persuni apolidi** f'dawn l-Istati Membri.

Emenda 25

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkun għamel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li dwarha deċiżjoni finali tkun għadha ma tteħditx;

(b) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida li jkun għamel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li dwarha deċiżjoni finali tkun għadha ma tteħditx **kif imsemmi fil-punt (i) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/95/UE**;

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 26

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) **“membri tal-familja”** tfisser **il-membri tal-familja kif definit fil-punt (g) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;**

Emenda

(d) **“qraba stretti”** tfisser **il-konjuġi, it-tfal, il-ġenituri, il-persuni li jeżerċitaw l-awtorità tal-ġenituri, in-nanniet u n-neputijiet;**

(Emenda orizzontali. Tapplika għat-test kollu tal-proposta tal-Kummissjoni.)

Emenda 27

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) **“preferenza”** tfisser **il-preferenza espressa minn applikant għal ċertu Stat Membru jew il-preferenza espressa minn Stat Membru għal ċertu applikant sostnuta minn elementi bħal irbit familjari lil hinn mid-definizzjoni ta' membri tal-familja kif definit fil-punt (g) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, rabtiet soċjali bħal rabtiet ma' komunitajiet etniċi u kulturali, u r-rabtiet kulturali mal-Istat Membru li jippreferi, bħalma huma l-ħiliet lingwistiċi, residenza preċedenti fi Stat Membru jew irbit ta' studju jew xogħol preċedenti ma' kumpaniji jew organizzazzjonijiet ta' dak l-Istat Membru.**

Emenda 28

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. **Sabiex titqies in-natura b'tendenza għall-bidla tal-flussi migratorji, il-grupp ta' benefiċjarji mmirat għar-rilokazzjoni għandu jkun iavalutat kull tliet xhur.**

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 47
Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. **Mal- 24 000** applikant se jiġu rilokati mill-Italja **għal territorju ta' Stati Membri oħra kif stabbilit fl-Anness I.**

2. **Mas- 16 000** applikant se jiġu rilokati **mill-Italja għal territorju ta' Stati Membri oħra** kif stabbilit fl-Anness II.

-1. Sabiex tittaffa l-pessjoni sinifikanti tal-asil minn fuq l-Italja u l-Greċja, u wkoll biex iservi bħala każ ta' prova importanti fl-isfond tal-proposta leġislattiva li jmiss dwar l-iskema permanenti għar-rilokazzjoni ta' emerġenza abbażi tal-Artikolu 78(2) tat-Trattat, total inizzjali ta' 110 000 applikant se jiġu rilokati mill-Italja u mill-Greċja. Se titqies żieda ulterjuri, jekk din tkun meħtieġa, għall-adattament ta' flussi u tendenzi li jinbidlu malajr ta' refuġjati matul l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

1. **Inizzjalment, 40 000** applikant se jiġu rilokati mill-Italja **għat-territorju tal-Istati Membri l-oħra.**

2. **Inizzjalment, 70 000** applikant se jiġu rilokati **mill-Greċja għat-territorju tal-Istati Membri l-oħra.**

2a. **Fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sehem rispettiv ta' persuni li se jiġu rilokati mill-Italja u l-Greċja, abbażi tal-aktar data reċenti disponibbli tal-Frontex, bil-ħsieb li jiġi adattat għall-flussi tar-refuġjati li jkunu qed jinbidlu.**

Emenda 30
Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 4a**Il-kunsens**

Il-kunsens tal-applikant għar-rilokazzjoni tiegħu jew tagħha għandu, bħala prinċipju, ikun meħtieġ.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 31**Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 5 – paragrafu 2***Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Italja u l-Greċja jidentifikaw, f'intervalli regolari matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, bl-assistenza tal-EASO u, **fejn applikabbli, tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Istati Membri** msemmija fil-paragrafu 8, l-applikanti individwali li għandhom jiġu rilokati fl-Istati Membri l-oħra, u jikkomunikaw lill-punti ta' kuntatt ta' dawn l-Istati Membri u li l-EASO l-għadd ta' applikanti li jistgħu jiġu rilokati. Għal dan l-għan tingħata prijorità lill-applikanti vulnerabbli skont it-tifsira **tal-Artikolu 22** tad-Direttiva 2013/33/UE.

Emenda

2. L-Italja u l-Greċja **se** jidentifikaw, f'intervalli regolari matul il-perjodu ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, bl-assistenza tal-EASO u **ta' aġenziji rilevanti oħra**, l-applikanti individwali li għandhom jiġu rilokati fl-Istati Membri l-oħra, u jikkomunikaw lill-punti ta' kuntatt ta' dawn l-Istati Membri u li l-EASO l-għadd ta' applikanti li jistgħu jiġu rilokati. Għal dan l-għan tingħata prijorità lill-applikanti vulnerabbli skont it-tifsira **tal-Artikoli 21 u 22** tad-Direttiva 2013/33/UE, **u attenzjoni partikolari għandha tingħata lill-minuri li ma jkunux akkumpanjati.**

Emenda 32**Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 5 – paragrafu 3***Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri, malajr kemm jista' jkun wara li jirċievu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, jindikaw l-għadd ta' applikanti li jistgħu jiġu rilokati immedjatament fit-territorju tagħhom u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, skont l-għadd stabbilit fl-Anness I u fl-Anness II rispettivament.

Emenda

3. L-Istati Membri, malajr kemm jista' jkun wara li jirċievu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, **għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-kapaċità disponibbli għall-akkoljenza tal-migranti u** jindikaw l-għadd ta' applikanti li jistgħu jiġu rilokati immedjatament fit-territorju tagħhom u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, skont l-għadd stabbilit fl-Anness I u fl-Anness II rispettivament.

Emenda 33**Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

3a. L-Italja u l-Greċja għandhom, bl-assistenza tal-EASO, jipprovdu lill-applikanti b'informazzjoni f'lingwa li jifhemu, jew li b'mod raġonevoli huma mistennija li jifhemu, rigward l-Istati Membri involuti f'rilokazzjonijiet ta' emerġenza. L-applikanti għandu jkollhom ukoll aċċess għal informazzjoni pprovduta minn atturi oħra bħal pereżempju l-UNHCR u l-IOM. Matul l-ipproċessar inizjali l-applikanti għandhom jintalbu jikklassifikaw l-Istati Membri f'ordni ta' preferenza u jissostanzjaw il-preferenza tagħhom.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emendi 34 u 48**Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 5 – paragrafu 5***Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-applikanti li jkun jeħtieġ li jittieħdulhom il-marki tas-swaba' skont l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013, jistgħu jiġu rilokati biss jekk ikunu ttiehdulhom il-marki tas-swaba'.

Emenda

5. L-applikanti li jkun jeħtieġ li jittieħdulhom **u li jintbagħtulhom** il-marki tas-swaba' skont l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 603/2013, jistgħu jiġu rilokati biss jekk ikunu ttiehdulhom il-marki tas-swaba', **b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tagħhomminghajr rikors għal miżuri ta' koerċizzjoni jew ta' detenzjoni.**

Emenda 35**Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 5 – paragrafu 8***Test propost mill-Kummissjoni*

8. **Sabiex jiġu implimentati l-aspetti kollha tal-proċedura ta' rilokazzjoni deskritta f'dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jibagħtu l-Italja u l-Greċja l-uffiċjali ta' kollegament.**

Emenda

imħassar

Emenda 36**Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 6 – paragrafu 4***Test propost mill-Kummissjoni*

4. Meta tittieħed id-deċiżjoni li applikant jiġi rilokat, u qabel ir-rilokazzjoni effettiva, l-Italja u l-Greċja jinnotifikaw bil-miktub lill-persuna kkonċernata dwar id-deċiżjoni li jirrilokawha. Din id-deċiżjoni tispeċifika l-Istat Membru ta' rilokazzjoni.

Emenda

4. Meta tittieħed id-deċiżjoni li applikant jiġi rilokat, u qabel ir-rilokazzjoni effettiva, l-Italja u l-Greċja, **bl-assistenza tal-EASO u ta' atturi oħra bħal uffiċjali ta' kollegament, jekk disponibbli, il-persuna kkonċernata għandha tkun informata bl-Istat Membru ta' rilokazzjoni b'mod komprensiv u f'lingwa li l-applikant jifhem jew li huwa raġonevolment preżunt li jifhem, jew, jekk il-preferenzi tal-applikant, ma jitqisux, bir-raġunijiet għal din id-Deċiżjoni. L-Italja u l-Greċja għandhom ukoll jinnotifikaw bil-miktub lill-persuna kkonċernata dwar id-deċiżjoni li jirrilokawha. Din id-deċiżjoni tispeċifika l-Istat Membru ta' rilokazzjoni.**

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 37

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-ipproċessar inizjali tal-applikazzjonijiet;

Emenda

(b) l-ipproċessar inizjali tal-applikazzjonijiet, **inkluża l-identifikazzjoni ta' vulnerabilitajiet u preferenzi, bl-iskop ta' identifikazzjoni ta' applikanti potenzjali għar-rilokazzjoni u l-iskrijnjar tal-applikanti, inkluża l-identifikazzjoni ċara tagħhom, it-teħid tal-marki tas-swaba tagħhom u r-reġistrazzjoni tal-applikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali;**

Emenda 38

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) l-implimentazzjoni tat-trasferiment tal-applikanti għall-Istat Membru ta' rilokazzjoni.

Emenda

(d) l-implimentazzjoni tat-trasferiment tal-applikanti għall-Istat Membru ta' rilokazzjoni. **L-ispejjeż tat-trasferiment lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni m'għandhomx ikunu piż addizzjonali fuq il-Greċja u l-Italja.**

Emenda 39

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Jekk l-Italja jew il-Greċja ma jikkonformawx mal-obbligu msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi din id-Deċiżjoni fir-rigward ta' dawn l-Istati Membri għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi għal darba li testendi din is-sospensjoni għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn tliet xhur.

Emenda

2. Jekk l-Italja jew il-Greċja ma jikkonformawx mal-obbligu msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, **ladarba tkun tat lill-Istat Membru ikkonċernat l-opportunità li jippreżenta l-fehmiet tiegħu**, li tissospendi din id-Deċiżjoni fir-rigward ta' dak l-Istat Membru għal perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi għal darba li testendi din is-sospensjoni għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn tliet xhur.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 40**Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 9***Test propost mill-Kummissjoni*

F'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fi Stat Membru ta' rilokazzjoni, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, jista' jadotta miżuri provviżorji għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat, skont l-Artikolu 78(3) tat-Trattat. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, fejn ikun adegwat, is-sospensjoni tal-obbligi ta' dan l-Istat Membru previsti f'din id-Deċiżjoni.

Emenda

F'każ ta' sitwazzjoni ta' emerġenza kkaratterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fi Stat Membru ta' rilokazzjoni, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni u wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, jista' jadotta miżuri provviżorji għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat, skont l-Artikolu 78(3) tat-Trattat. Dawn il-miżuri jistgħu **addizzjonalment** jinkludu, fejn adatt, is-sospensjoni tal-obbligi ta' dak l-Istat Membru previsti f'din id-Deċiżjoni.

Emenda 41**Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 11***Test propost mill-Kummissjoni*

L-Italja u l-Greċja kull tliet xhur jagħmlu rapport lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, inklużi l-pjanijiet direzzjonali msemmija fl-Artikolu 8, kull tliet xhur.

Emenda

L-Italja u l-Greċja għandhom jagħmlu rapport lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni **u l-użu xieraq tal-fondi milqugħa fi ħdan il-qafas** ta' din id-Deċiżjoni, fost l-oħrajn dwar il-pjanijiet direzzjonali msemmijin fl-Artikolu 8, kull tliet xhur.

Emenda 42**Proposta għal deċiżjoni****Artikolu 11a (ġdid)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda***Artikolu 11a****Evalwazzjoni**

Sa Lulju 2016, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill evalwazzjoni ta' nofs it-terminu dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u, fejn xieraq, għandha tipproponi r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa għal mekkaniżmu ta' rilokazzjoni permanenti, inkluż fil-perspettiva tal-kontroll tal-idoneità ta' Dublin.

Sa... (*), il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport ta' evalwazzjoni finali dwar l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha xierqa għall-preparazzjoni ta' dak ir-rapport fi żmien debitu.

(*): ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: 30 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

Emenda 43**Proposta għal deċiżjoni****Anness IIa (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Anness IIa**Il-Proċedura ta' Rilokazzjoni**

Il-proċedura kif prevista fil-proposta tal-Kummissjoni; passi proċedurali addizzjonali mdaħħla mill-Parlament Ewropew huma sottolinjati

1 – Proċessar inizjali ta' persuni li qegħdin ifittxu protezzjoni internazzjonali

— L-identifikazzjoni ta' persuni li għalihom Stat Membru ieħor huwa (jew għandu jkun) responsabbli skont ir-Regolament ta' Dublin

→ It-trasferimenti ta' Dublin

— L-identifikazzjoni ta' applikanti vulnerabbli

— L-identifikazzjoni ta' qraba stretti għal rilokazzjoni konġunta

— L-identifikazzjoni tal-preferenzi tal-applikanti għal ċerti Stati Membri

↓

2 – L-għażla tal-applikanti għal rilokazzjoni

— L-Italja/il-Greċja jiddeterminaw liema applikanti għandhom jiġu rilokati.

— Jgħarrfu lill-Istati Membri dwar in-numru ta' postijiet meħtieġa kif ukoll dwar il-preferenzi tal-applikanti

↓

3 – Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri

— L-Istati Membri jinfurmaw lill-Italja/il-Greċja dwar in-numru ta' postijiet ta' rilokazzjoni disponibbli

— L-uffiċjali ta' kollegament jistgħu jagħmlu intervisti mal-applikanti li jkunu esprimew preferenza għall-Istat Membru tagħhom

— L-Istati Membri jindikaw il-preferenzi tagħhom għall-applikanti

↓

L-Erbgħa 9 ta' Settembru 2015

4 – Deċiżjoni ta' rilokazzjoni

- L-Italja/il-Greċja jiddeċiedu liema applikant għandu jiġi rilokat lejn liema Stat Membru **b'kunsiderazzjoni tal-preferenzi tal-applikanti u tal-Istati Membri**

↓

5 – Informazzjoni u kunsens

- L-applikanti jiġu infurmati komprensivament dwar l-Istat Membru ta' rilokazzjoni tagħhom
- Bħala prinċipju, l-applikanti jagħtu l-kunsens tagħhom biex jiġu rilokati lejn dak l-Istat Membru

↓

6 – It-Trasferiment

- It-trasferiment ta' applikanti lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni fi żmien xahar**

ANNEX GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA**DIKJARAZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

Il-Parlament Ewropew, fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu adottati miżuri immedjati għall-benefiċċju ta' Stati Membri ffaċċjati b'sitwazzjoni ta' emerġenza karatterizzata minn dħul f'daqqa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, qablet dwar il-bażi legali tal-Artikolu 78(3) tat-TFUE kif propost mill-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabilixxi miżuri provviżorji fil-qasam ta' protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja. Madankollu, il-Parlament Ewropew jista' jaċċetta l-Artikolu 78(3) TFUE bħala bażi legali biss bħala miżura ta' emerġenza, li ser tiġi segwita bi proposta leġiżlattiva xierqa fil-futur li titratta b'mod strutturali kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza fil-futur. Jinsisti li l-Artikolu 78(2) TFUE li jirrikjedi proċedura leġiżlattiva ordinarja għal miżuri li jiddeterminaw liema Stat Membru jkun responsabbli biex jikkonsidra l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, flimkien mal-Artikolu 80, it-tieni sentenza TFUE li jagħti fid-dispożizzjonijiet tiegħu effett skont il-priċipju ta' solidarjetà kif espress fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 80, jiffurmaw il-bażi legali korretta. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew jenfasizza l-fatt li l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni hija strettament mingħajr preġudizzju għall-firxa ta' bażijiet ġuridiċi disponibbli għall-koleġiżlatur fil-futur, b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikolu 78 flimkien mal-Artikolu 80 TFUE. Il-Parlament Ewropew iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għal skema permanenti ta' rilokazzjoni bbażata fuq l-Artikolu 78(2) u l-Artikolu 80 sa tmiem l-2015, kif imħabbar mill-Kummissjoni fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni. Il-Parlament Ewropew jirriżerva d-dritt tiegħu li jħejji rapport leġiżlattiv fuq inizjattiva proprja f'każ li l-Kummissjoni ma tressaqx proposta leġiżlattiva bħala din fi żmien debitu.

Il-Ħamis 17 ta' Settembru 2015

P8_TA(2015)0324

Miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja, tal-Greċja u tal-Ungerija *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Settembru 2015 dwar proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja, tal-Greċja u tal-Ungerija (COM(2015)0451 – C8-0271/2015 – 2015/0209(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2017/C 316/44)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2015)0451),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 78(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu l-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0271/2015),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tad-9 ta' Settembru 2015 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra s-sitwazzjoni eċċezzjonali ta' urġenza u l-ħtieġa li s-sitwazzjoni tiġi indirizzata mingħajr dewmien ulterjuri,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 154 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 4. Jinforma lill-Kunsill li din l-approvazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tiegħu li sussegwentement jieħu fir-rigward tal-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi mekkaniżmu għal rilokazzjoni ta' kriżi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li tkun saret f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida COM(2015)0450);
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0306.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT